# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 458

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

22 ta' Diċembru 2021


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (UE) 2021/2282 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE** ([1]) .......................... 1


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283 tal-20 ta' Diċembru 2021 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013** .......................... 33

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2284 tas-10 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rappurtar superviżorju u d-divulgazzjonijiet tad-ditti tal-investiment** ([1]) .......................... 48

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2285 tal-14 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 rigward l-elenkar ta' pesti, ta' projbizzjonijiet u ta' rekwiżiti għall-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra, u li jħassar id-Deċiżjonijiet 98/109/KE u 2002/757/KE u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/885 u (UE) 2020/1292** .......................... 173

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2286 tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar id-*data* li għandha tiġi pprovduta għas-sena ta' referenza 2023 skont ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli fir-rigward tal-lista tal-varjabbli u d-deskrizzjoni tagħhom u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009** ([1]) .......................... 284


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2287 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ..... 344

★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim ([1]) ..... 459

★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2289 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar is-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni ..... 463

★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2290 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ..... 486

★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2291 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa ([1]) ..... 494

DEĊIŻJONIJIET

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2292 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġornamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja f'Distanza Twila, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dik is-sessjoni ..... 512

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2293 tal-20 ta' Diċembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit fir-rigward tal-estensjoni tad-deroga mill-obbligu li titħassar id-*data* tal-passiġġieri tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit ..... 514

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2294 tal-20 ta' Diċembru 2021 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni ..... 517

★ Deċiżjoni (UE) 2021/2295 tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-21 ta' Diċembru 2021 li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali ..... 519

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2296 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ................ 521

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2297 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mill-Montenegro maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........................................ 524

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2298 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .... 527

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2299 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mit-Tajlandja maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........................................ 530

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2300 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mit-Tajwan maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........................................ 533

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2301 tal-21 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........................................ 536

---

**Rettifika**

★ **Rettifika tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea** (ĠU L 138, 26.5.2016) ............ 539

★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni** (ĠU L 31, 29.1.2021) ........................................ 540

★ **Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)** (ĠU L 218, 13.8.2008) ............................ 541

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2021/2282 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-15 ta' Diċembru 2021**

**dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114 u 168 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-iżvilupp tat-teknoloġiji tas-saħħa huwa mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni fl-Unjoni u huwa kruċjali biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa li l-politika tas-saħħa teħtieġ li tiżgura għall-benefiċċju ta' kulħadd. It-teknoloġiji tas-saħħa jikkostitwixxu settur ekonomiku innovattiv u jifformaw parti minn suq globali għal nefqa għall-kura tas-saħħa li tammonta għal 10 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni. It-teknoloġiji tas-saħħa jinkludu l-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi, l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u l-proċeduri mediċi, kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni, id-dijanjosi jew it-trattament tal-mard.

(2) Il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (*Health Technology Assessment* - HTA) hija proċess ibbażat fuq l-evidenza xjentifika li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw l-effettività relattiva tat-teknoloġiji tas-saħħa l-ġodda jew eżistenti. L-HTA tiffoka speċifikament fuq il-valur miżjud ta' teknoloġija tas-saħħa meta mqabbla ma' teknoloġiji tas-saħħa ġodda jew eżistenti oħrajn.

(3) L-HTA tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, li toffri l-aħjar riżultati għall-pazjenti u s-soċjetà inġenerali, u hija għodda importanti biex tiżgura l-applikazzjoni u l-użu xierqa tat-teknoloġiji tas-saħħa.

(4) L-HTA tista' tkopri l-aspetti kliniċi u mhux kliniċi ta' teknoloġija tas-saħħa, skont is-sistema tal-kura tas-saħħa. L-azzjonijiet konġunti dwar l-HTA kofinanzjati mill-Unjoni (Azzjonijiet Konġunti ta' EUnetHTA) identifikaw disa' oqsma li b'referenza għalihom jiġu vvalutati t-teknoloġiji tas-saħħa. Minn dawn id-disa' oqsma, erbgħa huma kliniċi u ħamsa mhux kliniċi. L-erba' oqsma kliniċi ta' valutazzjoni jirrigwardaw l-identifikazzjoni ta' problema tas-saħħa u

([1]) ĠU C 283, 10.8.2018, p. 28 u ĠU C 286, 16.7.2021, p. 95.
([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2019 (ĠU C 449, 23.12.2020, p. 638) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-9 ta' Novembru 2021 (ĠU C 493, 8.12.2021, p. 1). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

t-teknoloġija tas-saħħa attwali, l-eżami tal-karatteristiċi tekniċi tat-teknoloġija tas-saħħa li qiegħda tiġi vvalutata, is-sikurezza relattiva tagħha, u l-effettività klinika relattiva tagħha. Il-ħames oqsma mhux kliniċi ta' valutazzjoni jirrigwardaw l-ispejjeż u l-evalwazzjoni ekonomika ta' teknoloġija tas-saħħa, u l-aspetti etiċi, organizzattivi, soċjali u ġuridiċi.

(5) L-HTA tista' ttejjeb l-evidenza xjentifika użata biex tinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet kliniċi u l-aċċess tal-pazjenti għal teknoloġiji tas-saħħa, inkluż fejn teknoloġija tas-saħħa ma tibqax tintuża. Ir-riżultati tal-HTA jintużaw biex jiġu infurmati d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji fil-qasam tas-saħħa, pereżempju, fir-rigward tal-istabbiliment tal-ipprezzar jew il-livelli ta' rimborż għat-teknoloġiji tas-saħħa. Għalhekk l-HTA tista' tassisti lill-Istati Membri fil-ħolqien u ż-żamma ta' sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli, u biex tiġi stimolata l-innovazzjoni li tagħti riżultati aħjar għall-pazjenti.

(6) It-twettiq ta' valutazzjonijiet paralleli minn bosta Stati Membri u d-diverġenzi bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali dwar il-proċessi u l-metodoloġiji tal-valutazzjoni jistgħu jwasslu biex l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jiffaċċjaw talbiet multipli u diverġenti għad-data. Dan jista' jwassal ukoll kemm għal duplikazzjoni kif ukoll għal varjazzjoni fl-eżiti li jirriżultaw mill-kuntest speċifiku tal-kura tas-saħħa nazzjonali.

(7) Filwaqt li l-Istati Membri wettqu xi valutazzjonijiet konġunti fil-qafas tal-azzjonijiet konġunti tal-EUnetHTA, il-kooperazzjoni volontarja u l-produzzjoni tar-riżultati ma kinitx suffiċjenti, u kienet tiddependi fuq il-kooperazzjoni bbażata fuq il-proġetti fin-nuqqas ta' mudell sostenibbli ta' kooperazzjoni. L-użu fil-livell tal-Istati Membri tar-riżultati tal-Azzjonijiet Konġunti tal-EUnetHTA, inklużi l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti tagħhom, baqa' limitat, u dan ifisser li d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-istess teknoloġija tas-saħħa mill-awtoritajiet u l-korpi tal-HTA fi Stati Membri differenti f'perijodi ta' żmien identiċi jew simili ma ġietx indirizzata biżżejjed. Min-naħa l-oħra, l-eżiti ewlenin tal-azzjonijiet konġunti tal-EUnetHTA jenħtieġ li jiġu kkunsidrati meta jiġi implimentat dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-output xjentifiku tiegħu bħal dokumenti metodoloġiċi u ta' gwida kif ukoll għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni (*information technology* - IT) għall-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni.

(8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar l-innovazzjoni għall-benefiċċju tal-pazjenti ([3]), il-Kunsill irrikonoxxa r-rwol ewlieni ta' dik l-HTA għandha bħala għodda ta' politika tas-saħħa li tappoġġa għażliet ibbażati fuq l-evidenza, sostenibbli u ġusti għall-kura tas-saħħa u għat-teknoloġiji tas-saħħa għall-benefiċċju tal-pazjenti. F'dawk il-konklużjonijiet, il-Kunsill appella wkoll lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni b'mod sostenibbli u talab li jkun hemm aktar ħidma konġunta dwar l-HTA fost l-Istati Membri u li jiġu esplorati opportunitajiet għal kooperazzjoni dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-korpi kompetenti. Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar mediċina personalizzata għall-pazjenti ([4]), il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-metodoloġiji tal-HTA applikabbli għall-mediċina personalizzata u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar it-tisħiħ tal-bilanċ fis-sistemi farmaċewtiċi fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ([5]), offrew aktar evidenza li l-Istati Membri jaraw valur miżjud ċar fil-kooperazzjoni tal-HTA. Ir-rapport konġunt ta' Ottubru 2016 maħruġ mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika tenna l-appell għal aktar kooperazzjoni Ewropea fl-HTA. Fl-aħħar nett, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2021 dwar l-Aċċess għall-mediċini u l-apparat mediku għal UE aktar b'Saħħitha u Reżiljenti ([6]), il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jesploraw il-possibbiltà li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-ġbir tad-data u l-ġenerazzjoni tal-evidenza fid-dinja reali, li jippromwovi kollaborazzjoni aħjar bejn l-inizjattivi nazzjonali u transfruntiera li għaddejjin bħalissa u li jista' jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-lakuni fl-evidenza fid-deċiżjonijiet tal-HTA u tal-pagatur.

(9) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Marzu 2017 dwar l-għażliet tal-UE biex ittejjeb l-aċċess għall-mediċini ([7]), il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tipproponi leġiżlazzjoni dwar sistema Ewropea għall-HTA malajr kemm jista' jkun u biex tarmonizza kriterji trasparenti tal-HTA sabiex jiġi vvalutat il-valur terapewtiku miżjud u l-effikaċja relattiva tat-teknoloġiji tas-saħħa meta mqabbla mal-aħjar alternattiva disponibbli, li tqis il-livell ta' innovazzjoni u l-benefiċċju għall-pazjenti.

([3]) ĠU C 438, 6.12.2014, p. 12.
([4]) ĠU C 421, 17.12.2015, p. 2.
([5]) ĠU C 269, 23.7.2016, p. 31.
([6]) ĠU C 269I, 7.7.2021, p. 3.
([7]) ĠU C 263, 25.7.2018, p. 4.

(10) Fil-komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' Ottubru 2015 intitolata "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji", il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tintroduċi inizjattiva dwar l-HTA biex tiżdied il-koordinazzjoni sabiex jiġu evitati valutazzjonijiet multipli ta' prodott fi Stati Membri differenti u sabiex jitjieb il-funzjonament tas-Suq Uniku għat-teknoloġiji tas-saħħa.

(11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa għall-pazjenti u l-utenti filwaqt li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern fir-rigward tal-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*. Fl-istess ħin, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li jappoġġa l-kooperazzjoni tal-Istati Membri u l-miżuri meħtieġa għall-valutazzjoni klinika tat-teknoloġiji tas-saħħa. Iż-żewġ objettivi qed jintlaħqu simultanjament u, filwaqt li huma marbutin b'mod inseparabbli, wieħed mhux anqas importanti mill-ieħor. Fir-rigward tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u r-regoli għat-twettiq ta' ħidma konġunta u għall-istabbiliment ta' qafas fil-livell tal-Unjoni. Fir-rigward tal-Artikolu 168 TFUE, filwaqt li jimmira li jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, dan ir-Regolament jippermetti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-HTA.

(12) Jenħtieġ li ssir ħidma konġunta skont il-prinċipju ta' prattika amministrattiva tajba, u jenħtieġ li timmira lejn il-kisba tal-ogħla livell ta' kwalità, trasparenza u indipendenza.

(13) L-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa spiss jiffaċċjaw id-diffikultà li jippreżentaw l-istess informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra lil Stati Membri differenti, kif ukoll f'diversi punti ta' żmien. Id-duplikazzjoni tal-preżentazzjonijiet u l-kunsiderazzjoni tal-ħinijiet differenti għall-preżentazzjoni madwar l-Istati Membri jistgħu jikkostitwixxu piż amministrattiv sinifikanti għall-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa, b'mod partikolari għal kumpaniji iżgħar b'riżorsi limitati, u jistgħu jikkontribwixxu għall-ostakolar jew it-tfixkil tal-aċċess għas-suq, li jwassal għal nuqqas ta' prevedibbiltà tan-negozju, kostijiet ogħla u, fuq medda twila ta' żmien, għal effetti negattivi fuq l-innovazzjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu li jiżgura li kwalunkwe informazzjoni, data, analiżi u evidenza oħra meħtieġa għall-valutazzjoni klinika konġunta jenħtieġ li jiġu ppreżentati darba biss fil-livell tal-Unjoni mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa.

(14) F'konformità mal-Artikolu 168(7) TFUE, l-Istati Membri huma responsabbli għad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u għall-organizzazzjoni u l-għoti tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Dawk ir-responsabbiltajiet jinkludu l-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika u speċjalment l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tkun limitata għal dawk l-aspetti tal-HTA li huma relatati mal-valutazzjoni klinika konġunta ta' teknoloġija tas-saħħa, u li jiġi żgurat b'mod partikolari li ma jkun hemm l-ebda ġudizzju ta' valur fil-valutazzjonijiet kliniċi konġunti sabiex jiġu rrispettati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 168(7)TFUE. F'dak ir-rigward, il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti previsti minn dan ir-Regolament jikkostitwixxu analiżi xjentifika tal-effetti relattivi tat-teknoloġija tas-saħħa kif ivvalutata fuq l-eżiti tas-saħħa fil-konfront tal-parametri magħżula li huma bbażati fuq l-ambitu tal-valutazzjoni. L-analiżi xjentifika ser tinkludi wkoll il-konsiderazzjoni tal-grad ta' ċertezza tal-effetti relattivi, b'kont meħud tal-aspetti pożittivi u l-limitazzjonijiet tal-evidenza disponibbli. Għalhekk jenħtieġ li r-riżultat tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ma jaffettwawx id-diskrezzjoni tal-Istati Membri biex iwettqu l-valutazzjonijiet dwar il-valur miżjud kliniku tat-teknoloġiji tas-saħħa kkonċernati jew jiddeterminaw minn qabel deċiżjonijiet sussegwenti dwar l-ipprezzar u r-rimborż tat-teknoloġiji tas-saħħa, inkluż l-istabbiliment ta' kriterji għat-tali pprezzar u deċiżjonijiet dwar rimborż, li jista' jiddependi kemm fuq konsiderazzjonijiet kliniċi u mhux kliniċi b'mod individwali, jew flimkien, u li jibqa' unikament kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali.

(15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu analiżijiet kliniċi komplementari, li huma meħtieġa għall-proċess ta' HTA nazzjonali ġenerali tagħhom, dwar it-teknoloġiji tas-saħħa li għalihom huwa disponibbli rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu analiżijiet kliniċi komplementari relatati, fost l-oħrajn, ma' gruppi ta' pazjenti, komparaturi jew eżiti tas-saħħa għajr dawk inklużi fir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta, jew bl-użu ta' metodoloġija differenti jekk dik il-metodoloġija tkun meħtieġa fil-proċess ta' HTA nazzjonali ġenerali tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk tkun meħtieġa informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra addizzjonali għal analiżijiet kliniċi komplementari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jippreżentaw l-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra neċessarja. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jirrestrinġi bl-ebda mod id-drittijiet tal-Istati Membri li jwettqu valutazzjonijiet mhux kliniċi fuq l-istess teknoloġija tas-saħħa qabel, matul it-tħejjija ta', jew wara l-pubblikazzjoni ta' rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta.

(16) Sabiex tiġi żgurata l-ogħla kwalità ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti, tiġi żgurata aċċettazzjoni wiesgħa u jiġi permess il-ġbir tal-għarfien espert u r-riżorsi bejn l-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali tal-HTA, huwa xieraq li jiġi segwit approċċ gradwali, li jibda b'għadd żgħir ta' prodotti mediċinali vvalutati b'mod konġunt u biss fi stadju aktar tard jintalbu valutazzjonijiet kliniċi konġunti biex jitwettqu għall-prodotti mediċinali l-oħra li jkunu għaddejjin mill-proċedura ċentrali ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq prevista skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u meta dawk il-prodotti mediċinali jiġu sussegwentement awtorizzati għal indikazzjoni terapewtika ġdida.

(17) Jenħtieġ ukoll li l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti jitwettqu fuq ċerti apparati mediċi kif definit fir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) li jinsabu fl-ogħla klassijiet ta' riskju u li għalihom il-bordijiet ta' esperti rilevanti msemmija fl-Artikolu 106(1) ta' dak ir-Regolament ikunu taw l-opinjonijiet jew il-fehmiet tagħhom, kif ukoll dwar l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* klassifikati bħala klassi D skont ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

(18) Filwaqt li jitqiesu l-kumplessità ta' ċerti apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, u l-għarfien espert meħtieġ biex dawn jiġu vvalutati, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, fejn jaraw valur miżjud, iwettqu kooperazzjoni volontarja dwar l-HTA dwar apparati mediċi klassifikati bħala klassi IIb jew III skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/745 u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* klassifikati bħala klassi D skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2017/746 li huma software u li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti skont dan ir-Regolament.

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti mwettqa fuq it-teknoloġiji tas-saħħa jibqgħu preċiżi u rilevanti, ta' kwalità għolja u bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli fi kwalunkwe mument partikolari, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet għall-aġġornament ta' dawk il-valutazzjonijiet, b'mod partikolari meta d-data addizzjonali li ssir disponibbli wara l-valutazzjoni inizjali jkollha l-potenzjal li żżid il-preċiżjoni u l-kwalità tal-valutazzjoni.

(20) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (il-"Grupp ta' Koordinazzjoni") magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, b'mod partikolari mill-awtoritajiet u l-korpi tal-HTA, bir-responsabbiltà li jissorvelja t-twettiq ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti u ħidma konġunta oħra fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat approċċ immexxi mill-Istati Membri għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u għall-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnominaw il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni. Dawk il-membri jenħtieġ li jinħatru bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' kompetenza fil-Grupp ta' Koordinazzjoni. Il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet u korpi tal-HTA għas-sottogruppi, li jipprovdu għarfien espert tekniku adegwat għat-twettiq ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti u konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi pprovdut għarfien espert dwar l-HTA ta' prodotti mediċinali, apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*.

(21) Biex tiġi riflessa n-natura xjentifika tal-kooperazzjoni u jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Grupp ta' Koordinazzjoni jilħqu l-objettivi li tiġi ggarantita ħidma konġunta tal-ogħla kwalità xjentifika u imparzjalità, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jilħaq kunsens. Jekk tali kunsens ma jkunx jista' jintlaħaq, u sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu ta' teħid ta' deċiżjonijiet bla xkiel fil-Grupp ta' Koordinazzjoni, id-deċiżjonijiet ta' natura teknika u xjentifika jenħtieġ li jittieħdu fuq bażi ta' maġġoranza sempliċi fejn jingħata vot wieħed lil kull Stat Membru irrispettivament min-numru ta' membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni minn kwalunkwe Stat Membru partikolari. Bħala eċċezzjoni, u minħabba n-natura differenti tagħhom, id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali, ir-rapport annwali u d-direzzjoni strateġika għall-ħidma tas-sottogruppi jenħtieġ li jittieħdu fuq il-bażi ta' maġġoranza kwalifikata.

(22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tiħux sehem fil-votazzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u ma tikkummentax dwar il-kontenut tar-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti.

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

(23) Il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jiżgura li l-ħidma konġunta xjentifika kif ukoll il-proċeduri u l-metodoloġija għat-tħejjija tar-rapporti dwar il-valutazzjoni klinika konġunta u d-dokumenti tal-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta jiżguraw l-ogħla kwalità, jitħejjew f'waqthom u jirriflettu l-aħħar żviluppi tax-xjenza medika fil-mument tat-tħejjija tagħhom.

(24) Il-metodoloġiji għat-twettiq ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti u konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti jenħtieġ li jiġu adattati biex jinkludu speċifiċitajiet ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda li għalihom xi data tista' ma tkunx faċilment disponibbli. Dan jista' jkun il-każ għal, fost oħrajn, prodotti mediċinali orfni, vaċċini u prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata.

(25) L-ambitu tal-valutazzjoni għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti jenħtieġ li jkun inklużiv u jenħtieġ li jirrifletti l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha f'termini ta' data u analiżijiet li għandhom jiġu ppreżentati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa.

(26) Fejn il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti jintużaw biex jitħejjew deċiżjonijiet amministrattivi sussegwenti fil-livell tal-Istati Membri, dawn jikkostitwixxu wieħed minn diversi passi preparatorji fi proċedura b'diversi stadji. L-Istati Membri jibqgħu l-unika entità responsabbli għall-proċessi nazzjonali tal-HTA, għall-konklużjonijiet dwar il-valur ta' teknoloġija tas-saħħa u għad-deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-HTAs. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeterminaw f'liema stadju tal-proċess tal-HTA tagħhom, u minn liema awtorità jew korp, għandhom jiġu kkunsidrati r-rapporti dwar il-valutazzjoni klinika konġunta.

(27) Il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jagħmel l-isforzi kollha biex japprova r-rapport tal-valutazzjoni klinika konġunta b'kunsens. Meta tali kunsens ma jkunx jista' jintlaħaq, u bil-għan li tiġi żgurata l-finalizzazzjoni tar-rapporti tal-valutazzjoni klinika konġunta fil-limitu ta' żmien stabbilit, jenħtieġ li f'dawk ir-rapporti jiġu inklużi opinjonijiet xjentifiċi diverġenti. Sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-sistema tal-valutazzjoni klinika konġunta u l-għan għal kunsens, l-inklużjoni ta' opinjonijiet xjentifiċi diverġenti jenħtieġ li tkun limitata għal dawk l-opinjonijiet li huma ġustifikati b'mod sħiħ għal raġunijiet xjentifiċi, u għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala miżura eċċezzjonali.

(28) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għat-tfassil ta' konklużjonijiet fil-livell nazzjonali dwar il-valur miżjud kliniku ta' teknoloġija tas-saħħa, billi tali konklużjonijiet jiddependu mill-kuntest speċifiku tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru partikolari, u mir-rilevanza tal-analiżijiet individwali inklużi fir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta (pereżempju, jistgħu jiġu inklużi diversi komparaturi fir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta, li għażla minnhom biss hija rilevanti għal Stat Membru partikolari). Ir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta jenħtieġ li jinkludi deskrizzjoni tal-effetti relattivi osservati għall-eżiti tas-saħħa analizzati, inklużi riżultati numeriċi u intervalli ta' kunfidenza, u analiżi tal-inċertezza xjentifika u l-punti pożittivi u l-limitazzjonijiet tal-evidenza (pereżempju, validità interna u esterna). Ir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta jenħtieġ li jkun fattwali u jenħtieġ li ma jkun fih l-ebda ġudizzju dwar il-valur, ikklassifikar tal-eżiti tas-saħħa, konklużjoni dwar il-benefiċċju ġenerali jew il-valur miżjud kliniku tat-teknoloġija tas-saħħa vvalutata, pożizzjoni dwar il-popolazzjoni fil-mira li fiha jenħtieġ li tintuża t-teknoloġija tas-saħħa, u l-ebda pożizzjoni dwar il-post li t-teknoloġija tas-saħħa jenħtieġ li jkollha fl-istrateġija terapewtika, dijanjostika jew preventiva.

(29) It-trasparenza u l-għarfien tal-pubbliku dwar il-proċess huma essenzjali. Fejn ikun hemm data kunfidenzjali għal raġunijiet kummerċjali, ir-raġunijiet għall-kunfidenzjalità jeħtieġ li jkunu stabbiliti u ġġustifikati b'mod ċar u jeħtieġ li d-data kunfidenzjali tiġi delimitata u protetta sew.

(30) Meta l-Istati Membri jwettqu l-HTAs fil-livell nazzjonali jew reġjonali għat-teknoloġiji tas-saħħa li jkunu ġew ivvalutati fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li jikkunsidraw ir-rapporti tal-valutazzjoni klinika konġunta f'dak il-livell. F'dak ir-rigward, speċjalment meta jitqies li jista' japplika żmien differenti għad-deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-HTA, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra li ma kinux parti mill-valutazzjoni klinika konġunta fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-HTA mwettqa fil-livell nazzjonali jew reġjonali fuq teknoloġija tas-saħħa li tkun ġiet ivvalutata fil-livell tal-Unjoni tkun disponibbli għall-Grupp ta' Koordinazzjoni.

(31) Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, it-terminu "jagħtu l-konsiderazzjoni dovuta", meta jiġi applikat għal rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta, ifisser li r-rapport jenħtieġ li jkun parti mid-dokumentazzjoni tal-awtoritajiet jew tal-korpi involuti fl-attivitajiet tal-HTA fil-livell tal-Istati Membri jew f'dak reġjonali u jenħtieġ li jitqies għal kwalunkwe HTA fil-livell tal-Istati Membri. Jekk ir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta jkun disponibbli, jenħtieġ li dan ikun parti mid-dokumentazzjoni li tappoġġa l-proċess nazzjonali tal-HTA. Madankollu, il-kontenut

tar-rapport tal-valutazzjoni klinika konġunta huwa ta' natura xjentifika u jenħtieġ li ma jkunx vinkolanti fuq dawk l-awtoritajiet jew il-korpi jew fuq l-Istati Membri. Jenħtieġ li jekk rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta ma jkunx disponibbli fiż-żmien meta l-HTA nazzjonali tiġi ffinalizzata, dan ma jdewwem l-ebda proċess sussegwenti fil-livell tal-Istati Membri. Jenħtieġ li rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta ma jkollu l-ebda impatt estern fuq l-applikanti u l-partijiet l-oħra għajr l-Istati Membri.

(32) L-obbligu fuq l-Istati Membri li fil-livell nazzjonali ma jitolbu l-ebda informazzjoni, data, analiżi jew evidenza oħra li jkunu ġew ippreżentati mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni inaqqas, fejn l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni stipulati skont dan ir-Regolament, il-piż amministrattiv u finanzjarju fuqhom li jirriżulta minn talbiet multipli u diverġenti għal informazzjoni, data, analiżijiet jew evidenza oħra fil-livell tal-Istati Membri. Madankollu, jenħtieġ li dak l-obbligu ma jeskludix l-possibbiltà li l-Istati Membri jitolbu lill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa kjarifika dwar l-informazzjoni, data, analiżijiet jew evidenza oħra ppreżentati.

(33) L-obbligu fuq l-Istati Membri li ma jitolbux, fil-livell nazzjonali, l-istess informazzjoni, data, analiżijiet jew evidenza oħra li jkunu diġà ġew ippreżentati mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li ma jinkludix talbiet għal informazzjoni, data, analiżijiet jew evidenza oħra fl-ambitu tal-programmi ta' aċċess bikri fil-livell tal-Istati Membri. Tali programmi ta' aċċess bikri fil-livell tal-Istati Membri għandhom l-għan li jipprovdu aċċess lill-pazjent għal prodotti mediċinali f'sitwazzjonijiet ta' ħtiġijiet mediċi għoljin mhux issodisfati qabel ma tkun ingħatat awtorizzazzjoni ċentralizzata għat-tqegħid fis-suq.

(34) Jenħtieġ li l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa ma jippreżentaw l-ebda informazzjoni, data, analiżi jew evidenza oħra fil-livell nazzjonali li jkunu diġà ġew ippreżentati fil-livell tal-Unjoni. Dan jiżgura li l-Istati Membri jistgħu jitolbu biss informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Istati Membri li mhumiex diġà disponibbli fil-livell tal-Unjoni.

(35) Għall-prodotti mediċinali, studji kliniċi komparattivi direttament li huma aleatorji, mgħammda u jinkludu grupp ta' kontroll, li l-metodoloġija tagħhom tikkonforma mal-istandards internazzjonali ta' mediċina bbażata fuq l-evidenza, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod preferenzjali meta titwettaq valutazzjoni klinika konġunta. Madankollu, dak l-approċċ ma għandux fih innifsu jeskludi studji ta' osservazzjoni, inkluż dawk ibbażati fuq data ta' sitwazzjoni reali, meta tali studji jkunu aċċessibbli.

(36) Jenħtieġ li l-perijodu ta' żmien għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti għall-prodotti mediċinali, kemm jista' jkun, jiġi ffissat permezz tar-referenza għall-perijodu ta' żmien applikabbli għat-tlestija tal-proċedura ċentralizzata ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq prevista fir-Regolament (KE) Nru 726/2004. Jenħtieġ li koordinazzjoni bħal din tiżgura li l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti jkunu jistgħu jiffaċilitaw effettivament l-aċċess għas-suq u jikkontribwixxu għad-disponibbiltà fil-ħin ta' teknoloġiji tas-saħħa innovattivi għall-pazjenti. Għalhekk jenħtieġ li l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jirrispettaw l-iskadenzi stabbiliti skont dan ir-Regolament meta jippreżentaw l-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra mitluba.

(37) Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' perijodu ta' żmien għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti għall-apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* jqis il-mogħdija deċentralizzata ħafna tal-aċċess għas-suq għal dawk l-apparati u d-disponibbiltà ta' data xierqa dwar l-evidenza meħtieġa biex titwettaq valutazzjoni klinika konġunta. Peress li jista' jkun li l-evidenza meħtieġa ssir disponibbli biss wara li l-apparat mediku jew l-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* jkun tqiegħed fis-suq, u sabiex dawn ikunu jistgħu jintgħażlu għal valutazzjoni klinika konġunta fi żmien xieraq, jenħtieġ li jkun possibbli li l-valutazzjonijiet ta' dawn l-apparati jitwettqu wara t-tqegħid fis-suq tagħhom.

(38) Fil-każijiet kollha, il-ħidma konġunta mwettqa skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti, jenħtieġ li jkollha l-għan li tipproduċi riżultati ta' kwalità għolja u f'waqthom, u trawwem kollaborazzjoni akbar bejn l-Istati Membri fuq l-HTA għall-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u jenħtieġ li ma ddewwimx jew tinterferixxi mal-marka CE tal-apparati mediċi jew tal-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, jew idewwem l-aċċess tagħhom għas-suq. Din il-ħidma jenħtieġ li tkun separata u distinta mill-valutazzjonijiet regolatorji mwettqa skont ir-Regolamenti (UE) 2017/745 u (UE) 2017/746 u jenħtieġ li ma jkollha l-ebda impatt fuq id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti.

(39) Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-tħejjija tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti, jenħtieġ li l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa, f'każijiet xierqa, jingħataw l-opportunità li jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti mal-Grupp ta' Koordinazzjoni sabiex jiksbu gwida dwar l-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra li x'aktarx ikunu meħtieġa mill-istudji kliniċi. L-istudji kliniċi jinkludu provi kliniċi ta' prodotti mediċinali, investigazzjonijiet kliniċi meħtieġa għall-evalwazzjoni klinika ta' apparati mediċi u studji dwar il-prestazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni ta' apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*. Minħabba n-natura preliminari tal-konsultazzjoni, jenħtieġ li kwalunkwe gwida offerta ma tkunx legalment vinkolanti la għall-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa u lanqas għall-awtoritajiet u l-korpi tal-HTA. Madankollu, jenħtieġ li tali gwida tirrifletti l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tax-xjenza medika fil-mument tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta, b'mod partikolari fl-interess tal-pazjenti.

(40) Meta l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti jitwettqu b'mod parallel mat-tħejjija tal-parir xjentifiku dwar il-prodotti mediċinali previsti fir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew b'mod parallel mal-konsultazzjoni dwar l-apparati mediċi prevista fir-Regolament (UE) 2017/745, dawk il-proċessi paralleli, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sottogruppi u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini jew il-gruppi ta' esperti dwar l-apparati mediċi, jenħtieġ li jitwettqu bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-ġenerazzjoni tal-evidenza tissodisfa l-ħtiġijiet tal-oqfsa rispettivi, filwaqt li tippreserva s-separazzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom.

(41) Il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti jeħtieġu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali bejn l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa u l-awtoritajiet u l-korpi tal-HTA. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni bħal din, jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta lill-Grupp ta' Koordinazzjoni fil-qafas tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti tiġi żvelata biss lil parti terza wara li jkun ġie konkluż ftehim ta' kunfidenzjalità. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li kwalunkwe informazzjoni li tiġi ppubblikata dwar ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti tiġi ppreżentata f'format anonimu bit-tneħħija ta' kwalunkwe informazzjoni ta' natura kummerċjalment sensittiva.

(42) Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli, huwa xieraq li jiġi previst eżerċizzju ta' "analiżi tal-prospettivi", sabiex jiġu identifikati fi stadju bikri t-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti li x'aktarx ikollhom impatt qawwi fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa, kif ukoll biex tagħti informazzjoni għar-riċerka. Tali analiżi tal-prospettivi tista' tintuża biex tappoġġa lill-Grupp ta' Koordinazzjoni fl-ippjanar tal-ħidma tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, u tista' tipprovdi wkoll informazzjoni għal skopijiet ta' ppjanar fit-tul kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali.

(43) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni volontarja dwar l-HTA bejn l-Istati Membri f'oqsma bħal pereżempju l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' tilqim, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sistemi nazzjonali tal-HTA. Jenħtieġ li tali kooperazzjoni volontarja tiffaċilita wkoll is-sinerġiji mal-inizjattivi fl-istrateġija tas-suq uniku diġitali f'oqsma tal-kura tas-saħħa diġitali rilevanti bil-ħsieb li tiġi pprovduta evidenza addizzjonali ta' sitwazzjoni reali rilevanti għall-HTA. Il-kooperazzjoni volontarja dwar l-HTA tista' tkopri wkoll oqsma bħad-dijanjostika użata biex tissupplimenta t-trattamenti, proċeduri kirurġiċi, il-prevenzjoni, programmi ta' skrinjar u prevenzjoni tas-saħħa, għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u proċessi ta' kura integrata. Ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa differenti jvarjaw skont il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, b'hekk għandu jkun hemm approċċ fil-qasam tal-HTA koerenti u xieraq għal dawn it-teknoloġiji tas-saħħa differenti.

(44) Sabiex jiġu żgurati l-inklużività u t-trasparenza tal-ħidma konġunta, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jinvolvi ruħu u jikkonsulta b'mod wiesa' mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li għandhom interess fil-kooperazzjoni tal-Unjoni dwar l-HTA, inkluż l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-organizzazzjonijiet professjonali tal-kura tas-saħħa, is-soċjetajiet kliniċi u tat-tagħlim, l-assoċjazzjonijiet tal-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti oħra fil-qasam tas-saħħa. Jenħtieġ li jitwaqqaf network tal-partijiet ikkonċernati biex jiffaċilita d-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-Grupp ta' Koordinazzjoni.

(45) Sabiex jiġi żgurat li l-ħidma konġunta tkun tal-ogħla kwalità xjentifika u tirrifletti l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, esperti esterni b'għarfien espert speċjalizzat fil-fond rilevanti jenħtieġ li jipprovdu input dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti. Tali esperti jenħtieġ li jinkludu esperti kliniċi fil-qasam terapewtiku kkonċernat, pazjenti affettwati mill-marda, u esperti rilevanti oħra dwar, pereżempju, it-tip ta' teknoloġija tas-saħħa kkonċernata jew kwistjonijiet relatati mad-disinn tal-istudju kliniku. In-Networks Ewropej ta'

Referenza jistgħu jintużaw ukoll bħala sors biex jiġu identifikati dawk l-esperti u biex jinkiseb aċċess għall-għarfien rilevanti f'oqsma terapewtiċi speċifiċi. Il-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra jenħtieġ li jintgħażlu għall-għarfien espert tematiku tagħhom u jaġixxu f'kapaċità individwali aktar milli jirrappreżentaw kwalunkwe organizzazzjoni, istituzzjoni jew Stat Membru partikolari. Sabiex tiġi ppreservata l-integrità xjentifika tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, jenħtieġ li jiġu żviluppati regoli biex jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità tal-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra involuti, u jiġu evitati kunflitti ta' interess.

(46) Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-HTA għandha rwol importanti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġija tas-saħħa mill-istadju bikri tal-iżvilupp, permezz tal-analiżi tal-prospettivi u l-konsultazzjoni xjentifika konġunta, u aktar tard ladarba t-teknoloġija tas-saħħa tkun fis-suq permezz tal-valutazzjoni klinika konġunta u l-aġġornament tagħha.

(47) Sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi u mmexxi mill-Istati Membri għall-ħidma konġunta prevista f'dan ir-Regolament, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jiżviluppa l-passi proċedurali dettaljati tiegħu u l-perijodu ta' żmien għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti, l-aġġornamenti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti. Fejn xieraq, u b'kont meħud tar-riżultati tal-ħidma mwettqa fl-Azzjonijiet Konġunti EUnetHTA, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jiżviluppa regoli distinti għall-prodott mediċinali, għall-apparati mediċi u għall-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*.

(48) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Koordinazzjoni jiżviluppa gwida metodoloġika dwar il-ħidma konġunta prevista f'dan ir-Regolament, skont l-istandards internazzjonali tal-mediċina bbażata fuq l-evidenza. Il-proċess ta' valutazzjoni jenħtieġ li jiddependi fuq l-evidenza klinika rilevanti, aġġornata u ta' kwalità għolja. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ ukoll li jiżviluppa gwida dwar il-ħatra ta' assessuri u koassessuri għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti u konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, inkluż dwar l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-ħidma konġunta stabbilita f'dan ir-Regolament.

(49) Sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi għall-ħidma konġunta prevista f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddeċiedi li, fejn jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet, prodotti mediċinali oħra jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti f'data qabel dik stabbilita f'dan ir-Regolament, li tagħżel ċerti apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* biex ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti, u li tistabbilixxi regoli proċedurali dettaljati relatati ma' ċerti aspetti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, tar-regoli proċedurali ġenerali rigward ċerti aspetti tat-twettiq ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti, u l-format u l-mudelli tad-dokumenti ta' preżentazzjoni u ta' rapportar. Fejn xieraq, jenħtieġ li jiġu żviluppati regoli distinti għall-prodott mediċinali, għall-apparati mediċi u għall-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(50) Fit-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż mal-Grupp ta' Koordinazzjoni kif ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([12]).

(51) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm riżorsi biżżejjed disponibbli għall-ħidma konġunta prevista f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Unjoni tfittex li tipprovdi finanzjament stabbli u permanenti għall-ħidma konġunta u l-kooperazzjoni volontarja, u għall-qafas ta' appoġġ għal dawk l-attivitajiet. Jenħtieġ li l-finanzjament ikopri b'mod partikolari l-ispejjeż għall-produzzjoni tar-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissekondaw esperti nazzjonali lill-Kummissjoni sabiex jappoġġaw is-segretarjat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni.

(52) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma konġunta u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-HTA bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi previst l-istabbiliment ta' pjattaforma tal-IT li jkun fiha bażijiet tad-data xierqa u mezzi sikuri għall-komunikazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibni fuq bażijiet ta' data u funzjonalitajiet żviluppati taħt l-Azzjonijiet Konġunti tal-EUnetHTA għall-iskambju ta' informazzjoni u evidenza, u timmira li tiżgura rabta bejn il-pjattaforma tal-IT u infrastrutturi oħra tad-data rilevanti għall-finijiet tal-HTA bħar-reġistri u l-bażijiet ta' data relatati mad-data tad-dinja reali. Fl-iżvilupp ta' pjattaforma tal-IT bħal din, l-opportunitajiet offruti mill-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa futur jenħtieġ li jiġu esplorati wkoll.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([12]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(53) Sabiex jiġu żgurati l-istabbiliment u l-operazzjoni mingħajr xkiel tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll biex titħares il-kwalità tagħhom, huwa xieraq li fil-bidu jsir biss għadd żgħir ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti. Minn tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li ssir espansjoni progressiva tal-għadd ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti.

(54) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' appoġġ jibqa' jkun effiċjenti u kosteffettiv kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data ta' applikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li r-rapport jiffoka fuq ir-rieżami tal-valur miżjud tal-ħidma konġunta għall-Istati Membri. B'mod partikolari, ir-rapport jenħtieġ li jikkunsidra jekk hemmx il-ħtieġa li jiġi introdott mekkaniżmu għall-ħlas ta' tariffi, li jiżgura l-indipendenza tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, li permezz tiegħu l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jikkontribwixxu wkoll għall-finanzjament ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti. Barra minn hekk, ir-rapport jenħtieġ li jirrieżamina l-effett tan-nonduplikazzjoni tat-talba għal informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra għal valutazzjoni klinika konġunta f'termini tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq għal prodotti ġodda u innovattivi u t-tnaqqis tal-ispejjeż. Ir-rapport jista' jagħti bidu għal valutazzjoni tal-progress li sar fir-rigward tal-aċċess tal-pazjenti għal teknoloġiji tas-saħħa innovattivi, is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u l-kapaċità tal-HTA fil-livell tal-Istati Membri.

(55) Jenħtieġ li, sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-bidu tal-valutazzjoni tal-prodotti mediċinali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, dwar il-valutazzjoni tagħhom tal-valur miżjud tar-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti fil-proċessi ta' HTA nazzjonali tagħhom u l-ammont ta' xogħol tal-Grupp ta' Koordinazzjoni.

(56) Sabiex tiġi aġġustata l-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE bil-ħsieb li jiġu emendati l-Annessi I u II. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(57) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) tipprevedi li l-Unjoni għandha tappoġġa u tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni xjentifika bejn l-Istati Membri fi ħdan network volontarju li joħloq rabta bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali responsabbli għall-HTA nnominati mill-Istati Membri. Peress li dawk il-kwistjonijiet huma rregolati minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/24/UE tiġi emendata skont dan.

(58) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit qafas ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti ta' teknoloġiji tas-saħħa li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-livell tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) qafas ta' appoġġ u proċeduri għall-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar it-teknoloġiji tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni;

([13]) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

(b) mekkaniżmu li jistipula li kull informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra meħtieġa għall-valutazzjoni klinika konġunta tat-teknoloġiji tas-saħħa għandhom jiġu ppreżentati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa darba biss fil-livell tal-Unjoni;

(c) regoli u metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni klinika konġunta tat-teknoloġiji tas-saħħa.

2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jaslu għal konklużjonijiet dwar l-effettività relattiva tat-teknoloġiji tas-saħħa jew li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-użu ta' teknoloġija tas-saħħa fil-kuntest nazzjonali speċifiku tas-saħħa tagħhom. Hu ma għandux jinterferixxi mal-kompetenza nazzjonali esklużiva tal-Istati Membri, inkluż dawk għal deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-ipprezzar u r-rimborż, u lanqas ma għandu jaffettwa xi kompetenza oħra li tikkonċerna l-ġestjoni u l-għoti tas-servizzi tas-saħħa jew il-kura medika tal-Istati Membri jew l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "prodott mediċinali" tfisser prodott mediċinali kif definit fl-Artikolu 1, punt (2), tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]);

(2) "apparat mediku" tfisser apparat mediku kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2017/745;

(3) "apparat mediku dijanjostiku *in vitro*" tfisser apparat mediku dijanjostiku *in vitro* kif definit fl-Artikolu 2, punt (2), tar-Regolament (UE) 2017/746;

(4) "teknoloġija tas-saħħa" tfisser teknoloġija tas-saħħa kif definit fl-Artikolu 3, punt (l), tad-Direttiva 2011/24/UE;

(5) "valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa" jew "HTA" (*Health Technology Assessment*) tfisser proċess multidixxiplinarju li jissintesizza l-informazzjoni dwar l-aspetti mediċi, soċjali, u dawk marbuta mal-pazjenti u l-kwistjonijiet ekonomiċi u etiċi relatati mal-użu ta' teknoloġija tas-saħħa b'mod sistematiku, trasparenti, imparzjali u sod;

(6) "valutazzjoni klinika konġunta" ta' teknoloġija tas-saħħa tfisser il-paragun tal-ġbir xjentifiku u d-deskrizzjoni ta' analiżi komparattiva tal-evidenza klinika disponibbli dwar teknoloġija tas-saħħa ma' teknoloġija tas-saħħa waħda jew aktar jew proċeduri eżistenti, f'konformità ma' ambitu tal-valutazzjoni maqbul skont dan ir-Regolament, u bbażat fuq l-aspetti xjentifiċi tal-oqsma kliniċi ta' HTA tad-deskrizzjoni tal-problema tas-saħħa indirizzata mit-teknoloġija tas-saħħa u l-użu attwali ta' teknoloġiji tas-saħħa oħrajn li jindirizzaw dik il-problema tas-saħħa, id-deskrizzjoni u l-karatterizzazzjoni teknika tat-teknoloġija tas-saħħa, l-effettività klinika relattiva, u s-sikurezza relattiva tat-teknoloġija tas-saħħa;

(7) "valutazzjoni mhux klinika" tfisser il-parti ta' HTA bbażata fuq l-oqsma mhux kliniċi tal-HTA tal-ispiża u l-evalwazzjoni ekonomika ta' teknoloġija tas-saħħa, u l-aspetti etiċi, organizzattivi, soċjali u legali relatati mal-użu tagħha;

(8) "valutazzjoni kollaborattiva" tfisser valutazzjoni klinika ta' apparat mediku jew apparat mediku dijanjostiku *in vitro* mwettqa fil-livell tal-Unjoni minn għadd ta' awtoritajiet u korpi ta' HTA interessati li jkunu qegħdin jipparteċipaw fuq bażi volontarja;

(9) "ambitu tal-valutazzjoni" tfisser is-sett tal-parametri għall-valutazzjoni klinika konġunta f'termini ta' popolazzjoni ta' pazjenti, intervent, komparaturi u eżiti mitlub b'mod konġunt mill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

**Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (il-"Grupp ta' Koordinazzjoni") huwa b'dan stabbilit.

([14]) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-membri tagħhom tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u bi kwalunkwe bidla sussegwenti. Il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għandhom jaħtru r-rappreżentanti tagħhom fil-Grupp ta' Koordinazzjoni fuq bażi *ad hoc* jew permanenti, u jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tagħhom u bi kwalunkwe bidla sussegwenti.

3. Il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għandhom jinnominaw l-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali jew reġjonali tagħhom bħala membri tas-sottogruppi tal-Grupp ta' Koordinazzjoni. Il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni jistgħu jaħtru aktar minn membru wieħed għal sottogrupp, inkluż il-membru tal-Grupp ta' Koordinazzjoni mingħajr preġudizzju għar-regola li kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed. Il-membri tas-sottogrupp għandhom jaħtru r-rappreżentanti tagħhom, li għandu jkollhom l-għarfien espert xieraq tal-HTA, fis-sottogruppi fuq bażi ad hoc jew permanenti u jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tagħhom u bi kwalunkwe bidla sussegwenti. Fejn ikun hemm il-ħtieġa ta' għarfien speċifiku, membri tas-sottogrupp jistgħu jaħtru aktar minn rappreżentant wieħed.

4. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu, fil-prinċipju, jaġixxi b'kunsens. Meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, l-adozzjoni ta' deċiżjoni għandha teħtieġ l-appoġġ tal-membri li jirrappreżentaw maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri. Kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed. Ir-riżultati tal-votazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti tal-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni. Meta ssir votazzjoni, il-membri jistgħu jitolbu li jiġu rreġistrati opinjonijiet diverġenti fil-minuti tal-laqgħa li fiha tkun saret il-votazzjoni.

5. B'deroga mill-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jadotta, permezz ta' maġġoranza kwalifikata kif definit fl-Artikolu 16(4) TUE u l-Artikolu 238(3), punt (a), TFUE, il-programm ta' ħidma annwali tiegħu, ir-rapport annwali tiegħu u d-direzzjoni strateġika msemmija fil-paragrafu 7, punti (b) u (c), ta' dan l-Artikolu.

6. Il-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għandhom ikunu ppreseduti u kopreseduti minn żewġ membri eletti mill-Grupp ta' Koordinazzjoni, minn Stati Membri differenti, għal terminu limitat li għandu jiġi ddeterminat bir-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-president u l-kopresident għandhom ikunu imparzjali u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala s-segretarjat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u tappoġġa l-ħidma tiegħu f'konformità mal-Artikolu 28.

7. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu:

(a) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jaġġornahom fejn meħtieġ;

(b) jadotta l-programm ta' ħidma annwali u r-rapport annwali tiegħu skont l-Artikolu 6;

(c) jipprovdi direzzjoni strateġika għall-ħidma tas-sottogruppi tiegħu;

(d) jadotta gwida metodoloġika dwar il-ħidma konġunta skont l-istandards internazzjonali tal-mediċina bbażata fuq l-evidenza;

(e) jadotta passi proċedurali dettaljati u l-perijodu ta' żmien għat-twettiq tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u għall-aġġornamenti tagħhom;

(f) jadotta passi proċedurali dettaljati u l-perijodu ta' żmien għat-twettiq tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, inkluż preżentazzjonijiet ta' talbiet mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa;

(g) jadotta gwida dwar il-ħatra ta' assessuri u koassessuri għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti u konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, inkluż dwar l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ;

(h) jikkoordina u japprova l-ħidma tas-sottogruppi tiegħu;

(i) jiżgura l-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti fil-livell tal-Unjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, (UE) 2017/745 u (UE) 2017/746 biex jiffaċilita l-ġenerazzjoni ta' evidenza addizzjonali meħtieġa għall-ħidma tiegħu;

(j) jiżgura l-involviment xieraq tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-esperti fil-ħidma tiegħu;

(k) jistabbilixxi sottogruppi, b'mod partikolari għal dawn li ġejjin:

  (i) il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti;

  (ii) il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti;

  (iii) l-identifikazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti;

  (iv) l-iżvilupp ta' gwida metodoloġika u proċedurali.

8. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu jistgħu jiltaqgħu f'konfigurazzjonijiet differenti, b'mod partikolari għall-kategoriji ta' teknoloġija tas-saħħa li ġejjin: il-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi, l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u teknoloġiji oħra tas-saħħa.

*Artikolu 4*

**Assigurazzjoni tal-kwalità**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jiżgura li l-ħidma konġunta mwettqa skont l-Artikoli 7 sa 23 tkun tal-ogħla kwalità, issegwi standards internazzjonali ta' mediċina bbażata fuq l-evidenza, u titwettaq fil-ħin. Għal dak il-għan, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jistabbilixxi proċeduri li jiġu rieżaminati b'mod sistematiku. Meta jkun qed jiżviluppa tali proċeduri, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jikkunsidra l-ispeċifiċitajiet tat-teknoloġija tas-saħħa li għandha x'taqsam magħhom il-ħidma konġunta, inklużi prodotti mediċinali orfni, il-vaċċini u, l-prodott mediċinali ta' terapija avvanzata.

2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jistabbilixxi u jirrevedi regolarment il-proċeduri operattivi standard li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(7), punti (d), (e), (f) u (g).

3. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jirrevedi regolarment, u fejn meħtieġ jaġġorna, il-gwida metodoloġika u proċedurali li taqgħa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(7), punti (d), (e), (f) u (g).

4. Fejn xieraq, u b'kont meħud tal-metodoloġija diġà żviluppata mill-Azzjonijiet Konġunti tal-EUnetHTA, għandha tiġi żviluppata gwida metodoloġika u proċedurali speċifika għall-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*.

*Artikolu 5*

**Trasparenza u kunflitt ta' interess**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod indipendenti, imparzjali u trasparenti.

2. Ir-rappreżentanti maħtura fil-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu, u l-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra li jipparteċipaw fi kwalunkwe ħidma konġunta, ma għandu jkollhom l-ebda interess finanzjarju jew interess ieħor fis-settur industrija tal-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa li jista' jaffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom.

3. Ir-rappreżentanti maħtura għall-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu għandhom jagħmlu dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji u interessi oħra tagħhom u jaġġornawha kull sena u kull meta jkun meħtieġ. Huma għandhom jiżvelaw kwalunkwe fatt ieħor li jsiru jafu bih li jista' *in bona fide* raġonevolment ikun mistenni li jinvolvi jew jagħti lok għal kunflitt ta' interess.

4. Ir-rappreżentanti li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu għandhom jiddikjaraw, qabel kull laqgħa, kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom fir-rigward tal-punti fuq l-aġenda. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li interess iddikjarat jikkostitwixxi kunflitt ta' interess, dak ir-rappreżentant ma għandu jieħu sehem fl-ebda diskussjoni jew teħid ta' deċiżjonijiet, jew jikseb xi informazzjoni dwar dak il-punt tal-aġenda. Tali dikjarazzjonijiet tar-rappreżentanti u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti fil-qosor tal-laqgħa.

5. Il-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess finanzjarju u interess ieħor rilevanti għall-ħidma konġunta li fiha jkunu ser jipparteċipaw. Tali dikjarazzjonijiet u kwalunkwe azzjoni meħuda bħala riżultat għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti fil-qosor tal-laqgħa u fid-dokumenti ta' eżitu tal-ħidma konġunta inkwistjoni.

6. Ir-rappreżentanti maħtura fil-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu kif ukoll il-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra involuti fil-ħidma ta' kwalunkwe sottogrupp għandhom, anke wara li jintemmu d-dmirijiet tagħhom, ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' segretezza professjonali.

7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 25(1), punt (a) u b'mod partikolari regoli għall-valutazzjoni tal-kunflitt ta' interess imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu u l-azzjoni li għandha tittieħed fejn jinqala' kunflitt jew kunflitt ta' interess potenzjali.

*Artikolu 6*

**Programm ta' ħidma annwali u r-rapport annwali**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu kull sena, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru, jadotta programm ta' ħidma annwali u sussegwentement jemendah jekk ikun meħtieġ.

2. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jistabbilixxi l-ħidma konġunta li trid titwettaq fis-sena kalendarja wara l-adozzjoni tiegħu, li jkopri:

(a) l-għadd ippjanat u t-tip ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti, u l-għadd ippjanat ta' aġġornamenti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti skont l-Artikolu 14;

(b) l-għadd ippjanat ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti;

(c) l-għadd ippjanat ta' valutazzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni volontarja, b'kont meħud tal-impatt tagħhom fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika, jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

3. Fit-tħejjija jew l-emendar tal-programm ta' ħidma annwali, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu:

(a) iqis ir-rapporti dwar it-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti msemmija fl-Artikolu 22;

(b) iqis l-informazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini li tiġi pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 28 dwar l-istatus tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ppreżentati u futuri għall-prodotti mediċinali msemmija fl-Artikolu 7; hekk kif issir disponibbli data regolatorja ġdida, il-Kummissjoni għandha taqsam din l-informazzjoni mal-Grupp ta' Koordinazzjoni sabiex il-programm ta' ħidma annwali jkun jista' jiġi emendat;

(c) iqis l-informazzjoni pprovduta mill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku stabbilit fl-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2017/745 ("Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku") jew sorsi oħra, u pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament dwar il-ħidma tal-gruppi ta' esperti rilevanti msemmija fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament (UE) 2017/745 ("gruppi ta' esperti");

(d) jikkonsulta n-network tal-partijiet ikkonċernati msemmi fl-Artikolu 29, u jqis il-kummenti tiegħu;

(e) iqis r-riżorsi disponibbli għall-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-ħidma konġunta;

(f) jikkonsulta lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali u jieħu kont tal-opinjoni tagħha.

4. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu kull sena, sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar, jadotta r-rapport annwali tiegħu.

5. Ir-rapport annwali għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma konġunta mwettqa fis-sena kalendarja qabel l-approvazzjoni tiegħu.

KAPITOLU II

**ĦIDMA KONĠUNTA FUQ IL-VALUTAZZJONI TAT-TEKNOLOĠIJA TAS-SAĦĦA FIL-LIVELL TAL-UNJONI**

*TAQSIMA 1*

***Valutazzjonijiet kliniċi konġunti***

*Artikolu 7*

**Teknoloġiji tas-saħħa soġġetti għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti**

1. It-teknoloġiji tas-saħħa li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti:

(a) prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2), punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, li għalihom l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq hija ppreżentata skont dak ir-Regolament wara d-dati rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u li għalihom dik l-applikazzjoni hija f'konformità mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/83/KE;

(b) prodotti mediċinali awtorizzati fl-Unjoni li għalihom ikun ġie ppubblikat rapport ta' valutazzjoni klinika konġunta, f'każijiet fejn tingħata awtorizzazzjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/83/KE għal varjazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq eżistenti li tikkorrispondi għal indikazzjoni terapewtika ġdida;

(c) apparati mediċi kklassifikati fil-klassi IIb jew III skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/745 li għalihom il-bordijiet ta' esperti rilevanti jkunu taw opinjoni xjentifika fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni tal-evalwazzjoni klinika skont l-Artikolu 54 ta' dak ir-Regolament, u soġġett għall-għażla skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(d) l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* kklassifikati fil-klassi D skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2017/746 li għalihom il-bordijiet ta' esperti rilevanti jkunu taw il-fehmiet tagħhom fil-qafas tal-proċedura skont l-Artikolu 48(6) ta' dak ir-Regolament, u soġġett għall-għażla skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Id-dati msemmija fil-paragrafu 1, punt (a), għandhom ikunu kif ġej:

(a) It-12 ta' Jannar 2025, għall-prodotti mediċinali b'sustanzi attivi ġodda li għalihom l-applikant jiddikjara fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni ppreżentata lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini li fih sustanza attiva ġdida li għaliha l-indikazzjoni terapewtika hija t-trattament tal-kanċer u tal-prodotti mediċinali li huma rregolati bħala prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata skont ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]);

(b) It-13 ta' Jannar 2028, għall-prodotti mediċinali li huma ddeżinjati bħala prodotti mediċinali orfni skont ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]);

(c) It-13 ta' Jannar 2030, għall-prodotti mediċinali msemmija fil-paragrafu 1 għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, fuq rakkomandazzjoni mill-Grupp ta' Koordinazzjoni, għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi li l-prodotti mediċinali msemmija f'dak il-paragrafu għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni klinika konġunta f'data aktar kmieni mid-dati stipulati f'dak il-paragrafu, dment li l-prodott mediċinali, b'mod partikolari skont l-Artikolu 22, ikollu l-potenzjal li jindirizza ħtieġa medika mhux issodisfata jew emerġenza tas-saħħa pubblika jew ikollu impatt sinifikanti fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

([15]) Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

([16]) Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

4. Wara t-12 ta’ Jannar 2025, il-Kummissjoni, wara li titlob rakkomandazzjoni mill-Grupp ta’ Koordinazzjoni, għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni u mill-inqas kull sentejn, fejn tagħżel l-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) u (d), għall-valutazzjoni klinika konġunta abbażi ta’ wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati;

(b) li jkunu mill-aktar innovattivi;

(c) l-impatt potenzjali fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika, jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa;

(d) l-inkorporazzjoni ta’ software li juża intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji ta’ tagħlim awtomatiku jew algoritmi;

(e) id-dimensjoni transfruntiera sinifikanti;

(f) il-valur miżjud ewlieni fl-Unjoni kollha.

5. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

*Artikolu 8*

**Tnedija tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti**

1. Il-Grupp ta’ Koordinazzjoni għandu jwettaq valutazzjonijiet kliniċi konġunti dwar it-teknoloġiji tas-saħħa abbażi tal-programm ta’ ħidma annwali tiegħu.

2. Il-Grupp ta’ Koordinazzjoni għandu jagħti bidu għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti tat-teknoloġiji tas-saħħa billi jinnomina s-sottogrupp dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti biex jissorvelja t-twettiq tal-valutazzjoni klinika konġunta f’isem il-Grupp ta’ Koordinazzjoni.

3. Il-valutazzjoni klinika konġunta għandha titwettaq f’konformità mal-proċedura stabbilita mill-Grupp ta’ Koordinazzjoni skont ir-rekwiżiti stipulati f’dan l-Artikolu, fl-Artikolu 3(7), punt (e), u fl-Artikoli 4, 9, 10, 11 u 12, kif ukoll ir-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli 15, 25 u 26.

4. Is-sottogrupp innominat għandu jaħtar, minn fost il-membri tiegħu, assessur u koassessur minn Stati Membri differenti biex iwettqu l-valutazzjoni klinika konġunta. Il-ħatriet għandhom iqisu l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ għall-valutazzjoni. Jekk it-teknoloġija tas-saħħa kienet is-suġġett ta’ konsultazzjoni xjentifika konġunta f’konformità mal-Artikoli 16 sa 21, l-assessur u l-koassessur għandhom ikunu differenti minn dawk maħtura skont l-Artikolu 18(3) għat-tħejjija tad-dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta.

5. Minkejja l-paragrafu 4, fejn, f’ċirkostanzi eċċezzjonali, l-għarfien espert speċifiku meħtieġ ma jkunx disponibbli mod ieħor, l-istess assessur jew koassessur, jew it-tnejn li huma, involuti fil-konsultazzjoni xjentifika konġunta jistgħu jinħatru biex iwettqu l-valutazzjoni klinika konġunta. Tali ħatra għandha tkun iġġustifikata u soġġetta għall-approvazzjoni mill-Grupp ta’ Koordinazzjoni u għandha tiġi ddokumentata fir-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta.

6. Is-sottogrupp innominat għandu jibda proċess ta’ definizzjoni tal-ambitu tal-valutazzjoni li fih jidentifika l-parametri rilevanti għall-ambitu tal-valutazzjoni. L-ambitu tal-valutazzjoni għandu jkun inklużiv u jirrifletti l-ħtiġijiet tal-Istati Membri f’termini tal-parametri u l-informazzjoni, data, analiżi u evidenza oħra li għandha tiġi ppreżentata mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa. L-ambitu tal-valutazzjoni għandu jidentifika b’mod partikolari l-parametri rilevanti kollha għall-valutazzjoni f’termini ta’:

(a) il-popolazzjoni tal-pazjenti;

(b) l-intervent jew interventi;

(c) il-komparatur jew komparaturi;

(d) l-eżiti tas-saħħa.

Il-proċess ta' definizzjoni tal-ambitu tal-valutazzjoni għandu jqis ukoll l-informazzjoni mogħtija mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa u l-input riċevut mill-pazjenti, mill-esperti kliniċi u minn esperti rilevanti oħra.

7. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-ambitu tal-valutazzjoni klinika konġunta.

*Artikolu 9*

**Rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u d-dossier tal-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa**

1. Valutazzjoni klinika konġunta għandha tirriżulta f'rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta li għandu jkun akkumpanjat minn rapport sommarju. Dawk ir-rapporti ma għandu jkun fihom l-ebda ġudizzju ta' valur jew konklużjoni dwar il-valur miżjud kliniku globali tat-teknoloġija tas-saħħa vvalutata u għandhom ikunu limitati għal deskrizzjoni tal-analiżi xjentifika:

(a) tal-effetti relattivi tat-teknoloġija tas-saħħa kif ivvalutata fuq l-eżiti tas-saħħa meta mqabbla mal-parametri magħżula li huma bbażati fuq l-ambitu tal-valutazzjoni kif stipulat skont l-Artikolu 8(6);

(b) tal-grad ta' ċertezza tal-effetti relattivi filwaqt li jitqiesu l-aspetti pożittivi u l-limitazzjonijiet tal-evidenza disponibbli.

2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq dossier li fih informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra kompluti u aġġornati ppreżentati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa biex jiġu vvalutati l-parametri inklużi fl-ambitu tal-valutazzjoni.

3. Id-dossier għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-evidenza ppreżentata tkun kompluta fir-rigward tal-istudji u d-data disponibbli li jistgħu jinfurmaw il-valutazzjoni;

(b) id-data tkun ġiet analizzata bl-użu ta' metodi xierqa biex jitwieġbu l-mistoqsijiet ta' riċerka kollha tal-valutazzjoni;

(c) il-preżentazzjoni tad-data hija strutturata tajjeb u trasparenti, biex b'hekk tippermetti valutazzjoni xierqa fl-iskedi ta' żmien limitati disponibbli;

(d) din tinkludi d-dokumentazzjoni sottostanti fir-rigward tal-informazzjoni ppreżentata, biex b'hekk tippermetti lill-assessur jew lill-koassessur jivverifika l-preċiżjoni ta' dik l-informazzjoni.

4. Id-dossier għall-prodotti mediċinali għandu jinkludi l-informazzjoni li tinsab fl-Anness I. Id-dossier għall-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* għandu jinkludi l-informazzjoni li tinsab fl-Anness II.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 32, biex temenda l-Anness I fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa fid-dossier għall-prodotti mediċinali, u biex temenda l-Anness II fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa fid-dossier għall-apparati mediċi u għall-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*.

*Artikolu 10*

**Obbligi tal-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa u l-konsegwenzi tan-nonkonformità**

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa dwar l-ambitu tal-valutazzjoni u titlob il-preżentazzjoni tad-dossier (l-ewwel talba). Dik it-talba għandha tinkludi l-iskadenza għall-preżentazzjoni kif ukoll il-mudell tad-dossier skont l-Artikolu 26(1), punt (a), u tagħmel referenza għar-rekwiżiti għad-dossier f'konformità mal-Artikolu 9(2), (3) u (4). Għall-prodotti mediċinali, l-iskadenza għall-preżentazzjoni għandha tkun mhux aktar tard minn 45 jum qabel id-data prevista tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.

2. L-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa għandu jippreżenta d-dossier lill-Kummissjoni skont it-talba għall-preżentazzjoni magħmula skont il-paragrafu 1.

3. L-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa ma għandu jippreżenta l-ebda informazzjoni, data, analiżi jew evidenza oħra fil-livell nazzjonali li tkun diġà ġiet ippreżentata fil-livell tal-Unjoni. Dak ir-rekwiżit ma għandux jaffettwa talbiet għal informazzjoni addizzjonali dwar prodotti mediċinali li jaqgħu fl-ambitu ta' programmi ta' aċċess bikri fil-livell tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jipprovdu aċċess għall-prodotti mediċinali għall-pazjent f'sitwazzjonijiet ta' ħtiġijiet mediċi għoljin mhux issodisfati qabel ma tkun ingħatat awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata.

4. Fejn il-Kummissjoni tikkonferma l-preżentazzjoni f'waqtha tad-dossier skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li d-dossier jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(2), (3) u (4), il-Kummissjoni għandha tagħmel id-dossier disponibbli għall-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni b'mod f'waqtu permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30 u tinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa b'dan.

5. Fejn il-Kummissjoni ssib li d-dossier ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(2), (3) u (4), hija għandha titlob l-informazzjoni, id-data, l-analiżijiet u l-evidenza l-oħra nieqsa mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa (it-tieni talba). F'każ bħal dak, l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa għandu jippreżenta l-informazzjoni, id-data, l-analiżijiet u l-evidenza l-oħra mitluba f'konformità mal-perijodi ta' żmien stabbiliti skont l-Artikolu 15.

6. Fejn, wara t-tieni talba msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tqis li dossier ma jkunx ġie ppreżentat fil-ħin mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa, jew tafferma li dan jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2), (3) u (4), il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jwaqqaf il-valutazzjoni klinika konġunta. Jekk il-valutazzjoni titwaqqaf, il-Kummissjoni għandha tagħmel dikjarazzjoni fuq il-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30 li tiġġustifika r-raġunijiet għat-twaqqif u għandha tinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa b'dan. Fil-każ tat-twaqqif tal-valutazzjoni klinika konġunta, l-Artikolu 13(1), punt (d), ma għandux japplika.

7. Fejn il-valutazzjoni klinika konġunta tkun twaqqfet u l-Grupp ta' Koordinazzjoni, skont l-Artikolu 13(1), punt (e), sussegwentement jirċievi l-informazzjoni, id-data, l-analiżijiet u l-evidenza l-oħra li għamlu parti mit-talba għall-preżentazzjoni mal-msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jista' jibda mill-ġdid valutazzjoni klinika konġunta f'konformità mal-proċedura stipulata f'din it-Taqsima mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hekk kif il-Kummissjoni tkun ikkonfermat li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2), (3) u (4) jkunu ġew issodisfati.

8. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, fejn tkun inbdiet mill-ġdid valutazzjoni klinika konġunta, il-Kummissjoni tista' titlob lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa jippreżenta aġġornamenti tal-informazzjoni, tad-data, tal-analiżijiet u tal-evidenza l-oħra pprovduti preċedentement.

*Artikolu 11*

**Proċess ta' valutazzjoni għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti**

1. Abbażi tad-dossier ippreżentat mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa u l-ambitu tal-valutazzjoni kif stabbilit skont l-Artikolu 8(6), l-assessur, bl-għajnuna tal-koassessur, għandu jħejji l-abbozzi tal-valutazzjoni klinika konġunta u tarrapporti sommarji. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu japprova l-abbozz tar-rapporti skont il-perijodu ta' żmien stabbilita skont l-Artikolu 3(7), punt (e). Dawk il-perijodi ta' żmien għandhom ikunu:

(a) għal prodotti mediċinali, mhux aktar tard minn 30 jum wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;

(b) għal apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* f'konformità mal-proċeduri għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti adottati skont l-Artikolu 3(7), punt (e), u l-Artikolu 15(1), punt (b).

2. Fejn l-assessur, bl-għajnuna tal-koassessur, fi kwalunkwe ħin matul it-tħejjija tal-abbozz tar-rapporti, iqis li huma meħtieġa aktar speċifikazzjonijiet jew kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali, data, analiżijiet jew evidenza oħra sabiex titwettaq il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa li jipprovdi tali informazzjoni, data, analiżijiet jew evidenza oħra. L-assessur u l-koassessur jistgħu wkoll jirrikorru għal bażijiet ta' data u

sorsi oħra ta' informazzjoni klinika, bħar-reġistri tal-pazjenti, fejn jitqies meħtieġ. Meta ssir disponibbli data klinika ġdida matul il-proċess tal-valutazzjoni, l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa kkonċernat għandu jinforma b'mod proattiv lill-Grupp ta' Koordinazzjoni.

3. Il-membri tas-sottogrupp innominat għandhom jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar l-abbozz tar-rapporti.

4. Is-sottogrupp għandu jiżgura li l-pazjenti, l-esperti kliniċi u l-esperti rilevanti l-oħra, ikunu involuti fil-proċess ta' valutazzjoni billi jingħataw l-opportunità li jipprovdu input dwar l-abbozzi tar-rapporti. Tali input għandu jingħata fil-qafas definit u fil-qafas ta' żmien stabbilit skont l-Artikolu 15(1), punt (c), u l-Artikolu 25(1), punt (b), u l-proċedura adottata mill-Grupp ta' Koordinazzjoni, u għandhom ikunu disponibbli għall-Grupp ta' Koordinazzjoni b'mod f'waqtu permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30.

5. L-abbozz tar-rapporti għandhom jiġu pprovduti lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa. L-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa għandu jindika kwalunkwe ineżattezza purament teknika jew fattwali f'konformità mal-perijodi ta' żmien stabbiliti skont l-Artikolu 15. L-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa għandu jindika wkoll kwalunkwe informazzjoni li jqis li hija kunfidenzjali u jiġġustifika n-natura kummerċjalment sensittiva tagħha. L-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa ma għandu jipprovdi l-ebda kumment dwar ir-riżultati tal-abbozz tal-valutazzjoni.

6. Wara li jaslu u jitqiesu l-kummenti pprovduti f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-assessur, bl-għajnuna tal-koassessur, għandu jħejji l-abbozz tar-rapporti riveduti, u jippreżenta dawk l-abbozzi riveduti tar-rapporti lill-Grupp ta' Koordinazzjoni permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30.

*Artikolu 12*

**Finalizzazzjoni tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti**

1. Mal-wasla tal-abbozzi riveduti tar-rapporti ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti u tar-rapporti sommarji, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jeżamina dawk ir-rapporti.

2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu, fil-perijodu ta' żmien stabbilit skont l-Artikolu 3(7), punt (e) u skont l-Artikolu 15(1), punt (c), jagħmel ħiltu biex japprova l-abbozzi riveduti tar-rapporti b'kunsens. B'deroga mill-Artikolu 3(4), meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, opinjonijiet xjentifiċi diverġenti, inkluż ir-raġunijiet xjentifiċi li fuqhom huma bbażati dawk l-opinjonijiet, għandhom jiġu inkorporati fir-rapporti u r-rapporti għandhom jitqiesu approvati.

3. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jippreżenta r-rapporti approvati lill-Kummissjoni għal rieżami proċedurali skont l-Artikolu 28, punt (d). Meta l-Kummissjoni, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi r-rapporti approvati, tikkonkludi li dawk ir-rapporti ma jikkonformawx mar-regoli ta' proċedura stabbiliti skont dan ir-Regolament jew li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti adottati mill-Grupp ta' Koordinazzjoni skont dan ir-Regolament, hija għandha tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni bir-raġunijiet għall-konklużjoni tagħha u titlob rieżami tar-rapporti. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jirrieżamina r-rapporti minn perspettiva proċedurali, jieħu kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa, u japprova mill-ġdid ir-rapporti skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, b'mod f'waqtu, ir-rapporti li huma konformi proċeduralment u approvati jew approvati mill-ġdid mill-Grupp ta' Koordinazzjoni fil-paġna web aċċessibbli għall-pubbliku tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30(1), punt (a), u għandha tinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa dwar il-pubblikazzjoni.

5. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rapporti approvati mill-ġdid għadhom mhumiex konformi mar-regoli ta' proċedura msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, hija għandha, b'mod f'waqtu, tagħmel disponibbli dawk ir-rapporti u r-rieżami proċedurali tagħhafuq l-intranet sigur tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30(1), punt (b), għall-konsiderazzjoni tal-Istati Membri u tinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa kif meħtieġ. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jinkludi rapporti sommarji ta' dawk ir-rapporti bħala parti mir-rapport annwali tiegħu adottat skont l-Artikolu 6(4) u ppubblikat fuq il-pjattaforma tal-IT kif stipulat fl-Artikolu 30(3), punt (g).

*Artikolu 13*

**Drittijiet u obbligi tal-Istati Membri**

1. Meta jwettqu HTA nazzjonali dwar teknoloġija tas-saħħa li għaliha jkunu ġew ippubblikati rapporti dwar valutazzjoni klinika konġunta jew li fir-rigward tagħha tkun inbdiet valutazzjoni klinika konġunta, l-Istati Membri għandhom:

(a) iqisu kif xieraq ir-rapporti ppubblikati dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-informazzjoni l-oħra kollha disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30, inkluż id-dikjarazzjoni ta' waqfien skont l-Artikolu 10(6), dwar dik il-valutazzjoni klinika konġunta fl-HTAs tagħhom fil-livell tal-Istati Membri. Dan m'għandux jaffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom dwar il-valur miżjud kliniku globali ta' teknoloġija tas-saħħa fil-kuntest tas-sistema tal-kura tas-saħħa speċifika tagħhom u li jqisu l-partijiet ta' dawk ir-rapporti rilevanti f'dak il-kuntest;

(b) jehmżu d-dossier ippreżentat mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa f'konformità mal-Artikolu 10(2) mad-dokumentazzjoni tal-HTA fil-livell tal-Istati Membri;

(c) jehmżu r-rapport ippubblikat dwar il-valutazzjoni klinika konġunta mar-rapport tal-HTA fil-livell tal-Istati Membri;

(d) ma jitolbux l-informazzjoni, data, analiżijiet jew evidenza oħra fil-livell nazzjonali li jkunu ġew ippreżentati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 10(1) jew (5);

(e) jikkondividu minnufih permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30 kwalunkwe informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra mal-Grupp ta' Koordinazzjoni li huma jirċievu mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Istati Membri u li jagħmlu parti mit-talba għall-preżentazzjoni magħmula skont l-Artikolu 10(1).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Grupp ta' Koordinazzjoni permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30 b'informazzjoni dwar il-HTA fir-rigward tat-teknoloġija tas-saħħa li kienet soġġetta għal valutazzjoni klinika konġunta fi żmien 30 jum mit-tlestija tagħha. B'mod partikolari, l-Istati Membru għandhom jipprovdu informazzjoni dwar kif ir-Rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ġew meqjusa meta twettqet HTA nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' informazzjoni mill-Istati Membri, tiġbor fil-qosor l-użu tar-rapporti dwar il-valutazzjoni klinika konġunta fil-HTA fil-livell tal-Istati Membri u tippubblika rapport dwar dik il-ħarsa ġenerali fuq il-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30 fi tmiem kull sena biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 14*

**Aġġornamenti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jwettaq aġġornamenti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti meta r-rapport inizjali dwar il-valutazzjoni klinika konġunta jkun speċifika l-ħtieġa ta' aġġornament meta ssir disponibbli evidenza addizzjonali għal valutazzjoni ulterjuri.

2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni jista' jwettaq aġġornamenti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti meta ssir talba għal dan minn membru wieħed jew aktar mill-membri tiegħu u meta tkun disponibbli evidenza klinika ġdida. Meta jkun qed iħejji l-programm ta' ħidma annwali, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jista' jirrieżamina u jiddeċiedi jekk hemmx il-ħtieġa ta' aġġornamenti għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti.

3. L-aġġornamenti għandhom jitwettqu skont l-istess rekwiżiti stabbiliti skont dan ir-Regolament għall-valutazzjoni klinika konġunta u r-regoli ta' proċedura stabbiliti skont l-Artikolu 15(1).

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jwettqu aġġornamenti nazzjonali tal-valutazzjonijiet tat-teknoloġiji tas-saħħa li jkunu ġew soġġetti għal valutazzjoni klinika konġunta. Il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għandhom jinfurmaw lill-Grupp ta' Koordinazzjoni qabel ma jinbdew dawn l-aġġornamenti. Fejn il-ħtieġa ta' aġġornament tikkonċerna aktar minn Stat Membru wieħed, il-membri kkonċernati jistgħu jitolbu lill-Grupp ta' Koordinazzjoni biex iwettaq aġġornament konġunt skont il-paragrafu 2.

5. Ladarba jiġu konklużi, l-aġġornamenti nazzjonali għandhom jiġu kondiviżi mal-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30.

*Artikolu 15*

**Adozzjoni ta' Regoli ta' proċedura dettaljati għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli ta' proċedura dettaljati għal:

(a) il-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar it-tħejjija u l-aġġornament tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti tal-prodotti mediċinali;

(b) il-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, mal-korpi nnotifikati u l-gruppi ta' esperti dwar it-tħejjija u l-aġġornament tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti tal-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*;

(c) l-interazzjoni, inkluż it-twaqqit tagħha, ma' u bejn il-Grupp ta' Koordinazzjoni, is-sottogruppi tiegħu u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa, il-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra matul il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-aġġornamenti.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

*TAQSIMA 2*

***Konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti***

*Artikolu 16*

**Prinċipji ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jwettaq konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti sabiex jiskambja informazzjoni mal-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa dwar il-pjanijiet ta' żvilupp tagħhom għal teknoloġija tas-saħħa partikolari. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom jiffaċilitaw il-ġenerazzjoni ta' evidenza li tissodisfa r-rekwiżiti probabbli tal-evidenza ta' valutazzjoni klinika konġunta sussegwenti dwar dik it-teknoloġija tas-saħħa. Il-konsultazzjoni xjentifika konġunta għandha tinkludi laqgħa mal-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa u għandha tirriżulta f'dokument ta' eżitu li jiddeskrivi r-rakkomandazzjoni xjentifika magħmula. Il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti għandhom b'mod partikolari jikkonċernaw l-aspetti rilevanti kollha tad-disinn tal-istudju kliniku jew l-aspetti tad-disinn tal-investigazzjoni klinika, inkluż komparaturi, interventi, eżiti tas-saħħa, u popolazzjonijiet tal-pazjenti. Meta jsiru konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti dwar teknoloġiji tas-saħħa għajr prodotti mediċinali, għandhom jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' dawk it-teknoloġiji tas-saħħa.

2. Teknoloġija tas-saħħa għandha tkun eliġibbli għal konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fejn x'aktarx tkun is-suġġett ta' valutazzjoni klinika konġunta skont l-Artikolu 7(1) u fejn l-istudji kliniċi u l-investigazzjonijiet kliniċi jkunu għadhom fl-istadju tal-ippjanar.

3. Id-dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta ma għandu jwassal għal ebda effett legali fuq l-Istati Membri, fuq il-Grupp ta' Koordinazzjoni jew fuq l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa. Il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti ma għandhomx jippreġudikaw il-valutazzjoni klinika konġunta li tista' titwettaq fuq l-istess teknoloġija tas-saħħa.

4. Fejn Stat Membru jwettaq konsultazzjoni xjentifika nazzjonali dwar teknoloġija tas-saħħa li kienet is-suġġett ta' konsultazzjoni xjentifika konġunta, sabiex jikkomplementaha jew biex jindirizza kwistjonijiet speċifiċi għall-kuntest relatati mas-sistema nazzjonali ta' HTA, il-membru tal-Grupp ta' Koordinazzjoni kkonċernat għandu jinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar dan permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30.

5. Il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti dwar prodotti mediċinali jistgħu jitwettqu b'mod parallel mal-parir xjentifiku mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini skont l-Artikolu 57(1), punt (n), tar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Tali konsultazzjonijiet paralleli għandhom jinvolvu l-iskambju ta' informazzjoni u jkollhom twaqqit sinkronizzat, filwaqt li jippreservaw is-separazzjoni tal-mandati rispettivi tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti dwar l-apparati mediċi jistgħu jsiru b'mod parallel mal-konsultazzjoni tal-gruppi ta' esperti skont l-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) 2017/745.

*Artikolu 17*

**Talbiet għal konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti**

1. Għat-teknoloġiji tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 16(2), l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jistgħu jitolbu konsultazzjoni xjentifika konġunta.

2. L-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa tal-prodotti mediċinali jistgħu jitolbu li l-konsultazzjoni xjentifika konġunta titwettaq b'mod parallel mal-proċess tal-għoti ta' parir xjentifiku mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. F'każ bħal dan, l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa għandu jagħmel it-talba għal parir xjentifiku lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini meta jippreżenta t-talba għall-konsultazzjoni xjentifika konġunta. L-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa tal-apparati mediċi jistgħu jitolbu li l-konsultazzjoni xjentifika konġunta ssir b'mod parallel mal-konsultazzjoni ta' grupp ta' esperti. F'każ bħal dan, meta jippreżenta t-talba għal konsultazzjoni xjentifika konġunta, l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa jista' jagħmel it-talba għal konsultazzjoni mal-grupp ta' esperti, fejn opportun.

3. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jippubblika d-dati tal-perijodi ta' talba u jiddikjara l-għadd ippjanat ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti għal kull wieħed minn dawk il-perijodi ta' talba fuq il-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30. Fi tmiem kull perijodu ta' talba, fejn l-għadd ta' talbiet eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti ppjanati, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jagħżel it-teknoloġiji tas-saħħa li għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti biex b'hekk jiġi żgurat it-trattament ugwali tat-talbiet li jikkonċernaw it-teknoloġiji tas-saħħa b'indikazzjonijiet intenzjonati simili. Il-kriterji għall-għażla mit-talbiet eliġibbli għal prodotti mediċinali u apparati mediċi għandhom ikunu:

(a) ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati;

(b) li l-prodotti u l-apparati jkunu mill-aktar innovattivi;

(c) l-impatt potenzjali fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika, jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa;

(d) id-dimensjoni transfruntiera sinifikanti;

(e) il-valur miżjud ewlieni fl-Unjoni kollha; jew

(f) il-prijoritajiet kliniċi tar-riċerka tal-Unjoni.

4. Fi żmien 15-il jum wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' talba, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa li jkun qiegħed jagħmel it-talba jekk huwiex ser iwettaq il-konsultazzjoni xjentifika konġunta. Meta l-Grupp ta' Koordinazzjoni jirrifjuta t-talba, huwa għandu jinforma lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa b'dan u jispjega r-raġunijiet tiegħu, filwaqt li jqis il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3.

*Artikolu 18*

**Tħejjija tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti dokument ta' eżitu**

1. Wara li tiġi aċċettata talba għal konsultazzjoni xjentifika konġunta skont l-Artikolu 17, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jibda l-konsultazzjoni xjentifika konġunta billi jinnomina sottogrupp għall-konsultazzjoni xjentifika konġunta. Il-konsultazzjoni xjentifika konġunta għandha titwettaq skont ir-rekwiżiti u l-proċeduri stabbiliti skont l-Artikolu 3(7), punt (f), u l-Artikoli 20 u 21.

2. L-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa għandu jippreżenta dokumentazzjoni aġġornata li fiha l-informazzjoni meħtieġa għall-konsultazzjoni xjentifika konġunta, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 21, punt (b), fl-iskeda ta' żmien stabbilita skont l-Artikolu 3(7), punt (f).

3. Is-sottogrupp innominat għandu jaħtar, minn fost il-membri tiegħu, assessur u koassessur minn Stati Membri differenti biex imexxu l-konsultazzjoni xjentifika konġunta. Il-ħatriet għandhom iqisu l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ għall-konsultazzjoni.

4. L-assessur, bl-assistenza tal-koassessur, għandu jħejji l-abbozz ta' dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu u f'konformità mad-dokumenti ta' gwida u r-regoli ta' proċedura stabbiliti skont l-Artikolu 3(7), punti (d) u (f), u l-Artikolu 20. Għal prodotti mediċinali, f'konformità mal-istandards internazzjonali ta' mediċina bbażata fuq l-evidenza, għandhom jiġu rakkomandati kull meta jkun xieraq, studji kliniċi komparattivi direttament li jkunu aleatorji, mgħammda u li jinkludu grupp ta' kontroll.

5. Il-membri tas-sottogrupp innominat għandu jkollhom l-opportunità li jipprovdu l-kummenti tagħhom matul it-tħejjija tal-abbozz ta' dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta. Il-membri tas-sottogrupp innominat jista', kif xieraq, jipprovdi rakkomandazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-Istat Membru individwali tagħhom.

6. Is-sottogrupp innominat għandu jiżgura li l-pazjenti, l-esperti kliniċi u l-esperti rilevanti oħra jingħataw opportunità li jagħmlu kontribut matul it-tħejjija tal-abbozz ta' dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta.

7. Is-sottogrupp innominat għandu jorganizza laqgħa wiċċ imb'wiċċ jew virtwali għal skambju ta' fehmiet mal-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa u pazjenti, esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra.

8. Fejn il-konsultazzjoni xjentifika konġunta titwettaq b'mod parallel mat-tħejjija ta' parir xjentifiku mogħti mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini jew il-konsultazzjoni ta' grupp ta' esperti, ir-rappreżentanti tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini jew tal-grupp ta' esperti, rispettivament, għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħa, biex tiġi ffaċilitata kif xieraq il-koordinazzjoni.

9. Wara l-wasla u l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kumment jew kontribut ipprovdut f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-assessur, bl-assistenza tal-koassessur, għandu jiffinalizza l-abbozz tad-dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta.

10. L-assessur, bl-assistenza tal-koassessur, għandu jqis il-kummenti li jkunu waslu matul it-tħejjija tad-dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta, u jippreżenta l-abbozz finali tiegħu, inkluż kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-Istati Membri individwali, lill-Grupp ta' Koordinazzjoni.

*Artikolu 19*

**Approvazzjoni tad-dokumenti dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta**

1. L-abbozz finalizzat tad-dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni skont l-iskeda ta' żmien stabbilita skont l-Artikolu 3(7), punt (f).

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokument dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta lill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa li jkun qed jagħmel it-talba mhux aktar tard minn 10 ijiem ta' xogħol wara l-finalizzazzjoni tiegħu.

3. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jinkludi informazzjoni sommarja anonimizzata, aggregata u mhux kunfidenzjali dwar il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, inkluż dwar il-kummenti li waslu matul it-tħejjija tagħhom, fir-rapporti annwali tiegħu u fuq il-paġna web li hija aċċessibbli għall-pubbliku tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30(1), punt (a).

*Artikolu 20*

**Adozzjoni ta' regoli ta' proċedura dettaljati għall-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti**

1. Wara li tkun ikkonsultat il-Grupp ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli ta' proċedura dettaljati għal:

(a) il-preżentazzjoni ta' talbiet mill-iżviluppaturi tat-teknoloġiji tas-saħħa;

(b) l-għażla u l-konsultazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u pazjenti, esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra fl-ambitu ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti;

(c) il-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fir-rigward ta' konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti dwar il-prodotti mediċinali fejn żviluppatur tat-teknoloġiji tas-saħħa jitlob li l-konsultazzjoni ssir b'mod parallel ma' proċess għal parir xjentifiku mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;

(d) il-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, mal-gruppi ta' esperti dwar il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti dwar apparati mediċi fejn żviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa jitlob li l-konsultazzjoni ssir b'mod parallel mal-konsultazzjoni ta' dawk il-gruppi ta' esperti.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

*Artikolu 21*

**Format u mudelli tad-dokumenti ta' preżentazzjoni u ta' eżitu għal konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti**

Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jistabbilixxi, f'konformità mar-regoli ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 20(1), punt (a), il-format u l-mudelli ta':

(a) it-talbiet mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa għall-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti;

(b) id-dossiers tal-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra li jridu jiġu ppreżentati mill-iżviluppaturi tat-teknoloġiji tas-saħħa għall-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti;

(c) dokumenti dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni xjentifika konġunta.

TAQSIMA 3

***TEKNOLOĠIJI TAS-SAĦĦA EMERĠENTI***

*Artikolu 22*

**Identifikazzjoni ta' teknoloġiji tas-saħħa emerġenti**

1. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jiżgura t-tħejjija ta' rapporti dwar it-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti li huma mistennija li jkollhom impatt kbir fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawk ir-rapporti għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-impatt kliniku stmat u l-konsegwenzi organizzattivi u finanzjarji potenzjali tat-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti għas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali.

2. It-tħejjija tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq rapporti xjentifiċi eżistenti jew inizjattivi dwar teknoloġiji tas-saħħa emerġenti u informazzjoni minn sorsi rilevanti inkluż:

(a) reġistri ta' studji kliniċi u rapporti xjentifiċi;

(b) l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fir-rigward ta' preżentazzjonijiet futuri ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali msemmija fl-Artikolu 7(1);

(c) il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku;

(d) l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa dwar it-teknoloġiji tas-saħħa li qed jiżviluppaw;

(e) membri tan-network ta' partijiet ikkonċernati msemmi fl-Artikolu 29.

3. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni jista' jikkonsulta mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li mhumiex membri tan-network tal-partijiet ikkonċernati msemmi fl-Artikolu 29 u esperti rilevanti oħra, kif xieraq.

TAQSIMA 4

***Kooperazzjoni volontarja fil-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa***

*Artikolu 23*

**Kooperazzjoni volontarja**

1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni xjentifika bejn l-Istati Membri dwar:

(a) il-valutazzjonijiet mhux kliniċi dwar it-teknoloġiji tas-saħħa;

(b) il-valutazzjonijiet kollaborattivi dwar apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*;

(c) il-HTAs ta' teknoloġiji tas-saħħa għajr il-prodotti mediċinali, l-apparati mediċi, jew l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*;

(d) l-għoti ta' evidenza addizzjonali meħtieġa biex tappoġġa l-HTAs, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji tas-saħħa għall-użu ħanin u t-teknoloġiji tas-saħħa obsoleti;

(e) il-valutazzjonijiet kliniċi tat-teknoloġiji tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 7 li għalihom tkun għadha ma bdietx valutazzjoni klinika konġunta u tat-teknoloġiji tas-saħħa mhux imsemmija f'dak l-Artikolu, b'mod partikolari t-teknoloġiji tas-saħħa li għalihom ir-rapport dwar it-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti msemmi fl-Artikolu 22 ikun ikkonkluda li huma mistennija li jkollhom impatt kbir fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jintuża biex jiffaċilita l-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, punti (b) u (c) ta' dan l-Artikolu tista' titwettaq bl-użu tar-regoli ta' proċedura stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3(7) u l-Artikoli 15 u 25 u bl-użu tal-format u l-mudelli stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 26.

4. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi inkluża fil-programmi ta' ħidma annwali tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u r-riżultati tal-kooperazzjoni għandhom jiġu inklużi fir-rapporti annwali tiegħu u fil-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30.

5. L-Istati Membri, permezz tal-membru maħtur tagħhom fil-Grupp ta' Koordinazzjoni, jistgħu jikkondividu mal-Grupp ta' Koordinazzjoni, permezz tal-Pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30, ir-rapporti ta' valutazzjoni nazzjonali dwar teknoloġija tas-saħħa mhux imsemmija fl-Artikolu 7, b'mod partikolari dwar it-teknoloġiji tas-saħħa li għalihom ir-rapport dwar it-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti msemmi fl-Artikolu 22 ikun ikkonkluda li huma mistennija li jkollhom impatt kbir fuq il-pazjenti, is-saħħa pubblika jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

(6) L-Istati Membri jistgħu jużaw gwida metodoloġika żviluppata skont l-Artikolu 3(7), punt (d), għall-fini ta' valutazzjonijiet nazzjonali.

KAPITOLU III

**REGOLI ĠENERALI GĦALL-VALUTAZZJONIJIET KLINIĊI KONĠUNTI**

*Artikolu 24*

**Rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi nazzjonali**

Meta HTA, jew l-aġġornament tagħha, titwettaq minn Stat Membru dwar teknoloġija tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 7(1), dak l-Istat Membru, permezz tal-membru maħtur tiegħu fil-Grupp ta' Koordinazzjoni, għandu jipprovdi r-rapport ta' valutazzjoni nazzjonali dwar dik it-teknoloġija tas-saħħa lill-Grupp ta' Koordinazzjoni permezz tal-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30 fi żmien 30 jum mit-tlestija tiegħu.

*Artikolu 25*

**Regoli ta' proċedura ġenerali**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli ta' proċedura ġenerali:

(a) li jiżguraw li l-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, is-sottogruppi tiegħu, kif ukoll il-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra jieħdu sehem fil-valutazzjonijiet kliniċi konġunti b'mod indipendenti u trasparenti, mingħajr kunflitt ta' interess;

(b) dwar l-għażla u l-konsultazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-pazjenti, l-esperti kliniċi u esperti rilevanti oħra fil-valutazzjonijiet kliniċi konġunti fil-livell tal-Unjoni.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

*Artikolu 26*

**Format u mudelli tad-dokumenti ta' preżentazzjoni u ta' rapportar**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-format u l-mudelli fir-rigward ta':

(a) id-dossiers tal-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra li jridu jiġu pprovduti mill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti;

(b) ir-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti;

(c) is-sommarju tar-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

KAPITOLU IV

**QAFAS TA' APPOĠĠ**

*Artikolu 27*

**Finanzjament mill-Unjoni**

1. L-Unjoni għandha tiżgura l-finanzjament tal-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u tas-sottogruppi tiegħu, u tal-attivitajiet għall-appoġġ ta' dik il-ħidma li jinvolvu l-kooperazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, mal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku, mal-gruppi ta' esperti u man-network tal-partijiet ikkonċernati msemmi fl-Artikolu 29. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-attivitajiet skont dan ir-Regolament għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]).

2. Il-finanzjament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi finanzjament għall-parteċipazzjoni tal-membri nnominati mill-Istati Membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u tas-sottogruppi tiegħu b'appoġġ għall-ħidma fuq il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, inkluż l-iżvilupp ta' gwida metodoloġika, u dwar l-identifikazzjoni ta' teknoloġiji tas-saħħa emerġenti. L-assessuri u l-koassessuri għandhom ikunu intitolati għal indennizz speċjali li jikkumpensahom għall-ħidma tagħhom fuq il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti f'konformità mar-regoli interni tal-Kummissjoni.

([17]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

*Artikolu 28*

**Appoġġ tal-kummissjoni għall-grupp ta' koordinazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u taġixxi bħala s-segretarjat tiegħu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha:

(a) tospita fil-bini tagħha l-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u tas-sottogruppi tiegħu;

(b) tiddeċiedi dwar kunflitt ta' interess f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 u fir-regoli proċedurali ġenerali li għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 25(1), punt (a);

(c) titlob id-dossier mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa f'konformità mal-Artikolu 10;

(d) tissorvelja l-proċeduri għall-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar ksur possibbli tagħhom;

(e) tipprovdi appoġġ amministrattiv, tekniku u tal-IT;

(f) tistabbilixxi u żżomm il-pjattaforma tal-IT skont l-Artikolu 30;

(g) tippubblika l-informazzjoni u d-dokumenti, inkluż il-programmi ta' ħidma annwali tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, ir-rapporti annwali, il-minuti sommarji tal-laqgħat tiegħu, u r-rapporti u r-rapporti sommarji tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti fuq il-pjattaforma tal-IT, f'konformità mal-Artikolu 30;

(h) tiffaċilita l-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar il-ħidma konġunta msemmija f'dan ir-Regolament relatata mal-prodotti mediċinali inkluż il-kondiviżjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali;

(i) tiffaċilita l-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, mal-gruppi ta' esperti u l-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku dwar il-ħidma konġunta msemmija f'dan ir-Regolament relatata mal-apparati mediċi u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, inkluż il-kondiviżjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

*Artikolu 29*

**Network tal-partijiet ikkonċernati**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network tal-partijiet ikkonċernati. In-network tal-partijiet ikkonċernati għandu jappoġġa l-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u tas-sottogruppi tiegħu fuq talba.

2. In-network tal-partijiet ikkonċernati għandu jiġi stabbilit permezz ta' sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet indirizzata lill-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati eliġibbli kollha, b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-qasam tas-saħħa, l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa u l-professjonisti tas-saħħa. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiġu stabbiliti fis-sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet u għandhom jinkludu:

(a) prova tal-impenn attwali jew ippjanat fl-iżvilupp tal-HTA;

(b) għarfien espert professjonali rilevanti għan-network tal-partijiet ikkonċernati;

(c) kopertura ġeografika ta' diversi Stati Membri;

(d) kapaċitajiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni.

3. L-organizzazzjonijiet li japplikaw biex isiru parti min-network tal-partijiet ikkonċernati għandhom jiddikjaraw is-sħubija u s-sorsi ta' finanzjament tagħhom. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li jipparteċipaw fl-attivitajiet tan-network tal-partijiet ikkonċernati għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess finanzjarju jew interess ieħor fis-settur industrijali tal-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa li jista' jaffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom.

4. Il-lista tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati inklużi fin-network tal-partijiet ikkonċernati, id-dikjarazzjonijiet ta' dawk l-organizzazzjonijiet dwar is-sħubija u s-sorsi ta' finanzjament tagħhom, u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq il-pjattaforma tal-IT imsemmija fl-Artikolu 30.

5. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jiltaqa' man-network tal-partijiet ikkonċernati mill-inqas darba fis-sena sabiex:

(a) jaġġorna lill-partijiet ikkonċernati dwar il-ħidma konġunta tal-Grupp ta' Koordinazzjoni inkluż l-output prinċipali tiegħu;

(b) jiġi previst skambju tal-informazzjoni.

6. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni jista' jistieden membri tan-network tal-partijiet ikkonċernati biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi.

*Artikolu 30*

**Pjattaforma tal-IT**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm pjattaforma tal-IT li tkun tikkonsisti minn:

(a) paġna web aċċessibbli mill-pubbliku;

(b) intranet sigur għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu;

(c) sistema sigura għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Grupp ta' Koordinazzjoni u s-sottogruppi tiegħu mal-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa u l-esperti li jipparteċipaw fil-ħidma konġunta msemmija f'dan ir-Regolament, kif ukoll mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Apparat Mediku;

(d) sistema sigura għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tan-network tal-partijiet ikkonċernati.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura livelli xierqa ta' aċċess għall-informazzjoni fil-pjattaforma tal-IT għall-Istati Membri, il-membri tan-network tal-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali.

3. Il-paġna web aċċessibbli għall-pubbliku għandu jkun fiha, b'mod partikolari:

(a) lista aġġornata tal-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni u r-rappreżentanti maħturin tagħhom, flimkien mal-kwalifiki u l-oqsma ta' għarfien speċjalizzat tagħhom u d-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess tagħhom wara l-finalizzazzjoni tal-ħidma konġunta;

(b) lista aġġornata tal-membri tas-sottogruppi u r-rappreżentanti maħturin tagħhom, flimkien mal-kwalifiki u l-oqsma ta' għarfien speċjalizzat tagħhom u d-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess tagħhom wara l-finalizzazzjoni tal-ħidma konġunta;

(c) ir-regoli ta' proċedura tal-Grupp ta' Koordinazzjoni;

(d) id-dokumentazzjoni kollha taħt l-Artikolu 9(1), l-Artikolu 10(2) u (5) u l-Artikolu 11(1) fil-mument li jiġi ppubblikat r-rapport dwar il-valutazzjoni klinika konġunta, taħt l-Artikolu 10(7) f'każ li l-valutazzjoni klinika konġunta tkun twaqqfet, u taħt l-Artikoli 15, 25 u 26;

(e) l-aġendi u l-minuti sommarji tal-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, inkluż id-deċiżjonijiet adottati u r-riżultati tal-votazzjoni;

(f) il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-partijiet ikkonċernati;

(g) il-programmi ta' ħidma annwali u r-rapporti annwali;

(h) informazzjoni dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ppjanati, li għaddejjin u li tlestew, inkluż l-aġġornamenti mwettqa f'konformità mal-Artikolu 14;

(i) ir-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti meqjusin konformi proċeduralment f'konformità mal-Artikolu 12, flimkien mal-kummenti kollha li waslu matul it-tħejjija tagħhom;

(j) informazzjoni dwar ir-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-valutazzjonijiet kliniċi msemmija fl-Artikolu 13(2), inkluż informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar kif ir-rapporti tal-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ġew ikkunsidrati fil-livell nazzjonali, u l-Artikolu 24;

(k) informazzjoni sommarja anonimizzata, aggregata u mhux kunfidenzjali dwar il-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti;

(l) l-istudji dwar l-identifikazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti;

(m) informazzjoni anonimizzata, aggregata u mhux kunfidenzjali mir-rapporti dwar it-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti msemmija fl-Artikolu 22;

(n) ir-riżultati tal-kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri mwettqa skont l-Artikolu 23;

(o) meta valutazzjoni klinika konġunta titwaqqaf, id-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 10(6), li tinkludi lista tal-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra li ma ġewx ippreżentati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa;

(p) ir-rieżami proċedurali tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(3);

(q) proċeduri operattivi standard u gwida rigward l-assigurazzjoni tal-kwalità skont l-Artikolu 4(2) u (3);

(r) il-lista tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati inklużi fin-network tal-partijiet ikkonċernati, flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' dawk l-organizzazzjonijiet dwar is-sħubija u s-sorsi ta' finanzjament tagħhom, u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tar-rappreżentanti tagħhom, skont l-Artikolu 29(4).

*Artikolu 31*

**Evalwazzjoni u rapportar**

1. Mhux aktar tard mit-13 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jiffoka fuq ir-rieżami ta':

(a) il-valur miżjud għall-Istati Membri tal-ħidma konġunta mwettqa skont il-Kapitolu II u, b'mod partikolari, jekk it-teknoloġiji tas-saħħa soġġetti għal valutazzjonijiet kliniċi konġunti f'konformità mal-Artikolu 7 u l-kwalità ta' dawk il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti jikkorrispondux għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri;

(b) in-nonduplikazzjoni tat-talba għal informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra għal valutazzjoni klinika konġunta f'termini ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa;

(c) il-funzjonament tal-qafas ta' appoġġ stipulat f'dan il-Kapitolu u, b'mod partikolari, jekk hemmx il-ħtieġa li jiġi introdott mekkaniżmu għall-ħlas ta' tariffi li permezz tiegħu l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa jikkontribwixxu wkoll għall-finanzjament tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti.

2. Mhux aktar tard mit-13 ta' Jannar 2027, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, dwar il-konsiderazzjoni ta' ħidma konġunta skont il-Kapitolu II fil-proċessi ta' HTA nazzjonali tagħhom, inkluż il-mod kif ir-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ġew ikkunsidrati fit-twettiq tal-HTAs nazzjonali skont l-Artikolu 13(2) u l-ammont ta' xogħol tal-Grupp ta' Koordinazzjoni. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll dwar jekk qisux gwida metodoloġika żviluppata skont l-Artikolu 3(7), punt (d), għall-fini tal-valutazzjonijiet nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 23(6).

3. Fit-tħejjija tar-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Grupp ta' Koordinazzjoni u tuża:

(a) l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 2;

(b) ir-rapporti dwar teknoloġiji tas-saħħa emerġenti mħejjija f'konformità mal-Artikolu 22;

(c) l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 13(2) u 14(4).

4. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva bbażata fuq dak ir-rapport sabiex jiġi aġġornat dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 32*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 9(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mill-11 ta' Jannar 2022.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 9(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 33*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 34*

**Tħejjija ta' atti ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 15, 20, 25 u 26 mhux aktar tard mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Meta tkun qed tħejji u timplimenta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-karatteristiċi distintivi tas-setturi tal-prodotti mediċinali, tal-apparati mediċi u tal-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*.

*Artikolu 35*

**Emendar tad-Direttiva 2011/24/UE**

1. L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/24/UE huwa mħassar.

2. Ir-referenzi għall-Artikolu mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 36*

**Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mit-12 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-15 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | A. LOGAR |

*ANNESS I*

**Speċifikazzjonijiet tad-dossier għall-prodotti mediċinali**

Id-dossier imsemmi fl-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja għall-prodotti mediċinali:

(a) id-data dwar is-sikurezza klinika u l-effikaċja inkluża fil-fajl ta' preżentazzjoni mibgħuta lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;

(b) l-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra aġġornati kollha, ippubblikati u mhux ippubblikati, kif ukoll ir-rapporti ta' studju u l-protokolli ta' studju u l-pjanijiet ta' analiżi minn studji bil-prodott mediċinali li għalih l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa kien sponsor u l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-istudji li għaddejjin jew li twaqqfu bil-prodott mediċinali li għalih l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa huwa sponsor jew involut finanzjarjament b'mod ieħor, u informazzjoni korrispondenti dwar studji minn partijiet terzi jekk disponibbli, rilevanti għall-ambitu tal-valutazzjoni kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 8(6), inkluż ir-rapporti dwar l-istudji kliniċi u l-protokolli tal-istudji kliniċi, jekk disponibbli għall-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa;

(c) ir-rapporti tal-HTA dwar it-teknoloġija tas-saħħa soġġetta għall-valutazzjoni klinika konġunta;

(d) l-informazzjoni dwar studji bbażati fuq ir-reġistri;

(e) jekk teknoloġija tas-saħħa tkun ġiet soġġetta għal konsultazzjoni xjentifika konġunta, spjegazzjoni mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa dwar kwalunkwe devjazzjoni mill-evidenza rakkomandata;

(f) il-karatterizzazzjoni tal-kundizzjoni medika li għandha tiġi ttratta inkluż il-popolazzjoni tal-pazjenti fil-mira;

(g) il-karatterizzazzjoni tal-prodott mediċinali li qed jiġi vvalutat;

(h) il-mistoqsija ta' riċerka elaborata fid-dossier ta' preżentazzjoni, li tirrifletti l-ambitu tal-valutazzjoni kif stabbilit skont l-Artikolu 8(6);

(i) id-deskrizzjoni tal-metodi użati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa fl-iżvilupp tal-kontenut tad-dossier;

(j) ir-riżultati tal-irkupru ta' informazzjoni;

(k) il-karatteristiċi tal-istudji inklużi;

(l) ir-riżultati dwar l-effettività u s-sikurezza tal-intervent li jkun qed jiġi vvalutat u tal-komparatur;

(m) id-dokumentazzjoni sottostanti rilevanti relatata mal-punti (f) sa (l).

*ANNESS II*

**Speċifikazzjonijiet tad-dossier għall-apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi in vitro**

1. Għall-apparati mediċi, id-dossier imsemmi fl-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi:

(a) ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-evalwazzjoni klinika;

(b) id-dokumentazzjoni tal-evalwazzjoni klinika tal-manifattur ippreżentata lill-korp notifikat skont it-Taqsima 6.1, punti (c) u (d) tal-Anness II għar-Regolament (UE) 2017/745;

(c) l-opinjoni xjentifika pprovduta mill-gruppi ta' esperti rilevanti fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni tal-evalwazzjoni klinika;

(d) l-informazzjoni, data, analiżijiet u evidenza oħra aġġornati kollha, ippubblikati u mhux ippubblikati, kif ukoll ir-rapporti dwar l-istudji u l-protokolli tal-istudji kliniċi u l-pjanijiet ta' analiżi minn studji kliniċi bl-apparat mediku li għalih l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa kien sponsor u l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-istudji kliniċi li għaddejjin jew li twaqqfu bl-apparat mediku li għalih l-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa huwa sponsor jew involut finanzjarjament b'mod ieħor, u informazzjoni korrispondenti dwar studji kliniċi minn partijiet terzi jekk disponibbli, rilevanti għall-ambitu tal-valutazzjoni kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 8(6), inkluż ir-rapporti dwar l-istudji kliniċi u l-protokolli tal-istudji kliniċi, jekk disponibbli għall-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa;

(e) ir-rapporti tal-HTA dwar it-teknoloġija tas-saħħa soġġetta għal valutazzjoni klinika konġunta, fejn xieraq;

(f) id-data mir-reġistri dwar l-apparat mediku u informazzjoni dwar l-istudji bbażati fuq ir-reġistri;

(g) jekk teknoloġija tas-saħħa tkun ġiet soġġetta għal konsultazzjoni xjentifika konġunta, spjegazzjoni mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa dwar kwalunkwe devjazzjoni mill-evidenza rakkomandata;

(h) il-karatterizzazzjoni tal-kundizzjoni medika li għandha tiġi ttratta, inkluż il-popolazzjoni tal-pazjenti fil-mira;

(i) il-karatterizzazzjoni tal-apparat mediku li jkun qed jiġi vvalutat, inkluż l-istruzzjonijiet għall-użu tiegħu;

(j) il-mistoqsija ta' riċerka elaborata fid-dossier ta' preżentazzjoni, li tirrifletti l-ambitu tal-valutazzjoni kif stabbilit skont l-Artikolu 8(6);

(k) id-deskrizzjoni tal-metodi użati mill-iżviluppatur tat-teknoloġija tas-saħħa fl-iżvilupp tal-kontenut tad-dossier;

(l) ir-riżultati tal-irkupru ta' informazzjoni;

(m) il-karatteristiċi tal-istudji inklużi.

2. Għall-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*, id-dossier imsemmi fl-Artikolu 9(2) u (3) ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi:

(a) ir-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-manifattur;

(b) id-dokumentazzjoni tal-manifattur dwar l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, imsemmija fit-Taqsima 6.2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) 2017/746;

(c) l-opinjoni xjentifika pprovduta mill-gruppi ta' esperti rilevanti fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni;

(d) ir-rapport tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/2283

## tal-20 ta' Diċembru 2021

## li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-produzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali fl-Unjoni mhijiex biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fl-Unjoni. Bħala konsegwenza, il-provvisti tal-Unjoni ta' dawk il-prodotti tiddependi fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li r-rekwiżiti l-aktar urġenti tal-Unjoni għall-prodotti kkonċernati jintlaħqu immedjatament bil-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli. Għalhekk jenħtieġ li jinfetħu l-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni ("kwoti") b'rati tal-kwota tad–dazju preferenzjali fi ħdan il-limiti tal-volumi tal-kwoti xierqa, filwaqt li titqies il-ħtieġa li ma jħarbtux is-swieq ta' tali prodotti jew jimpedixxu l-istabbiliment jew l-iżvilupp tal-produzzjoni fl-Unjoni.

(2) Huwa neċessarju li jkun żgurat aċċess ugwali u mingħajr interruzzjoni għall-kwoti għall-importaturi kollha fl-Unjoni, u li tkun żgurata l-applikazzjoni mingħajr interruzzjoni tar-rati tal-kwota tad-dazju stipulati għal dawk il-kwoti għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotti kkonċernati fl-Istati Membri kollha sakemm ikunu ġew eżawriti l-kwoti.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 [1] jipprevedi sistema ta' ġestjoni għall-kwoti li tiggarantixxi l-aċċess ekwu u mingħajr interruzzjoni għall-kwoti u l-applikazzjoni mingħajr interruzzjoni tar-rati tal-kwota tad-dazju, u li ssegwi l-ordni kronoloġika tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Jenħtieġ li l-kwoti miftuħa b'dan ir-Regolament jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità ma' dik is-sistema.

(4) Fil-parti l-kbira tagħhom, il-volumi tal-kwoti huma espressi f'unitajiet supplimentari tal-piż. Għal ċerti prodotti li għalihom infetħet kwota, il-volum tal-kwota huwa stabbilit f'unità supplimentari oħra. Meta ma tkun speċifikata l-ebda unità supplimentari għal dawk il-prodotti fin-Nomeklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [2] (in-"Nomenklatura Magħquda"), jista' jkun hemm inċertezza fir-rigward tal-unità supplimentari użata. Minħabba raġunijiet ta' ċarezza u fl-interess tal-ġestjoni aħjar tal-kwoti, huwa għalhekk neċessarju li jkun stipulat li, sabiex jinkiseb il-benefiċċju minn dawk il-kwoti, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati tiġi inserita fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera bl-użu tal-unità supplimentari tal-volum tal-kwoti stipulat għal dawk il-prodotti f'dan ir-Regolament.

---

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

(5) Huwa neċessarju li jiġi ċċarat li kwalunkwe taħlita, preparat jew prodott magħmulin minn komponenti differenti li fihom prodotti soġġetti għal kwoti jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, peress li huma biss il-prodotti kif deskritti f'dan ir-Regolament li jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kwoti.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 ([3]) ġie emendat bosta drabi. Barra minn hekk, billi l-kodifikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ġiet aġġornata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 ([4]), ser ikun meħtieġ ħafna tibdil għar-Regolament (UE) Nru 1388/2013. Għalhekk, fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.

(7) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, biex jintlaħaq l-għan bażiku li jiġi promoss in-negozju bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, huwa neċessarju u jixraq li jiġu stabbiliti regoli sabiex jiġu bbilanċjati l-interessi kummerċjali differenti ta' operaturi ekonomiċi fl-Unjoni mingħajr ma tinbidel l-iskeda tal-Unjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jinkisbu dawk l-għanijiet, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(8) Sabiex tkun evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tal-kwoti u sabiex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi, jenħtieġ li l-kwoti għall-prodotti elenkati f'dan ir-Regolament japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022. Jenħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Għall-prodotti agrikoli u industrijali elenkati fl-Anness, għandhom jinfetħu kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni ("kwoti").

2. Fi ħdan il-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) huma sospiżi għall-perijodi tal-kwota, bir-rati tal-kwota tad-dazju u sal-volumi tal-kwota indikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikaw għall-ebda taħlita, preparat jew prodott magħmulin minn komponenti differenti li fihom il-prodotti elenkati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 għal dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

*Artikolu 3*

Meta ssir dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti li għalihom ġew previsti l-unitajiet supplimentari fl-Anness, il-kwantità preċiża tal-prodotti importati għandha tiddaħħal f'dik id-dikjarazzjoni bl-użu tal-unità supplimentari stipulata fl-Anness.

---

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 7/2010 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 319).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 385, 29.10.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013 jitħassar.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. VIZJAK

*ANNESS*

| Nru tal-Ordni | Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Il-perijodu tal-kwota | L-ammont tal-kwota | Rata tal-kwota tad-dazju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2637 | ex 0710 40 00<br>ex 2005 80 00 | 20<br>30 | Qamħirrum miċ-ċfaċagħ (*Zea Mays Saccharata*) imqatta' jew le, b'dijametru ta' 10 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 20 mm, biex jintuża fil-manifattura ta' prodotti tal-industrija tal-ikel għal trattament għajr għall-ippakkjar mill-ġdid sempliċi ([1]) ([2]) ([3]) | 1.1.-31.12. | 550 tunnellata | 0 % ([3]) |
| 09.2849 | ex 0710 80 69 | 10 | Faqqiegħ tal-ispeċi *Auricularia polytricha* (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel ([1]) ([2]) | 1.1.-31.12. | 700 tunnellata | 0 % |
| 09.2664 | ex 2008 60 39 | 30 | Ċirasa ħelwa li fiha spirtu miżjud, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 9 % f'piż, ta' dijametru ta' mhux aktar minn 19,9 mm bl-għadma, għall-użu fi prodotti taċ-ċikkulata ([1]) | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 10 % |
| 09.2740 | ex 2309 90 31 | 87 | Konċentrat tal-proteina tal-fażola tas-sojja f'piż:<br>— 60 % (± 10 %) ta' proteina mhux raffinata,<br>— 5 % (± 3 %) ta' fibra mhux raffinata,<br>— 5 % (± 3 %) ta' rmied mhux raffinat, u<br>— 3 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6,9 % ta' lamtu<br>għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-għalf tal-annimali ([1]) | 1.1.-31.12. | 30 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2913 | ex 2401 10 35<br>ex 2401 10 70<br>ex 2401 10 95<br>ex 2401 10 95<br>ex 2401 10 95<br>ex 2401 20 35<br>ex 2401 20 70<br>ex 2401 20 95<br>ex 2401 20 95<br>ex 2401 20 95 | 91<br>10<br>11<br>21<br>91<br>91<br>10<br>11<br>21<br>91 | Tabakk naturali mhux ipproċessat, kemm jekk imqatta' għal daqs regolari, kif ukoll jekk le, b'valur doganali ta' mhux anqas minn 450 EUR kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala binder jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-subintestatura 2402 10 00 ([1]) | 1.1.-31.12. | 6 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2586 | ex 2710 19 81<br>ex 2710 19 99 | 20<br>40 | Żejt ta' bażi idroisomerizzat b'mod katalitiku u mingħajr xama' magħmul minn idrokarburi idroġenati u isoparaffiniċi ħafna, li fihom:<br>— 90 % jew aktar f'piż ta' saturati, u<br>— mhux aktar minn 0,03 % f'piż ta' kubrit,<br>u<br>— b'indiċi ta' viskosità ta' 80 jew aktar, iżda inqas minn 120, u<br>— b'viskożita kinematika ta' 5,0 cSt f'100 °C jew aktar, iżda mhux aktar minn 13,0-il cSt f'100 °C | 1.1.-30.6. | 75 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2828 | 2712 20 90 | | Xema' bajda (tal-parafina) li fiha f'piż anqas minn 0,75 % żejt | 1.1.-31.12. | 100 000 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2600 | ex 2712 90 39 | 10 | Xema' ratba (slack wax) (CAS RN 64742-61-6) | 1.1.-31.12. | 100 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2578 | ex 2811 19 80 | 50 | Aċidu sulfamidiku (CAS RN 5329-14-6) b'purità f'piż ta' 95 % jew aktar, kemm jekk b'żieda ta' mhux aktar minn 5 % tal-antiagglomerant diossidu tas-siliċju (CAS RN 112926-00-8) u kemm jekk le | 1.1.-31.12. | 27 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2928 | ex 2811 22 00 | 40 | Materjal tal-mili tas-silika, f'forma ta' granuli, b'purità f'piż ta' 97 % jew aktar ta' diossidu tas-silikonju, | 1.1.-31.12. | 1 700 tunnellata | 0 % |
| 09.2806 | ex 2825 90 40 | 30 | Trijossidu tat-tangsten, inkl. ossidu tat-tangst. blu (CAS RN 1314-35-8 jew CAS RN 39318-18-8) | 1.1.-31.12. | 12 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2872 | ex 2833 29 80 | 40 | Sulfat taċ-ċesju (CAS RN 10294-54-9) f'forma solida jew bħala soluzzjoni milwiema li fiha f'piż 48 % jew aktar ta' sulfat taċ-ċesju iżda mhux iktar minn 52 % | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |
| 09.2567 | ex 2903 22 00 | 10 | Trikloroetilene (CAS RN 79-01-6) b'purità f'piż ta' 99 % jew iktar | 1.1.-31.12. | 11 885 000 kg | 0 % |
| 09.2837 | ex 2903 79 30 | 20 | Bromoklorometanu (CAS RN 74-97-5) | 1.1.-31.12. | 600 tunnellata | 0 % |
| 09.2933 | ex 2903 99 80 | 30 | 1,3-Diklorobenżen (CAS RN 541-73-1) | 1.1.-31.12. | 2 600 tunnellata | 0 % |
| 09.2700 | ex 2905 12 00 | 10 | Propan-1-ol (alkoħol propiliku) (CAS RN 71-23-8) | 1.1.-31.12. | 15 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2830 | ex 2906 19 00 | 40 | Ċiklopropilmetanol (CAS RN 2516-33-8) | 1.1.-31.12. | 20 tunnellata | 0 % |
| 09.2851 | ex 2907 12 00 | 10 | O-kresol (CAS RN 95-48-7) b'purezza ta' mhux anqas minn 98,5 % f'piż | 1.1.-31.12. | 20 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2704 | ex 2909 49 80 | 20 | 2,2,2',2'- tetrakis(idrossimetil)-3,3'- ossidipropan-1-ol (CAS RN 126-58-9) | 1.1.-31.12. | 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2565 | ex 2914 19 90 | 70 | Aċetilaċetonat tal-kalċju (CAS RN 19372-44-2) b'purità f'piż ta' 95 % jew aktar | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |
| 09.2852 | ex 2914 29 00 | 60 | Ċiklopropilmetilketon (CAS RN 765-43-5) | 1.1.-31.12. | 300 tunnellata | 0 % |
| 09.2638 | ex 2915 21 00 | 10 | Aċtu aċetiku (CAS RN 64-19-7) b'purità f'piż ta' 99 % jew aktar | 1.1.-31.12. | 1 000 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2679 | 2915 32 00 | | Aċetat tal-Vinil (CAS RN 108-05-4) | 1.1.-31.12. | 400 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2728 | ex 2915 90 70 | 85 | Etil trifluworoaċetat (CAS RN 383-63-1) | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |
| 09.2665 | ex 2916 19 95 | 30 | (E,E)-Eża-2,4-dienoat tal-potassju (CAS RN 24634-61-5) | 1.1.-31.12. | 8 250 tunnellata | 0 % |
| 09.2684 | ex 2916 39 90 | 28 | Klorur ta' 2,5-dimetilfenilaċetil (CAS RN 55312-97-5) | 1.1.-31.12. | 700 tunnellata | 0 % |
| 09.2599 | ex 2917 11 00 | 40 | Ossalat tad-dietil (CAS RN 95-92-1) | 1.1.-31.12. | 500 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2769 | ex 2917 13 90 | 10 | Sebakat tad-dimetil (CAS RN 106-79-6) | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2634 | ex 2917 19 80 | 40 | Aċidu dodekandiojku (CAS RN 693-23-2), b'purità f'piż ta' aktar minn 98,5 % | 1.1.-31.12. | 8 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2808 | ex 2918 22 00 | 10 | Aċtu o-Aċetisaliċiliku (CAS RN 50-78-2) | 1.1.-31.12. | 120 tunnellata | 0 % |
| 09.2646 | ex 2918 29 00 | 75 | Ottadeċil 3-(3,5-di-terz-butil-4-idrossifenil)propjonat (CAS RN 2082-79-3):<br>— bi frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 500 µm ta' aktar minn 99 % f'piż, u<br>— b'temperatura tat-tidwib ta' 49 °C jew aktar, iżda mhux aktar minn 54 °C,<br>biex jintuża fil-manifattura ta' pakketti singoli ta' stabilizzaturi għall-ipproċessar tal-PVC abbażi ta' taħlitiet tat-trab (trabijiet jew granuli) [1] | 1.1.-31.12. | 380 tunnellata | 0 % |
| 09.2647 | ex 2918 29 00 | 80 | Tetrakis(3-(3,5-di-tert-butil-4-idrossifenil)propjonat) tal-pentaeritritol (CAS RN 6683-19-8)<br>— bi frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 250 µm ta' aktar minn 75 % f'piż u b'malji ta' 500 µm ta' mhux aktar minn 99 % f'piż, u<br>— b'temperatura tat-tidwib ta' 110 °C jew aktar, iżda mhux aktar minn 125 °C,<br>biex jintuża fil-manifattura ta' pakketti singoli ta' stabilizzaturi għall-ipproċessar tal-PVC abbażi ta' taħlitiet tat-trab (trabijiet jew granuli) [1] | 1.1.-31.12. | 140 tunnellata | 0 % |
| 09.2975 | ex 2918 30 00 | 10 | Dianidride benżofenon-3,3',4,4'-tetrakarbossiliku (CAS RN 2421-28-5) | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2688 | ex 2920 29 00 | 70 | Tris(2,4-di-terz-butilfenil)fosfit (CAS RN 31570-04-4) | 1.1.-31.12. | 6 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2598 | ex 2921 19 99 | 75 | Ottadeċilammina (CAS RN 124-30-1) | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |
| 09.2649 | ex 2921 29 00 | 60 | Bis(2-dimetilaminoetil)(metil)ammina (CAS RN 3030-47-5) | 1.1.-31.12. | 1 700 tunnellata | 0 % |
| 09.2682 | ex 2921 41 00 | 10 | Anilina (CAS RN 62-53-3) b'purità f'piż ta' 99 % jew aktar | 1.1.-31.12. | 150 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2617 | ex 2921 42 00 | 89 | 4-Fluworo-N-(1-metilletil)benżeneammina (CAS RN 70441-63-3) | 1.1.-31.12. | 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2602 | ex 2921 51 19 | 10 | o-fenilendiammina (CAS RN 95-54-5) | 1.1.-31.12. | 1 800 tunnellata | 0 % |
| 09.2563 | ex 2922 41 00 | 20 | L-Kloridrat tal-Liżina (CAS RN 657-27-2) jew soluzzjoni milwiema tal-L-liżina (CAS RN 56-87-1), li fiha f'piż 50 % jew iktar ta' L-liżina | 1.1.-30.6. | 122 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2592 | ex 2922 50 00 | 25 | L-Treonina (CAS RN 72-19-5) | 1.1.-31.12. | 166 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2575 | ex 2923 90 00 | 87 | Klorur tat-3-kloro-2-idrossipropil)trimetilammonju (CAS RN 3327-22-8), fil-forma ta' soluzzjoni milwiema li fiha f'piż 65 % jew aktar iżda mhux aktar minn 71 % klorur tat-3-kloro-2-idrossipropil)trimetilammonju | 1.1.-31.12. | 19 000 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2854 | ex 2924 19 00 | 85 | 3-jodoprop-2-in-1-ilbutilkarbamat (CAS RN 55406-53-6) | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |
| 09.2874 | ex 2924 29 70 | 87 | Paraċetamol (INN) (CAS RN 103-90-2) | 1.1.-31.12. | 20 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2742 | ex 2926 10 00 | 10 | Akrilonitril (CAS RN 107-13-1), għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-kapitolu 55 u l-intestatura 6815 (1) | 1.1.-31.12. | 60 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2583 | ex 2926 10 00 | 20 | Akrilonitril (CAS RN 107-13-1), għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-intestaturi 2921, 2924, 3906 u 4002 (1) | 1.1.-31.12. | 40 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2856 | ex 2926 90 70 | 84 | 2-Nitro-4-(trifluworometil)benżonitril (CAS RN 778-94-9) | 1.1.-31.12. | 900 tunnellata | 0 % |
| 09.2708 | ex 2928 00 90 | 15 | Monometilidrażina (CAS RN 60-34-4) fil-forma ta' soluzzjoni milwiema b'kontenut f'piż tal-monometilidrażina ta' 40 (± 5) % | 1.1.-31.12. | 900 tunnellata | 0 % |
| 09.2581 | ex 2929 10 00 | 25 | Diisoċjanat ta' 1,5-naftilen (CAS RN 3173-72-6) b'purità f'piż ta' 90 % jew aktar | 1.1.-31.12. | 300 tunnellata | 0 % |
| 09.2685 | ex 2929 90 00 | 30 | Nitrogwanidina (CAS RN 556-88-7) | 1.1.-31.12. | 6 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2597 | ex 2930 90 98 | 94 | Bis[3-(trietossisilil)propil]disulfur (CAS RN 56706-10-6) | 1.1.-31.12. | 6 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2596 | ex 2930 90 98 | 96 | Aċidu 2-kloro-4-(metilsulfonil)-3-((2,2,2-trifluworoetossi)metil) benżojku (CAS RN 120100-77-8) | 1.1.-31.12. | 300 tunnellata | 0 % |
| 09.2580 | ex 2931 90 00 | 75 | Eżadeċiltrimetossisilan (CAS RN 16415-12-6) b'purità f'piż ta' mill-anqas 95 %, għall-użu fil-manifattura tal-polietilen (1) | 1.1.-31.12. | 165 tunnellata | 0 % |
| 09.2842 | 2932 12 00 | | 2-Furaldeide (furfuraldeide) | 1.1.-31.12. | 10 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2696 | ex 2932 20 90 | 25 | Dekan-5-olid (CAS RN 705-86-2) | 1.1.-31.12. | 6 000 kg | 0 % |
| 09.2697 | ex 2932 20 90 | 30 | Dodekan-5-olid (CAS RN 713-95-1) | 1.1.-31.12. | 6 000 kg | 0 % |
| 09.2812 | ex 2932 20 90 | 77 | Eżan-6-olide (CAS RN 502-44-3) | 1.1.-31.12. | 4 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2858 | 2932 93 00 | | Piperonal (CAS RN 120-57-0) | 1.1.-31.12. | 220 tunnellata | 0 % |
| 09.2673 | ex 2933 39 99 | 43 | 2,2,6,6-tetrametilpiperidin-4-ol (CAS RN 2403-88-5) | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2880 | ex 2933 59 95 | 39 | Ibrutinib (INN) (CAS RN 936563-96-1) | 1.1.-31.12. | 5 tunnellata | 0 % |
| 09.2860 | ex 2933 69 80 | 30 | 1,3,5-Tris[3-(dimetilammino)propil]eżaidro-1,3,5-triażina (CAS RN 15875-13-5) | 1.1.-31.12. | 600 tunnellata | 0 % |
| 09.2566 | ex 2933 99 80 | 05 | 1,4,7,10-Tetraażaċiklododekan (CAS RN 294-90-6) b'purità f'piż ta' 96 % jew aktar | 1.1.-31.12. | 60 tunnellata | 0 % |
| 09.2658 | ex 2933 99 80 | 73 | 5-(Aċetoaċetilammino)benżimidażolon (CAS RN 26576-46-5) | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2593 | ex 2934 99 90 | 67 | 5-Klorotijofen-2-aċidu karbossiliku (CAS RN 24065-33-6) | 1.1.-31.12. | 45 000 kg | 0 % |
| 09.2675 | ex 2935 90 90 | 79 | 4-[[(2-metossibenżojl)ammino]sulfonil]-klorurtal-benżojl (CAS RN 816431-72-8) | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2710 | ex 2935 90 90 | 91 | 2,4,4-trimetilpentan-2-amminju (3R,5S,6E)-7-{2-[(etilsulfonil)ammino]-4- (4-fluworofenil)-6-(propan-2-il)pirimidin-5-il}-3,5-diidrossiett-6-enoat (CAS RN 917805-85-7)(CAS RN 917805-85-7) | 1.1.-31.12. | 5 000 kg | 0 % |
| 09.2945 | ex 2940 00 00 | 20 | D-Ksilożju (CAS RN 58-86-6) | 1.1.-31.12. | 400 tunnellata | 0 % |
| 09.2686 | ex 3204 11 00 | 75 | Kolorant C.I. Disperse Yellow 54 (CAS RN 7576-65-0) u preparati bbażati fuqhom ma' kolorant C.I. Disperse Yellow 54 kontenut ta' 99 % jew iktar f'piż | 1.1.-31.12. | 250 tunnellata | 0 % |
| 09.2676 | ex 3204 17 00 | 14 | Preparati bbażati fuq Kolorant C.I. Pigment Red 48:2 (CAS RN 7023-61-2) b'kontenut ta' 60 % jew aktar, iżda b'inqas minn 85 % f'piż | 1.1.-31.12. | 50 tunnellata | 0 % |
| 09.2698 | ex 3204 17 00 | 30 | Kolorant C.I. Pigment Red 4 (CAS RN 2814-77-9) u preparati bbażati fuqu b'kontenut ta' 60 % jew aktar tal-Kolorant C.I. Pigment Red 4 f'piż | 1.1.-31.12. | 150 tunnellata | 0 % |
| 09.2659 | ex 3802 90 00 | 19 | Trab tad-dijatomi kalċinat fil-fluss tas-soda | 1.1.-31.12. | 35 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2908 | ex 3804 00 00 | 10 | Linjosulfonat tas-sodju (CAS RN 8061-51-6) | 1.1.-31.12. | 40 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2889 | 3805 10 90 | | Termentina tas-sulfat | 1.1.-31.12. | 25 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2935 | ex 3806 10 00 | 10 | Resin u aċidi tar-resin miksuba minn oleoresins friski | 1.1.-31.12. | 280 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2832 | ex 3808 92 90 | 40 | Taħlita li jkollha 38 % jew aktar imma mhux aktar minn 50 % f'piż taż-żingu piritijon (INN) (CAS RN 13463-41-7) f'dispersjoni milwiema | 1.1.-31.12. | 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2876 | ex 3811 29 00 | 55 | Additivi li jikkonsistu fi prodotti tar-reazzjoni ta' difenilammina unoneni ramifikati f'piż:<br>— aktar minn 28 % iżda mhux aktar minn 55 % 4-monononildifenilammina u<br>— aktar minn 45 % iżda mhux aktar minn 65 % 4,4'-dinonildifenilammina,<br>— persentaġġ totali ta' 2,4-dinonildifenilammina u 2,4'-dinonildifenilammina li ma jaqbiżx 5 %,<br>użati għall-manifattura taż-żjut lubrifikanti [1] | 1.1.-31.12. | 900 tunnellata | 0 % |
| 09.2814 | ex 3815 90 90 | 76 | Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-tijossidu tat-titanju | 1.1.-31.12. | 3 000 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2644 | ex 3824 99 92 | 77 | Preparat li jkun fih f'piż:<br>— 55 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 78 % ta' Glutarat Dimetiliku (CAS RN 1119-40-0)<br>— 10 % jew aktar iżda mhux aktar minn 30 % ta' Adipat Dimetiliku (CAS RN 627-93-0), u<br>— mhux aktar minn 35 % ta' Suċċinat Dimetiliku (CAS RN 106-65-0) | 1.1.-31.12. | 10 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2681 | ex 3824 99 92 | 85 | Taħlita ta' sulfuri ta' bis [3-(trietossisilil)propil] (CAS RN 211519-85-6) | 1.1.-31.12. | 9 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2650 | ex 3824 99 92 | 87 | Aċetofenon (CAS RN 98-86-2), b'purità f'piż ta' 60 % jew aktar iżda mhux aktar minn 90 % | 1.1.-31.12. | 2 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2888 | ex 3824 99 92 | 89 | Taħlita ta' ammini terzjarji tal-alkildimetil li fiha f'piż:<br>— 60 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 80 %, ta' dodekildimetilammina (CAS RN 112-18-5), u<br>— 20 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 30 % ta' dimetil(tetradeċil)ammina (CAS RN 112-75-4) | 1.1.-30.6. | 10 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2829 | ex 3824 99 93 | 43 | Estratt solidu ta' materjal residwu li ma jinħallx f'solventi alifatiċi miksuba matul l-estrazzjoni tar-resin mill-injam, li għandu l-karatteristiċi li ġejjin:<br>— kontenut tal-aċidu tar-reżin li ma jaqbiżx it-30 % f'piż,<br>— numru tal-aċidu li ma jaqbiżx il-110, u<br>— punt tat-tidwib ta' 100 °C jew aktar | 1.1.-31.12. | 1 600 tunnellata | 0 % |
| 09.2907 | ex 3824 99 93 | 67 | Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, f'piż:<br>— 75 % jew aktar ta' steroli,<br>— mhux aktar minn 25 % ta' stanoli,<br>għal użu fil-manifattura tal-istanoli/steroli jew stanoli/steroli esters (1) | 1.1.-31.12. | 2 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2568 | ex 3824 99 96 | 91 | Taħlita, fil-forma ta' gerbub, li fiha f'piż:<br>— 49 % jew iktar iżda mhux iktar minn 50 % ta' bis[3-(trietossisilil)propil] polisulfuri (CAS RN 211519-85-6), u<br>— 50 % jew iktar iżda mhux iktar minn 51 % ta' karbonju iswed (CAS RN 1333-86-4),<br>li minnhom 75 % jew iktar f'piż jgħaddu minn għarbiel b'apertura ta' 0,60 mm, iżda mhux iktar minn 10 % f'piż jgħaddu minn għarbiel b'apertura ta' 0,25 mm (kif determinat skont il-metodu ASTM D1511) | 1.1.-31.12. | 1 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2820 | ex 3827 90 00 | 10 | Taħlitiet li fihom f'piż:<br>— 60 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 90 % ta' 2-kloropropen (CAS RN 557-98-2),<br>— 8 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 14 % ta' (Z)-1-kloropropen (CAS RN 16136-84-8),<br>— 5 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 23 % ta' 2-kloropropan (CAS RN 75-29-6), | 1.1.-31.12. | 6 000 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | — mhux aktar minn 6 % ta' 3-kloropropen (CAS RN 107-05-1), u<br>— mhux aktar minn 1 % f'piż ta' klorur tal-etil (CAS RN 75-00-3) | | | |
| 09.2671 | ex 3905 99 90 | 81 | Poli(butiral tal-vinil) (CAS RN 63148-65-2):<br>— li jkun fih f'piż 17,5 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 20 % ta' gruppi idrossili u<br>— li d-daqs medju ta' kull partiċella tiegħu (D50) teċċedi 0,6 mm | 1.1.-31.12. | 12 500 tunnellata | 0 % |
| 09.2846 | ex 3907 40 00 | 25 | Taħlita ta' polimeri ta' polikarbonat u poli(metilmetakrilat) b'kontenut ta' polikarbonat ta' 98,5 % f'piż, f'forma ta' gerbub jew granuli, bi trażmittanza luminuża ta' mhux anqas minn 88,5 %, imkejla bl-użu ta' kampjun għall-ittestjar ta' ħxuna ta' 4 mm b'tul tal-mewġa ta' $\lambda$ = 400 nm (skont ISO 13468-2) | 1.1.-31.12. | 2 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2585 | ex 3907 99 80 | 70 | Kopolimeru tal-poli(etilen tereftalat) u taċ-ċikloeżandimetanol, li fih iktar minn 10 % f'piż ta' ċikloeżandimetanol | 1.1.-31.12. | 60 000 tunnellata | 2 % |
| 09.2723 | ex 3911 90 19 | 10 | Poli(ossi-1,4-fenilensulfonil-1,4-fenilenossi-4,4'-bifenilen) | 1.1.-31.12. | 5 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2816 | ex 3912 11 00 | 20 | Frak tal-aċetat taċ-ċellulożju | 1.1.-31.12. | 75 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2573 | ex 3913 10 00 | 20 | Alġinat tas-sodju estratt mill-alka kannella,<br>— b'telf fit-tnixxif ta' mhux aktar minn 15 % f'piż (4 sigħat f' 105 °C),<br>— bi frazzjoni li ma tinħallx fl-ilma ta' mhux aktar minn 2 % f'piż, ikkalkulata fuq il-piż xott | 1.1.-31.12. | 2 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2641 | ex 3913 90 00 | 87 | Ijaluronat tas-sodju, mhux sterili:<br>— b'piż medju tal-piż molekulari ($M_w$) li ma jaqbiżx 900 000,<br>— b'livell ta' endotossin li ma jaqbiżx 0,008 unitajiet ta' Endotossin (EU)/mg,<br>— b'kontenut ta' etanol li ma jaqbiżx 1 % f'piż,<br>— b'kontenut ta' isopropanol li ma jaqbiżx 0,5 % f'piż | 1.1.-31.12. | 300 kg | 0 % |
| 09.2661 | ex 3920 51 00 | 50 | Folji ta' polimetilmetakrilat konformi mal-istandards:<br>— EN 4364 (MIL-P-5425E) u DTD5592 A, jew<br>— EN 4365 (MIL-P-8184) u DTD5592 A | 1.1.-31.12. | 100 tunnellata | 0 % |
| 09.2645 | ex 3921 14 00 | 20 | Blokka ċellulari ta' ċelluloża riġenerata, mimlija bl-ilma li jkun fih klorur tal-manjeżju u kompost tal-ammonju kwaternarju tad-daqs ta' 100 cm (± 10 cm) x 100 cm (± 10 cm) x 40 cm (± 5 cm) | 1.1.-31.12. | 1 700 tunnellata | 0 % |
| 09.2572 | ex 5205 26 00<br>ex 5205 27 00 | 10<br>10 | Ħjut singoli ta' qoton abjad mhux maħdum<br>— ta' fibri mimxuta,<br>— b'tul medju tal-fibra ta' 36,5 mm jew aktar,<br>— prodott permezz tal-proċess kumpatt tat-tidwir taċ-ċirku b'kompressjoni pnewmatika,<br>— b'reżistenza għat-tiċrit ta' 26,5 cN/tex jew aktar (skont ISO 2062: 2009, b'veloċità ta' 5 000 mm/min) | 1.1.-31.12. | 50 000 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2576 | ex 5208 12 16 | 20 | Drapp minsuġ mhux ibbliċjat b'nisġa tax-xoqqa:<br>— b'wisa' ta' mhux aktar minn 145 cm,<br>— b'piż ta' 120 g/$m^2$ jew aktar, iżda mhux aktar minn 130 g/$m^2$,<br>— b'30 jew aktar, iżda mhux aktar minn 45 tagħma għal kull cm,<br>— b'ħaxja mitnija 'l ġewwa fuq iż-żewġ naħat.<br>Minn ġewwa 'l barra, il-ħaxja mitnija 'l ġewwa ta' wisa' ta' 15-il mm (± 2 mm) tikkonsisti minn strixxa ta' wisa' ta' 6 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 9 mm b'nisġa tax-xoqqa u strixxa ta' wisa' ta' 6 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 9 mm b'nisġa tal-panama | 1.1.-31.12. | 1 500 000 $m^2$ | 0 % |
| 09.2577 | ex 5208 12 96 | 20 | Drapp minsuġ mhux ibbliċjat b'nisġa tax-xoqqa:<br>— b'wisa' ta' mhux aktar minn 145 cm,<br>— b'piż ta' aktar minn 130 g/$m^2$, iżda mhux aktar minn 145 g/$m^2$<br>— b'30 jew aktar, iżda mhux aktar minn 45 tagħma għal kull cm,<br>— b'ħaxja mitnija 'l ġewwa fuq iż-żewġ naħat.<br>Minn ġewwa 'l barra, il-ħaxja mitnija 'l ġewwa ta' wisa' ta' 15-il mm (± 2 mm) tikkonsisti minn strixxa ta' wisa' ta' 6 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 9 mm b'nisġa tax-xoqqa u strixxa ta' wisa' ta' 6 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 9 mm b'niġsa tal-panama | 1.1.-31.12. | 2 300 000 $m^2$ | 0 % |
| 09.2848 | ex 5505 10 10 | 10 | Fdal ta' fibri sintetiċi (li jinkludi fibri li jibqgħu fil-moxt, fdal tal-ħjut u materjal "garnetted") ta' najlon jew ta' poliammidi oħra (PA6 u PA66) | 1.1.-31.12. | 10 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2721 | ex 5906 99 90 | 20 | Drapp tat-tessut bil-lastiku minsuġ u laminat bil-karatteristiċi li ġejjin:<br>— bi tliet saffi,<br>— saff wieħed ta' barra magħmul minn drapp tal-akrilik,<br>— is-saff l-ieħor ta' barra magħmul minn drapp tal-poliester,<br>— is-saff tan-nofs huwa magħmul mil-lastiku tal-klorobutil,<br>— is-saff tan-nofs għandu piż ta' 452 g/$m^2$ jew aktar iżda mhux aktar minn 569 g/$m^2$,<br>— id-drapp tat-tessut għandu piż totali ta' 952 g/$m^2$ jew aktar iżda mhux aktar minn 1 159 g/$m^2$, u<br>— id-drapp tat-tessut għandu ħxuna totali ta' 0,8 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 4 mm,<br>użat għall-manifattura tas-saqaf li jitla' u jinżel tal-vetturi bil-mutur [1] | 1.1.-31.12. | 375 000 $m^2$ | 0 % |
| 09.2866 | ex 7019 12 00<br>ex 7019 12 00 | 06<br>26 | Stratifils (rovings/fibri) tal-ħġieġ-S:<br>— magħmulin minn filamenti kontinwi tal-ħġieġ ta' 9 µm (± 0,5 µm),<br>— b'kejl ta' 200 tex jew aktar iżda mhux aktar minn 680 tex,<br>— li ma jkunx fihom xi ossidu tal-kalċju, u<br>— b'reżistenza meta jinqasmu ta' aktar minn 3 550 Mpa determinat minn ASTM D2343-09<br>għall-użu fil-manifattura tal-ajrunawtiċi [1] | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2628 | ex 7019 66 00 | 10 | Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 g/$m^2$(± 10 g/$m^2$), tat-tip li jintuża fir-rolling insect screens bil-qafas fiss | 1.1.-31.12. | 3 000 000 $m^2$ | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2799 | ex 7202 49 90 | 10 | Ferro-kromju li fih 1,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 4 % f'piż f'karbonju u mhux aktar minn 70 % ta' kromju | 1.1.-31.12. | 50 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2652 | ex 7409 11 00<br>ex 7410 11 00 | 30<br>40 | Fojl u strixxi tar-ram raffinat, manifatturati permezz tal-elettroliżi, bi ħxuna ta' 0,015-il mm jew aktar | 1.1.-31.12. | 1 020 tunnellata | 0 % |
| 09.2734 | ex 7409 19 00 | 20 | Pjanċi jew folji li jikkonsistu minn:<br>— saff ta' nitrur taċ-ċeramika tas-silikon bi ħxuna ta' 0,32 mm (± 0,1 mm) jew aktar, iżda mhux aktar minn 1,0 mm (± 0,1 mm),<br>— miksija fuq iż-żewġ naħat b'fojl ta' ram irfinut bi ħxuna ta' 0,8 mm (± 0,1 mm) u<br>— fuq naħa waħda parzjalment mgħottijin b'kisja tal-fidda | 1.1.-31.12. | 7 000 000 biċċa | 0 % |
| 09.2662 | ex 7410 21 00 | 55 | Pjanċi:<br>— magħmulin minn tal-anqas saff wieħed ta' tessut tal-fibra tal-ħġieġ mimli bir-reżina tal-epossidu,<br>— miksija fuq naħa waħda jew iż-żewġ naħat bil-fojl tar-ram bi ħxuna ta' mhux aktar minn 0,15 mm,<br>— b'kostant dielettriku (DK) ta' anqas minn 5,4 f'1 MHz, kif imkejjel skont IPC-TM-650 2.5.5.2,<br>— b'tanġenti tat-telf ta' anqas minn 0,035 f'1 MHz, kif imkejjel skont IPC-TM-650 2.5.5.2,<br>— b'indiċi komparattiv ta' trekkjar (CTI) ta' 600 jew aktar | 1.1.-31.12. | 80 000 $m^2$ | 0 % |
| 09.2835 | ex 7604 29 10 | 30 | Folji jew vireg tal-alojs ta' aluminju-litjuta' diametru ta' 300,1 mm jew iktar, iżda mhux iktar minn 533,4 mm | 1.1.-31.12. | 1 000 tunnellata | 0 % |
| 09.2736 | ex 7607 11 90<br>ex 7607 11 90<br>ex 7607 11 90<br>ex 7607 11 90 | 75<br>77<br>78<br>79 | Strixxa jew fojl illigati tal-aluminju u tal-manjeżju:<br>— ta' liga li tikkonforma mal-istandards 5182-H19 jew 5052-H19,<br>— f'rombli b'dijametru estern ta' minimu ta' 1 250 mm iżda mhux aktar minn 1 350 mm,<br>— ta' ħxuna (tolleranza - 0,006 mm) ta' 0,15 mm, 0,16 mm, 0,18 mm jew 0,20 mm,<br>— ta' wisa' (tolleranza ± 0,3 mm) ta' 12,5 mm, 15,0 mm, 16,0 mm, 25,0 mm, 35,0 mm, 50,0 mm jew 356 mm,<br>— b'tolleranza kamber ta' mhux aktar minn 0,4 mm/750 mm,<br>— ta' kejl tal-pjan: I-unità ± 4,<br>— b'reżistenza għat-tensjoni ta' aktar minn (5182-H19) 365 MPa jew (5052-H19) 320 MPa, u<br>— ta' elongazzjoni A50 ta' aktar minn (5182-H19) 3 % jew (5052-H19) 2,5 %<br>għall-użu fil-manifattura tal-paletti għall-blinds [1] | 1.1.-31.12. | 600 tunnellata | 0 % |
| 09.2722 | 8104 11 00 | | Manjeżju mhux maħdum, li fih talanqas 99,8 % f'piż tal-manjeżju | 1.1.-31.12. | 120 000 tunnel-lata | 0 % |
| 09.2840 | ex 8104 30 00 | 20 | Trab tal-manjeżju:<br>— ta' purità f'piż ta' 98 % jew iktar, iżda mhux iktar minn 99,5 %, u<br>— b'daqs tal-partiċella ta' 0,2 mm jew iktar iżda mhux iktar minn 0,8 mm | 1.1.-31.12. | 2 000 tunnellata | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2629 | ex 8302 49 00 | 91 | Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji ([1]) | 1.1.-31.12. | 1 500 000 biċċa | 0 % |
| 09.2720 | ex 8413 91 00 | 50 | Pump head għal pompa bi pressjoni għolja b'żewġ ċilindri magħmula mill-azzar maħdum:<br>— b'fittings bil-kamin imħaffer b'dijametru ta' 10 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 36,8 mm, u<br>— b'kanali tal-fjuwil imtaqqbin b'dijametru ta' 3,5 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 10 mm<br>tat-tip użat fis-sistemi tal-injezzjoni tad-diżil | 1.1.-31.12. | 65 000 biċċa | 0 % |
| 09.2569 | ex 8414 90 00 | 80 | Housing tar-roti b'turbocharger ta' liga tal-aluminju fondut jew ħadid fondut:<br>— b'reżistenza għas-sħana sa 400 °C,<br>— b'toqba ta' 30 mm jew iktar iżda mhux iktar minn 300 mm biex tiddaħħal ir-rota tal-kompressur,<br>għall-użu fl-industrija tal-karozzi ([1]) | 1.1.-31.12. | 4 000 000 biċċa | 0 % |
| 09.2570 | ex 8482 91 90 | 10 | Rombli bi profil logaritmiku u b'dijametru ta' 25 mm jew iktar iżda mhux iktar minn 70 mm jew blalen b'dijametru ta' 30 mm jew iktar iżda mhux iktar minn 100 mm,<br>— magħmula minn azzar 100Cr6 jew azzar 100CrMnSi6–4 (ISO 3290),<br>— b'devjazzjoni ta' 0,5 mm jew inqas kif determinat skont il-metodu FBH (flat-bottomed hole)<br>għall-użu fl-industrija tat-turbini eoliċi ([1]) | 1.1.-31.12. | 600 000 biċċa | 0 % |
| 09.2738 | ex 8482 99 00 | 30 | Gaġeġ tar-ram bil-karatteristiċi li ġejjin:<br>— ikkastjati bis-sistema kontinwa jew b'mod ċentrifugu,<br>— itturnjati,<br>— li f'piż fihom 35 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 38 % ta' żingu,<br>— li f'piż fihom 0,75 %, iżda mhux aktar minn 1,25 % ta' ċomb,<br>— li fihom f'piż 1,0 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 1,4 % ta' aluminju, u<br>— b'reżistenza għat-tensjoni ta' 415 Pa jew aktar,<br>tat-tip użat għall-manifattura tal-ballbearings | 1.1.-31.12. | 50 000 biċċa | 0 % |
| 09.2763 | ex 8501 40 20<br>ex 8501 40 80 | 40<br>30 | Mutur kommutatur elettriku AC, monofażi, b'rendiment ta' 250 W jew aktar, input enerġetiku ta' 700 W jew aktar imma mhux aktar minn 2 700 W, dijametru estern ta' aktar minn 120 mm (± 0,2 mm) imma mhux aktar minn 135 mm (± 0,2 mm), b'rata ta' veloċità ta' aktar minn 30 000 rpm imma mhux aktar minn 50 000 rpm, mgħammar b'ventilatur għall-arja, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners ([1]) | 1.1.-31.12. | 2 000 000 biċċa | 0 % |
| 09.2672 | ex 8529 90 92<br>ex 9405 42 31 | 75<br>70 | Bord ta' ċirkwit stampat b'diodes LED:<br>— kemm jekk mgħammra b'priżmi/lenti kif ukoll jekk le, u | 1.1.-31.12. | 115 000 000 biċċa | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | — kemm jekk mgħammra b'konnettur(i) kif ukoll jekk le<br>għall-manifattura ta' unitajiet tar-retroluminazzjoni għal oġġetti ta' titlu 8528 ([1]) | | | |
| 09.2574 | ex 8537 10 91 | 73 | Apparat multifunzjonali (sett ta' strumenti)<br>— b'unità ta' displej TFT-LCD ikkurvata (raġġ ta' 750 mm) b'superfiċi tattili,<br>— b'mikroproċessuri u ċipep tal-memorja,<br>— b'modulu akustiku u loudspeaker,<br>— b'konnessjonijiet għal CAN, 3 x LIN bus, LVDS u Ethernet,<br>— għall-operat ta' diversi funzjonijiet (eż. xażi, tidwil) u<br>— għad-displej ta' *data* dwar il-vettura u n-navigazzjoni skont is-sitwazzjoni (eż. il-veloċità, l-odometru, il-livell taċ-ċarġ tal-batterija tat-trazzjoni),<br>biex jintuża fil-manifattura tal-karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu biss permezz ta' mutur elettriku koperti bis-subintestatura tas-SA 8703 80 ([1]) | 1.1.-31.12. | 66 900 biċċa | 0 % |
| 09.2003 | ex 8543 70 90 | 63 | Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat miżmum ġewwa qafas li d-dimensjonijiet ta' barra tiegħu mhux aktar minn 30 mm x 30 mm | 1.1.-31.12. | 1 400 000 biċċa | 0 % |
| 09.2910 | ex 8708 99 97 | 75 | Brekit ta' appoġġ tal-ħadid jew tal-azzar, b'toqob tal-immuntar, bi skorfini ta' twaħħil jew mingħajrhom, maħsuba biex twaħħal il-gearbox mal-karozzerija għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-Kapitolu 87 ([1]) | 1.1.-31.12. | 200 000 biċċa | 0 % |
| 09.2694 | ex 8714 10 90 | 30 | Klamps tal-fusijiet, housings, fork bridges u aċċessorji għall-ikklampjar, magħmulin minn liga tal-aluminju tat-tip li jintuża fil-muturi | 1.1.-31.12. | 1 000 000 biċċa | 0 % |
| 09.2668 | ex 8714 91 10<br>ex 8714 91 10<br>ex 8714 91 10 | 21<br>31<br>75 | Qafas ta' rota, mibni mill-fibri tal-karbonju u mir-reżina artifiċjali, għall-użu fil-manifattura tar-roti (inklużi r-roti elettriċi) ([1]) | 1.1.-31.12. | 600 000 biċċa | 0 % |
| 09.2564 | ex 8714 91 10<br>ex 8714 91 10<br>ex 8714 91 10 | 25<br>35<br>77 | Qafas, maħdum mill-aluminju jew minn fibri tal-aluminju u tal-karbonju u r-reżina artifiċjali, għall-użu fil-manifattura tar-roti (inklużi roti elettriċi) ([1]) | 1.1.-31.12. | 9 600 000 biċċa | 0 % |
| 09.2579 | ex 9029 20 31<br>ex 9029 90 00 | 40<br>40 | Pannell tal-istrumenti clustered:<br>— b'muturi pass pass,<br>— b'pointers u kwadranti analogi,<br>— jew mingħajr konsol mikroproċessur,<br>— jew mingħajr indikaturi LED jew unità tal-wiri LED<br>— li juri mill-inqas:<br>— il-veloċità,<br>— ir-rotazzjonijiet tal-magna,<br>— it-temperatura tal-magna, | 1.1.-31.12. | 160 000 biċċa | 0 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | — il-livell tal-fjuwil,<br>— li jikkomunika permezz tal-protokolli CAN-BUS u/jew K-LINE,<br>għall-użu fil-manifattura tal-oġġetti tal-Kapitolu 87 (1) | | | |

(1) Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu finali f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
(2) Madankollu, is-sospensjoni tat-tariffi doganali ma għandhiex tapplika meta l-ipproċessar isir minn impriżi tal-forniment tal-ikel jew li jbiegħu bl-imnut.
(3) Id-dazju *ad valorem* biss huwa sospiż. Id-dazju speċifiku għandu jkompli japplika.

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2284**

**tas-10 ta’ Diċembru 2021**

**li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rappurtar superviżorju u d-divulgazzjonijiet tad-ditti tal-investiment**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 49(2) u l-Artikolu 54(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-rekwiżiti ta’ rapportar għad-ditti tal-investiment previsti fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jenħtieġ li jkunu mfassla għan-negozju tad-ditti tal-investiment u jkunu proporzjonati għall-iskala u l-kumplessità ta’ ditti tal-investiment differenti. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jqisu b’mod partikolari li ċerti ditti tal-investiment iridu jitqiesu bħala żgħar u mhux interkonnessi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

(2) Skont l-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi jridu jirrapportaw informazzjoni dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji tagħhom, ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji tagħhom, il-bażi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji tagħhom u l-livell ta’ attività fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. Għalhekk, ditti żgħar u mhux interkonnessi mhumiex meħtieġa jirrapportaw l-istess livell ta’ dettall ta’ informazzjoni bħal ditti tal-investiment oħra soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2033. Għalhekk, jenħtieġ li l-formoli tar-rapportar dwar il-kalkolu tal-fattur-K ma jkunux applikabbli għal ditti żgħar u mhux interkonnessi. Barra minn hekk, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033, ditti żgħar u mhux interkonnessi huma eżentati mir-rapportar dwar ir-riskju ta’ konċentrazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ditti żgħar u mhux interkonnessi mill-obbligu li jirrapportaw dwar ir-rekwiżiti tal-likwidità.

(3) Jenħtieġ li d-ditti tal-investiment kollha soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/2033 jirrapportaw il-profil tal-attività u d-daqs tagħhom biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw jekk dawk id-ditti tal-investiment jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/2033 biex jiġu kklassifikati bħala ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi.

(4) Sabiex jipprovdi trasparenza lill-investituri tagħhom u lis-swieq usa’, l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jirrikjedi li d-ditti tal-investiment għajr id-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi jiddivulgaw pubblikament l-informazzjoni speċifikata fil-Parti Sitta ta’ dak ir-Regolament. Ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi mhumiex soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni, ħlief meta joħorġu strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali sabiex jipprovdu trasparenza lill-investituri f’dawk l-istrumenti.

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi lid-ditti tal-investiment b’formoli u tabelli li jwasslu informazzjoni komprensiva u komparabbli biżżejjed dwar il-kompożizzjoni u l-kwalità tal-fondi proprji tagħhom. B’mod aktar speċifiku, huwa meħtieġ li tiġi introdotta formola ta’ divulgazzjoni kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u formola flessibbli dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-fondi proprji regolatorji mar-rapporti finanzjarji awditjati. Għall-istess raġuni, huwa meħtieġ ukoll li tiġi stabbilita formola b’informazzjoni dwar l-aktar karatteristiċi rilevanti tal-istrumenti ta’ fondi proprji maħruġa mid-ditta tal-investiment.

([1]) ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1.

(6) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-konsistenza bejn il-formoli tar-rapportar u tad-divulgazzjoni. Il-formola għad-divulgazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji jenħtieġ għalhekk li tkun allinjata mill-qrib mal-formola ta' rapportar relatata dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji. Għall-istess raġuni, il-formola għad-divulgazzjoni dwar rikonċiljazzjoni sħiħa tal-fondi proprji mar-rapporti finanzjarji awditjati jenħtieġ li tkun flessibbli fis-sens li d-diżaggregazzjoni tal-formola jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-diżaggregazzjoni tal-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji awditjati tad-ditta tal-investiment. Barra minn hekk, il-formola għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-fondi proprji regolatorji jenħtieġ li tkun formola fissa u l-kumplessità tagħha jenħtieġ li tiddependi fuq il-kumplessità tal-istrumenti ta' fondi proprji.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet tal-konformità għad-ditti tal-investiment ma jiżdidux b'mod mhux raġonevoli u li tinżamm il-kwalità tad-*data*, jenħtieġ li l-obbligi tar-rapportar u tad-divulgazzjoni jiġu allinjati fis-sustanza tagħhom kemm jista' jkun ma' xulxin. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti, f'Regolament wieħed, standards applikabbli kemm għar-rekwiżiti ta' rappurtar kif ukoll għal dawk ta' divulgazzjoni.

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

(9) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**RAPPORTAR SUPERVIŻORJU**

*Artikolu 1*

**Dati tar-referenza tar-rappurtar**

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament għandha tiġi rrapportata hekk kif din l-informazzjoni tkun tinsab fid-dati ta' referenza tar-rapportar li ġejjin:

(a) rapporti trimestrali: il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;

(b) rapportar annwali: il-31 ta' Diċembru.

2. Id-dati ta' referenza tar-rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aġġustati meta d-ditti tal-investiment jitħallew jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja tagħhom abbażi tal-aħħar tas-sena kontabilistika tagħhom li tiddevja mis-sena kalendarja, sabiex ir-rapportar trimestrali tal-informazzjoni jitwettaq kull tliet xhur tas-sena kontabilistika rispettiva u r-rapportar annwali fi tmiem is-sena kontabilistika.

*Artikolu 2*

**Rappurtar tad-dati ta' rimessa**

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandha tiġi sottomessa sal-għeluq tan-negozju tad-dati ta' rimessa li ġejjin:

(a) rapporti kull tliet xhur: it-12 ta' Mejju, il-11 ta' Awwissu, il-11 ta' Novembru u l-11 ta' Frar;

(b) rapportar annwali: il-11 ta' Frar.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Meta l-jum ta' rimessa tar-rapportar ikun festa pubblika fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li lilha għandu jiġi pprovdut ir-rapport, jew is-Sibt jew il-Ħadd, il-jum ta' rimessa tar-rapportar għandu jkun il-jum tax-xogħol li jmiss.

3. Meta d-ditti tal-investiment jirrapportaw l-informazzjoni tagħhom billi jużaw dati ta' referenza tar-rapportar aġġustati abbażi tal-aħħar tas-sena kontabilistika tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, id-dati ta' rimessa jistgħu jiġu aġġustati skont dan sabiex jinżamm l-istess perjodu ta' rimessa mid-data ta' referenza tar-rapportar aġġustata.

4. Id-ditti tal-investiment jistgħu jissottomettu ċifri mhux awditjati. Meta ċ-ċifri awditjati jiddevjaw minn ċifri sottomessi mhux awditjati, iċ-ċifri awditjati, riveduti għandhom jiġu preżentati mingħajr dewmien żejjed. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "ċifri mhux awditjati" tfisser ċifri li ma jkunux irċevew opinjoni ta' awditur estern filwaqt li ċ-ċifri awditjati huma ċifri awditjati minn awditur estern li jesprimi opinjoni tal-awditjar.

5. Korrezzjonijiet għar-rapporti sottomessi għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 3*

**Applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar fuq bażi individwali**

Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/2033 fuq bażi individwali, id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dan ir-Regolament bil-frekwenza speċifikata fihom.

*Artikolu 4*

**Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' rappurtar fuq bażi kkonsolidata**

Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar imsemmija fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/2033 fuq bażi konsolidata, id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bil-frekwenza speċifikata fihom.

*Artikolu 5*

**Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar mid-ditti tal-investiment għajr id-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi**

1. Id-ditti tal-investiment għajr id-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/2033 billi jużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament bi frekwenza trimestrali.

2. Id-ditti tal-investiment għajr id-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi li jiddeterminaw ir-rekwiżit tal-fattur-K tal-RtM fuq il-bażi ta' K-NPR skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fil-formoli C 18.00 sa C 24.00 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 ([3]) skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bi frekwenza trimestrali.

3. Id-ditti tal-investiment għajr id-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi li jagħmlu użu mid-deroga stabbilita fl-Artikolu 25(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fil-formola C 34.02 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bi frekwenza trimestrali.

([3]) Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).

4. Id-ditti tal-investiment għajr id-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi li jagħmlu użu mid-deroga stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fil-formola C 25.00 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bi frekwenza trimestrali.

*Artikolu 6*

**Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar mid-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi**

1. Ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni speċifikata fil-formoli tal-Anness III ta' dan ir-Regolament skont l-istruzzjonijiet tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament bi frekwenza annwali. Id-ditti tal-investiment li jibbenefikaw mill-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 43(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandhom ikunu eżentati mid-dmir li jippreżentaw l-informazzjoni speċifikata fil-formola IF 09.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar mill-entitajiet li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/2033**

B'deroga mill-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 li qed jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu għandhom jirrapportaw l-informazzjoni stabbilita fil-formoli tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament bi frekwenza trimestrali.

*Artikolu 8*

**Il-preċiżjoni tad-*data* u l-informazzjoni assoċjata mas-sottomissjonijiet**

1. Id-ditti tal-investiment għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtoritajiet kompetenti u fir-rispett tad-definizzjoni tal-punt tad-*data* tal-mudell tal-punt tad-*data* u l-formuli ta' validazzjoni speċifikati fl-Anness V kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) informazzjoni li mhijiex meħtieġa jew li mhijiex applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża fi preżentazzjoni tad-*data*;

(b) il-valuri numeriċi għandhom jiġu sottomessi bħala fatti skont il-konvenzjonijiet li ġejjin:

(i) punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "Monetarja" għandhom jiġu rrapportati bl-użu minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal eluf ta' unitajiet;

(ii) punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "Perċentwali" għandhom jiġu espressi bħala unità b'minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal erba' ċifri deċimali;

(iii) punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "Numru Sħiħ" għandhom jiġu rrapportati billi ma jintużawx deċimali u bi preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet.

2. Id-ditti tal-investiment għandhom jiġu identifikati mill-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (legal entity identifier, LEI) tagħhom. L-entitajiet ġuridiċi u l-kontropartijiet għajr id-ditti tal-investiment għandhom jiġu identifikati permezz tal-LEI tagħhom, fejn ikun disponibbli.

3. L-informazzjoni ppreżentata mid-ditti tal-investiment fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rapportar tad-*data* ta' referenza u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tar-rapportar;

(c) l-istandard tal-kontabilità;

(d) l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) tal-istituzzjoni tar-rapportar;

(e) l-ambitu tal-konsolidazzjoni.

KAPITOLU II

**DIVULGAZZJONI PUBBLIKA MINN DITTI TAL- INVESTIMENT**

*Artikolu 9*

**Prinċipji tad-divulgazzjoni**

1. L-informazzjoni li għandha tiġi divulgata f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għall-prinċipji li ġejjin:

(a) id-divulgazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-istess livell ta' verifika interna bħal dak applikabbli għar-rapport maniġerjali inkluż fir-rapport finanzjarju tad-ditta tal-investiment;

(b) id-divulgazzjonijiet għandhom ikunu ċari u għandhom jiġu ppreżentati f'forma li tinftiehem mill-utenti tal-informazzjoni u kkomunikati permezz ta' mezz aċċessibbli. Messaġġi importanti għandhom jiġu enfasizzati u jkunu faċli biex jinstabu. Kwistjonijiet kumplessi għandhom jiġu spjegati f'lingwaġġ sempliċi. L-informazzjoni relatata għandha tiġi ppreżentata flimkien;

(c) id-divulgazzjonijiet għandhom ikunu sinifikanti u konsistenti matul iż-żmien biex l-utenti tal-informazzjoni jkunu jistgħu jqabblu l-informazzjoni minn perjodu ta' divulgazzjoni għal ieħor;

(d) id-divulgazzjonijiet kwantitattivi għandhom ikunu akkumpanjati minn spjegazzjonijiet kwalitattivi u kwalunkwe informazzjoni supplimentari oħra li tista' tkun meħtieġa sabiex l-utenti ta' dik l-informazzjoni jifhmuhom, filwaqt li tittieħed nota b'mod partikolari ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fi kwalunkwe divulgazzjoni partikolari meta mqabbla mal-informazzjoni li tinsab fid-divulgazzjonijiet preċedenti.

*Artikolu 10*

**Divulgazzjoni tal-fondi proprji mid-ditti tal-investiment**

Id-ditti tal-investiment għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet dwar il-fondi proprji meħtieġa mill-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 billi jużaw il-formoli tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar id-divulgazzjoni**

1. Meta jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, id-ditti tal-investiment għandhom jiżguraw li l-valuri numeriċi jiġu ppreżentati bħala fatti f'konformità ma' dan li ġej:

(a) id-*data* monetarja kwantitattiva għandha tiġi divulgata bl-użu ta' preċiżjoni minima ekwivalenti għal eluf ta' unitajiet;

(b) id-*data* kwantitattiva ddivulgata bħala "Perċentwal" għandha tintwera bħala unità b'minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal erba' deċimali.

2. Meta jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, id-ditti tal-investiment għandhom jiżguraw li d-*data* tkun assoċjata mal-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tad-divulgazzjoni;

(c) l-isem u, fejn rilevanti, l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) tal-istituzzjoni li twettaq id-divulgazzjoni;

(d) fejn ikun rilevanti, l-istandard kontabilistiku;

(e) fejn ikun rilevanti, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-10 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

## RAPPORTAR GĦAL DITTI TAL-INVESTIMENT GĦAJR DITTI TAL-INVESTIMENT ŻGĦAR JEW MHUX INTERKONNESSI

| FORMOLI TAD-DITTI TAL-INVESTIMENT | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru tal-formola** | **Kodiċi tal-formola** | **Isem tal-formola/grupp ta' formoli** | **Isem fil-qosor** |
| | | **FONDI PROPRJI: livell, kompożizzjoni, rekwiżiti u kalkolu** | |
| 1 | I 01.00 | Fondi proprji | I1 |
| 2,1 | I 02.01 | Rekwiżiti ta' fondi proprji | I2.1 |
| 2,2 | I 02.02 | Proporzjonijiet tal-kapital | I2.2 |
| 3 | I 03.00 | Kalkolu tar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi | I3 |
| 4 | I 04.00 | Kalkoli tar-rekwiżit tal-Fattur-K totali | I4 |
| | | **DITTI TAL-INVESTIMENT ŻGĦAR U MHUX INTERKONNESSI** | |
| 5 | I 05.00 | Livell ta' attività - Rieżami tal-limiti | I5 |
| | | **REKWIŻITI TAL-FATTUR-K - DETTALJI ADDIZZJONALI** | |
| 6,1 | I 06.01 | Assi mmaniġġati - dettall addizzjonali tal-AUM | I6.1 |
| 6,2 | I 06.02 | Valur medju tal-AUM totali ta' kull xahar | I6.2 |
| 6,3 | I 06.03 | Flus tal-klijenti miżmuma - dettall addizzjonali CMH | I6.3 |
| 6,4 | I 06.04 | Valur medju tal-AUM totali ta' kull xahar | I6.4 |
| 6,5 | I 06.05 | Assi salvagwardjati u amministrati - Dettalji addizzjonali tal-ASA | I6.5 |
| 6,6 | I 06.06 | Valur medju tal-ASA totali ta' kull xahar | I6.6 |
| 6,7 | I 06.07 | Flus tal-klijenti mmaniġġati - dettall addizzjonali COH | I6.7 |
| 6,8 | I 06.08 | Valur medju tal-COH totali ta' kull xahar | I6.8 |
| 6,9 | I 06.09 | Riskju ta' pożizzjoni K-Net - dettall addizzjonali K-NPR | I6.9 |
| 6,1 | I 06.10 | Il-marġni ta' kklerjar mogħti - dettall addizzjonali tas-CMG | I6.10 |
| 6,11 | I 06.11 | Inadempjenza tal-kontroparti tan-negozjar - dettall addizzjonali tat-TCD | I6.11 |
| 6,12 | I 06.12 | Fluss tan-negozjar ta' kuljum - dettall addizzjonali DTF | I6.12 |
| 6,13 | I 06.13 | Valur medju tad-DTF totali ta' kull xahar | I6.13 |
| | | **RISKJU TAL-KONĊENTRAZZJONI** | |
| 7 | I 07.00 | K-CON - dettall addizzjonali | I7 |
| 8,1 | I 08.01 | Livell ta' riskju ta' konċentrazzjoni - Flus tal-klijenti miżmuma | I8.1 |
| 8,2 | I 08.02 | Livell ta' riskju ta' konċentrazzjoni - Assi ssalvagwardjati u amministrati | I8.2 |
| 8,3 | I 08.03 | Livell ta' riskju ta' konċentrazzjoni - Flus proprji totali depożitati | I8.3 |
| 8,4 | I 08.04 | Il-livell ta' riskju tal-konċentrazzjoni - Qligħ totali | I8.4 |
| 8,5 | I 08.05 | Skoperturi tal-portafoll tan-negozjar | I8.5 |
| 8,6 | I 08.06 | Entrati tal-portafoll mhux tan-negozjar u li ma jidhrux barra l-karta bilanċjali | I8.6 |
| | | **REKWIŻITI TAL-LIKWIDITÀ** | |
| 9 | I 09.00 | Rekwiżiti tal-likwidità | I9 |

## I 01.00 - KOMPOŻIZZJONI TAL-FONDI PROPRJI (I1)

| Ringieli | Entrata | Ammont |
|---|---|---|
| | | 0010 |
| 0010 | **FONDI PROPRJI** | |
| 0020 | **KAPITAL TAL-GRAD 1** | |
| 0030 | **KAPITAL TAL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI** | |
| 0040 | Strumenti kapitali sottoskritti | |
| 0050 | Premium azzjonarju | |
| 0060 | Qligħ imfaddal | |
| 0070 | Qligħ imfaddal tas-snin ta' qabel | |
| 0080 | Profitt eliġibbli | |
| 0090 | Introjtu ieħor komprensiv akkumulat | |
| 0100 | Riżervi oħrajn | |
| 0110 | Interess minoritarju mogħti rikonoxximent fil-Kapital CET1 | |
| 0120 | Aġġustamenti għas-CET1 dovuti għal filtri prudenzjali | |
| 0130 | Fondi oħra | |
| 0140 | (-) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI | |
| 0150 | (-) Strumenti proprji CET1 | |
| 0160 | (-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti CET1 | |
| 0170 | (-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti CET1 | |
| 0180 | (-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti CET1 | |
| 0190 | (-) Telf għas-sena finanzjarja kurrenti | |
| 0200 | (-) Avvjament | |
| 0210 | (-) Assi intanġibbli oħrajn | |
| 0220 | (-) Assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji netti wara l-obbligazzjonijiet ta' taxxa assoċjati | |
| 0230 | (-) Parteċipazzjoni kwalifikattiva barra mis-settur finanzjarju li taqbeż il-15 % tal-fondi proprji | |
| 0240 | (-) Il-parteċipazzjonijiet kwalifikattivi totali f'impriżi li mhumiex entitajiet tas-settur finanzjarju li jaqbżu s-60 % tal-fondi proprji tagħha | |
| 0250 | (-) Strumenti tas-CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta d-ditta tal-investiment ma jkollhiex investiment sinifikanti | |
| 0260 | (-) Strumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta d-ditta tal-investiment ikollha investiment sinifikanti | |
| 0270 | (-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti | |
| 0280 | (-) Tnaqqis ieħor | |
| 0290 | CET1: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti | |
| 0300 | **KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI** | |
| 0310 | Strumenti kapitali mħallsin bis-sħiħ, maħruġin direttament | |
| 0320 | Premium azzjonarju | |
| 0330 | (-) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 1 ADDIZZJONALI | |
| 0340 | (-) Strumenti proprji AT1 | |
| 0350 | (-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti AT1 | |
| 0360 | (-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti AT1 | |
| 0370 | (-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti AT1 | |
| 0380 | (-) Strumenti AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta d-ditta tal-investiment ma jkollhiex investiment sinifikanti | |
| 0390 | (-) Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta d-ditta tal-investiment ikollha investiment sinifikanti | |
| 0400 | (-) Tnaqqis ieħor | |
| 0410 | Grad 1 Addizzjonali: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti | |
| 0420 | **KAPITAL TAL-GRAD 2** | |
| 0430 | Strumenti kapitali mħallsin bis-sħiħ, maħruġin direttament | |
| 0440 | Premium azzjonarju | |
| 0450 | (-) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 2 | |
| 0460 | (-) Strumenti T2 proprji | |
| 0470 | (-) Parteċipazzjonijiet diretti ta' strumenti T2 | |
| 0480 | (-) Parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti T2 | |
| 0490 | (-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti T2 | |
| 0500 | (-) Strumenti T2 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta d-ditta tal-investiment ma jkollhiex investiment sinifikanti | |
| 0510 | (-) Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta d-ditta tal-investiment ikollha investiment sinifikanti | |
| 0520 | Grad 2: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti | |

**I 02.01 - REKWIŻITI TA’ FONDI PROPRJI (I2.1)**

| Ringieli | Entrata | Ammont |
|---|---|---|
| | | 0010 |
| 0010 | Rekwiżit ta’ Fondi Proprji | |
| 0020 | Rekwiżit ta' kapital minimu permanenti | |
| 0030 | Rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi | |
| 0040 | Rekwiżit tal-Fattur-K totali | |
| | **Rekwiżi ta’ fondi proprji tranżizzjonali** | |
| 0050 | Rekwiżit tranżizzjonali *bbażat fuq ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji CRR* | |
| 0060 | Rekwiżit tranżizzjonali *bbażat fuq rekwiżiti fissi għall-ispejjeż ġenerali* | |
| 0070 | Rekwiżit tranżizzjonali *għad-ditti tal-investiment li qabel kienu soġġetti biss għal rekwiżit kapitali inizjali* | |
| 0080 | Rekwiżit tranżizzjonali *bbażat fuq rekwiżit kapitali inizjali mal-awtorizzazzjoni* | |
| 0090 | Rekwiżit tranżizzjonali għad-ditti tal-investiment li mhumiex awtorizzati jipprovdu ċerti servizzi | |
| 0100 | Rekwiżit tranżitorju ta’ mill-inqas EUR 250 000 | |
| | **Entrati ta' memorandum** | |
| 0110 | Rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali | |
| 0120 | Gwida ta' fondi proprji addizzjonali | |
| 0130 | Total tar-rekwiżit ta’ fondi proprji | |

**IF 02.02 - PROPORZJONIJIET KAPITALI (IF2.2)**

| Ringieli | Entrata | Ammont |
|---|---|---|
| | | 0010 |
| 0010 | Proporzjon CET 1 | |
| 0020 | Surplus (+)/Defiċit (-) fil-Kapital CET 1 | |
| 0030 | Proporzjoni tal-Grad 1 | |
| 0040 | Surplus (+)/Defiċit (-) fil-Kapital tal-Grad 1 | |
| 0050 | Proporzjon ta’ Fondi Proprji | |
| 0060 | Surplus (+)/Defiċit (-) tal-Kapital totali | |

**I 03.00 - KALKOLU TAR-REKWIŻIT TAL-ISPEJJEŻ ĠENERALI FISSI (I3)**

| | | Ammont |
|---|---|---|
| Ringieli | Entrata | 0010 |
| 0010 | **Rekwiżit tal-Ispejjeż Ġenerali Fissi** | |
| 0020 | **Spejjeż Ġenerali Fissi Annwali tas-sena preċedenti wara d-distribuzzjoni tal-profitti** | |
| 0030 | **Spejjeż totali tas-sena preċedenti wara d-distribuzzjoni tal-profitti** | |
| 0040 | Li minnu: Spejjeż fissi mġarrba f'isem id-ditti tal-investiment minn partijiet terzi | |
| 0050 | **(-)Tnaqqis totali** | |
| 0060 | (-)Bonusijiet tal-persunal u remunerazzjoni oħra | |
| 0070 | (-)L-ishma tal-impjegati, tad-diretturi u tas-sħab fil-profitti netti | |
| 0080 | (-)Pagamenti diskrezzjonarji oħrajn ta' profitti u remunerazzjoni varjabbli | |
| 0090 | (-)Kummissjoni kondiviża u tariffi pagabbli | |
| 0100 | (-)Tariffi, senserija u imposti oħra mħallsa lis-CCPs li jiġu imposti fuq il-klijenti | |
| 0110 | (-)Tariffi lill-aġenti marbuta | |
| 0120 | (-)L-imgħax imħallas lill-klijenti fuq il-flus tal-klijenti meta dan ikun fid-diskrezzjoni tad-ditta | |
| 0130 | (-)L-ispejjeż nonrikorrenti minn attivitajiet mhux ordinarji | |
| 0140 | (-)Nefqiet mit-taxxi | |
| 0150 | (-)Telf min-negozjar akkont proprju fi strumenti finanzjarji | |
| 0160 | (-)Ftehimiet ta' trasferiment tal-profitt u t-telf ibbażati fuq kuntratt | |
| 0170 | (-)Nefqa fuq materja prima | |
| 0180 | (-)Pagamenti f'fond għal riskju bankarju ġenerali | |
| 0190 | (-)Spejjeż relatati ma' entrati li diġà tnaqqsu mill-fondi proprji | |
| 0200 | **Spejjeż ġenerali fissi proġettati għas-sena kurrenti** | |
| 0210 | **Varjazzjoni tal-ispejjeż ġenerali fissi (%)** | |

**I 04.00 - KALKOLI TAR-REKWIŻIT TAL-FATTUR K TOTALI (I4)**

| | | Ammont tal-fattur | Rekwiżit tal-Fattur K |
|---|---|---|---|
| Ringieli | Entrata | 0010 | 0020 |
| 0010 | **REKWIŻIT TAL-FATTUR K TOTALI** | | |
| 0020 | **Riskju għall-klijent** | | |
| 0030 | **L-ispejjeż totali tas-sena preċedenti wara d-distribuzzjoni tal-profitti**<br>Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont li jrid jiġi rrapportat għandu jkun wara d-distribuzzjoni tal-profitti. |
| 0040 | **Li minnhom: Spejjeż fissi mġarrba f'isem id-ditti tal-investiment minn partijiet terzi**<br>Meta partijiet terzi, inklużi aġenti marbuta, ġarrbu spejjeż fissi, f'isem id-ditti tal-investiment, li ma humiex diġà inklużi fl-ispejjeż totali fir-rapport finanzjarju annwali msemmi fil-paragrafu 1, dawk l-ispejjeż fissi għandhom jiżdiedu mal-ispejjeż totali tad-ditta tal-investiment. Meta jkun hemm disponibbli diżaggregazzjoni tal-ispejjeż tal-parti terza, ditta tal-investiment għandha żżid maċ-ċifra li tirrappreżenta l-ispejjeż totali, is-sehem biss ta' dawk l-ispejjeż fissi applikabbli għad-ditta tal-investiment. Meta tali diżaggregazzjoni ma tkunx disponibbli, ditta tal-investiment għandha żżid maċ-ċifra li tirrappreżenta l-ispejjeż totali, is-sehem tagħha biss tal-ispejjeż tal-parti terza peress li tirriżulta mill-pjan tan-negozju tad-ditta tal-investiment. |
| 0050 | (-)Tnaqqis totali<br>Minbarra l-entrati għat-tnaqqis imsemmija fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-entrati li ġejjin għandhom jitnaqqsu wkoll mill-ispejjeż totali, fejn dawn ikunu inklużi taħt l-ispejjeż totali f'konformità mal-qafas kontabilistiku rilevanti:<br>(a) tariffi, senserija u imposti oħrajn imħallsa lil kontropartijiet ċentrali, skambji u postijiet tan-negozjar oħrajn u sensara intermedji għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, ir-reġistrazzjoni jew l-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet, biss meta dawn jiġu mgħoddija direttament lill-klijenti u jiġu imposti fuqhom. Dawk ma għandhomx jinkludu tariffi u imposti oħrajn meħtieġa biex tinżamm is-sħubija jew biex b'xi mod ieħor jiġu ssodisfati l-obbligi finanzjarji tal-kondiviżjoni tat-telf għal kontropartijiet ċentrali, skambji u ċentri tan-negozjar oħrajn;<br>(b) imgħax imħallas lill-klijenti fuq il-flus tal-klijenti, fejn ma jkun hemm l-ebda obbligu ta' kwalunkwe tip li jitħallas tali imgħax;<br>(c) nefqiet minn taxxi fejn ikunu dovuti fir-rigward tal-profitti annwali tad-ditta tal-investiment;<br>(d) telf min-negozjar akkont proprju fi strumenti finanzjarji;<br>(e) pagamenti relatati ma' ftehimiet ta' trasferiment ta' profitt u ta' telf ibbażati fuq kuntratt li skonthom id-ditta tal-investiment hija obbligata tittrasferixxi, wara t-tħejjija tar-rapporti finanzjarji annwali tagħha, ir-riżultat annwali tagħha lill-impriża omm;<br>(f) pagamenti f'fond għal riskju bankarju ġenerali f'konformità mal-Artikolu 26(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(g) spejjeż relatati mal-entrati li diġà tnaqqsu mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0060 | **(-) Bonusijiet tal-persunal u remunerazzjoni oħra**<br>Artikolu 13(4), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-bonusijiet tal-persunal u remunerazzjoni oħra għandhom jitqiesu li jiddependu fuq il-profitt nett tad-ditta tal-investiment fis-sena rispettiva fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: |

| | |
|---|---|
| | (h) il-bonusijiet tal-persunal jew remunerazzjoni oħra li għandha titnaqqas, diġà jkunu tħallsu lill-impjegati fis-sena ta' qabel is-sena tal-pagament, jew il-pagament tal-bonusijiet tal-persunal jew remunerazzjoni oħra lill-impjegati ma jkollhom l-ebda impatt fuq il-pożizzjoni kapitali tad-ditta fis-sena tal-pagament;<br>(i) fir-rigward tas-sena kurrenti u s-snin futuri, id-ditta mhijiex obbligata li tagħti jew li talloka aktar bonusijiet jew pagamenti oħrajn fil-forma ta' remunerazzjoni sakemm ma tagħmilx profitt nett f'dik is-sena. |
| 0070 | **(-)Ishma tal-impjegati, tad-diretturi u tas-sħab fil-profitti nett**<br>Artikolu 13(4), punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ishma tal-impjegati, tad-diretturi u tas-sħab fil-profitti għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-profitti netti. |
| 0080 | **(-)Pagamenti diskrezzjonali oħrajn tal-profitti u tar-remunerazzjoni varjabbli**<br>Artikolu 13(4), punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0090 | **(-)Kummissjoni u tariffi kondiviżi pagabbli**<br>Artikolu 13(4), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0100 | **(-)Tariffi, senserija u imposti oħra mħallsa lis-CCPs li jintalbu lill-klijenti**<br>Tariffi, senserija u imposti oħrajn imħallsa lil kontropartijiet ċentrali, skambji u postijiet tan-negozjar oħrajn u sensara intermedji għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, ir-reġistrazzjoni jew l-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet, biss meta dawn jiġu mgħoddija direttament lill-klijenti u jiġu imposti fuqhom. Dawk ma għandhomx jinkludu tariffi u imposti oħrajn meħtieġa biex tinżamm is-sħubija jew biex b'xi mod ieħor jiġu ssodisfati l-obbligi finanzjarji tal-kondiviżjoni tat-telf għal kontropartijiet ċentrali, boroż u ċentri tan-negozjar oħrajn; |
| 0110 | **(-)Tariffi lill-aġenti marbuta**<br>Artikolu 13(4), punt (e) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0120 | **(-)Imgħax imħallas lill-klijenti fuq flus tal-klijenti meta dan ikun fid-diskrezzjoni tad-ditta**<br>Imgħax imħallas lill-klijenti fuq il-flus tal-klijenti, fejn ma jkun hemm l-ebda obbligu ta' kwalunkwe tip li jitħallas tali imgħax; |
| 0130 | **(-)Spejjeż mhux rikorrenti minn attivitajiet mhux ordinarji**<br>Artikolu 13(4), punt (f) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0140 | **(-)Nefqiet mit-taxxi**<br>Nefqiet minn taxxi fejn ikunu dovuti fir-rigward tal-profitti annwali tad-ditta tal-investiment. |
| 0150 | **(-)Telf min-negozjar akkont proprju fi strumenti finanzjarji**<br>Telf dovut għan-negozjar akkont proprju fi strumenti finanzjarji. |

| | |
|---|---|
| 0160 | **(-)Ftehimiet ta' trasferiment ta' profitt u ta' telf ibbażati fuq kuntratt**<br>Pagamenti relatati ma' ftehimiet ta' trasferiment ta' profitt u ta' telf ibbażati fuq kuntratt li skonthom id-ditta tal-investiment hija obbligata tittrasferixxi, wara t-tħejjija tar-rapporti finanzjarji annwali tagħha, ir-riżultat annwali tagħha lill-impriża omm. |
| 0170 | **(-)Nefqa fuq il-materja prima**<br>In-negozjanti tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet jistgħu jnaqqsu n-nefqa fuq il-materja prima b'rabta ma' ditta tal-investiment li tinnegozja f'derivattivi tal-komodità sottostanti. |
| 0180 | **(-)Pagamenti f'fond għal riskju bankarju ġenerali**<br>pagamenti f'fond għal riskju bankarju ġenerali f'konformità mal-Artikolu 26(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0190 | **(-)Spejjeż relatati ma' entrati li diġà tnaqqsu mill-fondi proprji**<br>Spejjeż relatati mal-entrati li diġà tnaqqsu mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0200 | **Spejjeż ġenerali fissi projettati tas-sena kurrenti**<br>Il-projezzjoni tal-ispejjeż ġenerali fissi għas-sena kurrenti wara d-distribuzzjoni tal-profitti. |
| 0210 | **Varjazzjoni tal-ispejjeż ġenerali fissi (%)**<br>L-ammont għandu jiġi rrapportat bħala l-valur assolut ta':<br>[(Spejjeż ġenerali fissi projettati tas-sena kurrenti) – (Spejjeż ġenerali fissi annwali tas-sena preċedenti)]/(Spejjeż ġenerali fissi annwali tas-sena preċedenti). |

1.6. I 04.00 – KALKOLI TOTALI TAR-REKWIŻIT TAL-FATTUR-K (I 4)

1.6.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **REKWIŻIT TOTALI TAL-FATTUR-K**<br>Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Riskju għall-klijent**<br>Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun is-somma tar-ringieli 0030-0080. |
| 0030 | **Assi mmaniġġati**<br>Artikolu 15(2) u Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-assi mmaniġġati għandu jkun fihom il-ġestjoni tal-portafoll diskrezzjonali u l-arranġamenti konsultattivi mhux diskrezzjonali. |
| 0040 | **Flus tal-klijenti miżmuma - Segregati**<br>Artikolu 15(2) u Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0050 | **Flus tal-klijenti miżmuma - Mhux segregati**<br>Artikolu 15(2) u Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| | |
|---|---|
| 0060 | **Assi salvagwardjati u amministrati**<br>Artikolu 15(2) u Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0070 | **Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati - Negozji fi flus**<br>Artikolu 15(2) u Artikolu 20(1) u Artikolu 20(2), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0080 | **Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati - Negozji tad-Derivattivi**<br>Artikolu 15(2) u Artikolu 20(1) u Artikolu 20(2), punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0090 | **Riskju għas-suq**<br>Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun is-somma tar-ringieli 0100 – 0110. |
| 0100 | **Rekwiżit tar-riskju tal-pożizzjonijiet K-Net**<br>Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0110 | **Marġni tal-ikklerjar mogħti**<br>Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0120 | **Riskju għad-ditta**<br>Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun is-somma tar-ringieli 0130 – 0160. |
| 0130 | **Inadempjenza tal-kontroparti tan-negozjar**<br>Artikolu 26 u Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0140 | **Fluss tan-negozjar ta' kuljum - Negozji fi flus**<br>Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit tal-fattur-K, id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw billi japplikaw il-koeffiċjent tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Fil-każ ta' kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, f'konformità mal-Artikolu 15(5), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033, id-ditti tal-investiment għandhom japplikaw koeffiċjent aġġustat kif speċifikat fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) tal-RTS biex jispeċifikaw l-aġġustamenti għall-koeffiċjenti K-DTF.<br>Il-fattur tal-fluss tan-negozjar ta' kuljum għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 33(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0150 | **Fluss tan-negozjar ta' kuljum - Negozji tad-derivattivi**<br>Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit tal-fattur-K, id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw billi japplikaw il-koeffiċjent tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Fil-każ ta' kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, f'konformità mal-Artikolu 15(5), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033, id-ditti tal-investiment għandhom japplikaw koeffiċjent aġġustat kif speċifikat fl-Artikolu 1(1), il-punt (b) tal-RTS biex jispeċifikaw l-aġġustamenti għall-koeffiċjenti K-DTF.<br>Il-fattur tal-fluss tan-negozjar ta' kuljum għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 33(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0160 | **Rekwiżit tar-riskju tal-Konċentrazzjoni-K**<br>Artikolu 37(2), Artikolu 39 u Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Ammont tal-fattur**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-ammont, li jikkorrispondi għal kull wieħed mill-fatturi, qabel ma jimmultiplikaw kull fattur bil-koeffiċjent korrispondenti. |
| 0020 | **Rekwiżit tal-Fattur-K**<br>Għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 16, 21 u 24 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

## 2. DITTI TAL-INVESTIMENT ŻGĦAR U MHUX INTERKONNESSI

### 2.1. I 05.00 – LIVELL TA' ATTIVITÀ – RIEŻAMI TAL-LIMITU (I 5)

#### 2.1.1. Istruzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Assi mmaniġġati (kkombinati)**<br>Artikolu 12(1), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Meta d-ditta tal-investiment ta' rapportar tkun parti minn grupp, il-valur irrapportat għandu jiġi ddeterminat fuq bażi kkombinata għad-ditti tal-investiment kollha li jkunu parti minn grupp skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jinkludu assi mmaniġġati diskrezzjonali u mhux diskrezzjonali.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0020 | **Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati (kkombinati) - Negozji fi flus**<br>Artikolu 12(1), punt (b)(i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Meta d-ditta tal-investiment ta' rapportar tkun parti minn grupp, il-valur irrapportat għandu jiġi ddeterminat fuq bażi kkombinata għad-ditti tal-investiment kollha li jkunu parti minn grupp skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0030 | **Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati (kkombinati) - Derivattivi**<br>Artikolu 12(1), punt (b)(ii) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Meta d-ditta tal-investiment ta' rapportar tkun parti minn grupp, il-valur irrapportat għandu jiġi ddeterminat fuq bażi kkombinata għad-ditti tal-investiment kollha li jkunu parti minn grupp skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0040 | **Assi salvagwardjati u amministrati**<br>Artikolu 12(1), punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |

| | |
|---|---|
| 0050 | **Flus tal-klijenti miżmuma**<br>Artikolu 12(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0060 | **Fluss tan-negozjar ta' kuljum - negozji fi flus u negozji tad-derivattivi**<br>Artikolu 12(1), punt (e) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0070 | **Riskju ta' pożizzjoni netta**<br>Artikolu 12(1), punt (f) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0080 | **Marġni tal-ikklerjar mogħti**<br>Artikolu 12(1), punt (f) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0090 | **Inadempjenza tal-kontroparti tan-negozjar**<br>Artikolu 12(1), punt (g) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont li jintuża għall-kalkolu tal-fatturi-K qabel l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti. |
| 0100 | **Total li jidher u li ma jidhirx fil-karta bilanċjali (kkombinat)**<br>Artikolu 12(1), punt (h) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Meta d-ditta tal-investiment ta' rapportar tkun parti minn grupp, il-valur irrapportat għandu jiġi ddeterminat fuq bażi kkombinata għad-ditti tal-investiment kollha li jkunu parti minn grupp skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0110 | **Dħul gross annwali totali kkombinat**<br>Artikolu 12(1), punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Meta d-ditta tal-investiment ta' rapportar tkun parti minn grupp, il-valur irrapportat għandu jiġi ddeterminat fuq bażi kkombinata għad-ditti tal-investiment kollha li jkunu parti minn grupp skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0120 | **Dħul gross annwali totali**<br>Il-valur tad-dħul gross annwali totali eskluż id-dħul gross iġġenerat fil-grupp skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0130 | **(-) Parti intragrupp mid-dħul gross annwali**<br>Il-valur tad-dħul gross iġġenerat fil-grupp ta' ditti tal-investiment skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0140 | **Li minnu: dħul minn riċevuta u trażmissjoni ta' ordnijiet**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |

| | |
|---|---|
| 0150 | **Li minnu: dħul minn eżekuzzjoni tal-ordnijiet f'isem il-klijenti**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0160 | **Li minnu: dħul minn negozjar akkont proprju**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0170 | **Li minnu: dħul mill-immaniġġar tal-portafoll**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0180 | **Li minnu: dħul minn konsulenza dwar l-investiment**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0190 | **Li minnu: dħul mis-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji/tqegħid fuq bażi ta' impenn sod**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0200 | **Li minnu: dħul mit-tqegħid mingħajr bażi ta' impenn sod**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0210 | **Li minnu: dħul mill-operat ta' MTF**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0220 | **Li minnu: dħul mill-operat ta' OTF**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0230 | **Li minnu: dħul mill-kustodja u mill-amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (3) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0240 | **Li minnu: dħul mill-għoti ta' krediti jew ta' self lill-investituri**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (3) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0250 | **Li minnu: dħul mill-konsulenza lill-impriżi dwar l-istruttura tal-kapital, l-istrateġija industrijali u materji relatati u l-konsulenza u s-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-fużjonijiet u x-xiri ta' impriżi**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| | |
|---|---|
| | Artikolu 4(1), punt (3) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0260 | **Li minnu: dħul minn servizzi ta' kambju**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (3), tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0270 | **Li minnu: riċerka dwar l-investimenti u analiżi finanzjarja**<br>Artikolu 54(1), punt (d), tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (3), tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0280 | **Li minnu: dħul minn servizzi relatati mas-sottoskrizzjoni**<br>Artikolu 54(1), punt (d), tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (3), tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0290 | **Li minnu: servizzi ta' investiment u attivitajiet anċillari relatati mas-sottostanti tad-derivattivi**<br>Artikolu 54(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Artikolu 4(1), punt (3), tad-Direttiva 2014/65/UE. |

## 3. REKWIŻITI TAL-FATTUR-K - DETTALJI ADDIZZJONALI

### 3.1. Rimarki ġenerali

12. F'I 06.00 kull wieħed mill-fatturi-K AUM, ASA, CMH, COH u DTF għandu żewġ tabelli ddeżinjati.

13. Fil-kolonni, l-ewwel tabella fiha informazzjoni relatata ma' "Ammont tal-fattur" għal kull xahar tat-trimestru tar-rapportar. L-ammont tal-fattur huwa l-valur li jintuża għall-kalkolu ta' kull fattur-K qabel ma jiġi applikat il-koeffiċjent mit-Tabella 1 tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

14. It-tieni tabella fiha informazzjoni dettaljata meħtieġa biex jiġi kkalkolat l-Ammont tal-fattur.

Fil-każ tal-AUM, dan jikkorrispondi għall-valur tal-assi mmaniġġati mill-aħħar jum tax-xahar kif speċifikat fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

Fil-każ ta' CMH, ASA, COH u DTF, il-valur irrapportat għandu jikkorrispondi għall-medja tal-valur ta' kuljum tal-indikatur rilevanti matul ix-xahar.

### 3.2. I 06.01 – ASSI MMANIĠĠATI – DETTALJI ADDIZZJONALI (I 6.1)

#### 3.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **AUM totali (ammonti medji)**<br>Artikolu 4(1), punt (27) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur totali tal-AUM bħala medja aritmetika f'konformità mal-Artikolu 17(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. Il-valur irrapportat għandu jkun is-somma tar-ringieli 0020 u 0040. |

| | |
|---|---|
| 0020 | **Li minnu: AUM - Ġestjoni tal-portafoll diskrezzjonali**<br>L-ammont totali ta' assi li fir-rigward tagħhom id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-ġestjoni tal-portafoll kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (8) tad-Direttiva 2014/65/UE u kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0030 | **Li minnu: AUM iddelegat b'mod formali lil entità oħra**<br>Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0040 | **AUM - Konsulenza mhux diskrezzjonali kontinwa**<br>L-ammont totali ta' assi li fir-rigward tagħhom id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-konsulenza dwar l-investiment kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (4) tad-Direttiva 2014/65/UE fuq bażi kontinwa u mhux diskrezzjonali. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Ammont tal-fattur – Xahar t**<br>AUM għall-aħħar tat-tielet xahar (jiġifieri l-aktar reċenti) tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |
| 0020 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-1**<br>AUM għat-tieni xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |
| 0030 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-2**<br>AUM għall-ewwel xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |

## 3.3. I 06.02 – ASSI MENSILI MMANIĠĠATI (I 6.2)

### 3.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Assi ta' kull xahar totali mmaniġġati**<br>Artikolu 4(1), punt (27) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-assi ta' kull xahar totali mmaniġġati mill-aħħar jum ta' negozju tax-xahar rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat f'din ir-ringiela jkun is-somma tar-ringieli 0020 u 0040. |
| 0020 | **Assi ta' kull xahar immaniġġati - ġestjoni tal-portafoll diskrezzjonali**<br>L-ammont irrapportat għandu jkun l-assi ta' kull xahar li fir-rigward tagħhom id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-ġestjoni tal-portafoll kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (8) tad-Direttiva 2014/65/UE mill-aħħar jum ta' negozju tax-xahar rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0030 | **Li minnhom: assi ddelegati b'mod formali lil entità oħra**<br>Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Assi ta' kull xahar li l-maniġment tagħhom ġie ddelegat b'mod formali lil entità oħra rrapportati mill-aħħar jum ta' negozju tax-xahar rilevanti. |

| | |
|---|---|
| 0040 | **Assi ta' kull xahar immaniġġati – Konsulenza mhux diskrezzjonali kontinwa**<br>L-ammont totali ta' assi li fir-rigward tagħhom id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-konsulenza dwar l-investiment kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (4) tad-Direttiva 2014/65/UE fuq bażi kontinwa u mhux diskrezzjonali rrapportat fl-aħħar jum ta' negozju tax-xahar rilevanti. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010-0140 | **Valuri ta' tmiem ix-xahar**<br>Għandhom jiġu rrapportati l-valuri mill-aħħar jum ta' negozju tax-xahar rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

3.4. I 06.03 – FLUS TAL-KLIJENTI MIŻMUMA – DETTALL ADDIZZJONALI (I 6.3)

3.4.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **CMH – Segregat (ammonti medji)**<br>L-Artikolu 4(1), il-punti (28) u (49) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u l-Artikolu 1 tal-RTS dwar id-definizzjoni ta' kont segregat (Artikolu 15(5), punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/2033).<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja aritmetika tal-valuri ta' kuljum tas-CMH fejn il-flus tal-klijenti jinżammu f'kontijiet segregati f'konformità mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **CMH - Mhux segregat (ammonti medji)**<br>Artikolu 4(1), punti (28) u (49) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja aritmetika tal-valuri ta' kuljum tas-CMH fejn il-flus tal-klijent ma jinżammux f'kontijiet segregati f'konformità mal-Artikolu 18(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Ammont tal-fattur – Xahar t**<br>CMH għall-aħħar tat-tielet xahar (jiġifieri l-aktar reċenti) tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport.<br>Dan l-ammont huwa kkalkolat bħala l-medja aritmetika tal-ammonti ta' kuljum fil-perjodu ta' żmien speċifikat fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-1**<br>CMH għall-aħħar tat-tieni xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport.<br>Dan l-ammont huwa kkalkolat bħala l-medja aritmetika tal-ammonti ta' kuljum fil-perjodu ta' żmien speċifikat fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| | |
|---|---|
| 0030 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-2**<br>CMH għall-aħħar tal-ewwel xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport.<br>Dan l-ammont huwa kkalkolat bħala l-medja aritmetika tal-ammonti ta' kuljum fil-perjodu ta' żmien speċifikat fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

3.5. I 06.04 – VALUR MEDJU TAT-TOTAL TA' FLUS TAL-KLIJENTI MIŻMUMA TA' KULJUM (I 6.4)

3.5.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Total ta' flus tal-klijenti miżmuma ta' kuljum - Segregat**<br>L-Artikolu 4(1), il-punti (28) u (49) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u l-RTS dwar id-definizzjoni ta' kont segregat (Artikolu 15(5), punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033).<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja ta' kull xahar tat-total ta' flus tal-klijenti miżmuma ta' kuljum meta l-flus tal-klijenti jinżammu f'kontijiet segregati f'konformità mal-Artikolu 18(1) u r-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Total ta' flus tal-klijenti miżmuma ta' kuljum - Mhux segregati**<br>Artikolu 4(1), punti (28) u (49) tar-Regolament (UE) 2019/2033<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja ta' kull xahar tat-total ta' flus tal-klijenti miżmuma ta' kuljum fejn il-flus tal-klijenti ma jinżammux f'kontijiet segregati f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010-0080 | **Medji fix-xahar tat-total ta' flus tal-klijenti miżmuma ta' kuljum**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw f'kull xahar, il-valur medju ta' kull xahar tat-total ta' flus tal-klijenti miżmuma ta' kuljum imkejjel fi tmiem kull jum ta' negozju skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

3.6. I 06.05 – ASSI SALVAGWARDJATI U AMMINISTRATI – DETTALL ADDIZZJONALI (I 6.5)

3.6.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **ASA totali (ammonti medji)**<br>Artikolu 4(1), punt (29) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 5(1) tal-RTS biex jiġu speċifikati l-metodi għall-kejl tal-fatturi-K (Artikolu 15(5), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033).<br>Il-valur tal-ASA totali bħala l-medja mobbli tal-valur tal-assi totali ta' kuljum salvagwardjati u amministrati, imkejjel fi tmiem kull jum ta' negozju għad-disa' xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti f'konformità mal-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| | |
|---|---|
| 0020 | **Li minnhom: Valur ġust tal-istrumenti finanzjarji (Livell 2)**<br>L-Artikolu 5(1), il-punt (a) tal-RTS biex jiġu speċifikati l-metodi għall-kejl tal-fatturi-K (Artikolu 15(5), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033).<br>Strumenti finanzjarji tal-Livell 2 ivvalutati skont l-IFRS 13.81. |
| 0030 | **Li minnhom: Valur ġust tal-istrumenti finanzjarji (Livell 3)**<br>L-Artikolu 5(1), il-punt (a) tal-RTS biex jiġu speċifikati l-metodi għall-kejl tal-fatturi-K (Artikolu 15(5), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Valwazzjoni bbażata fuq inputs mhux osservabbli bl-użu tal-aħjar informazzjoni disponibbli IFRS 13.86. |
| 0040 | **Li minnhom: assi delegati b'mod formali lil entità finanzjarja oħra**<br>Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur tal-assi li s-salvagwardja u l-amministrazzjoni tagħhom ġew iddelegati b'mod formali lil entità finanzjarja oħra bħala medja aritmetika f'konformità mal-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0050 | **Li minnhom: assi ta' entità finanzjarja oħra li tkun iddelegat b'mod formali lid-ditta tal-investiment**<br>Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur tal-assi ta' entità finanzjarja oħra li tkun iddelegat b'mod formali s-salvagwardja u l-amministrazzjoni lid-ditta tal-investiment bħala medja aritmetika f'konformità mal-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Ammont tal-fattur – Xahar t**<br>ASA għall-aħħar tat-tielet xahar (jiġifieri l-aktar reċenti) tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |
| 0020 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-1**<br>ASA għal tmiem it-tieni xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |
| 0030 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-2**<br>ASA għal tmiem l-ewwel xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |

## 3.7. I 06.06 – VALUR MEDJU TAL-ASSI TOTALI TA' KULJUM SALVAGWARDJATI U AMMINISTRATI (I 6.6)

### 3.7.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Assi salvagwardjati u amministrati**<br>Artikolu 4(1), punt (29) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 5(1) tal-RTS biex jiġu speċifikati l-metodi għall-kejl tal-fatturi-K (Artikolu 15(5), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033). |

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| | Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja ta' kull xahar tal-assi totali ta' kuljum salvagwardjati u amministrati f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Li minnu: Valur ġust tal-istrumenti finanzjarji (Livell 2)**<br>L-Artikolu 5(2) tal-RTS biex jiġu speċifikati l-metodi għall-kejl tal-fatturi-K (Artikolu 15(5), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Strumenti finanzjarji tal-Livell 2 ivvalutati skont l-IFRS 13.81. |
| 0030 | **Li minnu: Valur ġust tal-istrumenti finanzjarji (Livell 3)**<br>L-Artikolu 5(1), il-punt (a) tal-RTS biex jiġu speċifikati l-metodi għall-kejl tal-fatturi-K (Artikolu 15(5), punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Valwazzjoni bbażata fuq inputs mhux osservabbli bl-użu tal-aħjar informazzjoni disponibbli IFRS 13.86. |
| 0040 | **Li minnu: assi delegati b'mod formali lil entità finanzjarja oħra**<br>Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja ta' kull xahar tal-assi totali ta' kuljum li s-salvagwardja u l-amministrazzjoni ġew iddelegati b'mod formali lil entità finanzjarja oħra f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0050 | **Li minnu: assi ta' entità finanzjarja oħra li tkun iddelegat b'mod formali lid-ditta tal-investiment**<br>Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-medja ta' kull xahar tal-assi totali ta' kuljum ta' entità finanzjarja oħra li tkun iddelegat b'mod formali s-salvagwardja u l-amministrazzjoni lid-ditta tal-investiment f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010-0080 | **Medji fix-xahar tal-valuri tal-assi totali ta' kuljum salvagwardjati u amministrati**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw f'kull xahar il-valur medju ta' kuljum tal-assi totali ta' kuljum salvagwardjati u amministrati mkejjel fi tmiem kull jum ta' negozju skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

## 3.8. I 06.07 – ORDNIJIET TAL-KLIJENTI MMANIĠĠATI - DETTALJI ADDIZZJONALI (I 6.7)

### 3.8.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **COH - Negozji fi flus (ammonti medji)**<br>Il-valur tas-COH - negozji fi flus kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (30) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u mkejjel skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| | Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-ammont medju aritmetiku tas-COH – negozji fi flus għas-sitt xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti f'konformità mal-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033 u għandhom jitkejlu skont l-Artikolu 20(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Li minnhom: Eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>COH għal negozji fi flus li fir-rigward tiegħu, id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti f'isem il-klijent kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (5) tad-Direttiva 2014/65/UE.<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont medju aritmetiku tal-valur tas-COH għas-sitt xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti skont l-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0030 | **Li minnhom: Riċevuta u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>COH għal negozji fi flus li fir-rigward tagħhom id-ditta ta' investiment twettaq is-servizz ta' riċevuta u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti.<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont medju aritmetiku tal-valur tas-COH għas-sitt xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti skont l-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0040 | **COH - Derivattivi (ammonti medji)**<br>Artikolu 4(1), punt (30) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-ammont medju aritmetiku tas-COH – derivattivi għas-sitt xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti skont l-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033 u għandhom jitkejlu skont l-Artikolu 20(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0050 | **Li minnhom: Eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>COH għal negozji f'derivattivi li fir-rigward tagħhom, id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti f'isem il-klijent kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (5) tad-Direttiva 2014/65/UE.<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont medju aritmetiku tal-valur tas-COH għas-sitt xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti skont l-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0060 | **Li minnhom: Riċevuta u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>COH għal negozji tad-derivattivi li fir-rigward tagħhom id-ditta ta' investiment twettaq is-servizz ta' riċeviment u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti.<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont medju aritmetiku tal-valur tas-COH għas-sitt xhur preċedenti, esklużi t-tliet xhur l-aktar reċenti skont l-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Ammont tal-fattur – Xahar t**<br>Il-valur tas-COH mill-aħħar tat-tielet xahar (jiġifieri l-aktar reċenti) tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |

| | |
|---|---|
| 0020 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-1**<br>Il-valur tas-COH sa mill-aħħar tat-tieni xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |
| 0030 | **Ammont tal-fattur – Xahar t-2**<br>Il-valur tas-COH sa mill-aħħar tal-ewwel xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport. |

3.9. I 06.08 – VALUR MEDJU TAT-TOTAL TAL-ORDNIJIET TAL-KLIJENTI MMANIĠĠATI KULJUM (I 6.8)

3.9.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum - Negozji fi flus**<br>Artikolu 4(1), punt (30) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur medju tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum (negozji fi flus) tax-xahar rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u għandu jitkejjel skont l-Artikolu 20(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Li minnhom: Eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>Il-valur medju tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum għal negozji fi flus li fir-rigward tagħhom, id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti f'isem il-klijent kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (5), tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0030 | **Li minnhom: Riċevuta u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>Il-valur medju tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum għal negozji fi flus li, fir-rigward tagħhom, id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz ta' riċeviment u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti. |
| 0040 | **Total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum - Derivattivi**<br>Artikolu 4(1), punt (30) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur medju tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum (derivattivi) tax-xahar rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u għandu jitkejjel skont l-Artikolu 20(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0050 | **Li minnu: Eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>Il-valur medju tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum għal negozji f'derivattivi li fir-rigward tagħhom, id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti f'isem il-klijent kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (5) tad-Direttiva 2014/65/UE. |
| 0060 | **Li minnu: Riċevuta u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti**<br>Il-valur medju tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum għal negozji tad-derivattivi li fir-rigward tagħhom id-ditta tal-investiment twettaq is-servizz ta' riċeviment u trażmissjoni ta' ordnijiet tal-klijenti. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010-0050 | **Medji fix-xahar tal-valuri tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw kull xahar il-valur medju fix-xahar tat-total tal-ordnijiet tal-klijenti mmaniġġati kuljum skont l-Artikolu 20(1). |

3.10. I 06.09 – RISKJU TAL-POŻIZZJONI K-NET - DETTALJI ADDIZZJONALI (I 6.9)

3.10.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Approċċ standardizzat totali**<br>Artikolu 22 (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet li għalihom rekwiżit ta' fondi proprji jiġi ddeterminat f'konformità mal-Kapitoli 2, 3 jew 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0020 | **Riskju ta' pożizzjoni**<br>Artikolu 22 (a) u 21(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar li għalihom rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' pożizzjoni jiġi ddeterminat skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0030 | **Strumenti azzjonarji**<br>Artikoli 22(a) u 21(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar fi strumenti ta' ekwità li għalihom rekwiżit ta' fondi proprji jiġi ddeterminat skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0040 | **Strumenti ta' dejn**<br>Artikoli 22(a) u 21(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar fi strumenti ta' dejn li għalihom rekwiżit ta' fondi proprji jiġi ddeterminat skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0050 | **Li minnhom: titolizzazzjonijiet**<br>Artikoli 22(a) u 21(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet fi strumenti ta' titoli kif imsemmija fl-Artikolu 337 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u pożizzjonijiet fil-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 338 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0055 | **Approċċ partikolari għar-risku ta' pożizzjoni fis-CIUs**<br>Artikolu 22 (a) u 21(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont totali tal-esponiment għar-riskju għal pożizzjonijiet fis-CIUs jekk ir-rekwiżiti ta' kapital jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 348(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kemm minnufih kif ukoll bħala konsegwenza tal-limitu massimu definit fl-Artikolu 350(3), punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jassenjax b'mod espliċitu dawk il-pożizzjonijiet għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew għar-riskju ta' ekwità.<br>Jekk ikun applikat l-approċċ partikolari f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 348(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont li għandu jiġi rrapportat huwa 32 % tal-pożizzjoni netta tal-iskopertura tas-CIU inkwistjoni.<br>Jekk ikun applikat l-approċċ partikolari f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 348(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont li jrid jiġi rrapportat huwa l-inqas mit-32 % tal-pożizzjoni netta tal-iskopertura rilevanti tas-CIU u d-differenza bejn 40 % ta' din il-pożizzjoni netta u r-rekwiżiti tal-fondi proprji li ġejjin mir-riskju tal-kambju assoċjat ma' din l-iskopertura tas-CIU. |

| | |
|---|---|
| 0060 | **Riskju tal-kambju**<br>Artikolu 22(a) u Artikolu 21, paragrafi (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tal-kambju li għalihom rekwiżit ta’ fondi proprji jiġi ddeterminat f’konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0070 | **Riskju tal-Komoditajiet**<br>Artikolu 22(a) u Artikolu 21, paragrafi (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tal-komoditajiet li għalihom rekwiżit ta’ fondi proprji jiġi ddeterminat f’konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0080 | **Approċċ ibbażat fuq mudelli interni**<br>Artikolu 57(2) u Artikolu 21, paragrafi (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għar-riskju tal-kambju jew tal-komoditajiet li għalihom ir-rekwiżit ta’ fondi proprji huwa ddeterminat f’konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

## 3.11. I 06.10 – MARĠNI TAL-IKKLERJAR MOGĦTI - DETTALL ADDIZZJONALI (I 6.10)

15. F’din il-formola, id-ditti li jinnegozjaw akkont proprju għandhom jirrapportaw lill-membri tal-ikklerjar kollha ta’ kontropartijiet ċentrali kwalifikanti li taħt ir-responsabbiltà tagħhom iseħħu l-eżekuzzjoni u s-saldu ta’ tranżazzjonijiet tad-ditta.

### 3.11.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonna | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 – 0030 | **Membru tal-ikklerjar** |
| 0010 | **Isem**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-isem ta’ kwalunkwe membru tal-ikklerjar ta’ kontropartijiet ċentrali kwalifikanti li taħt ir-responsabbiltà tagħhom iseħħu l-eżekuzzjoni u s-saldu ta’ tranżazzjonijiet tad-ditta li tinnegozja akkont proprju. |
| 0020 | **Kodiċi**<br>Il-kodiċi bħala parti minn identifikatur tar-ringiela jrid ikun uniku għal kull entità rrapportata. Għad-ditti tal-investiment, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI. Għal entitajiet oħrajn, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI, jew jekk ma jkunx disponibbli, kodiċi nazzjonali. Il-kodiċi għandu jkun uniku u użat b’mod konsistenti fil-formoli kollha u tul iż-żmien. Il-kodiċi għandu dejjem ikollu valur. |
| 0030 | **Tip ta’ kodiċi**<br>It-tip ta’ kodiċi rrapportat fil-kolonna 0020 għandu jiġi identifikat bħala “tip ta’ kodiċi LEI” jew “Tip ta’ kodiċi nazzjonali”. |

| | |
|---|---|
| 0040 – 0060 | **Kontribuzzjoni għall-marġini totali meħtieġ fuq bażi ta' kuljum**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw informazzjoni għat-tlett ijiem tat-tliet xhur preċedenti fejn ġie kkalkolat l-ogħla, it-tieni l-ogħla u t-tielet l-ogħla ammont ta' marġini totali meħtieġ fuq bażi ta' kuljum, kif imsemmi fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Id-ditta tal-investiment għandha tinkludi l-membri tal-ikklerjar kollha fil-formola li ntużat f'mill-inqas wieħed minn dawk il-jiem.<br>Il-kontribuzzjoni għall-marġini totali meħtieġ fuq bażi ta' kuljum għandha tiġi rrapportata bħala l-ammont qabel il-multiplikazzjoni bil-fattur ta' 1,3 imsemmi fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0040 | **Kontribuzzjoni għall-marġini totali meħtieġ fuq bażi ta' kuljum – fil-jum tal-ogħla ammont tal-marġni totali meħtieġ** |
| 0050 | **Kontribuzzjoni għall-marġini totali meħtieġ fuq bażi ta' kuljum – fil-jum tat-tieni l-ogħla ammont tal-marġni totali meħtieġ** |
| 0060 | **Kontribuzzjoni għall-marġini totali meħtieġ fuq bażi ta' kuljum – fil-jum tat-tielet l-ogħla ammont tal-marġni totali meħtieġ** |

## 3.12. I 06.11 – INADEMPJENZA TAL-KONTROPARTI TAN-NEGOZJAR - DETTALJI ADDIZZJONALI tat-TCD (I 6.11)

### 3.12.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 - 0080 | **Diżaggregazzjoni skont il-metodu għad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura** |
| 0010 | **Ir-Regolament ta' Applikazzjoni (UE) 2019/2033: K-TCD**<br>Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Skoperturi li għalihom ir-rekwiżit ta' fondi proprji jiġi kkalkolat bħala K-TCD f'konformità mal-Artikolu 26, tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **Approċċi alternattivi: Valur tal-iskopertura ddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013**<br>Artikolu 25(4), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Skoperturi li għalihom il-valur tal-iskopertura huwa ddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li r-rekwiżiti tal-fondi proprji relatati tagħhom huma kkalkolati billi l-valur tal-iskopertura jiġi mmultiplikat bil-fattur tar-riskju stabbilit fit-Tabella 2 fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0030 | **SA-CCR**<br>Artikolu 274 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0040 | **SA-CCR simplifikat**<br>Artikolu 281 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0050 | **Metodu tal-iskopertura oriġinali**<br>Artikolu 282 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0060 | **Approċċi alternattivi: Qafas ta' applikazzjoni sħiħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**<br>Artikolu 25(4), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| | |
|---|---|
| | Skoperturi li għalihom il-valur tal-iskopertura u r-rekwiżiti tal-fondi proprji huma ddeterminati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0070 | **Entrata ta' memorandum: Komponent CVA**<br>Artikoli 25(5) u 26 tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Meta istituzzjoni tapplika l-approċċ tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jew tapplika d-deroga tal-Artikolu 26(5), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/2033, il-komponent CVA għandu jiġi ddeterminat bħala d-differenza bejn l-ammont rilevanti wara l-applikazzjoni tal-multiplikatur tal-fattur CVA u l-ammont rilevanti qabel l-applikazzjoni tal-multiplikatur tal-fattur CVA.<br>Meta istituzzjoni tapplika d-deroga tal-Artikolu 25(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/2033, il-komponent CVA għandu jiġi ddeterminat f'konformità mat-Titolu VI tal-Parti Tlieta, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0080 | **Li minnu: ikkalkolat f'konformità mal-qafas tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**<br>Artikolu 25(5), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0090 - 0110 | **Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' kontroparti**<br>Id-diżaggregazzjoni tal-kontroparti għandha tkun ibbażata fuq it-tipi ta' kontropartijiet imsemmija fit-Tabella 2 fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0090 | **Gvernijiet ċentrali, banek ċentrali u entitajiet tas-settur pubbliku** |
| 0100 | **Istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment** |
| 0110 | **Kontropartijiet oħrajn** |

| Kolonna | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **K - rekwiżit tal-fattur**<br>Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għandu jiġi rrapportat kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jew id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0020 | **Valur tal-iskopertura**<br>Il-valur tal-iskopertura kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jew id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0030 | **Kost tas-sostituzzjoni (RC)**<br>Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0040 | **Skopertura futura potenzjali (PFE)**<br>Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0050 | **Kollateral (C)**<br>Artikolu 30(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-valur irrapportat għandu jkun il-valur tal-kollateral kif użat għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura u għalhekk, fejn applikabbli, il-valur wara l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità u l-aġġustament tal-volatilità għall-ispariġġ tal-muniti tal-Artikoli 30(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

3.13. I 06.12 – FLUSS TAN-NEGOZJAR TA' KULJUM – DETTALJI ADDIZZJONALI (I 6.12)

3.13.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **DTF totali - negozji fi flus (ammonti medji)**<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-ammont medju aritmetiku tad-DTF – negozji fi flus għas-sitt xhur li jifdal f'konformità mal-Artikolu 33(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033 u għandhom jitkejlu skont l-Artikolu 33(2)(a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat f'din iċ-ċellola għandu jqis l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0020 | **DTF totali - negozji tad-derivattivi (ammonti medji)**<br>Artikolu 33(2), punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw l-ammont medju aritmetiku tad-DTF – negozji tad-derivattivi għas-sitt xhur li jifdal f'konformità mal-Artikolu 33(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2019/2033 u għandhom jitkejlu skont l-Artikolu 33(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-ammont irrapportat f'din iċ-ċellola għandu jqis l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| Kolonni | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---|---|
*ANNESS VIII*

**RAPPORTAR DWAR IT-TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP**

| FORMOLI TAD-DITTI TAL-INVESTIMENT | | | |
|---|---|---|---|
| Numru tal-formola | Kodiċi tal-formola | Isem tal-formola/grupp ta' formoli | Isem fil-qosor |
| | | **TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP** | |
| 11,1 | I 11.01 | KOMPOŻIZZJONI TAL-FONDI PROPRJI - TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP | I11.1 |
| 11,2 | I 11.02 | STRUMENTI TAL-FONDI PROPRJI - TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP | I11.2 |
| 11,3 | I 11.03 | INFORMAZZJONI DWAR IMPRIŻI SUSSIDJARJI | I11.3 |

**I 11.01 - KOMPOŻIZZJONI TAL-FONDI PROPRJI - TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP (I11.1)**

| Ringieli | Entrata | Ammont |
|---|---|---|
| | | 0010 |
| 0010 | **FONDI PROPRJI** | |
| 0020 | **KAPITAL TAL-GRAD 1** | |
| 0030 | **KAPITAL TAL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI** | |
| 0040 | Strumenti kapitali sottoskritti | |
| 0050 | Premium azzjonarju | |
| 0060 | Qligħ imfaddal | |
| 0070 | Qligħ imfaddal tas-snin ta' qabel | |
| 0080 | Profitt eliġibbli | |
| 0090 | Introjtu ieħor komprensiv akkumulat | |
| 0100 | Riżervi oħrajn | |
| 0120 | Aġġustamenti għas-CET1 dovuti għal filtri prudenzjali | |
| 0130 | Fondi oħra | |
| 0145 | (-) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI | |
| 0150 | (-) Strumenti proprji CET1 | |
| 0190 | (-) Telf għas-sena finanzjarja kurrenti | |
| 0200 | (-) Avvjament | |
| 0210 | (-) Assi intanġibbli oħrajn | |
| 0220 | (-) Assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji netti wara l-obbligazzjonijiet ta' taxxa assoċjati | |
| 0230 | (-) Parteċipazzjoni kwalifikattiva barra mis-settur finanzjarju li taqbeż il-15 % tal-fondi proprji | |
| 0240 | (-) Il-parteċipazzjonijiet kwalifikattivi totali f'impriżi li mhumiex entitajiet tas-settur finanzjarju li jaqbżu s-60 % tal-fondi proprji tagħha | |
| 0250 | (-) Strumenti tas-CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti | |
| 0270 | (-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti | |
| 0280 | (-) Tnaqqis ieħor | |
| 0295 | CET1: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti | |
| 0300 | **KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI** | |
| 0310 | Strumenti kapitali mħallsin bis-sħiħ, maħruġin direttament | |

| | | |
|---|---|---|
| 0320 | Premium azzjonarju | |
| 0335 | (-) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 1 ADDIZZJONALI | |
| 0340 | (-) Strumenti proprji AT1 | |
| 0380 | (-) Strumenti tas-AT1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti | |
| 0400 | (-) Tnaqqis ieħor | |
| 0415 | Grad 1 Addizzjonali: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti | |
| 0420 | **KAPITAL TAL-GRAD 2** | |
| 0430 | Strumenti kapitali mħallsin bis-sħiħ, maħruġin direttament | |
| 0440 | Premium azzjonarju | |
| 0455 | (-) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 2 | |
| 0460 | (-) Strumenti T2 proprji | |
| 0500 | (-) Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-entità omm ma jkollhiex investiment sinifikanti | |
| 0525 | Stadju 2: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti | |

**I 11.02 - STRUMENTI TAL-FONDI PROPRJI - TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP (I11.2)**

| | | **Ammont** |
|---|---|---|
| **Ringieli** | **Entrata** | **0010** |
| **0010** | Strumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment fejn l-impriża prinċipali jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet | |
| **0020** | Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment fejn l-impriża prinċipali jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet | |
| **0030** | Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment fejn l-impriża prinċipali jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet | |
| **0040** | Parteċipazzjonijiet ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp tad-ditti tal-investiment sal-punt li ma jikkostitwixxux fondi proprji għall-entità tal-grupp li l-kumpanija prinċipali hija investita fiha | |
| **0050** | Pretensjonijiet subordinati ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment | |
| **0060** | Obbligazzjonijiet kontinġenti favur entitajiet fil-grupp ta' ditti tal-investiment | |
| **0070** | Rekwiżiti ta' fondi proprji totali għall-impriżi sussidjarji | |

## I 11.03: INFORMAZZJONI DWAR IMPRIŻI SUSSIDJARJI (I11.3)

| Kodiċi | Tip ta' Kodiċi | Isem tal-impriża | Omm / sussidjarja | Pajjiż | Investimenti mill-impriża omm | | | | | Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-impriża omm favur l-entità | Total ta' rekwiżi ta' fondi proprji | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | CET1 | AT1 | T2 | Parteċipazzjonijiet | Pretensjonijiet subordinati | | | Kapital minimu permanenti | Rekwiżit tal-fattur K | | | | | | | | | | | | | Rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi |
| | | | | | | | | | | | | | | Assi mmaniġġjati | Flus tal-klijenti miżmuma - Segregati | Flus tal-klijenti miżmuma - Mhux segregati | Assi ssalvagwardjati u amministrati | Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġjati - Negozji ta' flus | Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġjati - Negozji ta' Derivattivi | Rekwiżit tar-riskju tal-pożizzjonijiet netti (K-NPR) | Marġni ta' kklerjar mogħti | Inadempjenza ta' kontroparti ta' negozjar | Fluss tan-negozjar ta' kuljum - Negozji ta' flus kontanti | Fluss tan-negozjar ta' kuljum - Negozji derivattivi | Rekwiżit tar-riskju ta' konċentrazzjoni | |
| 0010 | 0020 | 0030 | 0040 | 0050 | 0060 | 0070 | 0080 | 0090 | 0100 | 0110 | 0120 | 0130 | 0140 | 0150 | 0160 | 0170 | 0180 | 0190 | 0200 | 0210 | 0220 | 0230 | 0240 | 0250 | 0260 | 0270 |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*ANNESS IX*

## RAPPORTAR DWAR IT-TEST TAL-KAPITAL TA' GRUPP

Werrej

PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI ..... 162
1. Struttura u konvenzjonijiet ..... 162
1.1. Struttura ..... 162
1.2. Il-konvenzjoni dwar in-numerazzjoni ..... 162
1.3. Konvenzjoni tas-sinjali ..... 162
PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLI ..... 163
**1. FONDI PROPRJI: LIVELL, KOMPOŻIZZJONI, REKWIŻITI U KALKOLU** ..... 163
1.1 Rimarki Ġenerali ..... 163
1.2. I 11.01 — KOMPOŻIZZJONI TAL-FONDI PROPRJI — TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP (I11.1) ..... 163
1.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi ..... 163
1.3 I 11.02 REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI — TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP (I11.2) ..... 169
1.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi ..... 169
1.4 IF 11.03 INFORMAZZJONI DWAR IMPRIŻI SUSSIDJARJI (IF11.3) ..... 170
1.4.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi ..... 170

### PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI

1. Struttura u konvenzjonijiet

1.1. Struttura

1. B'mod ġenerali, ir-rapportar tat-test tal-kapital ta' grupp jikkonsisti f'2 formoli:

   (a) Kompożizzjoni tal-fondi proprji

   (b) Strumenti ta' fondi proprji.

2. Għal kull mudell, huma pprovduti referenzi legali. Informazzjoni aktar dettaljata rigward aspetti aktar ġenerali tar-rapportar ta' kull blokk ta' formoli, struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi kif ukoll eżempji u regoli dwar il-validazzjoni huma inklużi f'din il-parti tar-Regolament.

1.2. Il-konvenzjoni dwar in-numerazzjoni

3. Id-dokument isegwi l-konvenzjoni tat-tikkettar stabbilita fil-punti 4 sa 7, meta ssir referenza għall-kolonni, ir-ringieli u ċ-ċelloli tal-formoli. Dawk il-kodiċijiet numeriċi jintużaw b'mod estensiv fir-regoli ta' validazzjoni.

4. Fl-istruzzjonijiet tintuża n-notazzjoni ġenerali li ġejja: {Formola; Ringiela; Kolonna}.

5. Fil-każ ta' validazzjonijiet fil-formola, li fih jintużaw biss punti ta' *data* ta' dik il-formola, in-notazzjonijiet ma jirreferux għal formola: {Ringiela; Kolonna}.

6. Fil-każ ta' formoli b'kolonna waħda biss, issir referenza għar-ringieli biss. {Formola; Ringiela}

7. Jintuża sinjal ta' asterisk biex jesprimi li l-validazzjoni ssir għar-ringieli jew il-kolonni speċifikati qabel.

1.3. Konvenzjoni tas-sinjali

8. Kwalunkwe ammont li jżid ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jew ta' fondi proprji, jew ir-rekwiżiti ta' likwidità, għandu jiġi rrapportat bħala ċifra pożittiva. Għall-kuntrarju, kwalunkwe ammont li jnaqqas ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jew ta' fondi proprji totali għandu jiġi rrapportat bħala ċifra negattiva. Meta jkun hemm sinjal negattiv (–) li jiġi qabel it-tikketta ta' entrata, ma tkun mistennija li tiġi rrapportata l-ebda ċifra pożittiva ta' dik l-entrata.

## PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLI

### 1. FONDI PROPRJI: LIVELL, KOMPOŻIZZJONI, REKWIŻITI U KALKOLU

1.1 Rimarki Ġenerali

10. It-Taqsima tal-ħarsa ġenerali tal-fondi proprji fiha informazzjoni dwar il-fondi proprji li ditta tal-investiment iżżomm u r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha. Dan jikkonsisti f'żewġ formoli:

(a) Il-Formola I 11.01 fiha l-kompożizzjonijiet tal-fondi proprji li ditta tal-investiment għandha: Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1), kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1) u kapital tal-Grad 2 (T2).

(b) Il-formola I 11.02 fiha informazzjoni dwar ir-"rekwiżiti ta' fondi proprji" fil-kuntest tat-test tal-kapital tal-grupp, jiġifieri parteċipazzjonijiet intragrupp, obbligazzjonijiet kontinġenti u rekwiżiti ta' fondi proprji totali tas-sussidjarji.

(c) Il-formola I 11.03 fiha l-informazzjoni rilevanti dwar ir-rekwiżiti kapitali, l-obbligazzjonijiet kontinġenti, il-pretensjonijiet subordinati u l-parteċipazzjonijiet ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-livell sussidjarju, diżaggregati entità b'entità.

11. L-entrati f'dawn il-formoli huma gross mill-aġġustamenti tranżizzjonali. Dan ifisser li ċ-ċifri (ħlief fejn ir-rekwiżit ta' fondi proprji tranżizzjonali huwa ddikjarat b'mod speċifiku) huma kkalkulati skont il-provvedimenti finali (jiġifieri daqslikieku ma kienx hemm provvedimenti tranżitorji).

1.2. I 11.01 — KOMPOŻIZZJONI TAL-FONDI PROPRJI — TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP (I11.1)

1.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi ġuridiċi u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **FONDI PROPRJI**<br>L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Il-fondi proprji ta' ditta tal-investiment għandhom jikkonsistu fis-somma tal-kapital tal-Grad 1 u l-kapital tal-Grad 2 tagħha. |
| 0020 | **KAPITAL TAL-GRAD 1**<br>Il-kapital tal-Grad 1 huwa s-somma tal-Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-kapital tal-Grad 1 Addizzjonali. |
| 0030 | **KAPITAL TAL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI**<br>L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0040 | **Strumenti kapitali sottoskritti**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikoli 27 sa 31 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Strumenti kapitali ta' soċjetajiet mutwi, kooperattivi jew istituzzjonijiet simili (l-Artikoli 27 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) għandhom jiġu inklużi.<br>Il-primjum azzjonarju relatat mal-istrumenti ma għandux jiġi inkluż.<br>Strumenti kapitali sottoskritti mill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandhom jiġu inklużi jekk il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġu ssodisfati. |

| | |
|---|---|
| 0050 | **Premium azzjonarju**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 26(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-primjum azzjonarju għandu l-istess tifsira bħal fl-istandard kontabilistiku applikabbli.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din l-entrata jkun il-parti relatata mal-"Istrumenti tal-kapital mħallsa". |
| 0060 | **Qligħ imfaddal**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i),tar- Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 26(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-qligħ miżmum jinkludi l-qligħ miżmum tas-sena ta' qabel flimkien mal-interim eliġibbli jew il-profitti ta' tmiem is-sena<br>Għandha tiġi rrapportata s-somma tar-ringieli 0070 u 0080. |
| 0070 | **Qligħ imfaddal tas-snin ta' qabel**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (123), u l-Artikolu 26(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (123), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiddefinixxi l-qligħ imfaddal bħala "Qligħ u telf riportat bħala riżultat tal-applikazzjoni finali tal-profitt jew telf skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli". |
| 0080 | **Profitt eliġibbli**<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (121), l-Artikolu 26(2) u l-Artikolu 36(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jippermetti li jiġu inklużi bħala qligħ imfaddal profitti interim jew ta' tmiem is-sena, bil-kunsens minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, jekk jiġu ssodisfati xi kundizzjonijiet. |
| 0090 | **Introjtu ieħor komprensiv akkumulat**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 26(1), il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |
| 0100 | **Riżervi oħrajn**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (117), u l-Artikolu 26(1), il-punt (e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat ikun nett minn kull imposta ta' taxxa prevedibbli fil-mument tal-kalkolu. |
| 0120 | **Aġġustamenti għas-CET1 dovuti għal filtri prudenzjali**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikoli 32 sa 35 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0130 | **Fondi oħra**<br>L-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0145 | **(–) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI**<br>L-Artikolu 8(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bl-eċċezzjoni tal-punt (i) ta' dak il-paragrafu. |

| | |
|---|---|
| | Għandha tiġi rrapportata s-somma tar-ringieli 0150 u 0190–0280. |
| 0150 | **(-) Strumenti proprji CET1**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 36(1), il-punt (f), u l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>CET1 proprji miżmumin mill-istituzzjoni jew il-grupp tar-rapportar fid-data tar-rapportar. Soġġett għall-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-parteċipazzjonijiet fl-ishma inklużi bħala "strumenti tal-kapital mhux eliġibbli" ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkludi l-primjum azzjonarju relatat mal-ishma proprji. |
| 0190 | **(–) Telf għas-sena finanzjarja kurrenti**<br>L-Artikolu 36(1) il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0200 | **(-) Avvjament**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (113), l-Artikolu 36(1), il-punt (b), u l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0210 | **(-) Assi intanġibbli oħrajn**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 4(1), il-punt (115), l-Artikolu 36(1), il-punt (b), u l-Artikolu 37, il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Assi intanġibbli oħra huma l-assi intanġibbli skont l-istandard tal-kontabbiltà applikabbli, nieqes l-avvjament, anki skont l-istandard tal-kontabbiltà applikabbli. |
| 0220 | **(-) Assi ta' taxxa differita li jiddependu mill-profittabilità futura u ma jfeġġux minn differenzi temporanji netti wara l-obbligazzjonijiet ta' taxxa assoċjati**<br>L-Artikolu 9(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 36(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0230 | **(–) Parteċipazzjoni kwalifikattiva barra mis-settur finanzjarju li taqbeż il-15 % tal-fondi proprji**<br>L-Artikolu 10(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0240 | **(–) Il-parteċipazzjonijiet kwalifikattivi totali f'intrapriżi li mhumiex entitajiet tas-settur finanzjarju li jaqbżu 60 % tal-fondi proprji tagħha**<br>L-Artikolu 10(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0250 | **(–) Strumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-kumpanija prinċipali ma jkollhiex investiment sinifikanti**<br>L-Artikolu 9(2), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 36(1), il-punt (h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| | |
|---|---|
| | Kumpanija prinċipali tal-Unjoni f'din ir-ringiela tfisser ditti tal-investiment prinċipali tal-Unjoni, kumpaniji azzjonarji ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, parteċipazzjoni finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni jew kwalunkwe impriża prinċipali oħra li hija ditta tal-investiment, istituzzjoni finanzjarja, impriża ta' servizzi anċillari jew aġent marbut |
| 0270 | **(-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti**<br>L-Artikolu 9(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 36(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0280 | **(–) Tnaqqis ieħor**<br>Is-somma tat-tnaqqis l-ieħor kollu skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-eċċezzjoni tat-tnaqqis skont l-Artikolu 36(1), il-punt (i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li mhuwiex inkluż f'xi waħda mir-ringieli 0150 sa 0270 ta' hawn fuq. |
| 0295 | **CET1: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti**<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi s-somma tal-entrati li ġejjin, fejn applikabbli:<br>— Aġġustamenti tranżitorji minħabba strumenti Kapitali CET1 anterjorati (l-Artikolu 483, il-paragrafi 1, 2 u 3 u l-Artikoli 484 sa 487 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013).<br>— Aġġustamenti tranżitorji oħra fil-Kapital CET1 (l-Artikoli 469 sa 478 u 481 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013): aġġustamenti għat-tnaqqis minn CET1 minħabba provvedimenti tranżitorji.<br>— Elementi kapitali tas-CET1 oħrajn jew tnaqqis minn element CET1 li ma jistgħux jiġu assenjati lil waħda mir-ringieli minn 0040 sa 0280.<br>Din ir-ringiela ma għandhiex tintuża biex tinkludi entrati kapitali jew tnaqqis li mhumiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/2033 jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-kalkolu tal-proporzjonijiet tas-solvenza. |
| 0300 | **KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI**<br>L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0310 | **Strumenti kapitali mħallsin bis-sħiħ, maħruġin direttament**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 51, il-punt (a), u l-Artikoli 52, 53 u 54 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat ma jinkludix il-primjum azzjonarju relatat mal-istrumenti. |
| 0320 | **Premium azzjonarju**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 51, il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-primjum azzjonarju għandu l-istess tifsira bħal fl-istandard kontabilistiku applikabbli.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din l-entrata jkun il-parti relatata mal-"Istrumenti tal-kapital mħallsa". |

| | |
|---|---|
| 0335 | **(–) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 1 ADDIZZJONALI**<br>L-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-eċċezzjoni tal-punt (d) ta' dak l-Artikolu.<br>Għandha tiġi rrapportata s-somma totali tar-ringieli 0340, 0380 u 0400. |
| 0340 | **(-) Strumenti proprji AT1**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 52(1), il-punt (b), l-Artikolu 56, il-punt (a), u l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Strumenti proprji tal-AT1 miżmuma mid-ditta tal-investiment fid-data tar-rapportar. Soġġett għall-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkludi l-primjum azzjonarju relatat mal-ishma proprji. |
| 0380 | **(–) Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-kumpanija prinċipali ma jkollhiex investiment sinifikanti**<br>L-Artikolu 9(2), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 56, il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Kumpanija prinċipali tal-Unjoni f'din ir-ringiela tfisser ditti tal-investiment prinċipali tal-Unjoni, kumpaniji azzjonarji ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, parteċipazzjonijiet finanzjarji mħallta prinċipali tal-Unjoni jew kwalunkwe impriża prinċipali oħra li hija ditta tal-investiment, istituzzjoni finanzjarja, impriża ta' servizzi anċillari jew aġent marbut. |
| 0400 | **(–) Tnaqqis ieħor**<br>Is-somma tat-tnaqqis l-ieħor kollu skont l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-eċċezzjoni tat-tnaqqis skont l-Artikolu 56, il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li mhuwiex inkluż f'xi waħda mir-ringieli 0340 jew 0380 ta' hawn fuq. |
| 0415 | **Grad 1 Addizzjonali: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti**<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi s-somma tal-entrati li ġejjin, fejn applikabbli:<br>— Aġġustamenti tranżitorji minħabba strumenti Kapitali AT1 anterjorati (l-Artikolu 483, il-paragrafi 4 u 5, l-Artikoli 484 sa 487, l-Artikoli 489 u 491 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013).<br>— Aġġustamenti tranżitorji oħra fil-Kapital AT1 (l-Artikoli 472, 473a, 474, 475, 478 u 481 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013): Aġġustamenti fit-tnaqqis dovuti għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali.<br>— Eċċess ta' tnaqqis minn entrati AT1 fuq il-Kapital AT1, imnaqqas mis-CET1 f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (j), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: Grad 1 Addizzjonali ma jistax ikun negattiv, iżda huwa possibbli li t-tnaqqis minn entrati AT1 jaqbeż l-ammont ta' entrati AT1 disponibbli. Fejn dan iseħħ, din l-entrata tirrappreżenta l-ammont meħtieġ biex jiżdied l-ammont irrapportat fir-ringiela 0300 għal żero u hija ugwali għall-invers tal-eċċess tat-tnaqqis mill-entrati tal-AT1 fuq il-Kapital AT1 inkluż, fost tnaqqis ieħor, fir-ringiela 0280.<br>— Elementi kapitali tas-AT1 oħrajn jew tnaqqis minn element AT1 li ma jistgħux jiġu assenjati lil waħda mir-ringieli minn 0310 sa 0400. |

| | |
|---|---|
| | Din ir-ringiela ma għandhiex tintuża biex tinkludi entrati kapitali jew tnaqqis li mhumiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/2033 jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-kalkolu tal-proporzjonijiet tas-solvenza. |
| 0420 | **KAPITAL TAL-GRAD 2**<br>L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Għandha tiġi rrapportata s-somma totali tar-ringieli minn 0430 sa 0455 u 0525. |
| 0430 | **Strumenti kapitali mħallsin bis-sħiħ, maħruġin direttament**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 62, il-punt (a), l-Artikoli 63 u 65 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat ma jinkludix il-primjum azzjonarju relatat mal-istrumenti. |
| 0440 | **Premium azzjonarju**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 62, il-punt (b), u l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-primjum azzjonarju għandu l-istess tifsira bħal fl-istandard kontabilistiku applikabbli.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat f'din l-entrata jkun il-parti relatata mal-"Istrumenti tal-kapital mħallsa". |
| 0455 | **(–) TNAQQIS TOTALI MILL-GRAD 2**<br>L-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-eċċezzjoni tal-punt (d) ta' dak l-Artikolu. |
| 0460 | **(-) Strumenti proprji T2**<br>L-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 63, il-punt (b)(i), l-Artikolu 66, il-punt (a), u l-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Strumenti proprji T2 miżmumin mill-istituzzjoni jew grupp tar-rapportar fid-data tar-rapportar. Soġġett għall-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-parteċipazzjonijiet fl-ishma inklużi bħala "strumenti tal-kapital mhux eliġibbli" ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela.<br>L-ammont li għandu jkun irrapportat jinkludi l-primjum azzjonarju relatat mal-ishma proprji. |
| 0500 | **(–) Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-kumpanija prinċipali ma jkollhiex investiment sinifikanti**<br>L-Artikolu 9(2), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>L-Artikolu 66, il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Kumpanija prinċipali tal-Unjoni f'din ir-ringiela tfisser ditti tal-investiment prinċipali tal-Unjoni, kumpaniji azzjonarji ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, parteċipazzjonijiet finanzjarji mħallta prinċipali tal-Unjoni jew kwalunkwe impriża prinċipali oħra li hija ditta tal-investiment, istituzzjoni finanzjarja, impriża ta' servizzi anċillari jew aġent marbut. |

| | |
|---|---|
| 0525 | **Stadju 2: Elementi oħra ta' kapital, tnaqqis u aġġustamenti**<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi s-somma tal-entrati li ġejjin, fejn applikabbli:<br>— Aġġustamenti tranżitorji minħabba strumenti Kapitali T2 anterjorati (l-Artikolu 483, il-paragrafi 6 u 7, l-Artikoli 484, 486, 488, 490 u 491 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013)<br>— Aġġustamenti tranżitorji oħra fil-Kapital T2 (l-Artikoli 472, 473a, 476, 477, 478 u 481 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013): Aġġustamenti għat-tnaqqis mill-Grad 2 minħabba provvedimenti tranżitorji<br>— Eċċess ta' tnaqqis minn entrati T2 fuq Kapital T2, imnaqqas minn AT1 skont l-Artikolu 56, il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013: Il-livell 2 ma jistax ikun negattiv, iżda huwa possibbli li t-tnaqqis minn entrati T2 jaqbeż l-ammont tal-entrati T2 disponibbli. Fejn dan iseħħ, din l-entrata tirrappreżenta l-ammont meħtieġ biex jiżdied l-ammont irrapportat fir-ringiela 0420 għal żero<br>— Elementi kapitali tas-T2 oħrajn jew tnaqqis minn element T2 li ma jistgħux jiġu assenjati lil waħda mir-ringieli minn 0430 sa 0500.<br>Din ir-ringiela ma għandhiex tintuża biex tinkludi entrati kapitali jew tnaqqis li mhumiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/2033 jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-kalkolu tal-proporzjonijiet tas-solvenza. |

1.3 I 11.02 REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI — TEST TAL-KAPITAL TAL-GRUPP (I11.2)

1.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi ġuridiċi u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Strumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment fejn l-impriża prinċipali jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033 flimkien mal-Artikolu 36(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0020 | **Strumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment fejn l-impriża prinċipali jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033 flimkien mal-Artikolu 56, il-punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0030 | **Strumenti T2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment fejn l-impriża prinċipali jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 66, il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0040 | **Parteċipazzjonijiet ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp tad-ditti tal-investiment sal-punt li ma jikkostitwixxux fondi proprji għall-entità tal-grupp li l-kumpanija prinċipali hija investita fiha**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi parteċipazzjonijiet tal-kumpanija prinċipali sal-punt li ma jikkostitwixxux fondi proprji għall-entità tal-grupp li l-kumpanija prinċipali tkun investita fiha. |

| | |
|---|---|
| 0050 | **Pretensjonijiet subordinati ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fil-grupp ta' ditti tal-investiment**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi pretensjonijiet subordinati tal-kumpanija prinċipali sal-punt li ma jikkostitwixxux fondi proprji għall-entità tal-grupp li l-kumpanija prinċipali tkun investita fiha. |
| 0060 | **Obbligazzjonijiet kontinġenti favur entitajiet fil-grupp ta' ditti tal-investiment**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0070 | **Rekwiżiti ta' fondi proprji totali għall-impriżi sussidjarji**<br>Fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

## 1.4 IF 11.03 INFORMAZZJONI DWAR IMPRIŻI SUSSIDJARJI (IF11.3)

10. L-entitajiet kollha inklużi fl-ambitu tat-test tal-kapital tal-grupp għandhom jiġu rrapportati f'din il-formola. Dan għandu jinkludi wkoll l-impriża prinċipali tal-grupp innifsu.

### 1.4.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Referenzi ġuridiċi u struzzjonijiet |
|---|---|
| 0010 | **Il-kodiċi**<br>Il-kodiċi bħala parti minn identifikatur tar-ringiela jrid ikun uniku għal kull entità rrapportata. Għad-ditti tal-investiment u l-impriżi tal-assigurazzjoni, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI. Għal entitajiet oħra l-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI, jew jekk mhux disponibbli, kodiċi nazzjonali. Il-kodiċi għandu jkun uniku u użat b'mod konsistenti fil-formoli kollha u tul iż-żmien. Il-kodiċi għandu dejjem ikollu valur. |
| 0020 | **Tip ta' Kodiċi**<br>L-entità relatriċi tidentifika t-tip ta' kodiċi rrapportat fil-kolonna 0010 bħala "tip ta' kodiċi LEI" jew "Tip ta' kodiċi nazzjonali".<br>It-tip ta' kodiċi għandu dejjem jiġi rrapportat. |
| 0030 | **Isem tal-impriża**<br>L-isem tal-impriża fl-ambitu tal-konsolidazzjoni. |
| 0040 | **Prinċipali/sussidjarja**<br>Jindika jekk l-entità rrapportata fir-ringiela hijiex il-kumpanija prinċipali tal-grupp jew sussidjarja |
| 0050 | **Pajjiż**<br>Għandu jiġi rrapportat il-pajjiż fejn tinsab is-sussidjarja. |
| 0060 - 0100 | **Investimenti mill-impriża prinċipali**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>F'din it-taqsima, għandhom jiġu rrapportati l-investimenti tal-impriża prinċipali fl-entitajiet tal-grupp. |

| | |
|---|---|
| 0060 | **CET1**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033 flimkien mal-Artikolu 36(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0070 | **AT1**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033 flimkien mal-Artikolu 56, il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0080 | **T2**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033 flimkien mal-Artikolu 66, il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0090 | **Parteċipazzjonijiet**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Din il-kolonna għandha tinkludi parteċipazzjonijiet tal-kumpanija prinċipali sal-punt li ma jikkostitwixxux fondi proprji għall-entità tal-grupp li l-kumpanija prinċipali tkun investita fiha. |
| 0100 | **Talbiet subordinati**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Din il-kolonna għandha tinkludi pretensjonijiet subordinati tal-kumpanija prinċipali sal-punt li ma jikkostitwixxux fondi proprji għall-entità tal-grupp li l-kumpanija prinċipali tkun investita fiha. |
| 0110 | **Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-kumpanija prinċipali favur l-entità**<br>L-Artikolu 8(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0120 | **Rekwiżiti ta’ fondi proprji totali għall-impriżi sussidjarji**<br>L-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0130 | **Kapital minimu permanenti**<br>L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/2033 |
| 0140 | **Rekwiżit tal-fattur-K**<br>L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/2033 |
| 0150 | **Assi mmaniġġjati**<br>L-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0160 | **Flus tal-klijenti miżmuma — Segregati**<br>L-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0170 | **Flus tal-klijenti miżmuma — Mhux segregati**<br>L-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0180 | **Assi ssalvagwardjati u amministrati**<br>L-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0190 | **Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġjati — Negozji ta’ flus kontanti**<br>L-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 20(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/2033. |

| | |
|---|---|
| 0200 | **Ordnijiet tal-klijenti mmaniġġjati — Negozji ta' Derivattivi**<br>L-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 20(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0210 | **Rekwiżit tar-riskju tal-pożizzjonijiet K-Net**<br>L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/2033 |
| 0220 | **Marġni ta' kklerjar mogħti**<br>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0230 | **Inadempjenza ta' kontroparti ta' negozjar**<br>L-Artikolu 26 u l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0240 | **Fluss tan-negozjar ta' kuljum — Negozji ta' flus kontanti**<br>Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit tal-fattur-K, id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw billi japplikaw il-koeffiċjent tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, skont l-Artikolu 15(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/2033, id-ditti tal-investiment għandhom japplikaw koeffiċjent aġġustat kif speċifikat f'dak il-punt.<br>Il-fattur tal-fluss tan-negozjar ta' kuljum għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 33(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0250 | **Fluss tan-negozjar ta' kuljum — Negozji derivattivi**<br>Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit tal-fattur-K, id-ditti tal-investiment għandhom jirrapportaw billi japplikaw il-koeffiċjent tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033.<br>Fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, skont l-Artikolu 15(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/2033, id-ditti tal-investiment għandhom japplikaw koeffiċjent aġġustat kif speċifikat f'dak il-punt.<br>Il-fattur tal-fluss tan-negozjar ta' kuljum għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 33(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0260 | **K-Rekwiżit tar-riskju ta' konċentrazzjoni**<br>L-Artikolu 37(2), 39 u l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2019/2033. |
| 0270 | **Rekwiżiti tal-ispejjeż ġenerali fissi**<br>L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/2033 |

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2285**

**tal-14 ta’ Diċembru 2021**

**li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 rigward l-elenkar ta’ pesti, ta’ projbizzjonijiet u ta’ rekwiżiti għall-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta’ pjanti, ta’ prodotti mill-pjanti u ta’ oġġetti oħra, u li jħassar id-Deċiżjonijiet 98/109/KE u 2002/757/KE u r-Regolamenti ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/885 u (UE) 2020/1292**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 32(2), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 37(4), l-Artikolu 40(2), l-Artikolu 41(2), l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 54(2), l-Artikolu 72(1), l-Artikolu 73, l-Artikolu 79(2) u l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) jistabbilixxi lista ta’ pesti ta’ kwarantina fl-Unjoni, ta’ pesti ta’ kwarantina f’żoni protetti u ta’ pesti rregolati mhux ta’ kwarantina fl-Unjoni (“RNQPs”). Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni jew għall-moviment fiha, ta’ ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra sabiex jipprevjeni d-dħul, l-istabbiliment u t-tixrid ta’ dawk il-pesti fit-territorju tal-Unjoni.

(2) Jenħtieġ li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġi emendat sabiex iqis l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli mill-valutazzjonijiet tar-riskju ta’ pesti, il-kategorizzazzjoni tar-riskju ta’ pesti u l-analiżijiet tar-riskju ta’ pesti mwettqa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”), mill-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (“OEPP”) u mill-Istati Membri. Tali emendi huma meħtieġa minħabba t-twaqqif ta’ pesti mal-fruntiera tal-Unjoni u tifqigħat fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll minħabba analiżi addizzjonali mwettqa mill-gruppi ta’ ħidma rispettivi tal-Kummissjoni.

(3) L-Awtorità vvalutat mill-ġdid għadd ta’ pesti elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 biex taġġorna l-istatus fitosanitarju tagħhom skont l-aktar żviluppi tekniċi u xjentifiċi reċenti (“ir-rivalutazzjoni”). Fil-każ ta’ gruppi ta’ pesti rregolati, dik ir-rivalutazzjoni eżaminat il-pesti rispettivi fir-rigward tal-preżenza tagħhom fit-territorju tal-Unjoni biss, u b’hekk mhux fir-rigward tal-kontinent Ewropew kollu.

(4) B’riżultat ta’ dik ir-rivalutazzjoni, l-ispeċijiet u l-ġeneri li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 3 u tat-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-gruppi *Acleris* spp. ([3]), *Choristoneura* spp. ([4]), *Cicadallidae*, li hu magħruf li huma vetturi tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) ([5]), tal-*Margarodidae* ([6]), tal-*Premnotryptes* spp. ([7]), tal-

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta’ Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([3]) Scientific Opinion on the pest categorisation of non-EU *Acleris* spp. *EFSA Journal* 2019;17(10):5856, 37 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5856.

([4]) Scientific Opinion on the pest categorisation of non-EU *Choristoneura* spp. *EFSA Journal* 2019;17(5):5671, 31 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5671.

([5]) Scientific Opinion on the pest categorisation of non-EU *Cicadomorpha* vectors of *Xylella* spp. *EFSA Journal* 2019;17(6):5736, 53 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5736.

([6]) Pest categorisation of non-EU Margarodidae. EFSA Journal 2019;17(4):5672, 42 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5672.

([7]) Scientific Opinion on the pest categorisation of the Andean Potato Weevil (APW) complex (*Coleoptera*: *Curculionidae*). *EFSA Journal* 2020;18(7):6176, 38 pp. https://doi.org/10.2903/j.ef s a.2020.6176.

fitoplażmi tal-Palm lethal yellowing ([8]), tat-*Tephritidae* ([9]), tal-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi tal-patata ([10]), tal-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi tal-*Cydonia* Mill., tal-*Fragaria* L., tal-*Malus* Mill., tal-*Prunus* L., tal-*Pyrus* L., tar-*Ribes* L., tar-*Rubus* L. u tal-*Vitis* L. ([11]), jenħtieġ li jiġu speċifikati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(5) Abbażi tar-rivalutazzjoni tal-grupp tat-*Tephritidae*, ġew identifikati speċijiet u ġeneri speċifiċi li mhumiex preżenti jew li għandhom preżenza limitata fit-territorju tal-Unjoni u jenħtieġ li jiġu elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. Jenħtieġ li diversi ġeneri jiġu elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri protettivi kontrihom, sakemm ikunu disponibbli metodi biex jiġu identifikati fil-livell tal-ispeċijiet, b'mod partikolari fl-istadji tal-larva. Konsegwentement, ir-rekwiżiti speċjali rispettivi stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(6) Abbażi tar-rivalutazzjoni, l-iżolati mhux Ewropej tal-viruses tal-patata A, M, V u Y, Arracacha virus B, ir-razza oca u l-virus tal-Papaya leaf crumple ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 u tat-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031 fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom u ma għadhomx jikkwalifikaw bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(7) Abbażi tar-rivalutazzjoni, instab li l-virus tas-Citrus chlorotic spot jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 u tat-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031 fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jiddaħħal fil-lista ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(8) L-ismijiet tal-pesti *Amauromyza maculosa* (Malloch), *Anomala orientalis* (Waterhouse), *Cicadellidae,* magħrufa li huma vetturi tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*), *Heliothis zea* (Boddie), *Phoma andina* (Turkensteen), *Rhizoecus hibisci* Kawai u Takagi, *Scolytidae* spp. u l-Witches' broom disease of lime jenħtieġ li jiġu ssostitwiti rispettivament b'*Nemorimyza maculosa* (Malloch) ([12]), *Exomala orientalis* (Waterhouse) ([13]), *Cicadomorpha*, magħrufa li huma vetturi tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) ([14]), *Helicoverpa zea* (Boddie) ([15]), *Stagonosporopsis andigena* (Turkensteen) Aveskamp, Gruyter & Verkley ([16]), *Ripersiella hibisci* Kawai u Takagi ([17]), *Scolytinae* spp. ([18]) u *Candidatus* u r-razza ta' referenza tal-Phytoplasma aurantifolia ([19]), sabiex jirriflettu l-aħħar żviluppi tan-nomenklatura internazzjonali identifikata fl-opinjonijiet xjentifiċi rispettivi tal-Awtorità.

([8]) Scientific Opinion on pest categorisation of Palm lethal yellowing phytoplasmas. *EFSA Journal* 2017;15(10):5028, 27 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.5028.
([9]) Pest categorisation of non-EU Tephritidae. EFSA Journal; 2020;18(1):5931, 62 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5931
([10]) Diversi opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA (2019, 2020)
([11]) Diversi opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA (2019, 2020)
([12]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Nemorimyza maculosa*. *EFSA Journal* 2020;18(3):6036, 29 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6036.
([13]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Exomala orientalis*. *EFSA Journal* 2020;18(4):6103, 29 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6103.
([14]) Scientific Opinion on the pest categorisation of non-EU *Cicadomorpha* vectors of *Xylella* spp. *EFSA Journal* 2019;17(6):5736, 53 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5736.
([15]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Helicoverpa zea*. *EFSA Journal* 2020;18(7):6177, 31 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6177.
([16]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Stagonosporopsis andigena*. *EFSA Journal* 2018;16(10):5441, 25 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5441.
([17]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Ripersiella hibisci*. *EFSA Journal* 2020;18(6):6178, 28 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6178.
([18]) Scientific Opinion on the list of non-EU *Scolytinae* of coniferous hosts. *EFSA Journal* 2020;18(1):5933, 56 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5933;
Scientific Opinion on the pest categorisation of non-EU *Scolytinae* of coniferous hosts. *EFSA Journal* 2020;18(1):5934, 39 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5934.
([19]) Scientific Opinion on pest categorisation of Witches' broom disease of lime (*Citrus aurantifolia*) phytoplasma. *EFSA Journal* 2017;15(10):5027, 22 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.5027.

(9) Il-marda Strawberry witches' broom ġiet irrapportata bħala marda li taffettwa lill-*Fragaria* L. Fil-passat, il-fitoplażma li hija l-aġent kawżali tal-marda ma kinitx ġiet identifikata bl-għodod għall-identifikazzjoni molekulari. Abbażi ta' opinjoni xjentifika reċenti tal-Awtorità ([20]), il-fitoplażma li qabel kienet magħrufa u elenkata bħala l-fitoplażma Strawberry witches' broom fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jenħtieġ li titneħħa u tiġi ssostitwita minn entrata dwar il-*Candidatus* Phytoplasma hispanicum.

(10) Barra minn hekk, billi l-*Candidatus* Phytoplasma australiense Davis *et al.* ma jeżistix fit-territorju tal-Unjoni, u filwaqt li titqies l-opinjoni rilevanti tal-Awtorità, huwa teknikament ġustifikat li l-pest ikkonċernat jiġi elenkat bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Għaldaqstant, jenħtieġ li dak il-pest jitneħħa mil-lista ta' RNQPs li tinsab fil-Parti J tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott tal-*Fragaria* L.

(11) Għaldaqstant, ir-rekwiżiti speċjali stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li jikkonċernaw il-fitoplażma Strawberry witches' broom, jenħtieġ li jiġu ssostitwiti minn rekwiżiti speċjali dwar il-*Candidatus* Phytoplasma australiense Davis *et al.* (ir-razza ta' referenza), il-*Candidatus* Phytoplasma fraxini (ir-razza ta' referenza) Griffiths *et al.*, u l-*Candidatus* Phytoplasma hispanicum (ir-razza ta' referenza) Denis et al., peress li l-Awtorità identifikat lil dawk il-pesti bħala pesti li għandhom impatt fuq il-*Fragaria* L.

(12) Il-pest *Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) huwa elenkat fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Madankollu, l-Italja bagħtet l-informazzjoni li f'ċerti partijiet tat-territorju tagħha, l-eradikazzjoni ta' dan il-pest ma għadhiex fattibbli u talbet sistema ta' trażżin. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan il-pest jiġi elenkat bħala pest magħruf li jseħħ fit-territorju tal-Unjoni u għalhekk jiġi ttrasferit għall-Parti B tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(13) Spanja wettqet analiżi tar-riskju tal-pesti fuq il-ħanfusa tal-ambrożja *Euwallacea* sp. u l-fungi assoċjati magħha, il-*Fusarium ambrosium* u l-*Fusarium euwallaceae*, fl-2015 ([21]), u fl-2017 l-OEPP ipproduċiet ukoll rapport ta' analiżi tar-riskju tal-pesti, ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju tal-pesti ta' Spanja fuq l-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u l-*Fusarium euwallaceae* ([22]). Skont dawk l-analiżijiet, dawk il-pesti jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 u fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031 fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni. L-*Euwallacea fornicatus sensu lato* diġà huwa rregolat bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 taħt il-grupp *Scolytidae* spp. (mhux Ewropew). Dan il-pest issa jenħtieġ li jiġi elenkat speċifikament fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, peress li jenħtieġ li jiġu stipulati rekwiżiti speċjali fir-rigward ta' dan il-pest. Jenħtieġ li l-ispeċijiet simbjotiċi *Fusarium ambrosium* u *Fusarium euwallaceae* jiġu rregolati taħt l-ismijiet xjentifiċi *Neocosmospora ambrosia* u *Neocosmospora euwallaceae*, wara li saru bidliet tassonomiċi.

(14) L-OEPP wettqet diversi analiżijiet tar-riskju tal-pesti *Apriona germari* (Hope), *Apriona rugicollis* Chevrolat, *Apriona cinerea* Chevrolat ([23]), *Ceratothripoides claratris* (Shumsher) ([24]), *Massicus raddei* (Blessig) ([25]), *Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback ([26]), *Prodiplosis longifila* Gagné ([27]), u *Trirachys sartus* Solsky ([28]). Skont dawk l-analiżijiet, dawk il-pesti jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 u fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031 fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni u għalhekk jenħtieġ li jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni.

---

([20]) Scientific Opinion on the list of non-EU phytoplasmas of *Cydonia* Mill., *Fragaria* L., *Malus* Mill., *Prunus* L., *Pyrus* L., *Ribes* L., *Rubus* L. and *Vitis* L. *EFSA Journal* 2020;18(1):5930, 25 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5930;
Scientific Opinion on the pest categorisation of the non-EU phytoplasmas of *Cydonia* Mill., *Fragaria* L., *Malus* Mill., *Prunus* L., *Pyrus* L., *Ribes* L., *Rubus* L. and *Vitis* L. *EFSA Journal* 2020;18(1):5929, 97 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5929.

([21]) Analiżi dwar ir-riskju tal-pesti għall-ħanfusa tal-ambrożja* *Euwallacea* sp. li kienet tinkludi l-ispeċijiet kollha tal-ġeneru *Euwallacea* li morfoloġikament huma simili għall-*E.fornicatus*, *Fungi assoċjati: *Fusarium* sp. (E.g: *F. ambrosium, Fusarium euwallaceae*) or other possible symbionts. Spanja, (2015).

([22]) Report of a Pest Risk Analysis for *Euwallacea fornicatus sensu lato* and *Fusarium euwallaceae* OEPP (2017).

([23]) OEPP (2013) Pest risk analysis for *Apriona germari, A. japonica, A. cinerea.*

([24]) OEPP (2017) Pest risk analysis for *Ceratothripoides brunneus* and *C. claratris.*

([25]) OEPP (2018) Pest risk analysis for *Massicus raddei.*

([26]) OEPP (2010) Pest risk analysis for *Meloidogyne enterolobii.*

([27]) OEPP (2017) Pest risk analysis for *Prodiplosis longifila.*

([28]) OEPP (2000) Pest risk analysis for *Aeolesthes sarta.*

(15) Abbażi ta' metodoloġija żviluppata mill-OEPP ([29]), ġie konkluż li l-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* Takikawa, Serizwa, Ichikawa, Tsuyumu & Goto jissodisfa l-kriterji biex jiġi identifikat bħala RNQP kif stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031. Għalhekk huwa ġġustifikat li dak il-pest jiddaħħal fil-Partijiet D u M tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, li jelenka l-RNQPs fir-rigward tal-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti ornamentali, u tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott tal-*Actinidia* Lindl., rispettivament. Barra minn hekk, u sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' dak il-pest fuq il-pjanti rispettivi għat-tħawwil, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fil-Partijiet C u K tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(16) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/885 ([30]) jistabbilixxi miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u l-firxa fl-Unjoni tal-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae*.

(17) Għall-finijiet taċ-ċarezza legali jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/885, billi d-dispożizzjonijiet tiegħu se jiġu assunti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(18) Abbażi tal-metodoloġija żviluppata mill-OEPP, ġie konkluż li l-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld jissodisfa l-kriterji biex jiġi identifikat bħala RNQP kif stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031. Għalhekk huwa ġġustifikat li dak il-pest jiddaħħal fil-Partijiet D, E u J tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li jelenka l-RNQPs għall-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti ornamentali, għall-materjal riproduttiv tal-foresti, għajr iż-żrieragħ, u għall-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, rispettivament. Barra minn hekk, u sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' dak il-pest fuq il-pjanti rilevanti għat-tħawwil, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fil-Partijiet C u D tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(19) Abbażi tal-metodoloġija żviluppata mill-OEPP, ġie konkluż li s-Citrus bark cracking viroid ("CBCVd") jissodisfa l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-RNQPs kif stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031. Għalhekk huwa ġġustifikat li dak il-pest jiddaħħal fil-Parti L tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li jelenka l-RNQPs b'relazzjoni mal-pjanti għat-tħawwil tal-*Humulus lupulus* L. Sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' dak il-pest fuq il-pjanti għat-tħawwil rispettivi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fil-Parti J tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(20) Abbażi tal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju kontra l-*Candidatus* Phytoplasma pyri implimentati mill-Istati Membri mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u wara diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar il-proporzjonalità ta' dawn il-miżuri, jenħtieġ li jiġu riveduti l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju għal dan il-pest. Jenħtieġ li fil-Parti C tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġu stabbiliti miżuri aġġornati biex tiġi evitata l-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma pyri fuq pjanti speċifiċi għat-tħawwil.

(21) Fil-Parti E tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-isem tal-*Bruchus pisorum* (L.) jenħtieġ li jinbidel fi *Bruchus pisorum* (Linnaeus) u *Bruchus rufimanus* L. jenħtieġ li jinbidel fi *Bruchus rufimanus* Boheman biex jitqiesu r-regoli tal-Kodiċi Internazzjonali tan-Nomenklatura Żooloġika.

(22) It-tuberi tal-patata taż-żrigħ bħalissa jistgħu jiġu prodotti minn pjanti li jikbru f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Liberibacter *solanacearum* Liefting *et al.* Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri fil-Parti F tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li jikkonċernaw lottijiet ta' patata taż-żrigħ fir-rigward ta' dak il-pest jiġu emendati biex iqisu dan il-fatt u jippermettu rekwiżiti inqas stretti għall-patata taż-żrigħ prodotta f'dawk iż-żoni.

(23) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku, u wara li twettqet valutazzjoni tar-riskju tal-pesti mill-Awtorità ([31]) u d-dokument dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-pesti ppubblikat mill-OEPP ([32]), jenħtieġ li tiġi pprojbita l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-qoxra tas-siġar iżolata tal-*Acer macrophyllum* Pursh, tal-*Aesculus californica* (Spach) Nutt., tal-*Lithocarpus densiflorus* (Hook. & Arn.) Rehd., tal-*Quercus* L. u tat-*Taxus brevifolia* Nutt. li joriġinaw mill-Kanada, mir-Renju Unit,

([29]) A methodology for preparing a list of recommended regulated non-quarantine pests (RNQPs). EPPO Bulletin (2017) 47(3), 551-558.

([30]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/885 tas-26 ta' Ġunju 2020 fir-rigward tal-miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u l-firxa ġewwa l-Unjoni tal-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* Takikawa, Serizawa, Ichikawa, Tsuyumu & Goto (GU L 205, 29.6.2020, p. 9).

([31]) Scientific Opinion on the Pest Risk Analysis on *Phytophthora ramorum* imħejjija mill-proġett tal-FP6 RAPRA. *EFSA Journal* 2011;9(6):2186. [108 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2011.2186.

([32]) OEPP (2013) Pest risk management for *Phytophthora kernoviae* and *Phytophthora ramorum*.

mill-Istati Uniti, u mill-Vjetnam, minħabba r-riskju inaċċettabbli li joħolqu fir-rigward tal-pest ta' kwarantina fl-Unjoni *Phytophthora ramoru m* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-prodotti mill-pjanti jiġu elenkati fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi, u jenħtieġ li jsiru bidliet konsegwenzjali fl-Annessi VII u XI ta' dak ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

(24) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku, u wara li twettqet valutazzjoni tar-riskju tal-pesti mill-Awtorità u li l-OEPP ppubblikat rekord tal-ġestjoni tar-riskju tal-pesti, jixraq li jiddaħħlu rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni u l-moviment fit-territorju tal-Unjoni, ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, minħabba l-probabbiltà li jospitaw il-pest ta' kwarantina fl-Unjoni *Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld. Għalhekk jenħtieġ li l-pjanti u l-prodotti mill-pjanti rilevanti jiġu elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(25) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/757/KE ([33]) tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza biex jiġu pprevenuti l-introduzzjoni u l-firxa fl-Unjoni tal-*Phytophthora ramorum* Werres, De Cock & Man in 't Veld.

(26) Għall-finijiet taċ-ċarezza legali jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni 2002/757/KE, billi d-dispożizzjonijiet tagħha se jiġu assunti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(27) L-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jipprevedi fost l-oħrajn rekwiżit għar-reġistrazzjoni tal-postijiet fejn jiġu prodotti l-pjanti għat-tħawwil u l-ħtieġa li jsiru l-ispezzjonijiet. L-esperjenza wriet li din il-prattika tikkontribwixxi għall-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tali rekwiżit jiġi stabbilit għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kull pjanta għat-tħawwil mill-pajjiżi terzi kollha.

(28) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku pprovdut mill-analiżi tar-riskju ta' pesti rispettiva mwettqa mill-OEPP, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra minħabba l-probabbiltà li jospitaw il-pesti *Apriona germari* (Hope), *Apriona rugicollis* Chevrolat, *Apriona cinerea* Chevrolat, *Ceratothripoides claratris* (Shumsher), *Euwallacea fornicatus sensu lato, Massicus raddei* (Blessig), *Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback, *Prodiplosis longifila* Gagné, u *Trirachys sartus* Solsky. Għalhekk, jenħtieġ li l-pjanti u l-prodotti mill-pjanti rilevanti, kif ukoll ir-rekwiżiti rispettivi, jiġu elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(29) Minħabba t-tixrid *tal-Agrilus planipennis* Fairmaire f'xi pajjiżi terzi, u t-tixrid tiegħu mill-Ukrajna u mir-Russja lejn it-territorju tal-Unjoni u l-Belarussja, u minħabba l-informazzjoni teknika disponibbli dwar dak il-pest, jenħtieġ li jiġu stipulati rekwiżiti speċjali addizzjonali dwar l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti, injam u qoxra tas-siġar ospitanti minn dawk il-pajjiżi. Jenħtieġ li dawn ir-rekwiżiti jkunu simili għal dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)2020/1292 ([34]) li jistabbilixxi l-miżuri għall-prevenzjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' *Agrilus planipennis* Fairmaire mill-Ukrajna. Jenħtieġ li dawn ir-rekwiżiti speċjali jkun fihom l-addattamenti biex ikunu jqisu l-evoluzzjoni tal-għarfien tekniku u xjentifiku li saret minn mindu ġie adottat dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-punti 36, 87, 88 u 89 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġu emendati kif xieraq, u jenħtieġ li l-Ukrajna u l-Belarussja jiżdiedu mal-pajjiżi ta' oriġini. Barra minn hekk, abbażi tal-iskeda tal-istħarriġ dwar il-pesti għall-*Agrilus planipennis* Fairmaire ppubblikata mill-Awtorità ([35]), jenħtieġ li tiżdied pjanta ospitanti ġdida *Chionanthus virginicus* L. mal-punti 36, 87, 88 u 89.

(30) Għall-finijiet taċ-ċarezza legali jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1292, billi d-dispożizzjonijiet tiegħu se jiġu previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

---

([33]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/757/KE tad-19 ta' Settembru 2002 dwar miżuri fitosanitarji proviżorji ta' emerġenza sabiex ma jithalliex id-dħul u l-firxa fil-Komunità tal-*Phytophthora ramorum* Werres, De Cock & Man in 't Veld sp. nov. (ĠU L 252, 20.9.2002, p. 37).

([34]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1292 tal-15 ta' Settembru 2020 fir-rigward tal-miżuri għall-prevenzjoni tad-dħul fl-Unjoni tal-*Agrilus planipennis* Fairmaire mill-Ukrajna u li jemenda l-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 (ĠU L 302, 16.9.2020, p. 20).

([35]) Pest survey card on *Agrilus planipennis*. Pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2020:EN-1945. 43 pp. doi:10.2903/sp.efsa.2020.EN-1945.

(31) Sabiex jiġu evitati l-preżenza, l-istabbiliment u t-tixrid tal-*Agrilus planipennis* Fairmaire fit-territorju tal-Unjoni, il-moviment ta' ċerti pjanti, kif ukoll ta' ċerti speċijiet u tipi ta' injam u qoxra tas-siġar, jenħtieġ li ma jkunx permess barra miż-żoni tat-territorju tal-Unjoni li jinsabu f'distanza speċifikata miż-żoni ta' tifqigħa fit-territorju tal-Unjoni jew minn żoni ta' tifqigħa f'pajjiżi terzi ġirien. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiżdiedu rekwiżiti speċjali fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Barra minn hekk, jenħtieġ li fl-Anness VIII jiżdiedu rekwiżiti speċjali dwar il-moviment fit-territorju tal-Unjoni ta' tipi oħra ta' injam li joriġinaw minn tali żoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi emendat l-Anness XIII biex jeżiġi passaport tal-pjanti għall-komoditajiet ta' dak l-injam li joriġina minn dawk iż-żoni biex jinġarru minn post għal ieħor fit-territorju tal-Unjoni.

(32) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku, u wara analiżi tar-riskju tal-pesti mwettqa mill-OEPP ([36]) ([37]), il-valutazzjoni tar-riskju tal-pesti mwettqa minn Spanja ([38]), l-iskedi tal-istħarriġ dwar il-pesti ppubblikati mill-Awtorità ([39]) u d-*data* ta' interċettazzjoni jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, minħabba l-probabbiltà li jospitaw il-*Bactrocera dorsalis* (Hendel), il-*Bactrocera latifons* (Hendel), u l-*Bactrocera zonata* (Saunders). Għalhekk jenħtieġ li l-pjanti rilevanti, kif ukoll ir-rekwiżiti rispettivi, jiġu elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(33) Abbażi tan-notifiki ta' tifqigħat mill-Istati Membri u tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pesti mwettqa mill-Awtorità ([40]), jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċjali fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, biex dan ikun protett mill-*Eotetranychus lewisi* (McGregor).

(34) Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pest *Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* mwettqa mill-Awtorità ([41]), jeħtieġ li jiġu emendati r-rekwiżiti speċjali stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(35) Ir-rekwiżiti tal-importazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/109/KE ([42]) għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' fjuri maqtugħa tal-*Orchidaceae* li joriġinaw mit-Tajlandja, jenħtieġ li jiddaħħlu fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Dan huwa meħtieġ biex tittejjeb iċ-ċarezza legali permezz tal-elenkar tar-rekwiżiti kollha għall-importazzjoni tal-pjanti taħt l-istess att ta' implimentazzjoni. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni titħassar.

(36) Ċerti kodiċijiet tan-NM, jew id-deskrizzjonijiet tagħhom, użati fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, jenħtieġ li jiżdiedu jew jiġu emendati, sabiex isir addattament għall-aħħar emenda tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 ([43]).

([36]) OEPP (2009, rivedut fl-2017) Pest risk analysis for *Bactrocera invadens*.

([37]) OEPP (2017) Pest risk analysis for *Bactrocera latifrons*; https://gd.eppo.int/taxon/DACULA.

([38]) 2019, rapport mhux ippubblikat ta' valutazzjoni tar-riskju tal-pesti.

([39]) Pest survey card on *Bactrocera dorsalis*. Pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2019:EN-1714. 24 pp. doi:10.2903/sp.efsa.2019.EN-1714; Pest survey card on *Bactrocera zonata*. Pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2021:EN-1999. 28 pp. doi:10.2903/sp.efsa.2021.EN-1999.

([40]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Eotetranychus lewisi*. *EFSA Journal* 2014;12(7):3776, 35 pp. doi:10.2903/j.efsa.2014.3776;
Scientific Opinion on the pest risk assessment of *Eotetranychus lewisi* for the EU territory. *EFSA Journal* 2017; 15(10):4878, 122 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.4878.

([41]) Scientific Opinion on the risk assessment of the entry of *Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* on maize seed imported by the EU from the USA. *EFSA Journal* 2019;17(10):5851, 49 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5851.

([42]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 1998 li tawtorizza lill-Istati Membri temporarjament sabiex jieħdu miżuri ta' emerġenza kontra t-tixrid tat-*Thrips palmi* Karny rigward it-Tajlandja (98/109/KE) (ĠU L 27, 3.2.1998, p. 47).

([43]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 361, 30.10.2020, p. 1).

(37) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku, ibbażat fuq il-kategorizzazzjonijiet tar-riskju ta' pesti mwettqa mill-Awtorità ([44]), jenħtieġ li jiddaħħlu rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni u l-moviment fit-territorju tal-Unjoni, fejn japplika, ta' ċerti pjanti minħabba l-probabbiltà li jospitaw l-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance), il-*Popillia japonica* Newman u t-*Toxoptera citricida* (Kirkaldy), peress li dawk il-pesti huma elenkati fil-Parti B tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u huwa magħruf li huma preżenti fit-territorju tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) huwa pest polifagu, li hu preżenti fit-territorju tal-Unjoni f'ċerti pjanti ospitanti biss, u għalhekk jixraq li r-rekwiżiti speċjali rispettivi jiġu ristretti għal dik il-lista ta' pjanti ospitanti biss.

(38) Ir-rekwiżit speċjali għall-moviment fit-territorju tal-Unjoni ta' materjal tal-imballaġġ tal-injam fir-rigward tal-*Geosmithia morbida* Kolarík, Freeland, Utley & Tisserat u l-vettur tiegħu *Pityophthorus juglandis* Blackman, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, jenħtieġ li jiġi emendat bi kjarifika li jikkonċerna biss il-materjal tal-ippakkjar tal-injam tal-*Juglans* L. u tal-*Pterocarya* Kunth. L-obbligu li jinħareġ passaport tal-pjanti jenħtieġ li jitneħħa, peress li joħloq piż inaċċettabbli fuq l-operaturi professjonali kollha, minħabba d-distribuzzjoni limitata attwali tal-pest fit-territorju tal-Unjoni.

(39) Minħabba bidliet fit-tassonomija tal-Pinales, jenħtieġ li r-referenzi kollha għall-pjanti u għall-injam tal-Pinales jiġu ssostitwiti minn referenzi għall-pjanti jew għall-injam tal-koniferi (Pinopsida).

(40) Irid jiġi ċċarat li, fir-rigward tat-trab tad-dakra maħsub għad-dakkir, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għat-trab tad-dakra maħsub għat-tħawwil, minħabba li dan it-tip ta' trab tad-dakra jintroduċi riskju fitosanitarju li jirrikjedi miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.

(41) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I, II, IV sa VIII, u X sa XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġu emendati skont dan.

(42) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-11 ta' April 2022. Il-miżuri dwar il-pjanti għat-tħawwil fir-rigward tal-pest Grapevine flavescence dorée phytoplasma introdotti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Mejju 2022. Dan il-perjodu huwa meħtieġ biex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi professjonali jaddattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, u jqis il-perjodu tal-istħarriġ annwali dwar dak il-pest. Il-miżuri dwar il-pjanti kollha għat-tħawwil fir-rigward tal-pesti *Meloidogyne enterolobii* u *Euwallacea fornicatus sensu lato* introdotti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mill-11 ta' Jannar 2023. Dawk il-perjodi huma meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonali jkunu jistgħu jaddattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda.

(43) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(2), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) "trab tad-dakra" tfisser trab tad-dakra skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(k) tar-Regolament (UE) 2016/2031, maħsub għat-tħawwil.";

(2) L-Annessi I, II, IV sa VIII u X sa XIV huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Tħassir**

Id-Deċiżjonijiet 98/109/KE u 2002/757/KE u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/885 u (UE) 2020/1292 jitħassru.

---

([44]) Scientific Opinion on the pest categorisation of *Aleurocanthus* spp. *EFSA Journal* 2018; 16(10):5436, 31 pp. doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5436;
Scientific Opinion on the pest categorisation of *Popillia japonica*. *EFSA Journal* 2018; 16(11):5438, 30 pp. doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5438;
Scientific Opinion on the pest categorisation of *Toxoptera citricida*. *EFSA Journal* 2018; 16(1):5103, 22 pp. doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5103.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-11 ta' April 2022. Madankollu, il-punt 7(e) tal-Anness għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2022 u l-punti (6)(b)(i) u (6)(l)(i) tal-Anness għandhom japplikaw mill-11 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi I, II, IV sa VIII u X sa XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, fil-Parti B, l-ewwel kolonna tat-tabella hija emendata kif ġej:

(a) it-test fil-ħdax-il ringiela huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ANNESS XIII, il-punt 5

Iż-Żrieragħ taċ-ċereali";

(b) it-test fit-tnax-il ringiela huwa sostitwit b'dan li ġej:,

"L-ANNESS XIII, il-punt 6

Iż-Żrieragħ tal-ħxejjex";

(c) it-test fit-tlettax-il ringiela huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ANNESS XIII, il-punt 9

Iż-Żrieragħ tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra";

(2) L-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"L-ANNESS II*

**Lista ta' pesti ta' kwarantina tal-Unjoni u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom assenjati mill-OEPP**

WERREJ

***Parti A: Pesti mhux magħrufa li jeżistu fit-territorju tal-Unjoni***

1. Batterji
2. Fungi u oomiċeti
3. Insetti u akari
4. Nematodi
5. Pjanti parassiti
6. Viruses, virojdi u fitoplażmi

***Parti B: Pesti magħrufa li jeżistu fit-territorju tal-Unjoni***

1. Batterji
2. Fungi u oomiċeti
3. Insetti u akari
4. Molluski
5. Nematodi
6. Viruses, virojdi u fitoplażmi

PARTI A

| **PESTI MHUX MAGĦRUFA LI JEŻISTU FIT-TERRITORJU TAL-UNJONI** | |
|---|---|
| Pesti ta' Kwarantina u l-kodiċijiet tagħhom assenjati mill-OEPP | |
| **1. Batterji** | |
| 1. | *Candidatus* Liberibacter africanus [LIBEAF] |
| 2. | *Candidatus* Liberibacter americanus [LIBEAM] |
| 3. | *Candidatus* Liberibacter asiaticus [LIBEAS] |
| 4. | *Curtobacterium flaccumfaciens* pv. *flaccumfaciens* (Hedges) Collins & Jones [CORBFL] |
| 5. | *Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* (Smith) Mergaert, Verdonck & Kersters [ERWIST] |
| 6. | *Ralstonia pseudosolanacearum* Safni *et al.* [RALSPS] |

| | |
|---|---|
| 7. | *Ralstonia syzygii* subsp. *celebesensis* Safni *et al.* [RALSSC] |
| 8. | *Ralstonia syzygii* subsp. *indonesiensis* Safni *et al.* [RALSSI] |
| 9. | *Xanthomonas oryzae* pv. *oryzae* (Ishiyama) Swings *et al.* [XANTOR] |
| 10. | *Xanthomonas oryzae* pv. *oryzicola* (Fang *et al.*) Swings *et al.* [XANTTO] |
| 11. | *Xanthomonas citri* pv. *aurantifolii* (Schaad *et al.*) Constantin *et al.* [XANTAU] |
| 12. | *Xanthomonas citri* pv. *citri* (Hasse) Constantin *et al.* [XANTCI] |
| **2. Fungi u oomiċeti** | |
| 1. | *Anisogramma anomala* (Peck) E. Müller [CRSPAN] |
| 2. | *Apiosporina morbosa* (Schwein.) Arx [DIBOMO] |
| 3. | *Atropellis* spp. [1ATRPG] |
| 4. | *Botryosphaeria kuwatsukai* (Hara) G.Y. Sun & E. Tanaka [PHYOPI] |
| 5. | *Bretziella fagacearum* (Bretz) Z.W de Beer, T.A. Duong & M.J. Wingfield, comb. nov. [CERAFA] |
| 6. | *Chrysomyxa arctostaphyli* Dietel [CHMYAR] |
| 7. | *Cronartium* spp. [1CRONG], għajr *Cronartium gentianeum* (Thümen) [CRONGE], *Cronartium pini* (Willdenow) Jørstad [ENDCPI] u *Cronartium ribicola* Fischer [CRONRI] |
| 8. | *Davidsoniella virescens* (R.W. Davidson) Z.W. de Beer, T.A. Duong & M.J. Wingfield [CERAVI] |
| 9. | *Elsinoë australis* Bitanc. & Jenkins [ELSIAU] |
| 10. | *Elsinoë citricola* X.L. Fan, R.W. Barreto & Crous [ELSICI ] |
| 11. | *Elsinoë fawcettii* Bitanc. & Jenkins [ELSIFA] |
| 12. | *Fusarium oxysporum* f. sp. *albedinis* (Kill. & Maire) W.L. Gordon [FUSAAL] |
| 13. | *Guignardia laricina* (Sawada) W. Yamam& Kaz. Itô [GUIGLA] |
| 14. | *Gymnosporangium* spp. [1GYMNG], għajr:<br>*Gymnosporangium amelanchieris* E. Fisch. ex F. Kern [GYMNAM], *Gymnosporangium atlanticum* Guyot & Malençon [GYMNAT], *Gymnosporangium clavariiforme* (Wulfen) DC [GYMNCF], *Gymnosporangium confusum* Plowr. [GYMNCO], *Gymnosporangium cornutum* Arthur ex F. Kern [GYMNCR], *Gymnosporangium fusisporum* E. Fisch. [GYMNFS], *Gymnosporangium gaeumannii* H. Zogg [GYMNGA], *Gymnosporangium gracile* Pat. [GYMNGR], *Gymnosporangium minus* Crowell [GYMNMI], *Gymnosporangium orientale* P. Syd. & Syd. [GYMNOR], *Gymnosporangium sabinae* (Dicks.) G. Winter [GYMNFU], *Gymnosporangium torminali-juniperini* E. Fisch. [GYMNTJ], *Gymnosporangium tremelloides* R. Hartig [GYMNTR] |
| 15. | *Coniferiporia sulphurascens* (Pilát) L.W. Zhou & Y.C. Dai [PHELSU] |
| 16. | *Coniferiporia weirii* (Murrill) L.W. Zhou & Y.C. Dai [INONWE] |
| 17. | *Melampsora farlowii* (Arthur) Davis [MELMFA] |
| 18. | *Melampsora medusae* f. sp. *tremuloidis* Shain [MELMMT] |
| 19. | *Mycodiella laricis-leptolepidis* (Kaz. Itô, K. Satô & M. Ota) Crous [MYCOLL] |
| 20. | *Neocosmospora ambrosia* (Gadd & Loos) L. Lombard & Crous [FUSAAM] |

| | |
|---|---|
| 21. | *Neocosmospora euwallaceae* (S. Freeman, Z. Mendel, T. Aoki & O'Donnell) Sandoval-Denis, L. Lombard & Crous [FUSAEW] |
| 22. | *Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa [GUIGCI] |
| 23. | *Phyllosticta solitaria* Ellis & Everhart [PHYSSL] |
| 24. | *Phymatotrichopsis omnivora* (Duggar) Hennebert [PHMPOM] |
| 25. | *Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld [PHYTRA] |
| 26. | *Pseudocercospora angolensis* (T. Carvalho & O. Mendes) Crous & U. Braun [CERCAN] |
| 27. | *Pseudocercospora pini-densiflorae* (Hori & Nambu) Deighton [CERSPD] |
| 28. | *Puccinia pittieriana* Hennings [PUCCPT] |
| 29. | *Septoria malagutii* E.T. Cline [SEPTLM] |
| 30. | *Sphaerulina musiva* (Peck) Quaedvlieg, Verkley & Crous. [MYCOPP] |
| 31. | *Stagonosporopsis andigena* (Turkensteen) Aveskamp, Gruyter & Verkley [PHOMAN] |
| 32. | *Stegophora ulmea* (Fr.) Syd. & P. Syd [GNOMUL] |
| 33. | *Thecaphora solani* (Thirumulachar & O'Brien) Mordue [THPHSO] |
| 34. | *Tilletia indica* Mitra [NEOVIN] |
| 35. | *Venturia nashicola* S. Tanaka & S. Yamamoto [VENTNA] |
| **3. Insetti u akari** | |
| 1. | *Acleris* spp.:<br>1.1. *Acleris gloverana* (Walsingham) [ACLRGL]<br>1.2. *Acleris issikii* Oku [ACLRIS]<br>1.3. *Acleris minuta* (Robinson) [ACLRMI]<br>1.4. *Acleris nishidai* Brown [ACLRNI]<br>1.5. *Acleris nivisellana* (Walsingham) [ACLRNV]<br>1.6. *Acleris robinsoniana* (Forbes) [ACLRRO]<br>1.7. *Acleris semipurpurana* (Kearfott) [CROISE]<br>1.8. *Acleris senescens* (Zeller) [ACLRSE]<br>1.9. *Acleris variana* (Fernald) [ACLRVA] |
| 2. | *Acrobasis pyrivorella* (Matsumura) [NUMOPI] |
| 3. | *Agrilus anxius* Gory [AGRLAX] |
| 4. | *Agrilus planipennis* Fairmaire [AGRLPL] |
| 5. | *Aleurocanthus citriperdus* Quaintance & Baker [ALECCT] |
| 6. | *Aleurocanthus woglumi* Ashby [ALECWO] |
| 7. | *Andean potato weevil complex:*<br>7.1. *Phyrdenus muriceus* Germar [PHRDMU]<br>7.2. *Premnotrypes* spp. [1PREMG]<br>7.3. *Rhigopsidius tucumanus* Heller [RHGPTU] |
| 8. | *Anthonomus bisignifer* Schenkling [ANTHBI] |
| 9. | *Anthonomus eugenii* Cano [ANTHEU] |
| 10. | *Anthonomus grandis* (Boh.) [ANTHGR] |
| 11. | *Anthonomus quadrigibbus* Say [TACYQU] |
| 12. | *Anthonomus signatus* Say [ANTHSI] |
| 13. | *Apriona cinerea* Chevrolat [APRICI] |

| | |
|---|---|
| 14. | *Apriona germari* (Hope) [APRIGE] |
| 15. | *Apriona rugicollis* Chevrolat [APRIJA] |
| 16. | *Arrhenodes minutus* Drury [ARRHMI] |
| 17. | *Aschistonyx eppoi* Inouye [ASCXEP] |
| 18. | *Bactericera cockerelli* (Šulc.) [PARZCO] |
| 19. | *Bemisia tabaci* Genn. (popolazzjonijiet mhux Ewropej) magħrufa li huma vetturi tal-viruses [BEMITA] |
| 20. | *Carposina sasakii* Matsumara [CARSSA] |
| 21. | *Ceratothripoides claratris* (Shumsher) [CRTZCL] |
| 22. | *Choristoneura* spp.:<br>22.1. *Choristoneura carnana* Barnes & Busck [CHONCA]<br>22.2. *Choristoneura conflictana* Walker [ARCHCO]<br>22.3. *Choristoneura fumiferana* Clemens [CHONFU]<br>22.4. *Choristoneura lambertiana* Busck [TORTLA]<br>22.5. *Choristoneura occidentalis biennis* Freeman<br>22.6. *Choristoneura occidentalis occidentalis* Freeman [CHONOC]<br>22.7. *Choristoneura orae* Freeman [CHONOR]<br>22.8. *Choristoneura parallela* Robinson [CHONPA]<br>22.9. *Choristoneura pinus* Freeman [CHONPI]<br>22.10. *Choristoneura retiniana* Walsingham [CHONRE]<br>22.11. *Choristoneura rosaceana* Harris [CHONRO] |
| 23. | *Cicadomorpha*, magħrufa li huma vetturi ta' *Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*) [XYLEFA]:<br>23.1. *Acrogonia citrina* Marucci [ACRGCI]<br>23.2. *Acrogonia virescens* (Metcalf) [ACRGVI]<br>23.3. *Aphrophora angulata* Ball [APHRAN]<br>23.4. *Aphrophora permutata* Uhler [APHRPE]<br>23.5. *Bothrogonia ferruginea* (Fabricius) [TETTFE]<br>23.6. *Bucephalogonia xanthopis* (Berg)<br>23.7. *Clasteroptera achatina* Germar<br>23.8. *Clasteroptera brunnea* Ball<br>23.9. *Cuerna costalis* (Fabricius) [CUERCO]<br>23.10. *Cuerna occidentalis* Osman & Beamer [CUEROC]<br>23.11. *Cyphonia clavigera* (Fabricius)<br>23.12. *Dechacona missionum* Berg<br>23.13. *Dilobopterus costalimai* Young [DLBPCO]<br>23.14. *Draeculacephala minerva* Ball [DRAEMI]<br>23.15. *Draeculacephala* sp. [1DRAEG]<br>23.16. *Ferrariana trivittata* Signoret<br>23.17. *Fingeriana dubia* Cavichioli<br>23.18. *Friscanus friscanus* (Ball)<br>23.19. *Graphocephala atropunctata* (Signoret) [GRCPAT]<br>23.20. *Graphocephala confluens* Uhler<br>23.21. *Graphocephala versuta* (Say) [GRCPVE]<br>23.22. *Helochara delta* Oman<br>23.23. *Homalodisca ignorata* Melichar<br>23.24. *Homalodisca insolita* Walker [HOMLIN]<br>23.25. *Homalodisca vitripennis* (Germar) [HOMLTR]<br>23.26. *Lepyronia quadrangularis* (Say) [LEPOQU]<br>23.27. *Macugonalia cavifrons* (Stal)<br>23.28. *Macugonalia leucomelas* (Walker)<br>23.29. *Molomea consolida* Schroder<br>23.30. *Neokolla hyeroglyphica* (Say)<br>23.31. *Neokolla severini* DeLong<br>23.32. *Oncometopia facialis* Signoret [ONCMFA]<br>23.33. *Oncometopia nigricans* Walker [ONCMNI]<br>23.34. *Oncometopia orbona* (Fabricius) [ONCMUN]<br>23.35. *Oragua discoidula* Osborn<br>23.36. *Pagaronia confusa* Oman |

| | |
|---|---|
| | 23.37. *Pagaronia furcata* Oman<br>23.38. *Pagaronia trecedecempunctata* Ball<br>23.39. *Pagaronia triunata* Ball<br>23.40. *Parathona gratiosa* (Blanchard)<br>23.41. *Plesiommata corniculata* Young<br>23.42. *Plesiommata mollicella* Fowler<br>23.43. *Poophilus costalis* (Walker) [POOPCO]<br>23.44. *Sibovia sagata* (Signoret)<br>23.45. *Sonesimia grossa* (Signoret)<br>23.46. *Tapajosa rubromarginata* (Signoret)<br>23.47. *Xyphon flaviceps* (Riley) [CARNFL]<br>23.48. *Xyphon fulgida* (Nottingham) [CARNFU]<br>23.49. *Xyphon triguttata* (Nottingham) [CARNTR] |
| 24. | *Conotrachelus nenuphar* (Herbst) [CONHNE] |
| 25. | *Dendrolimus sibiricus* Chetverikov [DENDSI] |
| 26. | *Diabrotica barberi* Smith & Lawrence [DIABLO] |
| 27. | *Diabrotica undecimpunctata howardi* Barber [DIABUH] |
| 28. | *Diabrotica undecimpunctata undecimpunctata* Mannerheim [DIABUN] |
| 29. | *Diabrotica virgifera zeae* Krysan & Smith [DIABVZ] |
| 30. | *Diaphorina citri* Kuwayana [DIAACI] |
| 31. | *Eotetranychus lewisi* (McGregor) [EOTELE] |
| 32. | *Euwallacea fornicatus sensu lato* [XYLBFO] |
| 33. | *Exomala orientalis* (Waterhouse) [ANMLOR] |
| 34. | *Grapholita inopinata* (Heinrich) [CYDIIN] |
| 35. | *Grapholita packardi* Zeller [LASPPA] |
| 36. | *Grapholita prunivora* (Walsh) [LASPPR] |
| 37. | *Helicoverpa zea* (Boddie) [HELIZE] |
| 38. | *Hishimonus phycitis* (Distant) [HISHPH] |
| 39. | *Keiferia lycopersicella* (Walsingham) [GNORLY] |
| 40. | *Liriomyza sativae* Blanchard [LIRISA] |
| 41. | *Listronotus bonariensis* (Kuschel) [HYROBO] |
| 42. | *Lopholeucaspis japonica* Cockerell [LOPLJA] |
| 43. | *Lycorma delicatula* (White) [LYCMDE] |
| 44. | *Margarodidae*:<br>44.1. *Dimargarodes meridionalis* Morrison<br>44.2. *Eumargarodes laingi* Allsopp *et al.* [EUMGLA]<br>44.3. *Eurhizococcus brasiliensis* Jakubski [EURHBR]<br>44.4. *Eurhizococcus colombianus* Jakubski<br>44.5. *Margarodes capensis* Giard [MARGCA]<br>44.6. *Margarodes greeni* Brain [MARGGR]<br>44.7. *Margarodes prieskaensis* (Jakubski) [MARGPR]<br>44.8. *Margarodes trimeni* Brain [MARGTR]<br>44.9. *Margarodes vitis* Reed [MARGVI]<br>44.10. *Margarodes vredendalensis* de Klerk [MARGVR]<br>44.11. *Porphyrophora tritici* Sarkisov *et al.* [PORPTR] |
| 45. | *Massicus raddei* (Blessig) [MALLRA] |
| 46. | *Monochamus* spp. (popolazzjonijiet mhux Ewropej) [1MONCG] |
| 47. | *Myndus crudus* van Duzee [MYNDCR] |

| | |
|---|---|
| 48. | *Naupactus leucoloma* Boheman [GRAGLE] |
| 49. | *Nemorimyza maculosa* (Malloch) [AMAZMA] |
| 50. | *Neoleucinodes elegantalis* (Guenée) [NEOLEL] |
| 51. | *Oemona hirta* (Fabricius) [OEMOHI] |
| 52. | *Oligonychus perditus* Pritchard & Baker [OLIGPD] |
| 53. | *Pissodes cibriani* O'Brien [PISOCI] |
| 54. | *Pissodes fasciatus* Leconte [PISOFA] |
| 55. | *Pissodes nemorensis* Germar [PISONE] |
| 56. | *Pissodes nitidus* Roelofs [PISONI] |
| 57. | *Pissodes punctatus* Langor & Zhang [PISOPU] |
| 58. | *Pissodes strobi* (Peck) [PISOST] |
| 59. | *Pissodes terminalis* Hopping [PISOTE] |
| 60. | *Pissodes yunnanensis* Langor & Zhang [PISOYU] |
| 61. | *Pissodes zitacuarense* Sleeper [PISOZI] |
| 62. | *Polygraphus proximus* Blandford [POLGPR] |
| 63. | *Prodiplosis longifila* Gagné [PRDILO] |
| 64. | *Pseudopityophthorus minutissimus* (Zimmermann) [PSDPMI] |
| 65. | *Pseudopityophthorus pruinosus* (Eichhoff) [PSDPPR] |
| 66. | *Rhynchophorus palmarum* (L.) [RHYCPA] |
| 67. | *Ripersiella hibisci* Kawai and Takagi [RHIOHI] |
| 68. | *Saperda candida* Fabricius [SAPECN] |
| 69. | *Scirtothrips aurantii* Faure [SCITAU] |
| 70. | *Scirtothrips citri* (Moulton) [SCITCI] |
| 71. | *Scirtothrips dorsalis* Hood [SCITDO] |
| 72. | *Scolytinae* spp. (non-European) [1SCOLF] |
| 73. | *Spodoptera eridania* (Cramer) [PRODER] |
| 74. | *Spodoptera frugiperda* (Smith) [LAPHFR] |
| 75. | *Spodoptera litura* (Fabricus) [PRODLI] |
| 76. | *Tecia solanivora* (Povolný) [TECASO] |
| 77. | *Tephritidae:*<br>77.1. *Acidiella kagoshimensis* (Miyake)<br>77.2. *Acidoxantha bombacis* de Meijere<br>77.3. *Acroceratitis distincta* (Zia)<br>77.4. *Adrama* spp. [1ADRAG]<br>77.5. *Anastrepha* spp. [1ANSTG]<br>77.6. *Anastrepha ludens* (Loew) [ANSTLU]<br>77.7. *Asimoneura pantomelas* (Bezzi)<br>77.8. *Austrotephritis protrusa* (Hardy & Drew)<br>77.9. *Bactrocera* spp. [1BCTRG] għajr *Bactrocera oleae* (Gmelin) [DACUOL]<br>77.10. *Bactrocera dorsalis* (Hendel) [DACUDO]<br>77.11. *Bactrocera latifrons* (Hendel) [DACULA]<br>77.12. *Bactrocera zonata* (Saunders) [DACUZO]<br>77.13. *Bistrispinaria fortis* (Speiser)<br>77.14. *Bistrispinaria magniceps* Bezzi |

77.15. *Callistomyia flavilabris* Hering
77.16. *Campiglossa albiceps* (Loew)
77.17. *Campiglossa californica* (Novak)
77.18. *Campiglossa duplex* (Becker)
77.19. *Campiglossa reticulata* (Becker)
77.20. *Campiglossa snowi* (Hering)
77.21. *Carpomya incompleta* (Becker) [CARYIN]
77.22. *Carpomya pardalina* (Bigot) [CARYPA]
77.23. *Ceratitis* spp. [1CERTG], għajr *Ceratitis capitata* (Wiedemann) [CERTCA]
77.24. *Craspedoxantha marginalis* (Wiedemann) [CRSXMA]
77.25. *Dacus* spp. [1DACUG]
77.26. *Dioxyna chilensis* (Macquart)
77.27. *Dirioxa pornia* (Walker) [TRYEMU]
77.28. *Euleia separata* (Becker)
77.29. *Euphranta camelliae* Hardy
77.30. *Euphranta canadensis* (Loew) [EPOCCA]
77.31. *Euphranta cassia* Hancock & Drew
77.32. *Euphranta japonica* (Ito) [RHACJA]
77.33. *Euphranta oshimensis* Sun et al.
77.34. *Eurosta solidaginis* (Fitch)
77.35. *Eutreta* spp. [1EUTTG]
77.36. *Gastrozona nigrifemur* David & Hancock
77.37. *Goedenia stenoparia* (Steyskal)
77.38. *Gymnocarena* spp.
77.39. *Insizwa oblita* Munro
77.40. *Marriottella exquisita* Munro
77.41. *Monacrostichus citricola* Bezzi [MNAHCI]
77.42. *Neaspilota alba* (Loew)
77.43. *Neaspilota reticulata* Norrbom
77.44. *Paracantha trinotata* (Foote)
77.45. *Parastenopa limata* (Coquillett)
77.46. *Paratephritis fukaii* Shiraki
77.47. *Paratephritis takeuchii* Ito
77.48. *Paraterellia varipennis* Coquillett
77.49. *Philophylla fossata* (Fabricius)
77.50. *Procecidochares* spp. [1PROIG]
77.51. *Ptilona confinis* (Walker)
77.52. *Ptilona persimilis* Hendel
77.53. *Rhagoletis* spp. [1RHAGG], għajr *Rhagoletis alternata* (Fallén) [RHAGAL], *Rhagoletis batava* Hering [RHAGBA], *Rhagoletis berberidis* Klug, *Rhagoletis cerasi* L. [RHAGCE], *Rhagoletis cingulata* (Loew) [RHAGCI], *Rhagoletis* completa Cresson [RHAGCO], *Rhagoletis meigenii* (Loew) [CERTME], *Rhagoletis suavis* (Loew) [RHAGSU], *Rhagoletis zernyi* Hendel
77.54. *Rhagoletis pomonella* (Walsh) [RHAGPO]
77.55. *Rioxoptilona dunlopi* (van der Wulp)
77.56. *Sphaeniscus binoculatus* (Bezzi)
77.57. *Sphenella nigricornis* Bezzi
77.58. *Strauzia* [1STRAG] spp., għajr *Strauzia longipennis* (Wiedemann)[STRALO]
77.59. *Taomyia marshalli* Bezzi
77.60. *Tephritis leavittensis* Blanc
77.61. *Tephritis luteipes* Merz
77.62. *Tephritis ovatipennis* Foote
77.63. *Tephritis pura* (Loew)
77.64. *Toxotrypana curvicauda* Gerstaecker [TOXTCU]
77.65. *Toxotrypana recurcauda* Tigrero
77.66. *Trupanea bisetosa* (Coquillett)
77.67. *Trupanea femoralis* (Thomson)
77.68. *Trupanea wheeleri* Curran
77.69. *Trypanocentra nigrithorax* Malloch
77.70. *Trypeta flaveola* Coquillett
77.71. *Urophora christophi* Loew
77.72. *Xanthaciura insecta* (Loew)

| | |
|---|---|
| | 77.73. *Zacerata asparagi* Coquillett<br>77.74. *Zeugodacus* spp. [1ZEUDG]<br>77.75. *Zonosemata electa* (Say) [ZONOEL] |
| 78. | *Thaumatotibia leucotreta* (Meyrick) [ARGPLE] |
| 79. | *Thrips palmi* Karny [THRIPL] |
| 80. | *Trirachys sartus* Solsky [AELSSA] |
| 81. | *Unaspis citri* (Comstock) [UNASCI] |
| **4. Nematodi** | |
| 1. | *Hirschmanniella* spp. Luc & Goodey [1HIRSG], għajr:<br>*Hirschmanniella behningi* (Micoletzky) Luc & Goodey [HIRSBE], *Hirschmanniella gracilis* (de Man) Luc & Goodey [HIRSGR], *Hirschmanniella halophila* Sturhan & Hall [HIRSHA], *Hirschmanniella loofi* Sher [HIRSLO] u *Hirschmanniella zostericola* (Allgén) Luc & Goodey [HIRSZO] |
| 2. | *Longidorus diadecturus* Eveleigh & Allen [LONGDI] |
| 3. | *Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback [MELGMY] |
| 4. | *Nacobbus aberrans* (Thorne) Thorne & Allen [NACOBA] |
| 5. | *Xiphinema americanum* Cobb *sensu stricto* [XIPHAA] |
| 6. | *Xiphinema bricolense* Ebsary, Vrain & Graham [XIPHBC] |
| 7. | *Xiphinema californicum* Lamberti & Bleve-Zacheo [XIPHCA] |
| 8. | *Xiphinema inaequale* Khan et Ahmad [XIPHNA] |
| 9. | *Xiphinema intermedium* Lamberti & Bleve-Zacheo [XIPHIM] |
| 10. | *Xiphinema rivesi* (popolazzjonijiet mhux tal-UE) Dalmasso [XIPHRI] |
| 11. | *Xiphinema tarjanense* Lamberti & Bleve-Zacheo [XIPHTA] |
| **5. Pjanti parassiti** | |
| 1. | *Arceuthobium* spp. [1AREG], għajr:<br>*Arceuthobium azoricum* Wiens & Hawksworth [AREAZ], *Arceuthobium gambyi* Fridl [AREGA] & *Arceuthobium oxycedri* DC. M. Bieb. [AREOX] |
| **6. Viruses, virojdi u fitoplażmi** | |
| 1. | Beet curly top virus [BCTV00] |
| 2. | Il-begomoviruses minbarra:<br>Abutilon mosaic virus [ABMV00], Papaya leaf crumple virus [PALCRV], Sweet potato leaf curl virus [SPLCV0], Tomato leaf curl New Delhi Virus [TOLCND], Tomato yellow leaf curl virus [TYLCV0], Tomato yellow leaf curl Sardinia virus [TYLCSV], Tomato yellow leaf curl Malaga virus [TYLCMA], Tomato yellow leaf curl Axarquia virus [TYLCAX] |
| 3. | Black raspberry latent virus [TSVBL0] |
| 4. | *Candidatus* Phytoplasma aurantifolia - razza ta' referenza [PHYPAF] |
| 5. | Chrysanthemum stem necrosis virus [CSNV00] |
| 6. | Citrus leprosis viruses [CILV00]:<br>6.1. CiLV-C [CILVC0]<br>6.2. CiLV-C2 [CILVC2]<br>6.3. HGSV-2 [HGSV20]<br>6.4. Ir-razza tal-OFV taċ-ċitru [OFV00] (ir-razza taċ-ċitru) |

| | |
|---|---|
| | 6.5. CiLV-N *sensu novo*<br>6.6. Citrus chlorotic spot virus |
| 7. | Citrus tristeza virus (iżolati mhux tal-UE) [CTV000] |
| 8. | Coconut cadang-cadang viroid [CCCVD0] |
| 9. | Cowpea mild mottle virus [CPMMV0] |
| 10. | Lettuce infectious yellows virus [LIYV00] |
| 11. | Melon yellowing-associated virus [MYAV00] |
| 12. | Palm lethal yellowing phytoplasmas [PHYP56]:<br>12.1. *Candidatus* Phytoplasma cocostanzania – subgrupp16SrIV-C<br>12.2. *Candidatus* Phytoplasma palmae – subgruppi 16SrIV-A, 16SrIV-B, 16SrIV-D, 16SrIV-E, 16SrIV-F<br>12.3. *Candidatus* Phytoplasma palmicola – 16SrXXII-A<br>12.4. Ir-razza relatata mal-*Candidatus* Phytoplasma palmicola – 16SrXXII-B<br>12.5. *Candidatus* Phytoplasma ġdida li tikkawża sfura letali tal-palm mill-grupp 16SrIV – "Bogia coconut syndrome" |
| 13. | Satsuma dwarf virus [SDV000] |
| 14. | Squash vein yellowing virus [SQVYVX] |
| 15. | Sweet potato chlorotic stunt virus [SPCSV0] |
| 16. | Sweet potato mild mottle virus [SPMMV0] |
| 17. | Tobacco ringspot virus [TRSV00] |
| 18. | Tomato chocolate virus [TOCHV0] |
| 19. | Tomato marchitez virus [TOANV0] |
| 20. | Tomato mild mottle virus [TOMMOV] |
| 21. | Tomato ringspot virus [TORSV0] |
| 22. | Il-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi taċ-*Cydonia* Mill., *Fragaria* L., *Malus* Mill., *Prunus* L., *Pyrus* L., *Ribes* L., *Rubus* L. u *Vitis* L.:<br>22.1. American plum line pattern virus [APLPV0]<br>22.2. Apple fruit crinkle viroid [AFCVD0]<br>22.3. Apple necrotic mosaic virus<br>22.4. Buckland valley grapevine yellows phytoplasma [PHYP77]<br>22.5. Blueberry leaf mottle virus [BLMOV0]<br>22.6. Razez relatati mal-*Candidatus* Phytoplasma aurantifolia (Pear decline Taiwan II, Crotalaria witches' broom phytoplasma, Sweet potato little leaf phytoplasma [PHYP39])<br>22.7. *Candidatus* Phytoplasma australiense Davis *et al.* [PHYPAU] (razza ta' referenza)<br>22.8. *Candatus* Phytoplasma fraxini (razza ta' referenza) Griffiths *et al.* [PHYPFR]<br>22.9. *Candidatus* Phytoplasma hispanicum (razza ta' referenza) Davis *et al.* [PHYP07]<br>22.10. *Candidatus* Phytoplasma phoenicium [PHYPPH]<br>22.11. Razza relatata mal-*Candidatus* Phytoplasma pruni (North American grapevine yellows, NAGYIII) Davis *et al.*<br>22.12. Razza relatata mal-*Candidatus* Phytoplasma pyri (Peach yellow leaf roll) Norton *et al.*<br>22.13. *Candidatus* Phytoplasma ziziphi (razza ta' referenza) Jung *et al.* [PHYPZI]<br>22.14. Cherry rasp leaf virus (CRLV) [CRLV00]<br>22.15. Cherry rosette virus<br>22.16. Cherry rusty mottle associated virus [CRMAV0]<br>22.17. Cherry twisted leaf associated virus [CTLAV0]<br>22.18. Grapevine berry inner necrosis virus [GINV00]<br>22.19. Grapevine red blotch virus [GRBAV0]<br>22.20. Grapevine vein-clearing virus [GVCV00] |

| | |
|---|---|
| | 22.21. Peach mosaic virus [PCMV00]<br>22.22. Peach rosette mosaic virus [PRMV00]<br>22.23. Raspberry latent virus [RPLV00]<br>22.24. Raspberry leaf curl virus [RLCV00]<br>22.25. Strawberry chlorotic fleck-associated virus<br>22.26. Strawberry leaf curl virus<br>22.27. Strawberry necrotic shock virus [SNSV00]<br>22.28. Temperate fruit decay-associated virus |
| 23. | Il-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi ta' *Solanum tuberosum* L. u *Solanum* spp. oħrajn li jiffurmaw it-tuberi:<br>23.1. Andean potato latent virus [APLV00]<br>23.2. Andean potato mild mosaic virus [APMMV0]<br>23.3. Andean potato mottle virus [APMOV0]<br>23.4. *Candidatus* Phytoplasma americanum<br>23.5. Ir-razez relatati mal-*Candidatus* Phytoplasma aurantrifolia (GD32; St_JO_10, 14, 17; PPT-SA; Rus-343F; PPT-GTO29, -GTO30, -SINTV; Stħarriġ Huayou 2 dwar il-Patata; Nebbieta tax-xagħar tal-patata)<br>23.6. Razez relatati ma' *Candidatus* Phytoplasma fragariae (YN-169, YN-10G)<br>23.7. Razez relatati ma' *Candidatus* Phytoplasma pruni (Clover yellow edge, Potato purple top Akpot7, MT117, Akpot6; PPT-COAHP, -GTOP)<br>23.8. Chilli leaf curl virus [CHILCU]<br>23.9. Potato black ringspot virus [PBRSV0]<br>23.10. Potato virus B [PVB000]<br>23.11. Potato virus H [PVH000]<br>23.12. Potato virus P [PVP000]<br>23.13. Potato virus T [PVT000]<br>23.14. Potato yellow dwarf virus [PYDV00]<br>23.15. Potato yellow mosaic virus [PYMV00]<br>23.16. Potato yellow vein virus [PYVV00]<br>23.17. Potato yellowing virus [PYV000]<br>23.18. Tomato mosaic Havana virus [THV000]<br>23.19. Tomato mottle Taino virus [TOMOTV]<br>23.20. Tomato severe rugose virus [TOSRV0]<br>23.21. Tomato yellow vein streak virus [TOYVSV]<br>23.22. Iżolati mhux tal-UE tal-viruses tal-patata S, X u l-Potato leafroll virus [PVS000], [PVX000] u [PLRV00] |

PARTI B

| **PESTI MAGĦRUFA LI JEŻISTU FIT-TERRITORJU TAL-UNJONI** | |
|---|---|
| Pesti ta' Kwarantina u l-kodiċijiet tagħhom assenjati mill-OEPP | |
| **1. Batterji** | |
| 1. | *Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann and Kottho) Nouioui *et al*. [CORBSE] |
| 2. | *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi *et al*. Emend. Safni *et al*. [RALSSL] |
| 3. | *Xylella fastidiosa* (Wells *et al*.) [XYLEFA] |
| **2. Fungi u oomiċeti** | |
| 1. | *Ceratocystis platani* (J. M. Walter) Engelbr. & T. C. Harr [CERAFP] |
| 2. | *Fusarium circinatum* Nirenberg & O'Donnell [GIBBCI] |
| 3. | *Geosmithia morbida* Kolarík, Freeland, Utley & Tisserat [GEOHMO] |
| 4. | *Synchytrium endobioticum* (Schilb.) Percival [SYNCEN] |

| | |
|---|---|
| **3. Insetti u akari** | |
| 1. | *Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) [ALECSN] |
| 2. | *Anoplophora chinensis* (Thomson) [ANOLCN] |
| 3. | *Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) [ANOLGL] |
| 4. | *Aromia bungii* (Faldermann) [AROMBU] |
| 5. | *Pityophthorus juglandis* Blackman [PITOJU] |
| 6. | *Popillia japonica* Newman [POPIJA] |
| 7. | *Toxoptera citricida* (Kirkaldy) [TOXOCI] |
| 8. | *Trioza erytreae* Del Guercio [TRIZER] |
| **4. Molluski** | |
| 1. | *Pomacea* (Perry) [1POMAG] |
| **5. Nematodi** | |
| 1. | *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner and Bührer) Nickle *et al.* [BURSXY] |
| 2. | *Globodera pallida* (Stone) Behrens [HETDPA] |
| 3. | *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens [HETDRO] |
| 4. | *Meloidogyne chitwoodi* Golden *et al.* [MELGCH] |
| 5. | *Meloidogyne fallax* Karssen [MELGFA] |
| **6. Viruses, virojdi u fitoplażmi** | |
| 1. | Grapevine flavescence dorée phytoplasma [PHYP64] |
| 2. | Tomato leaf curl New Delhi virus [TOLCND]” |

(3) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) fil-werrej tiżdied ir-ringiela li ġejja:

“Parti M: Pesti rregolati mhux ta’ kwarantina fl-Unjoni li jikkonċernaw il-materjal tal-propagazzjoni tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ta’ *Actinidia* Lindl., għajr iż-żrieragħ”;

(b) il-Parti D hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn l-ewwel u t-tieni ringiela tat-tabella tal-“Batterji”:

| | | |
|---|---|---|
| “*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* Takikawa, Serizawa, Ichikawa, Tsuyumu & Goto [PSDMAK] | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ *Actinidia* Lindl. | 0 %”; |

(ii) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-raba’ u l-ħames ringiela tat-tabella tal-“Fungi u oomiċeti”:

| | | |
|---|---|---|
| “*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ’t Veld [PHYTRA] | Pjanti għat-tħawwil għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ *Camellia* L., *Castanea sativa* Mill., *Fraxinus excelsior* L., *Larix decidua* Mill., *Larix kaempferi* (Lamb.) Carrière, *Larix × eurolepis* A. Henry, *Pseudotsuga menziesii* (Mirb.) Franco, *Quercus cerris* L., *Quercus ilex* L., *Quercus rubra* L., *Rhododendron* L. għajr *R. simsii* L., *Viburnum* L. | 0 %”; |

(c) il-parti E hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI E

**Pesti rregolati mhux ta’ kwarantina fl-Unjoni li jikkonċernaw il-materjal riproduttiv tal-foresti, għajr iż-żrieragħ**

| **Fungi u oomiċeti** | | |
|---|---|---|
| Pesti rregolati mhux ta’ kwarantina fl-Unjoni jew is-sintomi kkawżati minnhom | Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi) | Livell limitu għall-materjal riproduttiv tal-foresti kkonċernat |
| *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr [ENDOPA] | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ<br>*Castanea sativa* Mill. | 0 % |
| *Dothistroma pini* Hulbary [DOTSPI] | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ<br>*Pinus* L. | 0 % |
| *Dothistroma septosporum* (Dorogin) Morelet [SCIRPI] | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ<br>*Pinus* L. | 0 % |
| *Lecanosticta acicola* (von Thümen) Sydow [SCIRAC] | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ<br>*Pinus* L. | 0 % |
| *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ’t Veld | Pjanti għat-tħawwil, għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ<br>*Castanea sativa* Mill., *Fraxinus excelsior* L., *Larix decidua* Mill., *Larix kaempferi* (Lamb.) Carrière, *Larix × eurolepis* A. Henry, *Pseudotsuga menziesii* (Mirb.) Franco, *Quercus cerris* L., *Quercus ilex* L., *Quercus rubra* L. | 0 %”; |

(d) fil-Parti F “Insetti u akari”, it-tieni u t-tielet ringieli tat-tabella huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| “*Bruchus pisorum* (Linnaeus ) [BRCHPI] | *Pisum sativum* L. | 0 % |
| *Bruchus rufimanus* Boheman [BRCHRU] | *Vicia faba* L. | 0 %”; |

(e) il-Parti J hija emendata kif ġej:

(i) fit-tabella “Fungi u oomiċeti”, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja bejn it-tnejn u għoxrin u t-tlieta u għoxrin ringiela:

| | | |
|---|---|---|
| “*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ’t Veld [PHYTRA] | Pjanti għat-tħawwil għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ<br>*Castanea sativa* Mill., *Vaccinium* L. | 0 %”; |

(ii) Fit-tabella “Viruses, virojdi, mard simili għal viruses u fitoplażmi”, titħassar ir-ringiela wieħed u għoxrin;

(f) fil-Parti L, it-tabella li ġejja tiżdied wara t-tabella “Fungi u oomiċeti”:

| “**Viruses, virojdi, mard simili għall-viruses u fitoplażmi** | | |
|---|---|---|
| Citrus bark cracking viroid [CBCVD0] | Pjanti għat-tħawwil għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ<br>*Humulus lupulus* L. | 0 %”; |

(g) tiżdied il-parti li ġejja:

"PARTI M

**Pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni li jikkonċernaw il-materjal tal-propagazzjoni tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ta' *Actinidia* Lindl., għajr iż-żrieragħ**

| **Batterji** | | |
|---|---|---|
| Pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni jew is-sintomi kkawżati minnhom | Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi) | Livell limitu għall-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u għall-pjanti tal-frott ikkonċernati |
| *Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* Takikawa, Serizawa, Ichikawa, Tsuyumu & Goto [PSDMAK] | *Actinidia* Lindl. | 0 %"; |

(4) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-werrej, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Parti K: Miżuri li jipprevjenu l-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fuq il-materjal tal-propagazzjoni tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ta' *Actinidia* Lindl., għajr iż-żrieragħ";

(b) il-Parti C hija emendata kif ġej:

(i) Fit-tabella tal-"Batterji" tiddaħħal ir-ringiela li ġejja bejn l-ewwel u t-tieni ringiela:

| | | |
|---|---|---|
| "*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* Takikawa, Serizawa, Ichikawa, Tsuyumu & Goto [PSDMAK] | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ *Actinidia* Lindl. | (a) il-pjanti ġew prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew<br>(b) (i) ma ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Pseudomo-eudomonas syringae* pv. *actinidiae* fuq il-pjanti fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir; jew<br>(ii) ġew osservati sintomi tal-*Pseudomonas syringae* pv.*actinidiae* fuq mhux aktar minn 1 % tal-pjanti fis-sit tal-produzzjoni, u dawk il-pjanti, u kull pjanta sintomatika fl-inħawi immedjati jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u ittieħdu kampjuni ta' porzjon rappreżentattiv tal-pjanti asintomatiċi li kien fadal u dawn ġew ittestjati għal *Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* u nstabu ħielsa mill-pest;<br>u<br>l-pjanti ġew issoġġettati għal kampjunar u ttestjar aleatorju għal *Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* qabel il-kummerċjalizzazzjoni u nstabu ħielsa mill-pest."; |

(ii) fit-tabella “Fungi u oomiċeti”, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja bejn it-tieni u t-tielet ringiela:

| | | |
|---|---|---|
| “*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ’t Veld | *Camellia* L., *Castanea sativa* Mill., *Fraxinus excelsior* L., *Larix decidua* Mill., *Larix kaempferi* (Lamb.) Carrière, *Larix × eurolepis* A. Henry, *Pseudotsuga menziesii* (Mirb.) Franco, *Quercus cerris* L., *Quercus ilex* L., *Quercus rubra* L., *Rhododendron* L. għajr *R. simsii* L., *Viburnum* L. | (a) il-pjanti ġew prodotti f’żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) f’konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew<br>(b) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophtytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq il-pjanti ospitanti fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu li jkun għadda; jew<br>(c) (i) il-pjanti li juru sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fis-sit tal-produzzjoni u l-pjanti kollha f’radjus ta’ 2 m mill-materjal sintomatiku, ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih bil-ħamrija mwaħħla b’kollox;<br>u<br>(ii) għall-pjanti ospitanti kollha li jinsabu f’radjus ta’ 10 m mill-pjanti sintomatiċi u għal kull pjanta li tifdal mil-lott affettwat:<br>— fi żmien tliet xhur mis-sejba ta’ pjanti sintomatiċi, ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq dawk il-pjanti f’mill-inqas żewġ spezzjonijiet fiż-żminijiet ix-xierqa biex jiġi identifikat il-pest, u matul dak il-perjodu ta’ tliet xhur ma jkun sar l-ebda trattament li jnaqqas is-sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE), u<br>— wara dak il-perjodu ta’ tliet xhur:<br>— ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*P-Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq dawk il-pjanti fis-sit tal-produzzjoni, jew<br>— ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta’ dawk il-pjanti li jkunu se jinġarru u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE);<br>u<br>(iii) għall-pjanti l-oħra kollha fil-post tal-produzzjoni:<br>— ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*P-Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq dawk il-pjanti fis-sit tal-produzzjoni, jew<br>— ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta’ dawk il-pjanti li jkunu se jinġarru u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE).”; |

(iii) fit-tabella "Insetti u akari", fit-tielet ringiela, it-tielet kolonna hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) "il-pjanti jkunu tkabbru tul ħajjithom f'żona li tkun ġiet stabbilita bħala ħielsa mir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) mill-korp uffiċjali responsabbli f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

(b) il-pjanti tkabbru fis-sentejn qabel ma ngarru f'sit fl-Unjoni, f'iżolament fiżiku għall-protezzjoni kontra l-introduzzjoni tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier), jew f'sit fl-Unjoni fejn ikunu ġew applikati t-trattamenti ta' prevenzjoni xierqa fir-rigward ta' dak il-pest; u

(c) il-pjanti jkunu ġew spezzjonati b'mod viżiv tal-anqas darba kull erba' xhur, u dawn l-ispezzjonijiet ikkonfermaw li kienu ħielsa mir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier).";

(iv) fit-tabella "Viruses, virojdi, mard simili għal viruses u fitoplażmi", fit-tielet ringiela, it-tielet kolonna hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) il-pjanti ġew minn pjanti omm li ġew spezzjonati b'mod viżiv, u li nstabu ħielsa mis-sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma pyri Seemüller & Schneider; u

(b) (i) il-pjanti ġew prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma pyri Seemüller & Schneider f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

(ii) il-pjanti jkunu tkabbru f'sit tal-produzzjoni li permezz ta' spezzjoni viżiva nstab ħieles mill-pest tul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu li jkun għadda, u kull pjanta sintomatika fl-inħawi immedjati tkun inqalgħet u nqerdet minnufih;

jew

(c) il-pjanti fis-sit tal-produzzjoni u kull pjanta fil-viċinanza immedjata, li wrew sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma pyri Seemüller & Schneider matul l-ispezzjonijiet viżivi fiż-żminijiet ix-xierqa matul l-aħħar tliet staġuni ta' tkabbir, ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih.";

(v) il-Parti D hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI D

**Miżuri li jipprevjenu l-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fuq il-materjal riproduttiv tal-foresti, għajr iż-żrieragħ**

L-awtorità kompetenti, jew l-operatur professjonali taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, għandhom iwettqu l-verifiki u jieħdu kull azzjoni oħra biex jiżguraw li r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti kkontrollati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni u l-pjanti għat-tħawwil rispettivi, previsti fit-tielet kolonna tat-tabella li ġejja, ikunu ssodisfati.

**Fungi u oomiċeti**

| Pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni jew is-sintomi kkawżati minnhom | Pjanti għat-tħawwil | Rekwiżiti |
|---|---|---|
| *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ<br>*Castanea sativa* Mill. | (a) il-materjal riproduttiv tal-foresti oriġina minn żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew |

| | | |
|---|---|---|
| | | (b) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu li jkun għadda; jew<br>(c) il-materjal riproduttiv tal-foresti li juri sintomi tal-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr ikun inqala' u nqered, u l-materjal li fadal ikun ġie spezzjonat kull ġimgħa u ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr fis-sit tal-produzzjoni għal mill-inqas tliet ġimgħat qabel ma jinġarr dak il-materjal. |
| *Dothistroma pini* Hulbary, *Dothistroma septosporum* (Dorogin) Morelet *Lecanosticta acicola* (von Thümen) Sydow | Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ *Pinus* L. | (a) il-materjal riproduttiv tal-foresti oriġina minn żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mid-*Dothistroma pini* Hulbary, mid-*Dothistroma septosposorum* (Dorogin) Morelet u mil-*Lecanosticta acicola* (von Thümen) Sydow f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew<br>(b) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu ta' needle blight, ikkawżata mid-*Dothistroma pini* Hulbary, mid-*Dothistroma septosporum* (Dorogin) Morelet jew mil-*Lecanosticta acicola* (von Thümen) Sydow, fis-sit tal-produzzjoni jew fl-inħawi immedjati tiegħu tul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu li jkun għadda; jew<br>(c) ikunu saru trattamenti xierqa fis-sit tal-produzzjoni kontra n-needle blight, ikkawżata mid-*Dothis-Dothistroma pini* Hulbary, mid-*Dothistroma septosporum* (Dorogin) Morelet jew mil-*Lecanosticta acicola* (von Thümen) Sydow, u l-materjal riproduttiv tal-foresti jkun ġie spezzjonat b'mod viżiv qabel ma nġarr u nstab ħieles mis-sintomi tan-needle blight. |
| *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld | Pjanti għat-tħawwil, għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ *Castanea sativa* Mill., *Fraxinus excelsior* L., *Larix decidua* Mill., *Larix kaempferi* (Lamb.) Carrière, *Larix × eurolepis* A. Henry, *Pseudotsuga menziesii* (Mirb.) Franco, *Quercus cerris* L., *Quercus ilex* L., *Quercus rubra* L. | (a) il-materjal riproduttiv tal-foresti oriġina minn żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew<br>(b) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Phytopht-ytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq il-materjal riproduttiv tal-foresti fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu li jkun għadda; jew<br>(c) (i) il-materjal riproduttiv tal-foresti li juri sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fis-sit tal-produzzjoni u l-materjal riproduttiv tal-foresti kollu bil-ħamrija mwaħħla miegħu f'radjus ta' 2 m mill-materjal sintomatiku, ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih, bil-ħamrija mwaħħla b'kollox;<br>u |

| | | |
|---|---|---|
| | | (ii) għall-materjal riproduttiv tal-foresti kollu li jinsab f'radjus ta' 10 m mill-pjanti sintomatiċi u kull materjal riproduttiv tal-foresti li jifdal mil-lott affettwat:<br>— fi żmien tliet xhur mis-sejba ta' materjal riproduttiv tal-foresti sintomatiku, ma ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq dak il-materjal riproduttiv tal-foresti f'mill-inqas żewġ spezzjonijiet fiż-żminijiet ix-xierqa biex jiġi identifikat il-pest u matul dak il-perjodu ta' tliet xhur ma jkun sar l-ebda trattament li jnaqqas is-sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE);<br>— wara dak il-perjodu ta' tliet xhur:<br>— ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq dak il-materjal riproduttiv tal-foresti fis-sit tal-produzzjoni;<br>— kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal riproduttiv tal-foresti li kien se jinġarr ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE);<br>u<br>(iii) għall-materjal riproduttiv tal-foresti l-ieħor kollu fil-post tal-produzzjoni:<br>— ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) fuq dak il-materjal riproduttiv tal-foresti fis-sit tal-produzzjoni;<br>— kampjun rappreżentattiv tal-materjal riproduttiv tal-foresti li kien se jinġarr ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE).”; |

(vi) fil-Parti E, ir-ringieli dwar “*Bruchus pisorum* (L.)” u “*Bruchus rufimianus* L.” huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| “*Bruchus pisorum* (Linnaeus) | *Pisum sativum* L. | (a) kampjun rappreżentattiv taż-żrieragħ ikun ġie ssuġġettat għal spezzjoni viżiva fl-aktar żmien xieraq sabiex jiġi identifikat il-pest, dan jista' jsegwi trattament xieraq; u<br>(b) iż-żerriegħa nstabet ħielsa mill-*Bruchus pisorum* (Linnaeus). |
| *Bruchus rufimanus* Boheman | *Vicia faba* L. | (a) kampjun rappreżentattiv taż-żrieragħ ikun ġie ssuġġettat għal spezzjoni viżiva fl-aktar żmien xieraq sabiex jiġi identifikat il-pest, dan jista' jsegwi trattament xieraq; u<br>(b) ż-żerriegħa nstabet ħielsa mill-*Bruchus rufimanus* Boheman.”; |

(vii) fil-Parti F, l-ewwel ringiela tat-tielet tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "*Candidatus* Liberibacter *solanacearum* Liefting *et al.* | *Solanum tuberosum* L. | L-awtorità kompetenti tkun għamlet spezzjoni uffiċjali fuq il-lottijiet u kkonfermat li dawn jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Anness IV, sakemm il-lott ma jkunx ġie prodott minn pjanti li jikkonformaw mal-punt (b)(i) tat-tielet kolonna tat-tieni ringiela tal-ewwel tabella fil-Parti F tal-Anness V."; |

(viii) fil-Parti J, fit-tabella "Fungi", l-ewwel ringiela hija sostitwita bi:

"Fungi u oomiċeti";

(ix) fil-Parti J, it-tabella li ġejja tiddaħħal wara t-tabella "Fungi":

| "**Viruses, virojdi, mard simili għall-viruses u fitoplażmi** | | |
|---|---|---|
| Pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni jew is-sintomi kkawżati minnhom | Pjanti għat-tħawwil | Rekwiżiti |
| Citrus bark cracking viroid [CBCVD0] | *Humulus lupulus* L. | (a) il-pjanti ġew prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mis-Citrus bark cracking viroid f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew<br>(b) (i) il-post tal-produzzjoni jkun instab ħieles mis-Citrus bark cracking viroid tul l-aħħar żewġ staġuni ta' tkabbir sħaħ permezz ta' spezzjoni viżiva tal-pjanti fl-aktar żmien xieraq biex jiġi identifikat il-pest u sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni mekkanika, ikunu ġew applikati miżuri iġjeniċi xierqa fil-post tal-produzzjoni; u<br>(ii) il-pjanti għat-tħawwil ikunu ġew minn pjanti omm li nstabu ħielsa mis-Citrus bark cracking viroid, u<br>— fil-każ ta' pjanti omm li jkunu nżammu f'sit tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika minn sorsi ta' infezzjoni bis-Citrus bark cracking viroid, il-pjanti omm ikunu ġew spezzjonati b'mod viżiv, ittiħdulhom il-kampjuni u ġew ittestjati kull sena fl-aktar żmien xieraq biex tiġi identifikata il-preżenza tas-Citrus bark cracking viroid sabiex fuq firxa ta' 5 snin ikunu ġew ittestjati l-pjanti omm kollha, jew<br>— fil-każ ta' pjanti omm li ma jkunux inżammu f'sit tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika minn sorsi ta' infezzjoni bis-Citrus bark cracking viroid, il-pjanti omm jkunu nstabu ħielsa mis-Citrus bark cracking viroid tul l-aħħar ħames staġuni ta' tkabbir sħaħ permezz ta' spezzjoni viżiva fl-aktar żmien xieraq biex jiġi identifikat il-pest, u |

| | | |
|---|---|---|
| | | — ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta' pjanti omm fl-aktar żmien xieraq biex jiġi identifikat il-pest matul l-aħħar 12-il xahar u nstab ħieles mis-Citrus bark cracking viroid, u<br>— il-pjanti omm ġew iżolati mill-*Humulus lupulus* L. imkabbra f'postijiet tal-produzzjoni fil-viċinanza li jinsabu mill-inqas 20 m 'l bogħod; u<br>(iii) fil-każ tal-produzzjoni ta' pjanti bl-għeruq għat-tħawwil li jkunu se jinġarru, is-sit tal-produzzjoni li ntuża għall-iffurmar tal-għeruq ikun<br>— ġie iżolat minn għelejjel tal-produzzjoni tal-*Humulus lupulus* L. li jinsabu mill-inqas 20 m 'l bogħod, jew<br>— ġie protett fiżikament minn sorsi ta' infezzjoni bis-Citrus bark cracking viroid."; |

(x) tiżdied il-Parti li ġejja:

"PARTI K

**Miżuri li jipprevjenu l-preżenza ta' pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fuq il-materjal tal-propagazzjoni tal-frott u fuq il-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ta' *Actinidia* Lindl., għajr iż-żrieragħ**

L-awtorità kompetenti, jew l-operatur professjonali taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, għandhom iwettqu l-verifiki u jieħdu kull azzjoni oħra biex jiżguraw li r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti kkontrollati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni u l-pjanti għat-tħawwil rispettivi, previsti fit-tielet kolonna tat-tabella li ġejja, ikunu ssodisfati.

| **Batterji** | | |
|---|---|---|
| Pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni jew is-sintomi kkawżati minnhom | Pjanti għat-tħawwil | Miżuri |
| *Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* Takikawa, Serizawa, Ichikawa, Tsuyumu & Goto [PSDMAK] | *Actinidia* Lindl. | (a) il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikunu ġew prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew<br>(b) il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikunu ġew minn pjanti omm li jkunu ġew spezzjonati b'mod viżiv darbtejn fis-sena, u li nstabu ħielsa mill-*Pseudo-Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae*;<br>u<br>(c) (i) fil-każ ta' pjanti omm li nżammu f'faċilitajiet li jiżguraw protezzjoni fiżika kontra infezzjonijiet bil-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae*, porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm ikun ġie kkampjunat u ttestjat kull erba' snin għall-preżenza ta' *Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* sabiex fuq żmien ta' 8 snin ikunu ġew ittestjati l-pjanti omm kollha; jew |

| | | |
|---|---|---|
| | | (ii) fil-każ ta' pjanti omm li ma jkunux inżammu fil-faċilitajiet imsemmijin hawn fuq, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm għall-preżenza tal-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* sabiex fuq żmien ta' 3 snin, ikunu ġew ittestjati l-pjanti omm kollha;<br>u<br>(d) (i) fil-każ ta' materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott li nżammu fil-faċilitajiet imsemmija hawn fuq, ma ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Pseudomoeudomonas syringae* pv. *actinidiae* fuq dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu; jew<br>(ii) fil-każ ta' materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott li ma jkunux inżammu fil-faċilitajiet imsemmija hawn fuq, ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u fuq dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun tat-tkabbir kollu u jkun sar kampjunar u ttestjar aleatorju ta' dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott għall-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* qabel il-kummerċjalizzazzjoni u nstabu ħielsa mill-pest ikkonċernat; jew<br>(iii) fil-każ ta' materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott li ma jkunux inżammu fil-faċilitajiet imsemmija hawn fuq, ikunu ġew osservati sintomi tal-*P-Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* fuq mhux aktar minn 1 % tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u kull materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u porzjon rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li fadal ikunu ttiħdulu l-kampjuni u dawn ikunu ġew ittestjati għall-*Pseudomonas syringae* pv. *actinidiae* u nstabu ħielsa mill-pest ikkonċernat."; |

(5) L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 3 u 4:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "3.1 | Il-qoxra tas-siġar iżolata tal-*Acer macrophyllum* Pursh, *Aesculus californica* (Spach) Nutt., *Lithocarpus densiflorus* (Hook. & Arn.) Rehd., *Quercus* L. u *Taxus brevifolia* Nutt. | ex 1404 90 00<br>ex 4401 40 90 | Il-Kanada, ir-Renju Unit ([1]), l-Istati Uniti, il-Vjetnam |

(1) F'konformità mal-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.";

(b) il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "5. | Il-qoxra tas-siġar iżolata tal-*Quercus* L., għajr il-*Quercus suber* L. | ex 1404 90 00<br>ex 4401 40 90 | Messiku"; |

(c) fil-punt 18, fil-kolonna "Kodiċi NM", il-kodiċijiet tan-NM huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"ex 0602 10 90

ex 0602 90 30

ex 0602 90 45

ex 0602 90 46

ex 0602 90 48

ex 0602 90 50

ex 0602 90 70

ex 0602 90 91

ex 0602 90 99";

(6) L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 2 u 3:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "2.1 | Pjanti għat-tħawwil, għajr il-basal, il-basal tuberuż, ir-riżomi, iż-żrieragħ, it-tuberi, u l-pjanti fil-kultura tat-tessut | 0602 10 90<br>0602 20 20<br>0602 20 80<br>0602 30 00<br>0602 40 00<br>0602 90 20<br>0602 90 30<br>0602 90 41<br>0602 90 45<br>0602 90 46<br>0602 90 47<br>0602 90 48<br>0602 90 50<br>0602 90 70<br>0602 90 91<br>0602 90 99<br>ex 0704 10 00<br>ex 0704 90 10<br>ex 0704 90 90<br>ex 0705 11 00<br>ex 0705 19 00<br>ex 0709 40 00<br>ex 0709 99 10<br>ex 0910 99 31<br>ex 0910 99 33 | Pajjiżi terzi, għajr l-Iżvizzera | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) ikunu tkabbru f'mixtliet, li huma rreġistrati u ssorveljati mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini,<br>u<br>(b) ikunu ġew spezzjonati fiż-żminijiet ix-xierqa u qabel l-esportazzjoni;"; |

(b) isiru l-emendi li ġejjin wara l-punt 4:

(i) jiddaħħal il-punt 4.1 li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "4.1 | Pjanti għat-tħawwil bl-għeruq, għajr pjanti fil-kultura tat-tessut | ex 0601 20 30<br>ex 0601 20 90<br>ex 0602 30 00<br>ex 0602 40 00<br>ex 0602 90 20<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn pajjiż stabbilit bħala ħieles mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) ikunu tkabbru tul ħajjithom f'medium tat-tkabbir li fiż-żmien tat-tħawwil tal-pjanti:<br>(i) kien ħieles minn kull ħamrija u materja organika u ma kienx intuża qabel għat-tkabbir ta' pjanti u għal ebda skop agrikolu ieħor,<br>jew<br>(ii) kien magħmul kompletament mill-pit jew mill-fibra tal-*Cocos nucifera* L. u ma kienx intuża qabel għat-tkabbir ta' pjanti u għal ebda skop agrikolu ieħor,<br>jew<br>(iii) ġie ffumigat jew ittrattat bis-sħana b'mod effettiv biex ġie żgurat li kien ħieles mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u dan huwa indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(iv) ġie ssuġġettat għal approċċ sistemiku effettiv biex ġei żgurat li kien ħieles mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u dan huwa indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju;<br>u |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | fil-każijiet kollha msemmija fil-punti (i) sa (iv) ikun iħażen u nżamm f'kundizzjonijiet xierqa biex jinżamm ħieles mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u wara t-tħawwil ikunu ttieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat li l-pjanti jkunu nżammu ħielsa mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback, inklużi mill-inqas:<br>— iżolament fiżiku tal-medium tat-tkabbir mill-ħamrija u minn sorsi oħra li jistgħu jikkawżaw il-kontaminazzjoni, u<br>— miżuri tal-iġjene,<br>jew<br>(d) (i) ikun oriġina minn post tal-produzzjoni, stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini bħala ħieles mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>u<br>(ii) eżatt qabel l-esportazzjoni, l-għeruq ta' kampjun rappreżentattiv tal-kunsinna jkunu ġew spezzjonati u nstabu li kienu ħielsa mis-sintomi tal-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback.”; |

(ii) jiddaħħal il-punt 4.2 li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “4.2 | Pjanti għat-tħawwil bil-medium tat-tkabbir maħsub biex isostni l-vitalità tal-pjanti, għajr il-pjanti fil-kultura tat-tessut u l-pjanti akkwatiċi | ex 0602 20 80<br>ex 0602 30 00<br>ex 0602 40 00<br>ex 0602 90 20<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Il-Kanada, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Iżvizzera, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) ikunu tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Popillia japonica* Newman mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti: |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (i) li jkun ġie ssuġġettat għal spezzjoni uffiċjali annwali u, mill-inqas, spezzjoni ta' kull xahar matul it-tliet xhur qabel l-esportazzjoni, għal xi sinjali ta' *Popillia japonica* Newman, imwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa biex tiġi identifikata l-preżenza tal-pest ikkonċernat, mill-inqas permezz ta' eżaminazzjoni viżiva tal-pjanti kollha, inkluż il-ħaxix ħażin, u t-teħid ta' kampjuni tal-medium tat-tkabbir li fih jikbru l-pjanti,<br>u<br>(ii) li huwa mdawwar minn żona ta' lqugħ ta' mill-inqas 100 m, fejn in-nuqqas tal-*Popillia japonica* Newman ikun ġie kkonfermat minn stharriġiet uffiċjali mwettqa kull sena fiż-żminijiet ix-xierqa,<br>u<br>(iii) eżatt qabel l-esportazzjoni l-pjanti u l-medium tat-tkabbir ġew issuġġettati għal spezzjoni uffiċjali, li kienet tinkludi t-teħid ta' kampjuni tal-medium tat-tkabbir, u nstabu ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman,<br>u<br>(iv) il-pjanti:<br>— jiġu mqandla u ppakkjati jew ittrasportati b'mod li tiġi evitata l-infestazzjoni b'*Popillia japonica* Newman wara li jinħarġu mill-post tal-produzzjoni<br>jew<br>— jinġarru barra mill-istaġun tat-titjir tal-*Popillia japonica* Newman,<br>jew<br>(c) tkabbru tul ħajjithom f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Popillia japonica* Newman u l-pjanti:<br>(i) jiġu mqandla u ppakkjati jew ittrasportati b'mod li tiġi evitata l-infestazzjoni bil-*Popillia japonica* Newman wara li jinħarġu mis-sit tal-produzzjoni,<br>jew<br>(ii) jinġarru barra mill-istaġun tat-titjir tal-*Popillia japonica* Newman<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (d) ġew prodotti skont approċċ sistemiku approvat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 2016/2031 biex jiġi żgurat li huma ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman."; |

(c) il-punt 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "8. | Pjanti għat-tħawwil tal-ispeċijiet erbaċej, għajr il-basal, il-basal tuberuż, il-pjanti tal-familja *Poaceae*, ir-riżomi, iż-żrieragħ, it-tuberi, u l-pjanti fil-kultura tat-tessut | ex 0602 10 90<br>0602 90 20<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99<br>ex 0704 10 00<br>ex 0704 90 10<br>ex 0704 90 90<br>ex 0705 11 00<br>ex 0705 19 00<br>ex 0705 21 00<br>ex 0705 29 00<br>ex 0706 90 10<br>ex 0709 40 00<br>ex 0709 99 10<br>ex 0910 99 31<br>ex 0910 99 33 | Pajjiżi terzi fejn ikun magħruf li jseħħu l-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u n-*Nemorimyza maculosa* (Malloch) | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mil-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u min-*Nemorimyza maculosa* (Malloch) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jingħata fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn post tal-produzzjoni, stabbilit bħala ħieles mil-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u min-*Nemorimyza maculosa* (Malloch) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "Dikjarazzjoni addizzjonali", u ddikjarat ħieles mil-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u min-*Nemorimyza maculosa* (Malloch) wara spezzjonijiet uffiċjali mwettqa tal-anqas darba fix-xahar matul it-tliet xhur ta' qabel l-esportazzjoni,<br>jew<br>(c) eżatt qabel l-esportazzjoni, ġew issoġġettati għal trattament xieraq kontra l-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u n-*Nemorimyza maculosa* (Malloch) u għaddew minn spezzjoni uffiċjali u nstabu ħielsa mil-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u min-*Nemorimyza maculosa* (Malloch).<br>Id-dettalji tat-trattament imsemmi fil-punt (c) għandhom jissemmew fiċ-ċertifikat fitosanitarju." |

(d) il-punt 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "20. | Tuberi tas-*Solanum tuberosum* L., għat-tħawwil | 0701 10 00 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li t-tuberi:<br>(a) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Meloidogyne chitwoodi* Golden *et al.*, mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u mill-*Meloidogyne fallax* Karssen f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Meloidogyne chitwoodi* Golden *et al.*, il-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u l-*Meloidogyne fallax* Karssen mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għal Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) oriġinaw minn post tal-produzzjoni, stabbilit bħala ħieles mill-*Meloidogyne chitwoodi* Golden *et al.*, mill-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u mill-*Meloidogyne fallax* Karssen mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, abbażi ta' stħarriġ annwali tal-għelejjel ospitanti permezz ta' spezzjoni viżiva tal-pjanti ospitanti fiż-żminijiet ix-xierqa u permezz ta' spezzjoni viżiva kemm fuq barra kif ukoll permezz li wara l-ħsad inqatgħu t-tuberi mill-għelejjel tal-patata li tkabbru fil-post tal-produzzjoni,<br>jew<br>(d) wara l-ħsad, ikunu ttieħdu l-kampjuni tat-tuberi b'mod aleatorju u, ikun intuża metodu xieraq li joħroġ is-sintomi, imbagħad wara ġew eżaminati għall-preżenza tas-sintomi, inkella jkunu ġew ittestjati f'laboratorju, u ġew spezzjonati b'mod viżiv kemm fuq barra kif ukoll billi jinqatgħu t-tuberi, fiż-żminijiet ix-xierqa, u dejjem meta jkunu qed jingħalqu l-pakketti jew il-kontenituri u ma jkunu nstabu l-ebda sintomi tal-*Meloidogyne chitwoodi* Golden *et al.*, il-*Meloidogyne enterolobii* Yang & Eisenback u l-*Meloidogyne fallax* Karssen."; |

(e) il-punti li ġejjin jiddaħħlu bejn il-punt 21 u 22:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “21.1 | Pjanti għat-tħawwil tal-*Cucurbitaceae* Juss. u *Solanaceae* Juss., għajr il-basal, il-basal tuberuż, ir-riżomi, it-trab tad-dakra, iż-żrieragħ, it-tuberi, u l-pjanti fil-kultura tat-tessut | ex 0602 10 90<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles miċ-*Ceratothripoides claratris* (Shumsher) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa miċ-*Ceratothripoides claratris* (Shumsher) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jingħata fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) ikunu tkabbru tul ħajjithom f'sit tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni tas-*Ceratothripoides claratris* (Shumsher), u li jkun ġie ssuġġettat, mill-inqas fit-tliet xhur ta' qabel l-esportazzjoni, għal mill-inqas spezzjoni waħda biex tiġi identifikata l-preżenza ta' *Ceratothripoides claratris* (Shumsher). |
| 21.2 | Pjanti għat-tħawwil ta'<br>*Allium cepa* L., *Asparagus* L.,<br>*Cynara scolymus* L.,<br>*Citrullus lanatus* (Thnb.) Matusm. & Nakai,<br>*Cucurbita* L., *Cucumis melo* L., *Cucumis sativum* L., *Glycine max* (L.), Merr., *Gossypium* L., *Medicago sativa*, L., *Persea americana* Mill., *Phaseolus* L., *Ricinus communis* L.,<br>u *Tagetes* L., għajr il-basal, il-basal tuberuż, il-pjanti fil-kultura tat-tessut, ir-riżomi, it-trab tad-dakra, iż-żrieragħ u t-tuberi. | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Peru, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Prodiplosis longifila* Gagné, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jingħata fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) tkabbru mill-inqas matul ix-xahrejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn xahrejn, matul ħajjithom, f'sit tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika stabbilit fil-pajjiż tal-oriġini bħala ħieles mill-*Prodiplosis longifila* Gagné, abbażi ta' spezzjonijiet uffiċjali mwettqa matul ħajjithom jew matul l-aħħar xahrejn qabel l-esportazzjoni.”; |

(f) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 24 u 25:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "24.1 | Pjanti għat-tħawwil tal-*Euphorbia pulcherrima* Willd., il-*Fragaria* L. u r-*Rubus* L., għajr pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Eotetranychus lewisi* (McGregor) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Eotetranychus lewisi* (McGregor) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) oriġinaw minn post tal-produzzjoni, stabbilit fil-pajjiż ta' oriġini mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'dak il-pajjiż bħala ħieles mill-*Eotetranychus lewisi* (McGregor), f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti."; |

(g) il-punt 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "28. | Fjuri maqtugħin tal-*Chrysanthemum* L., tad-*Dianthus* L., tal-*Gypsophila* L. u tas-*Solidago* L., u l-ħxejjex tal-weraq *Apium graveolens* L. u *Ocimum* L. | 0603 12 00,<br>0603 14 00<br>ex 0603 19 70<br>0709 40 00<br>ex 0709 99 10<br>ex 0709 99 90<br>ex 1211 90 86<br>ex 1404 90 00 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-fjuri maqtugħin u l-ħxejjex tal-weraq:<br>(a) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mil-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u min-*Nemorimyza maculosa* (Malloch) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) immedjatament qabel ma ġew esportati, ġew spezzjonati uffiċjalment u nstabu ħielsa mil-*Liriomyza sativae* (Blanchard) u min-*Nemorimyza maculosa* (Malloch)."; |

(h) il-punt 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “29. | Fjuri maqtugħin tal-*Orchidaceae* | 0603 13 00 | Il-pajjiżi terzi kollha, għajr it-Tajlandja | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-fjuri maqtugħin:<br>(a) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mit-*Thrips palmi* Karny f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) immedjatament qabel ma ġew esportati, ġew spezzjonati uffiċjalment u nstabu ħielsa mit-*Thrips palmi* Karny. |
| 29.1 | Fjuri maqtugħin tal-*Orchidaceae* | 0603 13 00 | It-Tajlandja | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-fjuri maqtugħin:<br>(a) ġew prodotti f'post tal-produzzjoni li nstab ħieles mit-*Thrips palmi* Karny fi spezzjonijiet uffiċjali mwettqa mill-inqas darba fix-xahar matul it-tliet xhur qabel l-esportazzjoni,<br>jew<br>(b) ikunu għaddew minn trattament xieraq ta' fumigazzjoni biex jiġi żgurat li kienu ħielsa mit-*Thrips palmi* Karny, u d-dettalji tat-trattament ikunu indikati fiċ-ċertifikat fitosanitarju.”; |

(i) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 30 u 31:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “30.1 | Pjanti għat-tħawwil tad-*Diospyros kaki* L., il-*Ficus carica* L., l-*Hedera helix* L., il-*Laurus nobilis* L., il-*Magnolia* L., il-*Malus* Mill., il-*Melia* L., il-*Mespilus germanica* L., il-*Parthenocissus* Planch., il-*Prunus* L., il-*Psidium guajava* L., il-*Punica granatum* L., il-*Pyracantha* M. Roem., il-*Pyrus* L., ir-*Rosa* L., għajr iż-żrieragħ, it-trab tad-dakra u l-pjanti fil-kultura tat-tessut | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 40 00<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | L-Awstralja, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Eswatini, Guam, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, il-Ġappun, il-Kenja, il-Laos, il-Malasja, Mauritius, il-Mikroneżja, il-Montenegro, in-Niġerja, il-Korea ta' Fuq, il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana, il-Pakistan, Palau, Papua New Guinea, il-Filippini, Réunion, l-Afrika t'Isfel, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, it-Tajwan, it-Tanzanija, it-Tajlandja, l-Uganda, il-Vjetnam, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini bħala ħieles mill-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti: |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (i) li matul l-aħħar sena qabel l-esportazzjoni jkun ġie ssuġġettat għal spezzjonijiet uffiċjali mwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa,<br>u<br>(ii) il-pjanti jkunu ġew imqandla u ppakkjati b'modi li jipprevjenu l-infestazzjoni wara li jitilqu mill-post tal-produzzjoni,<br>jew<br>(c) ikunu ġew issuġġettati għal trattament effettiv li jiżgura li jkunu ħielsa mill-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) u nstabu ħielsa minnu qabel l-esportazzjoni."; |

(j) fil-punt 31, taħt l-ewwel kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra", it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Pjanti tal-konferi (Pinopsida), għajr il-frott u ż-żrieragħ";

(k) il-punt 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "32. | Pjanti tal-konferi (Pinopsida), għajr il-frott u ż-żrieragħ, itwal minn 3 m | ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 99<br>ex 0604 20 20<br>ex 0604 20 40<br>ex 1404 90 00 | Pajjiżi terzi għajr l-Albanija, Andorra, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Faeroe, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Moldova, Monaco, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, ir-Russja (il-partijiet li ġejjin biss: id-Distrett Federali Ċentrali (Tsentralny federalny okrug), id-Distrett Federali tal-Majjistral (Severo-Zapadny federalny okrug), id-Distrett Federali tan-Nofsinhar (Yuzhny federalny okrug), id-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana (Severo-Kavkazsky federalny okrug) u d-Distrett Federali tal-Volga (Privolzhsky federalny okrug)), San Marino, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija, ir-Renju Unit [(1)] u l-Ukrajna | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti ġew prodotti f'post tal-produzzjoni li hu ħieles mis-*Scolytinae* spp. (mhux Ewropej)."; |

(l) L-emendi li ġejjin isiru wara l-punt 32:

(i) jiddaħħal il-punt 32.1 li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “32.1 | Pjanti għat-tħawwil ta’ *Acacia* Mill., *Acer buergerianum* Miq., *Acer macrophyllum* Pursh, *Acer negundo* L., *Acer palmatum* Thunb., *Acer paxii* Franch., *Acer pseudoplatanus* L., *Aesculus californica* (Spach) Nutt., *Ailanthus altissima* (Mill.) Swingle, *Albizia falcate* Backer ex Merr., *Albizia julibrissin* Durazz., *Alectryon excelsus* Gärtn., *Alnus rhombifolia* Nutt., *Archontophoenix cunninghamiana* H. Wendl. & Drude, *Artocarpus integer* (Thunb.) Merr., *Azadirachta indica* A. Juss., *Baccharis salicina* Torr. & A.Gray, il-*Bauhinia variegata* L., il-*Brachychiton discolor* F.Muell., il-*Brachychiton populneus* R.Br., il-*Camellia semiserrata* C.W.Chi, il-*Camellia sinensis* (L.) Kuntze, il-*Canarium commune* L., il-*Castanospermum australe* A.Cunningham & C.Fraser, iċ-*Cercidium floridum* Benth. ex A.Gray, iċ-*Cercidium sonorae* Rose & I.M. Johnst., il-*Cocculus laurifolius* DC., il-*Combretum kraussii* Hochst., il-*Cupaniopsis anacardioides* (A.Rich.) Radlk., *Dombeya cacuminum* Hochr., *Erythrina corallodendron* L., *Erythrina coralloides* Moc. & Sessé ex DC., *Erythrina falcata* Benth., *Erythrina fusca* Lour., *Eucalyptus ficifolia* F.Müll., *Fagus crenata* Blume, *Ficus* L., *Gleditsia triacanthos* L., *Hevea brasiliensis* (Willd. ex A.Juss) Muell.Arg., *Howea forsteriana* (F.Müller) Becc., *Ilex cornuta* Lindl. & Paxton, *Inga vera* Willd., *Jacaranda mimosifolia* D.Don, *Koelreuteria bipinnata* Franch., *Liquidambar styraciflua* L., *Magnolia grandiflora* L., *Magnolia virginiana* L., *Mimosa bracaatinga* Hoehne, *Morus alba* L., *Parkinsonia aculeata* L., *Persea americana* Mill., *Pithecellobium lobatum* Benth., *Platanus x hispanica* Mill. ex Münchh., *Platanus mexicana* Torr., *Platanus occidentalis* L., *Platanus orientalis* L., *Platanus racemosa* Nutt., *Podalyria calyptrata* Willd., *Populus fremontii* S.Watson, *Populus nigra* L., *Populus trichocarpa* Torr. & A.Gray ex Hook., *Prosopis articulata* S.Watson, *Protium serratum* Engl., | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) għandhom dijametru ta’ inqas minn 2 cm fil-bażi taz-zokk,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* f’konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(c) oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato*, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f’konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) tkabbru:<br>(i) mill-inqas għas-sitt xhur qabel l-esportazzjoni, f’sit tal-produzzjoni f’iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Euwallacea fornicatus sensu lato*, li ġie ssuġġettat għal spezzjonijiet uffiċjali fiż-żminijiet ix-xierqa u li nstab ħieles mill-pest, ikkonfermat għallinqas bin-nases, li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba’ ġimgħat, inkluż eżatt qabel l-esportazzjoni,<br>jew<br>(ii) f’sit tal-produzzjoni li nstab ħieles mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, ikkonfermat għallinqas bin-nases, waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqa mill-inqas kull erba’ ġimgħat; f’każ ta’ suspett tal-preżenza tal-pest fis-sit tal-produzzjoni, ikunu saru trattamenti xierqa kontra l-pest biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; tiġi stabbilita żona tal-madwar ta’ 1 km, li tkun immonitorjata fiż-żminijiet ix-xierqa għall-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u meta jinstab il-pest, dawk il-pjanti jenħtieġ li jitneħħew minnufih u jinqerdu, |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Psoralea pinnata* L., *Pterocarya stenoptera* C. DC., *Quercus agrifolia* Née, *Quercus calliprinos* Webb., *Quercus chrysolepis* Liebm, *Quercus engelmannii* Greene, *Quercus ithaburensis* Dence, *Quercus lobata* Née, *Quercus palustris* Marshall, *Quercus robur* L., *Quercus suber* L., *Ricinus communis* L., *Salix alba* L., *Salix babylonica* L., *Salix gooddingii* C. R.Ball, *Salix laevigata* Bebb, *Salix mucronata* Thnb., *Shorea robusta* C.F.Gaertn., *Spathodea campanulata* P.Beauv., *Spondias dulcis* Parkinson, *Tamarix ramosissima* Kar. ex Boiss., *Virgilia oroboides* subsp. *ferrugine* B.-E.van Wyk, *Wisteria floribunda* (Willd.) DC. u *Xylosma avilae* Sleumer, għajr il-pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ | | | u<br><br>minnufih qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti ġew issuġġettati għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-pest, li tinkludi l-kampjunar distruttiv, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti,. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti għall-inqas l-iskoperta ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni bil-livell ta' fiduċja ta' 99 %." |

(ii) jiddaħħlu l-punti 32.2 sa 32.7 li ġejjin:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "32.2 | Pjanti għat-tħawwil ta'*Artocarpus chaplasha* Roxb., *Artocarpus heterophyllus* Lam., *Artocarpus integer* (Thunb.) Merr., *Alnus formosana* Makino, *Bombax malabaricum* DC.,<br>*Broussonetia papyrifera* (L.) Vent., *Broussonetia kazinoki* Siebold, *Cajanus cajan* (L.) Huth, *Camellia oleifera* C.Abel, *Castanea* Mill., *Celtis sinensis* Pers., *Cinnamomum camphora* (L.) J.Presl,<br>*Cunninghamia lanceolata* (Lamb.) Hook., *Dalbergia* L.f., *Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl., *Ficus carica* L., *Ficus hispida* L.f., *Ficus infectoria* Willd., *Ficus retusa* L., *Juglans regia* L., *Maclura tricuspidata* Carrière, *Melia azedarach* L., *Morus* L., *Populus* L., *Robinia pseudoacacia* L., *Salix* L., *Sapium sebiferum* (L.) | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwait, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br><br>(a) għandhom dijametru ta' inqas minn 1 cm fil-bażi taz-zokk,<br><br>jew<br><br>(b) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona germari* f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br><br>jew<br><br>(c) tkabbru tul ħajjithom f'żona ħielsa mill-*Apriona germari* (Hope), stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jingħata fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Roxb., *Schima superba* Gardner & Champ., *Sophora japonica* L., *Trema amboinense* (Willd.) Blume, *Trema orientale* (L.) Blume, *Ulmus* L., *Vernicia fordii* (Hemsl.) Airy Shaw, u *Xylosma* G.Forst., għajr il-pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ | | okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (d) tul ħajjithom jew għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Apriona germari* (Hope) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>u<br>(i) li kull sena jkun ġie ssuġġettat għal żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal xi sinjali tal-*Apriona germari* (Hope), li jsiru fiż-żminijiet ix-xierqa u ma jkunu nstabu l-ebda sinjali tal-pest,<br>u<br>(ii) bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'wisa ta' mill-inqas 2 000 m fejn in-nuqqas tal-*Apriona germari* (Hope) kien ġie kkonfermat minn stħarriġ uffiċjali li jkun sar darba fis-sena fiż-żminijiet ix-xierqa,<br>u<br>(iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni jkun ġie ssuġġettat għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Apriona germari* (Hope), b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanti; fejn xieraq, din l-ispezzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kampjunar distruttiv,<br>jew<br>(e) tkabbru tul ħajjithom jew matul perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Apriona germari* (Hope)<br>u<br>immedjatament qabel l-esportazzjoni jkunu ġew issuġġettati għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Apriona germari* (Hope), b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanti; fejn xieraq, din l-ispezzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kampjunar distruttiv. |
| 32.3 | Pjanti għat-tħawwil ta' *Caesalpinia japonica* Siebold & Zucc., *Camellia sinensis* (L.) Kuntze, *Celtis sinensis* Pers., *Cercis chinensis* Bunge, *Chaenomeles sinensis* (Thouin) | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) għandhom dijametru ta' inqas minn 1 cm fil-bażi taz-zokk,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Koehne, *Cinnamomum camphora* (L.) J.Presl, *Cornus kousa* Bürger ex Hanse, *Crataegus cordata* Aiton, *Debregeasia edulis* (Siebold & Zucc.) Wedd., *Diospyros kaki* L., *Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl., *Enkianthus perulatus* (Miq.) C.K.Schneid., *Fagus crenata* Blume, *Ficus carica* L., *Firmiana simplex* (L.) W.Wight, *Gleditsia japonica* Miq., *Hovenia dulcis* Thunb., *Lagerstroemia indica* L., *Morus* L., *Platanus x hispanica* Mill. ex Münchh., *Platycarya strobilacea* Siebold & Zucc., *Populus* L., *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., *Pterocarya stenoptera* C.DC., *Punica granatum* L., *Robinia pseudoacacia* L., *Salix* L., *Spiraea thunbergii* Siebold ex Blume, *Ulmus parvifolia* Jacq., *Villebrunea pedunculata* Shirai, u *Zelkova serrata* (Thunb.) Makino, għajr pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ | ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | il-Każakistan, il-Kirgiżistan, il-Korea ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, l-Oman, il-Pakistan, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (b) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona germari* Chevrolat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br><br>jew<br><br>(c) tul ħajjithom tkabbru f'żona ħielsa mill-*Apriona rugicollis* Chevrolat, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jingħata fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew<br><br>(d) tul ħajjithom jew għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit li huwa ħieles mill-*Apriona rugicollis* mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br><br>u<br><br>(i) li kull sena, fiż-żminijiet ix-xierqa, ikun ġie ssuġġettat għal żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal xi sinjali tal-*Apriona rugicollis* Chevrolat, u ma jkun instab l-ebda sinjal tal-pest,<br><br>u<br><br>(ii) bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'wisa ta' mill-inqas 2 000 m fejn in-nuqqas tal-*Apriona rugicollis* Chevrolat kien ġie kkonfermat minn stħarriġ uffiċjali li jkun sar darba fis-sena fiż-żminijiet ix-xierqa,<br><br>u<br><br>(iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni jkun ġie ssuġġettat għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Apriona rugicollis Chevrolat*, b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanti; fejn xieraq, din l-ispezzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kampjunar distruttiv,<br><br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (e) tkabbru tul ħajjithom jew matul perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Apriona rugicollis* Chevrolat<br>u<br>immedjatament qabel l-esportazzjoni jkunu ġew issuġġettati għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Apriona rugicollis* Chevrolat, b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanti; fejn xieraq, din l-ispezzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kampjunar distruttiv. |
| 32.4 | Pjanti għat-tħawwil ta' *Debregeasia hypoleuca* (Hochst. ex Steud.) Wedd., *Ficus* L., *Maclura pomifera* (Raf.) C.K.Schneid., *Morus* L., *Populus* L. u *Salix* L., għajr il-pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra, u ż-żrieragħ | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Moldova, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) għandhom dijametru ta' inqas minn 1 cm fil-bażi taz-zokk,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona cinerea* Chevrolat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(c) tul ħajjithom tkabbru f'żona ħielsa mill-*Apriona cinerea* Chevrolat, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) tul ħajjithom jew għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit li huwa ħieles mill-*Apriona cinerea* Chevrolat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>u |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (i) li kull sena, fiż-żminijiet ix-xierqa, ikun ġie ssuġġettat għal żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal xi sinjali tal-*Apriona cinerea* Chevrolat, u ma jkun instabu l-ebda sinjal tal-pest,<br>u<br>(ii) bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'wisa' ta' mill-inqas 2 000 m fejn l-assenza tal-*Apriona cinerea* Chevrolat ġiet ikkonfermata minn stħarriġ uffiċjali li jkun sar darba fis-sena fiż-żminijiet ix-xierqa,<br>u<br>(iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni jkun ġie ssuġġettat għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Apriona cinerea* Chevrolat, b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanti; fejn xieraq, din l-ispezzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kampjunar distruttiv,<br>jew<br>(e) tkabbru tul ħajjithom jew matul perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Apriona cinerea* Chevrolat<br>u<br>immedjatament qabel l-esportazzjoni ġew issuġġettati għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Apriona cinerea* Chevrolat, b'mod partikolari fiz-zkuk tal-pjanti; fejn xieraq, din l-ispezzjoni jenħtieġ li tinkludi l-kampjunar distruttiv. |
| 32.5 | Pjanti ta' *Acer macrophyllum* Pursh, *Acer pseudoplatanus* L., *Adiantum aleuticum* (Rupr.) Paris, *Adiantum jordanii* C. Muell., *Aesculus californica* (Spach) Nutt., *Aesculus hippocastanum* L., *Arbutus menziesii* Pursch., *Arbutus unedo* L., *Arctostaphylos* Adans, *Calluna vulgaris* (L.) Hull, *Camellia* L., *Castanea sativa* Mill., *Fagus sylvatica* L., *Frangula californica* (Eschsch.) Gray, *Frangula purshiana* (DC.) Cooper, *Fraxinus excelsior* L., *Griselinia littoralis* (Raoul), *Hamamelis virginiana* L., *Heteromeles arbutifolia* (Lindley) M. Roemer, *Kalmia latifolia* L., *Larix decidua* Mill., *Larix kaempferi* (Lamb.) Carrière, *Larix × eurolepis* A. Henry *Laurus nobilis* L., *Leucothoe* D. Don, *Lithocarpus densiflorus* (Hook. & Arn.) Rehd., *Lonicera hispidula* (Lindl.) Dougl. ex Torr.&Gray, *Magnolia* L., *Michelia doltsopa* Buch.-Ham. ex DC., *Nothofagus obliqua* (Mirbel) Blume, *Osmanthus heterophyllus* (G. Don) P. S. | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 30 00<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99<br>ex 0603 19 70 | Il-Kanada, ir-Renju Unit [1], l-Istati Uniti, il-Vjetnam | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) il-pjanti oriġinaw minn żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Green, *Parrotia persica* (DC) C.A. Meyer, *Photinia x fraseri* Dress, *Pieris* D. Don, *Pseudotsuga menziesii* (Mirbel) Franco, *Quercus* L., *Rhododendron* L. għajr ir-*Rhododendron simsii* Planch., *Rosa gymnocarpa* Nutt., *Salix caprea* L., *Sequoia sempervirens* (Lamb. ex D. Don) Endl., *Syringa vulgaris* L., *Taxus* L., *Trientalis latifolia* (Hook.), *Umbellularia californica* (Hook. & Arn.) Nutt., *Vaccinium* L u *Viburnum* L., għajr il-frott, it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ. | ex 0604 20 40<br>ex 0604 20 90<br>ex 0604 90 91<br>ex 1401 90 00<br>ex 1404 90 00 | | (b) ma jkun ġie osservat l-ebda sinjal tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq kull pjanta suxxettibbli fil-post tal-produzzjoni matul l-ispezzjonijiet uffiċjali, inkluż l-ittestjar fil-laboratorju ta' kwalunkwe sintomu suspettuż imwettaq mill-bidu tal-aħħar ċiklu kollu tal-veġetazzjoni,<br>u<br>qabel id-dispaċċ ġie spezzjonat kampjun rappreżentattiv tal-pjanti u nstab ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld f'dawn l-ispezzjonijiet. |
| 32.6 | Pjanti għat-tħawwil ta' *Acer* L., *Betula* L., *Elaeagnus* L., *Fraxinus* L., *Gleditsia* L., *Juglans* L., *Malus* Mill., *Morus* L., *Platanus* L., *Populus* L., *Prunus* L., *Pyrus* L., *Quercus* L., *Robinia* L., *Salix* L., jew *Ulmus* L., għajr il-brokk, il-biċċiet maqtugħin, il-pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra, jew iż-żrieragħ | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | L-Afganistan, l-Indja, l-Iran, il-Kirgiżistan, il-Pakistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) għandhom dijametru ta' inqas minn 9 cm fil-bażi taz-zokk,<br>jew<br>(b) tul ħajjithom tkabbru f'żona ħielsa mit-*Trirachys sartus* Solsky, stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) tul ħajjithom jew għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, tkabbru f'sit tal-produzzjoni ħieles mit-*Trirachys sartus* Solsky, f'konformità mal-istandards Internazzjonali rilevanti għall-miżuri Fitosanitarji, u fejn il-pjanti jkunu tkabbru |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (i) f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tat-*Trirachys sartus* Solsky, u li jkun ġie ssuġġettat għal mill-inqas spezzjoni waħda fis-sena għal xi sinjali tat-*Trirachys sartus* Solsky, imwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa tas-sena biex tiġi identifikata l-preżenza tal-pest ikkonċernat,<br>jew<br>(ii) f'sit tal-produzzjoni bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa, li jkun ġie ssuġġettat għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet fis-sena għal xi sinjali tat-*Trirachys sartus* Solsky, imwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa tas-sena biex tiġi identifikata l-preżenza tal-pest ikkonċernat, u mdawwar b'żona ta' lqugħ b'wisa' ta' mill-inqas 500 m fejn ikun ġie kkonfermat li ma jseħħx it-*Trirachys sartus* Solsky waqt dawn l-istħarriġiet uffiċjali,<br>u immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-pjanti jkunu ġew issuġġettati għal spezzjoni għall-preżenza tat-*Trirachys sartus* Solsky, b'mod partikolari fiż-zkuk tal-pjanti, u anki, fejn xieraq, bl-użu tal-kampjunar distruttiv, u ma jkun ġie osservat l-ebda sinjal tal-preżenza tat-*Trirachys sartus* Solsky." |
| 32.7 | Pjanti għat-tħawwil tal-*Castanea* Mill., il-*Castanopsis* (D. Don) Spach u l-*Quercus* L., għajr pjanti fil-kultura tat-tessut, it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 47<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99 | Iċ-Ċina, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan u l-Vjetnam | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) għandhom dijametru ta' inqas minn 9 cm fil-bażi taz-zokk,<br>jew<br>(b) tul ħajjithom tkabbru f'żona ħielsa mill-*Massicus raddei* (Blessig), kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) tul ħajjithom jew għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, tkabbru f'sit tal-produzzjoni ħieles mill-*Massicus raddei* (Blessig), f'konformità mal-istandards Internazzjonali rilevanti għall-miżuri Fitosanitarji, u fejn il-pjanti tkabbru |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (i) f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Massicus raddei* (Blessig), li ġie ssuġġettat għal mill-inqas spezzjoni waħda fis-sena għal xi sinjali tal-*Massicus raddei* (Blessig), imwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa tas-sena biex tiġi identifikata l-preżenza tal-pest ikkonċernat,<br><br>jew<br><br>(ii) f'sit tal-produzzjoni bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa, li jkun ġie ssuġġettat għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet fis-sena għal xi sinjali tal-*Massicus raddei* (Blessig), imwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa tas-sena biex tiġi identifikata l-preżenza tal-pest ikkonċernat, u li hu mdawwar b'żona ta' lqugħ b'wisa' ta' mill-inqas 2000 m fejn waqt dawn l-istħarriġiet uffiċjali jkun ġie kkonfermat li ma jseħħx il-*Massicus raddei* (Blessig) ,<br><br>u eżatt qabel l-esportazzjoni, il-pjanti ġew issuġġettati għal spezzjoni għall-preżenza tal-*Massicus raddei* (Blessig), b'mod partikolari fiż-zkuk tal-pjanti, u anki, fejn xieraq, bl-użu tal-kampjunar distruttiv, u ma jkun ġie osservat l-ebda sinjal tal-preżenza tal-*Massicus raddei* (Blessig). |

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.";

(m) il-punt 36 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "36. | Pjanti ta' *Chionanthus virginicus* L., *Fraxinus* L., *Juglans ailantifolia* Carr., il-*Juglans mandshurica* Maxim., *Ulmus davidiana* Planch. u *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., għajr il-frott u ż-żrieragħ | ex 0602 10 90<br>ex 0602 20 20<br>ex 0602 20 80<br>ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 99<br>ex 0604 20 90<br>ex 1404 90 00 | Il-Belarussja, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, l-Ukrajna, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u li tinsab f'distanza minima ta' 100 km mill-eqreb żona magħrufa, fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment; isem iż-żona jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju u l-istatus ta' ħelsien ta' dik iż-żona jkun ġie kkomunikat bil-miktub minn qabel lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat."; |

(n) fil-punt 45, taħt it-tielet kolonna "Oriġini" u r-raba' kolonna, "Rekwiżiti speċjali" it-test "Viruses, virojdi u fitoplażmi mhux Ewropej" huwa sostitwit b'dan li ġej: "Viruses, virojdi u fitoplażmi msemmija fil-punt 22, il-Parti A tal-Anness II";

(o) fil-punt 49, taħt it-tielet kolonna "Oriġini" u r-raba' kolonna, "Rekwiżiti speċjali" it-test "Strawberry witches' broom phytoplasma" huwa sostitwit b'dan li ġej: '*Candidatus* Phytoplasma australiense Davis *et al*. (razza ta' referenza), *Candidatus* Phytoplasma fraxini (razza ta' referenza) Griffiths *et al*., u *Candidatus* Phytoplasma hispanicum (razza ta' referenza) Davis *et al*.';

(p) il-punt 56 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "56. | Pjanti għat-tħawwil ta' *Cryptocoryne* sp., *Hygrophila* sp. u *Vallisneria* sp, għajr it-trab tad-dakra u ż-żrieragħ | ex 0602 10 90<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 99 | Pajjiżi terzi, għajr l-Iżvizzera | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-għeruq ġew ittestjati tal-anqas għall-pesti nematodi, permezz ta' kampjun rappreżentattiv, bl-użu ta' metodi xierqa biex jiġu identifikati l-pesti, u f'dawn it-testijiet instabu ħielsa mill-pesti nematodi."; |

(q) il-punt 61 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "61. | Frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u tal-ibridi tagħhom, *Mangifera* L. u *Prunus* L. | ex 0804 50 00<br>0805 10 22<br>0805 10 24<br>0805 10 28<br>ex 0805 10 80<br>ex 0805 21 10<br>ex 0805 21 90<br>ex 0805 22 00<br>ex 0805 29 00<br>ex 0805 40 00<br>ex 0805 50 10<br>ex 0805 50 90<br>ex 0805 90 00<br>0809 10 00<br>0809 21 00<br>0809 29 00<br>0809 30 10<br>0809 30 90<br>0809 40 05<br>0809 40 90 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) il-frott oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mit-*Tephritidae* msemmija fil-punt 77 tat-tabella 3 tal-Parti A tal-Anness II, li hu magħruf li huwa suxxettibbli għalihom dak il-frott, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br>jew<br>(b) il-frott oriġina minn żona stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini bħala ħielsa mit-*Tephritidae* msemmija fil-punt 77 tat-tabella 3, fil-Parti A tal-Anness II, li hu magħruf li huwa suxxettibbli għalihom dak il-frott, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, taħt ir-rubrika u ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | (c) ma ġie osservat l-ebda sinjal tat-*Tephritidae* msemmija fil-punt 77 tat-tabella 3, fil-Parti A tal-Anness II, li hu magħruf li huwa suxxettibbli għalih dak il-frott, fil-post tal-produzzjoni u fl-inħawi immedjati tiegħu sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, wara spezzjonijiet uffiċjali mwettqa tal-anqas darba fix-xahar matul it-tliet xhur ta' qabel il-ħsad, u f'eżaminazzjonijiet uffiċjali xierqa, l-ebda frotta maħsuda fil-post tal-produzzjoni ma wriet sinjali tal-pest rilevanti, u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà hija inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew<br><br>(d) ġie ssuġġettat għal approċċ sistemiku effettiv jew għal trattament effettiv ta' wara l-ħsad sabiex jiġi żgurat li ma jseħħux it-*Tephritidae* imsemmija fil-punt 77 tat-tabella 3, fil-Parti A tal-Anness II, li hu magħruf li huwa suxxettibbli għalihom dak il-frott, u l-użu ta' approċċ sistemiku jew id-dettalji tal-metodu tat-trattament huma indikati fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat minn qabel u bil-miktub l-approċċ sistemiku jew il-metodu tat-trattament ta' wara l-ħsad lill-Kummissjoni." ; |

(r) il-punt 67 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "67. | Frott tas-*Solanaceae* | 0702 00 00<br>0709 30 00<br>0709 60 10<br>0709 60 91<br>0709 60 95<br>0709 60 99<br>ex 0709 99 90<br>ex 0810 90 75 | L-Awstralja, il-Kontinent Amerikan u New Zealand | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-frott ikun oriġina minn:<br><br>(a) pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Bactericera cockerelli* (Sulc.) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(b) żona stabbilita ħielsa mill-*Bactericera cockerelli* (Sulc.) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li jkun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br>jew<br>(c) post tal-produzzjoni, li fih u fl-inħawi immedjati tiegħu, matul l-aħħar tliet xhur qabel l-esportazzjoni twettqu spezzjonijiet u stħarriġijiet uffiċjali għall-preżenza tal-*Bactericera cockerelli* (Sulc.), u jkun ġie ssuġġettat għal trattamenti effettivi biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-pest, u jkunu ġew spezzjonati kampjuni rappreżentattivi tal-frott qabel l-esportazzjoni, u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tkun inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) sit tal-produzzjoni reżistenti għall-insetti, stabbilit bħala ħieles mill-*Bactericera cockerelli* (Sulc.) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż ta' oriġini fuq il-bażi ta' spezzjonijiet u ta' stħarriġijiet uffiċjali mwettqa matul it-tliet xhur qabel l-esportazzjoni, u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà ddaħħlet fiċ-ċertifikat fitosanitarju.”; |

(s) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 68 u 69:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “68.1 | Frott tal-*Capsicum* L. u *Solanum lycopersicum* L. | 0702 00 00<br>0709 60 10<br>0709 60 91<br>0709 60 95<br>0709 60 99<br>ex 0709 99 90 | Il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Peru, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-frott:<br>(a) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Prodiplosis longifila* Gagné mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li jkun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br>jew<br>(b) oriġina minn post tal-produzzjoni stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż ta' oriġini ħieles mill-*Prodiplosis longifila* Gagné kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti u jkunu twettqu spezzjonijiet u stħarriġiet uffiċjali fil-post |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | tal-produzzjoni fiż-żminijiet ix-xierqa matul l-istaġun tat-tkabbir, inkluża eżaminazzjoni ta' kampjuni rappreżentattivi tal-frott, li juru li huwa ħieles mill-*Prodiplosis longifila* Gagné, u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà ddaħħlet fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) oriġina minn sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku, kontra l-introduzzjoni tal-*Prodiplosis longifila* Gagné, dan ġie stabbilit fil-pajjiż ta' oriġini mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti bħala ħieles mill-*Prodiplosis longifila* Gagné, abbażi tal-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqa matul ix-xahrejn ta' qabel l-esportazzjoni, u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà ddaħħlet fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) il-frott ikun ġie ssuġġettat għal approċċ sistemiku effettiv jew għal trattament effettiv ta' wara l-ħsad biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-*Prodiplosis longifila* Gagné, u l-użu ta' approċċ sistemiku jew id-dettalji tal-metodu tat-trattament ikunu indikati fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat minn qabel u bil-miktub l-approċċ sistemiku jew il-metodu tat-trattament ta' wara l-ħsad lill-Kummissjoni,<br>u<br>l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tkun inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju.”; |

(t) il-punt 71 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “71. | Frott tal-*Momordica* L. | ex 0709 99 90 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-frott ikun oriġina minn:<br>(a) pajjiż ikkonfermat ħieles mit-*Thrips palmi* Karny f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br>jew<br>(b) żona stabbilita bħala ħielsa mit-*Thrips palmi* Karny mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | fitosanitarju, dment li jkun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat.”; |

(u) il-punti li ġejjin jiddaħħlu bejn il-punt 72 u 73:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “72.1 | Fruits tal-*Capsicum* L. u tal-*Solanum* L. | 0702 00 00<br>0709 30 00<br>0709 60 10<br>0709 60 91<br>0709 60 95<br>0709 60 99 | L-Alġerija, l-Angola, il-Benin il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, Cabo Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Chad, Comoros, il-Kongo, il-Kosta tal-Avorju, id-Djibouti, l-Eġittu, il-Guinea Ekwatorjali, l-Eritrea, l-Eswatini, l-Etjopja, il-Gabon, il-Gambja, il-Ghana, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, il-Lesoto, il-Liberja, il-Libja, il-Madagascar, il-Malawi, il-Mali, il-Mauritania, il-Mauritius, Mayotte, il-Marokk, il-Mozambique, in-Namibja<br><br>l-Afrika t’Isfel, in-Niġer, in-Niġerja, Réunion, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sierra Leone, is-Somalja, is-Sudan t’Isfel, is-Sudan, it-Tanżanija, it-Togo, it-Tuneżija, l-Uganda, iż-Żambja, iż-Żimbabwe<br><br>L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwait, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta’ Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br><br>(a) il-frott oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Bactrocera latifrons* (Hendel) f’konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta’ ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(b) il-frott oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Bactrocera latifrons* (Hendel) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f’konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta’ ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li jkun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br><br>jew<br><br>(c) ma ġie osservat l-ebda sinjal tal-*Bactrocera latifrons* (Hendel) fil-post ta’ produzzjoni u fil-viċinanza immedjata tiegħu mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ ta’ veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali mwettqa mill-inqas darba fix-xahar matul it-tliet xhur qabel il-ħsad, u waqt eżaminazzjonijiet xierqa l-ebda frotta maħsuda fil-post tal-produzzjoni ma wriet sinjali tal-*Bactrocera latifrons* (Hendel),<br><br>u<br>l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tkun inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (d) il-frott ġie ssuġġettat għal approċċ sistemiku effettiv jew għal trattament effettiv ta' wara l-ħsad biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-*Bactrocera latifrons* (Hendel) u<br><br>l-użu ta' approċċ sistemiku jew id-dettalji tal-metodu tat-trattament ikunu indikati fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni l-approċċ sistemiku jew il-metodu tat-trattament ta' wara l-ħsad. |
| 72.2 | Frott tal-*Annona* L. u l-*Carica papaya* L. | ex 0810 90 75<br>0807 20 00 | L-Alġerija, l-Angola, il-Benin il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, Cabo Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Chad, Comoros, il-Kongo, il-Kosta tal-Avorju, id-Djibouti, l-Eġittu, il-Guinea Ekwatorjali, l-Eritrea, l-Eswatini, l-Etjopja, il-Gabon, il-Gambja, il-Ghana, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, il-Lesoto, il-Liberja, il-Libja, il-Madagascar, il-Malawi, il-Mali, il-Mauritania, il-Mauritius, Mayotte, il-Marokk, il-Mozambique, in-Namibja<br><br>in-Niġer, in-Niġerja, Réunion, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Seychelles, is-Sierra Leone, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan t'Isfel, is-Sudan, it-Tanzanija, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, it-Togo, it-Tuneżija, l-Uganda, iż-Żambja, iż-Żimbabwe | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br><br>(a) il-frott oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni,<br><br>jew<br><br>(b) il-frott oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li jkun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br><br>jew<br><br>(c) ma jkun ġie osservat l-ebda sinjal tal-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) fil-post tal-produzzjoni u fil-viċinanza immedjata tiegħu mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali mwettqa mill- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun,<br>il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan,<br>il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | inqas darba fix-xahar matul it-tliet xhur ta' qabel il-ħsad, u fl-eżamijiet uffiċjali x-xierqa l-ebda frotta maħsuda fil-post tal-produzzjoni ma wriet sinjali tal-*Bactrocera dorsalis* (Hendel),<br>u<br>l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tkun inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) il-frott ġie ssuġġettat għal approċċ sistemiku effettiv jew għal trattament effettiv ta' wara l-ħsad biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u<br>l-użu ta' approċċ sistemiku jew id-dettalji tal-metodu tat-trattament ikunu indikati fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni l-approċċ sistemiku jew il-metodu tat-trattament ta' wara l-ħsad. |
| 72.3 | Frott tal-*Psidium guajava* L. | ex 0804 50 00 | L-Alġerija, l-Angola, il-Benin il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, Cabo Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Chad, Comoros, il-Kongo, il-Kosta tal-Avorju, id-Djibouti, l-Eġittu, il-Guinea Ekwatorjali, l-Eritrea, l-Eswatini, l-Etjopja, il-Gabon, il-Gambja, il-Ghana, il-Guinea, il-Guinea- | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) il-frott oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u mill-*Bactrocera zonata* (Saunders) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni, |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Bissau, il-Kenja, il-Lesoto, il-Liberja, il-Libja, il-Madagascar, il-Malawi, il-Mali, il-Mauritania, il-Mauritius, Mayotte, il-Marokk, il-Mozambique, in-Namibja<br><br>in-Niġer, in-Niġerja, Réunion, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Seychelles, Sierra Leone, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan t'Isfel, is-Sudan, it-Tanżanija, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, it-Togo, it-Tuneżija, l-Uganda, iż-Żambja, iż-Żimbabwe<br><br>L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun,<br><br>il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan, il-Laos,<br><br>il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | jew<br><br>(b) il-frott oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u mill-*Bactrocera zonata* (Saunders) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u dan l-istatus ta' ħelsien jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li jkun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br><br>jew<br><br>(c) ma jkun ġie osservat l-ebda sinjal tal-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u tal-*Bactrocera zonata* (Saunders) fil-post tal-produzzjoni u fil-viċinanza immedjata tiegħu mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali mwettqa mill-inqas darba fix-xahar matul it-tliet xhur ta' qabel il-ħsad, u fl-eżamijiet uffiċjali x-xierqa l-ebda frotta maħsuda fil-post tal-produzzjoni ma wriet, sinjali tal-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u tal-*Bactrocera zonata* (Saunders),<br><br>u<br>l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tkun inkluża fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br><br>(d) il-frott ikun ġie ssuġġettat għal approċċ sistemiku effettiv jew għal trattament effettiv ta' wara l-ħsad biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u mill-*Bactrocera zonata* (Saunders), u l-użu ta' approċċ sistemiku jew id-dettalji tal-metodu tat-trattament ikunu indikati fiċ-ċertifikat fitosanitarju, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat minn qabel u bil-miktub l-approċċ sistemiku jew il-metodu tat-trattament ta' wara l-ħsad lill-Kummissjoni.”; |

(v) il-punt 73 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "73. | Żrieragħ taż-*Zea mays* L. | 0712 90 11<br>1005 10 13<br>1005 10 15<br>1005 10 18<br>1005 10 90 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) iż-żrieragħ oriġinaw minn pajjiż ikkonfermat ħieles mill-*Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* (Smith) Mergaert, Verdonck & Kersters, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) iż-żrieragħ oriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* (Smith) Mergaert, Verdonck & Kersters mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, li tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv taż-żrieragħ u f'dan it-test ikun instab li kien ħieles mill-*Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* (Smith) Mergaert, Verdonck & Kersters. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti għall-inqas l-iskoperta ta' livell ta' 0,5 % ta' infestazzjoni bil-livell ta' fiduċja ta' 99 %. (c) Iżda fil-każ ta' lottijiet ta' żrieragħ li fihom inqas minn 8000 żerriegħa, ikun ġie ttestjat kampjun rappreżentattiv ta' 10 % taż-żrieragħ u f'dan it-test ikun instab li kien ħieles mill-*Pantoea stewartii* subsp. *stewartii* (Smith) Mergaert, Verdonck & Kersters."; |

(w) il-punt 76 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem "koniferi (Pinales)" fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)";

(ii) il-kodiċi "ex 4409 10 18" jiżdied fit-tieni kolonna "Kodiċijiet tan-NM" qabel il-kodiċi "ex 4416 00 00";

(x) fil-punt 77, il-kliem "koniferi (Pinales)" fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)";

(y) fil-punt 78, il-kodiċi "ex 4409 10 18" jiżdied fit-tieni kolonna "Kodiċijiet tan-NM" qabel il-kodiċi "ex 4416 00 00";

(z) il-punt 79 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem "koniferi (Pinales)" fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)";

(ii) il-kodiċi "ex 4409 10 18" jiżdied fit-tieni kolonna "Kodiċijiet tan-NM" qabel il-kodiċi "ex 4416 00 00";

(iii) Il-kliem "*Scolytidae* spp. (mhux Ewropej)" fil-kolonna "Rekwiżiti speċjali" huwa sostitwit bi "*Scolytinae* spp. (mhux Ewropej)";

(aa) il-punt 80 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem "koniferi (Pinales)" fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)";

(ii) il-kodiċi "ex 4409 10 18" jiżdied fit-tieni kolonna "Kodiċijiet tan-NM" qabel il-kodiċi "ex 4416 00 00";

(bb) il-punt 81 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem "koniferi (Pinales)" fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)";

(ii) Il-kliem "*Scolytidae* spp. (mhux Ewropej)" fil-kolonna "Rekwiżiti speċjali" huwa sostitwit bi "*Scolytinae* spp. (mhux Ewropej)";

(cc) fil-punt 82, il-kliem "koniferi (Pinales)" fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn" huwa sostitwiti b'"koniferi (Pinopsida)"

(dd) il-punti 87, 88 u 89 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "87. | Injam tal-*Chionanthus virginicus* L., tal-*Fraxinus* L., tal-*Juglans ailantifolia* Carr., tal-*Juglans mandshurica* Maxim., tal-*Ulmus davidiana* Planch. u tal-*Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., għajr fil-forma ta'<br>— laqx, partikoli, serratura, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn is-siġar,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le, fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, | ex 4401 12 00<br>ex 4403 12 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 95 10<br>4407 95 91<br>4407 95 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 10<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | Il-Belarussja, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, l-Ukrajna, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) l-injam oriġina minn żona rikonoxxuta bħala ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u li tinsab f'distanza minima ta' 100 km mill-eqreb żona fejn hu magħruf li ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza tal-pest speċifikat tkun; iż-żona tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju u l-istatus ta' ħelsien mill-pest ta' dik iż-żona jkun ġie kkomunikat bil-miktub minn qabel lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat,<br>jew<br>(b) il-qoxra u tal-anqas 2,5 ċm mill-ilbieba tal-injam jitneħħew f'faċilità awtorizzata u ssorveljata mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti,<br>jew<br>(c) l-injam ikun għadda minn irradjazzjoni jonizzanti sakemm tinkiseb doża assorbita minima ta' 1 kGy mat-tul u l-ħxuna kollha tiegħu. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | iżda li jinkludi l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, u għamara u oġġetti oħra magħmula minn injam mhux ittrattat | | | |
| 88. | Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, serratura, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment mill-*Chionanthus virginicus* L., mill-*Fraxinus* L., mill-*Juglans ailantifolia* Carr., mill-*Juglans mandshurica* Maxim., mill-*Ulmus davidiana* Planch. u mill-*Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc. | ex 4401 22 90<br>ex 4401 40 10<br>ex 4401 40 90<br>ex 4404 20 00 | Il-Belarussja, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, l-Ukrajna, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam oriġina minn żona rikonoxxuta bħala ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u li tinsab f'distanza minima ta' 100 km mill-eqreb żona fejn hu magħruf li ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza tal-pest speċifikat; iż-żona tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju u l-istatus ta' ħelsien mill-pest ta' dik iż-żona jkun ġie kkomunikat bil-miktub minn qabel lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat. |
| 89. | Il-qoxra tas-siġar iżolata u l-oġġetti magħmula mill-qoxra tas-siġar tal-*Chionanthus virginicus* L., tal-*Fraxinus* L., tal-*Juglans ailantifolia* Carr., tal-*Juglans mandshurica* Maxim., tal-*Ulmus davidiana* Planch. u tal-*Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc. | ex 1404 90 00<br>ex 4401 40 90 | Il-Belarussja, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, l-Ukrajna, u l-Istati Uniti | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-qoxra tas-siġar toriġina minn żona rikonoxxuta bħala ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire, kif stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti, u li tinsab f'distanza minima ta' 100 km mill-eqreb żona magħrufa, fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment; iż-żona tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju u l-istatus ta' ħelsien mill-pest ta' dik iż-żona ġie kkomunikat bil-miktub minn qabel lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat."; |

(ee) fil-punti 91, 93, 97, 99 u 101, fit-tieni kolonna "Kodiċijiet tan-NM", il-kodiċi "ex 4401 22 00" huwa sostitwit b'"ex 4401 22 90";

(ff) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "102. | L-injam ta' *Acacia* Mill., *Acer buergerianum* Miq., *Acer macrophyllum* Pursh, *Acer negundo* L., *Acer palmatum* Thunb., *Acer paxii* Franch., *Acer pseudoplatanus* L., *Aesculus californica* (Spach) Nutt., *Ailanthus altissima* (Mill.) Swingle, *Albizia falcate* Backer ex Merr., *Albizia julibrissin* Durazz., *Alectryon excelsus Gärtn.*, *Alnus rhombifolia* Nutt., *Archontophoenix cunninghamiana* H. Wendl. | ex 4401 12 00<br>ex 4403 12 00<br>4403 91 00<br>4403 93 00<br>4403 97 00<br>4403 98 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00 | Pajjiżi terzi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | & Drude, *Artocarpus integer* (Thunb.) Merr., *Azadirachta indica* A. Juss., *Baccharis salicina* Torr. & A.Gray, *Bauhinia variegata* L., *Brachychiton discolor* F.Muell., *Brachychiton populneus* R.Br., *Camellia semiserrata* C.W. Chi, *Camellia sinensis* (L.) Kuntze, *Canarium commune* L., *Castanospermum australe* A. Cunningham & C.Fraser, *Cercidium floridum* Benth. ex A.Gray, *Cercidium sonorae* Rose & I. M.Johnst., *Cocculus laurifolius* DC., *Combretum kraussii* Hochst., *Cupaniopsis anacardioides* (A.Rich.) Radlk., *Dombeya cacuminum* Hochr., *Erythrina corallodendron* L., *Erythrina coralloides* Moc. & Sessé ex DC., *Erythrina falcata* Benth., *Erythrina fusca* Lour., *Eucalyptus ficifolia* F.Müll., *Fagus crenata* Blume, *Ficus* L., *Gleditsia triacanthos* L., *Hevea brasiliensis* (Willd. ex A.Juss) Muell.Arg., *Howea forsteriana* (F.Müller) Becc., *Ilex cornuta* Lindl. & Paxton, *Inga vera* Willd., *Jacaranda mimosifolia* D.Don, *Koelreuteria bipinnata* Franch., *Liquidambar styraciflua* L., *Magnolia grandiflora* L., *Magnolia virginiana* L., *Mimosa bracaatinga* Hoehne, *Morus alba* L., *Parkinsonia aculeata* L., *Persea americana* Mill., *Pithecellobium lobatum* Benth., *Platanus x hispanica* Mill. ex Münchh., *Platanus mexicana* Torr., *Platanus occidentalis* L., *Platanus orientalis* L., *Platanus racemosa* Nutt., *Podalyria calyptrata* Willd., *Populus fremontii* S.Watson, *Populus nigra* L., *Populus trichocarpa* Torr. & A.Gray ex Hook., *Prosopis articulata* S.Watson, *Protium serratum* Engl., *Psoralea pinnata* L., *Pterocarya stenoptera* C. DC., *Quercus agrifolia* Née, *Quercus calliprinos* Webb., *Quercus chrysolepis* Liebm, *Quercus engelmannii* Greene, *Quercus ithaburensis* Dence. *Quercus lobata* Née, *Quercus palustris* Marshall, *Quercus robur* L., *Quercus suber* L., *Ricinus communis* L., *Salix alba* L., *Salix babylonica* L., is-*Salix gooddingii* C.R.Ball, *Salix laevigata* Bebb, *Salix mucronata* Thnb., *Shorea robusta* C.F.Gaertn., *Spathodea campanulata* P.Beauv., *Spondias dulcis* Parkinson, *Tamarix ramosissima* Kar. | ex 4406 92 00<br>4407 91 15<br>4407 91 31<br>4407 91 39<br>4407 91 90<br>4407 92 00<br>4407 93 10<br>4407 93 91<br>4407 93 99<br>4407 97 10<br>4407 97 91<br>4407 97 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | | (b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato*, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew<br><br>(c) ikun sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew<br><br>(d) ikun tnixxef fil-forn sakemm il-kontenut tal-umdità tiegħu ikun niżel għal inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal tal-materja xotta miksub permezz ta' skeda xierqa ta' ħin/temperatura, u indikat bil-marka "Imnixxef fil-forn" jew "K.D." jew b'marka oħra rikonoxxuta internazzjonalment, imqiegħda fuq l-injam jew fuq kull materjal tat-tgeżwir f'konformità mal-użu attwali. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | ex Boiss., *Virgilia oroboides* subsp. *ferrugine* B.-E.van Wyk, il-*Wisteria floribunda* (Willd.) DC. u *Xylosma avilae* Sleumer,<br>għajr fil-forma ta’:<br>— laqx, serratura, ċana u skart tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn il-pjanti,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta’ kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta’ oġġetti ta’ kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta’ injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,<br>iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu | | | |
| 103. | Injam ta’ *Artocarpus chaplasha* Roxb., *Artocarpus heterophyllus, Artocarpus integer* (Thunb.) Merr., *Alnus formosana* Makino, *Bombax malabaricum* DC., *Broussonetia papyrifera* (L.) Vent., *Broussonetia kazinoki* Siebold, *Cajanus cajan* (L.) Huth, *Camellia* | ex 4401 12 00<br>ex 4403 12 00<br>4403 97 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 93 10<br>4407 93 91<br>4407 93 99<br>4407 94 10<br>4407 94 91<br>4407 94 99 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan,<br>il-Laos,<br>il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta’ Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona germari* (Hope) f’konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *oleifera* C.Abel, *Castanea* Mill., *Celtis sinensis* Pers., *Cinnamomum camphora* (L.) J.Presl, *Citrus* L., *Cunninghamia lanceolata* (Lamb.) Hook., *Dalbergia* L.f., *Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl., *Ficus carica* L., *Ficus hispida* L. f., *Ficus infectoria* Willd., *Ficus retusa* L., *Juglans regia* L., *Maclura tricuspidata* Carrière, *Malus* Mill., *Melia azedarach* L., *Morus* L., *Populus* L., *Prunus pseudocerasus, Pyrus* spp., *Robinia pseudoacacia* L., *Salix* L., *Sapium sebiferum* (L.) Roxb., *Schima superba* Gardner & Champ., *Sophora japonica* L., *Trema amboinense* (Willd.) Blume, *Trema orientale* (L.) Blume, *Ulmus* L., *Vernicia fordii* (Hemsl.) Airy Shaw, u *Xylosma* G.Forst., għajr fil-forma ta':<br>— laqx, serratura, ċana u skart tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn il-pjanti,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,<br>iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu | 4407 97 10<br>4407 97 91<br>4407 97 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Apriona germari* (Hope) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) għadda minn irradjazzjoni jonizzanti xierqa sakemm inkisbet doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu,<br>jew<br>(e) huwa mingħajr il-qoxra u s-sezzjoni trasversali tiegħu ma taqbiżx l-20 cm, u sarlu trattament xieraq ta' fumigazzjoni bil-fluworur tas-sulfuril f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. |
| 104. | Injam fil-forma ta' laqx u skart tal-injam, miksub kompletament jew parzjalment | ex 4401 22 90<br>ex 4401 40 90 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | minn *Artocarpus chaplasha* Roxb., *Artocarpus heterophyllus* Lam., *Artocarpus integer* (Thunb.) Merr., *Alnus formosana* Makino, *Bombax malabaricum* DC., *Broussonetia papyrifera* (L.) Vent., *Broussonetia kazinoki* Siebold, *Cajanus cajan* (L.) Huth, *Camellia oleifera* C.Abel, *Castanea* Mill., *Celtis sinensis* Pers., *Cinnamomum camphora* (L.) J. Presl, *Citrus spp.*, *Cunninghamia lanceolata* (Lamb.) Hook., *Dalbergia* L.f., *Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl., *Ficus carica* L., *Ficus hispida* L.f., *Ficus infectoria* Willd., *Ficus retusa* L., *Juglans regia* L., *Maclura tricuspidata* Carrière, *Malus* Mill., *Melia azedarach* L., *Morus* L., *Populus* L., *Prunus pseudocerasus*, *Pyrus* spp., *Robinia pseudoacacia* L., *Salix* L., *Sapium sebiferum* (L.) Roxb., *Schima superba* Gardner & Champ., *Sophora japonica* L., *Trema amboinense* (Willd.) Blume, *Trema orientale* (L.) Blume, *Ulmus* L., *Vernicia fordii* (Hemsl.) Airy Shaw, u *Xylosma* G.Forst.. | | l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona germari* (Hope) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br><br>jew<br><br>(b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Apriona germari* (Hope), mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew<br><br>(c) ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm,<br><br>jew<br><br>(d) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju. |
| 105. | Injam ta' *Caesalpinia japonica* Siebold & Zucc., *Camellia sinensis* (L.) Kuntze, *Celtis sinensis* Pers., *Cercis chinensis* Bunge, *Chaenomeles sinensis* (Thouin) Koehne, *Cinnamomum camphora* (L.) J.Presl, *Citrus* spp., *Cornus kousa* Bürger ex Hanse, *Crataegus cordata* Aiton, *Debregeasia edulis* (Siebold & Zucc.) Wedd., *Diospyros kaki* L., *Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl., *Enkianthus perulatus* (Miq.) C.K.Schneid., *Fagus crenata* Blume, *Ficus carica* L., *Firmiana simplex* (L.) W.Wight, *Gleditsia japonica* Miq., *Hovenia dulcis* Thunb., *Lagerstroemia indica* L., *Malus pumila* Mill., *Morus* L., *Platanus x hispanica* Mill. ex Münchh., *Platycarya strobilacea* Siebold & Zucc., *Populus* L., *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., | ex 4401 12 00<br>ex 4403 12 00<br>4403 97 00<br>4403 93 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 92 00<br>4407 93 10<br>4407 93 91<br>4407 93 99<br>4407 97 10<br>4407 97 91<br>4407 97 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br><br>(a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona rugicollis* Chevrolat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br><br>jew<br><br>(b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Apriona rugicollis* Chevrolat, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Pterocarya stenoptera* C.DC., *Punica granatum* L., *Pyrus pyrifolia* (Burm.f.) Nakai, *Robinia pseudoacacia* L., *Salix* L., *Spiraea thunbergii* Siebold ex Blume, *Ulmus parvifolia* Jacq., *Villebrunea pedunculata* Shirai, u *Zelkova serrata* (Thunb.) Makino, għajr fil-forma ta':<br>— laqx, serratura, ċana u skart tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn il-pjanti,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,<br>iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu | ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (c) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(d) għadda minn irradjazzjoni jonizzanti xierqa sakemm inkisbet doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu,<br>jew<br>(e) huwa mingħajr il-qoxra u s-sezzjoni trasversali tiegħu ma taqbiżx l-20 cm, u sarlu trattament xieraq ta' fumigazzjoni bil-fluworur tas-sulfuril f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. |
| 106. | Injam fil-forma ta' laqx u skart tal-injam, miksub kompletament jew parzjalment minn *Caesalpinia japonica* Siebold & Zucc., *Camellia sinensis* (L.) Kuntze, *Celtis sinensis* Pers., *Cercis chinensis* Bunge, *Chaenomeles sinensis* (Thouin) Koehne, *Cinnamomum camphora* (L.) J.Presl, *Citrus* spp., *Cornus* | ex 4401 22 90<br>ex 4401 40 90 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwait, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona rugicollis* Chevrolat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *kousa* Bürger ex Hanse, *Crataegus cordata* Aiton, *Debregeasia edulis* (Siebold & Zucc.) Wedd., *Diospyros kaki* L., *Eriobotrya japonica* (Thunb.) Lindl., *Enkianthus perulatus* (Miq.) C.K.Schneid., *Fagus crenata* Blume, *Ficus carica* L., *Firmiana simplex* (L.) W.Wight, *Gleditsia japonica* Miq., *Hovenia dulcis* Thunb., *Lagerstroemia indica* L., *Malus pumila* Mill., *Morus* L., *Platanus x hispanica* Mill. ex Münchh., *Platycarya strobilacea* Siebold & Zucc., *Populus* L., *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., *Pterocarya stenoptera* C.DC., *Punica granatum* L., *Pyrus pyrifolia* (Burm.f.) Nakai, *Robinia pseudoacacia* L., *Salix* L., *Spiraea thunbergii* Siebold ex Blume, *Ulmus parvifolia* Jacq., *Villebrunea pedunculata* Shirai, u *Zelkova serrata* (Thunb.) Makino | | il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | (b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Apriona rugicollis* Chevrolat, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm,<br>jew<br>(d) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju. |
| 107. | Injam ta' *Debregeasia hypoleuca* (Hochst. ex Steud.) Wedd., *Ficus* L., *Maclura pomifera* (Raf.) C.K.Schneid., *Malus domestica* (Suckow) Borkh., *Morus* L., *Populus* L., *Prunus* spp., *Pyrus* spp. u *Salix* L., għajr fil-forma ta':<br>— laqx, serratura, ċana u skart tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn il-pjanti,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam | ex 4401 12 00<br>ex 4403 12 00<br>4403 97 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 93 10<br>4407 93 91<br>4407 93 99<br>4407 94 10<br>4407 94 91<br>4407 94 99<br>4407 97 10<br>4407 97 91<br>4407 97 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwait, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona cinerea* Chevrolat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Apriona cinerea* Chevrolat, mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju, |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,<br><br>iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu | ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | | jew<br><br>(d) għadda minn irradjazzjoni jonizzanti xierqa sakemm inkisbet doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu,<br><br>jew<br><br>(e) huwa mingħajr il-qoxra u s-sezzjoni trasversali tiegħu ma taqbiżx l-20 cm, u sarlu trattament xieraq ta' fumigazzjoni bil-fluworur tas-sulfuril f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. |
| 108. | Injam fil-forma ta' laqx u skart tal-injam, miksub kompletament jew parzjalment minn *Debregeasia hypoleuca* (Hochst. ex Steud.) Wedd., *Ficus* L., *Maclura pomífera* (Raf.) C.K.Schneid., *Malus domestica* ( Suckow) Borkh., *Morus* L., *Populus* L., *Prunus* spp., *Pyrus* spp. u *Salix* L. | ex 4401 22 90<br>ex 4401 40 90 | L-Afganistan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei Darussalam, il-Kambodja, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġappun, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwait, il-Kirgiżistan, il-Laos, il-Libanu, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, l-Oman, il-Pakistan, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja (dawn il-partijiet li jidhru hawn taħt biss: id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed (Dalnevostochny federalny okrug), id-Distrett Federali tas-Siberja (Sibersky federalny okrug), u d-Distrett Federali tal-Ural (Uralsky federalny okrug)), l-Arabja Sawdija, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tajlandja, Timor Leste, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Użbekistan, il-Vjetnam, u l-Jemen | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br><br>(a) oriġina minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Apriona cinerea* Chevrolat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br><br>jew<br><br>(b) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Apriona cinerea* Chevrolat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br><br>jew<br><br>(c) ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm,<br><br>jew<br><br>(d) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju. |
| 109. | L-injam ta' *Acer* L., *Betula* L., *Elaeagnus* L., *Fraxinus* L., *Gleditsia* L., *Juglans* L., *Malus* Mill., *Morus* L., *Platanus* L., *Populus* L., *Prunus* L., *Pyrus* L., *Quercus* L., *Robinia* L., *Salix* L., jew *Ulmus* L., għajr fil-forma ta' | ex 4401 12 00<br>ex 4403 12 00<br>4403 91 00<br>4403 95 10<br>4403 95 90<br>4403 96 00<br>4403 97 00 | L-Afganistan, l-Indja, l-Iran, il-Kirgiżistan, il-Pakistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mit-*Trirachys sartus* Solsky mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju, |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | — laqx, partikoli, serratura, ċana, skart tal-injam, jew fdalijiet, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn is-siġar,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,<br>iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, | ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 91 15<br>4407 91 31<br>4407 91 39<br>4407 91 90<br>4407 93 10<br>4407 93 91<br>4407 93 99<br>4407 94 10<br>4407 94 91<br>4407 94 99<br>4407 95 10<br>4407 95 91<br>4407 95 99<br>4407 96 10<br>4407 96 91<br>4407 96 99<br>4407 97 10<br>4407 97 91<br>4407 97 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | | jew<br>(b) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) għadda minn irradjazzjoni jonizzanti sakemm inkisbet doża assorbita minima ta' 1 kGy mat-tul u l-ħxuna kollha tiegħu,<br>jew<br>(d) huwa mingħajr il-qoxra u s-sezzjoni trasversali tiegħu ma taqbiżx l-20 cm, u sarlu trattament xieraq ta' fumigazzjoni bil-fluworur tas-sulfuril f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. |
| 110. | Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart tal-injam, jew fdalijiet, miksub kompletament jew parzjalment minn *Acer* L., *Betula* L., *Elaeagnus* L., *Fraxinus* L., *Gleditsia* L., *Juglans* L., *Malus* Mill., *Morus* L., *Platanus* L., *Populus* L., *Prunus* L., *Pyrus* L., *Quercus* L., *Robinia* L., *Salix* L., jew *Ulmus* L. | ex 4401 22 90<br>ex 4401 40 90 | L-Afganistan, l-Indja, l-Iran, il-Kirgiżistan, il-Pakistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, jew l-Użbekistan | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mit-*Trirachys sartus* Solsky mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm, |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | jew<br>(c) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju. |
| 111. | Injam ta' *Acer macrophyllum* Pursh, *Aesculus californica* (Spach) Nutt., *Lithocarpus densiflorus* (Hook. & Arn.) Rehd., *Quercus* L. u *Taxus brevifolia* Nutt., għajr fil-forma ta':<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu | ex 4401 11 00<br>ex 4401 12 00<br>ex 4401 21 00<br>ex 4401 22 90<br>ex 4401 40 90<br>ex 4403 11 00<br>ex 4403 12 00<br>4403 91 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 91 15<br>4407 91 31<br>4407 91 39<br>4407 91 90<br>4407 93 10<br>4407 93 91<br>4407 93 99<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | Il-Kanada, ir-Renju Unit ([1]), l-Istati Uniti, il-Vjetnam | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) tneħħietlu l-qoxra u:<br>(i) ingħata forma kwadra, b'mod li tilef totalment il-wiċċ tond;<br>jew<br>(ii) il-kontenut ta' ilma fl-injam ma jaqbiżx l-20 % bħala perċentwal tal-materja niexfa;<br>jew<br>(iii) l-injam ġie ddiżinfettat permezz ta' trattament xieraq ta' arja sħuna jew ta' misħun,<br>jew<br>(c) fil-każ tal-injam isserrat, ikollu jew ma jkollux residwi tal-qoxra miegħu, tnixxef fil-forn sakemm il-kontenut tal-umdità tiegħu niżel għal inqas minn 20 %, espress bħala perċentwal tal-materja niexfa, miksub permezz ta' skeda xierqa ta' ħin/temperatura, indikat bil-marka "Imnixxef fil-forn" jew "K.D." jew b'marka oħra rikonoxxuta internazzjonalment, imqiegħda fuq l-injam jew fuq kull materjal tat-tgeżwir f'konformità mal-użu attwali. |
| 112. | Injam ta' *Castanea* Mill., *Castanopsis* (D. Don) Spach u *Quercus* L., għajr fil-forma ta': | ex 4401 12 00<br>ex 4401 40 90<br>ex 4403 12 00<br>4403 91 00<br>ex 4403 99 00 | Iċ-Ċina, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan u l-Vjetnam | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | — laqx, serratura u ċana, miksub kollu jew parzjalment minn dawn il-pjanti,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu | ex 4404 20 00<br>ex 4406 12 00<br>ex 4406 92 00<br>4407 91 15<br>4407 91 31<br>4407 91 39<br>4407 91 90<br>ex 4407 99 27<br>ex 4407 99 40<br>ex 4407 99 90<br>ex 4408 90 15<br>ex 4408 90 35<br>ex 4408 90 85<br>ex 4408 90 95<br>ex 4409 29 91<br>ex 4409 29 99<br>ex 4416 00 00<br>ex 9406 10 00 | | (a) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Massicus raddei* (Blessig) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(c) għadda minn irradjazzjoni jonizzanti xierqa sakemm inkisbet doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu,<br>jew<br>(d) huwa mingħajr il-qoxra u s-sezzjoni trasversali tiegħu ma taqbiżx l-20 cm, u sarlu trattament xieraq ta' fumigazzjoni bil-fluworur tas-sulfuril f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. |
| 113. | Injam fil-forma ta' laqx miksub kompletament jew parzjalment minn *Castanea* Mill., *Castaniopsis* (D. Don) Spach u *Quercus* L.. | ex 4401 22 90 | Iċ-Ċina, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan u l-Vjetnam | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam:<br>(a) oriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Massicus raddei* (Blessig) mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. Isem iż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju,<br>jew<br>(b) ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm,<br>jew<br>(c) sarlu trattament bis-sħana sakemm inkisbet temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-laqx tal-injam, u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju. |

(1) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.";

(7) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 2 u 3:

| | | |
|---|---|---|
| "2.1 | Pjanti għat-tħawwil bil-medium tat-tkabbir b'kollox, għajr il-pjanti fil-kultura tat-tessut u l-pjanti akkwatiċi | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman, kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji,<br>jew<br>(b) tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Popillia japonica* Newman f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti:<br>(i) li jkun ġie ssuġġettat għal spezzjoni uffiċjali annwali u, mill-inqas, spezzjoni ta' kull xahar matul it-tliet xhur qabel il-ġarr għal xi sinjali ta' *Popillia japonica* Newman, imwettqa fiż-żminijiet ix-xierqa biex tiġi identifikata l-preżenza tal-pest ikkonċernat, għallinqas permezz ta' eżaminazzjoni viżiva tal-pjanti kollha, inkluż il-ħaxix ħażin, u t-teħid ta' kampjuni mill-medium tat-tkabbir li fih qed jikbru l-pjanti,<br>u<br>(ii) li huwa mdawwar minn żona ta' lqugħ ta' mill-inqas 100 m, fejn ġie kkonfermat li ma jseħħx il-*Popillia japonica* Newman minn stħarriġiet uffiċjali mwettqa kull sena fiż-żminijiet ix-xierqa<br>u<br>(iii) qabel ma ngarru, il-pjanti u l-medium tat-tkabbir ġew issuġġettati għal spezzjoni uffiċjali, li tinkludi t-teħid ta' kampjuni tal-medium tat-tkabbir, u nstabu ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman,<br>u<br>(iv) il-pjanti:<br>— ġew imqandla u ppakkjati jew ittrasportati b'mod li tiġi evitata l-infestazzjoni bil-*Popillia japonica* Newman wara li jinħarġu mill-post tal-produzzjoni,<br>jew<br>— inġarru barra mill-istaġun tat-titjir tal-*Popillia japonica* Newman,<br>jew<br>(c) tkabbru tul ħajjithom f'sit tal-produzzjoni f'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Popillia japonica* Newman u l-pjanti:<br>— ġew imqandla u ppakkjati jew ittrasportati b'mod li tiġi evitata l-infestazzjoni bil-*Popillia japonica* Newman wara li jinħarġu mis-sit tal-produzzjoni, |

| | | |
|---|---|---|
| | | jew<br><br>— inġarru barra mill-istaġun tat-titjir tal-*Popillia japonica* Newman,<br><br>jew<br><br>(d) tkabbru tul ħajjithom f'sit tal-produzzjoni:<br><br>(i) li huwa awtorizzat speċifikament mill-awtorità kompetenti għall-fini tal-produzzjoni ta' pjanti ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman,<br><br>u<br><br>(ii) fejn il-medium tat-tkabbir inżamm ħieles mill-*Popil-* *Popillia japonica* Newman bl-użu ta' miżuri mekkaniċi xierqa jew trattamenti oħra,<br><br>u<br><br>(iii) fejn il-pjanti ġew issuġġettati għal miżuri xierqa biex jiġi żgurat il-ħelsien mill-*Popillia japonica* Newman,<br><br>u<br><br>(iv) qabel ma nġarru l-pjanti u l-medium tat-tkabbir ġew issuġġettati għal spezzjoni uffiċjali, li kienet tinkludi t-teħid ta' kampjuni tal-medium tat-tkabbir, u nstabu ħielsa mill-*Popillia japonica* Newman,<br><br>u<br><br>(v) il-pjanti:<br><br>— ġew imqandla u ppakkjati jew ittrasportati b'mod li tiġi evitata l-infestazzjoni bil-*Popillia japonica* Newman wara li jinħarġu mis-sit tal-produzzjoni jew<br><br>— inġarru barra mill-istaġun tat-titjir tal-*Popillia japonica* Newman."; |

(b) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "4. | Pjanti għat-tħawwil ta' speċijiet li jiffurmaw frieghi rieqda li joħorġu x-xniexel, jew tuberi tas-*Solanum* L., jew l-ibridi tagħhom, għajr it-tuberi tas-*Solanum tuberosum* L. speċifikati fil-punti 5, 6, 7, 8, jew 9 u materjal għajr dak għaż-żamma tal-kulturi maħżun f'banek tal-ġeni jew f'kollezzjonijiet ta' stokkijiet ġenetiċi, u għajr iż-żrieragħ tas-*Solanum tuberosum* L. speċifikati fil-punt 21 | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti għandhom ikunu nżammu f'kundizzjonijiet ta' kwarantina u għandhom ikunu nstabu ħielsa minn kull pest ta' kwarantina fl-Unjoni permezz ta' testijiet fil-laboratorju.<br>L-ittestjar fil-laboratorju għandu:<br><br>(a) ikun issorveljat mill-awtorità kompetenti kkonċernata u jitwettaq minn persunal imħarreġ xjentifikament ta' dik l-awtorità jew ta' kwalunkwe korp approvat uffiċjalment;<br><br>(b) jitwettaq f'sit li jkollu biżżejjed faċilitajiet xierqa biex jitrażżnu l-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u l-materjal, inklużi l-pjanti indikaturi, jinżammu b'tali mod li jiġi eliminat kull riskju ta' tixrid tal-pesti fl-Unjoni;<br><br>(c) jitwettaq fuq kull unità tal-materjal: |

| | | |
|---|---|---|
| | | (i) permezz ta' eżaminazzjoni viżiva b'intervalli regolari tal-anqas matul ċiklu veġetattiv sħiħ wieħed, filwaqt li jitqies it-tip ta' materjal u l-istadju tal-iżvilupp tiegħu matul il-programm ta' ttestjar, għas-sintomi kkawżati minn xi wieħed jew ieħor mill-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni,<br>(ii) permezz ta' ttestjar fil-laboratorju, fil-każ tal-materjal kollu tal-patata, tal-anqas għall-:<br>— Andean potato latent virus,<br>— Andean potato mottle virus,<br>— Potato black ringspot virus,<br>— Potato virus T,<br>— Iżolati mhux tal-UE tal-viruses tal-patata S, X u l-Potato leafroll virus,<br>— *Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann u Kottho) Nouioui *et al.*,<br>— *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi *et al.* emend. Safni *et al.*; *Ralstonia pseudosolanacearum* Safni *et al.*, *Ralstonia syzigii* subsp. *celebencelebensis* Safni et al. u *Ralstonia syzigii* subsp. *indoindonesiensis* Safni et al.<br>(iii) fil-każ ta' żrieragħ tas-*Solanum tuberosum* L., għajr dawk speċifikati fil-punt 21, tal-anqas għall-viruses u għall-virojdi elenkati hawn fuq, minbarra l-Andean potato mottle virus u l-iżolati mhux tal-UE tal-viruses tal-patata S, X u l-Potato leafroll virus;<br>(d) ikun jinkludi l-ittestjar xieraq ta' kull sintomu ieħor li jiġi osservat waqt l-eżaminazzjoni viżiva biex jiġu identifikati l-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni li jkunu kkwawżaw dawn is-sintomi.; |

(c) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 17 u 18:

| | | |
|---|---|---|
| "17.1 | Pjanti għat-tħawwil tas-*Citrus* L., il-*Fortunella* Swingle, il-*Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom, id-*Diospyros kaki* L., il-*Ficus carica* L., il-*Hedera helix* L., il-*Laurus nobilis* L., il-*Magnolia* L., il-*Malus* Mill., il-*Melia* L., il-*Mespilus germanica* L., il-*Parthenocissus* Planch., il-*Prunus* L., il-*Psidium guajava* L., il-*Punica granatum* L., il-*Pyracantha* M. Roem., il-*Pyrus* L., ir-*Rosa* L., il-*Vitis vinifera* L., għajr iż-żrieragħ, it-trab taddakra u l-pjanti fil-kultura tat-tessut | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-*Aleuro-Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance), kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji,<br>jew<br>(b) tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti u l-pjanti jkunu ġew imqandla u ppakkjati b'modi li jipprevjenu l-infestazzjoni wara li jitilqu mill-post tal-produzzjoni,<br>jew |

| | | |
|---|---|---|
| | | (c) ikunu ġew issuġġettati għal trattament effettiv li jiżgura li jkunu ħielsa mill-*Aleurocanthus spiniferus* (Quaintance) u nstabu ħielsa minnu qabel ma ngarru.”; |

(d) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 18 u 19:

| | | |
|---|---|---|
| “18.1 | Pjanti għat-tħawwil tas-*Citrus* L., il-*Fortunella* Swingle, il-*Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom, għajr iż-żrieragħ, it-trab tad-dakra u l-pjanti fil-kultura tat-tessut | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti:<br>(a) oriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-*Toxoptera citricida* (Kirkaldy), kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji,<br>jew<br>(b) tkabbru f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mit-*Toxoptera citricida* (Kirkaldy) f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti u l-pjanti jkunu ġew imqandla u ppakkjati b'modi li jipprevjenu l-infestazzjoni wara li jitilqu mill-post tal-produzzjoni.”; |

(e) il-punt 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| “19. | Pjanti għat-tħawwil tal-*Vitis* L., għajr iż-żrieragħ | Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti għat-tħawwil:<br>(a) oriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-fitoplażma Grapevine flavescence dorée,<br>jew<br>(b) oriġinaw minn sit tal-produzzjoni fejn:<br>(i) ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-fitoplażma Grapevine flavescence dorée fuq *Vitis* L. fis-sit tal-produzzjoni u f'żona tal-madwar ta' 20 m mill-bidu tal-aħħar ċiklu kollu tal-veġetazzjoni. Fil-każ ta' pjanti użati għall-propagazzjoni tal-*Vitis* L., ma jkun ġie osservat l-ebda sintomu tal-fitoplażma Grapevine flavescence dorée fuq il-*Vitis* spp. fis-sit tal-produzzjoni u f'żona tal-madwar ta' 20 m minn sit tal-produzzjoni ta' brokki jew ta' 40 m minn sit tal-produzzjoni tas-salvaġġ mill-bidu tal-aħħar żewġ ċikli kollha tal-veġetazzjoni, u<br>(ii) monitoraġġ tal-vetturi, u f'oqsma fejn il-vetturi jkunu preżenti jingħataw trattamenti xierqa biex jiġu kkontrollati l-vetturi tal-fitoplażma Grapevine flavescence dorée, u<br>(iii) il-*Vitis* L. abbandunata fiż-żona tal-madwar ta' 20 m tas-sit tal-produzzjoni tkun inqalgħet,<br>jew<br>(c) ikun sarilhom trattament bil-misħun f'konformità mal-istandards internazzjonali.” ; |

(f) il-punt 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "25. | Materjal tal-injam għall-imballaġġ tal-injam tal-*Juglans* L. u l-*Pterocarya* Kunth fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra injam mhux ipproċessat bi ħxuna ta' 6 mm jew inqas, l-injam ipproċessat prodott bil-kolla, bis-sħana u bil-pressa, jew kombinazzjoni tagħhom, u d-dunnage li jkun mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam bħal dak tal-kunsinna li jkun qed jirfed u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna. | Il-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun:<br>(a) oriġina minn żona ħielsa mill-*Geosmithia morbida* Kolarík, Freeland, Utley & Tisserat u l-vettur tiegħu *Pityophthorus juglandis* Blackman, kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti,<br>jew<br>(b) ikun magħmul minn injam li tkun tneħħietlu l-qoxra, kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 dwar ir-Regolamentazzjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-kummerċ internazzjonali, u (i) ikun ġie ssuġġettat għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' dak l-Istandard Internazzjonali, u (ii) juri marka kif speċifikat fl-Anness II ta' dak l-Istandard Internazzjonali, li tindika li l-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun ġie ssuġġettat għal trattament fitosanitarju approvat f'konformità ma' dan l-istandard." ; |

(g) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| "26. | Pjanti ta' *Chionanthus virginicus* L., *Fraxinus* L., *Juglans ailantifolia* Carr., il-*Juglans mandshurica* Maxim., *Ulmus davidiana* Planch. u *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., għajr il-frott u ż-żrieragħ | Il-pjanti għandhom joriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire u li tinsab f'distanza ta' mhux inqas minn 100 km mill-eqreb żona fejn hu magħruf li ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza tal-*Agrilus planipennis* Fairmaire. |
| 27. | Injam ta' *Chionanthus virginicus* L., *Fraxinus* L., *Juglans ailantifolia* Carr., *Juglans mandshurica* Maxim., *Ulmus davidiana* Planch. u *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., li joriġina minn żona li tinsab f'distanza ta' inqas minn 100 km mill-eqreb żona fejn hu magħruf li ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza tal-*Agrilus planipennis* Fairmaire, għajr fil-forma ta'<br>— laqx, partikoli, serratura, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksuba kompletament jew parzjalment minn dawn is-siġar,<br>— materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, palits, palits bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-palits, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw kif ukoll jekk le, fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip, minbarra d-dunnage tal-injam | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) il-qoxra u tal-anqas 2,5 ċm mill-ilbieba tal-injam jitneħħew f'faċilità awtorizzata u ssorveljata mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti,<br>jew<br>(b) l-injam ikun għadda minn irradjazzjoni jonizzanti sakemm tinkiseb doża assorbita minima ta' 1 kGy mat-tul u l-ħxuna kollha tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam tal-kunsinni li jirfed, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna,<br><br>iżda li jinkludi l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu, u għamara u oġġetti oħra magħmula minn injam mhux ittrattat | |
| 28. | Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, serratura, ċana, skart u fdalijiet talinjam, miksuba kompletament jew parzjalment mill-*Chionanthus virginicus* L., mill-*Fraxinus* L., mill-*Juglans ailantifolia* Carr., mill-*Juglans mandshurica* Maxim., mill-*Ulmus davidiana* Planch. u mill-*Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc. | L-injam għandu joriġina minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire u li tinsab f'distanza ta' mhux inqas minn 100 km mill-eqreb żona fejn hu magħruf li ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza tal-*Agrilus planipennis* Fairmaire. |
| 29. | Il-qoxra tas-siġar iżolata u l-oġġetti magħmula mill-qoxra tas-siġar tal-*Chionanthus virginicus* L., tal-*Fraxinus* L., tal-*Juglans ailantifolia* Carr., tal-*Juglans mandshurica* Maxim., tal-*Ulmus davidiana* Planch. u tal-*Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc. | Il-qoxra tas-siġar għandha toriġina minn żona magħrufa li hija ħielsa mill-*Agrilus planipennis* Fairmaire u li tinsab f'distanza ta' mhux inqas minn 100 km mill-eqreb żona fejn hu magħruf li ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza tal-*Agrilus planipennis* Fairmaire.; |

(8) L-Anness X huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 3 u 4:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "3.1 | Pjanti ta' speċijiet erbaċji, maħsuba għat-tħawwil, għajr il-basal, il-basal tuberuż, il-pjanti tal-familja *Gramineae*, ir-riżomi, iż-żrieragħ u t-tuberi | ex 0602 10 90<br>0602 90 20<br>ex 0602 90 30<br>ex 0602 90 50<br>ex 0602 90 70<br>ex 0602 90 91<br>ex 0602 90 99<br>ex 0704 10 00<br>ex 0704 90 10<br>ex 0704 90 90<br>ex 0705 11 00<br>ex 0705 19 00<br>ex 0705 21 00<br>ex 0705 29 00<br>ex 0706 90 10<br>ex 0709 40 00<br>ex 0709 99 10<br>ex 0910 99 31<br>ex 0910 99 33 | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) il-pjanti oriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mil-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), mil-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u mil-*Liriomyza trifolii* (Burgess),<br>jew<br>(b) ma ġie osservat l-ebda sinjal tal-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), il-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u l-*Liriomyza trifolii* (Burgess) fil-post tal-produzzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali mwettqa mill-inqas kull xahar matul it-tliet xhur qabel il-ġarr minn dan il-post tal-produzzjoni,<br>jew<br>(c) immedjatament qabel il-kummerċjalizzazzjoni, il-pjanti ġew spezzjonati uffiċjalment u nstabu ħielsa mil-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), mil-*Lirio-Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u mil-*Liriomyza trifolii* (Burgess) u ġew issuġġettati għal trattament xieraq kontra l-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), il-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u l-*Liriomyza trifolii* (Burgess),<br>jew<br>(d) il-pjanti oriġinaw minn materjal tal-pjanti li huwa ħieles mil-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), mil-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u mil-*Liriomyza trifolii* (Burgess); tkabbru in vitro f'medium sterili f'kundizzjonijiet sterili li ma jippermettux il-possibbiltà ta' infestazzjoni bil-*Liriomyza bryo-* | (a) L-Irlanda<br>(b) Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)"; |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | *niae* (Kaltenbach), bil-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u bil-*Liriomyza trifolii* (Burgess); u ġew ittrasportati f'reċipjenti trasparenti f'kundizzjonijiet sterili. | |

(b) fil-punt 4, fit-tieni kolonna, il-kodiċi "0706 90 30" huwa sostitwit b'"0706 90 10";

(c) fil-punt 14, fl-ewwel kolonna, jitħassar il-kliem "*Ficus* L.";

(d) fil-punt 15, fit-tielet kolonna, il-kliem "*Gremmeniella abiedina*" huwa sostitwit bil-kliem "*Gremmeniella abietina*";

(e) fil-punti 22 sa 28, fl-ewwel kolonna, jitħassar il-kliem "għajr frott u żrieragħ";

(f) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 31 u 32:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "31.1 | Fjuri maqtugħin, ħaxix tal-weraq tal-*Apium graveolens* L. u l-*Ocimum* L. | 0603 12 00<br>0603 14 00<br>ex 0603 19 70<br>0709 40 00<br>ex 0709 99 90 | Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(a) il-pjanti oriġinaw minn żona magħrufa li hija ħielsa mil-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), mil-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u mil-*Liriomyza trifolii* (Burgess),<br>jew<br>(b) eżatt qabel ma ġew ikkummerċjalizzati, il-pjanti ġew spezzjonati uffiċjalment u nstabu ħielsa mil-*Liriomyza bryoniae* (Kaltenbach), mil-*Liriomyza huidobrensis* (Blanchard) u mil-*Liriomyza trifolii* (Burgess). | (a) L-Irlanda<br>(b) Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)"; |

(g) jitħassar il-punt 35;

(h) fil-punti 39 sa 44, fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra", il-kliem "Injam tal-koniferi (Pinales)" huwa sostitwit b'"Injam tal-koniferi (Pinopsida)";

(i) fil-punti 46 sa 51, fil-kolonna "Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn", il-kliem "Qoxra iżolata tal-koniferi (Pinales)" huma sostitwiti b'"Qoxra iżolata tal-koniferi (Pinopsida)";

(9) L-Anness XI huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 2 ("*Kategoriji ġenerali*") huwa emendat kif ġej:

— fit-tieni kolonna, wara s-16-il element "0602 90 99" bejn it-tieni entrata ("*Pjanti oħrajn ħajjin (inklużi l-għeruq tagħhom), biċċiet u żabriet; ħlief spawn għall-faqqiegħ*"), u t-tielet entrata dwar "*Basal, shallots, tewm, kurrat u veġetali oħrajn tal-ġens tat-tewm, friski għat-tħawwil*") jiddaħħal it-test li ġej:

"Ħażiż, frisk:

**ex 0604 20 19**";

— titħassar it-tielet ringiela ("Pjanti tal-*Cryptocoryne* sp., …");

(ii) il-punt 3 ("*Partijiet tal-pjanti, għajr il-frott u ż-żrieragħ, ta'*") huwa emendat kif ġej:

— fit-tielet ringiela ("*Convolvulus* L., *Ipomoea* L, …"), fit-tieni kolonna, bejn il-kodiċi "ex 0604 20 90" u l-entrata "*Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, friski:*" jiddaħħal it-test li ġej:

"Ħxejjex oħrajn, friski jew imkessħin:

**ex 0709 99 90**";

— fir-raba' ringiela ("*Ħxejjex tal-weraq tal-Apium graveolens L., …*"), fit-tieni kolonna, wara l-kodiċi "ex 0709 99 90", jitħassar it-test "(inklużi żerriegħa u frott)";

— fis-sitt ringiela ("*Koniferi (pinales)*"), fl-ewwel u fit-tieni kolonni, it-test "Koniferi (Pinales)" huwa sostitwit minn "Koniferi (Pinopsida)";

— fis-seba' ringiela ("*Castanea* Mill., …"), fl-ewwel kolonna, il-kliem "*Dendranthema* (DC.) Des Moul." huwa sostitwit bi "*Chrysanthemum* L.,";

— il-ħdax-il ringiela ("*Fraxinus* L., …") hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "*Chionanthus virginicus* L., *Fraxinus* L., *Juglans* L., *Pterocarya* Kunth u *Ulmus davidiana* Planch. | Faxxina, friegħi u partijiet oħrajn tal-pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, li huma oġġetti adattati għall-bukketti jew għal finijiet ornamentali, friski:<br>**ex 0604 20 90**<br>Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, friski:<br>**ex 1404 90 00** | Il-Belarussja, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Mongolja, il-Korea ta' Fuq, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, l-Ukrajna, u l-Istati Uniti" |

— fit-tlettax-il ringiela ("*Acer macrophyllum* Pursh, …"), fit-tielet kolonna, il-kliem "L-Istati Uniti" huwa sostitwit bil-kliem "Il-Kanada, ir-Renju Unit [(1)], l-Istati Uniti u l-Vjetnam"

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.";

(iii) il-punt 5 ("*Frott ta*"') huwa emendat kif ġej:

— l-intestatura hija sostitwita bi "Frott fis-sens botaniku, mhux maxx, ta':";

| | — Xkatlat; bit-truf ġonġuti, inċanat jew xkatlat jew le:<br>**4407 91 15**<br>— Oħrajn:<br>**4407 91 31**<br>**4407 91 39**<br>**4407 91 90**<br>– Oħrajn:<br>— Inċanat; bit-truf ġonġuti, inċanat jew xkatlat jew le:<br>**ex 4407 99 27**<br>— Oħrajn:<br>**ex 4407 99 40**<br>**ex 4407 99 90**<br>Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm:<br>— Oħrajn (għajr koniferi jew injam tropikali)<br>– Inċanat; xkatlat; bit-truf ġonġuti, inċanat jew xkatlat jew le:<br>**ex 4408 90 15**<br>– Oħrajn:<br>**ex 4408 90 35**<br>**ex 4408 90 85**<br>**ex 4408 90 95**<br>Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (bil-mudulluni, bil-gruvijiet, irbattut, iċċanfrinat, ingastat-V, bil-gula, iffurmat, inturnjat jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le:<br>— Mhux koniferu:<br>– Oħrajn (għajr tal-bamboo jew injam tropikali):<br>— Oħrajn (għajr xogħol bil-forma bħal gwarniċi għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili):<br>**ex 4409 29 91**<br>**ex 4409 29 99**<br>Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti oħrajn ta' buttar u partijiet tagħhom, ta' injam, inklużi l-injam imqawwes (staves):<br>**ex 4416 00 00** | |

| | | |
|---|---|---|
| | Bini prefabbrikat tal-injam:<br><br>**ex 9406 10 00** | |
| Injam ta' *Acacia* Mill., *Acer buergerianum* Miq., *Acer macrophyllum* Pursh, *Acer negundo* L., *Acer palmatum* Thunb., *Acer paxii* Franch., *Acer pseudoplatanus* L., *Aesculus californica* (Spach) Nutt., *Ailanthus altissima* (Mill.) Swingle, *Albizia falcate* Backer ex Merr., *Albizia julibrissin* Durazz., *Alectryon excelsus* Gärtn., *Alnus rhombifolia* Nutt., *Archontophoenix cunninghamiana* H. Wendl. & Drude, *Artocarpus integer* (Thunb.) Merr., *Azadirachta indica* A. Juss., *Baccharis salicina* Torr. & A. Gray, *Bauhinia variegata* L., *Brachychiton discolor* F.Muell., *Brachychiton populneus* R.Br., *Camellia semiserrata* C.W.Chi, *Camellia sinensis* (L.) Kuntze, *Canarium commune* L., *Castanospermum australe* A. Cunningham & C.Fraser, *Cercidium floridum* Benth. ex A. Gray, *Cercidium sonorae* Rose & I.M.Johnst., *Cocculus laurifolius* DC., *Combretum kraussii* Hochst., *Cupaniopsis anacardioides* (A.Rich.) Radlk., *Dombeya cacuminum* Hochr., *Erythrina corallodendron* L., *Erythrina coralloides* Moc. & Sessé ex DC., *Erythrina falcata* Benth., *Erythrina fusca* Lour., *Eucalyptus ficifolia* F.Müll., *Fagus crenata* Blume, *Ficus* L., *Gleditsia triacanthos* L., *Hevea brasiliensis* (Willd. ex A.Juss) Muell.Arg., *Howea forsteriana* (F.Müller) Becc., *Ilex cornuta* Lindl. & Paxton, *Inga vera* Willd., *Jacaranda mimosifolia* D.Don, *Koelreuteria bipinnata* Franch., *Liquidambar styraciflua* L., *Magnolia grandiflora* L., *Magnolia virginiana* L., *Mimosa bracaatinga* Hoehne, *Morus alba* L., *Parkinsonia aculeata* L., *Persea americana* Mill., *Pithecellobium lobatum* Benth., *Platanus x hispanica* Mill. ex Münchh., *Platanus mexicana* Torr., *Platanus occidentalis* L., *Platanus orientalis* L., *Platanus racemosa* Nutt., *Podalyria calyptrata* Willd., *Populus fremontii* S.Watson, *Populus nigra* L., *Populus trichocarpa* Torr. & A.Gray ex | Ħatab, fil-forma ta' zkuk, zkuk maqtugħin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili; injam fil-forma ta' laqx jew frak; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta' zkuk, briquettes, pellets jew forom simili u kif ukoll jekk le:<br>— Ħatab, f'forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, frieghi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili:<br>– Mhux koniferu:<br><br>**ex 4401 12 00**<br>— Injam f'laqx jew partikuli:<br>– Mhux koniferu:<br><br>**ex 4401 22 10**<br><br>**ex 4401 22 90**<br>— Serratura u skart u laqx tal-injam, mhux agglomerati:<br>– Skart u fdalijiet tal-injam (għajr serratura):<br><br>**ex 4401 40 90**<br>Injam għadu aħrax, mingħajr qoxra jew bl-ilbieba mneħħija, jew magħmul kwadru raff:<br>— Trattat biż-żebgħa, immakkjat, trattat bil-kreosot jew preservattivi oħrajn:<br>– Mhux koniferu:<br><br>**ex 4403 12 00**<br>Injam għadu aħrax, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew magħmul kwadru raff:<br>— Għajr trattat biż-żebgħa, immakkjat, trattat bil-kreosot jew preservattivi oħrajn:<br>– Tal-ballut (*Quercus* spp.):<br><br>**4403 91 00**<br>– – Tal-fagu (*Fagus* spp.):<br><br>**4403 92 00**<br>– – Tal-luq (*Populus* spp.):<br><br>**4403 97 00**<br>– Tal-ewkaliptu (*Eucalyptus* spp.):<br><br>**4403 98 00**<br>– Oħrajn:<br><br>**ex 4403 99 00**<br>Arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul:<br>— Mhux koniferu:<br><br>**ex 4404 20 00** | Pajjiżi terzi |

| | | |
|---|---|---|
| Hook., *Prosopis articulata* S. Watson, *Protium serratum* Engl., *Psoralea pinnata* L., *Pterocarya stenoptera* C.DC., *Quercus agrifolia* Née, *Quercus calliprinos* Webb., *Quercus chrysolepis* Liebm, *Quercus engelmannii* Greene, *Quercus ithaburensis* Dence, *Quercus lobata* Née, *Quercus palustris* Marshall, *Quercus robur* L., *Quercus suber* L., *Ricinus communis* L., *Salix alba* L., *Salix babylonica* L., *Salix gooddingii* C.R.Ball, *Salix laevigata* Bebb, *Salix mucronata* Thnb., *Shorea robusta* C.F.Gaertn., *Spathodea campanulata* P.Beauv., *Spondias dulcis* Parkinson, *Tamarix ramosissima* Kar. ex Boiss., *Virgilia oroboides* subsp. *ferrugine* B.-E.van Wyk, *Wisteria floribunda* (Willd.) DC. u *Xylosma avilae* Sleumer | Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm:<br>— Mhux mgħaddsa:<br>– Mhux koniferu:<br>**ex 4406 12 00**<br>— Oħrajn (għajr mhux mgħaddsa):<br>– Mhux koniferu:<br>**ex 4406 92 00**<br>Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm:<br>– Tal-ballut (*Quercus* spp.):<br>**4407 91 15**<br>**4407 91 31**<br>**4407 91 39**<br>**4407 91 90**<br>– – Tal-fagu (*Fagus* spp.):<br>**4407 92 00**<br>– Tal-aġġru (*Acer* spp.):<br>**4407 93 10**<br>**4407 93 91**<br>**4407 93 99**<br>– – Tal-luq (*Populus* spp.):<br>**4407 97 10**<br>**4407 97 91**<br>**4407 97 99**<br>– Oħrajn:<br>— Inċanat; bit-truf ġonġuti, inċanat jew xkatlat jew le:<br>**ex 4407 99 27**<br>— Oħrajn:<br>**ex 4407 99 40**<br>**ex 4407 99 90**<br>Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm:<br>— Oħrajn (għajr koniferi jew injam tropikali)<br>– Inċanat; xkatlat; bit-truf ġonġuti, inċanat jew xkatlat jew le:<br>**ex 4408 90 15** | |

| | | |
|---|---|---|
| | – Oħrajn:<br>**ex 4408 90 35**<br>**ex 4408 90 85**<br>**ex 4408 90 95**<br>Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (bil-mudulluni, bil-gruvijiet, irbattut, iċċanfrinat, ingastat-V, bil-gula, iffurmat, inturnjat jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le:<br>— Mhux koniferu:<br>– Oħrajn (għajr tal-bamboo jew injam tropikali):<br>— Oħrajn (għajr xogħol bil-forma bħal gwarniċi għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili):<br>**ex 4409 29 91**<br>**ex 4409 29 99**<br>Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti oħrajn ta' buttar u partijiet tagħhom, ta' injam, inklużi l-injam imqawwes (staves):<br>**ex 4416 00 00**<br>Bini prefabbrikat tal-injam:<br>ex 9406 10 00 | |

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.";

(b) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(i) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Lista tal-pjanti li jeħtieġu ċ-ċertifikati fitosanitarji skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2016/2031 biex jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni, u tal-pajjiżi terzi tal-oriġini jew tad-dispaċċ rispettivi tagħhom";

(ii) fit-tieni kolonna, fit-tieni entrata ("*Fjuri maqtugħin u blanzuni ta' fjuri …*"), bejn l-intestatura tal-entrata u l-kodiċi "0603 15 00", jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"0603 11 00";

(iii) fit-tielet entrata ("*Faxxina, frieghi u …*"), l-intestatura tal-entrata hija sostitwita b'dan li ġej:

"Faxxina, frieghi u partijiet oħrajn tal-pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, ħażiż, mhux likeni, li huma oġġetti adattati għall-bukketti jew għal finijiet ornamentali, friski:";

(iv) fil-ħames entrata ("*Kaboċċi,…*"), bejn il-kodiċijiet "0704 10 00" u "0704 90 10", jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"0704 20 00";

(v) fil-ħdax-il entrata ("*Ġewż tal-Brażil, …*"), l-intestatura tal-entrata hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ġewż tal-Brażil u ġewż tal-anakardju, sħaħ, friski fil-ħliefa ħadra, għaż-żrigħ ukoll:"

(vi) fit-tnax-il entrata ("*Ġewż ieħor, …*") l-intestatura tal-entrata hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ġewż ieħor, shiħ, frisk fil-ħliefa ħadra, għaż-żrigħ ukoll:";

(vii) wara l-entrata "Weraq tar-rand, frisk ex 0910 99 50", jiddaħħal it-test li ġej:

"Żrieragħ tal-qamħ u l-meslin:

**1001 11 00**

**1001 91 10**

**1001 91 20**

**1001 91 90**

Żerriegħa tas-segala:

**1002 10 00**";

(viii) fl-entrata "Buckwheat, millieġ u skalora; ċereali oħrajn, żerriegħa għaż-żrigħ", jiddaħħal il-kodiċi li ġej bejn il-kodiċijiet "ex 1008 50 00" u "ex 1008 90 00":

"ex 1008 60 00";

(10) L-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 4, it-tielet ringiela titħassar;

(b) fil-punt 6, il-kliem "koniferi (Pinales)" huwa sostitwiti b'"koniferi (Pinopsida)";

(11) L-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt li ġej jiddaħħal bejn il-punti 4 u 5:

"4.1 Injam ta' *Chionanthus virginicus* L., *Fraxinus* L., *Juglans ailantifolia* Carr., *Juglans mandshurica* Maxim., *Ulmus davidiana* Planch. u *Pterocarya rhoifolia* Siebold & Zucc., kif imsemmi fil-punt 27 tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.";

(b) il-punti 10 u 11 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"10. Żerriegħa, meta l-moviment tagħha jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/56/KE, u li għaliha jkunu ġew elenkati l-pesti kkontrollati mhux ta' kwarantina speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031 fl-Anness IV, ta':

— *Allium* L.,

— *Capsicum annuum* L.,

— *Helianthus annuus* L.

11. Żerriegħa, meta l-moviment tagħha jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 98/56/KE jew 2008/90/KE, u li għaliha jkunu ġew elenkati l-pesti kkontrollati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031 fl-Anness IV, ta':

— *Prunus armeniaca* L.,

— *Prunus cerasus* L.,

— *Prunus domestica* L.,

— *Prunus dulcis* (Mill.) D. A. Webb,

— *Prunus persica* (L.) Batsch,

— *Prunus salicina* Lindley.";

(c) jiżdied il-punt li ġej:

"12. Żerriegħa, meta l-moviment tagħha jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 98/56/KE, 1999/105/KE jew 2008/90/KE, u li għaliha jkunu ġew elenkati l-pesti kkontrollati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031 fl-Anness IV, ta':

— *Prunus avium* L.'.

(12) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Pjanti ta' *Abies* Mill., *Larix* Mill., *Picea* A. Dietr., *Pinus* L. u *Pseudotsuga* Carr., għajr iż-żrieragħ.";

(b) fil-punt 2, jitħassru l-kliem "*Ficus* L.," u "*Platanus* L.";

(c) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-pjanti, għajr il-frott u ż-żrieragħ, ta' *Amelanchier* Med., *Castanea* Mill., *Chaenomeles* Lindl., *Cotoneaster* Ehrh., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Eriobotrya* Lindl., *Eucalyptus* L'Herit., *Malus* Mill., *Mespilus* L., *Photinia davidiana* (Dcne.) Cardot, *Pyracantha* Roem., *Pyrus* L., *Sorbus* L. u *Vitis* L.';

(d) il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Żrieragħ ta' *Beta vulgaris* L., *Castanea* Mill., *Gossypium* L. u *Mangifera* L.";

(e) fl-ewwel inċiż tal-punt 11(b), il-kliem "koniferi (Pinales)" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)";

(f) fil-punt 12, il-kliem "koniferi (Pinales)" huwa sostitwit b'"koniferi (Pinopsida)".

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2286

**tas-16 ta’ Diċembru 2021**

**dwar id-*data* li għandha tiġi pprovduta għas-sena ta’ referenza 2023 skont ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli fir-rigward tal-lista tal-varjabbli u d-deskrizzjoni tagħhom u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 jipprevedi kemm qafas għall-istatistika Ewropea dwar l-azjendi agrikoli kif ukoll l-integrazzjoni tal-informazzjoni dwar l-istruttura tagħhom b’informazzjoni dwar il-metodi tal-produzzjoni, il-miżuri tal-iżvilupp rurali, l-aspetti agroambjentali u informazzjoni relatata oħra.

(2) Għas-sena ta’ referenza 2023, u skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2018/1091, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta att ta’ implimentazzjoni li jispeċifika d-deskrizzjoni tal-varjabbli elenkati fl-Anness III tar-Regolament li jirreferi għall-varjabbli tad-*data* strutturali ċentrali.

(3) Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1091, jenħtieġ li l-Kummissjoni telenka u tiddeskrivi l-varjabbli li jridu jinġabru għas-sena ta’ referenza 2023 u li jikkorrispondu mas-suġġetti u mas-suġġetti dettaljati fil-moduli li ġejjin indikati fl-Anness IV tar-Regolament: “Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra”, “Żvilupp rurali”, “Irrigazzjoni”, “Prattiki ta’ ġestjoni tal-ħamrija”, “Makkinarju u tagħmir” u “Ġnien tal-frott”.

(4) Mindu ġie adottat ir-Regolament (UE) 2018/1091, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009 ([2]) ma għadux rilevanti, u għal raġunijiet ta’ ċertezza legali jenħtieġ li jitħassar.

(5) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma f’konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-deskrizzjoni tal-varjabbli tad-*data* strutturali ċentrali elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1091 għandha tkun kif stipulat fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament.

2. Il-lista tal-varjabbli għas-suġġetti u għas-suġġetti ddettaljati fi ħdan kull modulu hija stipulata fl-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009 tat-30 ta’ Novembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta’ strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta’ produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta’ unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi (ĠU L 329, 15.12.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta’ data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

3. Id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għas-suġġetti u għas-suġġetti dettaljati fi ħdan kull modulu kif elenkat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu kif stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1200/2009 huwa mħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

## Deskrizzjoni tal-varjabbli elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1091 li għandhom jintużaw għad-*data* strutturali ċentrali

I. VARJABBLI ĠENERALI

**Informazzjoni tal-istħarriġ**

| | | |
|---|---|---|
| **CGNR 001** | - | **Identifikatur tal-azjenda agrikola**<br>L-identifikatur uniku tal-azjenda agrikola huwa identifikatur numeriku uniku għat-trażmissjoni tad-*data*. |

**Lokalità tal-azjenda agrikola**

*L-azjenda agrikola tinsab fejn il-farm iwettaq l-attività agrikola prinċipali tiegħu.*

| | | |
|---|---|---|
| **CGNR 002** | - | **Lokalità ġeografika**<br>Il-kodiċi taċ-ċellola tal-Grilja ta' Unitajiet Statistiċi INSPIRE ta' 1 km għall-użu madwar l-Ewropa ([1]), ta' fejn ikun jinsab il-farm. Dan il-kodiċi se jintuża biss għall-finijiet ta' trażmissjoni.<br>Għall-finijiet ta' disseminazzjoni tad-*data*, minbarra l-mekkaniżmi normali ta' kontroll tad-divulgazzjoni għad-*data* tabulari, il-grilja ta' 1 km tintuża biss jekk ikun hemm aktar minn 10 azjendi agrikoli fil-grilja; jekk dan ma jkunx il-każ, jintużaw grilji mbejta ta' 5 km, ta' 10 km jew akbar, kif meħtieġ. |
| **CGNR 003** | - | **Reġjun NUTS 3**<br>Il-kodiċi tar-reġjun NUTS 3 ([2]) (skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])) li fih tinsab l-azjenda. |
| **CGNR 004** | - | **L-azjenda agrikola għandha żoni deżinjati bħala li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali taħt ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013**<br>Informazzjoni dwar żoni li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali (ANC) għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti.<br>L — – l-azjenda agrikola tinsab f'żona li mhijiex żona bil-muntanji, li qed tiffaċċja restrizzjonijiet naturali sinifikanti<br>M — – l-azjenda agrikola tinsab f'żona bil-muntanji<br>O — – l-azjenda agrikola tinsab f'żona oħra affettwata minn restrizzjonijiet speċifiċi<br>N — – l-azjenda agrikola ma hijiex parti minn żona li qed tiffaċċja restrizzjonijiet naturali |

**Personalità ġuridika tal-azjenda agrikola**

*Il-personalità ġuridika tal-azjenda agrikola tiddependi mill-istatus tal-proprjetarju.*

| | | |
|---|---|---|
| | Ir-responsabbiltà ġuridika u ekonomika tal-azjenda agrikola hija koperta minn: | |
| **CGNR 005** | - | **Persuna fiżika li hija l-proprjetarju uniku, meta l-azjenda agrikola tkun indipendenti**<br>Persuna fiżika waħda li hija l-proprjetarju uniku ta' azjenda agrikola li ma hija relatata ma' ebda azjenda agrikola tal-proprjetarji oħra, kemm b'ġestjoni komuni kif ukoll b'arranġamenti simili.<br>*Azjendi agrikoli li jissodisfaw din il-kundizzjoni jissejħu* **azjendi agrikoli bi proprjetarju uniku**. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **CGNR 006** | - | - | **Jekk iva, il-proprjetarju huwa wkoll il-maniġer?** | | |
| **CGNR 007** | - | - | - | **Jekk le, il-maniġer huwa membru tal-familja tal-proprjetarju?** | |
| **CGNR 008** | - | - | - | - | **Jekk iva, il-maniġer huwa l-konjuġi tal-proprjetarju?** |
| **CGNR 009** | - | **Sjieda kondiviża**<br>Persuni fiżiċi, li huma l-proprjetarji uniċi ta' azjenda agrikola li ma hija relatata ma' ebda azjenda agrikola ta' proprjetarji oħra, u li jikkondividu s-sjieda u l-ġestjoni tal-azjenda agrikola. | | | |
| **CGNR 010** | - | **Żewġ persuni fiżiċi jew aktar li huma sħab, meta l-azjenda agrikola tkun azjenda-grupp**<br>Sieħeb/sħab ta' azjenda li tappartjeni għal grupp huma persuni fiżiċi li flimkien jippossjedu, jikru jew b'xi mod ieħor jimmaniġġjaw azjenda agrikola waħda, jew flimkien jimmaniġġjaw l-azjendi individwali tagħhom bħallikieku kienu azjenda waħda. Din it-tip ta' kooperazzjoni trid tkun jew b'mod konformi mal-liġi, jew bi ftehim bil-miktub. | | | |
| **CGNR 011** | - | **Persuna ġuridika**<br>Entità ġuridika għajr persuna fiżika iżda li għandha d-drittijiet u d-dmirijiet ta' individwu, bħall-kapaċità li tfittex jew li tiġi mfittxija bil-qorti (kapaċità ġuridika ġenerali proprja). | | | |
| **CGNR 012** | - | - | **Jekk iva, l-azjenda agrikola hija parti minn grupp ta' intrapriżi?**<br>Grupp ta' intrapriżi huwa assoċjazzjoni ta' intrapriżi marbuta flimkien b'rabtiet legali u/jew finanzjarji u kkontrollata mill-kap tal-grupp.<br>*"Intrapriża" hija l-iżgħar kombinazzjoni ta' unitajiet ġuridiċi, jiġifieri unità organizzattiva li tipproduċi oġġetti u servizzi, li tgawdi minn ċertu grad ta' awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet, speċjalment għall-allokazzjoni tar-riżorsi attwali tagħha. Intrapriża twettaq attività waħda jew aktar f'lokalità waħda jew aktar. Intrapriża tista' tkun unità ġuridika unika.* | | |
| **CGNR 013** | - | **L-azjenda agrikola hija unità f'art komuni**<br>Għall-finijiet tal-ġbir u r-reġistrazzjoni ta' *data*, azjenda agrikola fuq "unità ta' art komuni" hija entità li tikkonsisti mill-erja agrikola utilizzata (EAU) li tintuża minn azjendi agrikoli oħra taħt drittijiet komuni. | | | |
| **CGNR 014** | - | **Il-proprjetarju jibbenifika minn appoġġ mill-UE għall-art jew annimali tal-azjenda agrikola, u għalhekk huwa inkluż fis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK)**<br>Il-proprjetarju huwa bidwi attiv skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jew, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti u l-applikazzjoni għal sussidju ġiet aċċettata. | | | |
| **CGNR 015** | - | **Il-proprjetarju huwa bidwi żagħżugħ jew entrant ġdid fil-biedja li rċieva appoġġ finanzjarju għal dan il-għan taħt il-politika agrikola komuni (PAK) fit-tliet snin preċedenti**<br>L-appoġġ finanzjarju jista' jirreferi għal pagamenti diretti skont l-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jew għall-appoġġ ipprovdut minn programmi tal-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 19(1), il-punt (a)(i) — għajnuna biex tibda negozju għal bdiewa żgħażagħ tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew fejn applikabbli il-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti. | | | |

**Maniġer tal-azjenda agrikola**

*Il-**maniġer** tal-azjenda agrikola huwa l-persuna fiżika responsabbli mill-attivitajiet finanzjarji u ta' produzzjoni normali ta' kuljum tal-azjenda agrikola.*

**Xogħol agrikolu** *huwa kull tip ta' xogħol fl-azjenda agrikola li jikkontribwixxi għal xi wieħed minn dawn li ġejjin:*

(i) *l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 2, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1091*
(ii) *il-manutenzjoni tal-mezzi tal-produzzjoni;*
(iii) *l-attivitajiet li huma dderivati direttament minn dawn l-azzjonijiet produttivi.*

*Il-***ħin imqatta' fuq ix-xogħol agrikolu** *fl-azjenda agrikola huwa l-ħin tax-xogħol fil-fatt iddedikat għal xogħol agrikolu għall-azjenda agrikola, bl-esklużjoni tax-xogħol fl-unitajiet domestiċi tal-proprjetarju jew tal-maniġer.*

**Unità ta' xogħol annwali (AWU)** *hija l-impjieg ekwivalenti ta' ingaġġ full-time, jiġifieri l-ammont totali ta' sigħat maħduma diviż bl-ammont annwali medju ta' sigħat maħduma f'impjiegi full-time fil-pajjiż ikkonċernat.*
**Full-time** *tfisser l-għadd minimu ta' sigħat meħtieġa mir-regoli nazzjonali li jirregolaw il-kuntratti ta' impjieg. Jekk dawn ma jiddikjarawx l-għadd ta' sigħat annwali, allura 1 800 siegħa għandhom jittieħdu bħala ċ-ċifra minima (225 jum tax-xogħol ta' tmien sigħat kuljum).*

| | | |
|---|---|---|
| **CGNR 016** | - | **Sena tat-twelid**<br>Is-sena tat-twelid tal-maniġer tal-azjenda agrikola |
| **CGNR 017** | - | **Sess**<br>Is-sess tal-maniġer tal-azjenda agrikola:<br><br>M — – Maskil<br><br>F— – Femminil |
| **CGNR 018** | - | **Xogħol agrikolu fl-azjenda agrikola (minbarra x-xogħol fl-unità domestika)**<br>Medda perċentwali ta' unitajiet ta' xogħol annwali ([6]) ta' xogħol agrikolu mwettaq mill-maniġer tal-azjenda agrikola. |
| **CGNR 019** | - | **Sena ta' klassifikazzjoni bħala maniġer tal-azjenda agrikola**<br>Is-sena li fiha l-maniġer tal-azjenda agrikola beda l-kariga tiegħu |
| **CGNR 020** | - | **Taħriġ agrikolu tal-maniġer**<br>L-ogħla livell ta' edukazzjoni agrikola milħuq mill-maniġer:<br><br>PRATT — – esperjenza agrikola prattika biss, jekk l-esperjenza tal-maniġer inkisbet permezz ta' xogħol prattiku f'azjenda agrikola;<br><br>BAŻIKU — – taħriġ agrikolu bażiku, jekk il-maniġer attenda xi korsijiet ta' taħriġ mitmuma f'kulleġġ agrikolu ġenerali u/jew f'istituzzjoni li tispeċjalizza f'ċerti suġġetti (inklużi l-ortikultura, il-vitikultura, is-silvikultura, il-pixxikultura, ix-xjenza veterinarja, it-teknoloġija agrikola u suġġetti assoċjati); apprendistat agrikolu mitmum jitqies bħala taħriġ bażiku;<br><br>SĦIĦ — – taħriġ agrikolu sħiħ, jekk il-maniġer attenda xi kors ta' taħriġ kontinwament għall-ekwivalenti ta' taħriġ full-time ta' mill-inqas sentejn wara tmiem l-edukazzjoni obbligatorja, u jkun lestih f'kulleġġ agrikolu, università jew istitut ieħor ta' edukazzjoni għolja fl-agrikoltura, fl-ortikultura, fil-vitikultura, fis-silvikultura, fil-pixxikultura, fix-xjenza veterinarja, fit-teknoloġija agrikola jew f'suġġett assoċjat. |

| | | |
|---|---|---|
| **CGNR 021** | - | **Taħriġ vokazzjonali mwettaq mill-maniġer tul l-aħħar 12-il xahar**<br>Jekk il-maniġer ikun attenda taħriġ vokazzjonali, miżura jew attività ta' taħriġ ipprovduta minn ħarrieġ jew minn istituzzjoni ta' taħriġ li l-għan primarju tagħha huwa l-akkwist ta' ħiliet ġodda relatati mal-attivitajiet tal-biedja jew attivitajiet relatati direttament mal-azjenda agrikola jew l-iżvilupp u t-titjib ta' ħiliet eżistenti. |

**Tip ta' pussess tal-EAU (fir-rigward tal-proprjetarju)**

*It-tip ta' pussess jiddependi mis-sitwazzjoni f'jum ta' referenza tas-sena tal-istħarriġ.*

| | | |
|---|---|---|
| **CGNR 022** | - | **Biedja fuq art proprja**<br>Ettari ta' EAU użati għall-biedja mill-azjenda agrikola u miżmuma mill-proprjetarju bħala proprjetà jew użati għall-biedja mill-proprjetarju li jaġixxi bħala użufruttwarju jew detentur ta' kirja fit-tul li tintiret jew taħt xi tip ta' pussess ekwivalenti ieħor. |
| **CGNR 023** | - | **Biedja fuq art mikrija**<br>Ettari ta' EAU mikrija mill-azjenda agrikola għal kera fissa miftiehma minn qabel (fi flus kontanti, *in natura* jew mod ieħor), u li għaliha jeżisti kuntatt ta' kiri (bil-miktub jew orali). L-EAU hija allokata lil azjenda agrikola waħda biss. Jekk l-EAU tinkera lil aktar minn azjenda agrikola waħda matul is-sena ta' referenza, din normalment tiġi allokata lill-azjenda agrikola li magħha tkun assoċjata fil-jum ta' referenza tal-isħarriġ jew li tkun użatha għall-itwal perjodu matul is-sena ta' referenza. |
| **CGNR 024** | - | **Mezzadrija jew modalitajiet oħra ta' pussess**<br>Ettari ta' EAU li hija:<br>(a) kondiviża, jiġifieri użata għall-biedja bi sħubija bejn sid l-art u min jaħdimha bin-nofs skont kuntratt ta' mezzadrija bil-miktub jew orali. L-output (jew ekonomiku jew fiżiku) taż-żona maħduma bin-nofs jiġi kondiviż bejn iż-żewġ partijiet fuq bażi ta' ftehim;<br>(b) taħt modalitajiet oħra ta' pussess li ma humiex koperti bnadi oħra fil-punti preċedenti. |
| **CGNR 025** | - | **Art komuni**<br>Ettari ta' EAU użati mill-azjenda agrikola iżda li ma tappartjenux għaliha direttament, jiġifieri li fuqha japplikaw drittijiet komuni. |
| **CGNR 026** | - | **Biedja organika**<br>L-azjenda agrikola għandha produzzjoni li taqa' taħt prattiki agrikoli li jikkonformaw ma' ċerti standards u regoli fissi speċifikati (i) fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 [7] jew fir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [8], jew fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti, u (ii) fir-regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali korrispondenti għall-produzzjoni organika. |
| **CGNR 027** | - | **EAU totali tal-azjenda agrikola li fuqha huma applikati u ċċertifikati l-metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika skont regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea**<br>Ettari tal-EAU tal-azjenda agrikola li l-metodu ta' produzzjoni applikat fuqhom jikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fil-livell tal-farm, kif stipulat fi (i) ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew ir-Regolament (UE) 2018/848 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti, u (ii) ir-regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali korrispondenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni organika. |

| | | |
|---|---|---|
| **CGNR 028** | - | **EAU totali tal-azjenda agrikola li tinsab taħt konverżjoni għal metodi ta' produzzjoni organika li jridu jiġu ċertifikati skont regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea**<br>Ettari ta' EAU tal-azjenda agrikola li fuqha jiġu applikati metodi ta' produzzjoni organika matul it-tranżizzjoni mill-produzzjoni mhux organika għal produzzjoni organika f'perjodu stipulat ("perjodu ta' konverżjoni") kif stipulat fi (i) ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew ir-Regolament (UE) 2018/848 jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti, u (ii) ir-regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali korrispondenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni organika. |
| **CGNR 029** | - | **Parteċipazzjoni fi skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali oħra**<br>L-azjenda agrikola tipparteċipa fi skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali nazzjonali jew reġjonali bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 43 il-paragrafu 2 u l-paragrafu 3, il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jew fl-Anness IX tiegħu (skemi ta' ċertifikazzjoni attwali ekwivalenti għall-pagament ta' ekoloġizzazzjoni tal-PAK) jew, fejn applikabbli, l-aktar leġiżlazzjoni riċenti, u l-applikazzjoni għal sussidju ġiet aċċettata. |

([1]) L-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' *data* u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11).

([2]) NUTS: Klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 608).

([6]) Medda perċentwali 2 tal-unità ta' xogħol annwali (AWU): (> 0-< 25), (≥ 25-< 50), (≥ 50-< 75), (≥ 75-< 100), (100).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

## II. VARJABBLI TAL-ART

**L-erja totali tal-azjenda agrikola** *tikkonsisti mill-erja agrikola utilizzata (raba' li inħadem, bwar permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinarji) kif ukoll raba' oħra(art agrikola mhux utilizzata, masġar u art oħra li ma hijiex ikklassifikata fi bnadi oħra).*

*L-***erja** *li trid tingħabar għal kull punt hija magħrufa bħala l-***erja prinċipali** *u tirreferi għall-erja fiżika tar-roqgħa art/tal-irqajja' art, irrispettivament minn jekk kienx hemm għalla waħda jew diversi għelejjel matul is-sena taż-żrigħ. Fil-każ ta' għelejjel annwali, l-erja prinċipali tikkorrispondi għall-erja miżrugħa; fil-każ ta' għelejjel permanenti, l-erja prinċipali hija l-erja mħawla totali; fil-każ ta' għelejjel suċċessivi, l-***erja prinċipali** *tikkorrispondi għall-erja okkupata mill-għalla prinċipali fir-roqgħa art matul is-sena; fil-każ ta' għelejjel simultanji, din tikkorrispondi għall-erja fejn l-għelejjel jikbru flimkien. B'dan il-mod, kull erja tiġi elenkata darba biss.*

*L-***għalla prinċipali** *hija dik li għandha l-ogħla valur ekonomiku. Meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata liema tkun l-għalla prinċipali abbażi tal-valur tal-produzzjoni, allura l-għalla prinċipali tkun dik li tokkupa l-art għall-itwal perjodu ta' żmien mill-għelejjel kollha maħsuda matul is-sena ta' referenza.*

*L-***erja agrikola utilizzata** *(EAU) hija l-erja totali meħuda minn raba' li jinħadem, bwar permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinarji li jintużaw mill-azjenda agrikola, irrispettivament mit-tip ta' pussess.*

**It-tinwib** *hija l-prattika fejn jiġu alternati l-għelejjel imkabbra f'għalqa speċifika, b'mod ippjanat jew f'sekwenza fi snin taż-żrigħ suċċessivi, sabiex l-għelejjel tal-istess speċi ma jitkabbrux fl-istess għalqa mingħajr interruzzjoni. Fi tinwib, l-għelejjel normalment jinbidlu kull sena, iżda huwa possibbli li jkun hemm newba b'għelejjel pluriennali.*

**Għalqa fil-miftuħ** *u* **erjas taħt il-ħġieġ jew kopertura għolja aċċessibbli** *jridu jiġu rrapportati separatament.*
*Għall-varjabbli tal-art, l-użu tal-art għandu jirreferi għas-sena ta' referenza.*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **CLND 001** | - | **EAU**<br>Ettari ta' EAU. | | | |
| **CLND 002** | - | - | **Raba' li jinħadem**<br>Ettari ta' art maħduma (maħruta jew magħżuqa) regolarment, ġeneralment bħala parti minn sistema ta' newba tal-għelejjel. | | |
| **CLND 003** | - | - | - | **Ċereali għall-produzzjoni tal-ħbub (inkluża ż-żerriegħa)**<br>Ettari taċ-ċereali kollha maħsuda niexfa għall-ħbub, irrispettivament mill-użu. | |
| **CLND 004** | - | - | - | - | **Qamħ komuni u farru**<br>Ettari ta' *Triticum aestivum* L. emend. Fiori et Paol., *Triticum spelta* L. u *Triticum monococcum* L. |
| **CLND 005** | - | - | - | - | **Qamħ durum**<br>Ettari ta' *Triticum durum* Desf. |
| **CLND 006** | - | - | - | - | **Segala u taħlitiet taċ-ċereali tax-xitwa (maslin)**<br>Ettari ta' segala (*Secale cereale* L.) miżrugħa fi kwalunke ħin, taħlitiet ta' segala u ta' ċereali oħra, u taħlitiet ta' ċereali oħra miżrugħa qabel jew matul ix-xitwa (maslin). |
| **CLND 007** | - | - | - | - | **Xgħir**<br>Ettari ta' xgħir (*Hordeum vulgare* L.). |
| **CLND 008** | - | - | - | - | **Ħafur u taħlitiet ta' ċereali tar-rebbiegħa (ħbub mħallta minbarra l-maslin)**<br>Ettari ta' ħafur (*Avena sativa* L.) u ċereali oħra miżrugħa fir-rebbiegħa u mkabbra bħala taħlitiet u maħsuda bħala ħbub nexfin, inkluża ż-żerriegħa. |
| **CLND 009** | - | - | - | - | **Żerriegħa tal-qamħirrum u taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum**<br>Ettari ta' qamħirrum (*Zea mays* L.) maħsud għall-ħbub, bħala żerriegħa jew bħala taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum. |
| **CLND 010** | - | - | - | - | **Tritikal**<br>Ettari ta' tritikal (*x Triticosecale* Wittmack). |
| **CLND 011** | - | - | - | - | **Sorgu**<br>Ettari ta' sorgu (*Sorghum bicolor* (L.) Conrad Moench jew Sorghum x sudanense (Piper) Stapf.) |
| **CLND 012** | - | - | - | - | **Ċereali oħra li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra (qamħ saraċin, millieġ, skalora, eċċ.)**<br>Ettari ta' ċereali, maħsuda niexfa għall-ħbub, u li ma humiex irreġistrati banda oħra taħt il-punti preċedenti, bħall-millieġ (*Panicum miliaceum* L.), il-qamħ saraċin (*Fagopyrum esculentum Mill.*), l-iskalora (*Phalaris canariensis* L.) u ċereali oħra li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **CLND 013** | - | - | - | - | | **Ross**<br>Ettari ta' ross (*Oryza sativa* L.). |
| **CLND 014** | - | - | - | | | **Ħemes niexef u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħbub (inklużi ż-żerriegħa u t-taħlitiet taċ-ċereali u tal-ħemes)**<br>Ettari ta' ħemes niexef u għelejjel li fihom il-proteini maħsuda niexfa għall-ħbub, irrispettivament mill-użu. |
| **CLND 015** | - | - | - | - | | **Piżelli tal-għalqa, fażola u lupin ħelu**<br>Ettari tal-varjetajiet kollha ta' piżelli tal-għalqa (P*isum sativum* L. convar. *sativum* jew *Pisum sativum* L. convar. *arvense* L. jew convar. *speciosum*) maħsuda niexfa, kif ukoll l-ettari tal-varjetajiet kollha ta' ful (*Vicia faba* L. (partim)) maħsuda niexfa, kif ukoll l-ettari tal-lupin ħelu kollu (*Lupinus* sp.) maħsud niexef għall-ħbub, inkluża ż-żerriegħa, irrispettivament mill-użu tagħhom. |
| **CLND 016** | - | - | - | | | **Għelejjel tal-għeruq**<br>Ettari ta' għelejjel ikkultivati għall-għeruq, it-tuberu jew iz-zokk modifikat tagħhom. Dan jeskludi l-ħxejjex bl-għeruq, bit-tuberi u bil-basal, bħal karrotti, pitravi jew kolza, fost oħrajn. |
| **CLND 017** | - | - | - | - | | **Patata (inkluża l-patata taż-żrigħ)**<br>Ettari ta' patata (*Solanum tuberosum* L.). |
| **CLND 018** | - | - | - | - | | **Pitrava taz-zokkor (minbarra ż-żerriegħa)**<br>Ettari ta' pitrava taz-zokkor (Beta vulgaris L.) intenzjonata għall-industrija taz-zokkor u għall-produzzjoni tal-alkoħol. |
| **CLND 019** | - | - | - | - | | **Ħxejjex oħra kkultivati għall-għeruq li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta' pitravi tal-għalf (*Beta vulgaris* L.) u ta' pjanti tal-familja *Brassicae* maħsuda prinċipalment għall-għalf tal-annimali, irrispettivament minn jekk huwiex l-għerq jew iz-zokk; u pjanti oħra kkultivati prinċipalment għall-għeruq tagħhom għall-għalf, li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra. |
| **CLND 020** | - | - | - | | | **Għelejjel industrijali**<br>Ettari ta' għelejjel industrijali, li normalment ma jinbigħux direttament għall-konsum minħabba li jeħtieġ li jiġu pproċessati b'metodi industrijali qabel l-użu finali. |
| **CLND 021** | - | - | - | - | | **Żrieragħ taż-żejt**<br>Ettari ta' rapa (*Brassica napus* L.) u rapa tan-nevew (*Brassica rapa* L. var. *oleifera* (Lam.)), żerriegħa tal-ġirasol (*Helianthus annus* L.), sojja (*Glycine max* (L.) Merril), żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum* L.), mustarda (*Sinapis alba* L.), peprin komuni (*Papaver somniferum* L.), carthame (*Carthamus tinctorius* L.), ġunġlien (*Sesamum indicum* L.), lewż (*Cyperus esculentus* L.), karawett (*Arachis hypogea* L.), qargħa ħamra għaż-żejt (*Cucurbita pepo* var. *styriaca*) u qanneb (*Cannabis sativa* L.) imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala ħbub nexfin, minbarra ż-żerriegħa tal-qoton (*Gossypium* spp.). |
| **CLND 022** | - | - | - | - | - | **Rapa u żrieragħ tar-rapa tan-nevew**<br>Ettari ta' rapa (*Brassica napus* L.) u rapa tan-nevew (*Brassica rapa* L. var. *oleifera* (Lam.)) imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala ħbub nexfin, u għall-użu tal-proteini. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **CLND 023** | - | - | - | - | - | **Żerriegħa tal-ġirasol**<br>Ettari ta’ ġirasol (*Helianthus annuus* L.), maħsuda bħala ħbub nexfin. |
| **CLND 024** | - | - | - | - | - | **Sojja**<br>Ettari ta’ sojja (*Glycine max* L. Merril), maħsuda bħala ħbub nexfin, kemm għaż-żejt kif ukoll għall-użu tal-proteini. |
| **CLND 025** | - | - | - | - | - | **Żerriegħa tal-kittien (oilflax)**<br>Ettari ta’ varjetajiet taż-żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum* L.), prinċipalment imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt u maħsuda bħala ħbub nexfin. |
| **CLND 026** | - | - | - | - | - | **Għelejjel oħra taż-żrieragħ taż-żejt li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta’ għelejjel oħra mkabbra prinċipalment għall-kontenut ta’ żejt tagħhom, maħsuda bħala ħbub nexfin, li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra (minbarra ż-żerriegħa tal-qoton). |
| **CLND 027** | - | - | - | - | **Għelejjel tal-fibra**<br>Ettari ta’ fibra tal-kittien (*Linum usitatissimum* L), qanneb (*Cannabis sativa L.*), qoton (*Gossypium* spp.), ġuta (*Corchorus capsularis* L.), abaca *alias* manila (*Musa textilis* Née), kenaf (*Hibiscus cannabinus* L.) u sisal (*Agave sisalana* Perrine). | |
| **CLND 028** | - | - | - | - | - | **Fibra tal-kittien**<br>Ettari ta’ varjetajiet tal-fibra tal-kittien (*Linum usitatissimum* L.), imkabbra prinċipalment għall-produzzjoni tal-fibra. |
| **CLND 029** | - | - | - | - | - | **Qanneb**<br>Ettari ta’ qanneb (*Cannabis sativa* L.), imkabbar għat-tiben. |
| **CLND 030** | - | - | - | - | - | **Qoton**<br>Ettari ta’ qoton (*Gossypium* spp.), imkabbar għall-użu tal-fibra u/jew taż-żerriegħa taż-żejt. |
| **CLND 031** | - | - | - | - | - | **Għelejjel tal-fibra oħra li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta’ pjanti oħra mkabbra prinċipalment għall-kontenut ta’ fibra tagħhom, li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra, bħal ġuta (*Corchorus capsularis* L.), abaca *alias* manila (*Musa textilis* Née), sisal (*Agave sisalana* Perrine), u kenaf (*Hibiscus cannabinus* L.). |
| **CLND 032** | - | - | - | - | **Tabakk**<br>Ettari ta’ tabakk (*Nicotiana tabacum* L.) imkabbar għall-weraq. | |
| **CLND 033** | - | - | - | - | **Ħops**<br>Ettari ta’ ħops (*Humulus lupulus* L.) imkabbar għall-koni. | |
| **CLND 034** | - | - | - | - | **Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji**<br>Ettari ta’ pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji, ikkultivati għal finijiet farmaċewtiċi, għall-manifattura tal-fwieħa jew għall-konsum mill-bniedem. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **CLND 035** | - | - | - | - | **Għelejjel għall-enerġija li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta' għelejjel għall-enerġija li jintużaw esklussivament għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra, u li jiġu kkultivati fuq raba' li jinħadem. |
| **CLND 036** | - | - | - | - | **Għelejjel industrijali oħra li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta' għelejjel industrijali oħra li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra. |
| **CLND 037** | - | - | - | **Pjanti maħsuda fi stadju bikri mir-raba' li jinħadem**<br>Ettari tal-għelejjel kollha mir-raba' li jinħadem maħsuda fi stadju bikri u li huma intenzjonati prinċipalment għall-għalf tal-annimali, għall-foraġġ jew għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, jiġifieri ċereali, ħxejjex, pjanti tal-legumi jew industrijali, u għelejjel oħra f'raba' li jinħadem maħsuda u/jew użati fi stadju bikri. | |
| **CLND 038** | - | - | - | - | **Ħaxix u mergħat temporanji**<br>Ettari ta' pjanti tal-ħaxix għar-ragħa, ħuxlief jew silaġġ inklużi bħala parti mit-tinwib normali, li jdumu mill-inqas sena ta' żrigħ u normalment inqas minn 5 snin, miżrugħa mal-ħaxix jew ma' taħlitiet tal-ħaxix. |
| **CLND 039** | - | - | - | - | **Pjanti tal-legumi maħsuda fi stadju bikri**<br>Ettari ta' pjanti tal-legumi mkabbra u maħsuda fi stadju bikri bħala l-pjanta sħiħa, prinċipalment għall-għalf jew għall-enerġija.<br>Huma inklużi taħlitiet ta' għelejjel u pjanti tal-ħaxix prinċipalment leguminużi (normalment > 80 %) maħsuda fi stadju bikri jew bħala ħuxlief imnixxef. |
| **CLND 040** | - | - | - | - | **Qamħirrum aħdar**<br>Ettari tal-forom kollha ta' qamħirrum (*Zea mays* L.) imkabbar prinċipalment għas-silaġġ (ċifċiegħa sħiħa, partijiet mill-pjanta jew il-pjanta kollha) u mhux maħsuda għall-ħbub. |
| **CLND 041** | - | - | - | - | **Ċereali oħra maħsuda fi stadju bikri (minbarra l-qamħirrum aħdar)**<br>Ettari taċ-ċereali kollha (minbarra l-qamħirrum) imkabbra u maħsuda fi stadju bikri bħala l-pjanta sħiħa biex jintużaw għall-għalf jew għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (produzzjoni ta' bijomassa). |
| **CLND 042** | - | - | - | - | **Pjanti oħra maħsuda fi stadju bikri mir-raba' li jinħadem li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta' għelejjel annwali jew pluriennali (inqas minn 5 snin) oħra prinċipalment intenzjonati għall-għalf tal-annimali u maħsuda fi stadju bikri. Inkluż x'jifdal minn għelejjel li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra meta l-ħsad prinċipali jkun inqered, iżda r-residwi jkunu għadhom jistgħu jintużaw (bħala għalf jew enerġija rinnovabbli). |
| **CLND 043** | - | - | - | **Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli**<br>Ettari tat-tipi kollha ta' brassika, ħxejjex bil-weraq u biz-zkuk, ħxejjex ikkultivati għall-frott, ħxejjex bl-għeruq, bit-tuberi u bil-basla, ħemes frisk, ħxejjex oħra maħsuda friski (mhux niexfa), u frawli mkabbra f'raba' li jinħadem barra, b'newba ma' għelejjel agrikoli jew ortikulturali oħra. | |
| **CLND 044** | - | - | - | - | **Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli mkabbra b'newba ma' għelejjel ortikulturali (tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ)**<br>Ettari ta' ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra f'raba' li jinħadem b'newba ma' għelejjel ortikulturali oħra. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **CLND 045** | - | - | - | - | **Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli mkabbra b'newba ma' għelejjel mhux ortikulturali (għalqa fil-miftuħ)**<br>Ettari ta' ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra f'raba' li jinħadem b'newba ma' għelejjel agrikoli oħra. |
| **CLND 046** | - | - | - | **Fjuri u pjanti ornamentali (minbarra l-mixtliet)**<br>Ettari tal-fjuri u l-pjanti ornamentali kollha intenzjonati għall-bejgħ bħala fjuri maqtugħa (eż. ward, qronfol, orkidej, gladjoli, kristantem, foraġġ maqtugħa u prodotti maqtugħin oħra), bħala fjuri u pjanti fi qsari, għat-tħawwil u għall-gallariji (eż. rododendron, ażalea, krisantem, bigonja, ġeranju, balzmina, u pjanti oħra fi qsari, għat-tħawwil u għall-gallariji) u bħala fjuri bil-basla u bil-basla tuberuża u pjanti ornamentali oħra (tulipani, ġjaċinti, orkidej, narċis u oħrajn). | |
| **CLND 047** | - | - | - | **Żrieragħ u nebbieta**<br>Ettari ta' żrieragħ ta' għeruq (minbarra patata u pjanti oħra fejn l-għeruq jintużaw ukoll bħala żrieragħ), għelejjel għall-għalf, ħaxix, għelejjel industrijali (minbarra żrieragħ taż-żejt) u żrieragħ u nebbieta ta' ħxejjex u fjuri. | |
| **CLND 048** | - | - | - | **Għelejjel oħra f'raba' li jinħadem li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra**<br>Ettari ta' għelejjel f'raba' li jinħadem li ma humiex ikklassifikati fi bnadi oħra. | |
| **CLND 049** | - | - | - | **Raba' mistrieħ**<br>Ettari tar-raba' kollu li jinħadem jew inkluż fis-sistema tan-newba tal-għelejjel jew inkella miżmum f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT ([1])), kemm jekk maħdum jew le, iżda li ma huwiex se jinħasad għad-durata ta' sena taż-żrigħ. Il-karatteristika essenzjali ta' raba' mistrieħ hija li jitħalla jirkupra, normalment għal sena taż-żrigħ sħiħa. Raba' mistrieħ jista' jkun:<br>(i) raba' vojt li ma jkollu ebda għalla fih; jew<br>(ii) raba' bi tkabbir naturali spontanju, li jista' jintuża għall-għalf jew jinħarat; jew<br>(iii) raba' miżrugħ esklussivament għall-produzzjoni ta' demel aħdar (raba' mistrieħ aħdar). | |
| **CLND 050** | - | - | **Bur permanenti**<br>Ettari ta' art li tintuża b'mod permanenti (għal diversi snin konsekuttivi, normalment 5 snin jew aktar) biex jitkabbru għalf erbaċew, foraġġ jew għelejjel għall-finijiet ta' enerġija, permezz tal-kultivazzjoni (miżrugħa) jew b'mod naturali (jitilgħu waħidhom), u li ma hijiex inkluża fit-tinwib fl-azjenda agrikola.<br>Il-bur jista' jintuża għar-ragħa, jinħasad għas-silaġġ u għall-ħuxlief, jew jintuża għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli. | | |
| **CLND 051** | - | - | - | **Bwar u mergħat, minbarra bwar mhux ikkultivati**<br>Ettari ta' mergħat permanenti fuq ħamrija ta' kwalità tajba jew medja, li normalment jistgħu jintużaw għar-ragħa intensiv. | |
| **CLND 052** | - | - | - | **Bwar mhux ikkultivati**<br>Ettari ta' bwar permanenti li jrendu ftit, normalment fuq ħamrija ta' kwalità baxxa, pereżempju fuq għoljiet jew f'altitudnijiet għolja, normalment mhux megħjuna minn fertilizzanti, kultivazzjoni, żrigħ mill-ġdid jew drenaġġ. Dawk l-erjas normalment jistgħu jintużaw biss għar-ragħa estensiv u normalment ma jinħasdux, jew inkella jinħasdu b'mod estensiv billi ma jistgħux jappoġġaw densità kbira ta' annimali. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **CLND 053** | - | - | - | **Bur permanenti li ma għadux jintuża għal finijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji**<br>Ettari ta' bwar permanenti u mergħat li ma għadhomx jintużaw għall-finijiet ta' produzzjoni u li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jew, fejn applikabbli, mal-aktar leġiżlazzjoni reċenti, huma miżmuma fi stat li jagħmilhom xierqa għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni preparatorja li tmur lil hinn mill-metodi agrikoli u l-makkinarju tas-soltu, u li huma eliġibbli għal appoġġ finanzjarju. | |
| **CLND 054** | - | - | **Għelejjel permanenti (inkluż pjantaġġuni żgħar u abbandunati temporanjament, minbarra żoni li jipproduċu għall-konsum proprju biss)**<br>Ettari tas-siġar tal-frott kollu, is-siġar tal-frott taċ-ċitru kollu, is-siġar tal-lewż kollu, il-pjantaġġuni tal-frott artab kollha, il-vinji kollha, is-siġar taż-żebbuġ kollha u l-għelejjel permanenti l-oħra kollha li jintużaw għall-konsum mill-bniedem (eż. te, kafè jew ħarrub) u għal finijiet oħra (eż. mixtliet, siġar tal-Milied jew pjanti għall-immaljar u l-insiġ bħar-rattan jew il-bambù). | | |
| **MORC 013** | - | - | **Lanġas fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta' lanġas fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 014** | - | - | **Lanġas fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta' lanġas fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| | **Suġġett dettaljat: lanġas: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| **MORC 015** | - | - | **Lanġas fil-klassi tad-densità < 400 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' lanġas fil-klassi tad-densità < 400 siġra/ettaru |
| **MORC 016** | - | - | **Lanġas fil-klassi tad-densità 400 sa 1 599 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' lanġas fil-klassi tad-densità 400 sa 1 599 siġra/ettaru |
| **MORC 017** | - | - | **Lanġas fil-klassi tad-densità 1 600 sa 3 199 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' lanġas fil-klassi tad-densità 1 600 sa 3 199 siġra/ettaru |
| **MORC 018** | - | - | **Lanġas fil-klassi tad-densità >= 3 200 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' lanġas fil-klassi tad-densità >= 3 200 siġra/ettaru |

**Suġġett: frott tal-għadma**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: ħawħ: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 019** | - | **Ħawħ**<br>Ettari ta' ħawħ | |
| **MORC 020** | - | - | **Ħawħ fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' ħawħ fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 021** | - | - | **Ħawħ fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta' ħawħ fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 022** | - | - | **Ħawħ fil-klassi tal-età >= 15-il sena**<br>Ettari ta' ħawħ fil-klassi tal-età >= 15-il sena |
| | **Suġġett dettaljat: ħawħ: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| **MORC 023** | - | - | **Ħawħ fil-klassi tad-densità < 600 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' ħawħ fil-klassi tad-densità < 600 siġra/ettaru |
| **MORC 024** | - | - | **Ħawħ fil-klassi tad-densità 600 sa 1 199 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' ħawħ fil-klassi tad-densità 600 sa 1 199 siġra/ettaru |
| **MORC 025** | - | - | **Ħawħ fil-klassi tad-densità >= 1 200 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' ħawħ fil-klassi tad-densità >= 1 200 siġra/ettaru |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: nuċiprisk: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 026** | - | **Nuċiprisk**<br>Ettari ta' nuċiprisk | |
| **MORC 027** | - | - | **Nuċiprisk fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' nuċiprisk fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 028** | - | - | **Nuċiprisk fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta' nuċiprisk fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 029** | - | - | **Nuċiprisk fil-klassi tal-età >= 15-il sena**<br>Ettari ta' nuċiprisk fil-klassi tal-età >= 15-il sena |
| | **Suġġett dettaljat: nuċiprisk: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| **MORC 030** | - | - | **Nuċiprisk fil-klassi tad-densità < 600 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' nuċiprisk fil-klassi tad-densità < 600 siġra/ettaru |
| **MORC 031** | - | - | **Nuċiprisk fil-klassi tad-densità 600 sa 1 199 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' nuċiprisk fil-klassi tad-densità 600 sa 1 199 siġra/ettaru |
| **MORC 032** | - | - | **Nuċiprisk fil-klassi tad-densità >= 1 200 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' nuċiprisk fil-klassi tad-densità >= 1 200 siġra/ettaru |
| | **Suġġett dettaljat: berquq: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 033** | - | **Berquq**<br>Ettari ta' berquq | |
| **MORC 034** | - | - | **Berquq fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' berquq fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 035** | - | - | **Berquq fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta' berquq fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 036** | - | - | **Berquq fil-klassi tal-età >= 15-il sena**<br>Ettari ta' berquq fil-klassi tal-età >= 15-il sena |
| | **Suġġett dettaljat: berquq: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| **MORC 037** | - | - | **Berquq fil-klassi tad-densità < 600 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' berquq fil-klassi tad-densità < 600 siġra/ettaru |
| **MORC 038** | - | - | **Berquq fil-klassi tad-densità 600 sa 1 199 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' berquq fil-klassi tad-densità 600 sa 1 199 siġra/ettaru |
| **MORC 039** | - | - | **Berquq fil-klassi tad-densità >= 1 200 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' berquq fil-klassi tad-densità >= 1 200 siġra/ettaru |
| **Suġġett: frott taċ-ċitru** | | | |
| | **Suġġett dettaljat: larinġ: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 040** | - | **Larinġ ta' Baħija**<br>Ettari ta' larinġ ta' Baħija | |
| **MORC 041** | - | - | **Larinġ ta' Baħija fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' larinġ ta' Baħija fil-klassi tal-età < 5 snin |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **MORC 042** | - | - | **Lariġ ta’ Baħija fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta’ lariġ ta’ Baħija fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 043** | - | - | **Lariġ ta’ Baħija fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta’ lariġ ta’ Baħija fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 044** | - | - | **Lariġ ta’ Baħija fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta’ lariġ ta’ Baħija fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| **MORC 045** | - | **Lariġ abjad**<br>Ettari ta’ lariġ abjad | |
| **MORC 046** | - | - | **Lariġ abjad fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta’ lariġ abjad fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 047** | - | - | **Lariġ abjad fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta’ lariġ abjad fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 048** | - | - | **Lariġ abjad fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta’ lariġ abjad fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 049** | - | - | **Lariġ abjad fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta’ lariġ abjad fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| **MORC 050** | - | **Lariġ tad-demm**<br>Ettari ta’ lariġ tad-demm | |
| **MORC 051** | - | - | **Lariġ tad-demm fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta’ lariġ tad-demm fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 052** | - | - | **Lariġ tad-demm fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta’ lariġ tad-demm fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 053** | - | - | **Lariġ tad-demm fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta’ lariġ tad-demm fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 054** | - | - | **Lariġ tad-demm fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta’ lariġ tad-demm fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| **MORC 055** | - | **Lariġ ieħor li ma huwiex ikklassifikat fi bnadi oħra**<br>Ettari ta’ lariġ ieħor li ma huwiex ikklassifikat fi bnadi oħra | |
| **MORC 056** | - | - | **Lariġ ieħor fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta’ lariġ ieħor fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 057** | - | - | **Lariġ ieħor fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta’ lariġ ieħor fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 058** | - | - | **Lariġ ieħor fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta’ lariġ ieħor fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 059** | - | - | **Lariġ ieħor fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta’ lariġ ieħor fil-klassi tal-età >= 25 sena |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: larinġ: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| | | *Larinġ ta' Baħija* | |
| **MORC 060** | - | - | **Larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 061** | - | - | **Larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 062** | - | - | **Larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 063** | - | - | **Larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ta' Baħija fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | | *Larinġ abjad* | |
| **MORC 064** | - | - | **Larinġ abjad fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ abjad fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 065** | - | - | **Larinġ abjad fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ abjad fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 066** | - | - | **Larinġ abjad fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ abjad fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 067** | - | - | **Larinġ abjad fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ abjad fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | | *Larinġ tad-demm* | |
| **MORC 068** | - | - | **Larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 069** | - | - | **Larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 070** | - | - | **Larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 071** | - | - | **Larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ tad-demm fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | | *Larinġ ieħor li ma huwiex ikklassifikat fi bnadi oħra* | |
| **MORC 072** | - | - | **Larinġ ieħor fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ieħor fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 073** | - | - | **Larinġ ieħor fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ieħor fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 074** | - | - | **Larinġ ieħor fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ieħor fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **MORC 075** | - | - | **Larinġ ieħor fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' larinġ ieħor fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | **Suġġett dettaljat: frott taċ-ċitru żgħir: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 076** | - | **Satsumi**<br>Ettari ta' satsumi | |
| **MORC 077** | - | - | **Satsumi fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 078** | - | - | **Satsumi fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 079** | - | - | **Satsumi fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 080** | - | - | **Satsumi fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| **MORC 081** | - | **Klementin**<br>Ettari ta' klementin | |
| **MORC 082** | - | - | **Klementin fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 083** | - | - | **Klementin fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 084** | - | - | **Klementin fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 085** | - | - | **Klementin fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| **MORC 086** | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi l-ibridi) li ma huwiex ikklassifikat fi bnadi oħra**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi l-ibridi) li ma huwiex ikklassifikat fi bnadi oħra | |
| **MORC 087** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 088** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 089** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 090** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tal-età >= 25 sena |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: frott taċ-ċitru żgħir: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| | | *Satsumi* | |
| **MORC 091** | - | - | **Satsumi fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 092** | - | - | **Satsumi fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 093** | - | - | **Satsumi fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 094** | - | - | **Satsumi fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' satsumi fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | | *Klementin* | |
| **MORC 095** | - | - | **Klementin fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 096** | - | - | **Klementin fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 097** | - | - | **Klementin fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 098** | - | - | **Klementin fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' klementin fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | | *Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi l-ibridi) li ma huwiex ikklassifikat fi bnadi oħra* | |
| **MORC 099** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 100** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 101** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 102** | - | - | **Frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' frott taċ-ċitru żgħir ieħor (inklużi ibridi) fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |
| | **Suġġett dettaljat: lumi: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 103** | - | **Lumi**<br>Ettari ta' lumi isfar (Citrus aurantifolia, C. latifolia Yu. Tanaka) u xkomp aċiduż (Citrus limon (L.) Burm.f., C. jambhiri Lush., C. meyeri Yu. Tanaka, C. pseudolimon Tanaka) | |
| **MORC 104** | - | - | **Lumi fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta' lumi fil-klassi tal-età < 5 snin |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **MORC 105** | - | - | **Lumi fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tal-età 5 snin sa 14-il sena |
| **MORC 106** | - | - | **Lumi fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tal-età 15-il sena sa 24 sena |
| **MORC 107** | - | - | **Lumi fil-klassi tal-età >= 25 sena**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tal-età >= 25 sena |
| | **Suġġett dettaljat: lumi: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| **MORC 108** | - | - | **Lumi fil-klassi tad-densità < 250 siġra/ettaru**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tad-densità ta’ < 250 siġra/ettaru |
| **MORC 109** | - | - | **Lumi fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tad-densità 250 sa 499 siġra/ettaru |
| **MORC 110** | - | - | **Lumi fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tad-densità 500 sa 749 siġra/ettaru |
| **MORC 111** | - | - | **Lumi fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru**<br>Ettari ta’ lumi fil-klassi tad-densità >= 750 siġra/ettaru |

**Suġġett: żebbuġ**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: żebbuġ: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 112** | - | **Żebbuġ għall-ikel**<br>Ettari ta’ żebbuġ għall-ikel | |
| **MORC 113** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta’ żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 114** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età 5 snin sa 11-il sena**<br>Ettari ta’ żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età 5 snin sa 11-il sena |
| **MORC 115** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età 12-il sena sa 49 sena**<br>Ettari ta’ żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età 12-il sena sa 49 sena |
| **MORC 116** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età >= 50 sena**<br>Ettari ta’ żebbuġ għall-ikel fil-klassi tal-età >= 50 sena |
| **MORC 117** | - | **Żebbuġ għaż-żejt**<br>Ettari ta’ żebbuġ għaż-żejt | |
| **MORC 118** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età < 5 snin**<br>Ettari ta’ żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età < 5 snin |
| **MORC 119** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età 5 snin sa 11-il sena**<br>Ettari ta’ żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età 5 snin sa 11-il sena |
| **MORC 120** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età 12-il sena sa 49 sena**<br>Ettari ta’ żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età 12-il sena sa 49 sena |
| **MORC 121** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età >= 50 sena**<br>Ettari ta’ żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tal-età >= 50 sena |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: żebbuġ: erja skont id-densità tas-siġar** | | |
| | | *Żebbuġ għall-ikel* | |
| **MORC 122** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tad-densità < 140 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għall-ikel fil-klassi tad-densità < 140 siġra/ettaru |
| **MORC 123** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tad-densità 140 sa 399 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għall-ikel fil-klassi tad-densità 140 sa 399 siġra/ettaru |
| **MORC 124** | - | - | **Żebbuġ għall-ikel fil-klassi tad-densità >= 400 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għall-ikel fil-klassi tad-densità >= 400 siġra/ettaru |
| | | *Żebbuġ għaż-żejt* | |
| **MORC 125** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità < 140 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità < 140 siġra/ettaru |
| **MORC 126** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità 140 sa 399 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità 140 sa 399 siġra/ettaru |
| **MORC 127** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità 400 sa 699 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità 400 sa 699 siġra/ettaru |
| **MORC 128** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità 700 sa 1 499 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità 700 sa 1 499 siġra/ettaru |
| **MORC 129** | - | - | **Żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità >= 1 500 siġra/ettaru**<br>Ettari ta' żebbuġ għaż-żejt fil-klassi tad-densità >= 1 500 siġra/ettaru |

**Suġġett: għeneb għall-ikel u ż-żbib**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **Suġġett dettaljat: għeneb għall-ikel: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 130** | - | **Għeneb għall-ikel**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel | |
| **MORC 131** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età < 3 snin**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età < 3 snin |
| **MORC 132** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età 3 snin sa 9 snin**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età 3 snin sa 9 snin |
| **MORC 133** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età 10 snin sa 19-il sena**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età 10 snin sa 19-il sena |
| **MORC 134** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età 20 sena sa 49 sena**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età 20 sena sa 49 sena |
| **MORC 135** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età >= 50 sena**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tal-età >= 50 sena |
| | **Suġġett dettaljat: għeneb għall-ikel: erja skont id-densità tal-vinji** | | |
| **MORC 136** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tad-densità < 1 000 pjanta/ettaru**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tad-densità < 1 000 pjanta/ettaru |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **MORC 137** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tad-densità 1 000 sa 1 499 pjanta/ettaru**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tad-densità 1 000 sa 1 499 pjanta/ettaru |
| **MORC 138** | - | - | **Għeneb għall-ikel fil-klassi tad-densità >= 1 500 pjanta/ettaru**<br>Ettari ta' għeneb għall-ikel fil-klassi tad-densità >= 1 500 pjanta/ettaru |
| | **Suġġett dettaljat: għeneb għaż-żbib: erja skont l-età tal-pjantaġġuni** | | |
| **MORC 139** | - | **Għeneb għaż-żbib**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib | |
| **MORC 140** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età ta'< 3 snin**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età ta'< 3 snin |
| **MORC 141** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età 3 snin sa 9 snin**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età 3 snin sa 9 snin |
| **MORC 142** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età 10 snin sa 19-il sena**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età 10 snin sa 19-il sena |
| **MORC 143** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età 20 sena sa 49 sena**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età 20 sena u 49 sena |
| **MORC 144** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età >= 50 sena**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tal-età >= 50 sena |
| | **Suġġett dettaljat: għeneb għaż-żbib: erja skont id-densità tal-vinji** | | |
| **MORC 145** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tad-densità < 1 000 pjanta/ettaru**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tad-densità < 1 000 pjanta/ettaru |
| **MORC 146** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tad-densità 1 000 sa 1 499 pjanta/ettaru**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tad-densità 1 000 u 1 499 pjanta/ettaru |
| **MORC 147** | - | - | **Għeneb għaż-żbib fil-klassi tad-densità >= 1 500 pjanta/ettaru**<br>Ettari ta' għeneb għaż-żbib fil-klassi tad-densità >= 1 500 pjanta/ettaru |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2287

**tas-17 ta' Diċembru 2021**

**li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 u l-Artikolu 24(1) tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

### 1.1. Bidu

(1) Fl-4 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet proċediment antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' fojl konvertitur tal-aluminju (aluminium converter foil,„ACF") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina", "ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1037 ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ("in-Notifika ta' Bidu") ([2]).

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2020 minn sitt produtturi tal-Unjoni ("l-ilmentaturi"), li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' fojl konvertitur tal-aluminju. L-ilment kien fih evidenza ta' sussidjar u ta' dannu konsegwenti li kien biżżejjed sabiex jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(3) Qabel il-bidu tal-investigazzjoni antisussidji, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern taċ-Ċina ("il-GTĊ") ([3]) li hija kienet irċeviet ilment iddokumentat kif suppost, u stiednet lill-GTĊ għal konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku. Il-konsultazzjonijiet saru fit-30 ta' Novembru 2020. Madankollu, ma setgħet tinstab ebda soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku.

(4) Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni anti-dumping separata tal-istess prodott li joriġina mir-RPĊ ("l-investigazzjoni anti-dumping separata") ([4]). L-analiżijiet tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni mwettqa f'din l-investigazzjoni antisussidji u fl-investigazzjoni anti-dumping separata huma identiċi *mutatis mutandis*, peress li d-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u l-perjodu ta' investigazzjoni huma l-istess fiż-żewġ investigazzjonijiet.

#### 1.1.1. *Kummenti dwar il-bidu*

(5) Il-GTĊ iddikjara, qabel u wara l-bidu, li l-investigazzjoni jenħtieġ li ma tinbediex minħabba li l-ilment ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti evidenzjarji tal-Artikoli 11(2) u 11(3) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens ("il-Ftehim SCM") u tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament bażiku. Skont il-GTĊ, ma kienx hemm provi biżżejjed ta' sussidji kumpensabbli, ta' dannu u ta' rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu. Fis-sottomissjoni tiegħu wara l-bidu, il-GTĊ tenna li l-ilment, fir-rigward ta' għadd ta' skemi ta' sussidju ddikjarati,

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([2]) ĠU C 419, 4.12.2020, p. 32.
([3]) F'dan ir-Regolament, it-terminu "GTĊ" jintuża f'sens wiesa', inklużi l-Kunsill tal-Istat, kif ukoll il-Ministeri, id-Dipartimenti, l-Aġenziji u l-Amministrazzjonijiet kollha fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.
([4]) ĠU C 352 I, 22.10.2020, p. 1.

ma kienx fih provi biżżejjed sabiex jissodisfa l-istandard evidenzjarju, u rrispettivament minn liema informazzjoni tista' tkun raġonevolment disponibbli għall-ilmentatur, dejjem jeħtieġ li jkun hemm provi biżżejjed rigward l-eżistenza u n-natura ta' sussidju, ta' dannu materjali u ta' rabta ta' kawżalità. Il-GTĊ tenna din il-pretensjoni wara d-divulgazzjoni finali.

(6) Fis-sottomissjoni tiegħu wara l-bidu u wkoll wara d-divulazzjoni finali, il-GTĊ ddikjara wkoll li l-memorandum tal-Kummissjoni dwar is-sufficjenza tal-provi u l-kwestjonarji antisussidji marru lil hinn mill-allegazzjonijiet imqajma fl-ilment u li l-Kummissjoni kienet żiedet provi addizzjonali mal-ilment sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni. Il-GTĊ iddikjara li biż-żieda ta' elementi bħal dawn, il-Kummissjoni wessgħet l-ambitu tal-investigazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-GTĊ allega li billi żiedet xi referenzi għal dokumenti bħal pereżempju rapport tal-2018 dwar l-Aluminju, l-istrateġija "Made in China 2025", determinazzjoni ta' DOC tal-Istati Uniti dwar il-prodotti tal-aluminju tal-2018, u billi żiedet iċ-Chinese Export & Credit Insurance Corporation ("Sinosure") mal-lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jridu jiġu investigati jew billi talbet informazzjoni dwar iċ-China Banking and Insurance Regulatory Commission ("is-CBIRC"), il-Kummissjoni wessgħet l-ambitu tal-investigazzjoni.

(7) Il-Kummissjoni ċaħdet id-dikjarazzjoni tal-GTĊ dwar is-sufficjenza tal-provi. Tabilħaqq, l-evidenza ppreżentata fl-ilment kienet tikkostitwixxi l-informazzjoni raġonevolment disponibbli għall-ilmentatur f'dak l-istadju. Kif muri fil-memorandum dwar is-sufficjenza tal-provi, li fih il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-provi kollha għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-RPĊ, u li abbażi tagħha l-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni, fl-istadju tal-bidu kien hemm provi biżżejjed li l-allegati sussidji kienu kumpensabbli f'termini tal-eżistenza, l-ammont u n-natura tagħhom. L-ilment kien fih ukoll provi biżżejjed tal-eżistenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni, li kien ikkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati.

(8) Il-Kummissjoni ċaħdet ukoll id-dikjarazzjoni dwar l-ambitu tal-investigazzjoni. Il-memorandum dwar is-sufficjenza tal-evidenza fiha eżami tal-elementi disponibbli għall-Kummissjoni, inklużi dawk ippreżentati mill-ilmentatur iżda mhux limitata għalihom. L-elementi fl-ilment ġew tabilħaqq analizzati u kkoraborati b'fatti oħra magħrufa mill-Kummissjoni f'konformità ma' prattika stabbilita. Kif jissemma fin-Notifika ta' Bidu, fid-dawl tal-Artikoli 10(2) u 10(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħejjiet memorandum dwar is-sufficjenza tal-provi li fih il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-provi kollha għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni rigward ir-RPĊ u li abbażi tagħha l-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni. Għalhekk, l-ambitu tal-investigazzjoni ma huwiex limitat għall-evidenza u l-allegazzjonijiet fl-ilment, iżda jista' jiġi kkomplementat b'informazzjoni oħra disponibbli għall-Kummissjoni. Barra minn hekk, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' teżamina l-informazzjoni kollha li hija rilevanti għas-sussidji allegati u ma hijiex limitata għall-informazzjoni li tinsab fl-ilment. Dan japplika wkoll għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu finanzjament preferenzjali bħal Sinosure u korpi regolatorji rilevanti bħas-CBRC.

(9) Filwaqt li l-GTĊ tenna l-pretensjonijiet tiegħu li jikkonċernaw is-sufficjenza tal-evidenza u l-ambitu tal-investigazzjoni anki wara d-divulgazzjoni finali, huwa ma ppreżentax argumenti sostanzjali ġodda jew evidenza. Għalhekk, dawk il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(10) Fis-sottomissjoni tiegħu wara l-bidu, il-GTĊ allega li l-ilmentatur uża l-liġijiet Ċiniżi b'mod selettiv u interpreta ħażin ir-rabta tagħhom fir-rigward tal-industrija tal-ACF. Il-GTĊ iddikjara li d-dokumenti ta' politika, bħall-Pjanijiet ta' Ħames Snin Nri 10 sa 13, il-Katalogu għall-Gwida tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2005) u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Metall Mhux Ferruż (mill-2016 sal-2020) huma biss dokumenti ta' gwida li ma humiex vinkolanti. Il-GTĊ iddikjara wkoll li l-Pjanijiet ta' Ħames Snin ma jirreferux speċifikament għall-ACF.

(11) Il-Kummissjoni nnotat li l-GTĊ ma jikkontestax l-eżistenza ta' tali pjanijiet, programmi, jew rakkomandazzjonijiet iżda biss il-punt sa fejn huma vinkolanti għall-industrija tal-ACF. Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-ilmentatur ipprovda evidenza li tindika li l-industriji tal-metalli mhux ferrużi, li l-industrija tal-aluminju hija parti minnhom, jissemmew f'diversi dokumenti tal-gvern. Il-GTĊ naqas milli jipproduċi xi evidenza li turi li dawk id-dokumenti ma jkunux applikabbli għall-prodott ikkonċernat.

(12) Il-GTĊ iddikjara wkoll li l-intrapriżi tal-Istat ("SOEs"), il-banek tal-Istat ("SOBs") jew Sinosure ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala korpi pubbliċi u li l-ilmentatur ibbaża b'mod mhux ġustifikat fuq indikazzjonijiet formali ta' kontroll bħas-sjieda tal-GTĊ u l-allegata setgħa li jaħtar jew jinnomina uffiċjali maniġerjali sabiex jaslu għal konklużjoni mhux ġustifikata li l-SOEs/SOBs kollha aġixxew bħala korpi pubbliċi. Il-GTĊ iddikjara wkoll li l-ilmentatur ibbaża fuq każijiet preċedenti tal-Kummissjoni jew tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti fl-evalwazzjoni tan-natura tal-funzjonijiet li l-banek wettqu u n-natura u l-ambitu tal-awtorità governattiva vestita lilhom. Il-GTĊ ddikjara wkoll li s-sejbiet preċedenti tal-Kummissjoni għal industriji mhux relatati ma setgħux jikkostitwixxu provi biżżejjed fl-ilment u lanqas ma jissostanzjaw li l-banek tal-Istat u Sinosure aġixxew bħala korpi pubbliċi fl-investigazzjoni attwali.

(13) Il-Kummissjoni nnotat li din id-dikjarazzjoni tal-GTĊ hija marbuta mad-dikjarazzjoni diġà msemmija hawn fuq, u li l-ilment, fost l-oħrajn, semma l-Liġi Bankarja fiċ-Ċina, li l-GTĊ ma jikkontestax li hija leġiżlazzjoni Ċiniża. Il-Kummissjoni tenfasizza li investigazzjonijiet reċenti antisussidji tal-UE relatati mal-istess programmi ta' sussidju bħal dawk allegati fl-ilment, li kienu eżaminaw ukoll jekk l-SOEs/l-SOBs aġixxewx bħala korpi pubbliċi, kienu kkonkludew li dan kien il-każ ([5]). Il-fatt li dawn l-investigazzjonijiet koprew industriji mhux relatati mal-industrija tal-ACF ma jinvalidax il-kwalifika tal-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq bħala korpi pubbliċi. Barra minn hekk, provi ta' sjieda tal-gvern jistgħu jitqiesu li jammontaw għal provi li għandhom "*it-tendenza li jipprovaw jew jindikaw*" li entità hija entità pubblika li kapaċi jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ([6]).

(14) Barra minn hekk, fis-sottomissjoni tiegħu wara l-bidu, il-GTĊ sostna li kienu seħħew bidliet u riformi sostanzjali fis-settur finanzjarju f'dawn l-aħħar snin, u li l-ilment għalhekk ma seta' jibbaża fuq l-ebda sitwazzjoni preeżistenti. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-ilmentatur ipprovda wkoll provi addizzjonali fl-ilment dwar l-eżistenza kontinwa tal-programmi ta' sussidju. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-GTĊ naqas milli jipprovdi provi li jirribattu l-kontinwazzjoni tal-programmi rilevanti. Għalhekk, fl-istadju tal-bidu, il-provi disponibbli kellhom it-tendenza li juru li ma kienx hemm bidla rilevanti fil-programmi ta' sussidju inkwistjoni.

(15) Fl-istess sottomissjoni, il-GTĊ iddikjara wkoll li wħud mid-dokumenti ta' gwida inklużi d-Dispożizzjonijiet Temporanji dwar il-Promozzjoni tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (id-Deċiżjoni Nru 40 tal-2005 tal-Kunsill tal-Istat) ("id-Deċiżjoni Nru 40") b'referenza għall-"Pjan ta' Ħames Snin Nru 11", huma skaduti u ma għadhomx applikabbli matul il-PI.

(16) Il-Kapitolu III tad-Deċiżjoni Nru 40 jirreferi għall-"Katalogu għall-Gwida tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali", li huwa magħmul minn tliet tipi ta' kontenuti, jiġifieri kontenut tal-proġetti inċentivati, kontenut tal-proġetti limitati u kontenut tal-proġetti eliminati.

---

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17) ("il-Każ HRF"), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorji impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1) ("il-Każ tat-Tajers") u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2019/72 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 16, 18.1.2019, p. 5) ("il-Każ tal-e-bikes"), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 189, 15.6.2020, p. 33) ("il-Każ GFF").

([6]) Ara r-Rapport tal-Panel, l-Istati Uniti – Il-Miżuri ta' Dazju Kumpensatorju fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina, WT/DS437/R, adottat fis-16 ta' Jannar 2015, il-para. 7.152.

(17) Sa fejn taf il-Kummissjoni, l-aħħar emenda tal-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija ġiet approvata permezz tad-Digriet Nru 29 tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tas-27 ta' Awwissu 2019 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020 ([7]). Dan il-"Katalogu l-ġdid ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2019)" ġie adottat u daħal fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-"Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija" msemmi fid-Deċiżjoni Nru 40 kien applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(18) Wara divulgazzjoni finali, il-GTĊ tenna l-pretensjoni tiegħu li l-Kummissjoni kienet interpretat ħażin ir-rwol tal-pjanijiet u l-proġetti tal-Gvern Ċiniż u saħaq li dawn kienu purament dokumenti ta' gwida u mhux legalment vinkolanti. B'żieda ma' dan, huwa ma qabilx li joqgħod fuq il-fatti stabbiliti f'investigazzjonijiet preċedenti, u lanqas ma qabel dwar l-użu ta' referenzi mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni 2017 dwar Distorsjonijiet sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet ta' Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ ([8]), li l-GTĊ jqis bħala mhux preċiż u mhux oġġettiv, billi inkiteb speċifikament biex jiffaċilita l-bidu tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ. Barra minn hekk, il-GTĊ oġġezzjona għall-fehma tal-Kummissjoni li l-liġijiet, ir-regoli u l-pjanijiet tal-Gvern setgħu raġonevolment jiġu preżunti li jibqgħu applikabbli, sakemm ma ntweriex li dawn kienu tħassru jew ġew sostitwiti.

(19) L-ewwel, il-Kummissjoni nnutat li l-GTĊ ma ppreżenta l-ebda argument sostanzjali ġdid jew evidenza li tikkonċerna r-rwol ġenerali tal-pjanijiet u l-proġetti tal-Gvern Ċiniż, u n-natura vinkolanti tagħhom.

(20) It-tieni, dwar l-użu ta' informazzjoni fir-Rapport taċ-Ċina, il-fatt li d-dokument inħareġ, filwaqt li jitqies l-użu potenzjali tiegħu fl-investigazzjonijiet dwar id-difiża tal-kummerċ,ma jrendix l-evidenza oġġettiva li hemm fih inkorretta jew imparzjali bħala tali, kif stqarr il-GTĊ. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll li rreferiet biss darbtejn għad-dokument fl-investigazzjoni preżenti, darba fl-introduzzjoni ġenerali għas-sistema ta' pjanijiet ta' ħames snin, u darba fil-kuntest tal-istabbiliment ta' rabta bejn id-dokumenti ta' ppjanar u s-setturi inċentivati. Dawn ir-referenzi intużaw flimkien ma' referenzi oħra u kkorraborati minnhom, inklużi dokumenti maħruġa mill-GTĊ nnifsu.

(21) It-tielet, il-Kummissjoni tisħaq li l-liġijiet, ir-regoli u l-pjanijiet stabbiliti tal-Gvern setgħu raġonevolment jiġu preżunti li baqgħu applikabbli, sakemm ma ntweriex li dawn kienu tħassru jew ġew sostitwiti. Tabilħaqq, bħala parti mill-investigazzjoni, il-Kummissjoni bagħtet lil-GTĊ lista ta' dokumenti ta' referenza li jikkonċernaw il-qafas legali, ir-regoli u l-proċeduri ġenerali applikabbli fir-RPĊ kif ukoll xi dokumenti speċifiċi li jikkonċernaw l-industrija kkonċernata. Il-GTĊ ntalab jirrieżamina l-kompletezza u l-validità ta' dawn id-dokumenti u jaġġornahom jew jikkomplementahom kull fejn applikabbli. Wara li rċeviet tweġiba sostanzjata u dokumenti ta' referenza aġġornati mill-GTĊ, il-Kummissjoni qieset li setgħet raġonevolment tassumi li d-dokumenti li la kienu tħassru u lanqas kienu ġew sostituti kienu għadhom japplikaw.

(22) Għalhekk, id-dikjarazzjonijiet tal-GTĊ f'dan ir-rigward ġew miċħuda.

(23) Wara l-bidu, il-GTĊ argumenta wkoll li l-ilmentatur ma stabbiliex il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' parametru referenzjarju barra mill-pajjiż għad-drittijiet tal-użu tal-art ("LUR"). Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-allegazzjonijiet li nstabu fl-ilment kienu appoġġati minn investigazzjonijiet reċenti antisussidji tal-UE li kkonkludew dwar dawn il-kwistjonijiet il-ħtieġa għal parametri referenzjarji esterni aġġustati għall-kundizzjonijiet prevalenti fir-RPĊ ([9]).

(24) Barra minn hekk, il-GTĊ iddikjara li diversi skemi ta' sussidju allegati mill-ilmentatur ma setgħux jitqiesu bħala sussidju peress li l-ilment ma pprovdiex provi dettaljati dwar l-eżistenza, l-ammont u n-natura ta' dawn is-sussidji, jew ir-relazzjoni diretta bejn is-sussidju u l-prodott ikkonċernat. Il-GTĊ iddikjara wkoll, fir-rigward ta' diversi sussidji, li l-ilmentatur naqas milli jipprovdi provi ta' benefiċċju u speċifiċità.

([7]) http://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf

([8]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet dwar id-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2 (ir-"Rapport taċ-Ċina").

([9]) Ara l-każijiet iċċitati fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna qabel.

(25) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ilmentatur ipprovda provi biżżejjed tal-eżistenza, l-ammont, in-natura, il-benefiċċju u l-ispeċifiċità kif kien raġonevolment disponibbli għalih. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li investigazzjonijiet reċenti antisussidji tal-UE relatati mal-istess programmi ta' sussidju allegati fl-ilment kienu eżaminaw ukoll il-benefiċċju u l-ispeċifiċità tal-istess programmi u kienu kkonkludew b'mod differenti dwar dawn il-kwistjonijiet[9]. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni eżaminat il-provi fl-ilment u pprovdiet il-valutazzjoni tagħha stess tal-elementi rilevanti kollha fil-memorandum dwar is-sufficjenza tal-provi, li tpoġġa fil-fajl miftuħ mal-bidu. Il-GTĊ tenna l-kummenti tiegħu wara l-bidu, iżda ma pprovda l-ebda provi ulterjuri.

(26) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li fl-ilment kien hemm provduti provi biżżejjed li kellhom it-tendenza li juru l-eżistenza tal-allegat sussidjar mill-GTĊ.

(27) Fis-sottomissjoni tiegħu wara l-bidu, il-GTĊ indika li l-iskema tat-taxxa li tipprovdi tnaqqis tal-VAT fuq tagħmir prodott domestikament kienet ġiet itterminata. Il-Kummissjoni ħadet nota ta' dan il-kumment, iżda enfasizzat li l-iskemi tat-taxxa relatati mat-tnaqqis tal-VAT, jew l-eżenzjonijiet tad-dazju fuq l-importazzjoni u tal-VAT fuq tagħmir importat, xorta waħda jistgħu jakkwistaw benefiċċji kontinwi bħad-deprezzament matul il-ħajja tat-tagħmir rilevanti, possibbilment li jkopri l-perjodu ta' investigazzjoni.

(28) Wara l-bidu, il-GTĊ argumenta wkoll li l-ilmentaturi warrbu b'mod skorrett il-fatt li l-industrija tal-ACF fl-Unjoni tibbenefika minn diversi sussidji diretti u indiretti, appoġġ u inċentivi f'diversi forom mill-awtoritajiet tal-UE u dawk tal-Istati Membri u li l-Kummissjoni jenħtieġ li ma tapplikax standards doppji. Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ tenna wkoll din il-pretensjoni.

(29) Din id-dikjarazzjoni dwar is-sussidji fl-UE ma kellha l-ebda piż fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni li fuqha hija bbażata t-tnedija ta' dan il-każ, peress li dawn ma jaqgħux fi ħdan il-fatturi kkunsidrati għal dan l-għan.

### 1.2. **Reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri proviżorji u proċedura sussegwenti**

(30) L-industrija tal-Unjoni ma ppreżentatx talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku.

(31) Fis-6 ta' Awwissu 2021, f'konformità mal-Artikolu 29a(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li ma timponix miżuri kumpensatorji provviżorji u li tkompli bl-investigazzjoni. Billi ma ġew imposti l-ebda miżuri kumpensatorji provviżorji, il-Kummissjoni ma rreġistratx l-importazzjonijiet skont l-Artikolu 24(5a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha.

### 1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(32) L-investigazzjoni tas-sussidjar u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "il-PI"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

(33) Kemm l-investigazzjoni antisussidji attwali kif ukoll l-investigazzjoni anti-dumping separata msemmija fil-premessa (4) għandhom l-istess perjodu ta' investigazzjoni u l-istess perjodu taħt kunsiderazzjoni.

### 1.4. **Partijiet interessati**

(34) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentatur, lill-GTĊ, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-importaturi magħrufa u lill-utenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(35) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.

(36) Bosta partijiet talbu li jsir smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-partijiet li għamlu talba sal-iskadenzi stipulati ngħataw opportunità li jinstemgħu. Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co. Ltd. talbet intervent mill-Uffiċjal tas-Seduta, u fit-8 ta' April 2021 saret seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta.

### 1.5. **Kampjunar**

#### 1.5.1. *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(37) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hi kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-kampjun kien jikkonsisti fi tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali stmata u 40 % tal-volum tal-bejgħ totali stmat tal-Unjoni tal-prodott simili. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment u għaldaqstant il-kampjun ġie kkonfermat.

#### 1.5.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(38) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(39) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet, il-kampjunar ta' importaturi mhux relatati ma kienx meħtieġ.

#### 1.5.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fiċ-Ċina*

(40) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(41) Kien hemm disa' produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ li pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet gruppi li kkooperaw ta' produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jkun raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. Dawn il-kumpaniji rrappreżentaw aktar minn 90 % tal-importazzjonijiet totali stmati tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.

(42) F'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ingħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment.

(43) Il-kampjun ta' gruppi ta' produtturi esportaturi huwa dan li ġej:

— Nanshan Group, inkluż Yantai Donghai Aluminum Foil Co., Ltd.

— Wanshun Group, inkluż Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd.

— Daching Group, inkluż Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co., Ltd.

### 1.6. **L-eżami individwali**

(44) Erbgħa mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li bagħtu lura l-formola tal-kampjunar informaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jitolbu eżami individwali skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet il-kwestjonarju disponibbli online fil-jum tal-bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat lill-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kienu meħtieġa jipprovdu tweġiba għall-kwestjonarju jekk xtaqu jiġu eżaminati fuq bażi individwali. Madankollu, l-ebda waħda mill-kumpaniji ma pprovdiet tweġiba għall-kwestjonarju. B'riżultat ta' dan, ma kienet possibbli l-ebda eżaminazzjoni individwali.

### 1.7. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika**

(45) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-ilmentatur u l-kwestjonarji għall-produtturi, l-importaturi, l-utenti u l-produtturi esportaturi tal-Unjoni fiċ-Ċina saru disponibbli online fil-jum tal-bidu ([10]).

(46) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-GTĊ, li kien jinkludi kwestjonarji speċifiċi għal Sinosure, il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li pprovdew kreditu ta' finanzjament jew ta' esportazzjoni lill-produtturi esportaturi fil-kampjun, u għall-aqwa 10 produtturi u distributuri tal-materjali ta' input użati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Il-GTĊ, għall-konvenjenza amministrattiva, intalab ukoll sabiex jiġbor kwalunkwe rispons ipprovdut minn dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-produtturi jew id-distributuri ta' materjali ta' input, u sabiex jibgħathom direttament lill-Kummissjoni.

(47) Il-Kummissjoni rċeviet tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ, li kienet tinkludi tweġiba għall-kwestjonarju mill-Export-Import Bank of China ("EXIM bank") u Sinosure. Madankollu, ma waslet l-ebda tweġiba mill-banek jew l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn, jew mill-produtturi u d-distributuri prinċipali tal-materjali ta' input.

(48) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll tweġibiet għall-kwestjonarju mill-gruppi ta' produtturi esportaturi kollha fil-kampjun, mit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, minn disa' utenti u minn importatur mhux relatat.

(49) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni fittxet u għamlet kontroverifika tal-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjoni tas-sussidju, id-dannu konsegwenti u l-interess tal-Unjoni. Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti li ttieħdu sabiex tiġi indirizzata t-tifqigħa ("l-Avviż dwar il-COVID-19") ([11]), il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika fil-bini tal-GTĊ, f'dak tal-kumpaniji fil-kampjun u f'dak tal-importaturi u l-utenti li kkooperaw. Minflok, il-Kummissjoni wettqet kontroverifika mill-bogħod (remote crosscheck, "RCC") tal-informazzjoni pprovduta mill-GTĊ, li matulha pparteċipaw uffiċjali mill-ministeri rilevanti u awtoritajiet governattivi oħrajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet RCCs tal-kumpaniji li ġejjin permezz ta' vidjokonferenza:

(a) Produtturi tal-Unjoni

— Carcano Antonio Spa, ("Carcano"), l-Italja

— Eurofoil Lussemburgu S.A. ("Eurofoil"), il-Lussemburgu

— Hydro Aluminium Rolled Products GmbH ("Hydro"), il-Ġermanja

(b) Utenti

— Manreal ("Manreal"), Spanja

— Walki Group Oy ("Walki"), il-Finlandja

(c) Produtturi esportaturi fil-kampjun fiċ-Ċina

(1) Nanshan Group:

— Yantai Donghai Aluminium Foil Co., Ltd. ('Donghai Foil')

— Yantai Jintai International Trade Co., Ltd.

— Longkou Nanshan Aluminium New Material Co., Ltd.

— Longkou Nanshan Aluminum Rolling New Material Co., Ltd.

— Shandong Nanshan Aluminium Co., Ltd. ('Shandong Nanshan')

— Nanshan Group Co., Ltd. ('Nanshan Group Co., Ltd.')

— Nanshan Group Finance Co., Ltd. ('Nanshan Finance')

— Longkou Donghai Alumina Co., Ltd

— Shandong Yili Electric Industry Co., Ltd.

([10]) Disponibbli fuq https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2501.

([11]) L-Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji (2020/C 86/06) (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

(2) Wanshun Group:

— Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd.

— Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., (HK) Ltd.

— Anhui Maximum Aluminium Industries Co., Ltd

— Shantou Wanshun New Material Group Co., Ltd ("Shantou Wanshun")

— Jiangsu Huafeng Aluminium Industry Co., Ltd

(3) Daching Group u l-kumpaniji relatati:

— Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co. Ltd ("Xiamen Xiashun")

— Xiamen Qishun Real Estate Co., Ltd

— Yunnan Yongshun Aluminum Co., Ltd ("Yongshun")

— Yunnan Yunlv Yongxin Metal Processing Co., Ltd ("Yongxin")

— Daching Enterprises Ltd.

(50) L-RCC skedata ma' Manreal ma setgħetx tiġi ffinalizzata minħabba l-kooperazzjoni insuffiċjenti tiegħu. Manreal talab l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta, li kkonferma li t-terminazzjoni tal-RCC ma kisritx id-drittijiet tad-difiża ta' Manreal. Għalhekk, it-tweġiba għall-kwestjonarju ta' Manreal ma ġietx ikkunsidrata għas-sejbiet definittivi. Madankollu, dan ma kellux impatt fuq il-konklużjonijiet dwar l-Interess tal-Unjoni. Minkejja t-terminazzjoni tal-RCC, din il-kumpanija kienet għadha meqjusa bħala parti interessata u tqiesu l-kummenti tagħha fl-investigazzjoni.

### 1.8. **Id-divulgazzjoni finali**

(51) Fit-3 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni informat lill-partijiet kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet beħsiebha timponi dazju antisussidji definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ("divulgazzjoni finali").

(52) Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwarid-divulgazzjoni finali. Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.

(53) F'dan ir-regolament, il-Kummissjoni indirizzat kummenti ppreżentati matul il-proċedura antisussidji. Il-kummenti ppreżentati fil-kuntest tal-investigazzjoni anti-dumping separata ma ġewx indirizzati f'dan ir-regolament sakemm il-partijiet ma indikawx b'mod espliċitu li l-kummenti ppreżentati kienu jkopru ż-żewġ proċeduri.

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(54) Il-prodott ikkonċernat huwa fojl konvertitur tal-aluminju ta' ħxuna ta' anqas minn 0,021 mm, mingħajr rinforz, mhux maħdum aktar milli rrumblat, f'rombli ta' piż li jaqbeż l-10 kg ("il-prodott ikkonċernat").

(55) Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

(a) Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna ta' mhux anqas minn 0,008 mm u ta'mhux aktar minn 0,018 mm, bla rinforz, mhux maħdum aktar ħlief irrumblat, f'rombli mhux usa' minn 650 mm u ta' piż li jaqbeż l-10 kg.

(b) Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna mhux anqas minn 0,007 mm u anqas minn 0,008 mm, irrispettivament mill-wisa' tar-rombli, kemm jekk ittemprat kif ukoll jekk le.

(c) Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna mhux anqas minn 0,008 mm u mhux aktar minn 0,018 mm u f'rombli b'wisa' li taqbeż is-650 mm, kemm jekk ittemprat kif ukoll jekk le.

(d) Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna ta' aktar minn 0,018 mm u anqas minn 0,021 mm irrispettivament mill-wisa' tar-rombli, kemm jekk ittemprat kif ukoll jekk le.

### 2.2. **Prodott simili**

(56) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(57) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

### 2.3. **Dikjarazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(58) Diversi partijiet ippreżentaw talbiet għall-esklużjoni tal-prodotti li jikkonċernaw il-prodotti li ġejjin: L-ACF ta' gauge ta' anqas minn 6 mikroni ("ACF < 6") u l-ACF għall-batteriji tal-vetturi elettriċi ("ACF għall-batteriji tal-karozzi").

#### 2.3.1. *ACF ta' gauge ta' anqas minn 6 mikroni*

(59) Diversi utenti, Walki, Gascogne u Alupol, iddikjaraw li l-produtturi tal-Unjoni ma joffrux l-ACF < 6. Dan huwa allegatament evidenzjat mill-fatt li l-produtturi tal-Unjoni ma jippromwovux tali prodotti fuq il-paġni web tagħhom, fil-fuljetti tagħhom u fiċ-ċaħda tagħhom tal-ordnijiet ta' tali prodotti. Il-produtturi tal-Unjoni lanqas ma huma interessati li joffru l-ACF< 6, peress li l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom hija mimlija b'ordnijiet ta' prodotti oħrajn, filwaqt li titqies ukoll id-domanda mistennija għal fojl tal-batteriji awtomobilistiċi. Il-produtturi tal-Unjoni ma humiex f'pożizzjoni li jipprovdu l-kwalità "kummerċjali" mitluba, speċjalment fir-rigward tal-porożità/permeabbiltà, imkejla f'toqob massimi għal kull metru kwadru. Barra minn hekk, l-użu ta' ACF irqaq huwa aktar ekoloġiku u għal din ir-raġuni jenħtieġ li jiġi eskluż mill-ambitu.

(60) Barra minn hekk, Huhtamäki argumenta li l-industrija tal-Unjoni għandha limitazzjonijiet fil-provvista għal ACF irqaq.

(61) Il-Kummissjoni talbet lid-disa' utenti kollha li jikkooperaw fl-investigazzjoni sabiex jispeċifikaw id-domanda attwali tagħhom għall-ACF< 6 u s-sorsi tiegħu. Utent wieħed biss ikkonferma li matul il-PI xtara ammont ta' ACF< 6 li qabeż il-livell limitu tal-kwalità għall-produzzjoni kummerċjali, minn produttur Ċiniż wieħed. Madankollu, anke għal dan l-utent, l-ACF< 6 jirrappreżenta parti żgħira ħafna mill-konsum tal-ACF tiegħu. L-utenti l-oħrajn indikaw biss talbiet mill-klijenti rispettivi tagħhom għal prodotti li kienu jinkludu l-ACF< 6, li skattaw ordnijiet ta' prova kemm lill-industrija tal-ACF tal-Unjoni kif ukoll lill-produtturi Ċiniżi wara l-PI.

(62) It-tweġibiet indikaw li d-domanda għall-ACF< 6 bdiet biss reċentement u tinsab f'xejra li qiegħda tiżdied. Kien hemm xi domanda limitata għaliha matul dawn l-aħħar għaxar snin, iżda ma kien hemm l-ebda xejra ċara. Dan huwa konformi mal-ispjegazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni li fil-passat kien hemm ukoll ċaqliq gradwali f'gauges irqaq tal-ACF, mit-tip ta' 7 sa 8 mikroni li fil-passat kien it-tip inferjuri, għat-tip ta' 6 u 6,35 mikroni li sar l-istandard attwali għal ħafna applikazzjonijiet.

(63) Filwaqt li stħarriġ fost il-produtturi tal-Unjoni wera li, minbarra n-negozjati diretti, l-ebda wieħed minnhom ma jikkummerċjalizza attwalment b'mod attiv l-ACF< 6, il-Kummissjoni ġabret biżżejjed provi li l-produtturi tal-Unjoni huma kapaċi jipproduċu l-ACF< 6. Dan jinkludi l-produzzjoni tar-roll tal-ittestjar wara l-PI, li skont id-dokumentazzjoni tal-ittestjar issodisfat it-talbiet tekniċi tax-xerrej. Barra minn hekk, il-Kummissjoni setgħet tikkonferma l-bejgħ tal-ACF< 6 ta' diversi produtturi tal-Unjoni fi kwantitajiet ta' produzzjoni kummerċjali, anke jekk fuq skala limitata, matul perjodu ta' 10 snin qabel il-PI. Il-Kummissjoni setgħet ukoll tosserva investimenti fil-kontroll tal-kwalità. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni tista' tipprovdi kwalità sabiex tissodisfa d-domanda tas-suq.

(64) It-tieni, il-kapaċità li jipproduċu l-ACF< 6 hija limitata mill-aħħar stadju, jiġifieri l-imtieħen tal-irrumblar. Għalhekk, il-Kummissjoni analizzat il-kapaċità ta' diversi produtturi tal-Unjoni f'dan l-aħħar stadju, filwaqt li qieset ukoll id-domanda għal prodotti oħrajn fid-diversi stadji tal-produzzjoni. Il-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun għandhom biżżejjed kapaċità libera sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-ACF< 6, anke jekk id-domanda għall-fojl tal-batteriji tal-karozzi tiżdied fil-futur. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonferma r-riskju ta' nuqqas ta' provvista għal żieda futura fid-domanda tal-ACF< 6.

(65) It-tielet, fir-rigward tal-argument li l-użu ta' ACF irqaq huwa aktar ekoloġiku, il-Kummissjoni fakkret li l-effett intenzjonat tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ fil-forma ta' dazji ma huwiex li jipprevjeni l-importazzjonijiet ta' prodott partikolari iżda li jiżgura li dawk l-importazzjonijiet jiġu nnegozjati bi prezzijiet mhux dannużi. Il-Kummissjoni fakkret ukoll il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jimmanifatturaw l-ACF< 6.

(66) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ta' Huhtamäki dwar ir-restrizzjoni tal-provvista, l-investigazzjoni żvelat li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-ACF< 6 hija konsiderevolment akbar mid-domanda.

(67) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għall-esklużjoni tal-ACF< 6 mill-ambitu tal-prodott li qiegħed jiġi investigat.

(68) Gascogne talbet li l-argumenti tagħha magħmula fil-proċedura anti-dumping separata li tikkonċerna l-istess prodott li joriġina mir-RPĊ, jiġu inkorporati f'din l-investigazzjoni antisussidji. Il-Kummissjoni diġà indirizzat l-istess argumenti fil-premessi minn 25 sa 28 tar-Regolament (UE) 2021/2170.

(69) Walki talbet ukoll li l-argumenti tagħha magħmula fl-investigazzjoni separata anti-dumping tagħha jiġu inkorporati f'din l-investigazzjoni antisussidji. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-konstatazzjonijiet tagħha fil-premessi minn 29 sa 32 tar-Regolament (UE) 2021/2170.

(70) Barra dan, matul is-seduta ta' smigħ tagħha wara d-divulgazzjoni finali, Walki spjegat li wara l-PI f'Ottubru 2021, ma kien għad hemm l-ebda bejgħ attiv fis-suq miftuħ jew kummerċjalizzazzjoni tal-produtturi Ewropej għall-ACF< 6. Walki ssottomettiet evidenza li wara l-PI ma rċevietx tweġiba pożittiva għat-talbiet tagħha għal kwotazzjoni fuq l-ACF < 6 u spjegat li produttur wieħed biss tal-Unjoni jkun f'pożizzjoni li jaċċetta ordnijiet tal-ACF < 6 fi kwantità kummerċjali. Il-Kummissjoni diġà indirizzat l-istess argumenti fil-premessa 28 tar-Regolament (UE) 2021/2170.

2.3.2. *ACF għall-batteriji tal-karozzi*

(71) Parti interessata partikolari, Xiamen, talbet l-esklużjoni tal-fojl tal-aluminju għall-batteriji tal-karozzi għar-raġunijiet li ġejjin:

— il-fojl tal-aluminju għall-batteriji tal-karozzi huwa prodott differenti ħafna b'użu differenti, peress li juża l-ligi 1050/1060/1100/3003 filwaqt li l-ligi ewlenin sabiex jipproduċu l-ACF għall-imballaġġ huma l-ligi 8079/8011;

— it-tagħmir u l-proċessi tal-produzzjoni huma differenti, li jirriżultaw f'żewġ superfiċji jleqqu meta mqabbla mas-superfiċje matta/tleqq ta' ACF oħra. Dan iwassal ukoll għal kost differenti tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ;

— ma huwiex immanifatturat mill-produtturi tal-Unjoni; u

— bħalissa ma huwiex esportat lejn l-UE.

(72) Bi tweġiba, il-Kummissjoni l-ewwel innotat li l-ligi kollha msemmija mill-parti interessata għandhom l-istess karatteristika fis-sens li kollha fihom aktar minn 98 % ta' aluminju u l-ilment ma huwiex limitat għal liga speċifika. L-użu ta' ligi differenti għal varjazzjonijiet differenti tal-prodott ma huwiex rari u ma jistax iservi bħala kriterju ta' esklużjoni.

(73) It-tieni nett, is-superfiċje tleqq/matta hija konsegwenza tal-irrumblar ta' żewġ saffi tal-ACF flimkien fl-aħħar mitħna tal-irrumblar, fejn il-ġnub tal-ACF li jħarsu lejn xulxin matul l-irrumblar joħorġu matti. Dan il-metodu ta' produzzjoni kien kopert mill-ilment, li espliċitament iddikjara li ż-żewġ superfiċji tal-ACF jistgħu jkunu jleqqu jekk dan jiġi speċifikat mill-klijent. L-użu maħsub tal-ACF għall-batteriji tal-karozzi għalhekk ma jista' jiġġustifika l-ebda esklużjoni mill-ambitu tal-prodott peress li l-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott huma l-istess. L-istess japplika għall-kost ogħla minħabba rrumblar b'saff wieħed.

(74) It-tielet nett, il-produzzjoni tal-batteriji tal-karozzi fl-Unjoni għadha fil-fażi tal-bidu tagħha. Il-Kummissjoni ġabret evidenza li turi li l-produtturi tal-Unjoni qegħdin iħejju sabiex jissodisfaw id-domanda ta' dan is-segment tas-suq emerġenti. Barra minn hekk, l-argument imur kontra d-dikjarazzjoni ta' Walki relatata mal-esklużjoni tal-ACF< 6, li jista' jkun hemm iċ-ċans li l-industrija tal-Unjoni tant tiffoka fuq il-fojl tal-batteriji tal-karozzi li potenzjalment ma tkunx interessata li tiddedika biżżejjed kapaċità ta' produzzjoni lill-ACF< 6.

(75) Ir-raba' nett, il-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda esportazzjonijiet kbar mir-RPĊ jirrifletti l-fatt li l-produzzjoni tal-batteriji tal-karozzi elettriċi fl-UE għadha fil-bidu tagħha, u għalhekk dan ma huwiex argument vijabbli għal esklużjoni.

(76) L-analiżi wriet li l-ACF għall-batteriji tal-karozzi elettriċi hija teknikament ACF inkluża fl-ambitu definit tal-investigazzjoni.

(77) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għall-esklużjoni tal-ACF għall-batteriji tal-karozzi elettriċi mill-ambitu tal-prodott li qiegħed jiġi investigat.

(78) Wara d-divulgazzjoni finali, Xiamen Xiashun argumentat li l-erba' argumenti tal-Kummissjoni b'appoġġ għat-tneħħija tal-esklużjoni kienu żbaljati, ma kinux jirrispondu għall-argumenti mqajma minn Xiamen Xiashun u naqsu milli jipprovdi d-*data* sostantiva li abbażi tagħha l-Kummissjoni laħqet dawn il-konklużjonijiet. Il-Kummissjoni naqset milli tipprovdi evidenza fattwali li tirrispondi għat-talba ta' esklużjoni ta' Xiamen Xiashun fis-sottomissjonijiet tagħha u fis-seduta ta' smigħ tat-23 ta' Frar. In-nuqqas ta' indikazzjoni dwar liema kienet l-evidenza li fuqha l-Kummissjoni abbażat iċ-ċaħda tagħha, jikser id-drittijiet ta' difiża ta' Xiamen Xiashun. Xiamen Xiashun kompliet targumenta li sottomissjoni tard ta' evidenza mill-ilmentatur fir-rigward tat-talba għall-esklużjoni għall-fojl għall-batteriji fil-proċedminet anti-dumping iqajjem dubji dwar liema evidenza ġiet effettivament ikkunsidrata mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni antisussidji. Xiamen Xiashun argumentat li sottomissjoni tal-ilmentatur bid-data tad-19 ta' Lulju 2021 saret wara l-għeluq tad-data għall-kummenti fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni anti-dumping u għalhekk ma kellhiex tiġi kkunsidrata. Barra minn hekk, il-kunfidenzjalità eċċessiva fil-preżentazzjoni tagħmilha impossibbli għal Xiamen Xiashun li twieġeb b'mod sinifikanti.

(79) Il-preżentazzjoni tal-Ilmentaturi tad-19 ta' Lulju 2021 kienet reazzjoni tal-preżentazzjoni ta' Xiamen Xiashun tal-5 ta' Lulju 2021, li fiha Xiamen Xiashun ipprovdiet argumenti għall-esklużjoni tal-ACF mill-ambitu għall-batteriji tal-karozzi elettriċi. Il-verżjoni miftuħa ta' din il-preżentazzjoni ma tneħħitx b'mod eċċessiv. It-tneħħija tal-isem tal-kumpanija, li ħejjiet id-dettalji tekniċi tal-presentazzjoni kif ukoll it-tneħħija tad-dettalji dwar il-produzzjoni teknika tagħhom kienu neċessarji biex ma jiżvelawx dettalji kunfidenzjali dwar il-kummerċ tal-kumpanija. Għalhekk il-Kummissjoni ma laqgħetx l-argument li hija kisret id-drittijiet ta' Xiamen Xiashun billi qieset din is-sottomissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni li ma speċifiktax liema evidenza ħadet inkunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni neċessarjament ikkunsidrat l-evidenza kollha dwar il-proċess tal-każ.

(80) Xiamen Xiashun argumentat li minħabba użu u karatterisitiki tekniki differenti, il-fojl tal-aluminju għall-batteriji tal-karozzi tal-elettriku kienu prodott ġdid għall-industrija, anki jekk dan kien fojl tal-aluminju. Il-Kummissjoni madankollu, irrispondiet għal dawn l-argumenti kollha, filwaqt li stqarret biċ-ċar li anki l-ACF tikkondividi l-karatterisitiki u l-passi ta' produzzjoni għall-batteriji tal-karozzi elettriċi. Id-differenzi tekniki li fuqhom Xiamen Xiashun kienet elaborat urew biss distinzjoni għal tipi oħra ta' ACF, iżda ma wrewx li l-ACF għall-batteriji tal-karozzi ma kinux se jikkondividu l-karatteristiki definiti fid-definizzjoni tal-prodott tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni rrispondiet ukoll għall-argument li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tipproduċi l-ACF għall-bateriji tal-karozzi bl-elettriku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(81) Xiamen Xiashun argumentat li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' valutazzjoni u aġixxiet bi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, peress li ma eżaminatx bl-attenzjoni u bl-imparzjalità kollha l-evidenza pprovduta u ma qisitx kif xieraq l-evidenza rilevanti kollha meta għamlet id-determinazzjonijiet tagħha billi ma pprovdietx sommarju sinifikanti dwar il-pjanijiet tal-produtturi tal-Unjoni biex iżidu l-kapaċità tagħhom biex jissodisfaw id-domanda għall-fojl tal-batterija u warrbu l-evidenza pprovduta minn Xiamen Xiashun fir-rigward tad-domanda mistennija għall-fojl tal-batterija.

(82) Xiamen Xiashun sostniet li d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li "*l-kapaċità żejda sostanzjali tal-industrija tal-Unjoni tista' tissodisfa d-domanda fis-suq emerġenti tal-fojl tal-batteriji*" kkontradixxew id-dikjarazzjoni tagħha li "*d-data li turi t-tħejjija tal-produtturi tal-Unjoni biex jissodisfaw id-domanda tal-fojl tal-batterija hija kunfidenzjali ħafna u mhijiex suxxettibbli li tingħabar fil-qosor peress li dawn il-proġetti għadhom mhumiex pubbliċi u għalhekk sensittivi ħafna*".

(83) Xiamen Xiashun sostniet ukoll li l-Kummissjoni rrifjutat il-ħarsa ġenerali komprensiva tagħha dwar id-domanda mistennija fuq il-bażi li t-twettiq ta' diversi proġetti tal-batteriji kien indikat li se jseħħ f'mument mhux determinat fil-futur. Xiamen Xiashun iddikjarat li dan huwa inerenti għad-*data* relatata ma' proġetti ppjanati.

(84) Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-industrija tal-Unjoni tista' tissodisfa d-domanda fis-suq emerġenti tal-fojl tal-batteriji hija marbuta mal-kapaċità żejda kumplessiva fil-laminaturi. Id-*data* li turi t-tħejjija tal-produtturi tal-Unjoni biex jissodisfaw id-domanda tal-fojl tal-batterija hija relatata mal-isforzi tal-industrija tal-Unjoni biex tkun tista' tipproduċi skont il-karatteristiċi speċifiċi mitluba mill-produtturi tal-batteriji. Billi tipprovdi sommarju ta' dawn l-isforzi, il-Kummissjoni tiżvela l-istrateġiji tan-negozju tal-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet imsemmija iktar' il fuq. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet din il-pretensjoni.

(85) Fil-valutazzjoni tal-ħarsa ġenerali dwar id-domanda futura mistennija li Xiamen Xiashun ipprovdiet minn sors disponibbli pubblikament, il-Kummissjoni ddivrenzjat bejn proġetti f'fażi ta' ppjanar b'perjodu ta' żmien speċifiku u proġetti maħsuba li għalihom ma hemm l-ebda indikazzjoni tas-sena li fiha se jsiru operattivi. Din mhijiex ċaħda tal-evidenza pprovduta minn Xiamen Xiashun, iżda analiżi bir-reqqa tad-domanda attwali mistennija. Tabilħaqq, il-valutazzjoni ta' jekk l-industrija tal-Unjoni tistax tissodisfa d-domanda futura mistennija kienet ibbażata b'mod xieraq fuq proġetti tal-batteriji, li r-realizzazzjoni tagħhom hija skedata li sseħħ f'sena speċifika fil-futur. Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

### 2.4. **Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE**

(86) Dan il-każ inbeda matul il-perjodu ta' tranżizzjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit baqa' soġġett għad-dritt tal-Unjoni. Il-perjodu ta' tranżizzjoni ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Konsegwentement, mill-1 ta' Jannar 2021, il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet li jinsabu fir-Renju Unit ma baqgħux jikkwalifikaw bħala partijiet interessati f'dan il-proċediment. Bħala konklużjoni, peress li r-Renju Unit ma għadux soġġett għad-dritt tal-Unjoni, is-sejbiet dwar is-sussidju u d-dannu huma bbażati fuq id-*data* tas-suq tal-EU27.

## 3. **SUSSIDJU**

### 3.1. **Introduzzjoni: Preżentazzjoni tal-pjanijiet, tal-proġetti u ta' dokumenti oħrajn tal-Gvern**

(87) Qabel ma analizzat l-allegat sussidjar fil-forma ta' sussidji jew programmi ta' sussidju, il-Kummissjoni vvalutat il-pjanijiet, il-proġetti u dokumenti oħrajn tal-gvern, li kienu rilevanti għall-analiżi tal-programmi ta' sussidju investigati. Hija sabet li s-sussidji jew il-programmi ta' sussidju kollha taħt valutazzjoni jiffurmaw parti mill-implimentazzjoni tal-ippjanar ċentrali tal-GTĊ sabiex jinkoraġġixxi l-industrija tal-ACF għar-raġunijiet li ġejjin.

(88) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru s-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti ta' ppjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern. B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fis-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi jiġu allokati lil setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati skont il-forzi tas-suq ([12]).

([12]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2 (ir-"Rapport") — il-Kapitolu 4, p. 41–42, 83.

(89) L-ACF huwa meqjus bħala prodott ewlieni mill-GTĊ, kif jinsab fid-dokumenti u l-listi tal-ordni pubblika. Tali kategorizzazzjoni hija ta' importanza sinifikanti peress li tikkwalifika setturi partikolari għall-kopertura minn varjetà ta' politiki speċifiċi u miżuri ta' appoġġ imfassla sabiex jixprunaw l-iżvilupp f'kull settur ([13]). L-ACF huwa integrat ukoll fil-materjali l-ġodda fl-istrateġija Made in China 2025 ([14]) u huwa inkluż f'bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali, u li huma interkonnessi b'mod reċiproku. Eżempji ta' tali dokumenti ta' politika ewlenin jinkludu l-pjanijiet, il-proġetti u dokumenti oħrajn li ġejjin.

(90) Il-"Pjan ta' Ħames Snin Nru 10 għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (2001-2005)" jindika li l-aċċellerazzjoni tar-ristrutturar u r-riorganizzazzjoni industrijali ssir bl-objettiv li jiġu żviluppati prodotti industrijali, inkluża l-industrija tal-materja prima, u b'mod aktar speċifiku, l-alumina ([15]).

(91) Il-"Pjan Nazzjonali ta' Ħames Snin Nru 11 għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (2006-2010)" jitlob għall-iżvilupp tal-ipproċessar tal-aluminju u t-titjib tal-livell ta' użu komprensiv ta' riżorsi industrijali tal-aluminju ([16]).

(92) Il-"Pjan Nazzjonali ta' Ħames Snin Nru 12 għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (2011-2015)" jindika li r-ristrutturar tal-industriji ewlenin jenħtieġ li jinkludi progress ġdid fir-R&Ż, l-użu integrat tar-riżorsi, il-konservazzjoni tal-enerġija, u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-industriji tat-tidwib u tal-materjal tal-bini ([17]).

(93) Il-Pjan ta' Ħames Snin Nru 13 għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tar-RPĊ ("il-Pjan ta' Ħames Snin Nru 13") li jkopri l-perjodu bejn l-2016 u l-2020 jenfasizza l-viżjoni strateġika tal-GTĊ għat-titjib u l-promozzjoni tal-industriji ewlenin. Il-Pjan ta' Ħames Snin Nru 13 enfasizza l-intenzjoni tal-GTĊ li jsaħħaħ l-iżvilupp ta' teknoloġiji strateġiċi għoljin u juri kif il-GTĊ jiffavorixxi industriji "ewlenin", li jenħtieġ li jiġu promossi u mtejba. Dan il-Pjan jidentifika l-industrija tal-metalli mhux ferrużi, li tifforma parti minnha l-industrija tal-fojl tal-aluminju, bħala waħda minn industriji "ewlenin" bħal dawn li għalihom jenħtieġ li tiġi pperfezzjonata s-sistema ta' appoġġ tas-servizzi, inklużi l-finanzi, it-tassazzjoni, l-assigurazzjoni u l-pjattaformi ta' investiment ([18]).

(94) Id-"Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni tad-Dispożizzjonijiet *Interim* li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali għall-Implimentazzjoni (Guo Fa (2005) Nru 40)" ("id-Deċiżjoni Nru 40") tindika li l-"Katalogu għall-Gwida tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali" huwa bażi importanti għall-gwida għall-investiment u l-amministrazzjoni tal-gvern ta' politiki bħall-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u l-kreditu. Id-Deċiżjoni Nru 40 tindika wkoll li proġetti f'industriji "inċentivati" għandhom jingħataw appoġġ ta' kreditu f'konformità mal-prinċipji ta' kreditu. ([19])

(95) Il-"Katalogu għall-Gwida tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali" jinkludi speċifikament l-aluminju, u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-produzzjoni fih, kif inċentivat ([20]). Dan huwa kkonfermat fil-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2019), li skontu l-ipproċessar tal-irrumblar tal-aluminju, l-aluminizzazzjoni bil-vakwu għall-ippakkjar u l-ipproċessar tal-liga tal-aluminju huma kollha inċentivati.

(96) Il-"Pjan ta' Żvilupp tal-Metall Mhux Ferruż (2016-2020)" jiddeskrivi l-industrija tal-metall mhux ferruż bħala pedament importanti tal-industrija tal-manifattura u bħala appoġġ għar-"realizzazzjoni tas-setgħa tal-manifattura." Barra minn hekk, hija indikata prijorità għall-iżvilupp tal-fojl tal-aluminju ([21]).

([13]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 17.
([14]) Il-Pjan Direzzjonali Made in China 2025— il-Kapitolu 9.
([15]) Ara l- Pjan ta' Ħames Snin Nru 10, il-paġna 11.
([16]) Ara l-Pjan ta' Ħames Snin Nru 11, il-paġna 16.
([17]) Ara l-Pjan ta' Ħames Snin Nru 12, il-paġna 10.
([18]) Ara l-Pjan ta' Ħames Snin Nru 13, il-paġna 1.
([19]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni tad-Dispożizzjonijiet *Interim* li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali tat-2 ta' Diċembru 2005, il-Kapitolu III l-Artikoli 12, 13, 14, u 17.
([20]) Ara l-Katalogu tad-Direttorju dwar l-Aġġustament mill-Ġdid tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (il-Verżjoni tal-2005), VIII.7.
([21]) Ara l-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Industrija tal-Metalli Mhux Ferrużi (għall-2016 sal-2020), p. 1. U 34.

(97) L-"Avviż tal-Linji Gwida dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Aġġustament tal-Istruttura tal-Industrija tal-Aluminju (2006)" jindika li, "l-aluminju huwa materja prima importanti għall-iżvilupp tal-ekonomija nazzjonali." ([22]) Dan id-dokument jindika appoġġ finanzjarju mmirat għas-settur tal-aluminju: "*Skont il-makrokontroll nazzjonali, il-politika industrijali u r-rekwiżiti ta' kreditu, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iwettqu allokazzjoni raġonevoli ta' fondi ta' kreditu. Huwa meħtieġ li jibqa' jingħata appoġġ ta' kreditu lill-intrapriżi tal-alumina u l-intrapriżi tal-aluminju elettrolitiku li jissodisfaw il-politiki industrijali nazzjonali, il-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq u l-prinċipji tal-kreditu; għall-intrapriżi li ma humiex konformi mal-politika industrijali nazzjonali u mal-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq, b'teknoloġija b'lura u elenkati f'oġġetti pprojbiti jew eliminati, dawn ma għandhom jingħataw l-ebda forma ta' appoġġ ta' kreditu.*" ([23])

(98) Il-Katalogu tal-Prodotti tat-Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina maħruġ mill-Ministeru għax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru għall-Kummerċ Barrani u l-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana jelenka 1 900 prodott ta' teknoloġija avvanzata f'kategoriji, li huma mmirati għal politiki preferenzjali ta' esportazzjoni pprovduti mill-gvern. Waħda mill-kategoriji hija l-hekk imsejħa kategorija "Materjali ġodda", li tinkludi l-ACF ([24]).

(99) Billi hija industrija inċentivata fl-istrateġija Made in China 2025, l-industrija tal-ACF hija eliġibbli sabiex tibbenefika minn finanzjament konsiderevoli mill-Istat. Inħolqu għadd ta' fondi sabiex jappoġġaw l-inizjattiva Made in China 2025 ([25]) u b'hekk l-industrija tal-ACF ([26]).

(100) Barra minn hekk, il-Pjan Direzzjonali Made in China 2025 ([27]) jagħti 10 setturi strateġiċi, li huma l-industriji ewlenin għall-GTĊ. Fis-Settur 9 "Materjali ġodda", dan jinkludi u jispjega l-objettivi sabiex jiġu "*żviluppati b'mod attiv materjali ġodda speċjali għall-użu kemm militari kif ukoll ċivili, jitħaffu t-trasferiment bidirezzjonali u t-trasformazzjoni tat-teknoloġiji u jiġi promoss l-iżvilupp militari u ċivili integrat tal-industrija tal-materjali ġodda kif ukoll jiġi aċċellerat l-aġġornament ta' materjali bażiċi*" ([28]). L-ACF, bħala parti mill-materjali l-ġodda, jaqa' taħt il-prijoritajiet ta' żvilupp ta' dan is-settur. Il-materjali l-ġodda għalhekk jibbenefikaw mill-vantaġġi li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' appoġġ elenkati fid-dokument, inkluż, fost l-oħrajn, il-politiki ta' appoġġ finanzjarju, il-politika fiskali u tat-tassazzjoni, u s-sorveljanza u l-appoġġ tal-kunsill tal-Istat.

(101) L-approċċ tal-GTĊ li jiddefinixxi l-industriji u l-prodotti inċentivati fil-katalogi sabiex jalloka r-riżorsi skont dan, abbażi tal-importanza strateġika jew politika tagħhom kif attribwita mill-GTĊ, u li jimplimenta u jissorvelja l-pjanijiet f'kull livell amministrattiv jista' jiġi osservat aktar billi jiġi eżaminat il-Katalogu ta' Prodotti u Servizzi Strateġiċi u Emerġenti tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma ("l-NDRC") mill-2016 'l hawn ([29]). L-ACF huwa inkluż taħt materjali ġodda.

(102) Il-Kapitolu III tad-Deċiżjoni Nru 40 jirreferi għall-"Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija", li huwa magħmul minn tliet tipi ta' kontenuti, jiġifieri kontenut tal-proġetti inċentivati, kontenut tal-proġetti limitati u kontenut tal-proġetti eliminati. Skont l-Artikolu XVII tad-Deċiżjoni, jekk "*il-proġett ta' investiment ikun jappartjeni għall-kontenut ta' proġetti inċentivati, huwa għandu jiġi eżaminat u approvat u jiġi rreġistrat f'konformità mar-regolamenti nazzjonali rilevanti dwar l-investiment; l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha għandhom jipprovdu appoġġ ta' kreditu skont il-prinċipji ta' kreditu; it-tagħmir għall-użu personali importat fl-ammont totali tal-investiment, bl-eċċezzjoni ta' prodotti bażiċi fil-Kontenut ta' Prodotti Bażiċi Importati Mhux Eżentati ta' Proġetti Domestiċi Investiti (emendati fis-sena 2000) maħruġa mill-Ministeru tal-Finanzi, jista' jkun eżentat mid-dazju fuq l-importazzjoni u mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-konness-jonijiet tal-importazzjoni, sakemm ma jkunx hemm regolamenti ġodda dwar il-kontenut tal-proġetti ta' investiment mhux eżentati. Politiki favoriti oħrajn dwar il-proġetti industrijali inċentivati għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolamenti nazzjonali rilevanti*".

(103) Konsegwentement, jekk id-Deċiżjoni Nru 40 tinqara flimkien mal-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija, din tipprevedi trattament speċifiku ta' ċerti proġetti f'ċerti industriji inċentivati.

([22]) Ara l-Avviż tal-Linji Gwida dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Aġġustament tal-Istruttura tal-Industrija tal-Aluminju, p. 1.
([23]) Ara l-Avviż tal-Linji Gwida dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Aġġustament tal-Istruttura tal-Industrija tal-Aluminju, p. 4.
([24]) Ara l-Katalogu ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata u ġdida (2006).
([25]) Ara l-Kummissjoni għar-Reviżjoni Ekonomika u tas-Sigurtà bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina: il-Pjan ta' Ħames Snin Nru 13, il-paġna 12.
([26]) https://www.ndrc.gov.cn/fzggw/jgsj/gjss/sjdt/201806/t20180612_1154987.html?code=&state=123, aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Settembru 2021.
([27]) https://www.cae.cn/cae/html/files/2015-10/29/20151029105822561730637.pdf, aċċessat l-aħħar fit-28 ta' Ġunju 2021.
([28]) L-Avviż tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni tal-Pjan "Made in China 2025", is-Settur 9 Materjali ġodda.
([29]) https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/gg/201702/t20170204_961174.html?code=&state=123, aċċessat l-aħħar fil-21 ta' Settembru 2021.

(104) Meta wieħed iqis il-pjanijiet u l-programmi msemmija hawn fuq, l-industrija tal-ACF hija b'hekk meqjusa bħala industrija ewlenija/strateġika, li l-iżvilupp tagħha huwa segwit b'mod attiv mill-GTĊ bħala objettiv ta' politika. Abbażi tad-dokumenti ta' politika msemmija f'din it-taqsima, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ jintervjeni fl-industrija tal-ACF sabiex jimplimenta l-politiki relatati u jinterferixxi mal-moviment liberu tal-forzi tas-suq fis-settur tal-ACF, b'mod partikolari billi jippromwovi u jappoġġa s-settur permezz ta' diversi mezzi.

(105) Wara d-divulgazzjoni finali. il-GTĊ saħaq li d-dokumenti msemmija hawn fuq f'din it-taqsima ma jipprovdu l-ebda bażi għall-appoġġ speċifiku jew għall-inkoraġġiment għall-industrija tal-ACF. Skont il-GTĊ, ma hemmx biżżejjed evidenza biex tapprova li l-industrija tal-ACF hija industrija inċentivata u li d-dokumenti li jirreferu għal metalli mhux ferrużi, l-industrija tal-aluminju u/jew materjali ġodda. ma jkomprux l-ACF.

(106) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ewwel, hija sostni li jista' jiġi assunt b'mod raġonevoli li d-deskrizzjoni tal-prodotti bħall-materjali ġodda, il-metalli mhux ferrużi u l-industrija tal-aluminju tkopri wkoll il-fojl tal-aluminju. It-tieni, xi dokumenti elenkati hawn fuq bħall-"Pjan ta' Żvilupp għall-Metalli mhux Ferrużi (2016-2020)" imsemmi fil-premessa (96) u l-Katalogu ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata fiċ-Ċina fil-premessa (98) ukoll isemmu l-fojl tal-aluminju bħala tali. It-tielet, l-investigazzjoni stabbiliet li l-produtturi esportaturi li kooperaw kienu bbenefikaw minn sussidji li kienu biss eliġibbli għal industriji inċentivati kif stipulat fid-Deċiżjoni Nru 40 u analizzat fid-dettall fit-taqsimiet rilevanti hawn taħt. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx il-pretensjonijiet tal-GTĊ.

### 3.2. **Nuqqas ta' kooperazzjoni parzjali u l-użu tal-fatti disponibbli**

(107) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ għamel xi remarki ġenerali li jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' self preferenzjali, l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, u materjali ta' input.

(108) Il-GTĊ saħaq li t-talbiet kollha tal-Kummissjoni għal informazzjoni li għaliha l-GTĊ ma setax jipprovdi tweġibiet, kienu irraġonevoli, billi dawn it-talbiet kienu jassumu l-eżistenza ta' setgħat legali li l-GTĊ ma kellux.

(109) Barra minn hekk, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni ma evalwatx b'mod korrett il-fatti li kellha għad-dispożizzjoni tagħha u ma pprovdietx spejgazzjoni xierqa għalfejn il-fatti disponibbli kienu jissostitwixxu raġonevolment kull informazzjoni li kienet nieqsa.

(110) Kif stipulat hawn taħt fil-premessa (118), il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li l-GTĊ kellu s-setgħa legali li jikseb l-informazzjoni mitluba, bħala azzjonist jew awtorità responsabbli tal-entitajiet li għalihom il-Kummissjoni talbet l-informazzjoni. Fil-komunikazzjoni tagħha lill-GTĊ, il-Kummissjoni effettivament tenniet fit-taqsimiet minn 3.2.1 sa 3.2.3. hawn taħt, għalfejn kellha toqgħod fuq il-fatti disponibbli. Il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni disponibbli pubblikament bħala sostituzzjoni valida għall-informazzjoni lia ma ġietx provduta mill-GTĊ. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx il-pretensjonijiet tal-GTĊ.

#### 3.2.1. *Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' self preferenzjali*

(111) Għall-konvenjenza amministrattiva, il-Kummissjoni talbet lill-GTĊ jibgħat kwestjonarji speċifiċi lil kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja li pprovdiet self jew krediti għall-esportazzjoni lill-kumpaniji fil-kampjun.

(112) Għall-ewwel, waslet biss tweġiba mill-bank EXIM u Sinosure. Il-GTĊ ma weġibx għat-talba tal-Kummissjoni sabiex jipprovdi kwestjonarji lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li pprovdew self jew krediti għall-esportazzjoni lill-kumpaniji fil-kampjun. Fl-ittra ta' nuqqas, il-Kummissjoni għalhekk tenniet mill-ġdid it-talba tagħha fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji bil-ħsieb li timmassimizza l-involviment tagħhom fl-investigazzjoni billi tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tagħmel sejbiet dwar l-eżistenza u l-firxa tal-allegat sussidjar.

(113) Wara l-ittra ta' nuqqas, il-GTĊ indika li ma kienx awtorizzat li jitlob informazzjoni minn banek kummerċjali. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tifhem li l-informazzjoni mitluba minn entitajiet tal-Istat hija disponibbli għall-GTĊ għall-entitajiet kollha fejn il-GTĊ huwa l-azzjonist ewlieni jew azzjonist importanti. Barra minn hekk, il-GTĊ għandu wkoll l-awtorità meħtieġa sabiex jinteraġixxi mal-istituzzjonijiet finanzjarji anke meta ma jkunux tal-Istat, peress li kollha jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tas-CBIRC.

(114) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rċeviet biss informazzjoni dwar l-istruttura korporattiva, il-governanza u s-sjieda mill-bank EXIM iżda mhux mingħand l-ebda istituzzjoni finanzjarja oħra, li kienet ipprovdiet self lill-kumpaniji fil-kampjun. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni verifikabbli speċifika għall-kumpaniji minn l-ebda bank jew istituzzjoni finanzjarja.

(115) Peress li ma rċeviet l-ebda informazzjoni fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-banek li pprovdew self lill-kumpaniji fil-kampjun, il-Kummissjoni tqis li ma rċevietx informazzjoni kruċjali rilevanti għal dan l-aspett tal-investigazzjoni.

(116) Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li jista' jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-firxa tal-allegat sussidjar mogħti permezz ta' self preferenzjali.

(117) Bi tweġiba, il-GTĊ oġġezzjona għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku. Huwa argumenta li l-GTĊ ma huwiex obbligat jipprovdi l-informazzjoni mitluba, li l-mistoqsijiet jenħtieġ li jsiru direttament lill-entitajiet ikkonċernati, u mhux lill-GTĊ fil-kapaċità tiegħu bħala investitur jew azzjonist, u li l-informazzjoni mitluba ma tikkostitwixxix l-informazzjoni neċessarja.

(118) Il-Kummissjoni taqbel li t-tweġibiet jenħtieġ li jaslu mingħand l-entitajiet direttament ikkonċernati. Madankollu, il-Kummissjoni talbet lill-GTĊ, għall-konvenjenza amministrattiva, sabiex jgħaddi kwestjonarji speċifiċi lill-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti kollha, iżda l-GTĊ ma għamilx kif talbet il-Kummissjoni. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (113) hawn fuq, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li bħala l-korp regolatorju, il-GTĊ huwa l-awtorità li jitlob tweġibiet għall-mistoqsijiet speċifiċi mill-istituzzjonijiet finanzjarji li pprovdew finanzjament lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(119) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni mitluba bħala kruċjali sabiex tivvaluta l-kontroll tal-GTĊ fuq l-imġiba tal-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-politiki ta' self tiegħu u l-valutazzjoni tar-riskju, fejn ipprovdew self lill-industrija tal-ACF.

(120) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kellha tiddependi parzjalment fuq il-fatti disponibbli meta eżaminat l-eżistenza u l-firxa tal-allegat sussidjar mogħti permezz ta' self preferenzjali.

3.2.2. *Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni*

(121) Għall-konvenjenza amministrattiva, il-Kummissjoni talbet lill-GTĊ jibgħat kwestjonarju speċifiku lil Sinosure.

(122) Għalkemm waslet tweġiba għall-kwestjonarju, Sinosure naqset milli tagħti d-dokumentazzjoni ta' sostenn mitluba dwar il-governanza korporattiva ta' Sinosure, bħall-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha. Barra minn hekk, ma waslet l-ebda informazzjoni speċifika dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduta lill-industrija tal-ACF, il-livell tal-primjums tagħha jew iċ-ċifri dettaljati relatati mal-profittabbiltà tan-negozju tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni tagħha mill-GTĊ jew Sinosure.

(123) Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, il-Kummissjoni qieset li ma kinitx irċeviet l-informazzjoni kruċjali rilevanti għal dan l-aspett tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li jista' jkollha tirrikorri għall-użu ta' fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-firxa tal-allegat sussidjar mogħti permezz tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni.

(124) Fit-tweġiba tiegħu, u wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ żamm il-pożizzjoni tiegħu li Sinosure ma pprovdietx sussidji speċifiċi lill-industrija tal-ACF u li din issegwi l-prinċipju orjentat lejn is-suq sabiex twettaq negozju tal-assigurazzjoni rilevanti u ma kellha l-ebda trattament preferenzjali speċifiku fir-rigward tal-industrija tal-ACF. Barra minn hekk, l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni ma kinitx inkluża fl-ilment, għalhekk l-informazzjoni mitluba ma kinitx meħtieġa jew kruċjali għad-determinazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(125) Kif imsemmi fil-premessa (8) hawn fuq, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha d-diskrezzjoni li tinvestiga l-informazzjoni kollha li hija rilevanti għas-sussidji allegati u ma hijiex limitata għall-informazzjoni li tinsab fl-ilment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li b'mod aktar ġenerali, skemi relatati ma' finanzjament preferenzjali u ma' trasferiment dirett ta' fondi, li jinkludu wkoll assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, ġew inklużi fl-ilment u fin-Notifika ta' Bidu. Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-informazzjoni li l-GTĊ ipprovda fir-rigward ta' Sinosure ma kinitx kompluta u ma ppermettietx lill-Kummissjoni tislet konklużjonijiet dwar partijiet kruċjali tal-investigazzjoni rigward l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, speċifikament jekk Sinosure hijiex entità pubblika u jekk il-primjums mitluba lill-kumpaniji fil-kampjun kinux ibbażati fuq is-suq. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(126) B'hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kellha toqgħod parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha fir-rigward tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni.

3.2.3. *Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-materjali ta' input*

(127) Il-Kummissjoni talbet lill-GTĊ jibgħat kwestjonarju speċifiku lill-aqwa 10 produtturi u distributuri tal-materjali ta' input użati fil-produzzjoni tal-ACF, kif ukoll lil kull fornitur ieħor tal-materjali inkwistjoni, li pprovdew inputs lill-kumpaniji fil-kampjun. Fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, il-GTĊ iddikjara li ma kellux kontroll fuq il-fornituri tal-materjali ta' input sabiex jipprovdu l-informazzjoni kunfidenzjali mitluba fil-kwestjonarju, u li jkun piż mhux raġonevoli għall-GTĊ li jikkoordina l-proċess ma' għadd sinifikanti ferm ta' fornituri tal-materjali ta' input tal-kumpaniji fil-kampjun.

(128) Il-GTĊ ma pprovdiex ħarsa ġenerali lejn l-ismijiet u l-istruttura tas-sjieda tal-fornituri Ċiniżi tal-materjali ta' input li qegħdin jiġu investigati, u sostna li din kienet informazzjoni kunfidenzjali. Barra minn hekk, il-GTĊ naqas milli jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-maġġoranza mill-karatteristiċi tas-suq domestiku fiċ-Ċina ta' materjali ta' input għall-ACF, fosthom: is-sehem tal-SOEs fil-produzzjoni u l-konsum domestiku, id-daqs tas-suq domestiku, il-politiki tal-ipprezzar tal-Istat u/jew tal-SOEs, il-prezzijiet reali tal-materjali ta' input fis-suq domestiku, u l-istatistika.

(129) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni mill-GTĊ dwar l-elementi kollha elenkati hawn fuq, fosthom l-istruttura tas-suq domestiku, il-mekkaniżmi u l-prezzijiet tal-iffissar tal-prezzijiet, u l-parteċipazzjoni azzjonarja tal-kumpaniji, il-Kummissjoni qieset li ma kinitx irċeviet informazzjoni kruċjali rilevanti għall-investigazzjoni.

(130) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kellha tiddependi parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha dwar il-materjali ta' input.

3.2.4. *Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku dwar Yongxin*

(131) Skont il-kwestjonarju dwar is-sussidju, il-kumpaniji relatati li jipprovdu inputs u assi għall-proċess ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun huma meħtieġa jipprovdu tweġiba għat-Taqsimiet A u E tal-kwestjonarju. Madankollu, Yongxin, fornitur tal-input relatat tal-produttur esportatur inkluż fil-kampjun Xiamen Xiashun, inizjalment ma pprovdiex tweġiba bħal din. Xiamen Xiashun iddikjara li minħabba n-natura tar-relazzjoni, ma kellu l-ebda mod sabiex iġiegħel lil Yongxin twieġeb kwestjonarju u li n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn Yongxin jenħtieġ li ma jkollu l-ebda impatt fuq l-investigazzjoni preżenti.

(132) Il-Kummissjoni nnotat li Xiamen Xiashun u Yongxin kienu waqqfu kumpanija ta' impriża konġunta, Yongshun, li minħabba fiha dawn il-kumpaniji kienu relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([30]). Barra minn hekk, il-kumpanija tal-impriża konġunta Yongshun kienet fornitur importanti ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ACF minn Xiamen Xiashun. Konsegwentement, hija jenħtieġ li tissottometti tweġiba għall-kwestjonarju dwar is-sussidju, skont l-istruzzjonijiet tal-kwestjonarju u l-ittra dwar in-nuqqasijiet tad-19 ta' Frar 2021.

(133) Rigward in-nuqqas ta' impatt fuq l-investigazzjoni, il-Kummissjoni nnotat għadd kbir ta' tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji bejn Yongxin u Yongshun, relatati mal-art, il-materja prima u l-finanzjament. Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li fin-nuqqas ta' tweġiba minn Yongxin, kien impossibbli li tiġi ddeterminata l-firxa sħiħa tas-sussidji li rċieva l-grupp.

(134) Għalhekk, fil-15 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni informat lil Xiamen Xiashun li jista' jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku meta teżamina l-eżistenza u l-firxa tal-allegat sussidjar mogħti permezz ta' Yongxin. Bi tweġiba għall-ittra tal-Kummissjoni, Xiamen Xiashun talab seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fit-23 ta' Marzu 2021. L-Uffiċjal tas-Seduta ssuġġerixxa li Xiamen Xiashun jagħmel sforz ulterjuri ma' Yongxin sabiex jipprovdi l-informazzjoni mitluba. Finalment, waslet tweġiba għall-mistoqsijiet speċifiċi tal-Kummissjoni mingħand Yongxin fis-7 ta' Mejju 2021, u d-*data* li waslet ġiet ivverifikata waqt kontroverifika mill-bogħod fit-2 ta' Ġunju 2021.

3.2.5. *Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku dwar il-Grupp Nanshan*

(135) Skont il-kwestjonarju dwar is-sussidju, il-kumpaniji fil-kampjun, kif ukoll il-kumpaniji relatati tagħhom, intalbu jipprovdu *data* u dokumentazzjoni ta' sostenn fir-rigward tax-xiri tal-LURs, inklużi ċ-ċertifikati tal-LUR u l-kuntratti tax-xiri tat-tranżazzjonijiet oriġinali mal-Bureau tal-Artijiet, filwaqt li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom waslu l-LURs. Madankollu, il-kumpaniji fil-Grupp Nanshan ma pprovdewx id-dokumentazzjoni mitluba, u b'hekk kien impossibbli għall-Kummissjoni li tivverifika l-kundizzjonijiet, inkluż il-prezz tax-xiri, tal-LURs.

(136) Barra minn hekk, uħud mill-kumpaniji fil-Grupp Nanshan ma kinux imlew it-tabelli mitluba li jikkonċernaw makkinarju importat u domestiku u għalhekk ma pprovdewx l-informazzjoni mitluba dwar ix-xiri ta' makkinarju importat u domestiku u l-eżenzjonijiet relatati tal-VAT u t-tnaqqis tat-taxxa tal-importazzjoni għall-użu ta' tagħmir u teknoloġija importati.

(137) Finalment, il-kooperazzjoni mill-kumpanija omm tal-Grupp Nanshan, jiġifieri Nanshan Group Co., Ltd., kienet limitata f'termini ta' (i) id-disponibbiltà tal-persunal tagħha sabiex iwieġbu għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni u (ii) id-dokumenti pprovduti. Pereżempju, id-dokumentazzjoni li tikkonċerna x-xiri ta' art, l-attribuzzjoni ta' għadd ta' għotjiet u self ma ġiet ipprovduta xejn, jew ma kinitx kompluta. Din il-limitazzjoni fixklet b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, notevolment minħabba li ħafna mill-kumpaniji fi ħdan il-Grupp Nanshan kienu rċevew l-LURs u l-finanzjament tagħhom permezz ta' Nanshan Group Co., Ltd.

(138) Għalhekk, permezz ta' ittra tat-3 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni informat lil Nanshan Group li jista' jkollha tirrikorri għall-użu tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-informazzjoni nieqsa kif imsemmi fil-premessi (135) sa (137) hawn fuq.

(139) Fil-kummenti tiegħu għall-ittra tal-Artikolu 28 imsemmija hawn fuq, il-Grupp Nanshan għamel diversi dikjarazzjonijiet kif deskritt hawn taħt.

([30]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (GU L 343, 29.12.2015, p. 558).

(140) Fir-rigward tal-LURs, il-Grupp Nanshan sostna li, peress li l-kumpaniji l-oħrajn tal-grupp irrapportaw ix-xiri tagħhom mingħand Nanshan Group Co. Ltd., il-prezz ta’ dawn it-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji jenħtieġ li jintuża sabiex jiġi ddeterminat il-prezz tax-xiri tal-LURs mixtrija minn Nanshan Group Co. Ltd. mingħand partijiet terzi. Huwa sostna wkoll li l-prezzijiet tat-trasferimenti tal-art bejn il-kumpaniji ġew stabbiliti abbażi tal-valur tal-art ipprovdut fir-Rapport ta’ Valutazzjoni tal-Art magħmul minn evalwatur indipendenti. Nanshan Group sostna wkoll li, alternattivament, tranżazzjonijiet oħrajn ta’ użu tal-art minn kumpaniji oħrajn tal-grupp jistgħu jintużaw bħala indikatur sabiex jiġi ddeterminat il-prezz tat-tranżazzjonijiet ta’ Nanshan Group Co. Ltd.

(141) Fir-rigward tal-informazzjoni mitluba dwar ix-xiri ta’ makkinarju importat u domestiku u l-eżenzjonijiet relatati tal-VAT u t-tnaqqis tat-taxxa tal-importazzjoni għall-użu ta’ tagħmir u teknoloġija importati, il-Grupp Nanshan sostna li kien ipprovda reġistru tal-assi fissi għall-biċċa l-kbira tal-kumpaniji. Huwa sostna wkoll li l-programm ta’ eżenzjoni mill-VAT diġà ġie mitmum fl-2009 u li kwalunkwe benefiċċju potenzjalment riċevut f’dan il-kuntest jiġi deprezzat kompletament qabel il-bidu tal-perjodu ta’ investigazzjoni.

(142) Fir-rigward tal-fatt li l-kooperazzjoni minn Nanshan Group Co., Ltd., kienet biss limitata, il-Grupp Nanshan argumenta li kien aġixxa bl-aħjar mod possibbli u li n-nuqqas ta’ kooperazzjoni kien minħabba ż-żmien tal-RCC u kundizzjonijiet oħrajn ta’ sfida. Nanshan Group sostna li l-Kummissjoni jenħtieġ li ma twarrabx l-informazzjoni kollha pprovduta minn Nanshan Group Co., Ltd., u li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkomplementa din id-*data* b’*data* minn tranżazzjonijiet komparabbli tal-art u tas-self mill-kumpanija jew kumpaniji oħrajn tal-grupp. Il-Kummissjoni ma qablitx mal-kummenti dwar l-LURs. Huwa l-prezz tat-tranżazzjoni oriġinali mal-Bureau tal-Artijiet li jiddetermina l-ammont ta’ sussidjar għall-grupp, mhux it-trasferimenti intra-kumpaniji tal-art, u fin-nuqqas tad-dokumentazzjoni meħtieġa mill-kumpanija li kienet parti għat-tranżazzjoni oriġinali tax-xiri, jiġifieri Nanshan Group Co., Ltd., kien impossibbli li jiġi ddeterminat l-ammont sħiħ tas-sussidji li rċieva l-grupp..

(143) Fir-rigward tal-informazzjoni mitluba dwar ix-xiri ta’ makkinarju importat u domestiku u l-eżenzjonijiet relatati tal-VAT u t-tnaqqis tat-taxxa tal-importazzjoni, il-Kummissjoni ma qablitx mal-kummenti li saru minn Nanshan Group. L-ewwel nett, għalkemm Nanshan Group ipprovda reġistru tal-assi fissi għal xi wħud mill-kumpaniji tal-grupp, huwa naqas milli jipprovdi *data* komprensiva dwar l-eżenzjonijiet tal-VAT u t-tnaqqis tat-taxxa tal-importazzjoni li kienet talbet il-Kummissjoni. It-tieni nett, il-Kummissjoni identifikat eżenzjonijiet kemm tal-VAT kif ukoll tad-dazju tal-importazzjoni matul il-perjodu ta’ investigazzjoni fil-kumpaniji fil-kampjun. Dawn kienu jinkludu eżenzjonijiet għal tagħmir mixtri fis-snin preċedenti, iżda li għalih il-benefiċċju ġie amortizzat matul il-ħajja ta’ dak it-tagħmir u għalhekk kien allokat parzjalment għall-perjodu ta’ investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni stabbiliet li l-kumpaniji fil-kampjun xorta għamlu użu mill-benefiċċji skont dan il-programm.

(144) Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni li tranżazzjonijiet oħrajn minn Nanshan Group Co., Ltd., jew kumpaniji oħrajn tal-Grupp Nanshan, setgħu jintużaw bħala indikatur għal tranżazzjonijiet li jikkonċernaw l-LURs jew tagħmir fejn ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* suffiċjenti, ma kinitx sostanzjata, peress li l-ebda waħda mill-kumpaniji fil-grupp ma pprovdiet l-informazzjoni sħiħa mitluba.

### 3.3. **Is-sussidji u l-programmi ta’ sussidju fl-ambitu tal-investigazzjoni attwali**

(145) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fl-ilment, fin-Notifika ta’ Bidu u fit-tweġibiet għall-kwestjonarji tal-Kummissjoni, ġew investigati s-sussidji li ġejjin mill-GTĊ:

(a) Għoti ta’ finanzjament preferenzjali, krediti diretti u finanzjament permezz ta’ ekwità, kważi-ekwità u strumenti kapitali oħrajn (eż. self ta’ politika, linji ta’ kreditu, abbozzi ta’ aċċettazzjoni bankarja, finanzjament għall-esportazzjoni)

(b) Assigurazzjoni ta’ kreditu għall-esportazzjoni preferenzjali

(c) Programmi ta’ Għotjiet

— Għotjiet u fondi għat-teknoloġija, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp;

— Trasformazzjoni industrijali u fondi ta’ aġġornament;

— Sussidji *ad hoc* ipprovduti mill-awtoritajiet muniċipali/provinċjali.

(d) Introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli permezz ta' programmi ta' Eżenzjoni u Tnaqqis tat-Taxxa

— Tnaqqis tat-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi ("EIT") għal Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida;

— Tnaqqis preferenzjali qabel it-taxxa tal-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp;

— Deprezzament aċċellerat tal-istrumenti u t-tagħmir użati mill-intrapriżi tat-Teknoloġija Avvanzata għall-iżvilupp u l-produzzjoni tat-Teknoloġija Avvanzata;

— Eżenzjoni fuq id-dividendi bejn intrapriżi residenti kwalifikati;

— Eżenzjoni jew rinunzja ta' taxxi fuq il-proprjetà immobbli u l-użu tal-art

— Eżenzjonijiet mill-VAT u tnaqqis tat-taxxa tal-importazzjoni għall-użu ta' tagħmir importat u t-teknoloġija

— Tnaqqis tal-VAT fuq Tagħmir Prodott Domestikament.

(e) Il-forniment ta' prodotti u servizzi mill-gvern għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata ("less than adequate remuneration" - "LTAR")

— Il-forniment mill-gvern ta' drittijiet tal-użu tal-art għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata;

— Il-forniment tal-enerġija għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata;

— Il-forniment mill-gvern ta' materjali ta' input (aluminju u faħam bituminuż) għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata.

## 3.4. **Finanzjament preferenzjali**

### 3.4.1. *Istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu finanzjament preferenzjali*

(146) Skont l-informazzjoni pprovduta mit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun, 48 istituzzjoni finanzjarja li jinsabu fir-RPĊ kienu pprovdewlhom finanzjament. Minn dawn it-48 istituzzjoni finanzjarja, 47 kienu proprjetà tal-Istat. Il-bqija tal-istituzzjonijiet finanzjarji kienu jew privati jew inkella l-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina jekk kinux proprjetà tal-Istat jew proprjetà privata. Madankollu, bank wieħed biss tal-Istat mela l-kwestjonarju speċifiku, minkejja talba mill-GTĊ li kopriet l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li kienu pprovdew self lill-kumpaniji fil-kampjun.

#### 3.4.1.1. Istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat li jaġixxu bħala korpi pubbliċi

(147) Il-Kummissjoni vverifikat jekk il-banek tal-Istat kinux qegħdin jaġixxu bħala korpi pubbliċi fis-sens tal-Artikoli 3 u 2(b) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, it-test applikabbli sabiex jiġi stabbilit li impriża tal-Istat hija entità pubblika huwa kif ġej ([31]): "*Dak li huwa importanti huwa jekk entità għandhiex l-awtorità li teżerċita funzjonijiet governattivi, aktar milli kif din tinkiseb. Hemm modi differenti ta' kif il-gvern fis-sens ristrett jista' jipprovdi lill-entitajiet b'awtorità. Għaldaqstant, hemm tipi differenti ta' evidenza li jistgħu jkunu rilevanti sabiex jintwera li entità partikolari ngħatat tali awtorità. Evidenza li entità, fil-fatt, qiegħda teżerċita funzjonijiet governattivi tista' sservi bħala evidenza li hi għandha jew ingħatat awtorità governattiva, b'mod partikolari meta tali evidenza tindika prattika sostnuta u sistematika. Jirriżulta, fil-fehma tagħna, li l-evidenza li gvern jeżerċita kontroll sinifikanti fuq entità u l-aġir tagħha tista' sservi, f'ċerti ċirkostanzi, bħala evidenza li l-entità rilevanti għandha awtorità governattiva u teżerċita tali awtorità fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi. Madankollu, aħna nenfasizzaw li, apparti minn delega espliċita ta' awtorità fi strument legali, l-eżistenza ta' sempliċi rabtiet formali bejn entità u gvern fis-sens dejjaq tal-kelma x'aktarx ma jkunx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit il-pussess neċessarju ta' awtorità governattiva. Għalhekk, pereżempju, is-sempliċi fatt li gvern huwa l-azzjonista maġġoritarju ta' entità ma jurix li l-gvern jeżerċita kontroll sinifikanti fuq l-aġir ta' dik l-entità, u ferm anqas li l-gvern taha awtorità governattiva. Madankollu, f'xi każijiet, fejn l-evidenza turi li l-indikazzjonijiet formali tal-kontroll tal-gvern huma diversi, u fejn ikun hemm ukoll evidenza li tali kontroll ikun ġie eżerċitat b'mod sinifikanti, mela tali evidenza tista' tippermetti li ssir inferenza li l-entità kkonċernata qiegħda teżerċita awtorità governattiva.*"

([31]) WT/DS379/AB/R (L-Istati Uniti – Id-Dazji Kumpensatorji u Anti-dumping fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tal-11 ta' Marzu 2011, DS 379, il-paragrafu 318. Ara wkoll WT/DS436/AB/R (L-Istati Uniti — Azzar bil-Karbonju (l-Indja)), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tat-8 ta' Diċembru 2014, il-paragrafi 4.9–4.10, 4.17–4.20 u WT/DS437/AB/R (L-Istati Uniti – Il-Miżuri ta' Dazju Kumpensatorju fuq Ċerti Prodotti miċ-Ċina) ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tat-18 ta' Diċembru 2014, il-paragrafu 4.92.

(148) Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar is-sjieda tal-Istat, kif ukoll indizji formali tal-kontroll tal-gvern fil-banek tal-Istat. Hija analizzat ukoll jekk il-kontroll kienx eżerċitat b'mod sinifikanti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni kellha tistrieħ parzjalment fuq il-fatti disponibbli minħabba r-rifjut tal-GTĊ u tal-banek tal-Istat li jipprovdu evidenza dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li wassal għas-self preferenzjali.

(149) Sabiex twettaq din l-analiżi, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat informazzjoni mill-bank tal-Istat li kien mela l-kwestjonarju speċifiku.

3.4.1.2. Istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat li kkooperaw

(150) Bank wieħed biss tal-Istat, jiġifieri l-bank EXIM, ipprovda tweġiba għall-kwestjonarju.

3.4.1.3. Sjieda, indikazzjonijiet formali u eżerċizzju ta' kontroll mill-GTĊ

(151) Abbażi tal-informazzjoni riċevuta fit-tweġiba għall-kwestjonarju, il-Kummissjoni stabbiliet li l-GTĊ kellu, direttament jew indirettament, aktar minn 50 % tal-ishma f'din l-istituzzjoni finanzjarja.

(152) Fir-rigward tal-indikazzjonijiet formali tal-kontroll tal-gvern tal-bank tal-Istat li kkoopera, il-Kummissjoni kkwalifikatu bħala "istituzzjoni finanzjarja tal-Istat ewlenija". B'mod partikolari, l-avviż "Regolamenti *Interim* dwar il-Bord tas-Superviżuri f'Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-Istat Ewlenin" ([32]) jiddikjara li: "*L-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ewlenin imsemmija f'dawn ir-Regolamenti jirreferu għal banek pubbliċi tal-Istat, banek kummerċjali, kumpaniji tal-ġestjoni tal-assi finanzjarji, kumpaniji tat-titoli, kumpaniji tal-assigurazzjoni, ecc. (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat), li lilhom il-Kunsill tal-Istat jibgħat bordijiet ta' superviżuri*".

(153) Il-Bord tas-Superviżuri tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ewlenin jinħatar skont ir-"Regolamenti *Interim* tal-Bord tas-Superviżuri ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-Istat Ewlenin". Abbażi tal-Artikoli 3 u 5 ta' dawn ir-Regolamenti *Interim*, il-Kummissjoni stabbiliet li l-Membri tal-Bord tas-Superviżuri huma mibgħuta minn u responsabbli lejn il-Kunsill tal-Istat, u b'hekk juru l-kontroll istituzzjonali tal-Istat fuq l-attivitajiet kummerċjali tal-bank tal-Istat li kkoopera.

(154) Minbarra dawn l-indikazzjonijiet ġeneralment applikabbli, il-Kummissjoni sabet dan li ġej fir-rigward tal-bank EXIM. Il-Bank EXIM ġie ffurmat u jopera f'konformità mal-"Avviż tat-Twaqqif tal-Export-Import Bank of China" maħruġ mill-Kunsill tal-Istat, kif ukoll l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-bank EXIM. Skont l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tiegħu, l-Istat jinnomina direttament il-maniġment tal-bank EXIM. Il-Bord tas-Superviżuri jinħatar mill-Kunsill tal-Istat f'konformità mar-"Regolamenti *Interim* dwar il-Bordijiet tas-Superviżuri f'Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-Istat Ewlenin" u liġijiet u regolamenti oħrajn, u huwa responsabbli lejn il-Kunsill tal-Istat.

(155) L-Istatut ta' Assoċjazzjoni jsemmi wkoll li l-Kumitat tal-Partit tal-bank EXIM għandu rwol ewlieni u politiku kruċjali sabiex jiżgura li l-politiki u l-iskjerament maġġuri tal-Partit u tal-Istat jiġu implimentati mill-bank EXIM. It-tmexxija tal-Partit hija integrata fl-aspetti kollha tal-governanza korporattiva.

(156) L-Istatut ta' Assoċjazzjoni jiddikjara wkoll li l-bank EXIM huwa ddedikat sabiex jappoġġa l-iżvilupp tal-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika barranija, l-investiment transfruntier, l-Inizjattiva One Belt, One Road, il-kooperazzjoni fil-kapaċità internazzjonali u l-manifattura tat-tagħmir. L-ambitu tan-negozju tiegħu jinkludi self fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil kif approvat u f'konformità mal-kummerċ barrani tal-Istat u mal-politiki internazzjonali "going out", bħal kreditu għall-esportazzjoni, kreditu għall-importazzjoni, self għall-inġinerija b'kuntratt barrani, self għal investiment barrani, self tal-gvern Ċiniż għall-għajnuna barranija u self lix-xerrejja tal-esportazzjoni.

([32]) Id-Digriet tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (Nru 283).

(157) Barra minn hekk, fir-rapport annwali tiegħu tal-2019, il-bank EXIM iddikjara li huwa implimenta bis-sħiħ il-politiki u d-deċiżjonijiet ewlenin kollha li ttieħdu mill-Kumitat Ċentrali tas-CPC u mill-Kunsill tal-Istat.

(158) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat, inkluż il-bank EXIM, bidlu l-Artikoli ta' Assoċjazzjonijiet tagħhom fl-2017 sabiex iżidu r-rwol tal-Partit Komunista taċ-Ċina ("CCP") fl-ogħla livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-banek ([33]).

(159) Dawn l-Istatuti ta' Assoċjazzjoni l-ġodda jistipulaw li:

— il-President tal-Bord tad-Diretturi għandu jkun l-istess persuna bħas-Segretarju tal-Kumitat tal-Partit;

— ir-rwol tas-CCP huwa li jiżgura u jissorvelja l-implimentazzjoni mill-Bank tal-politiki u l-linji gwida tas-CCP u tal-Istat; kif ukoll li jkollu rwol ta' tmexxija u ta' żamma tan-negozju fil-ħatra tal-persunal (inkluż il-maniġment superjuri); u

— l-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Partit għandhom jinstemgħu mill-Bord tad-Diretturi sabiex jittieħdu deċiżjonijiet ewlenin.

(160) Din l-evidenza turi li l-GTĊ eżerċita kontroll sinifikanti fuq l-imġiba ta' dawn l-istituzzjonijiet.

(161) Il-Kummissjoni fittxet aktar informazzjoni dwar jekk il-GTĊ eżerċitax kontroll sinifikanti fuq l-imġiba tal-bank EXIM fir-rigward tal-politiki ta' self tiegħu u l-valutazzjoni tar-riskji, meta huwa pprovda self lill-industrija tal-ACF. F'dan ir-rigward, ġew ikkunsidrati d-dokumenti regolatorji li ġejjin:

— L-Artikolu 34 tal-Liġi tar-RPĊ dwar il-Banek Kummerċjali ("il-Liġi Bankarja");

— L-Artikolu 15 tar-Regoli Ġenerali dwar is-Self (implimentat mill-People's Bank of China);

— Id-Deċiżjoni Nru 40;

— Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Regolatorja Bankarja u tal-Assigurazzjoni taċ-Ċina ("CBIRC") għal Kwistjonijiet ta' Liċenzjar Amministrattiv għal Banek Kummerċjali ffinanzjati miċ-Ċina (l-Ordni tas-CBIRC tal-[2017] Nru 1);

— Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tas-CBIRC għal Kwistjonijiet ta' Liċenzjar Amministrattiv relatati ma' Banek b'Finanzjament Barrani (l-Ordni tas-CBIRC tal-[2015] Nru 4); u

— Il-Miżuri Amministrattivi għall-Kwalifiki tad-Diretturi u l-Uffiċjali Għolja tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji fis-Settur Bankarju (CBIRC tal-[2013] Nru 3)

— Il-Pjan ta' azzjoni ta' tliet snin għat-titjib tal-governanza korporattiva tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni (2020–2022) (CBIRC, it-28 ta' Awwissu 2020) ([34])

— L-Avviż dwar il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali, (CBIRC, il-15 ta' Diċembru 2020)

— L-Avviż dwar ir-Regolamenti ta' Superviżjoni li jikkonċernaw l-imġiba ta' azzjonisti kbar ta' banek u istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni (CBIRC, tal-[2021] Nru 43) ([35]).

(162) Meta eżaminat dawn id-dokumenti regolatorji, il-Kummissjoni sabet li l-istituzzjonijiet finanzjarji fir-RPĊ qegħdin joperaw f'ambjent legali ġenerali li jidderiġihom sabiex jallinjaw ruħhom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-GTĊ meta jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji, għar-raġunijiet li ġejjin.

(163) Fir-rigward tal-bank EXIM, il-mandat ta' politika pubblika tiegħu huwa stabbilit fl-avviż tat-twaqqif tal-bank EXIM kif ukoll fl-Istatut ta' Assoċjazzjoni tiegħu.

([33]) https://www.reuters.com/article/us-china-banks-party-idUSKBN1JN0XN, aċċessat l-aħħar fit-13 ta' Awwissu 2021.

([34]) Id-Dokument uffiċjali tal-politika tal-Kummissjoni Regolatorja dwar il-Banek u l-Assigurazzjoni taċ-Ċina ("CBIRC") tat-28 ta' Awwissu 2020: Il-Pjan ta' azzjoni ta' tliet snin għat-titjib tal-governanza korporattiva tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni (2020-2022) .http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928 (aċċessat l-aħħar fit-3 ta' April 2021).

([35]) Il-Kummissjoni Regolatorja dwar il-Banek u l-Assigurazzjoni taċ-Ċina (cbirc.gov.cn), aċċessata l-aħħar fil-21 ta' Ottubru 2021.

(164) Fil-livell ġenerali, l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja, li japplika għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li joperaw fiċ-Ċina, jistabbilixxi li l-"*banek kummerċjali għandhom iwettqu n-negozju tas-self tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u taħt il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat*". Għalkemm l-Artikolu 4 tal-Liġi Bankarja jiddikjara li l-"*banek kummerċjali għandhom, skont il-liġi, iwettqu l-operazzjonijiet tan-negozju mingħajr interferenza minn kwalunkwe unità jew individwu. Il-banek kummerċjali għandhom jassumu b'mod indipendenti responsabbiltà ċivili bil-proprjetà kollha tagħhom bħala persuna ġuridika*", l-investigazzjoni wriet li l-Artikolu 4 tal-Liġi Bankarja huwa applikat soġġett għall-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja, jiġifieri meta l-Istat jistabbilixxi ordni pubbliku, il-banek jimplimentawh u jsegwu l-istruzzjonijiet tal-Istat.

(165) Barra minn hekk, l-Artikolu 15 tar-Regoli Ġenerali dwar is-Self jistabbilixxi li "*f'konformità mal-politika tal-Istat, id-dipartimenti rilevanti jistgħu jissussidjaw l-imgħaxijiet fuq is-self, bil-ħsieb li jippromwovu t-tkabbir ta' ċerti industriji u l-iżvilupp ekonomiku f'xi oqsma*".

(166) Bl-istess mod, id-Deċiżjoni Nru 40 tagħti struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha sabiex jipprovdu appoġġ ta' kreditu speċifikament għall-proġetti "inċentivati". Kif diġà ġie spjegat fit-Taqsima 3.1 u b'mod aktar speċifiku fil-premessa (94), il-proġetti tal-industrija tal-ACF jappartjenu għall-kategorija "inċentivata". B'hekk, id-Deċiżjoni Nru 40 tikkonferma s-sejba preċedenti fir-rigward tal-Liġi Bankarja li l-banek jeżerċitaw awtorità governattiva fil-forma ta' operazzjonijiet ta' kreditu preferenzjali.

(167) Il-Kummissjoni sabet ukoll li s-CBIRC għandu awtorità ta' approvazzjoni estensiva fuq l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji kollha stabbiliti fir-RPĊ (inklużi istituzzjonijiet finanzjarji privati u ta' sjieda barranija), bħal ([36]):

— l-approvazzjoni tal-ħatra tal-maniġers kollha tal-istituzzjonijiet finanzjarji, kemm fil-livell tal-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-livell tal-fergħat lokali. L-approvazzjoni tas-CBIRC hija meħtieġa għar-reklutaġġ tal-livelli kollha tal-maniġment, mill-aktar pożizzjonijiet għolja sal-maniġers tal-fergħat, u tinkludi wkoll maniġers maħtura f'fergħat barranin, kif ukoll maniġers responsabbli għall-funzjonijiet ta' appoġġ (pereżempju, il-maniġers tal-IT); u

— lista twila ħafna ta' approvazzjonijiet amministrattivi, inklużi approvazzjonijiet għat-twaqqif ta' fergħat, għall-bidu ta' linji ta' negozju ġodda jew għall-bejgħ ta' prodotti ġodda, għat-tibdil tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-bank, għall-bejgħ ta' aktar minn 5 % tal-ishma tagħhom, għal żidiet fil-kapital, għal bidliet tad-domiċilju, għal bidliet tal-forma organizzattiva, eċċ.

(168) Il-liġi Bankarja hija legalment vinkolanti. In-natura obbligatorja tal-Pjanijiet ta' Ħames Snin u tad-Deċiżjoni Nru 40 ġiet stabbilita hawn fuq fit-Taqsima 3.1. In-natura obbligatorja tad-dokumenti regolatorji tas-CBIRC tirriżulta mis-setgħat tagħha bħala l-awtorità regolatorja bankarja. In-natura obbligatorja ta' dokumenti oħrajn tidher permezz tal-klawżoli ta' superviżjoni u evalwazzjoni li fihom.

(169) Id-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat tagħti struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha sabiex jipprovdu appoġġ ta' kreditu biss għal proġetti inċentivati u twiegħed l-implimentazzjoni ta' "politiki preferenzjali oħrajn dwar il-proġetti inċentivati". Fuq din il-bażi, il-banek huma meħtieġa jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-industrija tal-ACF.

(170) Barra minn hekk, anke deċiżjonijiet bankarji kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet ġenerali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni fil-kumpaniji. F'dan ir-rigward, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tliet Snin tas-CBIRC għas-snin mill-2020 sal-2022 jagħti struzzjonijiet sabiex "*ikompli jiġi implimentat l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju*

([36]) Skont il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tas-CBIRC għal Kwistjonijiet ta' Liċenzji Amministrattivi għal Banek Kummerċjali ffinanzjati miċ-Ċina (l-Ordni tas-CBIRC tal-[2017] Nru 1), il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tas-CBIRC għal Kwistjonijiet ta' Liċenzji Amministrattivi relatati ma' Banek b'Finanzjament Barrani (l-Ordni tas-CBIRC tal-[2015] Nru 4) u l-Miżuri Amministrattivi għall-Kwalifiki tad-Diretturi u tal-Uffiċjali Anzjani tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji fis-Settur Bankarju (CBIRC tal-[2013] Nru 3).

*Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz tar-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju*". Barra minn hekk, it-Taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "*għandna nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri. Il-Kumitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u maniġerjali ewlenin qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri.*"

(171) Barra minn hekk, il-GTĊ reċentement stipula li anke l-azzjonisti tal-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġ li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-kontroll tal-GTĊ permezz tal-qafas ta' governanza korporattiva tal-istituzzjoni, kif ġej: "*Azzjonisti kbar ta' banek u istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni għandhom jappoġġaw banek u istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni fl-istabbiliment ta' struttura ta' governanza korporattiva indipendenti u soda b'kontrolli u bilanċi effettivi, u jinkoraġġixxu u jappoġġaw banek u istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni sabiex jiżguraw l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit mal-governanza korporattiva*" ([37]).

(172) Fl-aħħar nett, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tas-CBIRC għall-banek kummerċjali issa, b'mod partikolari, iqisu kif l-istituzzjonijiet finanzjarji "jservu l-objettivi tal-iżvilupp nazzjonali u l-ekonomija reali", u b'mod partikolari kif dawn "iservu industriji strateġiċi u emerġenti" ([38]).

(173) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ ħoloq qafas normattiv li kellu jiġi rispettat mill-maniġers u s-superviżuri tal-bank tal-Istat li kkoopera, li huma maħtura mill-GTĊ u responsabbli lejn il-GTĊ. Għalhekk, il-GTĊ straħ fuq dan il-qafas normattiv sabiex jeżerċita kontroll b'mod sinifikanti fuq l-imġiba tal-bank tal-Istat li kkoopera kull meta kien qiegħed jipprovdi self lill-industrija tal-ACF.

(174) Il-Kummissjoni fittxet ukoll prova konkreta tal-eżerċizzju ta' kontroll b'mod sinifikanti abbażi ta' self konkret ipprovdut lill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, il-bank tal-Istat li kkoopera spjega li huwa juża politiki u mudelli sofistikati tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu (sistema ta' klassifikazzjoni) meta jagħti s-self inkwistjoni. Il-Bank EXIM spjega wkoll li ma hemm l-ebda differenza fil-politika rigward l-industrija li fiha jopera min jissellef, is-sitwazzjoni tal-kreditu u l-istatus tal-kapital, eċċ.; madankollu, dawn il-fatturi għandhom impatt fuq il-valutazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-kost tar-riskju tal-mutwatarju. Huwa jista' jirreferi għal pjanijiet u politiki rilevanti fl-għoti ta' self; madankollu, fid-determinazzjoni ta' proġetti ta' self individwali huwa japplika valutazzjoni bbażata fuq is-suq.

(175) Madankollu, il-bank tal-Istat li kkoopera rrifjuta li jipprovdi eżempji konkreti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tiegħu relatata mal-kumpaniji fil-kampjun, għar-raġuni li l-informazzjoni mitluba kienet ta' natura interna u kien fiha informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali li ma kinitx permessa li tiġi żvelata minkejja li l-Kummissjoni kellha kunsens bil-miktub mill-kumpaniji fil-kampjun li jirrinunzjaw għad-drittijiet ta' kunfidenzjalità tagħhom.

(176) Fin-nuqqas ta' evidenza konkreta tal-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja, il-Kummissjoni għalhekk eżaminat l-ambjent legali ġenerali kif stabbilit hawn fuq fil-premessi (161) sa (169), flimkien mal-imġiba tal-bank tal-Istat li kkoopera fir-rigward tas-self ipprovdut lill-kumpaniji fil-kampjun. L-investigazzjoni żvelat li din l-imġiba kkuntrastata mal-pożizzjoni uffiċjali tal-bank, peress li fil-prattika l-bank ma kienx qiegħed jaġixxi abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju bir-reqqa bbażati fuq is-suq.

(177) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li s-self ingħata lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun b'rati tal-imgħax taħt jew qrib ir-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self tal-Bank tal-Poplu taċ-Ċina ("PBOC") u anqas jew qrib il-Prim Rata tas-Self kif imħabbar miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Finanzjament Interbankarju ("NIFC") li ġie introdott fl-20 ta' Awwissu 2019 ([39]), irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja u tar-riskju ta' kreditu tal-kumpaniji. Għalhekk, is-self ingħata taħt ir-rati tas-suq meta mqabbel mar-rata li tikkorrispondi għall-profil tar-riskju tal-produtturi esportaturi fil-kampjun.

([37]) L-Artikolu 13 tal-Avviż dwar ir-Regolamenti ta' Superviżjoni li jikkonċernaw l-imġiba ta' azzjonisti kbar ta' banek u istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni (CBIRC, [2021] Nru 43).

([38]) Ara l-Avviż tas-CBIRC dwar il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali, maħruġ fil-15 ta' Diċembru 2020. http://jrs.mof.gov.cn/ gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (aċċessat l-aħħar fit-12 ta' April 2021).

([39]) http://www.pbc.gov.cn/zhengcehuobisi/125207/125213/125440/3876551/de24575c/index2.html, aċċessat l-aħħar fit-3 ta' Awwissu 2021.

(178) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ eżerċita kontroll sinifikanti fuq l-imġiba tal-bank tal-Istat li kkoopera fir-rigward tal-politiki ta' self tiegħu u l-valutazzjoni tar-riskju li jikkonċerna l-industrija tal-ACF.

(179) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ saħaq li l-Kummissjoni ma wrietx li l-bank tal-Istat li koopera, jiġifieri l-bank EXIM, kien entità pubblika u li l-GTĊ jeżerċita kontroll sinifikattiv fuq il-bank EXIM. Il-GTĊ saħaq li r-rabtiet formali mhumiex biżżejjed biex juru kontroll sinifikattiv mill-gvern u l-eżistenza ta' entità pubblika. Barra minn hekk, il-GTĊ saħaq li l-Kummissjoni ma wrietx in-nuqqas ta' indipendenza tal-ġestjoni tal-bank EXIM filwaqt li sostna li l-GTĊ jeżerċita l-kontroll fuq il-bank EXIM biss fis-superviżjoni tal-ħatra tal-ġestjoni tal-bank u l-kunsill tal-amministrazzjoni tiegħu. Il-GTĊ kompla jsostni li l-Kummissjoni kienet ibbażat eċċessivament fuq l-Artikolu 34 tal-Liġi tal-Banek Ċiniżi, li hu jqis biss bħala dokument ta' gwida mingħajr speċifiċità u mhux suffiċjenti biex jafferma li l-EXIM jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra kellhom is-setgħat ta' awtorità pubblika.

(180) Il-GTĊ kompla jisħaq li ma eżerċitax konroll sinifikattiv fuq il-bank EXIM jew li dan tal-aħħar kiseb l-awtorità governattiva. Il-GTĊ sostna wkoll li għalkemm l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja Ċiniża tirrikjedi li l-banek kummerċjali jaġixxu "skont il-gwida tal-politiki industrijali" tal-GTĊ, din id-dispożizzjoni jenħtieġ li titqies bħala prinċipju ta' gwida għall-banek Ċiniżi. Barra minn hekk, il-GTĊ stqarr li kemm l-Artikolu 15 tar-Regoli Ġenerali dwar is-self kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 40 ma kinux mandatorji iżda kienu jservu biss ta' gwida. Fl-aħħar, il-GTĊ ma qabilx mal-pretensjoni li l-bank EXIM "kien jipprovdi self taħt ir-rati normattivi rilevanti jew qribhom" u saħaq li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda *data* biex issostni dan l-argument.

(181) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-allegazzjonijiet tal-GTĊ. Il-Kummissjoni ma qagħditx biss fuq ir-"rabtiet formali" biex tikkwalifika l-bank EXIM tal-Istat li koopera bħala entità pubblika iżda wriet ukoll li l-GTĊ kien eżerċita kontroll sinifikattiv fuq il-bank għar-raġunijiet li ġejjin.

(182) Kif spjegat fil-Premessa (168) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-Liġi Bankarja Ċiniża u d-Deċiżjoni Nru 40 huma ta' natura mandatorja. Madankollu, is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni kif ukoll is-sejbiet tal-Kummissjoni f'investigazzjonijiet preċedenti dwar l-istess programm ta' sussidju ma sostnewx il-pretensjoni li l-banek ma jikkunsidrawx il-politika u l-pjanijiet tal-gvern meta jieħdu deċiżjonijiet dwar self. Pereżempju, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi jibbenefikaw minn rati tal-imgħax ta' self preferenzjali bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tas-suq.

(183) L-investigazzjoni wriet li l-Artikolu 15 tar-Regoli Ġenerali dwar is-Self ġie applikat fil-prattika, u li l-Artikoli 4, 5 u 41 tal-Liġi Bankarja kienu applikabbli skont l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja, jiġifieri meta l-Istat jistabbilixxi politika pubblika, il-banek jimplimentawha u jsegwu l-istruzzjonijiet tal-Istat. Tabilħaqq, meta l-Artikoli 4 u 5 tal-Liġi Bankarja jkunu parti minn Kapitolu I, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali, l-Artikolu 34 ikun parti mill-Kapitolu IV, li jistabbilixxi r-regoli bażi li jirregolamentaw is-self. It-test tal-Artikolu 34: "*il-banek kummerċjali jwettqu n-negozju ta' self fuq il-ħtiġijiet tal-ekonomija nazzjonali u l-iżvilupp soċjali u taħt il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat*", juri li din id-dispożizzjoni mhijiex biss waħda ta' gwida iżda għandha karatteristika mandatorja u tipprovdi struzzjoni ċara lill-banek biex iqisu l-politiki industrjali tal-Istat meta jwettqu n-negozju ta' self tagħhom. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li d-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat tagħti struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha biex jipprovdu appoġġ ta' kreditu biss lil proġetti inċentivati u twiegħed l-implimentazzjoni ta' "politiki preferenzjali oħra fuq il-proġetti inċentivati". Filwaqt li l-Artikolu 17 tal-istess Deċiżjoni jitlob ukoll li l-banek jirrispettaw il-prinċipji tal-kreditu, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi matul l-investigazzjoni li dan sar fil-prattika. Għall-kuntrarju, is-self ġie pprovdut lill-produtturi esportaturi irrispettivament mill-qagħda finanzjarja tagħhom u l-affidabbiltà kreditizja.

(184) Barra minn hekk, f'dak kollu li jirrigwarda b'mod speċjali l-Bank EXIM, huwa indiskutibbli li dan huwa bank ta' politika li jsegwi direttament il-politiki tal-gvern skont id-dikjarazzjonijet tiegħu stess. Kif spjegat fis-sit web ([40]), EXIM huwa bank ta' politika tal-Gvern u ffinanzjat mill-Gvern direttament taħt it-tmexxija tal-Kunsill tal-Istat u ddedikat, fost l-oħrajn, biex jappoġġa il-kummerċ barrani taċ-Ċina u jimplimenta l-istrateġija "going global". Il-Bord tad-Diretturi ([41]), il-Bord tas-Superviżuri ([42]), u l-eżekuttivi għolja ([43]) tal-Bank EXIM għandhom membri ta' livell għoli fis-CCP u/jew li jirrappreżentaw Ministeru.

(185) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ssostni l-pożizzjoni tagħha li l-GTĊ straħ fuq il-qafas normattiv sabiex jeżerċita kontroll b'mod sinifikanti fuq l-imġiba tal-bank tal-Istat li kkoopera kull meta kien qiegħed jipprovdi self lill-industrija tal-ACF kif deskritt fil-premessa (173) hawn fuq. Dan jidher fil-premessa (170) hawn fuq, li jindika b'mod ċar li l-GTĊ jintervjeni fid-deċiżjonijiet prinċipali kollha meħuda mill-maniġers tal-bank. Dan juri li l-qafas normattiv ma kien iħalli l-ebda marġni ta' manuvrar lill-maniġers u lis-superviżuri tal-bank dwar jekk kellhomx isegwu dan il-qafas jew le fir-rigward tal-produtturi esportaturi fil-kampjun, li għalhekk kien ipoġġi l-ġestjoni ta' dan il-bank f'pożizzjoni ta' dipendenza.

(186) Finalment, kif imsemmi fil-premessa (177), matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li s-self ingħata lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun b'rati tal-imgħax taħt jew qrib ir-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self tal-Bank tal-Poplu taċ-Ċina ("PBOC") u anqas jew qrib il-Prim Rata tas-Self, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja u tar-riskju ta' kreditu tal-kumpaniji. Għalhekk, meta jitqies il-profil ta' riskju tal-produtturi esportaturi fil-kampjun kif deskritt fit-Taqsima 3.4.2.3 hawn taħt u li, skont l-analiżi tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni, il-produtturi esportaturi kellhom jirċievu klassifikazzjoni tal-kreditu aktar baxxa u li għalhekk kellhom iħallsu rati ta' imgħax ogħla b'mod sinifikanti mir-rata ta' imgħax mingħajr riskju, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-self inkwistjoni ngħata b'rati aktar baxxi minn dawk tas-suq. Minħabba n-natura sensittiva tad-*data* l-informazzjoni dettaljata ta' dan is-self tista' tingħata biss lill-produtturi esportaturi rispettivi.

(187) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ eżerċita kontroll sinifikanti fuq l-imġiba tal-bank tal-Istat li kkoopera fir-rigward tal-politiki tas-self tiegħu u l-valutazzjoni tar-riskju li tikkonċerna l-industrija tal-GFF.

### 3.4.1.4. Konklużjoni dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat li kkooperaw

(188) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bank tal-Istat li kkoopera implimenta l-qafas legali stabbilit hawn fuq fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet governattivi fir-rigward tas-settur tal-ACF. Għalhekk, kienet qiegħda taġixxi bħala entità pubblika fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku meta jinqara flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO.

### 3.4.1.5. Istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat li ma kkooperawx

(189) Kif stabbilit fil-premessa (146) hawn fuq, l-ebda waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat l-oħrajn, li pprovdiet self lill-kumpaniji fil-kampjun, ma wieġbet għall-kwestjonarju speċifiku. Il-GTĊ ipprovda xi informazzjoni dwar is-sjieda ta' għadd ta' banek, iżda mhux dwar l-istruttura ta' governanza tagħhom, il-valutazzjoni tar-riskju jew eżempji relatati ma' self speċifiku lill-industrija tal-ACF.

(190) Għalhekk, f'konformità mal-konklużjonijiet li ntlaħqu fit-Taqsima 3.2.1, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-fatti disponibbli sabiex tiddetermina jekk dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat jikkwalifikawx bħala korpi pubbliċi.

([40]) Ara http://english.eximbank.gov.cn/Profile/AboutTB/Introduction/ kif ivverifikata l-aħħar fit-30 ta' Novembru 2021.
([41]) Ara http://english.eximbank.gov.cn/Profile/Organization/BoardOD/#heightXwyL kif ivverifikata l-aħħar fit-30 ta' Novembru 2021.
([42]) Ara http://english.eximbank.gov.cn/Profile/Organization/BoardOS/#heightXwyL kif ivverifikata l-aħħar fit-30 ta' Novembru 2021, li tikkonferma wkoll li l-bord ta' superviżuri jirrapporta direttament lill-Kunsill tal-Istat.
([43]) Ara http://english.eximbank.gov.cn/Profile/Organization/ExecutiveM/#heightXwyL kif ivverifikata l-aħħar fit-30 ta' Novembru 2021.

(191) F'investigazzjonijiet preċedenti kontra s-sussidji ([44]), il-Kummissjoni stabbiliet li l-banek li ġejjin, li kienu pprovdew self lill-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun fl-investigazzjonijiet inkwistjoni, kienu parzjalment jew kompletament proprjetà tal-Istat innifsu jew ta' persuni ġuridiċi miżmuma mill-Istat: Agricultural Bank of China, Bank of Beijing, Bank of China, Bank of Communications, Bank of Jiangsu, Bank of Kunlun, Bank of Nanjing, Bank of Ningbo, Bank of Qingdao, Bank of Shanghai, Bank of Tianjin, Bank of Yantai, CCB, China Bohai Bank, China CITIC Bank, China Construction Bank, China Development Bank, China Everbright Bank, China Guangfa Bank, China Industrial Bank, China Industrial International Trust Limited, China Merchants Bank, China Merchants Bank Financial Leasing Co., Ltd., China Minsheng Bank, Chongqing Rural Commercial Bank, Daye Trust Co., Ltd., Dongying Bank, EverGrowing Bank, Fudian Bank, Guangdong Development Bank, Guosen Securities Co., Hang Fung Bank, Ltd., Hangzhou Bank, Hankou Bank, Hengfeng Bank Co., Ltd., Huaxia Bank, Hubei Bank, Industrial and Commercial Bank of China (ICBC), Minsheng Securities Co.,Ltd., Postal Savings Bank, Qilu Bank, Shanghai Pudong Development Bank, Shanghai Rural Commercial Bank, Shenyang Rural Commercial Bank, Sinotruk Finance Co. Ltd. u Zheshang Bank. Billi ma ngħatat l-ebda informazzjoni li tindika mod ieħor, il-Kummissjoni sostniet l-istess konklużjoni fl-investigazzjoni preżenti.

(192) Bl-użu ta' informazzjoni disponibbli pubblikament, bħas-siti web tagħhom, ir-rapporti annwali tagħhom, l-informazzjoni disponibbli f'direttorji bankarji jew fuq l-Internet, il-Kummissjoni sabet li l-istituzzjonijiet finanzjarji li ġejjin li kienu pprovdew self lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu parzjalment jew kompletament proprjetà tal-Istat innifsu jew ta' persuni ġuridiċi miżmuma mill-Istat:

| | |
|---|---|
| Bank of Yantai | 6,4 % tal-ishma tal-bank huma proprjetà tal-Istat. |
| Huishang Bank | 32,45 % huma proprjetà tal-Istat (il-grupp tal-enerġija tal-provinċja ta' Anhui, il-Guoyuan Financial Group tal-provinċja ta' Anhui, eċċ.). |
| Nanyang Commercial Bank | Fit-30 ta' Mejju 2016, il-bank sar sussidjarju kollu kemm hu ta' China Cinda Group, li huwa proprjetà sħiħa tal-GTĊ. |

(193) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll, fin-nuqqas ta' informazzjoni speċifika mill-istituzzjonijiet finanzjarji inkwistjoni li tindika mod ieħor, is-sjieda u l-kontroll tal-GTĊ abbażi ta' indikazzjonijiet formali għall-istess raġunijiet stabbiliti hawn fuq fit-Taqsima 3.4.1.3. B'mod partikolari, abbażi tal-fatti disponibbli, il-maniġers u s-superviżuri fil-banek tal-Istat li ma kkooperawx jidhru li jinħatru mill-GTĊ u li huma responsabbli lejn il-GTĊ bl-istess mod bħal fil-bank tal-Istat li kkoopera.

(194) Fir-rigward tal-eżerċitar tal-kontroll b'mod sinifikanti, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li s-sejbiet dwar l-istituzzjoni finanzjarja li kkooperat jistgħu jitqiesu li huma rappreżentattivi wkoll għall-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat li ma kkooperawx. Il-qafas normattiv analizzat fit-Taqsima 3.4.1.3 ta' hawn fuq japplika għalihom bl-istess mod. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni għall-kuntrarju, abbażi tal-fatti disponibbli, in-nuqqas ta' evidenza konkreta ta' valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja huwa validu għalihom bl-istess mod bħall-bank tal-Istat li kkoopera.

(195) Wara d-divulgazzjoni finali l-GTĊ sostna li l-argumenti tal-Kummissjoni kienu insuffiċjenti, billi l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Istat kienu jikkostitwixxu entitajiet pubbliċi wkoll. Il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni qagħdet fuq każijiet antisussidji preċedenti u fuq il-konklużjonijiet tagħha stess fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat u naqset milli twettaq analiżi ta' każ b'każ li tagħti rilevanza partikolari liċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ u fir-rigward ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-GTĊ kompla jsostni li l-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed provi biex tiddetermina l-eżistenza ta' kontroll sinifikattiv fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat, u qagħdet biss fuq ir-rabtiet formali li jikkostitwixxu s-sjieda u l-kontroll.

([44]) Ara l-każijiet iċċitati fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna qabel.

(196) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-banek l-oħra tal-Istat għajr l-EXIM, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli. Kif diġà ssemma fil-kwestjonarji tagħha, u fl-assenza ta' kwalunkwe informazzjoni ġdida pprovduta mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-informazzjoni mill-investigazzjonijiet preċedenti, flimkien ma' indizji formali ta' kontroll u s-sejbiet addizzjonali tal-investigazzjoni nnifisha rigward il-bank EXIM u rigward l-imġiba attwali tal-banek lejn il-produtturi esportaturi, kienet tikkostitwixxi l-aħjar fatti disponibbli f'dan il-każ. Fi kwalunkwe każ, il-qafas normattiv analizzat fit-Taqsima 3.4.1.3 ta' hawn fuq japplika għall-banek kollha bl-istess mod. Barra minn hekk, il-GTĊ naqas milli jippreżenta xi evidenza jew argument biex jirribatti s-sejbiet tal-Kummissjoni dwar il-fatt li l-banek l-oħra tal-Istat li pprovdew self lill-kumpaniji inklużi fil-kampjun kienu entitajiet pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 2(b) moqri flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha.

### 3.4.1.6. Konklużjoni dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat kollha

(197) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi kollha tal-Istat li pprovdew finanzjament lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun, huma korpi pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) meta jinqara flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku.

(198) Barra minn hekk, anke li kieku l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ma kellhomx jitqiesu bħala korpi pubbliċi, il-Kummissjoni stabbiliet li dawn għandhom jitqiesu li huma inkarigati u mogħtija direzzjonijiet mill-GTĊ sabiex iwettqu funzjonijiet normalment vestiti fil-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku għall-istess raġunijiet, kif stabbilit fit-Taqsima 3.5.1.2 ta' hawn taħt. B'hekk, fi kwalunkwe każ, l-aġir tagħhom jiġi attribwit lill-GTĊ.

### 3.4.1.7. Istituzzjonijiet finanzjarji privati inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-Istat

(199) Overseas-Chinese Banking Corporation, Limited kienet ikkunsidrata bħala proprjetà privata, abbażi tas-sejbiet stabbiliti f'investigazzjonijiet antisussidji preċedenti ([45]) u kkomplementata minn informazzjoni disponibbli pubblikament. Il-Kummissjoni analizzat jekk din l-istituzzjoni finanzjarja kinitx inkarigata jew mogħtija direzzjonijiet mill-GTĊ sabiex tagħti sussidji lis-settur tal-ACF skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(200) Skont il-Korp tal-Appell tad-WTO, "inkarigu" jseħħ meta gvern jagħti responsabbiltà lil korp privat u "direzzjoni" tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn il-gvern jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat ([46]). Fiż-żewġ każijiet, il-gvern juża korp privat bħala indikatur sabiex jagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja, u *"fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigu jew id-direzzjoni ta' korp privat ikunu jinvolvu xi forma ta' theddida jew persważjoni"* ([47]). Fl-istess ħin, l-Artikolu 3(1)(a)(iv) ma jippermettix lill-Membri jimponu miżuri kumpensatorji għall-prodotti *"kull meta l-gvern ikun sempliċiment qed jeżerċita s-setgħat regolatorji ġenerali tiegħu"* ([48]) jew meta l-intervent tal-gvern *"jista' jkollu jew ma jkollux riżultat partikolari sempliċiment fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi fattwali partikolari u l-eżerċitar tal-għażla ħielsa mill-atturi f'dak is-suq"* ([49]). Minflok, l-inkarigu u d-direzzjoni jimplikaw *"rwol aktar attiv tal-gvern minn sempliċi atti ta' inkoraġġiment"* ([50]).

(201) Il-Kummissjoni nnotat li l-qafas normattiv li jikkonċerna l-industrija msemmija hawn fuq fil-premessi (161) sa (168) japplika għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha fir-RPĊ, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji privati. Sabiex jintwera dan, il-Liġi Bankarja u d-diversi ordnijiet tas-CBIRC ikopru l-banek kollha ffinanzjati miċ-Ċina u b'investiment barrani taħt il-ġestjoni tas-CBIRC.

---

([45]) Ara l-każijiet iċċitati qabel fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna.
([46]) WT/DS/296 (DS296 L-Istati Uniti – Investigazzjoni antisussidji fuq Memorja Dinamika b'Aċċess Każwali (DRAMS) mill-Korea), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tal-21 ta' Frar 2005, il-para. 116.
([47]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, il-para. 116.
([48]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, il-para. 115.
([49]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, il-para. 114 li jaqbel mar-Rapport tal-Bord, DS 194, il-para. 8.31. fuq dawk il-merti.
([50]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, il-para. 115.

(202) Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-kuntratti ta' self ma' istituzzjonijiet finanzjarji privati kellhom kundizzjonijiet simili għall-kuntratti mal-banek tal-Istat, u r-rati ta' self ipprovduti mill-istituzzjonijiet finanzjarji privati kienu simili għar-rati pprovduti mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat.

(203) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni diverġenti riċevuta mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji privati, il-Kummissjoni kkonkludiet li, sa fejn hija kkonċernata l-industrija tal-ACF, l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha (inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji privati) li joperaw fiċ-Ċina taħt is-superviżjoni tas-CBIRC ġew inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku sabiex isegwu politiki governattivi u jipprovdu self b'rati preferenzjali lill-industrija tal-ACF.

(204) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ sostna li l-Kummissjoni naqset milli turi inkarigu jew direzzjoni mill-GTĊ, b'mod partikolari rabta bejn il-gvern u l-kondotta speċifika tal-istituzzjonijiet finanzjarji kollha. Il-GTĊ argumenta li l-eżerċitar tas-setgħat regolatorji ġenerali tiegħu billi sempliċement jagħti gwida jew inċentivi mhumiex biżżejjed biex juru inkariga jew direzzjoni. Barra dan, il-GTĊ sostna li l-Kummissjoni naqset mid-dmir tagħha li twettaq analiżi bħal din għal kull entità.

(205) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma. Billi l-qafas normattiv spjegat fil-premessi minn (161) sa (173), li japplikaw għall-banek kollha fiċ-Ċina jiġifieri kemm għal dawk tal-istat kif ukoll għal dawk privati, huwa legalment vinkolanti kif ikkonfermat ulterjorment fil-premessi (182) u (183), dan ma jikkostitwixxix biss sempliċement inċentiv jew gwida min-naħa tal-gvern. Il-Kummissjoni diġà stabbiliet fil-premessa (169) hawn fuq li d-Deċiżjoni Nru 40 tagħti struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha biex jipprovdu appoġġ ta' kreditu biss lil proġetti inċentivati minkejja li l-Artikolu 17 tal-istess Deċiżjoni jitlob ukoll lill-bank biex jirrispetta l-prinċipji tal-kreditu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet, fil-premessa (185) li l-GTĊ ibbaża fuq dan il-qafas normattiv biex jeżerċita kontroll sinifikattiv fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji mingħajr ma ħallilhom ebda marġni ta' manuvrar dwar jekk kellhomx jimplimentawh jew le. Għalhekk, hemm rabta ċara bejn il-GTĊ u l-imġiba speċifika tal-banek privati, li turi l-inkariga u d-direzzjoni mill-GTĊ.

(206) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-banek privati, hija kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli. Billi kien hemm kooperazzjoni parzjali minn bank wieħed biss tal-Istat, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni disponibbli ta' dan il-bank, li tqies li kien entità pubblika, u qabblet din l-informazzjoni mal-kundizzjonijiet ta' self offruti minn banek privati li ma kkooperawx. Barra minn hekk, l-RCCs mal-kumpaniji inklużi fil-kampjun ma wrew l-ebda differenzi sinifikanti bejn il-kundizzjonijiet tas-self jew ir-rati pprovduti mill-istituzzjonijiet finanzjarji privati, u dawk ipprovduti minn istituzzjonijiet finanzjarji li huma tal-Istat. Il-fatt li kien hemm trikkib fir-rati juri li l-banek privati pprovdew ukoll self taħt it-termini tas-suq, f'konformità mal-qafas normattiv imsemmi hawn fuq. Għalhekk, il-pretensjoni tal-GTĊ li l-Kummissjoni naqset mid-dmir tagħha li twettaq analiżi bħal din għal kull entità hija bla bażi.

(207) Wara d-divulgazzjoni finali, Nashan Group argumenta wkoll li billi l-istituzzjonijiet finanzjarji varjaw ir-rati, il-kundizzjonijiet u t-tipi ta' prodotti tagħhom skont il-kumpanija li pprovdewha bil-finanzjament, dan kien jindika li ma kellhomx il-kariga u d-direzzjoni mill-Istat li joffru kundizzjonijiet ta' self speċifiċi jew preferenzjali, iżda li pjuttost jipprovdu l-finanzjament skont it-termini tas-suq u l-qagħda finanzjarja tal-klijent tagħhom.

(208) Il-fatt li l-kumpaniji fil-kampjun ibbenefikaw minn tipi differenti ta' self matul il-perjodu ta' investigazzjoni b'differenzi fir-rigward tar-rati u kundizzjonijiet oħra, ma jfissirx li dan is-self sar b'kundizzjonijiet tas-suq. Tabilħaqq, kif diġà ssemma fil-premessa (177) hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li s-self ingħata lit-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun b'rati tal-imgħax taħt jew qrib ir-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self tal-Bank tal-Poplu taċ-Ċina ("PBOC") u anqas jew qrib il-Prim Rata tas-Self kif imħabbar miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Finanzjament Interbankarju ("NIFC") li ġie introdott fl-20 ta' Awwissu 2019 ([51]), irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja u tar-riskju ta' kreditu tal-kumpaniji. Għaldaqstant, is-self ġie pprovdut taħt ir-rati tas-suq u l-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

([51]) http://www.pbc.gov.cn/zhengcehuobisi/125207/125213/125440/3876551/de24575c/index2.html, aċċessat l-aħħar fit-3 ta' Awwissu 2021.

(209) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha li, sa fejn hija kkonċernata l-industrija tal-ACF, l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji privati, li joperaw fiċ-Ċina ġew inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku sabiex isegwu politiki governattivi u jipprovdu self b'rati preferenzjali lill-industrija tal-ACF.

3.4.1.8. Klassifikazzjonijiet tal-kreditu

(210) F'investigazzjonijiet preċedenti antisussidji, il-Kummissjoni diġà kienet iddeterminat li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu domestiċi mogħtija lill-kumpaniji Ċiniżi ma kinux affidabbli, abbażi ta' studju ppubblikat mill-Fond Monetarju Internazzjonali ([52]), li juri diskrepanza bejn il-klassifikazzjonijiet ta' kreditu internazzjonali u dawk Ċiniżi, flimkien mas-sejbiet tal-investigazzjoni li tikkonċerna l-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Tabilħaqq, skont l-FMI, 'il fuq minn 90 % tal-bonds Ċiniżi huma kklassifikati minn AA sa AAA mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni lokali. Dan ma huwiex komparabbli ma' swieq oħrajn, bħall-Unjoni jew l-Istati Uniti. Pereżempju, anqas minn 2 % tad-ditti jgawdu minn dawn il-klassifikazzjonijiet tal-ogħla livell fis-suq tal-Istati Uniti. B'hekk, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu Ċiniżi jxaqilbu b'mod qawwi lejn l-ogħla tarf tal-iskala ta' klassifikazzjoni. Huma għandhom skali ta' klassifikazzjoni wesgħin ħafna u għandhom it-tendenza li jiġbru flimkien bonds b'riskji ta' inadempjenza ferm differenti f'kategorija wiesgħa ta' klassifikazzjonijiet ([53]). Skont it-tagħrif dwar is-suq tal-bonds taċ-Ċina tal-2021 minn Bloomberg ([54]), ħames aġenziji ta' klassifikazzjoni lokali Ċiniżi jiddominaw is-suq tal-bonds: China Chengxin, Dagong, Lianhe, Shanghai Brilliance, u Golden credit rating, u madwar 90 % tal-bonds huma kklassifikati AAA mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni lokali. Madankollu, ħafna mill-emittenti rċevew klassifikazzjoni tal-emittent globali "S&P" (Standard and Poor) aktar baxxa ta' A u BBB ([55]).

(211) Barra minn hekk, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni barranin, bħal Standard and Poor's u Moody's, ġeneralment japplikaw żieda fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-linja bażi tal-emittent abbażi ta' stima tal-importanza strateġika tad-ditta għall-Gvern Ċiniż u s-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita meta jikklassifikaw bonds Ċiniżi maħruġa barra l-pajjiż ([56]).

(212) Il-Kummissjoni sabet ukoll aktar informazzjoni sabiex tikkomplementa din l-analiżi. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ddeterminat li l-Istat jista' jeżerċita ċerta influwenza fuq is-suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-GTĊ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kien hemm 12-il aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu domestiċi attivi fis-suq tal-bonds taċ-Ċina li l-maġġoranza tagħhom huma tal-Istat. B'kollox, 60 % tal-bonds korporattivi kklassifikati kollha fiċ-Ċina kienu ġew ikklassifikati minn aġenzija tal-klassifikazzjoni li hija proprjetà tal-Istat ([57]).

(213) It-tieni nett, ma hemmx dħul liberu fis-suq Ċiniż tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Dan huwa essenzjalment suq magħluq, billi l-aġenziji tal-klassifikazzjoni jeħtieġu li jiġu approvati mill-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina ("CSRC") jew mill-PBOC qabel ma jkunu jistgħu jibdew l-operazzjonijiet ([58]). F'nofs l-2017, il-PBOC ħabbar li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu barranin se jitħallew iwettqu klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq parti mis-suq domestiku tal-bonds, taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-Kummissjoni sabet ukoll li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kien hemm żewġ aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu b'sjieda barranija u żewġ impriżi konġunti Sino-barranin li joperaw fis-suq Ċiniż. Madankollu, dawn l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jsegwu l-iskali ta' klassifikazzjoni Ċiniżi u għalhekk ma humiex eżattament komparabbli mal-klassifikazzjonijiet internazzjonali, kif spjegat hawn fuq.

([52]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-FMI "Resolving China's Corporate Debt Problem" ("Ir-Riżoluzzjoni tal-Problema tad-Dejn Korporattiv taċ-Ċina"), minn Wojciech Maliszewski, Serkan Arslanalp, John Caparusso, José Garrido, Si Guo, Joong Shik Kang, W. Raphael Lam, T. Daniel Law, Wei Liao, Nadia Rendak, Philippe Wingender, Jiangyan, Ottubru tal-2016, WP/16/203.

([53]) Livingston, M. Poon, W.P.H. U Zhou, L. (2017). Are Chinese Credit Ratings Relevant? A Study of the Chinese Bond Market and Credit Rating Industry, in: Journal of Banking & Finance, p. 24.

([54]) Tagħrif dwar is-suq tal-bonds taċ-Ċina tal-2021, https://assets.bbhub.io/professional/sites/10/China-bond-market-booklet.pdf, aċċessat l-aħħar fit-8 ta' Awwissu 2021.

([55]) Tagħrif dwar is-suq tal-bonds taċ-Ċina tal-2021, in-Nota 59 f'qiegħ il-paġna, p. 31.

([56]) Price, A.H., Brightbill T.C., DeFrancesco R.E., Claeys, S.J., Teslik, A. u Neelakantan, U. (2017). China's broken promises: why it is not a market-economy, Wiley Rein LLP, p. 68.

([57]) Lin, L.W. u Milhaupt, C.J. (2016). *Bonded to the State: A network Perspective on China's Corporate Debt Market*, id-Dokument ta' Ħidma tal-Liġi u l-Ekonomija tal-Columbia, Nru 543, p. 20; Livingstone, *ibid*, p. 9.

([58]) Ara l-Miżuri Addizzjonali għall-Amministrazzjoni tan-Negozju tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu Rigward is-Suq tat-Titoli Promulgata mill-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina, l-Ordni tal-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina tal-[2007] Nru 50, l-24 ta' Awwissu 2007; L-Avviż tal-People's Bank of China dwar il-Kwalifiki ta' China Cheng Xin Securities Rating Co., Ltd. u Istituzzjonijiet Oħrajn Involuti fin-Negozju ta' Klassifikazzjoni tal-Krediti tal-Bonds Korporattivi, Yinfa tal-[1997] Nru 547, is-16 ta' Diċembru 1997, u l-Avviż Nru 14 tal-[2018] tal-People's Bank of China u tal-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina dwar Kwistjonijiet li jikkonċernaw il-Forniment ta' Servizzi ta' Klassifikazzjoni tal-Bonds mill-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu fis-Suq tal-Bonds Interbankarji u fis-Suq tal-Bonds fil-Borża.

(214) Fl-aħħar nett, studju reċenti mwettaq fl-2017 mill-PBOC innifsu jikkonferma s-sejbiet tal-Kummissjoni, li jiddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu li *"jekk il-livell ta' investiment tal-bonds barranin jiġi stabbilit għall-klassifikazzjoni internazzjonali BBB u ogħla, mela l-grad ta' investiment tal-bonds domestiċi jista' jiġi kklassifikat fil-livell AA u ogħla, filwaqt li titqies id-differenza bejn il-klassifikazzjoni domestika medja u l-klassifikazzjoni internazzjonali ta' 6 gradi jew aktar"* ([59]).

(215) Fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta fil-premessi (214) sa (210) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi ma jipprovdu l-ebda stima affidabbli tar-riskju ta' kreditu tal-assi sottostanti. Fuq din il-bażi, anke jekk xi kumpaniji fil-kampjun ingħataw klassifikazzjoni tal-kreditu tajba minn aġenzija tal-klassifikazzjoni Ċiniża, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-klassifikazzjonijiet ma humiex affidabbli. Dawk il-klassifikazzjonijiet kienu wkoll distorti mill-objettivi ta' politika sabiex jinkoraġġixxu industriji strateġiċi ewlenin, bħall-industrija tal-ACF.

(216) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ kkontesta li t-termini ta' self u l-finanzjament kienu dejjem marbuta mal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u saħaq li klassifikazzjoni aktar affidabbli jew inqas favorevoli ma kinitx tfisser li s-self jinħareġ b'rata ogħla ta' imgħax. Barra minn hekk, il-GTĊ ma qabilx mar-referenza tal-Kummissjoni għad-Dokument ta' Ħidma Nru 2017/5 tal-PBOC msemmi fil-premessa (214) hawn fuq, li kkonferma d-differenza bejn il-klassifikazzjoni domestika medja u l-klassifikazzjonijiet internazzjonali. Il-GTĊ argumenta li dan mhuwiex dokument ta' ħidma maħruġ mill-PBOC, iżda dokument akkademiku li l-koawtur tiegħu kien membru tal-persunal tal-PBOC, u għalhekk ma kienx jirrappreżenta l-fehmiet tal-PBOC.

(217) Barra minn hekk, skont il-GTĊ, id-dokument jipprova jispjega li teżisti differenza bejn il-livelli ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' kumpanija Ċiniża bejn is-sistema nazzjonali u dik internazzjonali, minħabba l-fatt li tal-ewwel hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kumpanija fost il-kumpaniji nazzjonali taċ-Ċina, filwaqt li tal-aħħar hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni tar-riskju tal-istess kumpanija fost il-kumpaniji kollha fid-dinja. Fl-aħħar nett, il-GTĊ saħaq li bosta kumpaniji Ċiniżi kienu rċevew klassifikazzjonijiet tal-kreditu ogħla minn aġenziji internazzjonali.

(218) Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li l-ewwel nett, il-pretensjoni li d-differenza fil-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma kellhiex impatt fuq il-prezzijiet tas-self ma kellha l-ebda appoġġ fil-letteratura finanzjarja. Tabilħaqq, il-loġika bażi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu hija li dawn jassistu l-operaturi finanzjarji biex jiffissaw il-prezz tar-riskju tal-kreditu b'mod korrett f'dak kollu li jirrigwarda d-deċiżjonijiet ta' self tagħhom. Nuqqas ta' korrelazzjoni bejn il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prezz (rata ta' mgħax) tas-self, ikun tabilħaqq jindika li s-suq huwa mxekkel u li l-istituzzjonijiet finanzjarji huma inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet biex jipprovdu self lill-kumpaniji irrispettivament mill-qagħda finanzjarja u l-affidabbiltà kreditizja tagħhom.

(219) It-tieni, il-fatt li ċerti kumpaniji rċevew klassifikazzjonijiet tal-kreditu ogħla minn aġenziji internazzjonali ma jpoġġix dubju fuq il-valutazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni, bħala tali. Tabilħaqq, kif imsemmi fil-premessa (211) iktar 'il fuq, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni barranin, tipikament japplikaw żieda fuq il-klassifikazzjoni ta' kreditu tal-linja bażi tal-emittent abbażi ta' stima tal-importanza strateġika tad-ditta għall-Gvern Ċiniż u s-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita meta jikklassifikaw bonds Ċiniżi maħruġa barra l-pajjiż.

(220) Dwar id-Dokument ta' Ħidma Nru 2017/5 tal-PBOC, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li dan instab fit-Taqsima ta' riċerka tas-sit web tal-PBOC li jindika dan li ġej: "*Id-Dokumenti ta' Ħidma huma sostanzjati minn dokumenti akkademiċi tal-persunal tal-PBC. Il-fehmiet espressi f'dawn id-dokumenti huma dawk tal-awturi u jistgħu ma jippreżentawx il-fehmiet tal-organizzazzjoni tagħhom. Ir-rapporti u l-konsiderazzjoniet tagħhom jenħtieġ li jispeċifikaw is-sors bħala 'dokumentit ta' ħidma tal-PBC'* ([60])." Għalhekk, anki jekk dan ma jirrappreżentax bħala tali l-fehma uffiċjali tal-PBOC, huwa korrett li wieħed jirreferi għalih bħala dokument ta' ħidma tal-PBOC. Barra minn hekk, billi dawn id-dokumenti huma ppubblikati fis-sit web uffiċjali tal-organizzazzjoni, wieħed jista' b'mod raġonevoli jassumi li l-PBOC tal-inqas jikkunsidra li dawn id-dokumenti jissodisfaw il-kriterji ta' riċerka akkademika valida.

(221) Il-Kummissjoni lanqas ma taqbel mas-suppożizzjoni li teżisti differenza fil-livelli minħabba l-fatt li l-klassifikazzjoni nazzjonali hija bbażata fuq klassifikazzjoni ta' riskju fost il-kumpaniji nazzjonali Ċiniżi, filwaqt li l-klassifikazzjoni barranija hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni tar-riskju fost il-kumpaniji kollha tad-dinja. Abbażi ta' din l-ipoteżi, u fid-dawl tal-fatt li madwar 90 % tal-bonds fiċ-Ċina huma kklassifikati AAA, iwassal għall-konklużjoni li kważi l-kumpaniji kollha fiċ-Ċina huma kklassifikati l-istess f'termini ta' riskju minħabba li għandhom prestazzjoni eċċezzjonali meta mqabbla ma' xulxin, li huwa fatt ferm improbabbli f'termini ta' realtà ekonomika.

([59]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-PBOC Nru 2017/5, il-25 ta' Mejju 2017, p. 28.
([60]) Working_Paper (pbc.gov.cn) (l-aħħar aċċessat fit-28 ta' Novembru 2021).

(222) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li billi l-ebda wieħed mill-banek li pprovdew is-self lill-produtturi esportaturi ma kkoopera fl-investigazzjoni, hija ma setgħetx tivverifika jekk u b'liema mod il-valutazzjoni tar-riskju u l-klassifikazzjoni tal-kreditu jitqiesu. Għalhekk, kellha tistrieħ fuq il-fatti disponibbli, li kkonfermaw li r-rati ta' mgħax għas-self mogħti kienu aktar baxxi sew mir-rati tas-suq u li għalhekk tali politiki tal-gvern flimkien mad-dokument ta' ħidma kellhom rwol fl-iffissar tar-rati ta' mgħax bħala mhux marbuta mar-riskju sottostanti reali.

(223) Fl-aħħar, il-Kummissjoni fakkret li l-valutazzjoni ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu xierqa mhijiex ibbażata fuq approċċ mekkaniku iżda li l-Kummissjoni tivvaluta individwalment il-qagħda finanzjarja ta' kull grupp ta' produtturi esportaturi fil-kampjun biex din tirrifletti l-partikolaritajiet tagħhom, kif deskritt fil-premessa (237).

3.4.2. *Finanzjament preferenzjali: self*

3.4.2.1. Tipi ta' self

(1) Self b'terminu qasir u self b'terminu twil

(224) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-kumpaniji fit-tliet gruppi kollha fil-kampjun użaw diversi selfiet fuq terminu qasir u twil sabiex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom. Dan is-self intuża prinċipalment għal operazzjonijiet ta' kuljum, ħtiġijiet ta' kapital operatorju, għal proġetti speċjali, investimenti jew sabiex jissostitwixxu self ieħor. Kull grupp uża wkoll krediti għall-esportazzjoni għal żmien qasir u fit-tul.

(2) Self bl-iskop speċifiku li jissostitwixxi self ieħor

(225) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li l-gruppi kollha fil-kampjun ikkuntrattaw self bl-iskop speċifiku li jissostitwixxu self minn banek oħrajn. Il-Kummissjoni stabbiliet li b'din il-prattika xi kumpaniji setgħu jirranġaw mill-ġdid l-obbligazzjonijiet tagħhom u jiksbu l-fondi li mingħajrhom ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' ħlas lura, u għalhekk dan juri problemi sabiex jitħallas lura d-dejn.

(226) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ sostna li s-self rotanti mhuwiex neċessarjament sinjal ta' problemi ta' likwidità. Huwa saħaq li operazzjonijiet bħal dawn huma komuni fi kwalunkwe kumpanija kummerċjali, inklużi dawk fl-Unjoni. Il-GTĊ kompla jsostni li jeżistu raġunijiet differenti għal rifinanzjament bħal dan u li ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-kumpaniji li jagħmlu użu minn tali operazzjonijiet ma jkunux jistgħu jħallsu lura d-dejn.

(227) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-valutazzjoni magħmula mill-GTĊ. L-awtoritajiet Ċiniżi stess jikkunsidraw is-self rotanti bħala fattur addizzjonali ta' riskju ta' kreditu. Kif jingħad fil-"Linji Gwida dwar il-klassifikazzjoni ta' self ibbażat fuq ir-riskju" tas-CBRC, is-self rotanti jenħtieġ li jiġi rrappurtat mill-inqas bħala self "konċernat" ([61]). Self li jaqa' taħt din il-kategorija jfisser li minkejja li mutwatarju jista' jħallas il-kapital u l-imgħax tas-self issa, hemm xi fatturi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-ħlas lura tagħhom.

(228) Faċilitajiet ta' kreditu rotanti fil-fatt jeżistu fl-Ewropa, iżda t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom huma differenti ħafna mis-self rotanti Ċiniż. Faċilitajiet ta' kreditu rotanti fl-Unjoni bażikament huma linji ta' kreditu, b'ammont massimu predeterminat li jista' jiġi prelevat u mħallas lura f'diversi okkażjonijiet matul il-perjodu ta' żmien speċifikat minn qabel. Barra minn hekk, dawn il-faċilitajiet ta' kreditu jinvolvu kost addizzjonali, kemm jekk ikun marġni kuntrattwali minbarra r-rati normali tas-suq għal perjodu qasir, jew tariffa predeterminata tal-immaniġġjar.

(229) Min-naħa l-oħra, is-self rotanti misjub fil-kumpaniji Ċiniżi fil-kampjun ma kellux kundizzjonijiet differenti minn self ieħor b'terminu qasir. Ma kinux ittimbrati bħala linji ta' kreditu jew faċilità ta' kreditu rotanti u ma kienx hemm tariffi jew marġini addizzjonali marbutin magħhom. Mal-ewwel daqqa t'għajn, deher bħala self normali b'terminu qasir. Madankollu, xi kultant l-għan tas-self kien jirreferi għal "ħlas lura ta' self". B'żieda ma' dan, meta ġew ivverifikati l-ħlasijiet lura ta' dan is-self waqt l-RCCs, deher ċar li l-ammont ta' kapital fil-fatt kien qed jitħallas lura minn self ġdid riċevut mill-istess bank għall-istess ammont fi żmien ġimgħa qabel jew ġimgħa wara d-data tal-maturità tas-self inizjali. Il-Kummissjoni mbagħad estendiet l-analiżi tagħha għas-self l-ieħor fit-tabelli ta' self u sabet li fil-biċċa l-kbira każijiet oħra bl-istess karatteristiċi eżatt. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha dwar is-self rotanti.

([61]) L-Artikolu X, il-punt II tal-Linji Gwida tas-CBRC dwar il-klassifikazzjoni tas-self ibbażata fuq ir-riskju

3.4.2.2. Speċifiċità

(230) Kif intwera fil-premessi (161) sa (168), diversi dokumenti legali, li huma mmirati speċifikament lejn kumpaniji fis-settur, jidderieġu lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprovdu self b'rati preferenzjali lill-industrija tal-ACF. Dawn id-dokumenti juru li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu biss finanzjament preferenzjali lil għadd limitat ta' industriji/kumpaniji, li jikkonformaw mal-politiki rilevanti tal-GTĊ. Il-Kummissjoni qieset li r-referenza għall-industrija tal-ACF hija ċara biżżejjed peress li din l-industrija hija identifikata jew bl-isem tagħha jew b'referenza għall-prodott li timmanifattura jew il-grupp tal-industrija li tappartjeni għalih.

(231) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ ma qabilx mas-sejba ta' speċifiċità min-naħa tal-Kummissjoni fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Il-GTĊ tenna l-pretensjonijiet tiegħu li l-qafas legali li taħtu l-istituzzjonijiet finanzjarji kienu inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet biex jipprovdu s-self lill-industriji inċentivati kien biss ta' natura mhux vinkolanti u li l-industrija tal-ACF ma kinitx inċentivata.

(232) L-ewwel nett, in-natura vinkolanti tal-qafas legali diġà hija kkonfermata fil-premessi (182) u (183). It-tieni, il-fatt li l-industrija tal-ACR kienet inċentivata diġà ġie diskuss fid-dettall u kkonfermat fit-Taqsima 3.1.

(233) Il-Kummissjoni għalhekk saħqet fuq il-konklużjoni tagħha li s-sussidji fil-forma ta' self preferenzjali ma kinux ġeneralment disponibbli għall-industriji kollha iżda li dawn kienu speċifiċi fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

3.4.2.3. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(234) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tas-sussidju kumpensabbli abbażi tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri huwa d-differenza bejn l-ammont ta' mgħax li l-kumpanija ħallset fuq is-self preferenzjali u l-ammont li l-kumpanija kienet tħallas għal self kummerċjali komparabbli, li l-kumpanija setgħet tikseb fis-suq.

(235) Kif spjegat fit-Taqsimiet 3.4.1 u 3.4.2 hawn fuq, is-self ipprovdut mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi jirrifletti intervent sostanzjali tal-gvern u ma jirriflettix rati li normalment jinstabu f'suq li jiffunzjona.

(236) Il-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun kienu differenti f'termini tas-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tagħhom. Kull wieħed minnhom ibbenefika minn tipi differenti ta' self matul il-perjodu ta' investigazzjoni b'varjazzjonijiet fir-rigward tal-maturità, il-kollateral, il-garanziji u kundizzjonijiet oħrajn. Għal dawk iż-żewġ raġunijiet, kull kumpanija kellha rata tal-imgħax medja bbażata fuq is-sett ta' self tagħha stess li rċeviet.

(237) Il-Kummissjoni vvalutat individwalment is-sitwazzjoni finanzjarja ta' kull grupp ta' produtturi esportaturi fil-kampjun sabiex tirrifletti dawn il-partikolaritajiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni segwiet il-metodoloġija tal-kalkolu għall-finanzjament preferenzjali permezz ta' self stabbilit fl-investigazzjoni antisussidji dwar prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-azzar li joriġinaw mir-RPĊ, kif ukoll fl-investigazzjonijiet antisussidji fuq tajers li joriġinaw mir-RPĊ u ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-RPĊ ([62]), kif spjegat fil-premessi hawn taħt. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju mill-finanzjament preferenzjali permezz ta' prattiki ta' self għal kull grupp ta' produtturi esportaturi fil-kampjun fuq bażi individwali, u allokat tali benefiċċju għall-prodott ikkonċernat.

(238) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Daching sostna li l-Kummissjoni ma forniet l-ebda analiżi dwar jekk xi metodoloġija ta' kalkolu li intużat f'dawn l-investigazzjonijiet antisussidji fir-rigward tat-tyres li joriġinaw mir-RPĊ u ċerti prodotti minsuġin u/jew meħjutin tal-fibra tal-ħġieġ li joriġinaw mir-RPĊ ([63]) kellhiex tkun legali u fattwalment xierqa li tiġi applikata fl-investigazzjoni preżenti. Ukoll, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-metodu ta' kalkolu kien l-istess.

([62]) Ara l-Każ tal-HRF (il-premessi 152 sa 244), il-Każ tat-Tyres (il-premessa 236) u l-Każ tal-GFF (il-premessa 300) iċċitati fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna.
([63]) Ara l-Każ tal-HRF (il-premessi 152 sa 244), il-Każ tat-Tyres (il-premessa 236) u l-Każ tal-GFF (il-premessa 300) iċċitati fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

(239) L-analiżi tal-finanzjament preferenzjali, kif previst fil-premessi minn (224) sa (236) kienet komparattiva mal-analiżi li saret f'każijiet preċedenti ([64]) msemmija fil-premessa (237). Il-metodu ta' kalkolu kien isegwi l-istess prinċipji, filwaqt li l-benefiċċju mill-finanzjament preferenzjali permezz ta' prattiki ta' self għal kull grupp ta' produtturi esportaturi fil-kampjun kien fuq bażi individwali, kif spjegat fil-Premessa (237) u ddivulgat lil dawn il-produtturi. Għaldaqstant din il-pretensjoni tal-parti ma ntlaqgħetx.

(a) Nanshan Group

(240) Il-Kummissjoni nnotat li Donghai Foil, il-produttur esportatur fil-Grupp Nanshan, ma kienx irċieva klassifikazzjoni tal-kreditu għall-perjodu kkunsidrat. Kumpaniji oħrajn fi ħdan il-Grupp Nanshan ingħataw klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jvarjaw bejn AA+ u AAA – mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu Ċiniżi. Fid-dawl tad-distorsjonijiet ġenerali tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi msemmija fit-Taqsima 3.4.1.8, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-klassifikazzjonijiet ma kinux affidabbli.

(241) Kif imsemmi fil-premessi (176) sa (178) hawn fuq, l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' self Ċiniżi ma pprovdew l-ebda valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit il-benefiċċju, il-Kummissjoni kellha tivvaluta jekk ir-rati tal-imgħax għas-self mogħti lill-Grupp Nanshan kinux b'rati tas-suq.

(242) Donghai Foil ippreżentat lilha nnifisha f'sitwazzjoni finanzjarja ġeneralment profittabbli b'marġnijiet ta' profitt li jvarjaw bejn 0,5 % u 7,2 % skont il-kontijiet finanzjarji tagħha stess, għalkemm il-marġnijiet tal-profitt kienu naqsu f'dawn l-aħħar snin u mill-2018 baqgħu taħt il-1 %. Din il-kumpanija użat biss dejn b'terminu qasir sabiex tiffinanzja l-operazzjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni vvalutat is-sitwazzjoni ta' likwidità b'terminu qasir tal-kumpanija.

(243) Fir-rigward tal-likwidità b'terminu qasir, il-Kummissjoni użat proporzjonijiet tal-likwidità bħall-proporzjon kurrenti, il-proporzjon malajr, il-proporzjon tal-flus kontanti u l-proporzjon tal-fluss tal-flus. Dawn il-proporzjonijiet ikejlu l-kapaċità tal-kumpanija li tħallas obbligi b'terminu qasir, inkluż dejn b'terminu qasir. Il-kumpanija ppreżentat proporzjon kurrenti medju ta' 1,6 matul il-PI. Għalkemm il-proporzjon kurrenti huwa ogħla minn 1, l-assi attwali tal-kumpanija huma biżżejjed sabiex iħallsu l-obbligi fuq perjodu qasir bl-eżatt, li ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika klassifikazzjoni tal-kreditu għolja, li għaliha kumpanija jenħtieġ li tippreżenta proporzjon ta' mill-anqas 2. Il-proporzjon malajr tal-kumpanija kien ta' 1,3 fl-2019 u 1,2 fl-2020, filwaqt li proporzjon malajr ta' mill-anqas 1 jitqies bħala referenza. Fil-fatt, kumpanija li għandha proporzjon malajr taħt 1 jista' jkun li ma tkunx tista' tħallas l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħha fuq perjodu qasir. Il-proporzjon ta' flus kontanti tal-kumpanija bħala medja kien ta' 0,01 fil-PI; għalhekk, il-kumpanija ma kellhiex biżżejjed flus kontanti disponibbli sabiex tħallas id-dejn tagħha b'terminu qasir. Il-kumpanija wriet ukoll fluss ta' flus negattiv minn attivitajiet operattivi ("is-CFO") fl-2016, fl-2017 u fl-2019. Il-proporzjon tas-CFO kien baxx ħafna, - 0,02 fl-2019 u - 0,04 fl-2020. Proporzjon tas-CFO aktar baxx minn 1 ifisser li l-kumpanija ma tiġġenerax biżżejjed flus kontanti sabiex tkopri l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħha.

(244) Wara li qieset l-indikaturi tal-likwidità deskritti fil-premessa (243), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija inkwistjoni ppreżentat problemi ta' likwidità b'terminu qasir li jirriżultaw fi profil ta' debitur b'riskju għoli.

(245) Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tar-riskju tas-solvenza fuq terminu twil fuq diversi proporzjonijiet ta' solvenza bħall-proporzjonijiet tad-dejn u l-proporzjonijiet ta' kopertura. Il-proporzjonijiet ta' solvenza jkejlu l-kapaċità tal-kumpanija li tissodisfa l-obbligi tad-dejn b'terminu twil tagħha. Dawn jintużaw minn selliefa u investituri tal-bonds meta tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-kumpanija.

(246) Il-proporzjonijiet tad-dejn ikejlu l-ammont tal-obbligazzjonijiet, b'mod partikolari d-dejn b'terminu twil. Il-kumpanija kellha proporzjon ta' dejn-assi għoli ta' 0,54, li jfisser li 54 % tal-assi tal-kumpanija huma ffinanzjati minn dejn b'terminu qasir. Barra minn hekk, dan il-proporzjon kien qiegħed jiżdied drastikament matul is-snin. Il-proporzjon ta' dejn-ekwità żdied ukoll kontinwament minn 0,3 fl-2016 għal 1,2 fl-2020, li jindika l-fatt li l-kumpanija qiegħda tiffinanzja dejjem aktar l-attività tagħha prinċipalment permezz tad-dejn. Aktar ma jkunu għoljin il-proporzjonijiet ta' dejn-assi u dejn-ekwità, aktar ikun għoli r-riskju finanzjarju tal-kumpanija, li jfisser li l-kumpanija tista' ssib aktar diffikultà sabiex tħallas id-djun eżistenti tagħha.

([64]) Ara l-Każ tal-HRF (il-premessi 152 sa 244), il-Każ tat-Tyres (il-premessa 236) u l-Każ tal-GFF (il-premessa 300) iċċitati fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

(247) Il-proporzjonijiet ta' kopertura jkejlu l-kapaċità tal-kumpanija li sservi d-dejn tagħha u tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha. Peress li l-kumpanija kellha fluss ta' flus negattiv mill-operazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tas-snin, il-proporzjon medju ta' CFO-dejn tal-kumpanija fil-PI kien negattiv ukoll. Dan ifisser li l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas lura d-dejn totali tagħha bil-fluss tal-flus operattiv li tiġġenera. Id-*data* mill-2020 turi sitwazzjoni kemxejn aħjar. Madankollu, il-kumpanija xorta waħda għandha bżonn 25 sena sabiex tħallas lura d-dejn tagħha, u b'hekk dan jindika problemi serji tal-kumpanija sabiex tiġġenera biżżejjed flus kontanti sabiex tħallas lura d-dejn.

(248) Għalhekk, meta jitqiesu l-kwistjonijiet ta' likwidità u ta' solvenza deskritti fil-premessi (242) sa (247), il-Kummissjoni qieset li l-kumpanija ppreżentat sitwazzjoni finanzjarja fraġli u profil ta' riskju għoli għal mutwanti u investituri potenzjali. Fid-dawl tas-sitwazzjoni prekarja tal-flus kontanti tal-produttur esportatur, ma huwiex għalhekk sorprendenti li wieħed jara li ma kellu l-ebda finanzjament estern, iżda kien iffinanzjat esklussivament permezz ta' self bejn il-kumpaniji.

(249) Il-Kummissjoni għalhekk ħarset ukoll lejn is-sitwazzjoni finanzjarja taż-żewġ kumpaniji omm tal-grupp, Nanshan Group u Shandong Nanshan. Għalkemm is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom kienet tidher aħjar mal-ewwel daqqa t'għajn, b'ċifri ta' profittabbiltà ogħla (madwar 8 sa 10 %) u proporzjonijiet tad-dejn aktar baxxi (bi proporzjon ta' dejn-assi ta' madwar 25 % għat-tnejn li huma), ġew osservati kwistjonijiet simili ta' likwidità. Fil-fatt, il-proporzjonijiet tal-flus kontanti tal-kumpaniji omm baqgħu b'mod konsistenti taħt 1, u bħala medja kienu 0,6 fil-PI. Għalhekk, ma kellhomx biżżejjed flus disponibbli sabiex iħallsu d-dejn tagħhom b'terminu qasir. Il-kumpaniji wrew ukoll proporzjon konsistentement baxx tas-CFO-dejn, li jammonta għal 0,4 fil-PI, li jfisser li ma ġġenerawx biżżejjed flus kontanti sabiex ikopru l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħhom.

(250) Barra minn hekk, xi kumpaniji fil-grupp kienu kkuntrattaw self u bonds sabiex iħallsu lura self preċedenti jew self minn banek oħrajn. Dan it-tip ta' self huwa kkunsidrat bħala indikazzjoni li l-kumpanija tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja agħar minn dik li jissuġġerixxu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji mal-ewwel daqqa t'għajn, u li hemm riskju addizzjonali relatat mal-finanzjament tagħhom fuq terminu qasir u twil. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sabet li Shandong Nanshan kienet għaddiet minn eżerċizzju ta' ristrutturar tad-dejn fil-passat, u kienet ibbenefikat minn tranżazzjoni ta' tpartit ta' dejn ma' ekwità, kif spjegat aktar 'l isfel fit-Taqsima (358).

(251) Filwaqt li qieset il-problemi serji ta' likwidità u solvenza li l-analiżi finanzjarja tal-kumpaniji f'Nanshan Group, kif deskritt fil-premessi (242) sa (247) indikat, il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali ta' Nanshan Group tikkorrispondi għal klassifikazzjoni BB, li hija l-ogħla klassifikazzjoni li ma għadhiex tikkwalifika bħala "grad ta' investiment". "Grad ta' investiment" tfisser li l-bonds maħruġa mill-kumpanija jiġu ġġudikati mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni bħala li x'aktarx jissodisfaw l-obbligi tal-ħlas u li l-banek jitħallew jinvestu fihom.

(252) Abbażi ta' *data* disponibbli pubblikament dwar Bloomberg, il-Kummissjoni użat bħala parametru referenzjarju l-primjum mistenni fuq bonds maħruġa minn ditti bi klassifikazzjoni BB, li ġie applikat għar-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self tal-PBOC, jew wara l-20 ta' Awwissu 2019 lill-Prim Rata tas-Self kif imħabbar mill-NIFC ([65]) sabiex tiġi ddeterminata r-rata tas-suq.

(253) Dik il-valwazzjoni pożittiva ġiet stabbilita permezz tal-kalkolu tal-firxa relattiva bejn l-indiċijiet ta' bonds korporattivi tal-Istati Uniti kklassifikati bħala AA u l-bonds korporattivi tal-Istati Uniti kklassifikati bħala BB abbażi tad-*data* ta' Bloomberg għas-segmenti industrijali. Il-firxa relattiva kkalkolata b'dan il-mod imbagħad ġiet miżjuda mar-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self ippubblikata mill-PBOC jew, wara l-20 ta' Awwissu 2019, mal-Prim Rata tas-Self ippubblikata min-NIFC, fid-data meta ngħata s-self ([66]) u għall-istess tul ta' żmien tas-self inkwistjoni. Dan sar individwalment għal kull self ipprovdut lill-grupp ta' kumpaniji

(254) Fir-rigward ta' self denominat f'muniti barranin, tapplika l-istess sitwazzjoni fir-rigward tad-distorsjonijiet tas-suq u n-nuqqas ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu validi, minħabba li dan is-self jingħata mill-istess istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi. Għalhekk, kif instab qabel, il-bonds korporattivi kklassifikati BB f'denominazzjonijiet rilevanti maħruġa matul il-perjodu tal-investigazzjoni ntużaw sabiex jiġi stabbilit parametru referenzjarju xieraq.

(255) Il-benefiċċju ġie stabbilit billi ġie applikat il-valur referenzjarju deskritt fil-premessa (252) sa (253) għall-perjodu ta' finanzjament tas-self matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([65]) Ara l-premessa (177) hawn fuq.
([66]) Fil-każ ta' self b'imgħax fiss. Għal self b'rata tal-imgħax flessibbli, ittieħdet ir-rata normattiva tal-imgħax tal-PBOC matul il-PI.

(256) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ kkunsidra li l-Kummissjoni kienet injorat b'mod żbaljat il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u ma qabilx mal-metodoloġija użata mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi valur riferenzjarju, li jenħtieġ li jkun ibbażat fuq sejba ta' valur riferenzjarju komparabbli fis-suq nazzjonali minflok ma jiġu applikati "klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' barra l-pajjiż". Il-Kummissjoni minflok, kellha tuża self komparabbli mhux affettwat mid-distorsjonijiet tas-suq fil-pajjiż ikkonċernat. Il-GTĊ kkunsidra wkoll li l-Kummissjoni waslet għal konklużjoni arbitrarja meta stqarret li jenħtieġ li l-biċċa l-kbira tal-esportaturi Ċiniżi fil-kampjun tikkorrispondi għal klassifikazzjoni BB.

(257) Il-GTĊ barra minn hekk oġġezzjona għall-użu tal-firxa relattiva bejn bonds ikklassifikati AA u dawk BB bħala suppliment u ż-żieda tagħhom mar-rati tal-PBOC. Skont il-GTĊ, il-metodu tal-firxa relattiva huwa żbaljat billi l-livell tal-aġġustament 'il fuq qabel kollox jiddependi mill-livell tar-rati ta' mgħax kurrenti, u billi r-rati ta' referenza tal-PBOC fir-RPĊ matul is-snin rilevanti kienu ħafna ogħla mir-rata ta' referenza fl-Istati Uniti. Barra minn hekk, l-użu ta' firxa relattiva jinvolvi li s-suppliment isir ċifra varjabbli.

(258) Bħala tweġiba għal dawn il-pretensjonijiet, il-Kummissjoni nnutat dan li ġej:

(259) L-ewwel, fir-rigward ta' valur referenzjarju barra l-pajjiż, kif spjegat hawn fuq, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu nazzjonali mogħtija lil kumpaniji Ċiniżi tqiesu bħala distorti minħabba l-objettivi ta' politika tal-GTĊ biex jinkoraġġixxi l-industriji prinċipali strateġiċi u għalhekk mhux affidabbli. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni kellha tfittex valur referenzjarju msejjes fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu mhux distorti, li jistgħu biss jinstabu barra l-pajjiż.

(260) It-tieni, dwar il-klassifikazzjoni ta' BB applikata lil kumpaniji, il-Kummissjoni tfakkar li ma ħaditx deċiżjoni arbitrarja, iżda li kienet għamlet analiżi finanzjarja individwali tal-kumpaniji kollha kkonċernati, li kienet tindika qagħda finanzjarja li tikkorrispondi għal klassifikazzjoni BB.

(261) It-tielet, l-użu ta' firxa relattiva kienet diġà spjegata f'investigazzjonijiet preċedenti ([67]). Tabilħaqq, il-firxa relattiva għalhekk taqbad bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq sottostanti tal-pajjiżi, li ma jiġux espressi meta tiġi segwita l-loġika ta' firxa assoluta. Bħalma hu fil-każ preżenti, ir-riskju speċifiku għall-pajjiż u għall-munita ta' spiss ivarja maż-żmien, u l-varjazzjonijiet huma differenti minn pajjiżi għall-ieħor. B'riżultat ta' dan, ir-rati mingħajr riskji jvarjaw b'mod sinifikanti matul iż-żmien, u ġieli jkunu inqas fl-Istati Uniti u ġieli fiċ-Ċina. Dawn id-differenzi huma relatati ma' fatturi bħat-tkabbir osservat u mistenni tal-PDG, is-sentiment ekonomiku u l-livelli tal-inflazzjoni. Minħabba li r-rata mingħajr riskju tvarja maż-żmien, l-istess firxa nominali assoluta tista' tfisser valutazzjoni differenti ħafna tar-riskju. Pereżempju, fejn il-bank jistma li r-riskju ta' inadempjenza speċifiku għall-kumpanija huwa 10 % ogħla mir-rata mingħajr riskju (stima relattiva), il-firxa assoluta li tirriżulta tista' tkun bejn 0,1 % (b'rata mingħajr riskju ta' 1 %) u 1 % (b'rata mingħajr riskju ta' 10 %). Minn perspettiva ta' investitur, il-firxa relattiva għalhekk hija miżura aħjar peress li tirrifletti d-daqs tal-firxa tar-rendiment u l-mod kif inhi affettwata mil-livell bażi tar-rata tal-imgħax. (332) It-tielet, il-firxa relattiva hija wkoll newtrali f'termini ta' pajjiżi. Pereżempju, fejn ir-rata mingħajr riskju fl-Istati Uniti tkun iktar baxxa mir-rata mingħajr riskju fiċ-Ċina, il-metodu jwassal għal marġini kummerċjali assoluti ogħla. Min-naħa l-oħra, fejn ir-rata mingħajr riskju fiċ-Ċina tkun iktar baxxa minn tal-Istati Uniti, il-metodu jwassal għal supplimenti assoluti iktar baxxi.

(262) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Nashan ukoll ikkontesta l-klassifikazzjoni BB stabbilita mill-Kummissjoni għall-kumpaniji fil-grupp, waqt li argumenta li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu messhom ġew ikkunsidrati separatament għal kull kumpanija, li l-analiżi kienet b'mod żbaljat limitata għall-PI, u li ma kienx hemm evidenza li Nanshan effettivament kien inadempjenti fl-obbligi finanzjarji tiegħu.

(263) Barra minn hekk, l-analiżi ta' benefiċċju tal-Kummissjoni kienet difettuża wkoll billi l-valur referenzjarju użat mill-Kummissjoni: (A) jonqos milli jirifletti l-kundizzjonijiet tas-suq li jipprevalu fiċ-Ċina, (B) jikkontradixxi l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni li s-swieq finanzjarji fiċ-Ċina huma distorti (billi l-punt tat-tluq huwa r-rata normattiva tal-imgħax tal-PBOC), u (C) huwa bbażat fuq żewġ għodod ta' finanzjament separati (self u bonds), valur referenzjarju ibridu mhux realistiku li ma jirriflettix il-prattiki normali tas-suq.

[67] Il-każijiet tal-HRF u tat-Tyres, il-premessi minn (175) sa(187) fil-Każ HRF, u mill-premessa (256) fil-Kaz tat-Tyres.

(264) Nashan Group ipprovda wkoll lista ta' bonds il-maġġoranza tagħhom RMB, mingħand Bloomberg, maħruġa fis-suq ta' Hong Kong għall-investituri barranin, u sostna li valur referenzjarju bbażat Hong Kong (ibbażat purament fuq rati ta' rendiment ta' bonds) aktar kien jirrifletti mill-qrib il-kundizzjonijiet tas-suq fiċ-Ċina minn mudell ipotetiku mibni minn self/bonds Amerikani jew Ċiniżi.

(265) Dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' Nashan Group, il-Kummissjoni nnutat li għamlet valutazzjoni individwali tal-kumpaniji ewlenin fl-ambitu tal-investigazzjoni ie il-produttur esportatur, u dawk bl-akbar proporzjon ta' finanzjament fil-grupp ie il-kumpanija omm intermedjarja u l-kumpanija omm apikali, kif enfasizzat fil-premessi (242) u (249) sa (250) hawn fuq. Kuntrarju għall-asserzjonijiet tal-kumpanija, il-Kummissjoni ma qisitx l-evoluzzjoni tal-indikaturi finanzjarji tul il-perjodu kollu mequs (jiġifieri mill-2017 sal-PI). Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda differenza sinifikattivi bejn il-qagħda finanzjarja ta' dawn il-kumpaniji. Lanqas ma sabet differenzi sinifikattivi fir-rati tal-interessi. Il-fatt li Nashan ma kienx inadempjenti fl-obbligi tiegħu ma jikkontradixxix fih innifsu l-konklużjonijiet fuq il-qagħda finanzjarja ġenerali ta' Nashan Group. Għalhekk il-Kummissjoni żammet mal-konklużjoni tagħha fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

(266) Dwar il-valur referenzjarju użat għall-kalkolu tal-benefiċċju, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-użu ta' rata tal-valur referenzjarju tal-PBOC bħala punt ta' tluq għall-istabbiliment tal-valur referenzjarju huwa preċiż bħall-mod li bih il-valur referenzjarju huwa aġġustat għall-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti fiċ-Ċina, billi dan jirrappreżenta r-rata ħielsa minn kull riskju fiċ-Ċina, li huwa speċifiku għall-pajjiż, kif diġà ssemma fil-premessa (261). Għalhekk ma hemm l-ebda kontradizzjoni bħala tali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tara l-ebda kwistjoni fir-rigward tal-kombinazzjoni tar-rata mingħajr mir-riskju fuq is-self, u l-użu ta' firxa relattiva fuq il-bonds. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ma żżidx sempliċement ir-rata ta' self tal-PBOC mar-rata ta' rendiment tal-bond USD BB. Minflok, hija tikkalkola firxa bejn bonds ikklassifikati AA u BB, li tikkorrispondi għal fattur ta' riskju li għandu jiġi applikat għar-rata mingħajr riskju.

(267) Flimkien ma' dan, is-self u l-bonds korporattivi huma fil-prinċipju strumenti ta' dejn finanzjarji simili. Talbilħaqq, bond korporattiv huwa tip ta' self użat minn entitajiet kbar biex jiżdied il-kapital. Kemm is-self kif ukoll il-bonds korporattivi huma kkuntrattati/maħruġa għal perjodu ta' żmien u għandhom rata ta' imgħax/rata fissa tal-kupun. Il-fatt li l-finanzjament permezz ta' self jiġi pprovdut minn istituzzjoni finanzjarja u li l-finanzjament permezz ta' bond korporattiv huwa provdut mill-investituri, li f'ħafna każijiet ikunu wkoll istituzzjonijiet finanzjarji, huwa irrelevanti għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi tal-qalba taż-żewġ strumenti. Tabilħaqq, iż-żewġ strumenti jservu biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tan-negozju, għandhom l-istess tip ta' remunerazzjoni u għandhom termini u kondizzjonijiet ta' ħlas lura li huwa simili. Wieħed għalhekk jista" raġonevolment jassumi li l-fattur tar-riskju bejn kumpaniji kklassifikati AA u BB jibqa l-istess, kemm jekk għall-ħruġ ta' self, kif ukoll għall-ħruġ ta' bonds. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(268) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-valur referenzjarju alternattiv propost minn Nashan Group. Madankollu il-bonds f' RMB maħruġa f' Hong Kong li ġew ippreżentati kienu jikkonċernaw kwazi esklużivament bonds maħruġa mill-gvern taċ-Ċina jew strumenti finanzjarji, u għalhekk mhumiex komparabblil mal-bonds korporattivi. Il-biċċa l-kbira tal-bonds maħruġa ma pprovdew l-ebda indikazzjoni ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Il-Kummissjoni għalhekk sabet li dan ma setax jintuża bħala alternattiva raġonevoli għall-valur referenzjarju attwalment użat.

(269) Fl-aħħar, Nashan Group stqarr li l-Kummissjoni kienet għamlet xi żbalji fil-kalkolu fir-rigward ta' diversi kumpaniji fil-grupp minħabba cell formatting, duplikazzjoni ta' self, ammonti inizjali skorretti ta' self fit-tabelli ppreżentati jew żbalji misjuba fil-formoli. Il-Kummissjoni tabilħaqq innotat li kienet għamlet xi żbalji klerikali u għalhekk il-kalkolu tal-benefiċċju mis-self ġie għalhekk adattat skont dan.

(b) Wanshun Group

(270) Il-Kummissjoni nnotat li Wanshun Group ingħata klassifikazzjoni AA+ minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu Ċiniża fl-2018.

(271) Kif imsemmi fil-premessi (176) sa (178) hawn fuq, l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi li sellfu ma pprovdew l-ebda valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit il-benefiċċju, il-Kummissjoni kellha tivvaluta jekk ir-rati tal-imgħax għas-self mogħti lill-Wanshun Group kinux fil-livell tas-suq.

(272) Il-produttur esportatur tal-Wanshun Group ippreżenta lilu nnifsu f'sitwazzjoni finanzjarja ġeneralment profittabbli skont il-kontijiet finanzjarji tiegħu stess.

(273) Il-produttur esportatur uża dejn b'terminu qasir u b'terminu twil sabiex jiffinanzja l-operazzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni vvalutat il-likwidità fuq terminu qasir u s-sitwazzjoni ta' solvenza fit-tul tal-kumpanija.

(274) Fir-rigward tal-likwidità fuq perjodu qasir, il-Kummissjoni użat proporzjonijiet ta' likwidità bħal (a) proporzjon kurrenti, (b) proporzjon ta' flus kontanti, (c) proporzjon malajr, u (d) proporzjon ta' flus kontanti minn operazzjonijiet. Dawn il-proporzjonijiet ikejlu l-kapaċità tal-kumpanija li tħallas obbligi b'terminu qasir, inkluż dejn b'terminu qasir.

(275) Il-proporzjon kurrenti tal-kumpanija kien ta' 1,04 fl-2018, naqas għal 0,96 fl-2019 u mbagħad reġa' żdied għal 0,98 fl-2020. Minkejja l-klassifikazzjoni AA+ attribwita lill-kumpanija fl-2019, l-assi kurrenti tal-kumpanija għalhekk ma kinux biżżejjed sabiex jitħallsu l-obbligi b'terminu qasir. Dan ma jiġġustifikax klassifikazzjoni ta' kreditu għolja, li għaliha kumpanija jenħtieġ li tippreżenta proporzjon ta' mill-anqas 2.

(276) Il-proporzjon ta' flus kontanti tal-kumpanija kien bħala medja ta' 0,1 fl-2016 sal-2019 u 0,2 sa tmiem il-PI; għalhekk, il-kumpanija ma kellhiex biżżejjed flus kontanti disponibbli sabiex tħallas id-dejn tagħha b'terminu qasir.

(277) Il-proporzjon malajr tal-kumpanija kien ta' 0,11 fl-2018 u 0,14 fl-2019 u l-2020, filwaqt li proporzjon malajr ta' mill-anqas 1 jitqies bħala referenza. Fil-fatt, kumpanija li għandha proporzjon malajr taħt 1 jista' jkun li ma tkunx tista' tħallas l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħha fuq perjodu qasir.

(278) Il-kumpanija wriet fluss ta' flus pożittiv minn attivitajiet operattivi mill-2017, wara li rduppjat fl-2018, naqset b'90 % sal-2020. Il-proporzjon ta' flus kontanti operattivi kien ta' 0,25 fl-2018, 0,04 fl-2019 u 0,02 sal-2020. Proporzjon tal-flus kontanti operatorji anqas minn 1 ifisser li l-kumpanija ma ġġeneratx biżżejjed flus sabiex tkopri l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħha.

(279) Wara li qieset l-indikaturi tal-likwidità fuq terminu qasir deskritti fil-premessa (297), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija inkwistjoni ppreżentat problemi ta' likwidità fuq terminu qasir li jirriżultaw fi profil ta' debitur b'riskju għoli.

(280) Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tar-riskju tas-solvenza fuq terminu twil fuq diversi razzjonijiet ta' solvenza bħal (a) proporzjonijiet tad-dejn u (b) proporzjonijiet ta' kopertura. Dawn il-proporzjonijiet ikejlu l-kapaċità tal-kumpanija li tissodisfa l-obbligi tad-dejn fuq terminu twil tagħha. Dawn jintużaw minn selliefa u investituri tal-bonds meta tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-kumpanija.

(281) Il-proporzjonijiet tad-dejn ikejlu l-ammont tal-obbligazzjonijiet, b'mod partikolari d-dejn b'terminu twil. Il-kumpanija kellha proporzjon għoli ta' dejn-assi ta' 0,5, li jfisser li 50 % tal-assi tal-kumpanija huma ffinanzjati mid-dejn. Il-proporzjon ta' dejn-ekwità kien ta' 0,5 fil-PI, li jindika l-fatt li l-kumpanija qiegħda tiffinanzja l-attività tagħha permezz tad-dejn. Aktar ma jkunu għoljin il-proporzjonijiet ta' dejn-assi u ta' dejn-ekwità, aktar ikun għoli r-riskju finanzjarju tal-kumpanija, li jfisser li l-kumpanija tista' ssib aktar diffikultà sabiex tħallas id-djun eżistenti tagħha.

(282) Il-proporzjonijiet ta' kopertura jkejlu l-kapaċità tal-kumpanija li sservi d-dejn tagħha u tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha. Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax u l-proporzjon tal-flus kontanti mill-operazzjonijiet għad-dejn, li juri l-abbiltà tal-kumpanija li tħallas lura d-dejn tagħha bi flus kontanti ġġenerati minn attivitajiet operattivi. Il-proporzjon medju ta' CFO-dejn tal-esportatur fil-PI kien ta' 0,03. Dan ifisser li l-kumpanija tkun teħtieġ 33 sena sabiex tħallas lura d-dejn totali tagħha bil-fluss tal-flus operattiv li tiġġenera fil-PI. Għalhekk, hemm indikazzjonijiet ta' problemi serji tal-kumpanija sabiex tiġġenera biżżejjed flus kontanti sabiex tħallas lura d-dejn.

(283) Għalhekk, meta jitqiesu l-proporzjonijiet ta' solvenza fuq terminu twil deskritti fil-premessa (303), il-Kummissjoni qieset li l-kumpanija ma kinitx f'sitwazzjoni finanzjarja solida u kellha profil riskjuż għal mutwanti u investituri potenzjali.

(284) Barra minn hekk, il-kumpanija kkuntrattat self bil-għan li tħallas lura self minn banek oħrajn. Dan it-tip ta' self jitqies bħala indikazzjoni li l-kumpanija tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja agħar minn dik li jissuġġerixxu r-rapporti finanzjarji mal-ewwel daqqa t'għajn, u li hemm riskju addizzjonali relatat mal-finanzjament tagħha fuq terminu qasir u twil.

(285) B'segwitu għal dan ta' hawn fuq u fid-dawl tad-distorsjonijiet ġenerali tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi, imsemmija fit-Taqsima 3.5.2, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-klassifikazzjoni tal-kreditu AA+ mogħtija lil Wanshun Group ma hijiex affidabbli.

(286) Il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sitwazzjoni finanzjarja globali tal-grupp tikkorrispondi għal klassifikazzjoni BB, li hija l-ogħla klassifikazzjoni li ma tikkwalifikax bħala "grad ta' investiment".

(287) Il-benefiċċju ġie stabbilit billi ġiet applikata l-metodoloġija deskritta fil-premessi (252) sa (255) għall-perjodu ta' finanzjament tas-self matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(288) Wara d-divulgazzjoni finali, Wanshun Group talab lill-Kummissjoni tikkjarifika l-bażi fattwali għall-allegazzjoni li l-kumpanija tal-grupp "ikkuntrattat self bl-għan li tħallas lura s-self minn banek oħra". Il-parti wkoll stqarret li:

(a) il-Kummissjoni qagħdet fuq għadd ta' proporzjonijiet li kienu fid-dehra bbażati fuq dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd., iżda mhux fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-grupp Wanshun, li huwa żball, billi l-proporzjonijiet ta' Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. ma jirriflettux l-affidabbiltà kreditizja tal-grupp Wanshun. Il-parti talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tikkonferma u tiddivulga l-bażi li fuqha l-indikaturi finanzjarji kienu stabbiliti.

(b) Il-Kummissjoni użat data żbaljata biex tikkalkola l-valur referenzjarju għal waħda mis-selfiet provduti lil Shantou Wanshun.

(c) Jiangsu Huafeng Aluminium Industry Co., Ltd isselfet biss mingħand żewġ kumpaniji tal-grupp fil-PI u dan it-tip ta' self intra-grupp ma għandux jitqies bħala sussidju, billi dawn il-kumpaniji tal-grupp la kienu entitajiet pubbliċi, u lanqas ma setgħu ġew ikkunsidrati bħala li kienu inkarigati jew diretti mill-GTĊ. B'żieda ma' dan, l-ikkklerjar tas-self minn bank kummerċjali u s-self intra-grupp, irriżulta f'għadd doppju.

(289) Dwar l-ewwel punt, il-Kummissjoni kkonfermat li l-indikaturi msemmija f'din it-Taqsima huma bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Zhongji Lamination Materials Co. Ltd. Kif diġà spjegat fil-premessa (265), il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni individwali tal-kumpaniji ewlenin fl-ambitu tal-investigazzjoni, jiġifieri l-produttur esportatur, u dawk bl-akbar proporzjon ta' finanzjament fil-grupp, jiġifieri il-kumpanija omm. Tabilħaqq, dan l-approċċ jidher raġonevoli, billi s-self huwa pprovdut lill-entitajiet legali, mhux lill-grupp bħala tali. Il-Kummissjoni qieset l-evolużżjoni tal-indikaturi finanzjarji tul il-perjodu kollu mequs (jiġifieri mill-2017 sal-PI).

(290) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda differenza sinifikanti bejn il-qagħda finanzjarja tal-kumpaniji fil-grupp. Tabilħaqq, anki meta tqieset id-*data* konsolidata pprovduta mill-kumpanija nfisha wara d-divulgazzjoni, il-pożizzjoni tal-likwidità kienet waħda fraġli, b'indiċi baxx ta' likwidità u indiċi baxx ta' fluss ta' flus. Il-proporzjon tad-dejn mal-assi huwa wkoll simili ħafna għal dak tal-produttur esportatur uniku. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda differenza sinifikattiva fir-rati ta' mgħax tas-self maħruġa lid-diversi kumpaniji fil-grupp. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(291) Il-Kummissjoni ma aċċettatx il-pretensjoni ppreżentata taħt it-tieni punt, billi d-data proposta mill-kumpanija kienet aktar tard mid-data inizjali tas-self, waqt li l-Kummissjoni użat iċ-ċifra tal-valur referenzjarju għad-data li kienet eżatt qabel id-data inizjali tas-self, u li għalhekk kienet għadha applikabbli fid-data inizjali.

(292) Il-Kummissjoni qablet mal-affermazzjoni ppreżentat taħt it-tielet punt, u adattat il-kalkoli skont dan.

(c) Daching Group

(293) Il-Kummissjoni nnotat li Daching Group ingħata klassifikazzjoni AAA minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu Ċiniża fl-2019.

(294) Kif imsemmi fil-premessi (176) sa (178) hawn fuq, l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi li sellfu ma pprovdew l-ebda valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit il-benefiċċju, il-Kummissjoni kellha tivvaluta jekk ir-rati tal-imgħax għas-self mogħti lil Daching Group kinux fil-livell tas-suq.

(295) Il-produttur esportatur Xiamen Xiashun ippreżenta lilu nnifsu f'sitwazzjoni finanzjarja ġeneralment profittabbli skont il-kontijiet finanzjarji tiegħu stess.

(296) Xiamen Xiashun uża dejn b'terminu qasir u dejn b'terminu twil sabiex jiffinanzja l-operazzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni vvalutat il-likwidità fuq terminu qasir u s-sitwazzjoni ta' solvenza fit-tul tal-kumpanija.

(297) Fir-rigward tal-likwidità fuq perjodu qasir, il-Kummissjoni użat proporzjonijiet ta' likwidità bħal (a) proporzjon kurrenti, (b) proporzjon ta' flus kontanti, (c) proporzjon malajr, u (d) proporzjon ta' flus kontanti minn operazzjonijiet. Dawn il-proporzjonijiet ikejlu l-kapaċità tal-kumpanija li tħallas obbligi b'terminu qasir, inkluż dejn b'terminu qasir.

(298) Il-proporzjon kurrenti tal-kumpanija kien ta' 0,9 fl-2018, żdied għal 1,0 fl-2019 u mbagħad reġa' naqas għal 0,9 sa tmiem il-PI (l-ewwel nofs tal-2020). Minkejja l-klassifikazzjoni AAA- attribwita lill-kumpanija fl-2019, l-assi kurrenti tal-kumpanija kienu biżżejjed sabiex jitħallsu l-obbligi fuq terminu qasir bl-eżatt. Dan ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika klassifikazzjoni ta' kreditu għolja, li għaliha kumpanija jenħtieġ li tippreżenta proporzjon ta' mill-anqas 2.

(299) Il-proporzjon ta' flus kontanti tal-kumpanija kien bħala medja ta' 0,1 fl-2016 sal-2019 u 0,2 sa tmiem il-PI; għalhekk, il-kumpanija ma kellhiex biżżejjed flus kontanti disponibbli sabiex tħallas id-dejn tagħha b'terminu qasir.

(300) Il-proporzjon malajr tal-kumpanija kien ta' 0,4 fl-2017 sal-2018 u 0,5 fl-2019 sa tmiem il-PI, filwaqt li proporzjon malajr ta' mill-anqas 1 jitqies bħala referenza. Fil-fatt, kumpanija li għandha proporzjon malajr taħt 1 jista' jkun li ma tkunx tista' tħallas l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħha fuq perjodu qasir.

(301) Il-kumpanija wriet fluss ta' flus pożittiv minn attivitajiet operatorji, madankollu naqset kważi b'nofs mill-2016 sal-2019 u t-tmiem tal-PI. Proporzjon ta' flus kontanti operattivi kien ta' 0,2 fl-2019 u sa tmiem il-PI. Proporzjon ta' flus kontanti operattiv ta' anqas minn 1 ifisser li l-kumpanija ma ġġeneratx biżżejjed flus sabiex tkopri l-obbligazzjonijiet kurrenti tagħha.

(302) Wara li qieset l-indikaturi tal-likwidità fuq terminu qasir deskritti fil-premessa (297), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija inkwistjoni ppreżentat problemi ta' likwidità fuq terminu qasir li jirriżultaw fi profil ta' debitur b'riskju għoli.

(303) Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tar-riskju tas-solvenza fuq terminu twil fuq diversi razzjonijiet ta' solvenza bħal (a) proporzjonijiet tad-dejn u (b) proporzjonijiet ta' kopertura. Dawn il-proporzjonijiet ikejlu l-kapaċità tal-kumpanija li tissodisfa l-obbligi tad-dejn fuq terminu twil tagħha. Dawn jintużaw minn selliefa u investituri tal-bonds meta tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-kumpanija.

(304) Il-proporzjonijiet tad-dejn ikejlu l-ammont tal-obbligazzjonijiet, b'mod partikolari d-dejn b'terminu twil. Il-kumpanija kellha proporzjon għoli ta' dejn-assi ta' 0,6, li jfisser li 60 % tal-assi tal-kumpanija huma ffinanzjati mid-dejn. Il-proporzjon ta' dejn-ekwità kien ta' 1,5 fil-PI, li jindika l-fatt li l-kumpanija qiegħda tiffinanzja l-attività tagħha permezz tad-dejn. Aktar ma jkunu għoljin il-proporzjonijiet ta' dejn-assi u ta' dejn-ekwità, aktar ikun għoli r-riskju finanzjarju tal-kumpanija, li jfisser li l-kumpanija tista' ssib aktar diffikultà sabiex tħallas id-djun eżistenti tagħha.

(305) Il-proporzjonijiet ta' kopertura jkejlu l-kapaċità tal-kumpanija li sservi d-dejn tagħha u tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha. Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax u l-proporzjon ta' flus kontanti mill-operazzjonijiet għad-dejn. Il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax juri l-abbiltà tal-kumpanija li tiffinanzja kostijiet tal-imgħax. Dan il-proporzjon tal-esportatur kien ta' madwar 1,2 fil-PI. Tali proporzjon ta' anqas minn 1,5 jindika li l-kumpanija għandha diffikultajiet sabiex tissodisfa l-ispejjeż tal-imgħax tagħha. Proporzjon ta' flus kontanti minn operazzjonijiet għad-dejn juri l-kapaċità tal-kumpanija li tħallas lura d-dejn tagħha bi flus kontanti ġġenerati minn attivitajiet operattivi. Il-proporzjon medju ta' flus kontanti mill-operazzjonijiet għall-proporzjon tad-dejn tal-esportatur fil-PI kien ta' 0,1. Dan ifisser li l-kumpanija tkun teħtieġ 10 snin sabiex tħallas lura d-dejn totali tagħha bil-fluss tal-flus operattiv li tiġġenera fil-PI. Għalhekk, hemm indikazzjonijiet ta' problemi serji sabiex jiġu ġġenerati biżżejjed flus kontanti sabiex jitħallas lura d-dejn.

(306) Barra minn hekk, il-kumpanija kkuntrattat self bil-għan li tħallas lura self minn banek oħrajn. Dan it-tip ta' self jitqies bħala indikazzjoni li l-kumpanija tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja agħar minn dik li jissuġġerixxu r-rapporti finanzjarji mal-ewwel daqqa t'għajn, u li hemm riskju addizzjonali relatat mal-finanzjament tagħha fuq terminu qasir u twil.

(307) Għalhekk, meta jitqiesu l-proporzjonijiet ta' solvenza fuq terminu twil deskritti fil-premessa (276), il-Kummissjoni qieset li l-kumpanija ma kinitx f'sitwazzjoni finanzjarja solida u kellha profil riskjuż għal mutwanti u investituri potenzjali.

(308) Filwaqt li qieset l-elementi tal-likwidità u tas-solvenza tal-produttur esportatur, kif deskritt fil-premessi (297) sa (305), il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali ta' Daching Group tikkorrispondi għal klassifikazzjoni B/BB (fejn il-klassifikazzjoni B ġiet applikata għal self bl-għan li jitħallas lura self minn banek oħrajn), li hija l-ogħla klassifikazzjoni li ma tibqax tikkwalifika bħala "grad ta' investiment".

(309) Il-benefiċċju ġie stabbilit billi ġie applikat il-parametru referenzjarju deskritt fil-premessi (252) sa (253) għall-perjodu ta' finanzjament tas-self matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(310) Wara d-divulgazzjoni finali. il-grupp Daching stqarr li:

(a) ir-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self tal-PBOC u l-Prim Rata tas-Self japplikaw għall-kumpaniji normali, li għandhom klassifikazzjoni tal-kreditu medja (il-klassifikazzjoni BBB), aktar milli għal kumpaniji bl-ogħla klassifikazzjoni tal-kreditu (il-klassifikazzjoni AA kif użata mill-Kummissjoni). Għalhekk, biex tikkalkola firxa, il-Kummissjoni kien messha qabblet il-bonds korporattivi tal-Istati Uniti tal-Amerka mal-klassifikazzjoni BBB kontra l-klassifikazzjoni assenjati lill-grupp Daching. Il-parti evalwat mill-ġdid il-klassifikazzjoni tagħha stess bl-użu tal-metodoloġija ta' Bloomberg,

(b) billi l-Kummissjoni dderivat il-firxa billi qabblet il-bonds ta' klassifikazzjoni Bloomberg BB ma' dawk ta' klassifikazzjoni AA, kien messha wżat l-istess metodoloġija ta' klassifikazzjoni ta' Bloomberg (bħal Moody's), minflok il-metodoloġija proprja tal-Kummissjoni, biex tassenja klassifikazzjonijiet tal-kreditu lill-kumpaniji fil-grupp. Il-parti żiedet li l-metodoloġija ta' valwazzjoni tal-Kummissjoni kien fiha dubji serji billi, abbażi tal-proporzjonijiet użati, bħall-proporzjon kurrenti, il-proporzjon ta' likwidità immedjata, il-proporzjon fi flus kontanti u l-proporzjon ta' dejn mal-assi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-grupp Daching ma kienx se jkun jista' jħallas lura d-dejn tiegħu, filwaqt li dawn il-proporzjonijiet kellhom jiġu ġġudikati skont l-industrija. Ukoll, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li l-kumpanija kienet adempjenti u kienet se twaqqaf l-attivitajiet kummerċjali "issa", filwaqt li l-grupp kien qed jopera fuq bażi ta' kontinwità operattiva ([68]), fejn seta' jħallas id-dejn tiegħu billi juża l-fluss ta' flus u l-qligħ qabel l-imgħax, it-taxxi u l-ammortizzament.

(c) Ma kellhiex tiġi applikata firxa lis-self garantit tal-grupp Daching, billi dan kellu riskju ħafna aktar baxx mis-self, la ma kienx self garantit. Anki jekk il-Kummissjoni kienet qed tikkunsidra li tapplika firxa lis-self garantit, kien jenħtieġ li tapplika firxa negattiva, aktar milli firxa pożittiva.

(311) L-ewwel nett, rigward il-kumment dwar l-użu ta' Rata Normattiva tal-Imgħax ippubblikata mill-PBOC jew il-Prim Rata tas-Self ippubblikata minn NIFC bħala punt tat-tluq fil-kalkolu tal-valur referenzjarju, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li dawn ir-rati jitqiesu bħala ħielsa minn kull riskju li, abbażi ta' approċċ konservattiv, jiġu applikati lil kumpaniji bi klassifikazzjoni AA. Kif skopriet il-Kummissjoni fl-investigazzjoni attwali, ir-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self tal-PBOC u l-Prim Rata tas-Self ippubblikati mir-rati NIFC jiġu applikati lill-aħjar klijenti ta' dawn il-banek, u għalhekk lill-kumpaniji li kisbu l-ogħla klassifika. Tabilħaqq, kif imsemmi fid-dokumentazzjoni ppreżentat mill-GTĊ matul l-investigazzjoni, "*Kull LPR ġie kkwotat minn quoting bank LPR skont ir-rati ta' self maħruġa* **lill-aħjar klijenti tagħhom** *(żieda ta' enfasi) fl-20 ta' kull xahar* ([69])"Ukoll, il-Kummissjoni nnotat li l-klassifikazzjoni tal-kumpaniji fil-grupp fl-aħħar erba' snin, kif evalwat mill-ġdid mill-parti li użat il-metodoloġija ta' Bloomberg, ma kklassifikatx bħala "investiment grade",

(312) It-tieni, il-metodoloġija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu użata mill-Kummissjoni kienet tinvolvi għadd ta' proporzjonijiet li kejlu l-abbiltà attwali tal-kumpanija li tħallas l-obbligazzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien, li wera li ma kienx biżżejjed, la permezz tal-bejgħ tal-assi kurrenti (proporzjon kurrenti), lanqas bl-użu tal-fluss ta' flus (flus kontanti), mingħajr l-użu ta' flussi ta' flus operattivi. Dawn il-proporzjonijiet kollha kienu juru problemi bil-likwidità fuq perjodu ta' żmien qasir tal-produttur esportatur, li rriżulta fi profil ta' debitur b'riskju għoli, kif spjegat

([68]) Il-kumpanija se tkompli l-attività kummerċjali tagħha fil-futur qrib.

([69]) "Promoting LPR Reform Orderly", maħruġ mill-Monetary Policy Analysis Group of the People's Bank of China, Settembru 15, 2020, http://www.pbc.gov.cn/en/3688110/3688172/4048269/4094018/2020091518070233600.pdf, l-aħħar aċċessat fit-30 ta' Novembru 2021.

fil-premessi (296) - (302). Fl-istess ħin il-parti ma wrietx għalfejn dawn il-proporzjonijiet kellhom jiġu ttrattati b'mod ieħor speċifiku għall-industrija tal-ACF. Addizzjonalment, dawn il-proporzjonijiet jindikaw l-kapaċità "kurrenti" ta' kumpanija li tħallas l-obbligi fuq perjodu ta' żmien qasir u jintużaw għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-riskju tad-debitur biss għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni. Din l-evalwazzjoni hija separata u tista' tkun differenti mis-suppożizzjoni tal-ġestjoni tal-proċess ta' tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, li jevalwaw il-kapaċità ta' kontinwità operattiva tal-kumpanija.

(313) It-tielet, il-garanziji provduti lis-self kienu pprovduti minn partijiet relatati fil-grupp, li għalih japplika l-istess klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Dan għalhekk ma għandux ikollu impatt bħala tali fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-asserzjonijiet tal-applikant ma ntlaqgħux.

(314) Il-grupp Daching kompla jallega li l-Kummissjoni kienet użat bilanċ tal-kapital żbaljat fil-kalkolu tal-benefiċċju tal-imgħax tas-self għall-grupp fuq żewġ selfiet. Jiġifieri, għaż-żewġ selfiet inizjali, il-kapital kien parzjalment rimborżat u l-kapital applikabbli għall-pagament ta' imgħax kellu jkun inqas mill-ammont inizjali. ukoll, il-pagament ta' imgħax attwali għal żewġ selfiet oħra tħallas wara l-PI u l-Kummissjoni ma kellhiex tittratta l-ħlas ta' imgħax bħala żero fil-kalkolu. Il-Kummizzjoni rrieżaminat il-kalkolu u kkoreġietu fir-rigward ta' dawn il-pretensjonijiet.

3.4.2.4. Konklużjoni dwar il-finanzjament preferenzjali: self

(315) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-gruppi kollha ta' produtturi esportaturi fil-kampjun ibbenefikaw minn finanzjament preferenzjali permezz ta' self matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fid-dawl tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja, benefiċċju għall-produtturi esportaturi u speċifiċità, il-Kummissjoni qieset il-finanzjament preferenzjali permezz ta' self bħala sussidju kumpensabbli.

(316) Ir-rati ta' sussidju stabbiliti fir-rigward tal-finanzjament preferenzjali permezz ta' self matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun ammontaw għal:

**Finanzjament preferenzjali: self**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 1,45 % |
| Wanshun Group | 1,93 % |
| Daching Group | 4,36 % |

3.5. **Finanzjament preferenzjali: tipi oħrajn ta' finanzjament**

3.5.1. *Linji ta' kreditu*

3.5.1.1. Ġenerali

(317) L-għan ta' linja ta' kreditu huwa li jiġi stabbilit limitu ta' self li l-kumpanija tista' tuża fi kwalunkwe ħin sabiex tiffinanzja l-operazzjonijiet attwali tagħha u b'hekk il-finanzjament tal-kapital operatorju jsir flessibbli u disponibbli immedjatament meta jkun meħtieġ. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li fil-prinċipju, il-finanzjament kollu fuq terminu qasir tal-kumpaniji fil-kampjun, bħal self b'terminu qasir, abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, eċċ., jenħtieġ li jkun kopert minn strument tal-linja ta' kreditu.

3.5.1.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(318) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi pprovdew linji ta' kreditu lil kull grupp fil-kampjun b'rabta mal-forniment ta' finanzjament. Dawn kienu jikkonsistu fi ftehimiet qafas, li skonthom il-bank jippermetti lill-kumpaniji fil-kampjun jużaw diversi strumenti ta' dejn, bħal self ta' kapital operatorju, abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja u forom oħrajn ta' finanzjament tal-kummerċ sa ċertu ammont massimu.

(319) Kif imsemmi fil-premessa (317) hawn fuq, il-finanzjament kollu fuq terminu qasir jenħtieġ li jkun kopert minn linja ta' kreditu. Għalhekk, il-Kummissjoni qabblet l-ammont tal-linji ta' kreditu disponibbli għall-kumpaniji li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-ammont ta' finanzjament fuq terminu qasir użat minn dawn il-kumpaniji matul l-istess perjodu sabiex tistabbilixxi jekk il-finanzjament kollu fuq terminu qasir kienx kopert minn linja ta' kreditu. Fejn l-ammont tal-finanzjament fuq terminu qasir qabeż il-limitu tal-linja ta' kreditu, il-Kummissjoni żiedet l-ammont tal-linja ta' kreditu eżistenti bl-ammont attwalment użat mill-produtturi esportaturi lil hinn minn dak il-limitu tal-linja ta' kreditu.

(320) F'ċirkostanzi normali tas-suq, il-linji ta' kreditu jkunu soġġetti għall-hekk imsejħa tariffa ta' "arranġament" jew "impenn" sabiex jikkumpensaw għall-kostijiet u r-riskji tal-bank fil-ftuħ ta' linja ta' kreditu, kif ukoll għal "tariffa ta' tiġdid" imposta fuq bażi annwali għat-tiġdid tal-validità tal-linji ta' kreditu. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li kull grupp ta' kumpaniji fil-kampjun ibbenefika minn linji ta' kreditu pprovduti mingħajr ħlas. Għalhekk, ingħata benefiċċju lill-gruppi ta' kumpaniji investigati skont it-tifsira tal-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku.

3.5.1.3. Speċifiċità

(321) Kif imsemmi fil-premessa (99), skont id-Deċiżjoni Nru 40, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-industriji inċentivati.

(322) Il-Kummissjoni qieset li l-linji ta' kreditu huma forma ta' appoġġ finanzjarju preferenzjali mill-istituzzjonijiet finanzjarji lil industriji inċentivati bħas-settur tal-ACF. Kif speċifikat fit-Taqsima 3.1 hawn fuq, is-settur tal-ACF huwa fost l-industriji inċentivati u għalhekk huwa eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju kollu possibbli.

(323) Wara divulgazzjoni finali, il-GTĊ stqarr li l-linji ta' kreditu li allegatament ġew ipprovduti lill-industrija tal-ACF ma kellhom l-ebda vantaġġ u ma kinux speċifiċi. Il-GTĊ tenna l-argumenti tiegħu dwar in-natura mhux vinkolanti tad-Deċiżjoni 40, kif ukoll ir-raġunament li jikkontesta l-kwalifika tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi bħala korpi pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-GTĊ naqas milli juri li l-kumpaniji fir-RPĊ jistgħu ugwalment jibbenefikaw minn kondizzjonijiet preferenzjali osservati fir-rigward tal-industrija tal-ACF. Barra minn hekk, billi linji ta' kreditu huma intrinsikament marbuta ma' tipi oħra ta' self preferenzjali bħal self u billi huma parti mill-appoġġ ta' kreditu speċifikament provdut lill-industriji inċentivati, l-analiżi tal-entità pubblika u l-analiżi ta' speċifiċità kif sviluppati fit-Taqsimiet 3.4.1.1 sa 3.4.1.5 kif ukoll fit-Taqsima 3.4.2.2 hawn fuq għas-self hija wkoll applikabbli għal-linji ta' kreditu. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

3.5.1.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(324) F'konformità mal-Artikolu 6(d)(ii) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri bħala d-differenza bejn l-ammont li ħallsu bħala tariffa għall-ftuħ jew it-tiġdid tal-linji ta' kreditu mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi, u l-ammont li kienu jħallsu għal linja ta' kreditu kummerċjali komparabbli miksuba b'rata tas-suq mingħajr distorsjoni.

(325) Il-parametri referenzjarji xierqa għat-tariffa tal-arranġament u għat-tariffa ta' tiġdid ġew stabbiliti għal 1,5 % u 1,25 % rispettivament b'referenza għad-*data* disponibbli pubblikament ([70]) u l-parametri referenzjarji użati f'investigazzjonijiet preċedenti ([71]).

(326) Fil-prinċipju, it-tariffa tal-arranġament u t-tariffa ta' tiġdid huma pagabbli fuq bażi ta' somma f'daqqa fil-mument tal-ftuħ ta' linja ta' kreditu ġdida jew fil-mument tat-tiġdid ta' linja ta' kreditu eżistenti rispettivament. Madankollu, għall-finijiet tal-kalkolu, il-Kummissjoni qieset il-linji ta' kreditu li kienu nfetħu jew ġew imġedda qabel il-perjodu ta' investigazzjoni iżda li kienu disponibbli għall-gruppi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif ukoll il-linji ta' kreditu li nfetħu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju abbażi tal-perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni li matulu l-linja ta' kreditu kienet disponibbli.

([70]) Ara https://www.barclays.co.uk/current-accounts/bank-account/overdrafts/overdraft-charges/, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021, tariffi għal overdrafts eżekuttivi - *"overdrafts ta' aktar minn GBP 15 000 għandhom tariffa ta' twaqqif ta' 1,5 % tal-limitu ta' overdraft irranġat, u tariffa ta' tiġdid ta' 1,5 %"*.

([71]) Ara l-Każ tal-GFF iċċitat fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna (il-premessi 354 u 355)

(327) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Daching stqarr li l-Kummissjoni ma kellhiex tikkalkola benefiċċju ta' sussidju fir-rigward ta' ftehimiet ta' linja ta' kreditu konklużi mill-grupp Daching, billi:

(a) il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda evidenza fir-rigward ta' sussidji ta' kumpens ta' Daching Enterprises Ltd., billi kienet stabbilita u topera f'Hong Kong, għalhekk id-dikjarazzjonijiet dwar l-industrija tal-ACF li kienet ġiet trattata b'mod speċifiku mill-GTĊ ma kinux japplikaw u ma setgħux jaffetwaw l-operazzjonijiet tagħha f'Hong Kong,

(b) l-affidabbiltà kreditizja ta' Daching Enterprises Ltd kien messha ġiet valutata b'mod separat u ma kellhiex tkun amalgamata mad-dikjarazzjonijiet dwar l-affidabbiltà kreditizja ta' Xiamen Xiashun,

(c) linja ta' kreditu standard mal-Banek Ċiniżi ma tirrekjedix tariffa u ma hemmx rati ta' mgħax speċifikati f'tali ftehim. Dan hu minħabba li l-bank ma jagħtix garanzija jew impenn li jipprovdi self bankarju meta l-klijent ikun irid jikseb self, għalhekk ma hemm l-ebda kost ta' finanzjament imġarrab mill-bank u l-ebda arranġament ta' tariffa ma titħallas. In-nuqqas ta' arranġament ta' tariffa fi ftehim ta' linja ta' kreditu ma kienx japplika għal Daching Enterprises Ltd. f'Honk Kong,filwaqt li applikat għall-industriji kollha u xi drabi tneħħiet u ma kinitx sinifikattiva, anki jekk ġiet applikata.

(328) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnutat li ngħata finanzjament preferenzjali lil Daching Enterprises Ltd. mill-istess banek Ċiniżi, bħal fl-analiżi fit-Taqsima 3.4.1.5. Għalhekk, hija qieset li finanzjament preferenzjali bħal dan permezz ta' self kien sussidju kumpensabbli. It-tieni, il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-fatturat kollu tal-esportazzjoni ta' Daching Enterprises Ltd kien ġej mingħand Xiamen Xiashun, għalhekk l-ammont ta' sussidju ġie kkalkolat bħala perċentwal tal-fatturat ta' Xiamen Xiashun u marbut mal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' Xiamen Xiashun. It-tielet, l-assenza ta' arranġament ta' tariffa, kif spjegat fil-Premessa (320) tqies bħala benefiċċju mogħti lir-riċevituri. L-ebda evidenza ma ngħabret matul l-investigazzjoni jew ma ġiet ipprovduta mill-parti rikjedenti li sostniet li bank ma jġarrab l-ebda kost jew riskji fil-ftuħ ta' linja ta' kreditu u għalhekk, ma jimponi ebda tariffa. Għaldaqstant, il-pretensjonijiet tal-applikant ma ntlaqgħux.

(329) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Daching stqarr li l-Kummissjoni ma kellhiex tikkalkola benefiċċju ta' sussidju fir-rigward ta' ftehimiet ta' linja ta' kreditu konklużi mill-grupp Daching, billi:

(a) il-banek normalment jirrinunzjaw għal dan l-arranġament u tariffa ta' tiġdid biex jiggarantixxu klijenti kummerċjali kbar jew abbażi tal-istorja ta' self tal-klijent, irrispettivament mill-pajjiż fejn ikunu bbażati. Għalhekk din ir-rinunzja ma għandhiex x'taqsam mal-għoti ta' sussidji lill-kumpaniji Ċiniżi.

(b) il-Kummissjoni tikkwota parzjalment lil Barclays UK biex jistabbilixxi l-parametru referenzjarju: "overdrafts 'l fuq minn GBP 15 000 għandhom tariffa inizjali ta' 1,5 % mil-limitu miftiehem tal-overdraft, u tariffa ta' tiġdid ta' 1,5 %[.]" ([72]) li tgħid li: "sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor. L-overdrafts huma soġġetti għad-domanda, għas-sitwazzjoni finanzjarja u għall-istorja ta' self" ([73]). Għalhekk il-prattika komuni tas-suq hija li jiġu negozjati termini speċifiċi (inkluż, fejn meħtieġ, li jitneħħew xi tariffi għalkollox). Il-Kummissjoni naqset milli tapprova li istituzzjonijiet finanzjarji oħra joperaw b'mod differenti minn dawk Ċiniżi.

(c) Alternattivament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża valur referenzjarju aktar rappreżentattiv fid-dawl tad-daqs ta' Nanshan Group fir-rigward tal-prezz ta' HSBC UK, billi:

(330) Ir-rata ta' tiġdid ta' 1,25 % u r-rata ta' arranġament ta' 1,5 % kwotata fil-lista ta' prezzijiet ta' Barclays użata mill-Kummissjoni tapplika għal-linji ta' kreditu 'il fuq minn GBP 15 000. Madankollu, il-kundizzjonijiet applikabbli għal-linji ta' kreditu ta' GBP 40 000 jew anki GBP 100 000 mhumiex komparabbli mal-kundizzjonijiet li jkunu japplikaw għal-linji ta' kreditu li jvarjaw minn għexieren għal mijiet ta' miljuni ta' USD sottoskritti minn Nanshan Group. Jidher għalhekk li t-tariffi deskritti fil-lista ta' prezzijiet tal-Kummissjoni għal negozji żgħar jitneħħew fl-interess li jinkiseb ftehim finanzjarju ta' dan id-daqs. It-tieni sors ta' parametru riferenzjarju pprovdut mill-Kummissjoni fl-Anness 2.2 (HSBC UK) huwa wkoll qarrieqi għax ma fihx tariffi imposti. Bħala alternattiva, Nashan Group ippropona l-użu ta' tariffi imposti mill-PNC Bank fl-Istati Uniti, li ma jimponix tariffa ta' arranġament iżda biss tariffa ta' tiġdid fis-sena ta' 0,25 % għal linji impenjati ta' kreditu ta' bejn 100 001 u USD 3 miljun.

([72]) GDD, in-nota f'qiegħ il-paġna 55
([73]) GDD, in-nota f'qiegħ il-paġna 55.

(331) Rigward l-ewwel u t-tieni punti, il-Kummissjoni nnotat li anki jekk it-tariffi individwali tal-klijenti jistgħu jvarjaw, ma ġiet provduta l-ebda evidenza mill-parti rikjedenti li bank ma jġarrab l-ebda kost jew riskju fil-ftuħ ta' linja ta' kreditu u għalhekk, ma jimponi ebda tariffa.

(332) Dwar it-tielet punt, fir-rigward tat-tariffi tal-parametri referenzjarji użati mill-Kummissjoni, kif iddikjarat fil-premessa (325), il-Kummissjoni użat is-sejbiet f'każijiet preċedenti kontra s-sussidji u d-data disponibbli għall-pubbliku biex tikkonkludi li l-applikazzjoni ta' parametru referenzjarju tat-tariffa tal-arranġament ta' 1,5 % u tariffa tal-parametru referenzjarju ta' tiġdid ta' 1,25 % kienet raġonevoli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni indikat li pereżempju Barclays Bank jimponi tariffa ta' twaqqif ta' 1,5 % tal-limitu ta' overdraft irranġat, u tariffa ta' tiġdid ta' 1,5 % għal overdrafts ta' aktar minn GBP 15 000. F'dan il-każ, il-parametru referenzjarju tat-tariffa ta' tiġdid użat mill-Kummissjoni huwa aktar baxx. Tfittxija oħra wriet ukoll li Barkley timponi tariffi ogħla ta' overdraft tan-negozju, minn 1,6 % sa 2,5 % tal-limiti għall-meded ta' negozji ta' GBP 15 001–GBP 20 000 u GBP 20 001–GBP 25 000. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnutat li l-punt ta' riferiment alternattiv propost minn Nanshan Group kien speċifikament relatat ma' klijenti ta' negozji żgħar, li mhuwiex rilevanti skont id-dikjarazzjonijiet tal-kumpanija nnifisha, u ma' linji ta' kreditu garantiti, jiġifieri linji ta' kreditu b'riskju aktar baxx peress li huma ggarantiti b'ċertu kollateral. Għalhekk, il-Kummissjoni tenniet il-konklużjoni tagħha li t-tariffi tal-parametru referenzjarju li użat huma raġonevoli u bbażati fuq id-*data* disponibbli tas-suq u għalhekk irrifjutat il-pretensjoni.

(333) Fl-aħħar nett, Nanshan sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex tikkalkula benefiċċju tal-linja ta' kreditu għal Nanshan Finance minħabba li s-self kollu fuq terminu qasir miksub minn Nanshan Finance kien relatat ma' noti skontati mill-ġdid, li ma jiġġustifikawx linja ta' kreditu. Il-Kummissjoni aċċettat din id-dikjarazzjoni minħabba li l-kontijiet skontati mill-ġdid ġew ipprovduti permezz ta' self interbankarju, u aġġustat il-kalkoli kif xieraq.

### 3.5.2. *Abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja*

#### 3.5.2.1. Ġenerali

(334) L-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma prodott finanzjarju mmirat lejn l-iżvilupp ta' suq tal-flus domestiku aktar attiv billi jitwessgħu l-faċilitajiet ta' kreditu. Dan huwa forma ta' finanzjament fuq terminu qasir li jista' *"jnaqqas il-kost tal-fondi u jtejjeb l-effiċjenza tal-kapital"* tal-prelevatur ([74]). Barra minn hekk, kif iddikjarat mill-PBOC fuq is-sit web tiegħu, *"l-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja jista' jiggarantixxi l-istabbiliment u t-twettiq tal-kuntratt bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ, kif ukoll jippromwovi l-fatturat kapitali permezz tal-intervent tal-kreditu tal-Bank taċ-Ċina"* ([75]). Barra minn hekk, fuq is-sit web tiegħu d-DBS Bank jirreklama abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja bħala mezz sabiex *"itejjeb il-kapital operatorju billi jiddifferixxi l-pagamenti"* ([76]).

(335) Il-Kummissjoni diġà stabbiliet f'investigazzjoni preċedenti li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja fil-biċċa l-kbira tagħhom jintużaw bħala mezz ta' pagament fi tranżazzjonijiet kummerċjali bħala sostitut għal ordni ta' flus, u b'hekk jiffaċilitaw il-fatturat tal-flus kontanti u l-kapital operatorju tal-prelevatur ([77]). Minn perspettiva ta' flus kontanti, l-istrument *de facto* jagħti lit-traent data ta' pagament differita ta' sitt xhur jew sena minħabba li l-pagament attwali fi flus kontanti tal-ammont tat-tranżazzjoni jseħħ mal-maturità tal-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja u mhux fil-mument meta t-traent kellu jħallas lill-fornitur tiegħu. Fin-nuqqas ta' strument finanzjarju bħal dan, it-traent jew juża l-kapital operatorju tiegħu stess, u b'hekk iġarrab kost, jew jikkuntratta self ta' kapital operatorju b'terminu qasir ma' bank sabiex iħallas lill-fornituri tiegħu, li wkoll għandu kost. Fil-fatt, billi jħallas b'abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, it-traent juża l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti għal perjodu ta' bejn tliet xhur u sena mingħajr ma javvanza xi flus kontanti u mingħajr ma jġarrab l-ebda kost.

(336) F'ċirkostanzi normali tas-suq, bħala strument finanzjarju, l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja jkunu jimplikaw kost ta' finanzjament għat-traent. L-investigazzjoni wriet li l-kumpaniji kollha fil-kampjun li użaw abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja matul il-perjodu ta' investigazzjoni ħallsu biss kummissjoni għas-servizz ta' aċċettazzjoni pprovdut mill-bank, li kien ġeneralment 0,05 % tal-valur nominali tal-abbozz. Madankollu, l-ebda waħda mill-

([74]) Ara s-sit web tal-People's Bank of China: https://www.boc.cn/en/cbservice/cncb6/cb61/200811/t20081112_1324239.html, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021.

([75]) *Ibid.*

([76]) Ara s-sit web tad-DBS Bank: https://www.dbs.com.cn/corporate/financing/working-capital/bank-acceptance-draft-bad-issuance, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021.

([77]) Għal deskrizzjoni aktar speċifika tal-mod kif ġeneralment jintużaw l-abbozzi tal-aċċettazzjoni bankarja, ara l-Każ tal-GFF imsemmi fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna hawn fuq, il-premessi 359 sa 370.

kumpaniji fil-kampjun ma ġarrbet kost għall-finanzjament permezz ta' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja billi pposponiet il-ħlas fi flus kontanti għall-provvista ta' oġġetti u servizzi. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kumpaniji investigati bbenefikaw minn finanzjament fil-forma ta' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja li għalihom ma ġarrbu l-ebda kost.

(337) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema ta' aċċettazzjoni bankarja stabbilita fir-RPĊ ipprovdiet lill-produtturi esportaturi kollha finanzjament ħieles tal-operazzjonijiet attwali tagħhom, li taw benefiċċju kumpensabbli kif deskritt fil-premessi minn (354) sa (356) hawn taħt, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a)(i) u 3(2) tar-Regolament bażiku.

(338) F'investigazzjoni preċedenti ([78]) l-Kummissjoni stabbiliet li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja effettivament għandhom l-istess għan u effetti bħas-self ta' kapital operatorju fuq terminu qasir, peress li dawn jintużaw minn kumpaniji sabiex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet attwali tagħhom minflok ma jużaw self ta' kapital operatorju fuq terminu qasir, u li konsegwentement, dawn jenħtieġ li jġarrbu kost ekwivalenti għal finanzjament ta' self ta' kapital operatorju b'terminu qasir.

(339) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ, Wanshun u Nanshan Group argumentaw li abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma fil-fatt krediti provduti mill-fornitur (jiġifieri l-portatur tal-abbozz) lix-xerrej (il-prelevatur), mhux minn bank lill-bejjiegħ. Dan huwa minħabba l-fatt li t-termini ta' pagament tal-kuntratt isemmu b'mod ċar li l-fornitur jaqbel mal-pagament permezz ta' abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja. Għalhekk, billi jiffirma tali kuntratt, il-fornitur diġà antiċipa li l-pagament ma kienx se jsir bla avviż, iżda f'perjodu speċifiku ta' żmien (skont il-maturità tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja). Kull ħlas supplementarju marbut ma' ħlas tard jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kost tax-xiri. Bħala tali, l-aċċettazzjoni bankarja ssir biss biex tiffaċilita t-tranżazzjonijiet bejn partijiet mhux familjari. Ir-rwol tal-bank hu li jipprovdi garanzija, li għaliha jħallas tariffa mal-ftuħ tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja. Madankollu, huma fl-aħħar mill-aħħar il-flus fil-kont bankarju tal-kumpanija li jintużaw sabiex iħallsu għat-tranżazzjoni li għaliha nħareġ l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja. Il-bank iħallas biss fil-każ li l-kumpanija tkun adempjenti fuq l-obbligu tagħha li jkollha biżżejjed fondi fil-kont bankarju tagħha għall-pagament.

(340) Il-Kummissjoni osservat li fil-fatt, l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja huwa mezz ta' pagament, rikonoxxut fil-kuntratti ta' bejgħ, u l-obbligu ta' pagament tal-prelevatur lejn il-fornitur jiġi kkanċellat permezz tal-pagament bl-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja. Għalhekk, il-pagament tal-fornitur mill-prelevatur iseħħ fil-mument tal-approvazzjoni tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja, filwaqt li mal-maturità, il-prelevatur jonora l-obbligu ta' pagament tiegħu lejn il-bank. Barra minn hekk, kif rikonoxxut mill-GTĊ innifsu, il-fornitur għandu l-għażla li japprova l-abbozz lejn partijiet oħra, u b'hekk juża l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja immedjatament bħala mezz ta' ħlas għax-xiri tiegħu stess. Għalhekk, l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja ma jistax jiġi kklassifikat bħala kreditu mill-fornitur jew bħala garanzija addizzjonali ta' pagament futur mill-bank, u din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

### 3.5.2.2. Speċifiċità

(341) Fir-rigward tal-ispeċifiċità, kif imsemmi fil-premessa (102), skont id-Deċiżjoni Nru 40,l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-industriji inċentivati

(342) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma forma oħra ta' appoġġ finanzjarju preferenzjali mill-istituzzjonijiet finanzjarji lil industriji inċentivati bħas-settur tal-ACF. Tabilħaqq, kif speċifikat fit-Taqsima 3.1 hawn fuq, is-settur tal-ACF huwa fost l-industriji inċentivati u għalhekk huwa eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju kollu possibbli. L-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja, bħala forma ta' finanzjament, huma parti mis-sistema ta' appoġġ finanzjarju preferenzjali mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-industriji inċentivati, bħall-industrija tal-ACF.

(343) Ma ngħatat l-ebda evidenza li xi impriża fir-RPĊ (għajr fl-industriji inċentivati) jista' jibbenefika minn abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja taħt l-istess termini u kundizzjonijiet preferenzjali.

([78]) Ara l-Każ tal-GFF imsemmi fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna, il-premessa 385.

(344) Wara d-divulgazzjoni finali, kemm il-GTĊ, Wanshun Group kif ukoll Nanshan Group argumentaw li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja mhumiex ipprovduti speċifikament lill-industrija tal-ACF, peress li huma disponibbli għal kwalunkwe kumpanija fiċ-Ċina u jintużaw ħafna. Il-GTĊ tenna l-argumenti tiegħu dwar in-natura mhux vinkolanti tad-Deċiżjoni 40, kif ukoll ir-raġunament li jikkontesta l-kwalifika tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi bħala korpi pubbliċi.

(345) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-GTĊ naqas milli juri li l-kumpaniji fir-RPĊ jistgħu ugwalment jibbenefikaw minn kondizzjonijiet preferenzjali osservati fir-rigward tal-industrija tal-ACF. Barra minn hekk, simili għal-linji ta' kreditu, l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma intrinsikament marbuta ma' tipi oħra ta' self preferenzjali bħal self u billi huma parti mill-appoġġ ta' kreditu speċifikament provdut lill-industriji inċentivati, għalhekk l-analiżi tal-entità pubblika u l-analiżi ta' speċifiċità kif sviluppati fit-Taqsimiet 3.4.1.1 sa 3.4.1.5 kif ukoll fit-Taqsima 3.4.2.2 hawn fuq għas-self hija ugwalment applikabbli. Barra minn hekk, anki jekk forma ta' finanzjament tista' tkun fil-prinċipju disponibbli għal kumpaniji fl-industriji kollha, il-kundizzjonijiet konkreti, li taħthom dan il-finanzjament huwa offrut lil kumpaniji minn ċerta industrija, bħar-remunerazzjoni tal-finanzjament u l-volum tal-finanzjament, jistgħu jagħmluha speċifika. Ma kien hemm l-ebda evidenza ppreżentata mill-partijiet interessati li turi li l-finanzjament permezz tal-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja tal-kumpaniji fl-industrija tal-GFF huwa bbażat fuq kriterji jew kundizzjonijiet oġġettivi fis-sens tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(346) Kemm Wanshun kif ukoll Nanshan Group talbu li, anki jekk il-Kummissjoni żżomm id-deċiżjoni tagħha li tittratta l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja bħala sussidju, għandu jkun hemm il-bidliet li ġejjin fil-kalkolu tal-benefiċċju, jiġifieri:

(a) il-punt ta' riferiment għall-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja għandu jkun l-istess bħal dak għal-linji ta' kreditu, minħabba li l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja ma jipprovdi l-ebda fondi lill-kumpanija, iżda wegħda ta' kreditu mill-bank (jiġifieri garanzija biex il-benefiċjarji li jkollhom l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja jitħallsu,

(b) kwalunkwe imposta u tariffa mħallsa lill-bank għall-ftuħ tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja għandha titnaqqas mill-ammont tal-benefiċċju,

(c) id-depożitu mħallas mal-ftuħ tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja għandu jitnaqqas mill-prinċipal, peress li l-kumpanija ħallset depożitu mal-ftuħ tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja, li ġie ffriżat fil-bank,

(d) l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja maħruġa lill-affiljati tal-kumpanija u lill-fergħat tal-kumpanija stess għandhom jitneħħew mill-kalkolu, inkella jikkawżaw għadd doppju, peress li finanzjament ieħor tal-affiljati tal-kumpanija jiġi kkumpensat.

(347) Dwar l-ewwel punt, il-Kummissjoni diġà stabbiliet fil-premessa (338) li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja għandhom l-istess skop u effetti bħas-self ta' kapital operatorju b'terminu qasir u li konsegwentement, jenħtieġ li jġorru spiża ekwivalenti għal finanzjament ta' self ta' kapital operatorju b'terminu qasir. Il-parti ma ssostanzjatx aktar għaliex il-punt ta' riferiment għall-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja għandu jkun l-istess bħal dak għal-linja ta' kreditu. Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(348) Dwar it-tieni punt,il-Kummissjoni diġà nnutat fil-premessa li l-kumpaniji fil-kampjun li użaw abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja matul il-perjodu ta' investigazzjoni ħallsu biss kummissjoni għas-servizz ta' aċċettazzjoni pprovdut mill-bank, li kien ġeneralment 0,05 % tal-valur nominali tal-abbozz. Fil-fatt, din il-kummissjoni, imħallsa għall-ipproċessar tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja mill-bank, hija element distint mill-finanzjament mogħti mill-bank, li għalih il-produtturi esportaturi li kkooperaw ma ġarrbu l-ebda kost. Din it-tariffa titħallas sabiex tkopri l-kostijiet amministrattivi tal-bank għall-ipproċessar tal-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja. Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(349) F'dan ir-rigward, kif il-Kummissjoni kkonkludiet f'investigazzjonijiet preċedenti ([79]), jenħtieġ li l-ewwel jiġi nnutat li hija prattika komuni li l-banek jitolbu garanziji u kollaterali mingħand il-klijenti tagħhom meta jagħtuhom finanzjament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi nnutat li dawn il-garanziji jintużaw biex jiżguraw li l-produttur esportatur iġorr ir-responsabbiltà finanzjarja tiegħu fil-konfront tal-bank u mhux fil-konfront tal-fornitur. L-investigazzjoni żvelat ukoll li dawn il-garanziji ma jintalbux b'mod sistematiku mill-banek Ċiniżi u mhux dejjem

([79]) Ara il-każ*E-bikes* il-premessa 316, u l-kaz *GFF*, il-premessa 407, it-tnejn ċitati fin-nota f'qiegħ il-paġna 5.

huma marbuta ma' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja. F'dan ir-rigward, id-depożiti allegati ma jammontawx għal pagament bil-quddiem mill-prelevatur lill-banek iżda sempliċement garanzija addizzjonali mitluba x'imdaqqiet mill-banek u li ma għandha l-ebda impatt fuq id-deċiżjoni tal-bank li johroġ abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja mingħajr imgħax addizzjonali għas-self fuq il-prelevatur. Barra minn hekk, dawn il-garanziji jistgħu jieħdu diversi forom li jinkludu depożiti ta' żmien fiss u pleġġijiet. Id-depożiti jġorru imgħax favur il-prelevatur, u għalhekk ma jirrappreżentawx kost għall-prelevatur tal-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja. Fuq din il-bażi, din il-pretensjoni ġiet irrifjutata.

(350) Dwar dan l-aħħar punt, il-Kummissjoni tfakkar li kif imsemmi hawn fuq, abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja huwa mezz ta' pagament u għalhekk, ma għandux l-effett li jestendi d-data ta' maturità tal-pagament miftiehma mal-fornitur iżda għandu l-effett li jiddeferixxi l-pagament fi flus. Bħala mezz ta' pagament, l-abbozz ta' aċċettazzjoni bankarja jista' jiġi approvat mill-benefiċjarju (il-fornitur) sabiex isaldi l-obbligazzjonijiet tiegħu lejn partijiet oħra. Għalhekk, ma hemm l-ebda tnaqqis proporzjonat fil-likwidità tal-partijiet relatati li rċevew l-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda għadd doppju, peress li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja riċevuti bħala mezz ta' ħlas ma ġew ikkumpensati bl-ebda mod f'ebda waħda mill-kumpaniji. Konsegwentement, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(351) Wara d-divulgazzjoni finali, in-Nanshan Group talab ukoll korrezzjoni tal-iżbalji fil-kalkolu minħabba żbalji fil-formula. Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni u adattat il-kalkoli kif xieraq.

#### 3.5.2.3. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(352) Għall-kalkolu tal-ammont tas-sussidju kumpensabbli, il-Kummissjoni vvalutat il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(353) Kif imsemmi fil-premessi (334) u (335), il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi fil-kampjun użaw abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom għal finanzjament b'terminu qasir mingħajr ma ħallsu remunerazzjoni.

(354) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li dawk li jieħdu l-aċċettazzjoni bankarja jenħtieġ li jħallsu remunerazzjoni għall-perjodu ta' finanzjament. Il-Kummissjoni qieset li l-perjodu ta' finanzjament beda fid-data tal-ħruġ tal-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja u ntemm fid-data tal-maturità tal-abbozz tal-aċċettazzjoni bankarja. Fir-rigward ta' abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja maħruġa qabel il-perjodu ta' investigazzjoni u abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja b'data ta' maturità wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju biss għall-perjodu ta' finanzjament kopert mill-perjodu ta' investigazzjoni.

(355) F'konformità mal-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, wara li qieset li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja huma forma ta' finanzjament fuq terminu qasir u li effettivament għandhom l-istess skop bħal self ta' kapital operatorju b'terminu qasir, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-benefiċċju hekk mogħti lir-riċevituri huwa d-differenza bejn l-ammont li l-kumpanija fil-fatt ħallset bħala remunerazzjoni tal-finanzjament minn abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja u l-ammont li jenħtieġ li tħallas billi tapplika rata tal-imgħax ta' finanzjament fuq terminu qasir.

(356) Il-Kummissjoni ddeterminat il-benefiċċju li jirriżulta min-nuqqas ta' pagament ta' kost ta' finanzjament fuq terminu qasir. Il-Kummissjoni kkunsidrat, kif stabbilit f'investigazzjonijiet preċedenti ([80]), li l-abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja jenħtieġ li jġarrbu kost ekwivalenti għal finanzjament ta' self b'terminu qasir. Għalhekk, il-Kummissjoni applikat l-istess metodoloġija bħal dik għal self b'terminu qasir iddenominat f'RMB, deskritta fit-Taqsima 3.4.2 hawn fuq.

### 3.6. **Bonds korporattivi konvertibbli**

(357) Kumpaniji minn żewġ gruppi fil-kampjun ħarġu bonds korporattivi konvertibbli qabel il-perjodu ta' investigazzjoni. Kumpanija waħda fil-gruppi fil-kampjun (Shantou Wanshun) ħarġet bonds korporattivi konvertibbli qabel il-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew ikkonvertiti parzjalment f'kapital matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-bond konvertibbli għandu struttura progressiva tar-rata tal-imgħax b'rati tal-imgħax baxxi ħafna, li jvarjaw bejn 0,4 % u 2 %, li huwa ferm taħt il-Parametru Referenzjarju/il-Prim Rata tas-Self stabbilita mill-GTĊ.

([80]) Ara l-Każ tal-GFF imsemmi fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna, il-premessa 399.

(358) Kumpanija oħra (Shandong Nanshan) kienet ħarġet bonds konvertibbli qabel il-perjodu ta' investigazzjoni, li fl-2015 kienu ġew ikkonvertiti f'kapital bħala parti minn skambju ta' dejn ma' ekwità. Id-detenturi tal-bonds taż-żewġ kumpaniji kienu prinċipalment istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-bonds konvertibbli taż-żewġ kumpaniji ġew ikkonvertiti f'kapital bi prezz ferm ogħla mill-prezz tas-suq prevalenti tal-ishma fiż-żmien tal-konverżjoni.

(359) Il-Kummissjoni stabbiliet li ż-żewġ kumpaniji fil-kampjun ibbenefikaw minn finanzjament preferenzjali fil-forma ta' bonds konvertibbli.

3.6.1.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

— Il-liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar it-Titoli (il-Verżjoni tal-2014) ("il-Liġi dwar it-Titoli") ([81]);

— Il-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati (il-Verżjoni tal-2008) ([82]);

— Il-Miżuri Amministrattivi dwar Sponsorizzazzjoni għall-Ħruġ u Elenkar ta' Titoli (il-Verżjoni tal-2008) ([83]);

— Il-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ u s-Sottoskrizzjoni ta' Titoli (il-Verżjoni tal-2018);

— Ir-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi, maħruġa mill-Kunsill tal-Istat, fit-18 ta' Jannar 2011;

— Il-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ u n-Negozjar ta' Bonds Korporattivi, l-Ordni tal-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina Nru 113, il-15 ta' Jannar 2015;

— Il-Miżuri tal-Amministrazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament tad-Dejn ta' Intrapriżi Mhux Finanzjarji dwar is-Suq tal-Bonds Interbankarji Maħruġa mill-People's Bank of China, l-Ordni tal-People's Bank of China tal-[2008] Nru 12, id-9 ta' April 2008.

(360) Ir-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi u l-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ u n-Negozjar ta' Bonds Korporattivi jistabbilixxu l-qafas legali ġenerali applikabbli għall-bonds korporattivi. Madankollu, hemm sett ta' leġiżlazzjoni speċifika applikabbli għal bonds korporattivi konvertibbli, jiġifieri l-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati, il-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ u s-Sottoskrizzjoni ta' Titoli u l-Miżuri Amministrattivi dwar Sponsorizzazzjoni għall-Ħruġ u l-Elenkar ta' Titoli.

(361) L-Artikolu 14 tal-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati jiddefinixxi "l-bonds korporattivi konvertibbli" bħala *"bonds korporattivi li jinħarġu minn kumpanija emittenti skont il-liġi u li jistgħu jiġu kkonvertiti f'ishma matul ċertu perjodu u taħt kundizzjonijiet stipulati"*.

(362) Skont l-Artikolu 11 tal-Liġi dwar it-Titoli, li kienet applikabbli fiż-żmien tal-ħruġ tal-bonds konvertibbli mill-kumpaniji fil-kampjun, kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati u l-Artikolu 2 tal-Miżuri Amministrattivi dwar Sponsorizzazzjoni għall-Ħruġ u l-Elenkar ta' Titoli, il-kumpaniji li jridu joħorġu bonds korporattivi konvertibbli jridu jissolleċitaw is-servizzi ta' sponsor tat-titoli, li jaġixxi bħala sottoskrittur. L-isponsor jorganizza l-ħruġ tal-bonds, jirrakkomanda lill-emittent, jissottometti l-fajl tal-applikazzjoni lis-CSRC għall-approvazzjoni, jinnegozja r-rati tal-imgħax li bihom il-bond se jiġi ppreżentat lill-investituri u jkun responsabbli sabiex isib investituri li jaċċettaw it-termini maqbula tal-ħruġ tal-bond, inkluża r-rata tal-imgħax.

(363) F'konformità mal-qafas regolatorju, bonds konvertibbli ma jistgħux jinħarġu u jiġu nnegozjati liberament fiċ-Ċina. Il-ħruġ ta' kull bond irid jiġi approvat mis-CSRC. L-Artikolu 16 tal-Liġi dwar it-Titoli jistipula li *"l-kumpaniji elenkati li joħorġu bonds korporattivi konvertibbli għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din il-Liġi għall-offerta pubblika ta' ishma; u għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji tat-titoli tal-Kunsill tal-Istat"*. Skont l-Artikolu 3 tal-

([81]) Emendata l-aħħar fit-28 ta' Diċembru 2019 bid-Digriet Presidenzjali Nru 37 b'effett mill-1 ta' Marzu 2020.
([82]) Emendati l-aħħar fl-14 ta' Frar 2020 skont id-Deċiżjoni dwar ir-Reviżjoni tal-"Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati" tal-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina, b'effett mill-14 ta' Frar 2020.
([83]) Sostitwiti mill-Miżuri Amministrattivi dwar is-Servizz tal-Isponsor għall-Ħruġ u l-Elenkar ta' Titoli, id-Digriet Nru 170 tal-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina, tat-12 ta' Ġunju 2020, b'effett mit-12 ta' Ġunju 2020.

Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ u s-Sottoskrizzjoni ta' Titoli, li japplika għal bonds konvertibbli, "*is-CSRC għandha tissorvelja u tamministra l-offerta u s-sottoskrizzjoni tat-titoli għal-liġi*". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi, hemm kwoti annwali għall-ħruġ ta' bonds korporattivi.

(364) Skont l-Artikolu 16 tal-Liġi dwar it-Titoli, il-ħruġ pubbliku ta' bonds jenħtieġ li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin: "*l-iskop tal-użu tar-rikavati għandu jikkonforma mal-politiki industrijali tal-Istat*" u "*r-rikavati minn offerta pubblika ta' bonds korporattivi għandhom jintużaw għal skop(ijiet) approvat(i) biss*". L-Artikolu 12 tar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi jtenni li l-iskop tal-fondi miġbura jrid ikun konformi mal-politiki industrijali tal-Istat. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(2) tal-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati, li huwa *lex specialis* applikabbli għal bonds konvertibbli, jistipula li "*l-iskopijiet tal-użu tal-fondi miġbura huma konformi mal-politiki industrijali tal-Istat*".

(365) Kif huwa spjegat fil-premessa (100), id-Deċiżjoni Nru 40 tirreferi għall-"Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija" u tipprevedi li jekk "*il-proġett ta' investiment jappartjeni għall-kontenut imħeġġeġ, huwa għandu jiġi eżaminat u approvat u mqiegħed f'reġistri skont ir-regolamenti nazzjonali rilevanti dwar l-investiment; l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha għandhom jipprovdu appoġġ ta' kreditu skont il-prinċipji ta' kreditu*". Minn dan isegwi li l-ħruġ ta' bonds korporattivi konvertibbli, li kif intwera, neċessarjament jimmiraw lejn industrija inċentivati, jikkorrispondi mal-prattika tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jappoġġaw lil dawk l-industriji.

(366) Ir-rati tal-imgħax fuq il-bonds korporattivi huma wkoll regolati b'mod strett. L-Artikolu 16 tal-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati jipprovdi li "*r-rata tal-imgħax ta' bond korporattiv konvertibbli għandha tiġi ddeterminata mill-kumpanija emittenti u s-sottoskrittur ewlieni permezz ta' negozjati, iżda għandha tissodisfa d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istat*". Skont l-Artikolu 16(5) tal-Liġi dwar it-Titoli, "*ir-rata tal-kupun tal-bonds korporattivi ma għandhiex taqbeż ir-rata tal-kupun stipulata mill-Kunsill tal-Istat*". Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi, li huwa ġeneralment applikabbli għall-bonds kollha, jipprovdi aktar dettalji billi jiddikjara li "*r-rata tal-imgħax offruta għal kwalunkwe bond korporattiv ma għandhiex tkun ogħla minn 40 % tar-rata tal-imgħax prevalenti mħallsa mill-banek lil individwi għal depożiti ta' tfaddil għal terminu fiss tal-istess maturità*".

(367) Skont l-Artikolu 17 tal-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati, "*sabiex jinħarġu pubblikament bonds korporattivi konvertibbli, kumpanija għandha tafda aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kkwalifikata sabiex tagħmel klassifikazzjonijiet tal-kreditu u klassifikazzjonijiet ta' segwitu*". Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tal-Miżuri Amministrattivi ġeneralment applikabbli għall-Ħruġ u n-Negozjar ta' Bonds Korporattivi jistipula li ċerti bonds biss li jikkonformaw ma' kriterji stretti ta' kwalità, bħal klassifikazzjoni tal-kreditu AAA, jistgħu jinħarġu b'mod pubbliku lil investituri pubbliċi jew jinħarġu b'mod pubbliku lil investituri kwalifikati. Il-bonds korporattivi li jonqsu milli jissodisfaw dawn l-istandards jistgħu jinħarġu b'mod pubbliku biss lil investituri kwalifikati.

#### 3.6.1.2. Istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu bħala korpi pubbliċi

(368) Skont it-tagħrif tas-suq tal-bonds taċ-Ċina tal-2021 minn Bloomberg, il-bonds elenkati fis-suq tal-bonds interbankarji jammontaw għal 88 % tal-volum ta' negozjar totali tal-bonds ([84]). Skont l-istess studju, il-biċċa l-kbira mill-investituri huma investituri istituzzjonali, inklużi istituzzjonijiet finanzjarji. B'mod partikolari, il-banek kummerċjali tal-Istat jirrappreżentaw 57 % tal-investituri u l-banek tal-politika jirrappreżentaw 3 % ([85]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-investituri kollha tal-bonds konvertibbli maħruġa minn waħda mill-kumpaniji fil-kampjun huma investituri istituzzjonali, kategorija ta' investituri li tinkludi istituzzjonijiet finanzjarji.

(369) Barra minn hekk, bħala industrija inċentivati taħt il-"Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija", l-industrija tal-ACF hija intitolata għal appoġġ ta' kreditu minn istituzzjonijiet finanzjarji abbażi tad-Deċiżjoni Nru 40. Il-fatt li bonds konvertibbli, bħall-bonds konvertibbli maħruġa mill-kumpaniji fil-kampjun, għandhom rata tal-imgħax baxxa huwa indikazzjoni qawwija li l-istituzzjonijiet finanzjarji, li huma l-investituri ewlenin f'dawn il-bonds, huma obbligati jipprovdu "*appoġġ ta' kreditu*" lil dawn il-kumpaniji u jqisu kunsiderazzjonijiet oħrajn għajr kunsiderazzjonijiet kummerċjali meta jieħdu d-deċiżjoni ta' investiment jew ta' finanzjament, bħall-objettivi tal-politika tal-gvern. Fil-fatt, investitur li jopera fil-kundizzjonijiet tas-suq ikun aktar sensittiv għar-redditu finanzjarju fuq

([84]) Ara t-tagħrif dwar is-suq tal-bonds taċ-Ċina għall-2021, in-Nota 59 f'qiegħ il-paġna, p. 33.
([85]) Ara t-tagħrif dwar is-suq tal-bonds taċ-Ċina għall-2021, in-Nota 59 f'qiegħ il-paġna, p. 33.

l-investiment u probabbilment ma jinvestix f'bonds konvertibbli b'rati tal-imgħax baxxi ħafna. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja taż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi fit-Taqsima 3.4.2.3 hawn fuq f'termini tal-profili tal-likwidità u tas-solvenza tagħhom jindikaw ukoll li l-investituri li joperaw fil-kundizzjonijiet tas-suq ma jinvestux fi strumenti finanzjarji bħal bonds konvertibbli, li joffru redditi finanzjarji baxxi, filwaqt li l-emittent jippreżenta riskji għoljin ta' likwidità u ta' solvenza. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, huma biss investituri li għandhom motivazzjonijiet oħrajn għajr redditu finanzjarju fuq l-investiment tagħhom, bħall-konformità mal-obbligu legali li jipprovdu finanzjament lil kumpaniji f'industriji inċentivati, li jagħmlu investiment bħal dan.

(370) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li hemm korp ta' evidenza korroborattiva, li skontha proporzjon kbir tal-investituri fil-bonds konvertibbli maħruġa mill-kumpaniji fil-kampjun, huma istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom obbligu legali li jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-produtturi tal-ACF.

(371) Barra minn hekk, kif deskritt fit-Taqsima 3.4.1 hawn fuq, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma kkaratterizzati minn preżenza qawwija tal-Istat, u l-GTĊ għandu l-possibbiltà li jeżerċita influwenza sinifikanti fuqhom. Il-qafas legali ġenerali li fih joperaw dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji huwa applikabbli wkoll għal bonds konvertibbli.

(372) Fit-Taqsima 3.4.1 hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat huma korpi pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) meta jinqara flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u li fi kwalunkwe każ huma kkunsidrati inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-GTĊ sabiex iwettqu funzjonijiet normalment vestiti fil-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. Fit-Taqsima 3.4.1.7 hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istituzzjonijiet finanzjarji privati huma wkoll fdati u ordnati mill-gvern.

(373) Il-Kummissjoni fittxet ukoll prova konkreta tal-eżerċizzju ta' kontroll b'mod sinifikanti abbażi tal-ħruġ konkret ta' bonds konvertibbli. Għalhekk, hija eżaminat l-ambjent legali ġenerali kif stabbilit hawn fuq fil-premessi minn (360) sa (367), flimkien mas-sejbiet konkreti tal-investigazzjoni.

(374) Il-Kummissjoni sabet li l-bonds konvertibbli nħarġu miż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun b'rati tal-imgħax baxxi ħafna u simili, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja u tar-riskju ta' kreditu tal-kumpaniji. Il-Kummissjoni sabet ukoll li ammont sinifikanti ta' dawn il-bonds ġew ikkonvertiti f'ishma bi prezz ferm ogħla mill-prezz tas-suq prevalenti tal-ishma. Għalhekk, anke meta l-bonds ġew ikkonvertiti f'ishma, ir-rata ta' redditu baqgħet taħt il-valur tas-suq.

(375) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi, li huma l-akbar investitur fil-bonds konvertibbli maħruġa mill-kumpaniji fil-kampjun, segwew l-orjentazzjonijiet ta' politika stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 40 billi pprovdew finanzjament preferenzjali lil kumpaniji li jappartjenu għal industrija inċentivati u għalhekk aġixxew jew bħala korpi pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku jew bħala korpi li huma inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-gvern skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(376) Billi aċċettaw li jinvestu f'bonds konvertibbli b'rata ta' redditu baxxa ħafna irrispettivament mill-profil tar-riskju tal-emittent, inkluż taħt ir-rata ta' referenza mingħajr riskju offruta mill-PBOC jew ippubblikata min-NIFC kif imsemmi fil-premessa (387) hawn taħt, u billi qablu li jikkonvertu l-bonds f'ishma bi prezz ferm ogħla mill-valur tas-suq attwali tagħhom, l-istituzzjonijiet finanzjarji pprovdew benefiċċju lill-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(377) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ iddikjara li x-xiri ta' bonds korporattivi u bonds korporattivi konvertibbli hija prattika kummerċjali regolari li sseħħ fil-ġurisdizzjonijiet ewlenin kollha, inklużi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Skont il-GTĊ, il-fatt li ħafna mill-investituri f'bonds huma investituri istituzzjonali, inklużi istituzzjonijiet finanzjarji, huwa simili wkoll għas-sitwazzjoni fl-UE. Il-GTĊ argumenta li, fi kwalunkwe każ, anki jekk iċ-ċifri pprovduti fid-Divulgazzjoni jiġu aċċettati, sabiex 57 % tal-investituri jkunu banek kummerċjali tal-Istat, u 3 % jkunu banek politiċi, dan xorta jħalli sehem mis-suq ta' 40 %, li ma għandux jiġi injorat.

(378) Skont il-GTĊ, il-Kummissjoni naqset ukoll milli tagħmel analiżi separata tar-rwoli mwettqa mill-istituzzjonijiet finanzjarji fis-suq Ċiniż għall-bonds konvertibbli, billi dawn huma tipi differenti ta' strumenti meta mqabbla mas-self, u r-rwoli mwettqa mill-istituzzjonijiet finanzjarji li jinvestu huma fundamentalment differenti kienu ferm differenti. L-istess raġunament ġie applikat ukoll għall-bonds korporattivi msemmija fit-Taqsima 3.6.2 hawn taħt.

(379) Il-Kummissjoni ma qablitx mad-dikjarazzjoni tal-GTĊ li hija ma wettqitx valutazzjoni speċifika tal-imġiba tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħala korpi pubbliċi għall-funzjoni tax-xiri ta' bonds. Minbarra l-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni fit-Taqsima 3.4.1 hawn fuq, il-Kummissjoni fittxet ukoll prova konkreta tal-eżerċizzju ta' kontroll b'mod sinifikanti bbażat fuq il-ħruġ konkret ta' bonds konvertibbli u wettqet valutazzjoni speċifika fil-premessi (373) u (374). Filwaqt li l-Kummissjoni qablet mal-GTĊ li x-xiri ta' bonds korporattivi u bonds konvertibbli jista' fil-prinċipju jkun prattika kummerċjali regolari li sseħħ fil-ġurisdizzjonijiet ewlenin kollha, hija indikat li x-xiri ta' bonds korporattivi mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi huwa kkaratterizzat minn interferenza mill-Istat kif muri fil-premessa (375).

3.6.1.3. Speċifiċità

(380) Il-Kummissjoni qieset li l-finanzjament preferenzjali permezz ta' bonds konvertibbli huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Il-bonds konvertibbli ma jistgħux jinħarġu mingħajr l-approvazzjoni tas-CSRC, li tivverifika jekk il-kundizzjonijiet regolatorji kollha għall-ħruġ tal-bonds konvertibbli humiex issodisfati. Kif spjegat fil-premessa (364), skont il-Liġi dwar it-Titoli u l-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati applikabbli speċifikament għal bonds konvertibbli, il-ħruġ ta' bonds konvertibbli jrid ikun konformi mal-politiki industrijali tal-Istat. Fil-premessa (366) il-Kummissjoni qieset li *"f'konformità mal-politiki industrijali tal-Istat"* tfisser li l-proġett ta' investiment jaqa' taħt il-kontenut "inċentivat" fil-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija li għalih tappartjeni l-industrija tal-ACF.

(381) Ma ngħatat l-ebda prova li kwalunkwe impriża fir-RPĊ (għajr fi ħdan l-industriji inċentivati) tista' tibbenefika minn bonds konvertibbli bl-istess termini u kundizzjonijiet preferenzjali.

(382) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ issottometta li l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati minn kumpanija sabiex toħroġ il-bonds huma ta' natura finanzjarja u mhumiex orjentati lejn il-politika Il-GTĊ ma qabilx mal-pożizzjoni li l-ħruġ ta' bonds konvertibbli jrid ikun konformi mal-politiki industrijali tal-Istat u tenna li l-industrija tal-ACF mhijiex industrija inċentivata. L-istess raġunament ġie applikat ukoll għall-bonds korporattivi msemmija fit-Taqsima 3.6.2 hawn taħt.

(383) F'dan ir-rigward, għalkemm il-Kummissjoni qablet li s-swieq tal-bonds huma rregolati f'kull pajjiż u li l-biċċa l-kbira tal-kriterji li jridu jiġu ssodisfati minn kumpanija sabiex toħroġ il-bonds huma ta' natura finanzjarja, hija ma qablitx mad-dikjarazzjoni tal-GTĊ li l-ħruġ ta' bonds konvertibbli mhuwiex orjentat lejn il-politika fiċ-Ċina. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha li s-settur tal-ACF huwa industrija inċentivata. It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li l-kliem tal-Liġi dwar it-Titoli tar-RPĊ (verżjoni 2014) u l-Miżuri Amministrattivi dwar il-Ħruġ ta' Titoli minn Kumpaniji Elenkati speċifikament applikabbli għal bonds konvertibbli, li skonthom il-ħruġ ta' bonds konvertibbli jrid ikun konformi mal-politiki industrijali tal-Istat huwa ċar biżżejjed. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni stabbiliet fil-premessa (376) li billi aċċettat li tinvesti f'bonds konvertibbli b'rata ta' redditu baxxa ħafna irrispettivament mill-profil tar-riskju tal-emittent, l-istituzzjonijiet finanzjarji pprovdew benefiċċju lill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet tal-GTĊ ġew miċħuda.

3.6.1.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(384) Bonds konvertibbli huma strument ta' dejn ibridu li għandu karatteristiċi ta' bond bħal pagamenti tal-imgħax filwaqt li jipprovdi wkoll l-opportunità li l-ammont investit jiġi kkonvertit f'ishma taħt ċerti kundizzjonijiet.

(385) Il-Kummissjoni sabet li r-rata tal-imgħax fuq il-bond korporattiv konvertibbli maħruġ mill-kumpaniji fil-kampjun fil-PI kienet f'livell tant baxx li huma biss l-investituri li għandhom motivazzjonijiet oħrajn għajr redditu finanzjarju fuq l-investiment, pereżempju l-konformità mal-obbligu legali li jipprovdu finanzjament lil kumpaniji f'industriji inċentivati, li jinvestu fihom. Dan kien appoġġat mill-fatt li proporzjon kbir tal-investituri fil-bonds konvertibbli maħruġa mill-kumpaniji fil-kampjun huwa magħmul minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat.

(386) Il-Kummissjoni sabet li l-parti tal-bonds konvertibbli taż-żewġ kumpaniji fil-kampjun li ma ġietx ikkonvertita f'ishma pprovdiet lill-investituri redditu fil-forma ta' imgħax simili għal self jew bonds standard. Peress li l-metodoloġija tal-kalkolu għas-self deskritta fil-premessa (248) hija bbażata fuq bonds, il-Kummissjoni ddeċidiet li ssegwi l-istess metodoloġija ([86]). Dan ifisser li, sabiex tiġi stabbilita rata tal-imgħax ibbażata fuq is-suq għall-bonds, il-firxa relattiva bejn il-bonds korporattivi AA tal-Istati Uniti u l-bonds korporattivi BB tal-Istati Uniti bl-istess tul ta' żmien tiġi applikata għar-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self ippubblikata mill-PBOC jew, wara l-20 ta' Awwissu 2019, għall-Prim Rata tas-Self ippubblikata mill-NIFC ([87]).

(387) Il-benefiċċju huwa d-differenza bejn l-ammont tal-imgħax li l-kumpanija kellha tħallas billi tapplika r-rata tal-imgħax ibbażata fuq is-suq imsemmija fil-premessa (419) u l-imgħax reali mħallas mill-kumpanija.

(388) Il-Kummissjoni sabet ukoll li ammont sinifikanti ta' dawn il-bonds ġew ikkonvertiti f'ishma. Il-Kummissjoni sabet li l-bonds konvertibbli taż-żewġ kumpaniji ġew ikkonvertiti f'kapital bi prezz ferm ogħla mill-prezz tas-suq prevalenti tal-ishma. F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset id-dejn ikkonvertit f'ishma bħala injezzjoni ta' ekwità kumpensabbli. Il-benefiċċju ta' din l-injezzjoni ta' kapital kien ikkunsidrat bħala d-differenza bejn il-prezz tal-istokk tal-ishma fil-mument tal-konverżjoni, u l-primjum addizzjonali mħallas mid-detenturi tal-bonds. Dan il-benefiċċju kien allokat għall-PI bl-użu tal-perjodu medju ta' deprezzament tal-assi tal-kumpaniji.

(389) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ u Wanshun Group oġġezzjonaw għall-użu tal-istess valur referenzjarju għall-bonds u l-bonds konvertibbli bħal dak applikat għas-self, peress li l-konvertibbiltà ta' bond hija element essenzjali tiegħu, li tagħmlu wkoll strument ta' self sostanzjalment differenti. Il-GTĊ iddikjara wkoll li ma hemm l-ebda bażi biex il-Kummissjoni tuża l-valur referenzjarju tal-PBOC bħala punt tat-tluq u mbagħad iżżid mark-up. Skont il-GTĊ, il-produtturi Ewropej tal-ACF bi klassifikazzjoni BB ħarġu wkoll bonds għal perjodu ta' maturità simili b'rati ferm aktar baxxi mir-rata ta' referenza kkalkulata matul l-istess perjodu. L-istess raġunament ġie applikat ukoll għall-bonds korporattivi msemmija fit-Taqsima 3.6.2 hawn taħt.

(390) Barra minn hekk, Wanshun indikat li l-bonds huma kummerċjabbli ħafna fis-suq (persuna li għandha l-bond tista' tbigħha fis-suq mingħajr ma tistenna l-maturità tagħha). Min-naħa l-oħra, self huwa ftehim bejn żewġ partijiet, fejn parti waħda tissellef flus mingħand l-oħra. Is-self ġeneralment ma jkunx negozjabbli fis-suq. Barra minn hekk, il-bond ta' Shantou Wanshun seta' jiġi kkonvertit f'ishma, u b'hekk jipprovdi vantaġġ ulterjuri lid-detentur tal-bonds. Għaldaqstant, ir-rati tal-imgħax għal bonds konvertibbli loġikament ikunu aktar baxxi milli għas-self, kif ukoll tipi oħra ta' bonds (l-investituri jkunu lesti jaċċettaw rata ta' kupun aktar baxxa fuq bond konvertibbli minħabba l-karatteristika ta' konverżjoni tiegħu). Bħala alternattiva, Wanshun ipproponiet li jintuża parametru referenzjarju bbażat fuq Hong Kong ibbażat fuq ir-rati tar-rendiment tal-bonds, jiġifieri l-istess parametru referenzjarju bħal dak propost mill-Grupp Nanshan għas-self fil-premessa (264).

(391) Il-Kummissjoni indikat li s-self u l-bonds korporattivi huma fil-prinċipju strumenti ta' dejn finanzjarju simili. Talbilħaqq, bond korporattiv huwa tip ta' self użat minn entitajiet kbar biex jiżdied il-kapital. Kemm is-self kif ukoll il-bonds korporattivi huma kkuntrattati/maħruġa għal perjodu ta' żmien u għandhom rata ta' imgħax/rata fissa tal-kupun. Il-fatt li l-finanzjament permezz ta' self jiġi pprovdut minn istituzzjoni finanzjarja u li l-finanzjament permezz ta' bond korporattiv huwa provdut mill-investituri, li f'ħafna każijiet ikunu wkoll istituzzjonijiet finanzjarji, huwa irrelevanti għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi tal-qalba taż-żewġ strumenti. Tabilħaqq, iż-żewġ strumenti

([86]) Peress li ma kien hemm l-ebda *data* speċifika għall-bonds korporattivi konvertibbli disponibbli pubblikament, il-Kummissjoni użat id-*data* disponibbli għall-bonds korporattivi, li jenħtieġ li tinkludi wkoll bonds korporattivi konvertibbli.

([87]) Ara l-premessa (177) hawn fuq.

jservu biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tan-negozju, għandhom l-istess tip ta' remunerazzjoni u għandhom termini u kondizzjonijiet ta' ħlas lura li huwa simili. Barra minn hekk, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li l-bonds korporattivi maħruġa mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kellhom rati ta' kupuni u skopijiet li kienu simili ħafna għar-rati tal-imgħax u l-iskop tas-self b'tul ta' żmien simili, u għalhekk setgħu jitqiesu interkambjabbli mill-perspettiva tal-produttur, u b'hekk jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-istess parametru referenzjarju għaż-żewġ strumenti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ.

(392) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset il-kummenti tal-GTĊ li jirreferu għar-rati tal-imgħax applikabbli għall-kumpaniji kklassifikati BB fl-Unjoni Ewropea bħala infondati peress li r-rata mingħajr riskju fl-Unjoni Ewropea mhijiex l-istess bħar-rata mingħajr riskju fir-RPĊ u għalhekk mhuwiex possibbli li jitqabblu r-rati tal-imgħax f'termini assoluti.

(393) Il-Kummissjoni qablet li bonds korporattivi konvertibbli huma strument ta' dejn ibridu li jipprovdi wkoll l-opportunità li l-ammont investit jiġi kkonvertit f'ishma taħt ċerti kundizzjonijiet u huma bħala tali fil-prinċipju differenti minn bonds korporattivi. Il-Kummissjoni eżaminat il-possibbiltà li tikkwantifika dan l-element ta' konvertibilità. Madankollu, il-punt ta' riferiment propost minn Wanshun ma kkunsidrax din il-konvertibbiltà. Barra minn hekk, ma kienx punt ta' riferiment xieraq b'mod ġenerali għall-bonds għar-raġunijiet diġà stabbiliti fil-premessa (268). Ma ġew sottomessi l-ebda punti ta' riferiment oħra possibbli, u ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni pubblika oħra biex tipprovdi għal punt ta' riferiment aktar preċiż għal bonds konvertibbli (eż. indiċijiet għall-primjum fuq bonds konvertibbli kklassifikati AA tal-Istati Uniti u bonds konvertibbli kklassifikati BB tal-Istati Uniti) jew għall-aspett ta' konvertibbiltà ta' dawn il-bonds. Barra minn hekk, il-parametru referenzjarju użat bħala l-bażi għall-konverżjoni kien fi kwalunkwe każ rata mingħajr riskju. Għaldaqstant, dawn il-pretensjonijiet ma ntlaqgħux.

(394) Fir-rigward tal-bonds korporattivi konvertibbli, Wanshun Group sostna li:

(a) il-maġġoranza tal-investituri ta' bonds konvertibbli ta' Shantou Wanshun kienu individwi li joperaw fis-Suq tal-Istokk ta' Shenzhen u mhux investituri istituzzjonali (jew korpi pubbliċi jew korpi privati fdati mill-GTĊ). Il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda evidenza li dawn l-investituri kollha kienu investituri istituzzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellhiex tittratta dawn il-bonds konvertibbli bħala sussidju. Wanshun għamlet ukoll talba identika fir-rigward tal-injezzjoni ta' ekwità (il-konverżjoni ta' wħud mill-bonds ta' Shantou Wanshun f'ishma).

(b) Il-Kummissjoni ma naqqsitx mill-kalkolu tagħha l-pagamenti ta' kupuni mill-pagamenti tal-imgħax ta' referenza, li saru minn Shantou Wanshun u kellhom jitnaqqsu.

(395) Il-Kummissjoni tinnota li Wanshun ma pprovdietx biżżejjed evidenza biex issostni d-dikjarazzjoni tagħha li l-maġġoranza tal-investituri ta' bonds konvertibbli ta' Shantou Wanshun kienu individwi li joperaw fis-Suq tal-Istokk ta' Shenzhen. Tabilħaqq, is-sors ta' din id-dikjarazzjoni ma setax jiġi vverifikat, id-dokument ta' sostenn ma pprovdiex definizzjoni ċara għal dak li jqis bħala investituri privati u tal-Istat, u lanqas ma kien fih l-ismijiet individwali tal-investituri. Għalhekk, din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(396) Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni ta' Wanshun dwar it-tnaqqis tal-pagamenti tal-kupuni mill-pagamenti tal-imgħax ta' referenza, u naqqset il-pagament tal-kupun fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni mill-pagamenti tal-imgħax ta' referenza.

(397) Il-Grupp Wanshun sostna wkoll li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkumpensat l-injezzjoni ta' ekwità (il-konverżjoni ta' wħud mill-bonds ta' Shantou Wanshun f'ishma), peress li:

(a) Il-Kummissjoni ma setgħetx tqabbel il-prezz tal-konverżjoni inizjali stabbilit f'Lulju 2018 mal-prezz tal-istokk tas-suq f'Ġunju 2019, peress li l-prezz għal kull sehem kien stabbilit fiż-żmien tal-investiment, iżda l-konverżjoni (jekk isseħħ) issir aktar tard. L-investitur imbagħad ġarrab ir-riskju, jew kellu l-vantaġġi ta' evoluzzjonijiet f'dak il-prezz tal-bejgħ tal-ishma matul iż-żmien,

(b) il-prezz tal-konverżjoni tal-bonds użat mill-Kummissjoni ma kienx korrett, peress li nbidel mill-bidu sal-aħħar tal-PI.

(398) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-kummenti dwar il-prezz tal-konverżjoni inizjali stabbilit f'Lulju 2018. Huwa nnota li f'każ li l-prezz tas-suq tal-ishma ta' sehem partikolari fil-mument tal-konverżjoni jkun materjalment aktar baxx mill-prezz tas-suq tiegħu, investitur razzjonali jżomm lura milli jikkonverti l-bonds f'ishma, u minflok ikompli jżomm il-bonds. Għalhekk, l-investitur razzjonali jipprova jimminimizza r-riskju ta' evoluzzjoni sfavorevoli tal-prezzijiet.

(399) Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll mal-kumment dwar il-prezz tal-konverżjoni inkorrett. Mill-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni, deher li l-bidla fil-prezzijiet mitluba mill-Grupp Wanshun fil-fatt seħħet biss wara l-konverżjoni tal-ishma. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li użat il-prezz ta' konverżjoni korrett meta kkalkulat il-benefiċċju.

### 3.6.2. *Bonds korporattivi*

(400) Wieħed mill-gruppi fil-kampjun ibbenefika minn finanzjament preferenzjali fil-forma ta' bonds korporattivi.

#### 3.6.2.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

— Il-liġi dwar it-Titoli;

— Il-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ u n-Negozjar ta' Bonds Korporattivi, l-Ordni tal-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli taċ-Ċina Nru 113, il-15 ta' Jannar 2015;

— Ir-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi, maħruġa mill-Kunsill tal-Istat, fit-18 ta' Jannar 2011;

— Il-Miżuri tal-Amministrazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament tad-Dejn ta' Intrapriżi Mhux Finanzjarji dwar is-Suq tal-Bonds Interbankarji Maħruġa mill-People's Bank of China, l-Ordni tal-People's Bank of China tal-[2008] Nru 12, id-9 ta' April 2008.

(401) F'konformità mal-qafas regolatorju, il-bonds ma jistgħux jinħarġu jew jiġu nnegozjati liberament fiċ-Ċina. Il-ħruġ ta' kull bond irid ikun approvat minn diversi awtoritajiet governattivi, bħall-PBOC, l-NDRC jew is-CSRC, skont it-tip ta' bond u t-tip ta' emittent. Barra minn hekk, skont ir-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi, hemm kwoti annwali għall-ħruġ ta' bonds korporattivi.

(402) Apparti dan, skont l-Artikolu 16 tal-Liġi dwar it-Titoli applikabbli matul il-PI, offerta pubblika ta' bonds korporattivi jenħtieġ li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin: "*l-iskop tal-użu tar-rikavati għandu jikkonforma mal-politiki industrijali tal-Istat*" u "*r-rikavati minn offerta pubblika ta' bonds korporattivi għandu jintuża għal skop(ijiet) approvat(i) biss*". L-Artikolu 12 tar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi jtenni li l-iskop tal-fondi miġbura jrid ikun konformi mal-politiki industrijali tal-Istat. Kif huwa spjegat fil-premessi (364) u (365), il-ħruġ ta' bonds korporattivi taħt kundizzjonijiet bħal dawn jimmira lejn industrija inċentivati bħall-industrija tal-ACF u jikkorrispondi mal-prattika tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jappoġġaw lil dawk l-industriji.

(403) Skont l-Artikolu 16(5) tal-Liġi dwar it-Titoli, "*ir-rata tal-kupun tal-bonds korporattivi ma għandhiex taqbeż ir-rata tal-kupun stipulata mill-Kunsill tal-Istat*". Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi jipprovdi aktar dettalji billi jiddikjara li "*r-rata tal-imgħax offruta għal kwalunkwe bond korporattiv ma għandhiex tkun ogħla minn 40 % tar-rata tal-imgħax prevalenti mħallsa mill-banek lil individwi għal depożiti ta' tfaddil b'terminu fiss tal-istess maturità*".

(404) Apparti dan, l-Artikolu 18 tal-Miżuri Amministrattivi għall-Ħruġ u n-Negozjar ta' Bonds Korporattivi jistipula li huma biss ċerti bonds li jikkonformaw ma' kriterji stretti ta' kwalità, bħal klassifikazzjoni tal-kreditu AAA, li jistgħu jinħarġu b'mod pubbliku lil investituri pubbliċi jew jinħarġu b'mod pubbliku lil investituri kwalifikati biss fid-diskrezzjoni esklużiva tal-emittent. Il-bonds korporattivi li jonqsu milli jissodisfaw dawn l-istandards jistgħu jinħarġu b'mod pubbliku biss lil investituri kwalifikati. Għalhekk, jirriżulta li l-biċċa l-kbira mill-bonds korporattivi jinħarġu lil investituri kwalifikati li ġew approvati mis-CSRC u li huma investituri istituzzjonali Ċiniżi.

3.6.2.2. Istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu bħala korpi pubbliċi

(405) Kif huwa spjegat fil-premessi (369) u (370) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li hemm korp ta' evidenza korroborattiva, li skontha proporzjon kbir tal-investituri f'bonds konvertibbli maħruġa mill-kumpaniji fil-kampjun huma istituzzjonijiet finanzjarji, li għandhom obbligu legali li jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-produtturi tal-ACF. L-istess raġunament u konklużjoni japplikaw ukoll għal bonds korporattivi peress li l-kundizzjonijiet tal-ħruġ huma simili ħafna, b'mod partikolari l-kundizzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-politika nazzjonali, u mal-politika industrijali tal-Istat.

(406) Kif deskritt fil-premessa (403), l-Artikolu 16 tal-Liġi dwar it-Titoli u l-Artikolu 12 tar-Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Bonds Korporattivi jirrikjedu li offerta pubblika ta' bonds korporattivi tikkonforma mal-politiki industrijali tal-Istat. Dan jaffettwa lil bonds korporattivi, fis-sens li jistgħu jinħarġu biss għal skopijiet li huma konformi mal-miri tal-ippjanar tal-GTĊ fir-rigward tal-industriji inċentivati kif spjegat fil-premessi (357) u (359). L-investituri istituzzjonali, li huma, kif jidher fil-premessa (368), fil-biċċa l-kbira banek kummerċjali u banek tal-politika, iridu jsegwu l-orjentazzjonijiet ta' politika stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 40, li meta tinqara flimkien mal-Katalogu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija, tipprevedi trattament speċifiku ta' ċerti proġetti fi ħdan ċerti industriji inċentivati, bħall-industrija tal-ACF. It-trattament benefiċjali għal wieħed mill-gruppi fil-kampjun irriżulta fid-deċiżjoni li jsir investiment f'bonds korporattivi maħruġa b'rata tal-imgħax li ma tirriflettix il-kriterji bbażati fuq is-suq.

(407) Kif deskritt fit-Taqsima 3.4.1 hawn fuq, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma kkaratterizzati minn preżenza qawwija tal-Istat, u l-GTĊ għandu l-possibbiltà li jeżerċita influwenza sinifikanti fuqhom. Il-qafas legali ġenerali li fih joperaw dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji huwa applikabbli wkoll għal bonds korporattivi.

(408) Fit-Taqsima 3.4.1 hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat huma korpi pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) meta jinqara flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u li fi kwalunkwe każ huma kkunsidrati inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-GTĊ sabiex iwettqu funzjonijiet normalment vestiti fil-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. Fit-Taqsima 3.4.1.7 hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istituzzjonijiet finanzjarji privati huma wkoll fdati u diretti mill-gvern.

(409) Il-Kummissjoni fittxet ukoll prova konkreta tal-eżerċizzju ta' kontroll b'mod sinifikanti abbażi tal-ħruġ konkret ta' bonds korporattivi. Għalhekk, hija eżaminat l-ambjent legali ġenerali kif stabbilit hawn fuq fil-premessi minn (402) sa (405), flimkien mas-sejbiet konkreti tal-investigazzjoni.

(410) Il-Kummissjoni sabet li l-bonds korporattivi nħarġu b'rata tal-imgħax taħt il-livell li kellu jkun mistenni minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja u tar-riskju ta' kreditu tal-kumpaniji, inkluż taħt ir-rata ta' referenza mingħajr riskju offruta mill-PBOC jew ippubblikata mill-NIFC kif imsemmi fil-premessa (419) hawn taħt.

(411) Fil-prattika, ir-rati tal-imgħax fuq il-bonds korporattivi huma influwenzati mill-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-kumpanija, simili għas-self. Madankollu, fil-premessa (215) il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq lokali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu huwa distort u li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma humiex affidabbli.

(412) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi segwew l-orjentazzjonijiet ta' politika stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 40 billi pprovdew finanzjament preferenzjali lil kumpaniji li jappartjenu għal industrija inċentivata u għalhekk aġixxew jew bħala korpi pubbliċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku jew bħala korpi li huma inkarigati jew mogħtija direzzjonijiet mill-gvern skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(413) Bl-organizzazzjoni tal-ħruġ ta' bonds korporattivi bir-rata tal-imgħax taħt ir-rata tas-suq li tikkorrispondi għall-profil tar-riskju reali tal-emittent u billi aċċettaw li jinvestu f'tali bond korporattiv, l-istituzzjonijiet finanzjarji pprovdew benefiċċju lill-produttur esportatur fil-kampjun.

3.6.2.3. Speċifiċità

(414) Kif deskritt fil-premessa (380) hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-finanzjament preferenzjali permezz ta' bonds huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-bonds ma jistgħux jinħarġu mingħajr approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-gvern, u l-Liġi dwar it-Titoli tiddikjara li l-ħruġ ta' bonds irid jikkonforma mal-politiki industrijali tal-Istat. Kif diġà ssemma fil-premessa (104), l-industrija tal-ACF hija meqjusa bħala industrija inċentivata fil-Katalogu ta' Gwida tar-Ristrutturar tal-Industrija.

3.6.2.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(415) Peress li l-bonds huma essenzjalment tip ieħor ta' strument ta' dejn, simili għas-self, u peress li l-metodoloġija tal-kalkolu għas-self hija diġà bbażata fuq ġabra ta' bonds, il-Kummissjoni ddeċidiet li ssegwi l-metodoloġija tal-kalkolu għas-self kif deskritt hawn fuq fit-Taqsima 3.4.2.3. Dan ifisser li, sabiex tiġi stabbilita rata tal-imgħax ibbażata fuq is-suq għall-bonds, il-firxa relattiva bejn il-bonds korporattivi AA tal-Istati Uniti u l-bonds korporattivi BB tal-Istati Uniti bl-istess tul ta' żmien tiġi applikata għar-Rata Normattiva tal-Imgħax tas-Self ippubblikata mill-PBOC, jew, wara l-20 ta' Awwissu 2019 għall-Prim Rata tas-Self ippubblikata min-NIFC, li mbagħad titqabbel mar-rata tal-imgħax reali mħallsa mill-kumpanija sabiex jiġi ddeterminat il-benefiċċju.

(416) Wara d-divulgazzjoni finali, Wanshun Group u Nanshan Group sostnew li l-Kummissjoni b'mod żbaljat assumiet li d-detenturi kollha tal-bonds huma istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu bħala korpi pubbliċi. Peress li r-rapport Bloomberg imsemmi mill-Kummissjoni nnifisha sab li l-banek tal-Istat jirrappreżentaw 57 % tal-investituri u l-banek politiċi jirrappreżentaw 3 % tad-detenturi ta' bonds korporattivi konvertibbli fiċ-Ċina, 60 % biss (57 % + 3 %) tal-bonds tal-investituri istituzzjonali huma kumpensabbli.

(417) Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li hemm entità ta' evidenza korroborattiva, li skontha proporzjon kbir tal-investituri fil-bonds maħruġa mill-kumpaniji fil-kampjun, huma istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom obbligu legali li jipprovdu appoġġ ta' kreditu lill-produtturi tal-ACF. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-rapport Bloomberg jindika wkoll li 27 % tal-bonds huma miżmuma minn "prodotti ta' fondi", li essenzjalment huma fondi ġestiti mill-istess istituzzjonijiet finanzjarji. Meta wieħed iqis 3 % ta' istituzzjonijiet finanzjarji "oħrajn", il-proporzjon totali ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jinvestu f'bonds fil-fatt huwa ta' 90 %. Fid-dawl tal-proporzjon għoli ta' investituri istituzzjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li huma ddeterminaw il-karatteristiċi tal-bonds korporattivi inkwistjoni, b'mod partikolari r-rata baxxa ta' kupuni, u li investituri oħra, bħal investituri privati, osservaw biss tali kundizzjonijiet. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sistema ta' superviżjoni finanzjarja Ċiniża fir-rigward ta' bonds korporattivi u bonds konvertibbli hija biss element, li flimkien mal-qafas normattiv li jirregola l-finanzjament minn istituzzjonijiet finanzjarji deskritt fit-taqsima 3.4.1, kif ukoll mal-imġiba konkreta tal-istituzzjonijiet finanzjarji indikaw l-interferenza mill-GTĊ. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(418) Fl-aħħar nett, Nanshan Group sostna li l-Kummissjoni ma naqqsitx mill-kalkolu tagħha l-ħlasijiet ta' kupuni li saru minn Nanshan Group Co., Ltd. Il-Kummissjoni ma aċċettatx dan il-punt, peress li ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar il-ħlas ta' kupuni fit-tabelli pprovduti mill-kumpanija, la qabel u lanqas matul l-RCC. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li din l-informazzjoni hija parti mill-informazzjoni nieqsa li għaliha ġie applikat l-Artikolu 28. Fi kwalunkwe każ, huwa impossibbli li tiġi vverifikata f'dan l-istadju tal-investigazzjoni l-informazzjoni addizzjonali pprovduta bħala Anness għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni.

3.6.3. *Konklużjoni dwar il-finanzjament preferenzjali: tipi oħrajn ta' finanzjament*

(419) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-gruppi kollha ta' produtturi esportaturi fil-kampjun ibbenefikaw minn finanzjament preferenzjali fil-forma ta' linji ta' kreditu, abbozzi ta' aċċettazzjoni bankarja u bonds konvertibbli u korporattivi. Fid-dawl tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja, benefiċċju għall-produtturi esportaturi u speċifiċità, il-Kummissjoni qieset dawn it-tipi ta' finanzjament preferenzjali bħala sussidju kumpensabbli.

(420) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward tal-finanzjament preferenzjali deskritt hawn fuq matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun ammontat għal:

**Finanzjament preferenzjali: tipi oħrajn ta' finanzjament**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 7,78 % |
| Wanshun Group | 3,20 % |
| Daching Group | 2,82 % |

3.6.4. *Assigurazzjoni preferenzjali: assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni*

(421) Il-Kummissjoni sabet li Sinosure pprovdiet assigurazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni lill-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun. Fuq is-sit web tagħha, Sinosure tiddikjara li tippromwovi l-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' oġġetti, speċjalment l-esportazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata. Skont studju mwettaq mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ("l-OECD"), l-industrija tat-teknoloġija avvanzata Ċiniża, li l-industrija tal-ACF tagħmel parti minnha, irċeviet 21 % tat-total tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduta minn Sinosure ([88]). Barra minn hekk, Sinosure ħadet rwol attiv fit-twettiq tal-inizjattiva "Made in China 2025", li tiggwida lill-intrapriżi sabiex jużaw ir-riżorsi ta' kreditu nazzjonali, twettaq innovazzjoni xjentifika u teknoloġika u ttejjeb it-teknoloġija, u tgħin lill-intrapriżi li qegħdin jibdew jagħmlu negozju internazzjonali jsiru aktar kompetittivi fis-suq globali ([89]).

3.6.4.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

— L-Avviż dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Promozzjoni tal-Kummerċ permezz tax-Xjenza u t-Teknoloġija bl-Użu tal-Assigurazzjoni ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (Shang Ji Fa tal-[2004] Nru 368), maħruġa b'mod konġunt minn MOFCOM u Sinosure;

— Il-pjan 840 inkluż fl-Avviż mill-Kunsill tal-Istat tas-27 ta' Mejju 2009;

— L-Avviż dwar il-Kultivazzjoni u l-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Industriji Emerġenti tad-Deċiżjoni Strateġika (GuoFa tal-[2010] Nru 32 tat-18 ta' Ottubru 2010), maħruġ mill-Kunsill tal-Istat u l-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tiegħu (GuoFa tal-[2011] Nru 310 tal-21 ta' Ottubru 2011)

— L-Avviż dwar il-ħruġ tal-edizzjoni tal-2006 tal-Katalogu Nru 16 tal-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina tad-Dipartiment Nazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija (2006).

3.6.4.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(422) It-tliet gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun kellhom ftehimiet ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni pendenti ma' Sinosure matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(423) Kif imsemmi fil-premessa (122) hawn fuq, Sinosure naqset milli tipprovdi d-dokumentazzjoni ta' sostenn mitluba dwar il-governanza korporattiva tagħha bħall-Istatut ta' Assoċjazzjoni.

(424) Barra minn hekk, Sinosure ma pprovdietx informazzjoni aktar speċifika dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduta lill-industrija tal-ACF, il-livell tal-primjums tagħha jew iċ-ċifri dettaljati relatati mal-profittabbiltà tan-negozju tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni tagħha.

(425) Għalhekk, il-Kummissjoni kellha tikkumplimenta l-informazzjoni mogħtija bil-fatti disponibbli.

([88]) Studju tal-OECD dwar il-politiki u l-programmi Ċiniżi ta' kreditu għall-esportazzjoni, il-paġna 7, il-para 32, disponibbli fuq https://www.oecd.org/officialdocuments/publicdisplaydocumentpdf/?cote=TAD/ECG(2015)3&doclanguage=en, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021.

([89]) Ara s-sit web ta' Sinosure, il-profil tal-kumpanija, Supporting "Made in China", https://www.sinosure.com.cn/en/Resbonsiblity/smic/index.shtml, aċċessat l-aħħar fis-17 ta' Awwissu 2021.

(426) Skont l-informazzjoni pprovduta f'investigazzjonijiet antisussidji preċedenti ([90]) u skont is-sit web ta' Sinosure ([91]), Sinosure hija kumpanija tal-assigurazzjoni orjentata lejn il-politika stabbilita u appoġġata mill-Istat sabiex tappoġġa l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomiċi u kummerċjali barranin tar-RPĊ. Il-kumpanija hija 100 % proprjetà tal-Istat. Hija għandha bord ta' diretturi u bord ta' superviżuri. Il-GTĊ għandu s-setgħa li jaħtar u jkeċċi l-maniġers superjuri tal-kumpanija. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm indikazzjonijiet formali ta' kontroll tal-gvern fir-rigward ta' Sinosure.

(427) Il-Kummissjoni fittxet ukoll informazzjoni dwar jekk il-GTĊ eżerċitax kontroll sinifikanti fuq l-imġiba ta' Sinosure fir-rigward tal-industrija tal-ACF.

(428) Skont l-Avviż dwar il-ħruġ tal-edizzjoni tal-2006 tal-Katalogu Nru 16 tal-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina, *"il-prodotti inklużi fl-edizzjoni tal-2006 tal-Katalogu tal-Esportazzjoni jistgħu jgawdu minn politiki preferenzjali mogħtija mill-Istat għall-esportazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata"*. Il-Katalogu tal-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata jsemmi speċifikament il-fojl tal-aluminju ([92]).

(429) Barra minn hekk, skont l-Avviż dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Promozzjoni tal-Kummerċ permezz tax-Xjenza u t-Teknoloġija bl-Użu tal-Assigurazzjoni ta' Kreditu għall-Esportazzjoni ([93]), Sinosure jenħtieġ li żżid l-appoġġ tagħha għal industriji u prodotti ewlenin billi ssaħħaħ l-appoġġ ġenerali tagħha għall-esportazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata u ġdida, inklużi prodotti ta' "materjali ġodda". Hija jenħtieġ li tittratta l-industriji tat-teknoloġija avvanzata u ġdida, bħall-industrija tal-ACF, elenkati fil-Katalogu tal-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina, bħala l-fokus tan-negozju tagħha u tipprovdi appoġġ komprensiv f'termini ta' proċeduri ta' sottoskrizzjoni, approvazzjoni b'limiti, veloċità tal-ipproċessar tal-ilmenti u flessibbiltà tar-rata. Fir-rigward tal-flessibbiltà tar-rata, din jenħtieġ li tagħti lill-prodotti l-iskont massimu tar-rata tal-primjum fil-medda varjabbli pprovduta mill-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-kreditu. Kif imsemmi fil-premessi (89) u (98), l-industrija GFF hija inkluża fil-kategorija aktar ġenerali ta' "materjali ġodda". Barra minn hekk, ir-Rapport Annwali ta' Sinosure għall-2019 jiddikjara li Sinosure *"appoġġat l-iżvilupp kostanti tal-Industriji ewlenin"* u *"t-tkabbir aċċellerat tal-Industriji emerġenti strateġiċi"* ([94]).

(430) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ ħoloq qafas normattiv li kellu jiġi rrispettat mill-maniġers u mis-superviżuri ta' Sinosure maħtura mill-GTĊ u li huma responsabbli lejn il-GTĊ. Għalhekk, il-GTĊ straħ fuq qafas normattiv bħal dan sabiex jeżerċita kontroll b'mod sinifikanti fuq l-imġiba ta' Sinosure.

(431) Il-Kummissjoni fittxet ukoll prova konkreta tal-eżerċizzju ta' kontroll b'mod sinifikanti abbażi ta' ftehimiet ta' assigurazzjoni konkreti. Madankollu, ma ġie pprovdut l-ebda eżempju speċifiku fir-rigward tal-industrija tal-ACF jew tal-kumpaniji fil-kampjun.

(432) Fin-nuqqas ta' evidenza konkreta, il-Kummissjoni għalhekk eżaminat l-imġiba konkreta ta' Sinosure fir-rigward tal-assigurazzjoni pprovduta lill-kumpaniji fil-kampjun. Din l-imġiba kkuntrastat mal-pożizzjoni uffiċjali ta' Sinosure, peress li Sinosure ma kinitx qiegħda taġixxi abbażi tal-prinċipji tas-suq.

(433) Wara li qabblet il-pretensjonijiet totali mħallsa mal-ammonti totali assigurati, abbażi tad-*data* fir-Rapport Annwali 2019 ta' Sinosure ([95]), il-Kummissjoni kkonkludiet li bħala medja Sinosure jkollha bżonn titlob 0,33 % tal-ammont assigurat bħala primjum sabiex tkopri l-kost tal-pretensjonijiet (mingħajr ma jitqiesu l-ispejjeż ġenerali). Madankollu, fil-prattika, il-primjums imħallsa mill-kumpaniji fil-kampjun kienu aktar baxxi mit-tariffa minima meħtieġa sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali.

(434) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ tenna li Sinosure mhijiex korp pubbliku, li ssegwi l-prinċipji tas-suq fl-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. Fil-valutazzjoni tal-possibbiltà li tingħata assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, Sinosure tqis fatturi bħar-riskji nazzjonali, ir-riskji tal-industrija u r-riskji ta' kreditu tal-importatur b'mod komprensiv. Il-GTĊ reġa' nnota wkoll li l-Kummissjoni missha użat valur referenzjarju fil-pajjiż.

([90]) Ara l-Każ tat-Tajers iċċitat fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna, il-premessa 429.
([91]) https://www.sinosure.com.cn/en/Sinosure/Profile/index.shtml, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021.
([92]) Il-Katalogu tal-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina, Nru 417.
([93]) http://www.mofcom.gov.cn/aarticle/b/g/200411/20041100300040.html, aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Awwissu 2021.
([94]) Ir-Rapport Annwali tal-2019 ta'Sinosure, p. 11, https://www.sinosure.com.cn/images/xwzx/ndbd/2020/08/27/38BBA5826A689D7D5B1DAE8BB66FACF8.pdf, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2019.
([95]) *Ibid*, p. 38.

(435) Billi l-GTĊ ma ppreżenta l-ebda evidenza ġdida dwar il-funzjoni ta' Sinosure bħala korp pubbliku, il-Kummissjoni żammet il-konklużjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Peress li Sinosure kellha pożizzjoni predominanti fis-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx issib primjum tal-assigurazzjoni domestika bbażat fuq is-suq, kif deskritt fit-Taqsima 3.6.4.3 hawn taħt. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda wkoll.

(436) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-qafas legali stabbilit hawn fuq qiegħed jiġi implimentat minn Sinosure fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet governattivi fir-rigward tas-settur tal-ACF. Sinosure aġixxiet bħala entità pubblika fis-sens tal-Artikolu 2(b) meta jinqara flimkien mal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku u f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO. Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi fil-kampjun irċevew benefiċċju, peress li l-assigurazzjoni ġiet ipprovduta b'rati taħt it-tariffa minima meħtieġa għal Sinosure sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali tagħha.

(437) Il-Kummissjoni ddeterminat ukoll li s-sussidji mogħtija skont il-programm ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni huma speċifiċi, għax ma setgħux jinkisbu mingħajr l-esportazzjoni u għalhekk huma kontinġenti fuq l-esportazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

3.6.4.3. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(438) Peress li Sinosure kellha pożizzjoni predominanti fis-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx issib primjum tal-assigurazzjoni domestika bbażat fuq is-suq. Għalhekk, f'konformità mal-investigazzjonijiet preċedenti antisussidji, il-Kummissjoni użat l-aktar punt ta' riferiment estern xieraq li għalih l-informazzjoni kienet disponibbli faċilment, jiġifieri r-rati tal-primjum applikati mill-Export-Import Bank tal-Istati Uniti tal-Amerika għal istituzzjonijiet mhux finanzjarji għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi tal-OECD.

(439) Il-Kummissjoni qieset li l-benefiċċju mogħti lir-riċevituri huwa d-differenza bejn l-ammont li fil-fatt kienu ħallsu bħala primjum tal-assigurazzjoni u l-ammont li kellhom iħallsu billi tiġi applikata r-rata tal-primjum ta' referenza esterna msemmija fil-premessa (438).

(440) Fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, Wanshun Group sostna li l-Kummissjoni kellha teżamina jekk ir-rati tal-primjum mitluba kinux adegwati biex ikopru l-ispejjeż u t-telf operatorji tal-assiguratur. Il-parti pprovdiet informazzjoni li l-primjums annwali miġbura minn Sinosure matul dawn is-snin kienu adegwati biex ikopru l-ispejjeż u t-telf operatorji fit-tul tagħha.

(441) Wanshun sostniet ukoll li l-Kummissjoni m'għandhiex tikkunsidra biss l-ammont assigurat u l-pretensjonijiet imħallsa għall-kalkolu ta' rata xierqa ta' primjum fiss, iżda kellha tikkunsidra wkoll l-irkupri tal-pretensjonijiet. Barra minn hekk, il-parti talbet lill-Kummissjoni biex tiżvela l-kalkolu eżatt tagħha. Hija enfasizzat ukoll li mhux il-kumpaniji kollha ħallsu primjums tal-assigurazzjoni b'rata fissa.

(442) Hija sostniet ukoll li jekk il-Kummissjoni żżomm id-deċiżjoni tagħha li tittratta l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni mogħtija minn Sinosure bħala sussidju kumpensabbli, hija għandha tirrevedi r-rata tal-primjum għolja b'mod mhux raġonevoli. Il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda analiżi jew spjegazzjoni fir-rigward tar-raġonevolezza tal-parametru referenzjarju magħżul u stiednet lill-Kummissjoni biex tal-inqas tispjega fuq liema bażi qieset li r-rati EXIM tal-Istati Uniti kienu aktar xierqa.

(443) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn id-dikjarazzjonijiet ta' Wanshun dwar l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni. Sinosur ma koopertax fl-investigazzjoni u ma resqet l-ebda informazzjoni speċifika dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni pprovduta lill-industrija tal-ACF, il-livell tal-primjums tagħha jew ċifri dettaljati relatati mal-profittabbiltà tan-negozju tagħha tal-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni. Għalhekk, ma kienx possibbli li jsir paragun bejn ir-rati tal-primjum mitluba minn Sinosure u l-ispiża operattiva tal-assiguratur u t-telf fuq il-livell ta' kwalunkwe industrija partikolari, aħseb u ara fuq il-livell tal-produtturi esportaturi. Għalhekk, kwalunkwe sussidju trasversali bejn l-industriji u l-kumpaniji ma setax jiġi vvalutat. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn Sinosure, ma kienx possibbli li jsir tqabbil bejn il-pretensjonijiet u l-irkupri ta' pretensjonijiet kif issuġġerit minn Wanshun. Fl-aħħar nett, Wanshun ma pprovda l-ebda evidenza jew argument sostanzjat biex isostni d-dikjarazzjoni tiegħu li l-punt ta' riferiment estern, jiġifieri r-rati tal-primjum applikati mill-Export-Import Bank tal-Istati Uniti tal-Amerika lil istituzzjonijiet mhux finanzjarji għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi tal-OECD kif spjegat fil-premessa (438), ma jkunux raġonevoli jew manifestament żbaljati. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ma ġewx milqugħa.

(444) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward tal-iskema deskritta hawn fuq matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun ammontat għal:

**Finanzjament preferenzjali: assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 0,11 % |
| Wanshun Group | 0,27 % |
| Daching Group | 0,13 % |

### 3.7. **Programmi ta' għotjiet**

(445) Il-Kummissjoni sabet li l-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun ibbenefikaw minn varjetà ta' programmi ta' għotjiet bħal għotjiet relatati mat-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, għotjiet relatati mal-assi, skontijiet fuq l-imgħax fuq self u għotjiet li jappoġġaw l-esportazzjonijiet. L-għotjiet relatati mat-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp kienu jikkostitwixxu parti sinifikanti mill-għotjiet irrapportati mill-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni ġabret l-għotjiet f'żewġ kategoriji: (i) għotjiet relatati mat-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp u (ii) għotjiet oħrajn.

#### 3.7.1. *Għotjiet relatati mat-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp*

(446) Il-gruppi kollha fil-kampjun irċevew għotjiet relatati mar-riċerka u l-iżvilupp ("R&Ż") u l-industrijalizzazzjoni, l-aġġornament teknoloġiku u l-innovazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

##### 3.7.1.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

— Il-Pjan ta' Ħames Snin Nru 13 dwar l-Innovazzjoni Teknoloġika;

— L-Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-Promozzjoni tar-Rinnovazzjoni tat-Teknoloġija tal-Intrapriżi, il-Kunsill tal-Istat, Guo Fa tal-(2012) Nru 44;

— Il-Pjan ta' Ħidma dwar ir-Rivitalizzazzjoni tal-Industrija u r-Rinnovazzjoni tat-Teknoloġija, l-NDRC, MIIT, tal-2015

— Il-Fondi ta' appoġġ għall-industrija u fondi speċjali għar-R&Ż u l-industrijalizzazzjoni, Dong Ban Fa tal-(2018) Nru 62;

— Il-Miżuri ta' Ġestjoni tal-Programm Nazzjonali tar-Riċerka u l-Iżvilupp tat-Teknoloġija Avvanzata (863);

— L-Avviż dwar il-Ħruġ tal-Ewwel Lott tat-Trasformazzjoni Industrijali Provinċjali u tal-Industrija tal-Informazzjoni u l-Aġġornament tal-Indikaturi tal-Fondi Speċjali fl-2019;

— L-Avviżi dwar l-allokazzjoni ta' fondi speċjali għar-rinnovazzjoni teknika, fondi speċjali għar-rivitalizzazzjoni industrijali, fondi speċjali għat-trasformazzjoni teknika, u fondi speċjali għall-iżvilupp industrijali.

##### 3.7.1.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(447) Il-Kummissjoni sabet li l-għotjiet kienu relatati kemm mal-aġġornament teknoloġiku, ir-rinnovazzjoni jew it-trasformazzjoni tal-proċess tal-manifattura kif ukoll mar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji "avvanzati" u ġodda.

(448) Skont l-Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-Promozzjoni tar-Rinnovazzjoni tat-Teknoloġija tal-Intrapriżi, il-gvernijiet ċentrali u lokali huma mitluba jżidu aktar l-ammont ta' appoġġ finanzjarju u jżidu l-investiment b'enfasi fuq it-trasformazzjoni industrijali u t-titjib f'oqsma ewlenin u kwistjonijiet kritiċi ta' rinnovazzjoni teknoloġika. Barra minn hekk, l-awtoritajiet jenħtieġ li kontinwament jinnovaw u jtejbu l-metodi tal-ġestjoni tal-fondi, iwettqu b'mod flessibbli diversi tipi ta' appoġġ u jżidu l-effiċjenza fl-użu tal-fondi fiskali.

(449) Il-Pjan ta' Ħidma dwar ir-Rivitalizzazzjoni tal-Industrija u r-Rinnovazzjoni tat-Teknoloġija jimplimenta l-Opinjonijiet ta' Gwida fil-prattika msemmija hawn fuq billi jistabbilixxi fondi speċjali għall-promozzjoni tal-progress teknoloġiku u l-proġetti ta' trasformazzjoni teknoloġika. Dawn il-fondi jinkludu sussidji fuq l-investiment u skontijiet fuq is-self. L-użu tal-fondi jrid ikun konformi mal-politiki makroekonomiċi nazzjonali, il-politiki industrijali u l-politiki ta' żvilupp reġjonali.

(450) Il-programmi ta' għotjiet li minnhom ibbenefikaw il-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun huma fil-biċċa l-kbira simili fit-tfassil tagħhom. Jiġu stabbiliti kriterji skont l-iskop li fuqhom jistgħu japplikaw l-intrapriżi u jekk ikun hemm konformità mal-kriterji, jingħata l-appoġġ finanzjarju.

(451) Pereżempju, uħud mill-għotjiet li ngħataw lill-kumpaniji fil-kampjun għandhom il-bażi ġuridika tagħhom fil-Programm Nazzjonali tar-Riċerka u l-Iżvilupp tat-Teknoloġija Avvanzata li għal darb'oħra juru l-funzjonament tal-ippjanar tal-Istat fir-RPĊ kif deskritt hawn fuq fil-premessa (88). L-Artikolu 2 jiddikjara li *"l-Pjan Nazzjonali għar-Riċerka u l-Iżvilupp tat-Teknoloġija Avvanzata (863) huwa programm tax-xjenza u t-teknoloġija b'objettivi nazzjonali ċari, li huwa appoġġat minn allokazzjonijiet finanzjarji ċentrali."* L-Artikolu 29 tal-istess dokument jistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' proġetti li huma eliġibbli. Dan jirrifletti l-mekkaniżmu deskritt hawn fuq: wara li ssir applikazzjoni, u tiġi aċċettata u evalwata, grupp ta' esperti jressaq il-proposti tal-proġett u l-estimi tal-finanzjament tal-proġett u eventwalment uffiċċju konġunt japprova u jiffirma l-għotja.

3.7.1.3. Speċifiċità

(452) L-għotjiet relatati mat-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, inklużi l-għotjiet għall-proġetti R&Ż deskritti hawn fuq, jikkostitwixxu sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri trasferiment ta' fondi mill-GTĊ lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat fil-forma ta' għotjiet. Kif imsemmi fil-premessa (445) hawn fuq, dawn il-fondi huma rreġistrati bħala sussidji tal-gvern fil-kontijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(453) Dawn is-sussidji huma speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku għax huma biss il-kumpaniji li joperaw f'oqsma jew teknoloġiji ewlenin, kif elenkat fil-linji gwida, il-miżuri amministrattivi u l-katalogi li jiġu ppubblikati fuq bażi regolari, li huma eliġibbli sabiex jirċevuhom u l-ACF hija fost is-setturi eliġibbli. Fi kwalunkwe każ, l-għotjiet irrapportati mill-kumpaniji u kontroverifikati mill-Kummissjoni huma speċifiċi għall-kumpaniji.

(454) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni ma wrietx li l-għotjiet tar-R & Ż inkwistjoni huma speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a), billi l-attribuzzjoni tal-għotjiet għar-R & Ż hija komuni madwar id-dinja, u mhijiex limitata għal ċerti intrapriżi.

(455) Il-Kummissjoni diġà wriet l-ispeċifiċità tal-għotjiet, billi huma biss il-kumpaniji li joperaw f'oqsma jew teknoloġiji ewlenin kif elenkati fil-linji gwida, fil-miżuri amministrattivi u fil-katalgi li huma eliġibbli. Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi li kkooperaw ipprovdew dokumenti relatati ma' għotjiet, bħal dokumenti legali u avviżi ta' għoti, li wrew li l-għotjiet ingħataw lil kumpaniji li jappartjenu għal ċerti industriji jew setturi speċifiċi u/jew li huma involuti fi proġetti industrijali speċifiċi inċentivati mill-Istat. Għalhekk, il-Kummissjoni tenniet il-konklużjoni tagħha li dawn l-għotjiet huma disponibbli biss għal subsett speċifikat b'mod ċar ta' ċerti intrapriżi u/jew setturi tal-ekonomija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ta' dawn l-għotjiet ma kinux ċari u oġġettivi u ma kinux japplikaw awtomatikament; konsegwentement, ma ssodisfawx ir-rekwiżiti ta' nuqqas ta' speċifiċità tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku.

3.7.1.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(456) Sabiex tistabbilixxi l-benefiċċju matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset għotjiet riċevuti matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif ukoll għotjiet riċevuti qabel il-perjodu ta' investigazzjoni iżda li għalihom il-perjodu ta' deprezzament kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fir-rigward ta' għotjiet li ma humiex deprezzati, il-benefiċċju tqies bħala l-ammont riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fir-rigward ta' għotjiet relatati ma' proġetti u għotjiet relatati mal-assi, il-benefiċċju tqies bħala l-porzjon tal-ammont totali tal-għotja li ġie deprezzat matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(457) Il-Kummissjoni kkunsidrat jekk tapplikax rata ta' imgħax kummerċjali annwali addizzjonali f'konformità mat-Taqsima F.a) tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-ammont tas-sussidju ([96]). Madankollu, approċċ bħal dan kien jinvolvi varjetà ta' fatturi ipotetiċi kumplessi li għalihom ma kien hemm l-ebda informazzjoni akkurata disponibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li huwa aktar xieraq li talloka ammonti għall-perjodu ta' investigazzjoni skont ir-rati ta' deprezzament tal-proġetti u l-assi tar-R&Ż, f'konformità mal-metodoloġija tal-kalkolu użata f'każijiet preċedenti ([97]).

3.7.2. *Għotjiet oħrajn*

(458) Il-Kummissjoni sabet li t-tliet gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun irċevew ukoll għotjiet oħrajn, bħal għotjiet relatati mal-assi, skontijiet fuq l-imgħax fuq self, għotjiet li jappoġġaw l-esportazzjonijiet, u għotjiet oħrajn ta' darba jew rikorrenti minn livelli differenti ta' awtoritajiet tal-gvern.

3.7.2.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(459) Dawn l-għotjiet ingħataw lill-kumpaniji minn awtoritajiet tal-gvern nazzjonali, provinċjali, tal-belt, tal-kontea jew distrettwali u kollha dehru li kienu speċifiċi għall-kumpaniji fil-kampjun, jew speċifiċi f'termini ta' pożizzjoni ġeografika jew tip ta' industrija. L-informazzjoni dwar il-bażi ġuridika li taħtha ngħataw dawn l-għotjiet ma ġietx żvelata mill-kumpaniji kollha fil-kampjun. Madankollu, il-Kummissjoni rċeviet mingħand xi kumpaniji kopja tad-dokumenti maħruġa minn awtorità tal-gvern li tat il-fondi, imsejħa "l-avviż".

3.7.2.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(460) Eżempji ta' għotjiet oħrajn bħal dawn huma għotjiet relatati mal-assi, fondi tal-privattivi, fondi u għotjiet għax-xjenza u t-teknoloġija, fondi għall-iżvilupp tan-negozju, fondi għall-promozzjoni tal-esportazzjoni, għotjiet għal żieda fil-kwalità tal-industrija u titjib fl-effiċjenza, fondi ta' appoġġ għall-kummerċ muniċipali, fondi għall-iżvilupp ekonomiku barrani u kummerċjali u għotjiet għas-sigurtà tal-produzzjoni.

(461) Minħabba l-ammont kbir ta' għotjiet li l-Kummissjoni sabet fil-kotba tal-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun, f'dan ir-Regolament huwa ppreżentat biss sommarju tas-sejbiet ewlenin. Inizjalment, it-tliet gruppi fil-kampjun ipprovdew evidenza tal-eżistenza ta' bosta għotjiet u l-fatt li kienu ngħataw mill-awtoritajiet tal-gvern f'diversi livelli. Is-sejbiet dettaljati dwar dawn l-għotjiet ġew ipprovduti lill-kumpaniji individwali fid-dokumenti ta' divulgazzjoni speċifiċi tagħhom.

(462) Dawn l-għotjiet l-oħrajn jikkostitwixxu sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u (2) tar-Regolament bażiku peress li seħħ trasferiment ta' fondi mill-gvern fil-forma ta' għotjiet lill-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun u b'hekk ingħata benefiċċju.

---

([96]) ĠU C 394, p. 6, 17.12.1998.

([97]) Ara, fost l-oħrajn, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 452/2011 (ĠU L 128, 14.5.2011, p. 18) (*Karta fina miksija*), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2013/215, ĠU L 73, 11.3.2013, p. 16 (*Azzar miksi b'materjal organiku*), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/366 (ĠU L 56, 3.3.2017, p. 1) (*Pannelli solari*), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1379/2014 (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 22). (*Fibra tal-ħġieġ bil-filament*), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/918, ĠU L 360, 16.12.2014, p. 65 (*Fibri Bażiċi tal-Poliester*).

(463) Il-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun ipprovdew informazzjoni dwar l-ammont tal-għotjiet u l-awtorità li tat u ħallset kull għotja. Il-kumpaniji rreġistraw ukoll fil-biċċa l-kbira dan l-introjtu taħt l-intestatura "introjtu mis-sussidju" fil-kontijiet tagħhom u sar awditu ta' dawn il-kontijiet b'mod indipendenti. L-informazzjoni dwar dawn l-għotjiet ittieħdet mill-Kummissjoni bħala evidenza pożittiva ta' sussidju li ta benefiċċju.

(464) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni ma pprovdietx biżżejjed dettalji dwar liema għotjiet tirreferi għalihom, peress li ma indikatx għotjiet speċifiċi jew sorsi legali. Kif imsemmi fil-premessi (459) u (461), l-għotjiet imsemmija f'din it-taqsima kienu jikkonsistu f'diversi ammonti żgħar, ipprovduti f'diversi livelli tal-gvern, u li għalihom f'ħafna każijiet ma ġiet ipprovduta l-ebda dokumentazzjoni ta' sostenn mill-kumpaniji fil-kampjun, ħlief għal xi deżinjazzjonijiet ta' livell għoli. Bħala tali, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tipprovdi bażi ġuridika preċiża lill-GTĊ. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (461) iktar 'il fuq, is-sejbiet dettaljati dwar dawn l-għotjiet ġew ipprovduti lill-kumpaniji individwali fid-dokumenti ta' divulgazzjoni speċifiċi tagħhom.

3.7.2.3. Speċifiċità

(465) Dawn l-għotjiet huma wkoll speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku minħabba li, mid-dokumenti pprovduti mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, jidhru li huma limitati għal ċerti kumpaniji, ċerti industriji, bħall-industrija tal-ACF, jew proġetti speċifiċi f'reġjuni speċifiċi. Barra minn hekk, uħud mill-għotjiet huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(466) Barra minn hekk, dawn l-għotjiet ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' nuqqas ta' speċifiċità tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku, minħabba li l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u l-kriterji reali tal-għażla għall-intrapriżi sabiex ikunu eliġibbli ma humiex trasparenti, ma humiex oġġettivi u ma japplikawx awtomatikament.

(467) Wara d-divulgazzjoni finali, Nanshan Group sostna li fir-rigward tal-għotjiet:

(a) il-Kummissjoni inkludiet b'mod żbaljat sussidji mhux deprezzabbli li rċeviet qabel il-perjodu ta' investigazzjoni fil-marġni tas-sussidju meta kkalkolat il-benefiċċju għall-għotjiet. Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni teskludi għotjiet mhux deprezzabbli riċevuti qabel il-perjodu ta' investigazzjoni mill-marġni tas-sussidju.

(b) Għal għotjiet riċevuti minn waħda mill-kumpaniji tal-Grupp Nanshan, il-Kummissjoni użat perjodu ta' deprezzament żbaljat.

(468) Il-Kummissjoni nnutat li s-sussidji mhux deprezzabbli msemmija fil-premessa (467) huma relatati ma' assi fissi. Konsegwentement, il-Kummissjoni allokat il-benefiċċju għall-istess perjodu ta' żmien li matulu l-assi fissi jiġu deprezzati. Għaldaqstant, il-kumment ġie miċħud.

(469) Wara l-kummenti ta' Nanshan Group, il-Kummissjoni rrevediet il-perjodi ta' deprezzament użati fil-kalkoli. Fil-każijiet fejn intuża perjodu mhux korrett, il-kalkolu ġie kkoreġut.

(470) Wara d-divulgazzjoni finali Wanshun Group iddikjara li l-Kummissjoni kienet għamlet żball meta kkalkolat il-benefiċċju ta' għotja waħda lil waħda mill-kumpaniji tal-grupp tagħha. B'mod aktar speċifiku, huwa sostna li wieħed mill-proġetti li għalihom ingħatat l-għotja beda biss mit-tielet kwart tal-2019 u għalhekk kien żbaljat li jiġi allokat wieħed minn ħmistax tal-valur (li jikkorrispondi għall-perjodu ta' deprezzament ta' 15-il sena) għall-perjodu ta' investigazzjoni.

(471) Il-Kummissjoni tinnota li skont il-prattika stabbilita, l-għotjiet relatati mal-perjodu ta' investigazzjoni huma allokati bl-użu tal-għadd ta' snin kalendarji bħala l-bażi tal-kalkolu. Għalhekk, din il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

3.7.2.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(472) Il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju f'konformità mal-metodoloġija deskritta fil-premessa (457) hawn fuq.

(473) Ir-rati ta' sussidju stabbiliti fir-rigward tal-għotjiet kollha matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi fil-kampjun kienu kif ġej:

**Għotjiet**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 1,22 % |
| Wanshun Group | 0,42 % |
| Daching Group | 0,25 % |

### 3.8. **Introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli permezz ta' eżenzjonijiet mit-taxxa u programmi ta' tnaqqis**

#### 3.8.1. *Tnaqqis u eżenzjonijiet mit-taxxa diretta*

3.8.1.1. Privileġġi tal-EIT għal Intrapriżi b'Teknoloġija Avvanzata u Ġdida

3.8.1.2. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(474) Il-bażi ġuridika ta' dan il-programm huwa l-Artikolu 28 tal-Liġi tal-EIT ([98])u l-Artikolu 93 tar-Regoli tal-Implimentazzjoni għal-Liġi tar-RPĊ dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi ([99]), kif ukoll:

— Iċ-Ċirkolari tal-Ministeru għax-Xjenza u t-Teknoloġija, tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar ir-Reviżjoni u l-Ħruġ ta' Miżuri Amministrattivi għar-Rikonoxximent ta' Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata, G.K.F.H. tal-[2016] Nru 32;

— Iċ-Ċirkolari tal-Ministeru għax-Xjenza u t-Teknoloġija, tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar ir-Reviżjoni u l-Ħruġ tal-Linji Gwida għall-Amministrazzjoni tal-Akkreditazzjoni tal-Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata, Guo Ke Fa Huo tal-[2016] Nru 195;

— L-Avviż tal-[2017] Nru 24 tal-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar l-Applikazzjoni ta' Politiki Preferenzjali tat-Taxxa fuq l-Introjtu għall-Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata;

— Il-katalogu tal-2016 ta' Oqsma ta' Teknoloġija Avvanzata Appoġġati mill-Istat ([100]); u

— L-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni tal-[2019] Nru 68.

(475) Il-Kapitolu IV tal-Liġi dwar l-EIT fih dispożizzjonijiet rigward "Trattament tat-Taxxa Preferenzjali". L-Artikolu 25 tal-Liġi dwar l-EIT, li huwa introduzzjoni għall-Kapitolu IV, jippredevi li *"l-Istat se joffri preferenzi tat-taxxa fuq l-introjtu lil intrapriżi involuti f'industriji jew proġetti li l-iżvilupp tagħhom huwa appoġġat u inċentivat b'mod speċjali mill-Istat"*. L-Artikolu 28 tal-liġi dwar l-EIT jippredevi li *"r-rata tat-taxxa fuq l-introjtu tal-intrapriżi fuq intrapriżi teknoloġiċi għoljin u ġodda li jeħtieġu appoġġ speċjali mill-Istat għandha titnaqqas għal 15 %"*.

(476) L-Artikolu 93 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi jiċċara li:

*"l-intrapriżi importanti tat-teknoloġija avvanzata u ġdida li għandhom jiġu appoġġati mill-Istat kif imsemmi fil-Klawżola 2 tal-Artikolu 28 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi jirreferu għall-intrapriżi li għandhom drittijiet ta' proprjetà intellettwali ewlenin u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:*

1. *Il-konformità mal-ambitu taż-Żoni Ewlenin tat-Teknoloġija Avvanzata u Ġdida Sostnuti mill-Istat;*
2. *Il-proporzjon tal-ispiża tar-riċerka u l-iżvilupp fid-dħul ma għandux ikun anqas mill-proporzjon preskritt;*
3. *Il-proporzjon tad-dħul minn teknoloġija avvanzata jew minn prodott jew servizz tat-teknoloġija avvanzata fid-dħul totali tal-intrapriża ma għandux ikun anqas mill-proporzjon preskritt;*

([98]) http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Law/2009-02/20/content_1471133.htm
([99]) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (Riveduti fl-2019) - l-Ordni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 714.
([100]) http://kj.quanzhou.gov.cn/wsbs/xgxz/201703/t20170322_431820.htm, aċċessat l-aħħar fis-17 ta' Awwissu 2021.

4. *Il-proporzjon tal-persunal tekniku fit-total tal-impjegati tal-intrapriża ma għandux ikun anqas mill-proporzjon preskritt;*

5. *Kundizzjonijiet oħrajn preskritti fil-Miżuri għall-Amministrazzjoni tal-Identifikazzjoni tal-Intrapriża ta' Teknoloġija Avvanzata.*

6. Il-miżuri għall-Amministrazzjoni tal-Identifikazzjoni tal-Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Żoni Ewlenin ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida Sostnuti mill-Istat għandhom jiġu fformulati b'mod konġunt mid-dipartimenti tat-teknoloġija, tal-finanzi u tat-tassazzjoni taħt il-Kunsill tal-Istat u jidħlu fis-seħħ wara li jiġu approvati mill-Kunsill tal-Istat".

(477) Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jispeċifikaw b'mod ċar li r-rata mnaqqsa tat-taxxa fuq l-introjtu tal-intrapriżi hija riżervata għal "*intrapriżi importanti ta' teknoloġija għolja u ġdida li għandhom jiġu appoġġati mill-Istat*" li għandhom drittijiet ta' proprjetà intellettwali ewlenin u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet bħall-"*konformità mal-ambitu taż-Żoni Ewlenin ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida Sostnuti mill-Istat*".

(478) Skont l-Artikolu 11 tal-Miżuri Amministrattivi għar-Rikonoxximent tal-Intrapriżi tat-Teknoloġija Avvanzata, sabiex tiġi rikonoxxuta bħala Intrapiża ta' Teknoloġija Avvanzata, fl-istess ħin trid tissodisfa ċerti kundizzjonijiet li fosthom: "*tkun kisbet is-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, li għandha rwol ċentrali fl-appoġġ tekniku tal-prodotti (servizzi) ewlenin tiegħu, permezz ta' riċerka indipendenti, trasferiment, għotja, fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, eċċ.*" u "*t-teknoloġija li għandha rwol ċentrali fl-appoġġ tekniku tal-prodotti (servizzi) ewlenin tagħha hija fil-firxa predeterminata fl-oqsma tat-teknoloġija avvanzata appoġġati mill-istat*".

(479) L-oqsma ewlenin tat-teknoloġija avvanzata appoġġati mill-Istat huma elenkati fil-Katalogu tal-2016 ta' Oqsma ta' Teknoloġija Avvanzata Appoġġati mill-Istat. Taħt "materjali ġodda"/"materjali tal-metall" dan il-katalogu jsemmi b'mod ċar il-fojl tal-aluminju bħala prodott ta' teknoloġija għolja appoġġat mill-Istat.

### 3.8.1.3. Sejbiet tal-investigazzjoni

(480) Il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji fi ħdan il-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun ikkwalifikaw bħala kumpaniji ta' teknoloġija avvanzata matul il-perjodu ta' investigazzjoni u b'hekk gawdew minn rata mnaqqsa tal-EIT ta' 15 %.

(481) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li t-tpaċija tat-taxxa inkwistjoni hija sussidju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli mill-GTĊ li tagħti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa daqs l-iffrankar tat-taxxa.

(482) Dan is-sussidju huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni nnifisha tillimita l-applikazzjoni ta' din l-iskema biss għal intrapriżi li qegħdin joperaw f'ċerti oqsma ta' prijorità ta' teknoloġija għolja determinati mill-Istat kif muri fil-premessi minn (477) sa (479). Kif indikat fil-premessa (479), l-industrija tal-ACF hija prijorità ta' teknoloġija għolja ħafna.

### 3.8.1.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(483) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli kien ikkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn it-taxxa totali pagabbli skont ir-rata normali tat-taxxa u t-taxxa totali pagabbli skont ir-rata mnaqqsa tat-taxxa.

(484) Ir-rata ta' sussidju stabbilita għal din l-iskema speċifika kienet ta' 0,55 % għal Nanshan Group, 0,43 % għal Wanshun Group u 0,47 % għal Daching Group.

### 3.8.2. *Tpaċija tal-EIT għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp*

(485) It-tpaċija tat-taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp tintitola lill-kumpaniji għal trattament fiskali preferenzjali għall-attivitajiet tal-R&Ż tagħhom f'ċerti oqsma ta' prijorità ta' teknoloġija għolja determinati mill-Istat meta jiġu ssodisfati ċerti livelli limitu għall-infiq fuq ir-R&Ż.

(486) B'mod aktar speċifiku, in-nefqiet tar-R&Ż imġarrba għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, prodotti ġodda u tekniki ġodda, li ma jiffurmawx assi intanġibbli u li jiġu kontabilizzati fil-profitt u t-telf tat-term attwali, huma soġġetti għal tnaqqis addizzjonali ta' 75 % wara li jitnaqqsu kompletament fid-dawl tas-sitwazzjoni reali. Meta l-infiq tar-R&Ż imsemmi hawn fuq jifforma assi intanġibbli, dawn ikunu soġġetti għal amortizzament ibbażat fuq 175 % tal-kostijiet tal-assi intanġibbli. Minn Jannar tal-2021 'l hawn, it-tnaqqis addizzjonali qabel it-taxxa għall-ispejjeż tar-R&Ż żdied għal 100 % ([101]).

3.8.2.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(487) Il-bażi ġuridika għall-programm hija l-Artikolu 30(1) tal-Liġi tal-EIT, u l-Artikolu 95 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għal-Liġi tar-RPĊ dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi kif ukoll l-avviżi li ġejjin:

— L-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi, l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni u l-Ministeru għax-Xjenza u t-Teknoloġija dwar it-Titjib tal-Politika ta' Tnaqqis Qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż tar-R&Ż (Cai Shui tal-[2015] Nru 119);

— Iċ-Ċirkolari dwar it-Tisħiħ tal-Proporzjon ta' Super Tnaqqis qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż tar-Riċerka u l-Iżvilupp (Cai Shui tal-[2018] Nru 99)

— L-Avviż tal-[2015] Nru 97 tal-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar Kwistjonijiet Rilevanti li jikkonċernaw Politiki ta' Tnaqqis Addizzjonali Qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż tar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Intrapriżi;

— L-Avviż tal-2017 Nru 40 tal-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar Kwistjonijiet li Jikkonċernaw il-Kamp ta' Applikazzjoni Eliġibbli tal-Kalkolu tat-Tnaqqis Addizzjonali Qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż tar-Riċerka u l-Iżvilupp; u

— Il-katalogu tal-2016 ta' Oqsma ta' Teknoloġija Avvanzata Appoġġati mill-Istat.

(488) F'investigazzjonijiet preċedenti ([102]), il-Kummissjoni stabbiliet li t-*"teknoloġiji ġodda, il-prodotti ġodda u s-snajja' ġodda"*, li jistgħu jibbenefikaw mit-tnaqqis tat-taxxa, huma parti minn ċerti oqsma ta' teknoloġija għolja appoġġati mill-Istat. Kif imsemmi fil-premessa (480), l-oqsma ewlenin tat-teknoloġija avvanzata appoġġati mill-Istat huma elenkati fil-Katalogu tal-2016 ta' Oqsma ta' Teknoloġija Avvanzata appoġġati mill-Istat.

(489) Kif huwa stabbilit fil-premessa (479), il-Kapitolu IV tal-Liġi EIT fih dispożizzjonijiet rigward "Trattament tat-Taxxa Preferenzjali", b'mod partikolari l-Artikolu 25. L-Artikolu 30(1) tal-Liġi tal-EIT, li huwa wkoll parti mill-Kapitolu IV, jipprevedi li *"l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp imġarrba mill-intrapriżi fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, prodotti ġodda u tekniki ġodda"* jistgħu jitnaqqsu addizzjonalment fil-mument tal-kalkolu tad-dħul taxxabbli. L-Artikolu 95 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi jiċċara t-tifsira ta' "*nefqiet tar-R&Ż imġarrba għall-fini tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, prodotti ġodda u snajja' ġodda*", stabbilita fl-Artikolu 30(1) tal-Liġi tal-EIT.

(490) Skont iċ-Ċirkolari dwar it-Tisħiħ tal-Proporzjon ta' Super Tnaqqis qabel it-Taxxa tal-Ispejjeż tar-Riċerka u l-Iżvilupp (Cai Shui tal-[2018] Nru 99), *"fir-rigward tal-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) li fil-fatt iġġarrbu minn intrapriża mill-attivitajiet tagħha tar-R&Ż, jista' jitnaqqas 75 % addizzjonali mill-ammont reali tal-ispejjeż qabel it-taxxa, flimkien ma' tnaqqis reali ieħor, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020, dment li dawn l-ispejjeż ma jiġux ikkonvertiti fl-assi intanġibbli u ma jiġux ibbilanċjati fil-qligħ u t-telf attwali tal-intrapriża; madankollu, jekk l-imsemmija spejjeż ġew ikkonvertiti f'assi intanġibbli, tali spejjeż jistgħu jiġu amortizzati b'rata ta' 175 % tal-ispejjeż intanġibbli tal-assi qabel it-taxxa matul il-perjodu ta' għajnuna msemmi hawn fuq"*.

3.8.2.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(491) Il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji fi ħdan il-gruppi fil-kampjun gawdew *"minn tnaqqis addizzjonali fuq l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp imġarrba mir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, prodotti ġodda u tekniki ġodda"*.

([101]) L-Avviż tal-[2021] Nru 13 tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni Statali għat-Tassazzjoni dwar Titjib Ulterjuri għall-Politika ta' Tnaqqis Qabel it-Taxxa Ponderat għall-Ispejjeż tar-Riċerka u l-Iżvilupp.

([102]) Ara l-Każijiet tal-HRF, tat-Tyres u tal-GFF iċċitati fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna, il-premessi 330, 521 u 560 rispettivament.

(492) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li t-tpaċija tat-taxxa inkwistjoni hija sussidju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli mill-GTĊ li taghti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa daqs l-iffrankar tat-taxxa.

(493) Dan is-sussidju huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni nnifisha tillimita l-applikazzjoni ta' din il-miżura biss għal intrapriżi li jġarrbu spejjeż tar-R&Ż f'ċerti oqsma ta' prijorità ta' teknoloġija għolja determinati mill-Istat, bħas-settur tal-ACF.

3.8.2.3. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(494) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli kien ikkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn it-taxxa totali pagabbli skont ir-rata tat-taxxa normali u t-taxxa totali pagabbli wara t-tnaqqis addizzjonali ta' 75 % tal-ispejjeż reali fuq ir-R&Ż.

(495) L-ammont ta' sussidju stabbilit għal din l-iskema speċifika kien ta' 1,24 % għal Nanshan Group, 0,14 % għal Wanshun Group u 0,37 % għal Daching Group.

3.8.3. *Eżenzjoni tad-dividendi bejn intrapriżi residenti kwalifikati*

(496) Il-liġi tal-EIT toffri preferenzi tat-taxxa fuq l-introjtu lill-intrapriżi involuti f'industriji jew proġetti li l-iżvilupp tagħhom huwa appoġġat u inċentivat b'mod speċifiku mill-Istat u b'mod partikolari, eżenti mit-taxxa fuq l-introjtu minn investiment ta' ekwità, bħal dividendi u bonusijiet, bejn intrapriżi residenti eliġibbli.

3.8.3.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(497) Il-bażi ġuridika għall-programm hija l-Artikolu 26(2) tal-Liġi tal-EIT, flimkien mar-Regoli ta' Implimentazzjoni għal-Liġi tar-RPĊ dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi.

(498) L-Artikolu 25 tal-EIT, li huwa introduzzjoni għall-Kapitolu IV "Politiki Preferenzjali dwar it-Taxxa", jipprevedi li "*l-Istat joffri preferenzi tat-taxxa fuq l-introjtu lil intrapriżi involuti f'industriji jew proġetti li l-iżvilupp tagħhom huwa appoġġat u inċentivat b'mod speċjali mill-Istat*". Barra minn hekk, l-Artikolu 26(2) jispeċifika li l-eżenzjoni mit-taxxa hija applikabbli għal dħul minn investimenti ta' ekwità bejn "*intrapriżi residenti eliġibbli*", li jidher li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal ċerti intrapriżi residenti biss.

3.8.3.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(499) Il-Kummissjoni sabet li kumpanija waħda f'wieħed mill-gruppi fil-kampjun irċeviet eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mid-dividendi bejn intrapriżi residenti kwalifikati.

(500) Il-Kummissjoni qieset li din l-iskema tikkostitwixxi sussidju skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli mill-GTĊ li jagħti benefiċċju lill-kumpanija kkonċernata. Il-benefiċċju għar-riċevitur huwa ugwali għall-iffrankar fiskali.

(501) Dan is-sussidju huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni nnifisha tillimita l-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni biss għal intrapriżi residenti kwalifikati involuti f'industriji jew proġetti li l-iżvilupp tagħhom huwa appoġġat u inċentivat b'mod speċjali mill-Istat, bħall-industrija tal-ACF.

(502) Wara d-divulgazzjoni finali, in-Nanshan Group sostna li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi bejn l-intrapriżi residenti mhijiex sussidju kumpensabbli peress li mhijiex speċifika, hija applikabbli għall-intrapriżi kollha u għandha biss l-għan li tevita t-tassazzjoni doppja.

(503) Għalkemm il-Kummissjoni qablet li l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja hija prattika leġittima tat-taxxa, l-Artikolu 26(2) tal-EIT huwa parti mill-Kapitolu IV "Preferenzi tat-Taxxa", li jipprevedi għadd ta' trattamenti fiskali preferenzjali li huma eżenzjonijiet mir-regoli ġenerali tat-tassazzjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-Premessa 491. l-Artikolu 25 tal-EIT, li huwa introduzzjoni għall-Kapitolu IV "Politiki Preferenzjali dwar it-Taxxa", jipprevedi li "*l-Istat joffri preferenzi tat-taxxa fuq l-introjtu lil intrapriżi involuti f'industriji jew proġetti li l-iżvilupp tagħhom huwa*

*appoġġat u inċentivat b'mod speċjali mill-Istat"*. Barra minn hekk, l-Artikolu 26(2) jispeċifika li l-eżenzjoni mit-taxxa hija applikabbli għall-introjtu minn investimenti fl-ekwità bejn "intrapriżi residenti eliġibbli", u dan jidher li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal ċerti intrapriżi residenti biss. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li tali politika tat-taxxa preferenzjali hija limitata għal ċerti industriji, li huma speċifikament appoġġati u inċentivati mill-Istat, bħall-industrija tal-ACF, u għalhekk hija speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha li din l-iskema hija sussidju kumpensabbli. Din l-affermazzjoni għalhekk ġiet miċħuda.

3.8.3.3. 3. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(504) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tas-sussidju billi applikat ir-rata normali tat-taxxa għad-dħul mid-dividendi li tnaqqas mid-dħul taxxabbli.

(505) L-ammont tas-sussidju stabbilit għal din l-iskema speċifika kien ta' 0,15 % għal Nanshan Group.

3.8.4. *Eżenzjoni mit-taxxa għall-użu tal-art*

(506) Organizzazzjoni jew individwu li juża art fi bliet, fi bliet tal-kontea u fi bliet amministrattivi u f'distretti industrijali u tal-minjieri, normalment iħallas taxxa għall-użu ta' art urbana. It-taxxa għall-użu tal-art tinġabar mill-awtoritajiet fiskali lokali fejn tintuża l-art. Madankollu, ċerti kategoriji ta' art, bħal art riklamata mill-baħar, art maħsuba sabiex tintuża minn istituzzjonijiet tal-gvern, organizzazzjonijiet tan-nies u unitajiet militari għall-użu tagħhom stess, art maħsuba sabiex tintuża mill-istituzzjonijiet iffinanzjati minn allokazzjonijiet tal-gvern mill-Ministeru għall-Finanzi, art użata minn tempji reliġjużi, parks pubbliċi u siti storiċi u xeniċi, toroq, pjazez pubbliċi, meded ta' ħaxix u art pubblika urbana oħra, huma eżentati mit-taxxa fuq l-użu tal-art.

3.8.4.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(507) Il-bażi ġuridika għal dan il-programm hija:

— Ir-Regolamenti Provviżorji tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar it-Taxxa fuq il-Proprjetà Immobbli (Guo Fa tal-[1986] Nru 90, kif emendati fl-2011);

— Ir-Regolamenti *Interim* tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar it-Taxxa fuq l-Użu tal-Art Urbana (Riveduti fl-2019), l-Ordni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 709; u

— Diversi Opinjonijiet dwar l-Appoġġ Vigoruż tal-Iżvilupp Sostenibbli u b'Saħħtu tal-Ekonomija Privata (EFA tal-[2018] Nru 33).

3.8.4.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(508) Kumpanija waħda f'wieħed mill-gruppi fil-kampjun ibbenefikat minn tnaqqis fl-ammont tat-taxxa fuq l-użu tal-art ta' 50 % abbażi ta' politika speċjali applikabbli għall-kumpaniji tat-teknoloġija avvanzata fil-provinċja ta' Shandong skont l-*"Avviż tal-Gvern tal-Poplu tal-Provinċja ta' Shandong dwar il-Ħruġ ta' Diversi Politiki sabiex jiġi Appoġġat l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Ekonomija Reali"*.

(509) Il-kumpanija inkwistjoni ma kienet taqa' taħt l-ebda waħda mill-kategoriji eżentati stabbiliti mill-Artikolu 6 tar-Regolamenti *Interim* tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar it-Taxxa fuq l-Użu tal-Art Urbana (Riveduti fl-2019).

3.8.4.3. Speċifiċità

(510) Il-Kummissjoni qieset li t-tnaqqis tat-taxxa fuq l-użu tal-art għall-kumpaniji ta' teknoloġija avvanzata deskritt hawn fuq jikkostitwixxi sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) jew l-Artikolu 3(1)(a)(ii), u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi (rifużjoni tat-taxxa mħallsa) jew fil-forma ta' introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli mill-GTĊ (it-taxxa mhux imħallsa) li tagħti benefiċċju lill-kumpanija kkonċernata. Is-sussidju huwa speċifiku peress li huwa mmirat biss lejn kumpaniji ta' teknoloġija avvanzata fi Shandong.

(511) Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għall-ammont rimborżat/iffrankar tat-taxxa.

(512) Wara d-divulgazzjoni finali. il-grupp Wanshun stqarr li:

(a) Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. ma bbenefikat minn ebda eżenzjoni mit-taxxa fir-rigward tal-art tagħha. Il-klassi tal-art inbidlet minn klassi għal oħra, u għalhekk ir-rata tat-taxxa applikabbli nbidlet ukoll. Għalhekk, l-allegat ħlas parzjali tat-taxxa fuq l-użu tal-art mill-kumpanija jirrifletti biss il-bidla fil-klassi tal-art,

(b) It-taxxa fuq l-art imħallsa minn Jiangsu Huafeng Aluminium Industry Co., Ltd matul il-PI kienet aktar mit-taxxa normali fuq l-użu tal-art pagabbli, kif ikkalkulata mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-kumpanija ma kisbet l-ebda benefiċċju f'dan ir-rigward,

(c) Il-Kummissjoni wettqet żball klerikali meta kkalkulat it-taxxa fuq l-art imħallsa minn Shantou Whanshun,

(513) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-ewwel pretensjoni. Wanshun ma pprovda l-ebda dokumentazzjoni jew raġunament ulterjuri li jsostni d-dikjarazzjoni tiegħu li l-kategorija ta' art kienet inbidlet minn klassi għal oħra. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(514) Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba, il-Kummissjoni aċċettat it-talbiet u għamlet korrezzjoni għall-kalkolu tal-benefiċċju.

#### 3.8.4.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(515) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli ġie kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-benefiċċju tqies bħala l-ammont imnaqqas matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-ammont ta' sussidju stabbilit għal din l-iskema speċifika kien ta' 0,06 % għal Nanshan Group u ta' 0,01 % għal Wanshun Group.

### 3.8.5. *Programmi ta' eżenzjoni mit-taxxa indiretta u mit-tariffi*

#### 3.8.5.1. Eżenzjonijiet mill-VAT u tnaqqis tat-taxxa tal-importazzjoni għall-użu ta' tagħmir importat u t-teknoloġija

(516) Dan il-programm jipprovdi eżenzjoni mill-VAT u mit-taxxi tal-importazzjoni għal importazzjonijiet ta' tagħmir kapitali li jintuża fil-produzzjoni tagħhom. Sabiex intrapriża tibbenefika mill-eżenzjoni, it-tagħmir ma jridx jaqa' taħt lista ta' tagħmir mhux eliġibbli u l-intrapriża li tagħmel it-talba trid tikseb Ċertifikat ta' proġett Inċentivat mill-Istat maħruġ mill-awtoritajiet Ċiniżi f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-investiment, it-taxxa u d-dwana.

#### 3.8.5.2. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(517) Il-bażi ġuridika għal dan il-programm hija:

— Iċ-Ċirkulari tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Aġġustament ta' Politiki Fiskali dwar Tagħmir Importat, Guo Fa tal-[1997] Nru 37;

— L-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi, l-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana u l-Amministrazzjoni Statali tat-Tassazzjoni dwar l-Aġġustament ta' Ċerti Politiki Preferenzjali dwar id-Dazju tal-Importazzjoni;

— L-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi, l-Amministrazzjoni Doganali Ġenerali u l-Amministrazzjoni tal-Istat għat-Tassazzjoni tal-[2008] Nru 43;

— L-Avviż tal-NDRC dwar il-kwistjonijiet rilevanti li jikkonċernaw l-Immaniġġjar tal-Ittra ta' konferma dwar Proġetti Domestiċi jew b'Finanzjament Barrani inċentivati mill-Istat sabiex jiżviluppaw, tal-[2006] Nru 316; u

— Il-Katalogu dwar l-Oġġetti importati li ma jistgħux jiġu eżentati mid-Dazju kemm għall-FIEs kif ukoll għall-intrapriżi domestiċi, tal-2008.

#### 3.8.5.3. Sejbiet tal-investigazzjoni

(518) Tagħmir li jiġi importat sabiex jiġu żviluppati proġetti ta' investiment domestiċi u barranin skont il-politika ta' inċentivar ta' proġetti ta' investiment domestiċi u barranin jista' jiġi eżentat mill-ħlas tal-VAT u/jew tad-dazju tal-importazzjoni, sakemm il-kategorija tat-tagħmir tkun imniżżla fil-katalogu ta' oġġetti li ma jistgħux jiġu eżentati mid-dazju.

(519) Il-GTĊ sostna li b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, id-dazju tal-importazzjoni biss kien eżentat u ngabret il-VAT fuq l-importazzjoni ta' tagħmir għall-użu personali.

(520) Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġew identifikati eżenzjonijiet kemm tal-VAT kif ukoll tad-dazju tal-importazzjoni fil-kumpaniji fil-kampjun. Dawn kienu jinkludu eżenzjonijiet għal tagħmir importat fis-snin preċedenti, iżda li għalih il-benefiċċju ġie ammortizzat matul il-ħajja ta' dak it-tagħmir u għalhekk kien parzjalment allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni ma rat l-ebda evidenza li din l-eżenzjoni kienet qiegħda topera matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni, abbażi tal-evidenza fil-fajl relatat mal-kumpaniji fil-kampjun, stabbiliet li l-kumpaniji fil-kampjun xorta għamlu użu mill-benefiċċji taħt dan il-programm matul dak il-perjodu.

(521) Dan il-programm għalhekk jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli mill-GTĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku peress li l-FIEs u intrapriżi domestiċi eliġibbli oħrajn jinħelsu mill-pagament tal-VAT u/jew tat-tariffi li kieku kienu jkunu dovuti. Jagħti wkoll benefiċċju lill-kumpaniji benefiċjarji fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(522) Il-programm huwa speċifiku fis-sens tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku. Il-leġiżlazzjoni li abbażi tagħha topera l-awtorità awtorizzanti tillimita l-aċċess tagħha għal intrapriżi li jinvestu f'kategoriji kummerċjali speċifiċi definiti b'mod eżawrjenti mil-liġi u li jappartjenu jew għall-kategorija inċentivati jew inkella għall-kategorija ristretta B fil-Katalogu għall-gwida tal-industriji għall-investiment barrani u t-trasferiment tat-teknoloġija, jew dawk li huma konformi mal-Katalogu ta' industriji, prodotti u teknoloġiji ewlenin, li l-iżvilupp tagħhom huwa inċentivat mill-Istat. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda kriterji oġġettivi li jillimitaw l-eliġibbiltà għal dan il-programm u ma hemm l-ebda evidenza konklużiva sabiex wieħed jiddeduċi li l-eliġibbiltà hija awtomatika skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku.

(523) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Wanshun sostna li Anhui Maximum Aluminium Industries Co., Ltd ma bbenefikatx mill-iskema ta' eżenzjoni mill-VAT, peress li ġiet itterminata fil-31 ta' Diċembru 2008, filwaqt li l-makkinarju ta' Maximum inxtara fl-2020. Barra minn hekk, id-differenza bejn il-VAT effettivament imħallsa mill-kumpannija, l-ammont ta' VAT dovut ikkalkolat mill-Kummissjoni jirriżulta mill-fatt li l-prezzijiet tax-xiri użati mill-Kummissjoni jinkludu spejjeż oħra.

(524) Il-Kummissjoni aċċettat it-talba u kkoreġiet il-kalkoli kif xieraq.

(525) Nanshan Gropup sostna wkoll li fl-istabbiliment tal-benefiċċju għall-eżenzjonijiet mid-dazju tal-importazzjoni fuq il-makkinarju, il-Kummissjoni wettqet tliet żbalji li Nanshan Group jelabora fuqhom hawn taħt

(526) Il-Kummissjoni b'mod żbaljat allokat benefiċċju għall-perjodu ta' investigazzjoni għal ċertu tagħmir mixtri ħafna qabel il-perjodu ta' investigazzjoni u għalhekk iddeprezzat għal kollox.

(527) Għal waħda mill-kumpaniji fil-Grupp Nanshan, il-Kummissjoni użat ir-reġistru tal-assi fissi għall-kumpanija kollha kemm hi, li jinkludi bosta makkinarju u apparat użat minn unitajiet kummerċjali oħra minbarra dawk relatati mal-ACF. Bħala tali, il-Kummissjoni għandha teskludi eżenzjonijiet mid-dazju tal-importazzjoni relatati ma' tagħmir mhux użat għall-prodott li qed jiġi investigat.

(528) Il-Kummissjoni kklassifikat ukoll b'mod mhux xieraq it-tagħmir fl-importazzjoni u l-akkwist domestiku.

(529) Il-Kummissjoni aċċettat it-talba li tikkonċerna tagħmir li ġie deprezzat għal kollox qabel il-perjodu ta' investigazzjoni u kkoreġiet il-kalkolu skont dan. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li Nanshan Group ma kienx mela l-parti rilevanti tal-kwestjonarju kontra s-sussidji li jikkonċerna l-makkinarju tiegħu u għalhekk Nanshan Group ma setax juri b'liema unità kummerċjali ntuża ċertu makkinarju u lanqas ma seta' jipprovdi biżżejjed evidenza fir-rigward tad-diviżjoni bejn il-makkinarju importat u dak akkwistat domestikament. Għaldaqstant, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

3.8.5.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(530) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli jiġi kkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lill-benefiċjarji, li jinstab li jeżisti matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri jitqies li huwa l-ammont ta' VAT u dazji eżentat fuq tagħmir importat. Sabiex jiġi żgurat li l-ammont kumpensabbli kopra biss il-perjodu ta' investigazzjoni, il-benefiċċju riċevut ġie ammortizzat fuq il-ħajja utli tat-tagħmir skont il-proċeduri kontabilistiċi normali tal-kumpanija.

(531) Ir-rata ta' sussidju stabbilita għal din l-iskema speċifika kienet ta' 0,47 % għal Nanshan Group, 0,12 % għal Wanshun Group u 0,21 % għal Daching Group.

3.8.6. *Total għall-iskemi kollha ta' eżenzjoni mit-taxxa u għall-programmi ta' tnaqqis*

(532) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ iddikjara li l-programmi tat-taxxa kollha msemmija hawn fuq fihom kriterji oġġettivi li jirregolaw l-eliġibbiltà għall-aċċess għall-benefiċċju. Ladarba dawn il-kriterji jiġu ssodisfati, l-attribuzzjoni tal-benefiċċju tkun awtomatika. Madankollu, kif spjegat għal kull programm separatament fit-taqsimiet preċedenti, dawn l-iskemi japplikaw biss għal intrapriżi li qed joperaw f'ċerti oqsma ta' prijorità ta' teknoloġija għolja jew industriji inċentivati. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(533) Il-Grupp Nanshan sostna wkoll li l-Kummissjoni għamlet żball klerikali, u bi żball inkludiet eżenzjoni mit-taxxa għal waħda mill-kumpaniji tal-grupp. Din il-pretensjoni ġiet aċċettata u l-kalkoli ġew aġġornati skont dan.

(534) Ir-rata tas-sussidju totali stabbilita fir-rigward tal-iskemi tat-taxxa kollha matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi fil-kampjun kienet kif ġej:

**Eżenzjonijiet u tnaqqis ta' taxxa**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 2,51 % |
| Wanshun Group | 0,70 % |
| Daching Group | 1,06 % |

3.9. **Forniment mill-gvern ta' oġġetti u servizzi għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata**

3.9.1. *Il-forniment tal-art għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata*

(535) L-art kollha fir-RPĊ hija proprjetà jew tal-Istat jew ta' kollettiva, magħmula minn villaġġi jew bliet żgħar, qabel ma t-titolu legali jew ekwitabbli tal-art ikun jista' jingħata privattiva jew jingħata lil sidien korporattivi jew individwali. L-irqajja' tal-art kollha f'żoni urbanizzati huma proprjetà tal-Istat u l-irqajja' art kollha f'żoni rurali huma proprjetà tal-irħula jew tal-bliet żgħar fihom.

(536) Skont il-Kostituzzjoni tar-RPĊ u l-Liġi dwar l-Artijiet, il-kumpaniji u l-individwi jistgħu madankollu jixtru "drittijiet għall-użu tal-art". Għal art industrijali, il-kera hija normalment ta' 50 sena, li tiġġedded għal perjodu ieħor ta' 50 sena.

(537) Skont il-GTĊ, l-Artikolu 137 tal-Liġi dwar il-proprjetà tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jistipula li "*l-art użata għall-finijiet tal-industrija, tan-negozju, tad-divertiment jew tad-djar residenzjali kummerċjali, ecc. jew l-art li għaliha hemm żewġ utenti maħsuba jew aktar, għandha tiġi ttrasferita permezz ta' rkant, stedina għal offerti jew kwalunkwe metodu pubbliku ieħor ta' offerti.*" Barra minn hekk, il-GTĊ jirreferi għall-Artikolu 3 tar-Regolamenti *Interim* tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-għoti u t-trasferiment tad-dritt għall-użu tal-art tal-Istat f'żoni urbani. Dan l-Artikolu jipprevedi li "*kwalunkwe kumpanija, intrapriża, organizzazzjoni oħra u individwu fi ħdan jew barra mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jistgħu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, jiksbu d-dritt għall-użu tal-art u jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp, l-użu u l-ġestjoni tal-art skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti.*"

(538) Il-GTĊ huwa tal-fehma li fir-RPĊ hemm suq ħieles għall-art u li l-prezz imħallas minn intrapriża industrijali għat-titolu ta' twellija tal-art jirrifletti l-prezz tas-suq.

3.9.1.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

(539) Id-dispożizzjoni tad-dritt tal-użu tal-art fiċ-Ċina taqa' taħt il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Artijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Barra minn hekk, id-dokumenti li ġejjin huma wkoll parti mill-bażi ġuridika

(1) Il-Liġi dwar il-Proprjetà tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (l-Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 62);

(2) Il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Art tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (l-Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 28);

(3) Il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetà Immobbli Urbana (l-Ordni tal-President tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 18);

(4) Ir-Regolamenti *Interim* tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-Għoti u t-Trasferiment tad-Dritt għall-Użu tal-Art tal-Istat fiż-Żoni Urbani (id-Digriet Nru 55 tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina);

(5) Ir-Regolament dwar l-Implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Artijiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (l-Ordni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tal-[2014] Nru 653);

(6) Id-Dispożizzjoni dwar l-Għoti tad-Dritt tal-Użu tal-Art għall-Kostruzzjoni tal-Istat permezz ta' Sejħa għall-Offerti, Irkant u Kwotazzjoni (l-Avviż Nru 39 tas-CSRC); u

(7) L-Avviż tal-Kunsill tal-Istat dwar Kwistjonijiet Rilevanti dwar it-Tisħiħ tal-Kontroll tal-Art (Guo Fa tal-(2006) Nru 31).

3.9.1.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(540) Skont l-Artikolu 10 tad-Dispożizzjoni dwar l-Għoti tad-Dritt tal-Użu tal-Art għall-Kostruzzjoni tal-Istat permezz ta' Sejħa għall-Offerti, Irkant u Kwotazzjoni, l-awtoritajiet lokali jistabbilixxu l-prezzijiet tal-art skont is-sistema ta' evalwazzjoni tal-art urbana, li tiġi aġġornata kull tliet snin, u l-politika industrijali tal-gvern.

(541) F'investigazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet imħallsa għal-LURs fir-RPĊ ma kinux rappreżentattivi ta' prezz tas-suq iddeterminat mill-provvista u d-domanda tas-suq ħieles, peress li s-sistema tal-irkantar instabet li ma kinitx ċara, mhux trasparenti u ma kinitx qiegħda tiffunzjona fil-prattika, u l-prezzijiet instabu li kienu stabbiliti b'mod arbitrarju mill-awtoritajiet. Kif imsemmi fil-premessa preċedenti, l-awtoritajiet jistabbilixxu l-prezzijiet skont is-sistema ta' evalwazzjoni tal-art urbana, li tordnalhom, fost kriterji oħrajn, sabiex jikkunsidraw ukoll il-politika industrijali meta jistabbilixxu l-prezz tal-art industrijali.

(542) L-investigazzjoni attwali ma wriet ebda tibdil notevoli f'dan ir-rigward. Pereżempju, il-Kummissjoni sabet li l-biċċa l-kbira mill-kumpaniji fil-kampjun kisbu d-drittijiet ta' użu tal-art tagħhom permezz ta' allokazzjoni mill-awtoritajiet lokali u mhux permezz ta' proċedura ta' offerti.

(543) Għal irqajja' tal-art li ġew provduti permezz ta' offerti, il-Kummissjoni sabet li f'kull każ, kien hemm offerent wieħed biss għall-art, u l-prezz imħallas kien jikkorrispondi għall-prezz inizjali tal-proċess tal-offerti. Fin-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata addizzjonali dwar il-proċess attwali tal-irkant, ma kinitx ċerta jekk il-prezz inizjali ġiex stabbilit b'mod indipendenti u kienx jikkorrispondi għall-valur tas-suq tal-LUR.

(544) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet ukoll li xi kumpaniji rċevew rifużjonijiet mill-awtoritajiet lokali sabiex jikkumpensaw għall-prezzijiet li ħallsu għal-LURs. Apparti dan, uħud mil-LURs miksuba kellhom jitħallsu biss diversi snin wara li l-art kienet bdiet tintuża. Fir-rigward tal-LURs li huma proprjetà ta' kumpaniji fi ħdan Nanshan Group, kif imsemmi fil-premessi (135) sa (137), ma setgħet tiġi pprovduta l-ebda prova ta' kwalunkwe proċess ta' xiri għall-biċċa l-kbira mill-irqajja' tal-art fil-grupp.

(545) L-evidenza ta' hawn fuq tikkontradixxi d-dikjarazzjonijiet tal-GTĊ li l-prezzijiet imħallsa għal-LUR fir-RPĊ huma rappreżentattivi tal-prezz iddeterminat mill-provvista u d-domanda tas-suq ħieles. Għall-kuntrarju, is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni juru li l-akkwist ta' LUR fir-RPĊ ma kienx trasparenti u l-prezzijiet ġew stabbiliti b'mod arbitrarju mill-awtoritajiet.

(546) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ iddikjara li ma ngħata l-ebda benefiċċju lill-kumpaniji fil-kampjun permezz tal-għoti ta' drittijiet tal-użu tal-art minħabba li hemm suq ħieles għall-art fir-RPĊ. F'dan ir-rigward, il-GTĊ irrefera għall-Artikolu 347 tal-Kodiċi Ċivili tar-RPĊ, li skontu *"fejn l-art tintuża għal skopijiet industrijali, kummerċjali, turistiċi jew divertenti, bħala residenza ta' komodità, jew għal skopijiet oħra ta' profitt, jew hemm żewġ persuni jew aktar li huma lesti li jużaw l-istess biċċa art, id-dritt għall-użu tal-art għall-kostruzzjoni għandu jiġi assenjat permezz ta' stedina għall-offerti, irkant jew offerti miftuħa oħra. Il-prezz tal-art huwa stabbilit permezz tal-kompetizzjoni tas-suq"*.

(547) Madankollu, il-Kummissjoni sabet li, għalkemm hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet tal-użu tal-art b'mod trasparenti u bil-prezzijiet tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex rispettati regolarment, b'ċerti xerrejja jiksbu l-art tagħhom b'xejn jew taħt ir-rati tas-suq. Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluża l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jallokaw l-art. Fi kwalunkwe każ, kif imsemmi fil-premessa (543) hawn fuq, fil-każijiet rari fejn l-art ġiet ipprovduta permezz ta' proċess ta' rkant, l-informazzjoni pprovduta ma kinitx biżżejjed biex jiġi konkluż li l-prezzijiet kienu stabbiliti b'mod indipendenti u kienu jikkorrispondu għall-valur tas-suq tal-art.

(548) Għalhekk, il-forniment tal-LURs mill-GTĊ jikkostitwixxi sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku fil-forma ta' provvista ta' oġġetti, li jagħti benefiċċju lill-kumpaniji benefiċjarji. Kif huwa spjegat fil-premessi (541) sa (545) hawn fuq, ma hemm l-ebda suq li jiffunzjona għall-art fir-RPĊ u l-użu ta' valur referenzjarju estern (ara l-premessi minn (551) sa (554) hawn taħt) juri li l-ammont imħallas għal-LURs mill-produtturi esportaturi fil-kampjun huwa ferm anqas mir-rata normali tas-suq.

#### 3.9.1.3. Speċifiċità

(549) Fil-kuntest ta' aċċess preferenzjali għall-art industrijali għal kumpaniji li jappartjenu għal ċerti industriji, il-Kummissjoni nnotat li l-prezz stabbilit mill-awtoritajiet lokali jrid iqis il-politika industrijali tal-gvern, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (541). Fi ħdan din il-politika industrijali, l-industrija tal-ACF hija elenkata bħala industrija inċentivati ([103]). Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 40 tirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jiżguraw li l-art tiġi pprovduta lill-industriji inċentivati. L-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Nru 40 jagħmilha ċara li l-industriji li huma "ristretti" mhux se jkollhom aċċess għal-LURs. Minn dan isegwi li s-sussidju huwa speċifiku skont l-Artikolu 4(2)(a) u 4(2)(c) tar-Regolament bażiku minħabba li l-forniment preferenzjali tal-art huwa limitat għal kumpaniji li jappartjenu għal ċerti industriji, f'dan il-każ l-industrija tal-ACF, u l-prattiki tal-gvern f'dan il-qasam ma humiex ċari u trasparenti.

(550) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ ma qabilx mal-Kummissjoni li l-miżuri huma speċifiċi, iżda mingħajr ma pprovda evidenza addizzjonali. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonfermat il-konklużjonijiet tagħha.

#### 3.9.1.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(551) Bħal f'investigazzjonijiet preċedenti ([104]) u f'konformità mal-Artikolu 6(d)(ii) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-art mit-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu ("it-Tajpej Ċiniż") intużaw bħala parametru referenzjarju estern ([105]). Il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri jiġi kkalkolat billi titqies id-differenza bejn l-ammont effettivament imħallas minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun (jiġifieri l-prezz reali mħallas kif iddikjarat fil-kuntratt u, meta applikabbli, il-prezz iddikjarat fil-kuntratt imnaqqas bl-ammont ta' rifużjonijiet/għotjiet tal-gvern lokali) għal-LURs u l-ammont li normalment kellu jitħallas abbażi tal-parametru referenzjarju tat-Tajpej Ċiniż.

([103]) Ara t-Taqsima 3.1 aktar 'il fuq.
([104]) Ara l-Każijiet tal-GFF, tal-OCS, u tal-Pannelli solari.
([105]) Ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-444/11 Gold East Paper u Gold Huacheng Paper vs Il-Kunsill, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2014 ECLI:EU:T:2014:773.

(552) Għall-irqajja' tal-art ta' Nanshan Group li għalihom ma setgħet tiġi pprovduta l-ebda prova ta' sostenn, il-prezz effettivament imħallas kien ikkunsidrat bħala 0.

(553) Il-Kummissjoni tqis li t-Tajpej Ċiniż bħala parametru referenzjarju estern xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

— il-livell komparabbli ta' żvilupp ekonomiku, il-PDG u l-istruttura ekonomika fit-Tajpej Ċiniż u l-parti l-kbira mill-provinċji u l-ibliet fir-RPĊ fejn huma bbażati l-produtturi esportaturi fil-kampjun;

— il-prossimità fiżika tar-RPĊ u tat-Tajpej Ċiniż;

— il-livell għoli ta' infrastruttura industrijali kemm fit-Tajpej Ċiniż kif ukoll f'ħafna provinċji tar-RPĊ;

— ir-rabtiet ekonomiċi u l-kummerċ transfruntier b'saħħithom bejn it-Tajpej Ċiniż u r-RPĊ;

— id-densità għolja tal-popolazzjoni f'ħafna mill-provinċji tar-RPĊ u fit-Tajpej Ċiniż;

— ix-xebh bejn it-tip ta' art u t-tranżazzjonijiet użati għat-tiswir tal-parametru referenzjarju rilevanti fit-Tajpej Ċiniż ma' dawk tar-RPĊ; u

— il-karatteristiċi demografiċi, lingwistiċi u kulturali komuni bejn it-Tajpej Ċiniż u r-RPĊ.

(554) Wara l-metodoloġija applikata f'investigazzjonijiet preċedenti ([106]), il-Kummissjoni użat il-prezz medju tal-art għal kull metru kwadru stabbilit fit-Tajpej Ċiniż ikkoreġut għall-inflazzjoni u l-evoluzzjoni tal-PDG mid-dati tal-kuntratti rispettivi tad-drittijiet ta' użu tal-art. L-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-art industrijali mill-2015 'l hawn inkisbet mis-sit web tal-Uffiċċju Industrijali tal-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi tat-Tajwan ([107]). Għas-snin preċedenti, il-prezzijiet ġew ikkoreġuti bl-użu tar-rati tal-inflazzjoni u l-evoluzzjoni tal-PDG *per capita* bil-prezzijiet attwali f'USD għat-Tajwan kif ippubblikati mill-FMI għall-2015.

(555) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ iddikjara li l-Kummissjoni kellha tuża valur referenzjarju domestiku għall-art. Madankollu, il-GTĊ naqas milli jipprovdi xi statistika jew data li tista' tintuża għal dan il-għan.

(556) Il-GTĊ sostna wkoll li l-prezzijiet fit-Taipei Ċiniża ma huma bl-ebda mod komparabbli ma' dawk fiċ-Ċina kontinentali, għal raġunijiet ta' popolazzjoni u ġeografiċi, iżda wkoll minħabba li l-art fiċ-Ċina hija mikrija, mhux proprjetà, filwaqt li s-suq tal-art Ċiniż ta' Taipei huwa soġġett għal drittijiet ta' xiri. Għalhekk, il-GTĊ iddikjara li jeħtieġ li jsir aġġustament biex jirriflettu dawn il-fatturi.

(557) Barra minn hekk, kemm Wanshun Group kif ukoll Nanshan Group sostnew li l-punt ta' riferiment użat mill-Kummissjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-użu tal-art kien għoli b'mod mhux raġonevoli u ma kienx jirrifletti l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiċ-Ċina. Dan kien dovut għall-fatt li t-Tajwan f'dawn l-aħħar snin kien qed jiffaċċja sitwazzjoni eċċezzjonali ta' nuqqas ta' art u ħżin industrijali tal-art, ineżistenti fiċ-Ċina. Għalhekk, dan il-parametru referenzjarju għoli żied b'mod artifiċjali u inġust il-benefiċċju fir-rigward tad-drittijiet tal-użu tal-art, u l-ammont sħiħ tas-sussidju ddeterminat għall-grupp. Huma żiedu li t-Tajwan ma kellux wisq art disponibbli għall-industrija u kien f'livell ekonomiku differenti meta mqabbel maċ-Ċina. Minflok, il-prezzijiet tal-art fit-Tajlandja għandhom jintużaw bħala punt ta' riferiment xieraq fir-rigward tad-drittijiet tal-użu tal-art.

(558) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-għażla tat-Tajpej Ċiniża bħala punt ta' riferiment kienet ibbażata fuq l-eżami ta' diversi fatturi elenkati fil-premessa (553). Għalkemm hemm ċerti differenzi fil-kundizzjonijiet tas-suq bejn id-drittijiet tal-użu tal-art fiċ-Ċina kontinentali u l-bejgħ tal-art fit-Tajpej Ċiniża, dawn mhumiex ta' natura li jinvalidaw l-għażla tat-Taipei Ċiniża bħala punt ta' riferiment raġonevoli. B'ħarsa aktar mill-qrib lejn id-densità tal-popolazzjoni tal-lokalitajiet attwali tal-produtturi esportaturi, jidher li ċ-ċifri tad-densità tal-popolazzjoni huma fil-

([106]) Ara l-Każijiet tal-GFF, tal-OCS, u tal-Pannelli solari.

([107]) https://idbpark.moeaidb.gov.tw/, aċċessat l-aħħar fit-18 ta' Awwissu 2021.

fatt simili għal Taipei Ċiniża. Pereżempju, id-densità tal-popolazzjoni ta' Jiangyin kienet ta' 1 600 persuna għal kull $m^2$ fl-2020 ([108]); u d-densità ta 'Xiamen kien 3 036 persuni għal kull $m^2$ ([109]). Il-Kummissjoni lanqas ma tara l-effetti tal-kriżi tal-art fl-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' referenza. Għalkemm kien hemm żieda qawwija fil-prezzijiet fis-snin 2015–2016, il-prezzijiet baqgħu pjuttost stabbli f'dawn l-aħħar snin. Fi kwalunkwe każ, il-biċċa l-kbira tal-plottijiet tal-art ġew akkwistati mill-kumpaniji fil-kampjun ħafna qabel dan, u għalhekk ma setgħux jiġu affettwati minn avvenimenti reċenti. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx iġġustifikat aġġustament.

(559) L-ammont ta' sussidju stabbilit fir-rigward tal-LURs matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi fil-kampjun jammonta għal:

**Il-forniment tal-art għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 4,47 % |
| Wanshun Group | 1,78 % |
| Daching Group | 1,28 % |

3.9.2. *Provvista tal-elettriku b'rata mnaqqsa*

3.9.2.1. Bażi Ġuridika/Qafas Regolatorju

— Iċ-Ċirkolari tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Enerġija dwar il-Promozzjoni Attiva tat-Tranżazzjonijiet tal-Enerġija orjentati lejn is-Suq u Titjib Ulterjuri tal-Mekkaniżmu tal-Kummerċ, Fa Gua Yun Xing tal-[2018] Nru 1027, maħruġ fis-16 ta' Lulju 2018;

— Diversi Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u tal-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma tas-Sistema tal-Elettriku (Zhong Fa tal-[2015] Nru 9);

— L-Avviż dwar il-Liberalizzazzjoni Totali tal-Pjan tal-Ġenerazzjoni u l-Konsum tal-Elettriku għall-Utenti Operattivi b'mod Kummerċjali (il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma tal-[2019] Nru 1105);

— Ir-Regoli għan-Negozjar tal-Elettriku għal Tranżazzjonijiet fuq Terminu Medju u Terminu Twil fil-Provinċja ta' Jiangsu;

— L-Avviż tal-Uffiċċju tal-Prezzijiet tal-Provinċja ta' Jiangsu dwar Aġġustament Raġonevoli tal-Istruttura tal-Prezzijiet tal-Elettriku, Su Jia Gong tal-[2017] Nru 124; u

— Iċ-Ċirkolari tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma dwar it-Tnaqqis tal-Kost tal-Elettriku tal-Intrapriżi sabiex jiġi Appoġġat ir-Restawr tal-Iżvilupp tax-Xogħol u tal-Produzzjoni u l-Prezz tar-Riforma tal-[2020] Nru 258.

3.9.2.2. Sejbiet tal-investigazzjoni

(560) Tnejn mill-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun xtraw l-elettriku tagħhom. Barra minn hekk, Nanshan Group ipproduċa l-elettriku fl-impjant tiegħu stess tal-faħam.

(561) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-kumpaniji investigati fi ħdan dawn iż-żewġ gruppi fil-kampjun ibbenefikaw minn tnaqqis jew rifużjonijiet/aġġustamenti ta' parti mill-kost tal-elettriku tagħhom minħabba li dawn il-kumpaniji pparteċipaw fil-programm pilota għal tranżazzjonijiet tal-elettriku orjentati lejn is-suq.

([108]) Jiangyin - Wikipedia
([109]) Xiamen - Wikipedia

(562) Il-Kummissjoni sabet ukoll li ċerti kumpaniji investigati huma permessi jixtru l-elettriku direttament minn ġeneraturi tal-enerġija billi jiffirmaw ftehimiet ta' xiri dirett, minflok jixtru mill-grilja. Tali kuntratti jipprevedu ċerta kwantità ta' elettriku bi prezz partikolari, li huwa anqas mill-prezzijiet uffiċjali stabbiliti fil-livell provinċjali għall-utenti industrijali kbar.

(563) Il-possibbiltà li jidħlu f'kuntratti diretti bħal dawn bħalissa ma hijiex miftuħa għall-konsumaturi industrijali l-kbar kollha. Fil-livell nazzjonali, l-Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u l-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma tas-Sistema tal-Enerġija jispeċifikaw pereżempju li *"l-intrapriżi li ma jikkonformawx mal-politika industrijali nazzjonali u li l-prodotti u l-proċessi tagħhom jiġu eliminati ma għandhomx jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet diretti"* ([110]). L-istess Opinjonijiet jistipulaw ukoll li *"wara li jiġu ddeterminati l-istandards tal-aċċess, għandhom jiġu aġġornati wkoll il-katalogi tal-intrapriżi lokali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-bejjiegħa bl-imnut tal-elettriku li jissodisfaw l-istandards li jiġu ppubbliċizzati kull sena mill-gvernijiet u jimplimentaw regolamentazzjoni dinamika tal-katalogu tal-utenti. L-intrapriżi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-bejjiegħa bl-imnut tal-elettriku u l-utenti inklużi fil-katalogu jistgħu jirreġistraw b'mod volontarju mal-istituzzjonijiet kummerċjali sabiex isiru atturi fis-suq"*. Għalhekk, sabiex tipparteċipa fis-sistema ta' kummerċ dirett, kumpanija jenħtieġ li tissodisfa ċerti standards u tkun inkluża fil-*"katalogu tal-utenti"*.

(564) Fil-prattika, in-negozjar dirett fl-elettriku jitwettaq mill-provinċji. Il-kumpaniji jridu japplikaw mal-awtoritajiet provinċjali għall-approvazzjoni sabiex jipparteċipaw fl-iskema pilota tal-elettriku dirett, u jridu jissodisfaw ċerti kriterji. Għal ċerti kumpaniji, ma hemm l-ebda proċess attwali ta' negozjar jew ta' offerti bbażat fuq is-suq, peress li l-kwantitajiet mixtrija taħt kuntratti diretti ma humiex ibbażati fuq il-provvista u d-domanda reali. Fil-fatt, il-ġeneraturi tal-enerġija u l-utenti tal-enerġija ma humiex ħielsa li jbigħu jew jixtru direttament l-elettriku kollu tagħhom. Huma ristretti minn kwoti kwantitattivi, li huma allokati lilhom mill-gvern lokali. Barra minn hekk, għalkemm il-prezzijiet suppost jiġu nnegozjati direttament bejn il-ġeneraturi tal-enerġija u l-utenti tal-enerġija jew permezz ta' kumpaniji intermedjarji tas-servizzi, il-fatturi lill-kumpaniji fil-fatt jinħarġu minn State Grid Company. Fl-aħħar nett, il-kuntratti kollha ta' xiri dirett iffirmati jridu jiġu ppreżentati lill-gvern lokali għar-reġistrazzjoni.

(565) Fl-2018, il-GTĊ ħareġ iċ-Ċirkolari tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Enerġija dwar il-Promozzjoni Attiva tat-Tranżazzjonijiet tal-Enerġija orjentati lejn is-Suq u t-Titjib Ulterjuri tal-Mekkaniżmu tan-Negozjar. Għalkemm iċ-Ċirkolari għandha l-għan li żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet diretti fis-suq tal-elettriku, hija ssemmi speċifikament ċerti industriji, inklużi l-industriji tat-teknoloġija avvanzata bħall-industrija tal-ACF, kif appoġġati u li jibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. B'mod partikolari, it-Taqsima III "Ftuħ li jippermetti d-dħul ta' utenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti", il-punt (2) tipprevedi li *"l-appoġġ lill-industriji emerġenti b'valur miżjud għoli, bħall-industriji tal-manifattura tat-teknoloġija avvanzata, tal-Internet, tal-big data u dawk ta' livell għoli, kif ukoll l-intrapriżi b'vantaġġi u karatteristiċi distinti u kontenut ta' teknoloġija avvanzata, sabiex jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet, ħielsa minn restrizzjonijiet dwar il-livelli ta' vultaġġ u dwar il-konsum tal-enerġija"*.

(566) Barra minn hekk, skont l-Avviż dwar il-Liberalizzazzjoni Totali tal-Pjan tal-Ġenerazzjoni u l-Konsum tal-Elettriku għall-Utenti Operattivi b'mod Kummerċjali, li għandu l-għan li jilliberalizza aktar is-suq tal-elettriku, jipprevedi li *"fost l-utenti kummerċjali tal-elettriku, dawk li ma jikkonformawx mal-politiki nazzjonali tal-industrija ma għandhomx jipparteċipaw b'mod provviżorju fi tranżazzjonijiet orjentati lejn is-suq, u l-utenti tal-elettriku li l-prodotti u l-proċessi tagħhom jappartjenu għall-kategoriji eliminati u ristretti tal-'Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament Strutturali tal-Industrija' għandhom jimplimentaw b'mod strett il-politika attwali dwar il-prezzijiet differenzjali għall-elettriku."*

(567) Għalhekk, il-leġiżlazzjoni tipprevedi applikazzjoni selettiva ta' tranżazzjonijiet diretti fis-suq tal-elettriku limitati għal ċerti industriji bħall-industriji li jikkonformaw mal-politiki nazzjonali tal-industrija, b'enfasi partikolari fuq l-industriji tat-teknoloġija avvanzata. B'riżultat ta' dan, dawn l-industriji jħallsu prezzijiet orħos għall-elettriku.

([110]) Diversi Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u l-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma tas-Sistema tal-Enerġija (Zhong Fa tal-[2015] Nru 9), it-Taqsima III (4).

(568) Il-Kummissjoni għalhekk qieset li r-rata mnaqqsa tal-elettriku u r-rifużjonijiet/aġġustamenti li jirriżultaw min-negozjar dirett tal-elettriku, li fihom ħadu sehem il-kumpaniji fil-kampjun, jikkostitwixxu sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' introjtu kkunsidrat bħala ineżiġibbli mill-GTĊ (jiġifieri l-operatur tal-grilja) li jagħti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għall-iffrankar tal-kost tal-elettriku, jew permezz ta' prezzijiet tal-elettriku mnaqqsa jew permezz ta' rifużjonijiet/aġġustamenti, peress li l-elettriku ġie pprovdut bi prezz anqas mill-prezz normali tal-grilja mħallas minn utenti industrijali kbar oħrajn li ma setgħux jibbenefikaw mill-provvista diretta jew ma kinux parti mill-proġett pilota għall-provvista diretta.

(569) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ iddikjara li s-sempliċi preżenza ta' intrapriżi tal-Istat fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mhijiex biżżejjed evidenza ta' sussidjar, u li l-produtturi Ewropej tal-ACF irċevew ukoll sussidji mill-Istati Membri rispettivi tal-UE. Il-GTĊ enfasizza wkoll li f'dawn l-aħħar snin iċ-Ċina ppromwoviet b'mod proattiv ir-riforma tas-suq tal-elettriku. L-aspetti ewlenin tar-riforma jinkludu l-istabbiliment imħaffef ta' struttura u sistema kompetittivi u effettivi għas-suq tal-elettriku, kif ukoll mekkaniżmi ta' pprezzar orjentati lejn is-suq inklużi l-kuntratti ta' xiri dirett. Għall-impjanti tal-enerġija li jbigħu l-elettriku direttament lil utenti industrijali u utenti oħra, il-prezz tal-elettriku huwa stabbilit permezz ta' negozjati u proċess ta' offerti għas-suq bejn il-fornituri u l-utenti.

(570) Il-GTĊ irrefera għal diversi dokumenti legali li fuqhom huwa bbażat ir-raġunament tiegħu. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' dawn id-dokumenti kienu jikkonċernaw il-formazzjoni tal-prezz tal-grilja fiċ-Ċina, li mhuwiex inkwistjoni hawnhekk. Bl-istess mod, is-sussidji possibbli riċevuti mill-kumpaniji Ewropej huma wkoll barra mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni. L-uniku dokument li jirreferi b'mod aktar speċifiku għat-tranżazzjonijiet ta' xiri dirett tal-elettriku kien fih biss dikjarazzjoni ġenerali dwar "formazzjoni raġonevoli tal-prezzijiet". Kif enfasizzat fil-premessi (561) sa (567) hawn fuq, din id-dikjarazzjoni ġenerali ma tikkorrispondix ma' dak li sabet il-Kummissjoni fil-prattika. Għaldaqstant, dawn il-pretensjonijiet ma ntlaqgħux.

#### 3.9.2.3. Speċifiċità

(571) Dan is-sussidju huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li l-leġiżlazzjoni nnifisha tillimita l-applikazzjoni ta' din l-iskema biss għal intrapriżi li jikkonformaw ma' ċerti objettivi tal-politika industrijali determinati mill-Istat u li l-prodotti jew il-proċessi tagħhom jitqiesu eliġibbli.

(572) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskema ta' sussidju kienet fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni u li hija speċifika skont it-tifsira tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku.

#### 3.9.2.4. Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(573) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli kien ikkalkolat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn il-prezz totali tal-elettriku pagabbli skont il-prezz standard tal-elettriku u l-prezz totali tal-elettriku mħallas mill-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun taħt ir-rata mnaqqsa u/jew billi jitnaqqsu diversi forom ta' rifużjonijiet/aġġustamenti.

(574) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Daching sostna li l-aġġustament tal-fattur tal-enerġija, bħala mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex iħeġġeġ lill-utenti jużaw is-setgħa b'mod aktar effiċjenti, ma kellux jiġi ttrattat bħala sussidju. Il-Kummissjoni kkonfermat li, fil-fatt, skont id-divulgazzjoni finali lill-grupp, dan tnaqqas mill-benefiċċju kkalkulat.

(575) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi fil-kampjun tammonta għal:

**Provvista tal-elettriku b'rata mnaqqsa**

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Wanshun Group | 0,18 % |
| Daching Group | 0,20 % |

3.9.3. *Forniment ta' materjali tal-input għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata*

(576) Kif imsemmi fit-Taqsima 3.2 hawn fuq, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li, minħabba n-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-fornituri tal-materjali ta' input investigati, jiġifieri l-aluminju primarju u l-faħam bituminuż, jista' jkun li jkollha tibbaża s-sejbiet tagħha fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku sa fejn kienet ikkonċernata l-informazzjoni relatata mal-fornituri tal-materjali ta' input imsemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni investigat jekk il-kumpaniji fil-kampjun irċevewx materjali ta' input għall-produzzjoni tal-ACF bi prezzijiet sussidjati mill-GTĊ.

3.9.3.1. Forniment ta' aluminju primarju għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata

(577) Fl-ilment, l-ilmentaturi pprovdew evidenza li l-produtturi Ċiniżi tal-ACF joperaw f'industrija inċentivati u li huwa raġonevoli li jiġi konkluż li s-sussidji pprovduti lill-produtturi tal-aluminju primarju użat fil-produzzjoni tal-ACF fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw lill-produtturi tal-ACF. Dan il-benefiċċju jkun dovut direttament lill-manifatturi tal-ACF, sal-punt li jkunu integrati vertikalment, u indirettament, sal-punt li dawk is-sussidji jirriżultaw fi prezzijiet aktar baxxi għall-inputs fis-suq domestiku Ċiniż milli kieku kien ikun il-każ.

(578) Billi l-gruppi ta' kumpaniji investigati kienu integrati vertikalment, il-fornituri tal-materja prima relatati ġew inklużi fl-investigazzjoni mill-Kummissjoni, u s-sussidji riċevuti fil-livell ta' dawn il-fornituri relatati ġew integrati fil-kalkoli għal kull skema ta' sussidju. Il-Kummissjoni sabet ukoll li peress li t-tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun kienu integrati vertikalment, kwantitajiet żgħar ħafna biss ta' aluminju primarju (ingotti u ċangaturi tal-aluminju) inxtraw mingħand fornituri mhux relatati. Barra minn hekk, fl-investigazzjoni anti-dumping separata ([111]), il-Kummissjoni sabet li l-aluminju primarju kien inxtara mill-kumpaniji fil-kampjun bi prezzijiet konformi ma' parametri referenzjarji internazzjonali.

(579) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza ta' benefiċċju materjali mogħtija lill-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li ma tkomplix l-investigazzjoni dwar din l-allegata skema ta' sussidju.

3.9.3.2. Forniment ta' faħam bituminuż għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata

(580) L-ilment kien fih allegazzjonijiet dwar il-forniment ta' faħam bituminuż għal remunerazzjoni anqas minn dik adegwata. Tabilħaqq, kważi l-funderiji kollha fiċ-Ċina, inklużi l-produtturi tal-ACF, jużaw il-faħam sabiex jiġġeneraw mill-anqas parti mill-elettriku li jeħtieġu fl-impjanti tal-enerġija magħluqa tagħhom. L-evidenza disponibbli fl-ilment uriet li l-SOEs Ċiniżi kienu pprovdew faħam bituminuż lill-produtturi tal-ACF għal-LTAR bi prezzijiet li huma maħsuba sabiex jipprovdu lill-produtturi tal-aluminju fl-istadju aħħari tal-produzzjoni, bħall-ACF, b'vantaġġ komparattiv.

(581) Kif spjegat fit-Taqsima 3.2.3 hawn fuq, il-Kummissjoni talbet lill-GTĊ jibgħat il-kwestjonarju speċifiku maħsub għall-fornituri tal-faħam bituminuż lill-fornituri magħrufa fiċ-Ċina. Il-GTĊ ma għamilx hekk. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-GTĊ sabiex jipprovdi *data* dwar il-prezzijiet u l-mekkaniżmi tal-ipprezzar, kif ukoll l-isem u l-istruttura tas-sjieda tal-fornituri Ċiniżi tal-faħam bituminuż. Madankollu, il-GTĊ ma pprovda l-ebda informazzjoni mitluba. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika kif ġew stabbiliti l-prezzijiet, liema produtturi Ċiniżi kienu proprjetà tal-Istat u liema sehem tal-produzzjoni Ċiniża kienu jirrappreżentaw.

([111]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/983 tas-17 ta' Ġunju 2021 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' foil tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 216, 18.6.2021, p. 142), il-premessa 382.

(582) Wieħed biss mill-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun xtara faħam bituminuż minn fornituri mhux relatati. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li fid-dawl tat-tnaqqis globali fil-prezzijiet fis-suq tal-faħam ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 matul il-PI, il-faħam tal-fwar kien inxtara mill-kumpaniji fil-kampjun bi prezzijiet konformi ma' parametri referenzjarji internazzjonali. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza ta' benefiċċju materjali mogħtija lill-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li ma tkomplix l-investigazzjoni dwar din l-allegata skema ta' sussidju.

3.10. **Konklużjoni dwar is-sussidjar**

(583) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli għall-kumpaniji fil-kampjun f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku billi eżaminat kull sussidju jew programm ta' sussidju, u żiedet dawn iċ-ċifri flimkien sabiex tikkalkola ammont totali ta' sussidjar għal kull produttur esportatur għall-perjodu ta' investigazzjoni. Sabiex tikkalkola s-sussidjar globali, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkolat il-perċentwal ta' sussidjar, li huwa l-ammont ta' sussidju bħala perċentwal tal-fatturat totali tal-kumpanija. Dan il-perċentwal imbagħad intuża għall-kalkolu tas-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-ammont ta' sussidju għal kull tunnellata tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni mbagħad ġie kkalkolat, u l-marġnijiet ikkalkolati bħala perċentwal tal-valur tal-Kostijiet, l-Assigurazzjoni u l-Merkanzija ("CIF") tal-istess esportazzjonijiet għal kull tunnellata.

(584) Wara d-divulgazzjoni finali, il-grupp Daching sostna li l-fatturat konsolidat tal-produttur esportatur Xiamen Xiashun u l-kumpanija relatata tiegħu Daching Enterprises Ltd. għandu jintuża bħala d-denominatur għall-kalkolu tal-ammont tas-sussidju. Il-Kummissjoni nnutat li Daching Enterprises Ltd aġixxiet bħala esportatur relatat għall-grupp, u li l-fatturat kollu mill-esportazzjoni ta' Daching Enterprises Ltd kien ġej minn Xiamen Xiashun. Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li s-sussidji kollha misjuba f'Daching Enterprises Ltd. kienu relatati mal-prodotti esportati mill-produttur esportatur. Għalhekk l-ammont ta' sussidju ġie kkalkulat bħala perċentwal tal-fatturat mill-esportazzjoni ta' Xiamen Xiashun. Għaldaqstant din il-pretensjoni tal-parti ma ntlaqgħetx.

(585) Wara d-divulgazzjoni finali, Wanshun Group sostna li l-fatturat totali tal-kumpanija tal-produttur esportatur Jiangsu Zhongji użat mill-Kummissjoni kien żbaljat, peress li naqas milli jinkludi l-mark-up meħuda minn Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., (HK) Ltd., li biegħet mill-ġdid il-prodott ta' Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. lil swieq barranin. Tabilħaqq, id-dazji kumpensatorji jinġabru abbażi tal-valur tal-esportazzjoni CIF (li jinkludi l-valwazzjoni pożittiva ta' Zhongji HK).

(586) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni. Għas-sussidji relatati mal-esportazzjoni, il-Kummissjoni fil-fatt użat il-fatturat tal-esportazzjoni tan-negozjant relatat. Madankollu, għal sussidji mhux relatati mal-esportazzjoni, skont il-prattika konsistenti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tuża l-fatturat totali tal-produttur esportatur. Il-Kummissjoni qed tipprova tistabbilixxi l-benefiċċju fil-livell tal-produttur esportatur. Il-fatturat tal-produttur esportatur huwa għalhekk il-punt ta' referenza rilevanti biex jiġi stabbilit il-benefiċċju tas-sussidju fil-livell tal-produttur esportatur. Għaldaqstant din it-talba ġiet irrifjutata.

(587) Il-Grupp Wanshun sostna wkoll li l-Kummissjoni kienet awtomatikament u mingħajr analiżi ulterjuri żiedet l-ammont ta' sussidju għal kull kumpanija tal-grupp, jiġifieri:

(a) is-self u l-faċilitajiet tal-linji ta' kreditu li ngħataw lil Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., (HK) Ltd., peress li ż-żewġ partijiet għal dawn it-tranżazzjonijiet huma bbażati barra ċ-Ċina bl-istituzzjoni finanzjarja involuta tkun Singapor, mhux Ċiniża, bank, u

(b) is-sussidji mogħtija lil Shantou Wanshun, filwaqt li din il-kumpanija ma kellha l-ebda attività fir-rigward tal-prodott taħt l-investigazzjoni. Skont ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO ([112]), hemm rekwiżit li ssir analiżi pass-through f'każijiet fejn is-sussidju jingħata lil kumpanija, li ma tkunx produttur tal-input upstream u ma tkun qed tipprovdi xejn fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Din l-analiżi pass-through ma kinitx fid-divulgazzjoni finali. Hemm diversi sussidji allegati li min-natura tagħhom ma jistgħux jiġu mgħoddija. Dan kien jikkonċerna b'mod speċjali l-art ta' Shantou Wanshun użata għall-produzzjoni ta' prodotti oħra u l-għotjiet

([112]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, l-Istati Uniti — Softwood Lumber IV, paragrafi 142-143.

riċevuti minn Shantou Wanshun għal prodotti oħra..Fir-rigward tal-ewwel punt, il-Kummissjoni nnutat li irrispettivament mill-istatus ta’ Hong Kong f’din l-investigazzjoni, iċ-ċentru reali tal-attivitajiet u l-kontroll tal-kumpanija Jiangsu Zhongji Hong Kong fil-fatt kien jinsab fiċ-Ċina kontinentali. Tabilħaqq, 99 % tal-attivitajiet tan-negozjant kienu relatati mal-bejgħ mill-ġdid ta’ oġġetti prodotti mill-produttur esportatur fiċ-Ċina. Barra minn hekk, il-kumpanija ma rrappurtat l-ebda persunal li jinsab f’Hong Kong fil-kontijiet tagħha jew fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-kwestjonarju, u s-sussidji riċevuti u ta’ benefiċċju għall-prodott ikkonċernat ingħataw minn entitajiet Ċiniżi. Pereżempju, l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni relatata mal-oġġetti esportati minn Jiangsu Zhongji Hong Kong ittieħdet minn Sinosure mill-kumpanija prinċipali fiċ-Ċina. Barra minn hekk, kif ikkonfermat mill-Appellate Body f’United States - Anti-Dumping and Countervailing Measures on Large Residential Washers from Korea, is-sussidji mogħtija lir-riċevitur f’pajjiżi li mhumiex il-Membru li jissussidja jistgħu jkunu rilevanti sabiex jiġi kkalkulat l-ammont ta’ sussidju a*d valorem* ([113]).

(588) Il-finanzjament inkwistjoni kien tabilħaqq ipprovdut permezz ta’ bank Singaporjan (OCBC), li jinsab f’Singapore. Madankollu, il-kuntratti tas-self stipulaw ukoll li s-self kien assigurat b’ittra ta’ kreditu maħruġa mill-Bank ta’ Ningbo li huwa proprjetà tal-Istat (li jinsab fiċ-Ċina kontinentali), u li “*l-bank għandu jirċievi l-SBLC rilevanti (ittra ta’ kreditu stand-by) qabel ma joħroġ avvanz rilevanti propost għall-ġbid ta’ kreditu minnek*”. Barra minn hekk, il-kuntratt speċifikament ipprovda għall-kondiviżjoni ta’ informazzjoni mal-Bank of Ningbo relatata mal-mutwatarju, il-kontijiet tal-mutwatarju mal-OCBC, il-pożizzjoni tal-kreditu u l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu, kif ukoll il-faċilitajiet mogħtija lil tali entità. Is-self għalhekk ingħata bis-saħħa tal-intervent ta’ bank Ċiniż soġġett għall-istess qafas normattiv bħal kwalunkwe bank ieħor fir-RPĊ. Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(589) Fir-rigward tat-tieni punt, il-Kummissjoni sabet li Shantou Wanshun kienet ħadet finanzjament f’isem is-sussidjarji tagħha. Pereżempju, meta kienet qed tirrevedi s-self u l-bonds, il-Kummissjoni nnutat li l-iskop tal-finanzjament semma wkoll il-ħtiġijiet finanzjarji tas-sussidjarji. Barra minn hekk, Shantou Wanshun aġixxiet bħala garanti għal diversi selfiet meħuda mill-kumpaniji relatati fil-grupp, u saħansitra pprovdiet self bejn il-kumpaniji stess. Fl-istess ħin, dawn it-tranżazzjonijiet kif ukoll bosta flussi bejn il-kumpaniji,urew li kien hemm rabta ċara bejn is-sussidji li ħadet Shantou Wanshun u l-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-fatt li wħud mis-sussidji riċevuti minn Shantou Wanshun kienu relatati ma’ art jew għotjiet huwa f’dan ir-rigward irrilevanti. Il-punt ewlieni huwa li l-benefiċċji miksuba minn dawn is-sussidji jistgħu faċilment jgħaddu għand il-kumpaniji relatati fil-grupp peress li l-flus huma funġibbli. F’dawn iċ-ċirkostanzi, meta titqies din il-prossimità mill-qrib bejn dawn l-entitajiet tal-grupp, il-ġurisprudenza rilevanti tad-WTO tafferma li jista’ jiġi preżunt trasferiment bejn entitajiet relatati, li huwa b’mod ċar il-każ hawnhekk. Għaldaqstant din il-pretensjoni tal-parti ma ntlaqgħetx.

(590) Wara d-divulgazzjoni finali. il-grupp Wanshun stqarr li l-Kummissjoni:

(a) wettqet żball meta stabbiliet il-kriterju ta’ tqassim għal Shandong Nanshan Aluminium Co., Ltd (iktar’il quddiem il-“Kumpanija A”) billi eskludiet id-dħul mill-bejgħ tad-diviżjonijiet l-oħra tal-kumpanija.

(b) wettqet b’mod żbaljat l-analiżi pass-through tagħha għal Nanshan Group Co. Ltd, billi ddividiet l-ammont ta’ sussidju ta’ Nanshan Group Co. Ltd bil-fatturat ikkonsolidat tagħha, u mbagħad allokat dan il-marġni ta’ sussidju lill-produttur esportatur. Tabilħaqq, Nanshan Group Co. Ltd ma tipproduċix il-prodott ikkonċernat u l-Kummissjoni ma ppruvatx li għaddiet xi ammont ta’ sussidju lill-produttur esportatur, peress li ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni finanzjarja jew ta’ tip ieħor matul il-PI bejn il-kumpanija prinċipali u s-sussidjarja tagħha. Il-Kummissjoni għandha tal-anqas, kif kien sar f’każijiet preċedenti, talloka s-sussidju abbażi tal-perċentwal rilevanti bejn il-kumpaniji tal-ishma, jiġifieri fuq il-bażi tal-perċentwal ta’ ekwità li għandha fil-Kumpanija A u mbagħad talloka tali porzjon lill-produttur esportatur.

(591) Dwar l-ewwel punt, il-Kummissjoni nnutat li matul l-investigazzjoni, il-kumpanija ppreżentat il-fatturat tal-kumpanija A u l-flussi tal-bejgħ lil kumpaniji relatati għal kull diviżjoni, minflok fil-livell tal-kumpanija sħiħa. Kienet il-fehma tal-Kummissjoni li d-Diviżjonijiet A1 sa A4 kienu jirrappreżentaw id-data rilevanti kollha tal-kumpanija A. Madankollu, issa jidher li mhux l-informazzjoni rilevanti kollha ġiet sottomessa mill-kumpanija matul l-investigazzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma tistax tqis il-fatturat tad-diviżjonijiet neqsin li jipproduċu prodotti oħra,

([113]) Appellate Body Report, United States — Anti-Dumping and Countervailing Measures on Large Residential Washers from Korea (WT/DS464/AB/R), is-7 Settembru 2016, para. 5.298.

peress li l-kumpanija ma pprovdietx l-informazzjoni korrispondenti dwar il-bejgħ lil partijiet relatati li joriġinaw minn dawn id-diviżjonijiet neqsin, aħseb u ara li setgħet tivverifikah, minkejja li dan huwa element kruċjali biex jiġi ddeterminat il-koeffiċjent ta' allokazzjoni. Għalhekk, fin-nuqqas tal-informazzjoni rilevanti kollha sottomessa mill-kumpanija, il-Kummissjoni kellha żżomm il-kalkolu kif inhu.

(592) Dwar it-tieni punt, il-Kummissjoni ma qablitx mad-dikjarazzjoni li ma kienx hemm tranżazzjonijiet finanzjarji jew tipi oħra ta' tranżazzjonijiet bejn il-kumpanija prinċipali u s-sussidjarji tagħha. Tabilħaqq, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li Nanshan Group Co. Ltd. oriġinarjament kienet kisbet kważi t-titoli kollha tal-art li l-kumpaniji relatati kienu qed jużaw, u mbagħad kienet qassmet dawn il-biċċiet tal-art fost is-sussidjarji tagħha permezz ta' trasferimenti bejn il-kumpaniji. Barra minn hekk, Nanshan Group Co. Ltd. kienet ħadet ukoll finanzjament f'isem is-sussidjarji tagħha. Pereżempju, meta kienet qed tirrevedi s-self u l-bonds, il-Kummissjoni nnutat li l-iskop tal-finanzjament semma wkoll il-ħtiġijiet finanzjarji tas-sussidjarji. Barra minn hekk, Nanshan Group Co. Ltd. aġixxa bħala garanti għal diversi selfiet meħuda mill-kumpaniji relatati fil-grupp. Fl-aħħar nett, parti kbira mill-finanzjament tal-grupp seħħet permezz tal-bank intern, Nanshan Finance. Din l-entità hija ffinanzjata prinċipalment permezz ta' depożiti tal-kumpaniji tal-grupp, li minnhom Nanshan Group Co. Ltd. jikkostitwixxi parti sinifikanti. Permezz ta' dan il-mezz intern, il-finanzjament estern jista' għalhekk jiġi mgħoddi lis-sussidjarji tiegħu. Billi s-sussidji ta' Nanshan Group Co. Ltd. kienu ta' benefiċċju għall-kumpaniji relatati kollha fil-grupp, il-Kummissjoni qieset li l-kalkolu tas-sussidji bħala proporzjon tal-fatturat konsolidat kien l-aktar approċċ adegwat. Kuntrarju għad-dikjarazzjonijiet tal-kumpanija, din il-metodoloġija hija wkoll identika għal dik użata fil-każ GFF, fejn is-sussidji riċevuti mill-kumpanija prinċipali aħħarija fis-CNBM Group, li kienet fl-istess livell fl-istruttura organizzattiva tal-grupp bħal Nanshan Group Co. Ltd., kienu wkoll diviżi bil-fatturat ikkonsolidat u mbagħad allokati lill-produttur esportatur. Għaldaqstant, dawn il-pretensjonijiet ma ntlaqgħux.

(593) F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju totali għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kien ikkalkolat fuq il-bażi tal-ammont medju ponderat totali ta' sussidji kumpensatorji stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw bl-esklużjoni ta' ammonti negliġibbli kif ukoll l-ammont ta' sussidji stabbiliti għal entrati li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku. Madankollu, il-Kummissjoni ma injoratx sejbiet parzjalment ibbażati fuq il-fatti disponibbli sabiex tiddetermina dawk l-ammonti. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tqis li l-fatti disponibbli użati f'dawk il-każijiet ma affettwawx sostanzjalment l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' sussidjar b'mod ġust, sabiex l-esportaturi li ma ntalbux jikkooperaw fl-investigazzjoni ma jiġux ippreġudikati bl-użu ta' dan l-approċċ ([114]).

(594) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u r-rappreżentattività tal-kampjun anke f'termini ta' eliġibbiltà għas-sussidju, il-Kummissjoni stabbiliet l-ammont għall-kumpaniji l-oħrajn kollha fil-livell tal-ogħla ammont stabbilit għall-kumpaniji fil-kampjun.

| Isem il-kumpanija | Ammont ta' sussidju |
|---|---|
| Nanshan Group | 18,2 % |
| Wanshun Group | 8,6 % |
| Daching Group | 10,1 % |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw | 12,3 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 18,2 % |

([114]) Ara wkoll, *mutatis mutandis*, WT/DS294/AB/RW, US — Zeroing (l-Artikolu 21.5 DSU), ir-Rapport tal-Korp tal-Appell tal-14 ta' Mejju 2009, il-para. 453.

## 4. **DANNU**

### 4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(595) Kif indikat fil-premessa (86), il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE intemm fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-Renju Unit ma baqax soġġett għad-dritt tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021. Konsegwentement, il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati jipprovdu informazzjoni aġġornata fuq il-bażi tal-EU27. Konsegwentement, l-indikaturi ta' hawn taħt kif ukoll il-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-bejgħ taħt il-prezz ġew ikkalkolati esklussivament abbażi tad-*data* tal-EU27.

(596) Il-prodott simili kien manifatturat minn ħames produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(597) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 209 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet din iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħad-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, kif ukoll il-produtturi tal-Unjoni mhux inklużi fil-kampjun. Din id-*data* ġiet kontroverifikata maċ-ċifri fl-ilment għall-affidabbiltà u l-kompletezza. Kif indikat fil-premessa (37), it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

### 4.2. **Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni**

(598) Sabiex tistabbilixxi jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu u sabiex tiddetermina l-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk u sa liema punt l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili kellux jitqies fl-analiżi.

(599) Sabiex tagħti stampa tal-industrija tal-Unjoni li kienet kompluta kemm jista' jkun, il-Kummissjoni kisbet *data* għall-attività kollha tal-ACF u ddeterminat jekk il-produzzjoni kinitx destinata għall-użu kaptiv jew għas-suq ħieles.

(600) Il-Kummissjoni sabet li parti mill-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għas-suq kaptiv kif muri fit-Tabella 1 ta' hawn taħt. Is-suq kaptiv żdied matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqa' f'livell relattivament baxx ta' madwar 15 % tal-konsum fil-PI. Madankollu, f'dan l-istadju tal-investigazzjoni l-Kummissjoni ma għandhiex evidenza konklużiva dwar jekk il-kumpaniji li jużaw l-ACF għall-produzzjoni downstream għandhomx għażla libera tal-fornitur jew le, minħabba li l-informazzjoni dwar il-bejgħ kaptiv u l-produzzjoni kaptiva hija bbażata fuq *data* miġbura minn kumpaniji mhux inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni kkunsidrat li jista' jkun hemm kompetizzjoni bejniethom, u konsegwentement l-ishma kollha tas-suq huma kkalkolati fuq il-bażi tal-konsum totali tal-UE. F'dan l-istadju, dan huwa l-aktar approċċ konservattiv u fi kwalunkwe każ, ma jbiddilx is-sejbiet dwar id-dannu.

(601) Il-Kummissjoni eżaminat ċerti indikaturi ekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni abbażi tad-*data* għas-suq ħieles. Dawn l-indikaturi huma: il-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, it-tkabbir, il-volum u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investiment, u l-fluss tal-flus. Fejn kien possibbli u ġustifikat, is-sejbiet tal-eżami tqabblu mad-*data* għas-suq kaptiv sabiex tiġi pprovduta stampa sħiħa tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(602) Madankollu, indikaturi ekonomiċi oħrajn jistgħu jiġu eżaminati b'mod li jagħmel sens biss billi ssir referenza għall-attività kollha, inkluż l-użu kaptiv tal-industrija tal-Unjoni. Dawn huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, l-investimenti, l-istokkijiet, l-impjiegi, il-produttività, il-pagi u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital. Dawn l-indikaturi jiddependu fuq l-attività kollha, kemm jekk il-produzzjoni hija ristretta kif ukoll jekk tinbiegħ fis-suq ħieles.

### 4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(603) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u dawk mhux fil-kampjun, kif ukoll l-importazzjonijiet ibbażati fuq id-*data* tal-Eurostat.

(604) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu meqjus:

*Tabella 1*

**Konsum tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-konsum totali tal-Unjoni | 201 281 | 201 696 | 191 084 | 189 149 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *95* | *94* |
| Suq kaptiv | 27 209 | 27 340 | 28 727 | 29 128 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *106* | *107* |
| Suq ħieles | 174 073 | 174 356 | 162 358 | 160 021 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *93* | *92* |

*Sors:* il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u dawk mhux inklużi fil-kampjun kif ukoll il-Eurostat.

(605) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum l-ewwel żdied bi ftit b'anqas minn 1 % fl-2018 qabel ma naqas b'5 % fl-2019 u mbagħad b'1 % ieħor fil-PI. B'riżultat ta' dan, il-konsum naqas b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis huwa tal-anqas parzjalment ikkawżat mil-linji gwida ġenerali mħabbra mill-UE fl-2019 għal Ekonomija Ċirkolari inklużi miri ta' riċiklabbiltà għal materjali bażiċi bħall-aluminju, l-azzar, il-ħġieġ eċċ. Il-laminati li għalihom jintużaw fojls ħfief tal-gauge flimkien ma' materjali bażiċi oħrajn bħall-films tal-plastik, il-karta, eċċ. huma taħt skrutinju serju peress li bilkemm jistgħu jiġu riċiklati bit-teknoloġiji eżistenti. Dan kellu effett negattiv fuq id-domanda għal fojl tal-aluminju ħafif tal-gauge.

(606) Jidher li l-konsum ma kienx affettwat mill-pandemija tal-COVID-19. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni, il-ħażna ta' prodotti tal-ikel fil-bidu tal-pandemija fil-fatt inizjalment żiedet il-konsum, iżda mbagħad dawn il-prodotti ġew ikkunsmati matul ix-xhur ta' wara u naqqsu bi ftit il-bejgħ tal-ippakkjar tal-ikel.

### 4.4. **L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

#### 4.4.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(607) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi ta' żewġ kodiċijiet TARIC ([115]) estratti mill-bażi ta' *data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat meta mqabbel mal-volum tal-konsum totali tal-Unjoni kif muri fit-Tabella 2.

(608) L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 2*

**Il-volum tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati) | 36 660 | 42 343 | 46 595 | 44 276 |
| *Indiċi* | *100* | *115* | *127* | *121* |

([115]) Il-kodiċijiet TARIC 7607 11 19 60 u 7607 11 19 93 (li sas-17 ta' Frar 2017 kien innumerat 7607 11 19 95).

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Is-sehem mis-suq* | *18 %* | *21 %* | *24 %* | *23 %* |
| *Indiċi* | *100* | *115* | *134* | *129* |

*Sors:* Eurostat.

(609) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied b'21 % matul il-perjodu kkunsidrat u s-sehem mis-suq tagħhom żdied b'5 punti perċentwali, u laħaq it-23 % fil-PI. Qabel il-pandemija, jiġifieri fl-2019, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi saħansitra laħaq l-24 %.

4.4.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(610) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat, bl-użu tal-kodiċijiet TARIC indikati fil-premessa (607).

(611) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 3*

**Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezzijiet tal-importazzjonijiet | 2 869 | 2 893 | 2 801 | 2 782 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *98* | *97* |

*Sors:* Eurostat.

(612) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni miċ-Ċina naqsu bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat minn EUR 2 869/tunnellata għal EUR 2 782/tunnellata. Dawk il-prezzijiet baqgħu b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-bejgħ u l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu kkunsidrat, kif muri fit-Tabella 7.

(613) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

— il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbura mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works; u

— il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mit-tliet produtturi Ċiniżi li kkooperaw lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u merkanzija (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(614) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala persentaġġ tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 3,9 % u 14,2 % mill-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. It-twaqqigħ tal-prezz medju ponderat li nstab kien ta' 10,8 %.

4.5. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Rimarki ġenerali*

(615) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet sussidjati fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(616) Kif imsemmi fil-premessa (37), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(617) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-produtturi fil-kampjun u l-produtturi mhux fil-kampjun, kontroverifikata mad-*data* fl-ilment. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(618) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni ta' sussidju u l-irkupru minn sussidju preċedenti.

(619) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

### 4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

#### 4.5.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(620) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 4*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 240 005 | 240 349 | 212 713 | 208 976 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *89* | *87* |
| Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 296 161 | 283 091 | 281 091 | 278 319 |
| *Indiċi* | *100* | *96* | *95* | *94* |
| L-użu tal-kapaċità | 81 % | 85 % | 76 % | 75 % |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *93* | *93* |

*Source*: produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mhux fil-kampjun.

(621) Il-volum tal-produzzjoni baqa' kważi l-istess bejn l-2017 u l-2018, imbagħad naqas fl-2019, u kompla jonqos fil-PI. Il-volum tal-produzzjoni globali naqas bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat. Meta titqies is-sitwazzjoni fis-suq ħieles u t-tnaqqis fil-bejgħ (ara t-Tabella 5), sabiex tinżamm il-produzzjoni u jitnaqqsu l-kostijiet fissi, il-produtturi tal-Unjoni żiedu l-bejgħ ristrett tagħhom (ara t-Tabella 5), kif ukoll il-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom (ara t-Tabella 12). Minkejja dawn l-isforzi, il-volum tal-produzzjoni xorta naqas.

(622) Il-kapaċità tal-produzzjoni naqset b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Din kienet reazzjoni mkejla sabiex jiġi limitat id-dannu meta wieħed iħabbat wiċċu ma' tnaqqis fil-bejgħ fis-suq ħieles li waqqa' l-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Hekk kif il-produzzjoni naqset b'mod aktar qawwi mill-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità naqas b'7 % matul il-perjodu kkunsidrat u laħaq 75 % fil-PI.

(c) Il-volum ta’ bejgħ u s-sehem mis-suq

(623) Il-volum ta’ bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 5*

**Il-volum ta’ bejgħ u s-sehem mis-suq**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 148 840 | 144 726 | 130 060 | 132 227 |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *87* | *89* |
| Is-sehem mis-suq | 74 % | 72 % | 68 % | 70 % |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *92* | *95* |
| Bejgħ fis-suq kaptiv (tunnellati) | 22 378 | 22 392 | 23 972 | 25 106 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *107* | *112* |
| Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ristrett | 11 % | 11 % | 13 % | 13 % |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *113* | *119* |
| Bejgħ fis-suq ħieles (tunnellati) | 126 462 | 122 334 | 106 087 | 107 120 |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *84* | *85* |
| Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ħieles | 63 % | 61 % | 56 % | 57 % |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *88* | *90* |

*Sors:* produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mhux fil-kampjun.

(624) Il-bejgħ totali fl-UE segwa xejra ’l isfel matul il-perjodu kkunsidrat li laħaq (-11 %). Bejn l-2018 u l-2019 it-tnaqqis kien l-aktar sinifikanti (–10 %), segwit minn żieda żgħira ta’ 2 %, li ħabtet ma’ interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista globali minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 fir-RPĊ.

(625) Kif imsemmi fil-premessa (600), parti mill-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għas-suq ristrett. Dik il-parti kienet tammonta għal 15 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-PI u żdiedet bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tkabbir seħħ l-aktar bejn l-2018 u l-2019 u matul il-PI.

(626) Il-bejgħ totali fis-suq ħieles mill-industrija tal-Unjoni naqas bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat. B'riżultat ta' dan, is-sehem mis-suq tal-bejgħ tas-suq ħieles tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 63 % fl-2017 għal 57 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Wara li naqas b'5 punti perċentwali fl-2018 u l-2019, dan żdied b'punt perċentwali sa tmiem il-PI.

4.5.2.2. It-tkabbir

(627) F'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni mhux biss tilfet il-volumi tal-bejgħ fl-UE iżda wkoll is-sehem mis-suq fis-suq ħieles kif muri fil-premessa (623).

4.5.2.3. L-impjiegi u l-produttività

(628) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 6*

**L-impjiegi u l-produttività**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-għadd ta' impjegati | 2 220 | 2 151 | 2 072 | 2 003 |
| *Indiċi* | *100* | *97* | *93* | *90* |
| Produttività (tunnellata/FTE) | 108 | 112 | 103 | 104 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *95* | *97* |

*Sors*: produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mhux fil-kampjun.

(629) L-impjiegi naqsu b'10 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni hekk kif l-industrija tal-Unjoni ppruvat tiżgura s-sostenibbiltà tagħha u tallinjaha mad-domanda fis-suq domestiku.

(630) Konsegwentement, fl-2018, il-produttività tagħha l-ewwel tjiebet minn 108 għal 112 tunnellata/FTE qabel ma naqset wara t-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni. B'hekk il-produttività ġenerali ddeterjorat bi 3 %. Dan għaliex fl-2018 l-impjiegi tnaqqsu filwaqt li l-produzzjoni baqgħet relattivament stabbli. Mill-2019 sa tmiem il-PI, madankollu, il-produzzjoni naqset aktar malajr mill-impjiegi minħabba l-bejgħ aktar baxx, li rriżulta fi tnaqqis korrispondenti fil-produttività.

4.5.2.4. Id-daqs tal-marġni tas-sussidju u l-irkupru mis-sussidjar tal-passat

(631) Il-marġnijiet kollha tas-sussidju kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet reali tas-sussidjar fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(632) Din hi l-ewwel investigazzjoni antisussidju dwar il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli sabiex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. 6. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(633) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 7*

**Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles (EUR/tunnellata) | 3 396 | 3 557 | 3 408 | 3 359 |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *100* | *99* |
| Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata) | 3 423 | 3 642 | 3 733 | 3 687 |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *109* | *108* |

*Sors:* il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(634) Il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq ħieles l-ewwel żdiedu minn 3 396 għal EUR 3 557/tunnellata fl-2018. Sussegwentement, dawn naqsu għal 3 408 fl-2019 qabel ma komplew jonqsu għal EUR 3 359/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(635) Il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-produtturi fil-kampjun żdied minn EUR 3 423 EUR/tunnellata b'6 % fl-2018 u mbagħad bi 3 punti perċentwali oħra fl-2019, meta laħaq EUR 3 733/tunnellata. Din iċ-ċifra baqgħet ftit jew wisq stabbli matul il-PI. Wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġarrab kostijiet relatati mar-ristrutturar (prinċipalment pakketti ta' sensji), li kellhom impatt fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni fil-PI. Madankollu, anke mingħajr dawn il-kostijiet, il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien ikun 3 % ogħla meta mqabbel mal-2017 matul il-PI.

(636) Iż-żieda ġenerali fil-kost unitarju tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienet ikkawżata prinċipalment mit-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni bi 13 % (15 % għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun). Minbarra l-kostijiet straordinarji ta' ristrutturar, dan kien partikolarment viżibbli fl-2019, fejn dawn il-kostijiet kienu żgħar iżda t-tnaqqis fil-produzzjoni kien sinifikanti ħafna għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun (-19 %). Wara, il-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun bdew jadattaw, u dan irriżulta f'titjib żgħir fil-bejgħ u l-volum tal-produzzjoni matul il-PI minħabba importazzjonijiet aktar baxxi mir-RPĊ wara t-tifqigħa tal-pandemija. Din l-eliminazzjoni u dilwizzjoni ta' xi wħud mill-kostijiet fissi rriżultat fi tnaqqis tal-kost unitarju tal-produzzjoni fil-PI (jekk il-kostijiet tar-ristrutturar ma jitqisux).

4.5.3.2. 7. Il-kost lavorattiv

(637) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 8*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 75 686 | 80 542 | 74 897 | 94 489 |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *99* | *125* |

*Sors:* Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(638) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat żdiedu b'6 % fl-2018 u mbagħad naqsu b'7 % fl-2019. Imbagħad żdiedu b'26 % fil-PI, li huwa fattur tal-kostijiet ta' ristrutturar li ġarrab produttur tal-Unjoni. Jekk dawn il-kostijiet straordinarji jiġu injorati, iċ-ċifra fil-PI tkun ta' [77 000 sa 81 000], li hija żieda ta' [2 sa 7] % mill-2017.

4.5.3.3. Inventarji

(639) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 9*

**Inventarji**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-istokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 8 745 | 8 598 | 6 664 | 7 491 |
| *Indiċi* | *100* | *98* | *76* | *86* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 7,9 % | 7,9 % | 7,3 % | 8,2 % |
| *Indiċi* | *100* | *99* | *92* | *103* |

*Sors*: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(640) L-istokks tal-għeluq baqgħu f'livell raġonevoli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Peress li l-industrija tal-ACF ġeneralment topera fuq bażi ta' produzzjoni skont l-ordni, dan l-indikatur huwa ta' anqas importanza fl-analiżi ġenerali tad-dannu.

(641) Il-perċentwal tal-istokks tal-għeluq espress fuq il-produzzjoni juri tnaqqis żgħir fl-2019 u żieda żgħira fil-PI. Madankollu, dawn ma humiex varjazzjonijiet straordinarji tal-istokks.

4.5.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(642) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 10*

**Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | - 1,9 % | - 1,0 % | - 8,1 % | - 9,6 % |
| Il-fluss tal-flus (EUR) | 1 714 095 | 12 673 563 | 2 805 796 | - 11 241 877 |
| *Indiċi* | *100* | *739* | *164* | *- 656* |
| Investimenti (EUR) | 21 447 204 | 19 751 766 | 19 457 392 | 16 592 531 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi* | *100* | *92* | *91* | *77* |
| Redditu fuq l-investimenti | - 2 % | - 5 % | - 19 % | - 24 % |
| *Indiċi* | *- 100* | *- 210* | *- 769* | *- 997* |

*Sors*: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(643) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(644) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati nbidel minn telf fl-2017 għal ftit anqas telf fl-2018, għal telf sinifikanti fl-2019 u saħansitra aktar telf fil-PI (-9,6 %). Ta' min jinnota li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun beda r-ristrutturar matul il-PI. Il-kost ta' dan ir-ristrutturar, inklużi l-pagamenti għal-liċenzjament kellhom impatt negattiv fuq it-tieni parti tal-PI. Madankollu, anke mingħajr dawn l-ispejjeż straordinarji, il-produtturi inklużi fil-kampjun xorta waħda jagħmlu telf bir-rata ta' -5,6 % fil-PI.

(645) Huwa ċar li l-industrija tal-Unjoni diġà kienet ġarrbet dannu fl-2017. Dan ma huwiex sorprendenti meta wieħed iqis is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi (18 % fl-2017) bi prezzijiet mhux biss taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni iżda wkoll taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha. Il-kostijiet tal-produtturi tal-Unjoni żdiedu aktar mill-prezzijiet tagħhom, li wassal għal tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet bl-istess rata bħall-kostijiet kienu qegħdin jiżdiedu minħabba l-pressjoni 'l isfel ikkawżata mill-importazzjonijiet mir-RPĊ (kemm f'termini ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet baxxi). Tabilħaqq, matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet Ċiniżi kienu konsistentement baxxi u b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (ara t-Tabelli 3 u 7), li llimitaw iż-żidiet fil-prezzijiet. Dan irriżulta f'soppressjoni tal-prezzijiet u tnaqqis fil-profittabbiltà li kompla matul il-PI. Tabilħaqq, wara żieda żgħira ta' 1 % fl-2018, il-prezzijiet Ċiniżi naqsu bi 3 % fl-2019 u mbagħad b'0,7 % fil-PI. Baqgħu ferm taħt il-livell tal-prezz miksub mill-industrija tal-Unjoni. Evidenza ta' dan huma wkoll il-marġnijiet sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz iddikjarati fil-premessa (614).

(646) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett żviluppat b'mod negattiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni f'konformità mal-evoluzzjoni tal-profittabbiltà.

(647) L-investiment naqas bi 23 % matul il-perjodu kkunsidrat. Twaqqfu pjanijiet ta' investiment ambizzjużi minħabba l-profittabbiltà insuffiċjenti. Minflokhom ġew implimentati pjanijiet anqas ambizzjużi.

(648) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku tal-investimenti. Dan żviluppata b'mod negattiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni minn -2 % fl-2017 għal -24 % fil-PI. Dan l-iżvilupp isegwi t-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(649) Kif isegwi mill-indikaturi fil-premessa (642), qiegħed isir dejjem aktar diffiċli għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun sabiex jiġġeneraw kapital għall-investiment. Hekk kif ir-redditi fuq l-investimenti naqsu daqshekk malajr, il-kapaċità tal-produtturi fil-kampjun li jiġġeneraw il-kapital fil-futur hija saħansitra aktar fil-periklu.

### 4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(650) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet tal-ACF mir-RPĊ, li kienu diġà sinifikanti fl-2017, żdiedu b'mod sinifikanti kemm f'termini assoluti (+ 21 %) kif ukoll f'termini relattivi (+ 5 punti perċentwali fis-sehem mis-suq) filwaqt li l-konsum fl-UE naqas b'6 %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'medja ta' 10,8 %. Irrispettivament mit-

twaqqigħ tal-prezzijiet speċifiku li nstab fir-rigward tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni osservat ukoll li l-prezzijiet Ċiniżi kienu konsistentement baxxi u b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu (ara t-Tabelli 3 u 7). L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet bl-istess mod li bih il-kostijiet kienu qegħdin jiżdiedu minħabba l-pressjoni 'l isfel ikkawżata mill-importazzjonijiet mir-RPĊ (kemm f'termini ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet baxxi).

(651) Sa mill-bidu tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni wriet sinjali ta' dannu. Dan mhux sorprendenti, meta wieħed iqis is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi ta' 18 % fl-2017 u l-prezz tagħhom huwa ferm anqas mill-prezz tal-industrija tal-Unjoni (ara t-Tabelli 3 u 7).

(652) L-indikaturi makroekonomiċi kollha, bħall-produzzjoni, il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-UE, is-sehem mis-suq, l-impjiegi u l-produttività, urew xejra negattiva matul il-perjodu kkunsidrat. Bl-istess mod, kważi l-indikaturi mikroekonomiċi kollha, bħall-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq ħieles tal-UE, l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kostijiet lavorattivi, il-profittabbiltà, l-istokks tal-għeluq, il-fluss tal-flus, l-investiment u r-redditu fuq l-investimenti, urew xejra negattiva matul il-perjodu kkunsidrat. L-istess indikaturi tad-dannu żviluppaw ukoll b'mod negattiv meta wieħed iħares lejn il-perjodu bejn l-2017 u l-2019, jiġifieri, qabel il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Għal ħafna indikaturi, is-sitwazzjoni fil-PI kienet aħjar milli fl-2019. Dan huwa prinċipalment minħabba l-livell aktar baxx ta' importazzjonijiet mir-RPĊ, li kien ikkawżat mit-tifqigħa tal-pandemija fi tmiem l-2019 u l-bidu tal-2020. Dan ikompli jenfasizza l-impatt li dawn l-importazzjonijiet għandhom fuq is-sitwazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

(653) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku.

## 5. **KAWŻALITÀ**

(654) F'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħrajn setgħux, fl-istess ħin, għamlu ħsara lill-industrija tal-Unjoni u żgurawx li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn għajr l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet sussidjati. Ġew identifikati l-fatturi potenzjali li ġejjin: il-konsum; il-pandemija tal-COVID-19; l-allegat nuqqas ta' investiment; ir-ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni; spejjeż għoljin tal-produzzjoni fl-Unjoni; importazzjonijiet minn pajjiżi terzi; il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet sussidjati**

(655) Id-deterjorament fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kkoinċida mal-penetrazzjoni sinifikanti mill-importazzjonijiet miċ-Ċina, li konsistentement waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u rażżnu l-prezz tas-suq tal-Unjoni. Kif imsemmi fil-premessa (614), il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'medja ta' 10,8 %.

(656) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied (kif jidher fit-Tabella 2) minn madwar 36 660 tunnellata fl-2017 għal madwar 44 276 fil-perjodu ta' investigazzjoni, żieda ta' 21 %. Min-naħa l-oħra, is-sehem mis-suq żdied b'29 %, jiġifieri minn 18 % għal 23 %. Matul l-istess perjodu (kif jidher fit-Tabella 5), il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles naqas bi 15 % u s-sehem mis-suq tagħha fis-suq ħieles naqas minn 63 % għal 57 %, tnaqqis ta' 10 %.

(657) Is-sitwazzjoni fil-perjodu bejn l-2017 u l-2019 kienet saħansitra aktar evidenti hekk kif l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'27 % (minn 36 660 tunnellata għal 46 595 tunnellata) u laħqu sehem mis-suq ta' 24 % filwaqt li s-sehem mis-suq ħieles tal-industrija tal-Unjoni naqas għal 56 % (tnaqqis ta' 12 %). Tabilħaqq, minkejja tnaqqis fil-konsum bejn l-2018 u l-2019, l-importazzjonijiet Ċiniżi komplew jiżdiedu u jiksbu sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni.

(658) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati naqsu bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (kif jidher fit-Tabella 3) minn 2 869 għal EUR 2 781/tunnellata. B'paragun ma' dan, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni naqsu biss b'1 % matul l-istess perjodu, minn EUR 3 396/tunnellata fl-2017 għal EUR 3 359/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, għalkemm bdew minn livell ta' prezz aktar baxx fl-2017, il-prezzijiet Ċiniżi naqsu aktar (-EUR 88/tunnellata) mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (-EUR 37/tunnellata) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, fil-perjodu bejn l-2017 u l-2019, it-tnaqqis fil-prezzijiet Ċiniżi ammonta għal 2 % filwaqt li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'anqas minn 1 % (EUR 12/tunnellata).

(659) Il-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet sussidjati b'hekk ikkawżat trażżin sinifikanti tal-prezzijiet lill-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet bl-istess mod li bih il-kostijiet kienu qegħdin jiżdiedu minħabba l-pressjoni 'l isfel ikkawżata mill-importazzjonijiet miċ-Ċina (kemm f'termini ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet baxxi). Tabilħaqq, il-grad ta' tali pressjoni 'l isfel huwa, tal-anqas, evidenti mill-fatt li matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet Ċiniżi kienu konsistentement baxxi u b'mod sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-kost tal-produzzjoni, u dan jillimita l-possibbiltà li jiżdiedu l-prezzijiet (ara l-premessa (614)). Dan irriżulta fi tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(660) Id-differenza bejn l-2019 u l-PI hija partikolarment evidenti f'termini tar-rabta bejn l-importazzjonijiet mir-RPĊ u s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Meta l-importazzjonijiet naqsu wara t-tfixkil fil-produzzjoni u fl-esportazzjonijiet fir-RPĊ minħabba l-pandemija, il-produzzjoni tal-Unjoni fil-kampjun takkwista, il-bejgħ, il-kost unitarju tal-produzzjoni u l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tjiebet ftit (mingħajr ma jitqiesu l-kostijiet straordinarji tar-ristrutturar).

(661) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Tali dannu kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

### 5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

#### 5.2.1. *Konsum*

(662) Produttur esportatur wieħed argumenta li l-ACF li qiegħed jiġi ssostitwit f'ċerti segmenti minn prodotti oħrajn jista' jkun is-sors ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(663) Tabilħaqq, kif indikat fil-premessa (605), il-konsum tal-Unjoni naqas fl-2019 u fil-PI. Madankollu, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-konsum naqas. Tabilħaqq, meta d-domanda tkun qiegħda tonqos, wieħed normalment jistenna li l-produtturi kollha jiġu affettwati b'mod simili jew li saħansitra l-esportazzjonijiet jonqsu aktar meta mqabbla mal-bejgħ domestiku (il-bejgħ tal-Unjoni) fid-dawl tal-prossimità bejn il-produtturi domestiċi u l-klijenti. Madankollu, matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'21 % (27 % fl-2019) filwaqt li l-bejgħ tal-Unjoni lejn is-suq ħieles naqas b'15 % (16 % fl-2019). Barra minn hekk, it-titjib żgħir ta' xi indikaturi diskussi fil-premessa (630) ikkoinċida mat-tnaqqis kontinwu fil-konsum kif jidher fit-Tabella 2. L-unika differenza sinifikanti bejn dawn iż-żewġ perjodi kienu livelli aktar baxxi ta' importazzjonijiet irħas mir-RPĊ minħabba l-pandemija.

(664) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ argumenta li t-tnaqqis fis-suq għandu jitqies bħala kawża ta' dannu billi s-suq naqas b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni kienet diġà qieset it-tnaqqis fis-suq u l-GTĊ ma pprovda l-ebda evidenza biex jirribatti l-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-premessa preċedenti. Il-Kummissjoni għalhekk ma laqgħetx it-talba.

#### 5.2.2. *Il-pandemija tal-COVID-19*

(665) Il-pandemija tal-COVID-19 li bdiet fl-ewwel nofs tal-2020 affettwat is-sitwazzjoni fis-suq tal-UE b'diversi modi. Kif imsemmi fil-premessa (605) iktar 'il fuq, il-konsum globali ma kienx affettwat filwaqt li kien hemm tnaqqis żgħir fl-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(666) Kif spjegat fil-premessa (657), l-importazzjonijiet Ċiniżi sussidjati kienu diġà żdiedu b'mod stabbli fuq bażi ta' sena wara sena fil-perjodu bejn l-2017 u l-2019 li wassal għal żieda ta' aktar minn 27 % sal-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 fl-ewwel nofs tal-2020. Fi kliem ieħor, id-dannu materjali kkawżat lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati kien diġà mmaterjalizza kif jidher fl-iżvilupp negattiv tal-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi kollha fil-perjodu bejn l-2017 u l-2019 qabel ma faqqgħet il-COVID-19. Barra minn hekk, kif diskuss fil-premessa (636), volum aktar baxx ta' importazzjonijiet mir-RPĊ minħabba l-pandemija fil-bidu tal-2020 kellu impatt pożittiv fuq xi wħud mill-indikaturi tad-dannu. Dan ikompli juri rabta qawwija bejn l-importazzjonijiet u s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(667) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-pandemija tal-COVID-19 ma kkontribwietx għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(668) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni investigat b'mod insuffiċjenti l-effett tal-pandemija tal-COVID-19. Il-GTĊ argumenta li l-pandemija kkawżat kriżi fuq in-naħa tad-domanda, li tkun viżibbli wkoll fit-tnaqqis ta' 6 % tal-PDG tal-Unjoni fl-2020. Il-previżjonijiet tal-Kummissjoni stess f'termini ta' rkupru mistenni tal-ekonomija juru l-effett temporanju tal-pandemija.

(669) B'referenza għall-premessa (666), fejn il-Kummissjoni tiġbor fil-qosor l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni rrifjutat din id-dikjarazzjoni.

5.2.3. *Nuqqas ta' investiment*

(670) Produttur esportatur wieħed u żewġ utenti argumentaw li n-nuqqas ta' investiment mill-industrija tal-Unjoni fil-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom huwa waħda mir-raġunijiet għad-dannu.

(671) Huwa minnu li, kif imsemmi fil-premessa (647), twaqqfu xi investimenti ambizzjużi tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Madankollu, dan kien ir-riżultat tas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni, mhux il-kawża tagħha. Minkejja s-sitwazzjoni mwiegħra tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, l-investigazzjoni wriet investimenti f'mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità inklinati u titjib ieħor fil-park tal-magni eżistenti. Barra minn hekk, diversi kumpaniji investew fir-R&Ż sabiex jipproduċu ACF u ACF irqaq għall-produzzjoni tal-batteriji tal-karozzi elettriċi. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni adattat għar-rekwiżiti tas-suq, fi ħdan il-possibilitajiet finanzjarji tagħha.

(672) Filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li jistgħu jkunu meħtieġa investimenti addizzjonali fl-aktar teknoloġija riċenti sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istat tat-tagħmir tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-iżvilupp tal-kostijiet operatorji tagħha ma jnaqqsux ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(673) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-investiment limitat ma kkontribwiex għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(674) Il-konsorzju tal-importaturi talab li l-kummenti tiegħu li saru fl-investigazzjoni anti-dumping separata għandhom jiġu inkorporati f'din l-investigazzjoni antisussidji, u kkummenta wkoll dwar id-divulgazzjoni finali f'din il-proċedura. Il-konsorzju tal-importaturi ddikjara li l-Kummissjoni tenniet il-konklużjonijiet tagħha mir-Regolament provviżorju mingħajr ma pprovdiet evidenza li tista' tirribatti l-argument tal-konsorzju li d-dannu tal-industrija tal-Unjoni rriżulta minn nuqqas ta' investimenti, li rriżulta f'inabbiltà li jiġi pprovdut il-fojl irqiq. Il-konsorzju sostna li filwaqt li kien ipprovda l-evidenza kollha li seta' jiġbor b'mod raġonevoli, ikun f'idejn il-Kummissjoni li tivverifika l-preċiżjoni ta' dawn il-pretensjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, li tinvestiga aktar dawn il-kwistjonijiet billi titlob informazzjoni addizzjonali mill-produtturi tal-Unjoni. In-nuqqas ta' investimenti f'makkinarju u teknoloġiji ġodda wassal biex il-linji tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni ma baqgħux jintużaw peress li l-maġġoranza vasta tal-impjanti tal-fojl tal-aluminju fl-UE għandhom aktar minn 20 sena.

(675) Għall-kuntrarju ta' dak li allega l-konsorzju, il-Kummissjoni vverifikat ir-riżultati tal-ittestjar tal-kwalità speċifikament għall-ACF < 6 matul l-RCCs fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, peress li l-konsorzju kien iddikjara problemi ta' kwalità bil-fojls irqaq. Filwaqt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li xi investimenti twaqqfu, ivverifikat ukoll l-investimenti li saru f'parks tal-magni eżistenti u t-testijiet tal-kwalità li rriżultaw. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet il-pretensjoni li hija ma għamlitx l-isforz meħtieġ biex tivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-konsorzju, wara l-evidenza pprovduta.

5.2.4. *Ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni*

(676) Utent wieħed ġibed l-attenzjoni lejn il-produtturi tal-Unjoni li joħorġu mis-suq u r-ristrutturar bħala raġuni għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(677) Ħafna mill-ħruġ mis-suq innotat mill-utent seħħ qabel il-perjodu kkunsidrat. Ma kien hemm l-ebda raġuni li tindika li dan l-għeluq iseħħ taħt kundizzjonijiet ġusti tas-suq. Jekk xejn, b'mod simili għas-sitwazzjoni rigward l-investimenti, l-għeluq tal-faċilitajiet ta' produzzjoni u n-negozju huwa riżultat tas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni, mhux il-kawża tagħha. Bħala parti mir-ristrutturar u l-adattament, tali għeluq normalment itaffi d-dannu, u mhux jaggravah.

(678) Huwa minnu li l-kostijiet tar-ristrutturar ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fit-tieni nofs tal-PI seta' kellu impatt fuq xi indikaturi, bħall-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kostijiet tal-impjiegi u l-profittabbiltà. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni qieset ukoll l-istampa tad-dannu li injorat dawk il-kostijiet. Anke mingħajr dawk l-elementi tal-kostijiet, huwa ċar li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu matul il-perjodu kkunsidrat inkluż fil-PI. Għaldaqstant, dawn id-dikjarazzjonijiet ma ntlaqgħux.

(679) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni ma kkontribwiex għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(680) Wara d-divulgazzjoni finali Xiamen Xiashun argumentat li r-ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni u l-waqfien tal-produzzjoni minn Novelis Lüdenscheid ma jistgħux jiġu injorati. Xiamen Xiashun sostniet li d-divulgazzjoni finali ma speċifikatx kif l-ispejjeż tar-ristrutturar fil-fatt ġew ikkunsidrati u kkontabilizzati u li l-Kummissjoni ma pprovdietx raġunament aktar espliċitu.

(681) Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Xiamen Xiashun, il-Kummissjoni ddikjarat b'mod ċar kif hija vvalutat ir-ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni fil-kalkolu tal-indikaturi tad-dannu. Kif deskritt fil-premessi tad-divulgazzjoni finali, fil-premessa 510 tad-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni spjegat li l-ewwel qieset ir-ristrutturar bħala parti mill-adattament bħala konsegwenza tad-dannu u fil-prinċipju inkludiet ir-ristrutturar fil-kalkolu tiegħu. Barra minn hekk, fil-premessa 511 tad-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni spjegat li l-Kummissjoni għamlet kalkolu parallel li jinjora kompletament kemm il-kostijiet tar-ristrutturar ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kif ukoll il-valutazzjoni dwar jekk dan kienx ikollu impatt kif ripetut fil-premessa (678) hawn fuq. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet it-talba ta' Xiamen Xiashun peress li ma kinitx iddeskriviet biss il-metodu applikat, iżda ddikjarat ukoll li anki kieku dawk l-ispejjeż kellhom jiġu esklużi, il-konklużjoni dwar il-fatturi ta' dannu u l-kawżalità ma tinbidilx.

5.2.5. *Pagi għoljin, kostijiet tal-enerġija u nuqqas ta' integrazzjoni vertikali*

(682) Utent wieħed argumenta li pagi għoljin u prezzijiet tal-enerġija huma r-raġunijiet għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(683) Mill-2017 sal-PI, il-produtturi tal-Unjoni naqqsu l-għadd ta' impjegati fil-produzzjoni u l-amministrazzjoni, u naqqsu b'mod sostanzjali l-kostijiet lavorattivi globali tagħhom, sabiex iżommu l-kompetittività b'sehem mis-suq iżgħar. Kif jidher fit-Tabella 8, il-kost medju għal kull impjegat żdied fil-PI, iżda dan kien prinċipalment minħabba r-ristrutturar ta' wieħed mill-produtturi fil-kampjun. Mingħajr ma jitqiesu dawn l-ispejjeż straordinarji, il-kost medju għal kull impjegat baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu għadhom qegħdin jagħmlu telf.

(684) Fir-rigward tal-kostijiet tal-enerġija, dawn jirrappreżentaw porzjon relattivament baxx tal-ispejjeż tal-produzzjoni (madwar 3 %) u bħala tali ma għandhomx impatt sinifikanti fuq iż-żieda fl-ispiża tal-produzzjoni indikata fit-Tabella 7. Filwaqt li l-kost tal-enerġija għal kull tunnellata ta' ACF prodott mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedu bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat, dan huwa parzjalment dovut għat-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni u fi kwalunkwe każ, meta wieħed iqis is-sehem tal-kost tal-enerġija fl-ispejjeż tal-produzzjoni, ma jistax ikun responsabbli għaż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni fit-Tabella 7.

(685) Utent wieħed argumenta li n-nuqqas ta' integrazzjoni vertikali huwa sors ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

(686) Il-Kummissjoni nnotat li n-nuqqas ta' integrazzjoni vertikali ma jkissirx il-katina tal-kawżalità peress li dan il-fattur ma nbidilx matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, lanqas il-produtturi esportaturi Ċiniżi kollha huma integrati vertikalment. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(687) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-pagi, il-kostijiet tal-enerġija u n-nuqqas ta' integrazzjoni vertikali ma kkontribwewx għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(688) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni ma kkunsidratx biżżejjed il-kostijiet lavorattivi, li żdiedu b'25 % mill-2019 sa tmiem il-PI.

(689) Għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-GTĊ, il-Kummissjoni analizzat l-effett taż-żieda fil-kostijiet lavorattivi u kkonkludiet li dan għandu jitqies flimkien mat-tnaqqis fil-personali tal-produtturi tal-Unjoni, li rriżulta fi spejjeż straordinarji. In-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-ispejjeż straordinarji għall-adattament tal-kost għal kull impjegat baqa' relattivament stabbli kif indikat diġà hawn fuq fil-premessa (683). Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet din il-pretensjoni.

5.2.6. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(690) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

*Tabella 11*

**L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| Pajjiż | | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-pajjiż ikkonċernat | Volum (tunnellati) | 10 950 | 9 680 | 9 675 | 8 625 |
| | *Indiċi* | *100* | *88* | *88* | *79* |
| | Is-sehem mis-suq | 5 % | 5 % | 5 % | 5 % |
| | Prezz medju | 3 192 | 3 386 | 3 474 | 3 575 |
| | *Indiċi* | *100* | *106* | *109* | *112* |

*Sors:* Eurostat.

(691) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kienu relattivament limitati. Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kienu konsistentement ogħla mill-prezzijiet Ċiniżi matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn kienu biss ftit anqas mill-prezzijiet tal-Unjoni fl-2017 u l-2018 u mbagħad qabżuhom fl-2019 u matul il-PI. Il-volumi tagħhom naqsu (-21 %) matul il-perjodu kkunsidrat. Meta wieħed iqis it-tnaqqis fil-konsum, is-sehem mis-suq tagħhom baqa' madwar 5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tagħhom żdiedu bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(692) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn matul il-perjodu kkunsidrat ma kkontribwietx għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.7. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(693) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

*Tabella 12*

**Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun**

| | 2017 | 2018 | 2019 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati) | 57 956 | 74 277 | 69 027 | 61 811 |
| *Indiċi* | *100* | *128* | *119* | *107* |
| Prezz medju (EUR/tunnellata) | 3 498 | 3 632 | 3 475 | 3 400 |
| *Indiċi* | *100* | *104* | *99* | *97* |

*Sors*: industrija tal-Unjoni fil-kampjun u mhux fil-kampjun.

(694) L-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b’7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni minn 57 356 tunnellata fl-2017 għal madwar 61 811 tunnellata fil-perjodu ta’ investigazzjoni.

(695) Il-prezz medju ta’ dawn l-esportazzjonijiet l-ewwel żdied b’4 % fl-2018 qabel ma naqas progressivament għal livell aktar baxx milli fl-2017 (-3 %) fil-PI. Il-prezz medju ta’ dawn l-esportazzjonijiet baqa’ konsistentement ogħla mill-prezz li l-industrija tal-Unjoni setgħet tikseb fis-suq tal-UE.

(696) Fid-dawl tal-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni ma kkontribwietx għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(697) Hemm rabta ċara bejn id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u ż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(698) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati. L-ebda wieħed mill-fatturi ma kkontribwixxa, waħdu jew flimkien ma’ fattur(i) ieħor/oħrajn, għall-iżviluppi negattivi tal-indikaturi tad-dannu osservati fil-perjodu kkunsidrat.

(699) Abbażi ta’ dan ta’ hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f’dan l-istadju li l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa b’mod individwali jew b’mod kollettiv, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu materjali.

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

6.1. **L-interess tal-industrija u l-fornituri tal-Unjoni**

(700) Hemm 11-il grupp magħruf ta’ kumpaniji li jipproduċu ACF fl-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni timpjega aktar minn 2 000 ħaddiem direttament, filwaqt li hemm ħafna aktar jiddependu fuqha indirettament. Il-produtturi huma mifruxin b’mod wiesa’ madwar l-Unjoni.

(701) In-nuqqas ta' miżuri x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' trażżin ulterjuri tal-prezzijiet, bejgħ aktar baxx u deterjorament ulterjuri tal-profittabbiltà. Il-miżuri se jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tisfrutta l-potenzjal tagħha fis-suq tal-Unjoni, tirkupra s-sehem mis-suq mitluf, u ttejjeb il-profittabbiltà għal livelli mistennija f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(702) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni u l-fornituri upstream tagħha.

### 6.2. **L-interess tal-utenti**

(703) Disa' utenti li jirrappreżentaw l-industrija tal-imballaġġ flessibbli, kif ukoll l-industrija tal-materjal tal-kostruzzjoni, wieġbu għall-kwestjonarju. Id-disa' kumpaniji jammontaw għal madwar 27 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-PI. Żewġ utenti oħrajn pprovdew kummenti, iżda ma pprovdewx tweġibiet għall-kwestjonarju. Abbażi ta' dawn it-tweġibiet, il-Kummissjoni ma sabitx dipendenza sinifikanti fuq l-ACF importati mir-RPĊ. Għall-biċċa l-kbira mill-utenti li kkooperaw, l-ACF mir-RPĊ irrappreżenta bejn żero u 7 % tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti li utilizzaw l-ACF. L-eċċezzjoni għal dan kienu żewġ utenti (wieħed fis-settur tal-kostruzzjoni u ieħor fis-settur tal-imballaġġ), li jimportaw [80 sa 95] % u [85 sa 100] % tal-ACF tagħhom mir-RPĊ, li jirrappreżentaw, rispettivament, [15 sa 25] % u [20 sa 30] % tal-ispejjeż tagħhom tal-produzzjoni rilevanti.

(704) Sitt utenti argumentaw li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jipprovdu ACF tal-istess kwalità bħall-produtturi Ċiniżi minħabba nuqqas ta' investiment f'makkinarju ġdid u tagħmir ta' verifika tal-kwalità matul il-proċess. Filwaqt li huwa minnu li l-produtturi tal-Unjoni b'mod ġenerali għandhom għażla ta' magni eqdem mill-produtturi Ċiniżi, il-produtturi tal-Unjoni għamlu investimenti u japplikaw ukoll għodod ta' detezzjoni tal-kwalità matul il-proċess. Kif juru ċ-ċifri tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jikkompetu b'suċċess fis-swieq ta' pajjiżi terzi, u dan juri li l-prodott tagħhom ġeneralment ma jkunx inferjuri meta mqabbel mal-istandard globali. Filwaqt li xi produtturi prinċipali tas-suq Ċiniż għandhom faċilitajiet li kapaċi jipproduċu prodott ta' kwalità għolja b'mod effiċjenti, l-analiżi tal-kwalità pprovduta minn utent uriet li dan ma huwiex minnu għall-industrija kollha tal-ACF fir-RPĊ u għall-produtturi esportaturi kollha tagħha.

(705) Tliet utenti argumentaw li l-produtturi tal-Unjoni ma jipprovdux wisa' kbira jew tal-anqas ikollhom limitazzjonijiet fil-provvista għal dimensjonijiet speċifiċi. L-investigazzjoni sabet li l-produtturi tal-Unjoni setgħu jipprovdu l-wisa' kollha mitluba mis-suq. Il-wisgħat speċifiċi jistgħu jkunu aktar kosteffiċjenti minn oħrajn, skont il-wisa' massima tal-fabbrika tal-irrumblar, li mbagħad tiġi riflessa fin-negozjati tal-prezzijiet, madankollu din hija prattika kummerċjali normali.

(706) Tliet utenti argumentaw li l-produtturi tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jipprovdu ACF ta' kwalità b'gauge ta' anqas minn 6 mikroni. Kif spjegat fil-premessa (63), il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni mhux biss għandha l-kapaċità eżistenti u għamlet bejgħ kummerċjali f'dan is-segment, iżda li tinvesti wkoll fil-produzzjoni ta' gauges ta' anqas minn 6 mikroni, li kien segment tas-suq li qiegħed jiżviluppa b'konsum relattivament baxx matul il-PI.

(707) Żewġ utenti argumentaw li d-dazji kumpensatorji jikkawżaw interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Filwaqt li d-domanda massima f'sitwazzjonijiet speċifiċi tista' tikkawża żminijiet ta' konsenja ogħla u l-produtturi Ċiniżi jista' jkollhom aktar flessibbiltà finanzjarja għall-istokkjar tal-materja prima, huwa importanti li wieħed jinnota li l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista mir-RPĊ jistgħu jseħħu bl-istess mod, kif kien il-każ minħabba l-COVID-19, li jagħmel is-sopravvivenza tal-produtturi tal-Unjoni fattur importanti għall-istabbiltà tal-provvista fl-Ewropa. Fi kwalunkwe każ, kif indikat fit-Tabella 4, hemm kapaċità ta' produzzjoni żejda sostanzjali fl-Unjoni disponibbli għall-utenti.

(708) Żewġ utenti argumentaw li d-dazji kumpensatorji jipperikolaw il-kompetittività tal-industrija tal-konvertituri fis-suq tal-Unjoni, li tikkompeti kontra produtturi minn pajjiżi barra l-Unjoni, peress li ż-żidiet fil-kost ma setgħux jiġu mgħoddija lill-klijenti tagħhom. Għalhekk, il-konvertituri Ewropej jistgħu jċaqilqu l-produzzjoni għal barra mill-Unjoni. Madankollu, ma ġiet ipprovduta l-ebda prova speċifika ta' nuqqas ta' kapaċità li l-kostijiet addizzjonali jgħaddu fuq il-konvertituri.

(709) Żewġ utenti argumentaw li d-dmirijiet imorru kontra l-għan ta' sostenibbiltà Ewropea peress li l-użu ta' ACF aktar irqaq jgħin sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Madankollu, filwaqt li l-Kummissjoni diġà kkonkludiet hawn fuq (ara l-premessa (63)) li l-industrija tal-Unjoni hija perfettament f'pożizzjoni li tipproduċi ACF irqaq, ta' min jinnota li l-Unjoni Ewropea ma tistax tibni politika ekoloġika sostenibbli, li minnha materjali ta' iżolament aktar ekoloġiċi għall-kostruzzjoni jirrappreżentaw element, fuq importazzjonijiet issussidjati ħafna u dannużi mir-RPĊ.

(710) Utent wieħed argumenta li d-dazji jikkawżaw distorsjoni tas-suq peress li tnejn mill-akbar produtturi tal-ACF, li huma wkoll konvertituri, ikollhom konsum ristrett akbar minn 70 % tal-produzzjoni tagħhom. Fid-dawl tal-għadd ta' produtturi tal-Unjoni, huwa improbabbli ħafna li l-konsum ristrett ta' żewġ produtturi integrati tal-ACF, li huma wkoll konvertituri, tikkawża distorsjoni tas-suq. Barra minn hekk, hemm kapaċità sinifikanti ta' riżerva tal-ACF disponibbli fl-UE. Fl-aħħar nett, jekk ma jiġux imposti miżuri antisussidji għal din ir-raġuni jkun ifisser li jiġi ffavorit mudell kummerċjali wieħed (produzzjoni mhux integrata) fuq l-ieħor.

(711) Utent wieħed argumenta li minflok ma jiġu imposti dazji, l-għajnuna mill-Istat tista' tiġi offruta lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni nnotat li l-għajnuna finanzjarja, madankollu, ma hijiex l-istrument it-tajjeb sabiex jiġi miġġieled is-sussidjar dannuż.

(712) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda interess uniformi tal-utenti la favur u lanqas kontra l-impożizzjoni tal-miżuri. Dawk l-utenti li argumentaw kontra l-impożizzjoni tal-miżuri jistgħu jiffaċċjaw ċerti konsegwenzi negattivi.

(713) Manreal argumentat li l-miżuri ma kinux se jkunu ta' benefiċċju għall-produtturi tal-Unjoni. Minflok, kienu se jkunu ta' benefiċċju għall-produtturi tal-ACF fit-Turkija, fit-Tajlandja, fil-Brażil jew fir-Russja peress li l-utenti jixtru minn dawn il-pajjiżi minflok mill-produtturi tal-Unjoni.

(714) Madankollu, Manreal ma ssostanzjatx għaliex il-produtturi tal-Unjoni ma kinux se jkunu jistgħu jikkompetu ma' produtturi minn pajjiżi oħra taħt kundizzjonijiet ġusti.

(715) Barra minn hekk, Manreal argumentat li f'każ li l-utenti jgħaddu l-kost tagħhom lill-klijenti tagħhom, dan jipperikola l-kompetittività tal-klijenti tagħhom. Madankollu, il-kumpanija ma ssostanzjatx din il-pretensjoni lil hinn milli għamlet din ir-rimarka ġenerali.

(716) Manreal argumentat ukoll li fil-premessa (354) tar-Regolament (UE) 2021/983, il-Kummissjoni indikat li kienet se timponi miżuri favur produtturi integrati. Hija talbet lill-Kummissjoni tinvestiga l-effetti probabbli tal-miżuri "fil-kompetizzjoni ġusta tal-UE".

(717) Din l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/983 hija żbaljata peress li l-Kummissjoni sempliċiment iddikjarat li n-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri tiffavorixxi utenti mhux integrati. Tabilħaqq, fin-nuqqas ta' miżuri jistgħu jixtru ACF oġġett ta' dumping, filwaqt li utenti integrati li jipproduċu ACF fl-Unjoni ma jibbenefikawx minn dan il-vantaġġ inġust. Fir-rigward tat-talba ta' Manreal biex jiġu investigati l-effetti probabbli tal-miżuri "fil-kompetizzjoni ġusta tal-UE", il-Kummissjoni tifhem li Manreal qed tafferma li d-dazji jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv inġust għall-produtturi integrati tal-Unjoni meta mqabbla man-negozji mhux integrati. Il-Kummissjoni fakkret li f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament antisussidji bażiku, il-ħtieġa li jiġu eliminati l-effetti ta' distorsjoni tal-kummerċ ta' sussidjar ta' ħsara u li terġa' tinkiseb il-kompetizzjoni effettiva tingħata kunsiderazzjoni speċjali fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-interess tal-Unjoni.

(718) Manreal iddikjarat ukoll li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha peress li Manreal ma kellhiex aċċess għall-analiżi msemmija fil-premessa (704).

(719) Il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tipproteġi l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tal-partijiet, filwaqt li tibbilanċja l-aċċess għal dik l-informazzjoni mal-interess ta' partijiet oħra li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Analiżi dettaljata tal-kwalità tal-prodotti minn fornituri differenti mir-RPĊ u mill-Unjoni fuq diversi snin tista' tiġi ddikjarata leġittimament li hija sigriet kummerċjali, li ma jiġix kondiviż mal-kompetituri. Għalhekk, in-nuqqas ta' kondiviżjoni tas-sigrieti kummerċjali ma kkawżax ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' Manreal.

(720) Żewġ kumpaniji, Gascogne u Manreal, argumentaw li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li ma jkun hemm l-ebda interess uniformi tal-utent kontra l-miżuri fil-premessa (712) ma kinitx korretta peress li l-kummenti kollha ppreżentati mill-utenti kienu kontra l-miżuri.

(721) Għall-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tistrieħ ukoll fuq *data* kunfidenzjali sottomessa mill-utenti bħala tweġibiet għall-kwestjonarju. Mid-*data* jirriżulta li hemm żewġ utenti li jixtru perċentwal għoli tal-ACF tagħhom miċ-Ċina u li għalihom l-ACF miċ-Ċina jirrappreżenta parti għolja ħafna mill-kostijiet tal-materja prima tagħhom, iżda l-utenti l-oħrajn prinċipalment jixtru l-ACF mill-produtturi tal-Unjoni u ma jkunux affettwati bl-istess mod mill-miżuri. L-iżvelar ta' dettalji dwar liema perċentwal l-utenti individwali jixtru minn produtturi konkreti tal-ACF jesponi l-ktajjen tal-provvista tagħhom. Madankollu, il-partijiet diġà jistgħu jagħmlu l-argument tagħhom abbażi tal-informazzjoni li l-utenti jiddependu b'estenti differenti fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(722) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma l-valutazzjoni tagħha li ma hemm l-ebda interess uniformi tal-utenti favur jew kontra l-impożizzjoni tal-miżuri, anke jekk l-utenti li argumentaw kontra l-impożizzjoni tal-miżuri, b'mod partikolari ż-żewġ utenti, li għalihom l-ACF jirrappreżenta perċentwal għoli tal-kost tal-produzzjoni tagħhom, jistgħu jiffaċċjaw ċerti konsegwenzi negattivi.

(723) Walki argumentat li d-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali ma kienx juri l-interess tal-utenti b'mod korrett jew ġust. Walki sostniet ukoll li l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' "interess uniformi" tal-utenti abbażi tal-fatt li *"l-utenti jiddependu b'mod differenti fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ"* hija analiżi qarrieqa u diskriminatorja kontra l-utenti.

(724) Il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda interess uniformi tal-utenti minħabba l-livelli differenti ħafna li fuqhom l-utenti jiddependu fuq ACF li joriġina mir-RPĊ. B'din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni ma ċaħditx li l-utenti kollha li kkooperaw opponew l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping.

(725) Walki sostniet ukoll li l-Kummissjoni ma weġbitx għat-talba tagħha għal analiżi motivata b'mod aktar adegwat relatata ma' elementi kruċjali tal-interess tal-Unjoni. Walki talbet korrezzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni firrigward tar-referenza għall-argumenti tal-utenti dwar il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tipprovdi ACF tal-istess kwalità bħall-produtturi Ċiniżi minħabba nuqqas ta' investiment. Walki argumentat li sitt utenti ssottomettew dikjarazzjoni komuni li tiddikjara *"li l-produtturi Applikanti m'għandhomx il-kapaċità tal-produzzjoni biex jipprovdu ċerti speċifikazzjonijiet importanti tal-ACF. L-inabbiltà tagħhom li jfornu b'mod kummerċjali dawn l-ispeċifikazzjonijiet lill-Utenti tal-Unjoni hija attribwita bl-aktar mod ċar għan-nuqqas fit-tul tal-Applikanti li jinvestu fit-tagħmir u t-teknoloġija tal-produzzjoni meħtieġa biex jestendu l-firxa ta' produzzjoni tal-ACF eżistenti tagħhom sabiex jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet irqaq meħtieġa minn dawn l-Utenti."*

(726) Tabilħaqq, sitt utenti ppreżentaw dikjarazzjoni komuni li fiha ddikjaraw li l-industrija tal-Unjoni naqset milli tinvesti, u dan wara li l-erba' utenti kienu diġà ppreżentaw dan l-argument individwalment. Madankollu, il-Kummissjoni diġà indirizzat din il-pretensjoni fit-Taqsimiet 5.2.3 u 6.2 tar-Regolament 2021/983. F'dan l-istadju, l-ebda utent ma pprovda informazzjoni fattwali ġdida, iżda sempliċiment tenna l-istess pretensjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonfermat il-konklużjonijiet tagħha.

(727) Walki sostniet ukoll li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-prodotti tal-Unjoni ma kinux inferjuri fuq il-bażi tal-kapaċità ġenerali tal-produtturi tal-Unjoni li jesportaw u jikkompetu b'suċċess fi swieq ta' pajjiżi terzi. Walki argumentat li dan kien japplika biss għall-kapaċità li tipproduċi fojl eħxen ta' kwalità ogħla minn 20 mikroni. Hija sostniet ukoll li l-Kummissjoni ma indikatx li dan ikun jinkludi l-fojls irqaq kollha, li kienu fiċ-ċentru tal-kwistjoni tar-restrizzjoni tal-provvista tal-Unjoni.

(728) Walki kompliet issostni li d-dikjarazzjoni li mhux il-produtturi Ċiniżi kollha setgħu jipproduċu prodott ta' kwalità għolja b'mod effiċjenti, ma kellha l-ebda effett fuq l-argument tal-utenti li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tipproduċi fojl irqaq ta' kwalità għolja b'mod effiċjenti.

(729) Il-Kummissjoni wettqet kontroverifika tad-*data* dwar il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inkwistjoni, li turi li hemm esportazzjonijiet ta' ACF ta' inqas minn 20 mikroni lejn pajjiżi terzi. L-argument ta' Walki li l-produtturi tal-Unjoni jkunu kompetittivi biss mal-ACF ta' aktar minn 20 mikroni għalhekk mhuwiex validu.

(730) Walki sostniet ukoll li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-kapaċità ta' produzzjoni żejda ma tfissirx kapaċità li jiġu prodotti kwantitajiet ta' kwalità rqiqa ta' ACF.

(731) Il-Kummissjoni analizzat kif xieraq il-kapaċità li tal-produzzjoni ta' fojl irqaq, li kien limitat mill-magni b'kapaċità għall-aħħar pass ta' laminazzjoni. Xi produtturi tal-Unjoni ppreżentaw ir-riżultati tat-testijiet, li juru li l-produzzjoni tat-tidwir tat-test għall-ACF < 6 kienet qed tissodisfa b'suċċess ir-rekwiżiti tal-klijent rispettiv. Il-Kummissjoni tindika wkoll il-valutazzjoni tagħha li l-ACF < 6 huwa suq ġdid li qed jiżviluppa u minħabba d-domanda żgħira ħafna matul il-PI, naturalment mhux il-manifatturi kollha tal-Unjoni adattaw il-park tal-magni tagħhom għal dan is-segment tas-suq.

(732) Walki sostniet ukoll li l-elementi ewlenin tal-evidenza pożittiva ppreżentata minn Walki matul l-aħħar kors tal-investigazzjoni ġew totalment injorati jew rappreżentati b'mod żbaljat. Il-Kummissjoni qieset li din il-pretensjoni ma kinitx eżatta. Il-Kummissjoni qieset l-argumenti u l-evidenza kollha, iżda għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, xi informazzjoni speċifika ħafna ma setgħetx tiġi żvelata fir-regolament.

(733) Manreal sostniet li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Manreal argumentat li l-Kummissjoni injorat, mingħajr ebda motivazzjoni, il-kummenti kollha ta' Manreal, billi sostniet li l-Kummissjoni użat teknika konfuttali inġusta billi indikat li Manreal ma ssostanzjatx biżżejjed l-allegazzjonijiet tagħha.

(734) Għall-kuntrarju tal-pretensjoni ta' Manreal, il-Kummissjoni laħqet l-obbligu tagħha li tivvaluta jekk il-kummenti kollha kemm huma ta' Manreal kinux sostanzjati biżżejjed, u fil-premessi msemmija minn Manreal, spjegat ir-raġunijiet f'kull każ fejn dawn ma kinux. Ir-Regolament Bażiku ma jipprevedix obbligu tal-Kummissjoni li tkompli tinvestiga l-kummenti mhux sostanzjati biżżejjed.

(735) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

### 6.3. **Talba għal eżenzjoni għall-użu finali**

(736) Fl-investigazzjoni separata dwar l-anti-dumping Effegidi talbet eżenzjoni għall-użu finali għall-ACF għall-użu fil-produzzjoni ta' riti għall-ilqugħ tal-kejbils u għall-kapsuli tal-fliexken tal-inbid. Effegidi estenda din it-talba għal din il-proċedura.

(737) It-talba hija bbażata fuq il-perċentwal tal-kostijiet li ACF jirrappreżenta fil-kostijiet tal-produzzjoni ta' riti għall-ilqugħ tal-kejbils u l-kapsuli tal-inbid u l-impatt li l-miżuri jkollhom fuq l-ekonomija. Skont Effegidi, ir-riti għall-ilqugħ tal-kejbils u l-kapsuli tal-inbid huma swieq speċjalizzati u l-konsum tagħhom tal-ACF huwa daqstant ieħor negliġibbli. Dan jimplika li eżenzjoni mid-dazji għall-użu finali ma timminax l-effettività kumplessiva tad-dazju anti-dumping.

(738) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li Effegidi ma tipproduċix biss iż-żewġ prodotti li għalihom talbet l-eżenzjoni għall-użu finali, iżda li l-portafoll tagħha jinkludi varjetà ta' prodotti oħra bħal riti tal-kejbils li ma jinkorporawx l-ACF, kif ukoll xi imballaġġ ieħor tal-ikel u mhux tal-ikel, li ftit minnu kien jnkorpora l-ACF. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina l-impatt kumplessiv tad-dazji anti-dumping fuq il-profittabbiltà tal-kumpanija, abbażi tad-*data* limitata pprovduta minn Effegidi. Konsegwentement, fid-divulgazzjoni definittiva, il-Kummissjoni rrifjutat l-eżenzjoni tal-użu aħħari.

(739) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Effegidi pprovdiet lill-Kummissjoni bid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha għas-snin 2019, 2020 u għall-ewwel nofs tal-2021. Effegidi talbet ukoll gwida mill-Kummissjoni dwar liema dokumenti ulterjuri kellha bżonn tipprovdi sabiex tkun tista' tingħata l-eżenzjoni tal-użu aħħari.

(740) Il-Kummissjoni sabet li l-informazzjoni mibgħuta wara d-divulgazzjoni definittiva ma kinitx biżżejjed biex tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt kumplessiv ta' eżenzjoni potenzjali fuq l-effettività tad-dazju. Effegidi ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar l-industrija tal-ilqugħ tal-kejbil u tal-kapsuli tal-inbid.

(741) Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta jekk l-eżenzjoni tal-użu aħħari tkunx fl-interess tal-Unjoni u għalhekk ikkonfermat iċ-ċaħda tagħha tat-talba għal eżenzjoni ta' Effegidi.

6.4. **L-interess tal-importaturi**

(742) Konsorzju ta' ħames importaturi mhux relatati pprovda kummenti dwar il-bidu. Madankollu, importatur mhux relatat wieħed biss, li jirrappreżenta [15 sa 25 %] tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, issottometta tweġiba għall-kwestjonarju tal-importaturi.

(743) Il-konsorzju argumenta li l-produtturi tal-Unjoni ma jistgħux jimmanifatturaw l-ispettru sħiħ tal-ACF fil-kwalità u l-volum meħtieġa minħabba restrizzjonijiet tekniċi li joriġinaw minn nuqqas ta' integrazzjoni vertikali tal-biċċa l-kbira mill-produtturi tal-Unjoni. Dan jikkawża spejjeż ogħla tal-produzzjoni, kwalità aktar baxxa, dipendenza fuq is-suq tal-materja prima (stokk tal-fojl) u żminijiet itwal ta' tħejjija minħabba katina tal-provvista itwal. Huma sostnew ukoll li nuqqas ta' investiment, speċjalment f'sistemi ta' detezzjoni online, wassal għal kwistjonijiet ta' kwalità. Għalhekk, il-konsorzju jistenna nuqqas fil-provvista, speċjalment għal ACF irqaq, jekk jiġu imposti miżuri. Dan, flimkien ma' prezzijiet ogħla, jimmina l-kompetittività tal-konvertituri tal-Unjoni (utenti).

(744) Kif diskuss fit-Taqsima 4.5.2.1, l-industrija tal-Unjoni tidher li għandha biżżejjed kapaċità żejda, anke meta jitqies il-livell għoli ta' użu ristrett ta' żewġ produtturi kbar tal-Unjoni. Għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-konsorzju ta' importaturi, saru investimenti fil-kontroll tal-kwalità f'linja u d-*data* ma turix b'mod konsistenti kwalità ogħla ta' ACF Ċiniżi.

(745) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri mhux neċessarjament tkun fl-interess tal-importaturi. Madankollu, hija vvalutat ukoll l-effetti probabbli tagħhom meta qabblet l-interessi differenti inkwistjoni (ara t-Taqsima 4.4).

(746) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi tenna l-pretensjoni li l-produtturi tal-Unjoni ma kinux kapaċi jissodisfaw id-domanda tal-ACF eżistenti speċjalment fis-segment tas-suq tal-ACF bi ħxuna rqiqa, li fih bħalissa jimportaw mir-RPĊ biex jissodisfaw id-domanda. Il-konsorzju saħaq li se jkun hemm bżonn ta' mill-inqas sentejn biex il-produzzjoni tal-ACF bi ħxuna rqiqa ssir effettiva u operattiva u li l-produtturi tal-Unjoni ma jidhrux li jissodisfaw l-istandards ta' kwalità mitluba biex jissostitwixxu l-importazzjonijiet attwali miċ-Ċina f'dan is-segment tas-suq.

(747) Minbarra l-fatt li l-konsorzju ma ssostanzjax għaliex iridu jgħaddu sentejn (2) biex il-produzzjoni tal-ACF bi ħxuna rqiqa ssir operattiva, il-Kummissjoni kienet diġà kkonkludiet fit-Taqsima 4.5.2.1 tar-Regolament (UE) 2021/983 li l-industrija tal-Unjoni kienet tidher li għandha kapaċità ta' riżerva suffiċjenti. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni wriet bil-bejgħ u bil-produzzjoni tar-rombli tat-test li tista' tissodisfa d-domanda tal-klijenti kif deskritt fil-premessi (50) u (51) tar-Regolament (UE) 2021/983..

(748) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha li l-impożizzjoni ta' miżuri mhux neċessarjament tkun fl-interess tal-importaturi. Madankollu, hija vvalutat ukoll l-effetti probabbli tagħhom meta qabblet l-interessi differenti inkwistjoni (ara t-Taqsima 6.4).

(749) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-konsorzju ddikjara li l-Kummissjoni injorat kompletament il-fatt li l-moviment gradwali tad-domanda fi ħxuna irqaq tal-ACF irriżulta f'żieda fid-domanda għal ACF ta' ≤ 7 microns. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssottovalutat il-fatt li kien se jkun hemm bżonn ta' mill-inqas sentejn biex il-produzzjoni ta' ACF bi ħxuna irqaq tkun effettiva u operattiva fl-UE.

(750) Barra minn hekk, il-konsorzju sostna li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi kjarifika dwar kif il-kapaċità żejda sostanzjali tal-industrija tal-Unjoni tista' tissodisfa d-domanda ta' ħxuna irqiqa tal-ACF.

(751) Il-konsorzju tenna wkoll li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tissodisfa l-istandards tal-kwalità għall-ħxuna rqiqa ACF f'termini ta' porożità u tal-iskular u enfasizza li l-laminaturi li jipproduċu l-ACF huma l-istess bħal dawk tal-industrija tal-batteriji tal-karozzi, u b'hekk il-kapaċità għall-ACF kompliet titnaqqas. Il-konsorzju sostna li l-injorar ta' dawn l-aspetti wassal lill-Kummissjoni għall-konklużjoni żbaljata li l-impożizzjoni ta' dazji kienet fl-interess tal-Unjoni.

(752) Kif spjegat fil-premessa (51) tar-Regolament (UE) 2021/983, il-Kummissjoni vvalutat il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tipproduċi ACF irqaq, speċifikament ACF < 6 billi vvalutat il-kapaċità tal-aħħar pass tal-laminazzjoni, meħtieġ biex jintlaħaq din il-ħxuna rqiqa. Il-pass preċedenti ta' laminazzjoni wera li kien hemm kapaċità żejda suffiċjenti. Konsegwentement, il-konġestjoni għall-produzzjoni ta' ACF < 6 tinsab fl-aħħar pass tal-laminazzjoni. Il-Kummissjoni ċċarat kif l-industrija tal-Unjoni tista' tissodisfa d-domanda ta' ACF i ħxuna rqiqa. L-argument li jkun hemm bżonn ta' mill-inqas sentejn biex il-produzzjoni ta' ħxuna rqiqa tal-ACF tkun effettiva u operattiva japplika biss għal kapaċitajiet ġodda li l-industrija tal-Unjoni tinstalla bħala riżultat ta' kompetizzjoni tal-prezzijiet ġusta restawrata u domanda li qed tkompli tiżdied. Peress li l-kapaċitajiet eżistenti diġà jistgħu jissodisfaw id-domanda mistennija fil-futur qarib, il-kapaċitajiet futuri addizzjonali potenzjali ma ġewx ikkunsidrati fil-kalkolu tal-Kummissjoni. Mhuwiex rilevanti li kapaċitajiet ġodda jkunu jeħtieġu perjodu qabel ma jsiru operattivi. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

### 6.5. **Ibbilanċjar tal-interessi konkorrenti**

(753) F'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat l-interessi konkorrenti u tat kunsiderazzjoni speċjali lill-ħtieġa li jiġu eliminati l-effetti distorsivi tal-kummerċ tad-dumping dannuż u li tiġi restawrata l-kompetizzjoni effettiva.

(754) F'dak li għandu x'jaqsam maż-żieda fil-prezzijiet, l-investigazzjoni żvelat li l-prezzijiet Ċiniżi kienu qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'medja ta' 10,8 % u li t-trażżin tal-prezzijiet iwassal għal deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Jekk il-prezzijiet jerġgħu jogħlew għal livelli sostenibbli, il-Kummissjoni kkunsidrat li tali żieda tkun limitata fid-dawl tal-livell ta' kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Kif diġà ssemma fit-Taqsima 4.5.2.1, l-industrija tal-Unjoni għandha biżżejjed kapaċità żejda. Għaldaqstant, l-effett negattiv fuq l-utenti jibqa' wkoll limitat. L-ebda wieħed mill-argumenti speċifiċi mqajma mill-utenti u mill-importaturi u diskussi fit-Taqsimiet 6.2 and 6.4 ma biddel din il-konklużjoni.

(755) Meta vvalutat is-sinifikat tal-effetti negattivi għall-importaturi, il-Kummissjoni l-ewwel innotat li l-livell ta' kooperazzjoni kien relattivament baxx peress li wieħed biss mill-ħames importaturi li kkooperaw ipprovda d-*data*.

(756) Manreal argumentat li l-analiżi tas-suq u tal-interess tal-Unjoni li saret fir-Regolament (UE) 2021/983 ma kinitx għadha valida, b'riżultat taż-żieda drastika fil-prezzijiet u l-ispekulazzjoni fis-suq tal-komoditajiet, li huma konsegwenzi tal-investigazzjoni u tal-pandemija tal-Covid-19. L-industrija tal-imballaġġ tal-modifikazzjoni hija milquta ħafna mhux biss minn żieda ta' 40 % fil-prezzijiet għall-aluminju, iżda wkoll minn żieda ta' 40 % fil-prezzijiet għall-karta kraft u mill-ispejjeż tat-trasport bil-kontejners li żdiedu b'400 %. Iż-żmien medju għall-provvista għall-kunsinni tal-karti żdied minn 3-4 ġimgħat għal 4 xhur. F'xi kuntratti ta' provvista, il-fornituri jiddikjaraw forza maġġuri u jikkunsinnaw 6 xhur tard filwaqt li jitolbu prezzijiet 20 % ogħla milli fiż-żmien tal-ordni.

(757) B'appoġġ għall-argumenti ta' Manreal, Walki, Gascogne, u Effegidi wkoll enfasizzaw li s-sitwazzjoni tas-suq wara l-PI nbidlet b'mod fundamentali u dan wassal għal nuqqasijiet ta' provvisti mhux biss fl-ACF, iżda wkoll fil-materja prima l-oħra taghhom. Skont Gascogne, il-prezz tal-aluminju fuq il-London Metal Exchange żdied bi 30 % minn Ottubru 2020 sa Mejju 2021. Barra minn hekk, skont is-sitwazzjoni attwali, jidher li produttur ewlieni tal-Unjoni wieħed biss jista' jipprovdi ordnijiet ġodda mingħajr ħin ta' stennija ta' diversi xhur. Effegidi saħqet li, skont il-kwotazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni f'Lulju 2021, il-provvista ta' ACF għall-produzzjoni tiegħu mhux se tkun disponibbli qabel l-2022.

(758) Utent ieħor, Alupol, argumenta li minn Diċembru 2020, huwa nnota interess baxx f'kuntratti mill-produtturi tal-Unjoni u saħansitra kuntratt ta' provvista ta' sentejn konkluż ma' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni ġie tterminat mill-produttur wara nofs sena, li juri l-limitazzjonijiet tal-kapaċità. Walki pprovdiet evidenza addizzjonali relatata ma' talbiet ta' ACF ta' 6,35 mikroni, li turi li d-diffikultajiet fil-provvista ffaċċjati fl-2021 qed jissoktaw.

(759) Barra minn hekk, il-konsorzju tal-importaturi argumenta li mill-bidu tal-investigazzjoni, il-prezzijiet tal-ACF żdiedu b'25 % u ż-żminijiet tal-kunsinna żdiedu minn medja ta' xahrejn għal 4 xhur. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' provvista attwali twassal lill-kumpaniji integrati biex ifornu lill-entitajiet relatati tagħhom fuq bażi preferenzjali, u b'hekk iħallu inqas kapaċità għas-suq miftuħ. Il-konsorzju jistenna li d-dazji se jfixklu l-ktajjen tal-provvista u jwasslu għal nuqqas fil-provvista għall-firxa sħiħa tal-ACF, iżda b'mod partikolari għal dawk bi ħxuna ta' inqas minn 6 mikroni.

(760) Filwaqt li dawn il-bidliet fis-suq tabilħaqq għandhom impatt fuq l-interessi differenti tal-produtturi, tal-utenti u tal-importaturi, dawn huma kkawżati mis-sitwazzjoni eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19 u mill-irkupru ekonomiku qawwi ta' wara, li kkawża nuqqas ta' trasport internazzjonali u nuqqasijiet tal-provvista. Għaldaqstant, jista' jkun hemm bżonn ta' ċertu ammont ta' żmien biex is-swieq jadattaw sakemm l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir jinnormalizzaw u d-domanda u l-provvista jerġgħu jkunu bbilanċjati, inkluż fis-settur tal-ACF.

(761) Manreal argumentat ukoll li f'konformità mal-Artikolu 11 tat-TFUE, il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet sussidjati jenħtieġ li tkun ibbilanċjata ma' għanijiet oħra tal-Unjoni, bħall-protezzjoni ambjentali, u kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri se jkollha impatt negattiv ħafna fuq l-ambjent. Manreal argumentat li irrispettivament mill-impatti negattivi possibbli fuq l-impjiegi jew fuq il-politika industrijali, l-għajbien ta' produtturi tal-Unjoni li jniġġsu aktar ikun tajjeb għall-ambjent tal-UE. Konsegwentement, Manreal talbet lill-Kummissjoni biex fl-investigazzjoni tinkludi l-effetti probabbli tal-miżuri fuq l-ambjent.

(762) Il-Kummissjoni nnutat, l-ewwel nett, li Manreal ma ssostanzjatx b'liema mod il-produtturi tal-Unjoni jniġġsu aktar mill-produtturi Ċiniżi. Barra minn hekk, filwaqt li l-Unjoni tistabbilixxi standards ambjentali għoljin għall-produtturi tagħha, l-għan tal-Artikolu 11 tat-TFUE ma huwiex li jipprevjeni l-attività ekonomika iżda li jintegra r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali fil-politika li tiggwida l-attività ekonomika. Is-suġġeriment ta' Manreal li l-emissjonijiet fl-Unjoni jitnaqqsu billi l-industrija tagħha titħalla tiġi eliminata minn kompetizzjoni inġusta ma huwiex biss inkompatibbli mal-għanijiet ambjentali tal-UE iżda jmur kontra l-għadd ta' politiki oħra. Konsegwentement, it-talba ta' Manreal biex jiġi investigat l-impatt ambjentali ta' xenarju bħal dan ġiet miċħuda.

(763) Manreal indikat ukoll il-premessa (355) tar-Regolament provviżorju, fil-proċedura anti-dumping, li fiha l-Kummissjoni ddikjarat, bi tweġiba għall-argument preċedenti ta' Manreal li l-għajnuna mill-Istat tista' tkun miżura aktar xierqa mill-impożizzjoni tad-dazji, li l-għajnuna finanzjarja ma hijiex l-istrument xieraq biex jiġi miġġieled id-dumping ta' ħsara. Manreal argumentat li din hija għażla ta' politika li ma tenħtiġx li tiġi adottata mingħajr ma jiġi kkonsultat id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ("DĠ COMP"). Manreal affermat ukoll li l-argument tal-Kummissjoni jippresupponi li kwalunkwe għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-Unjoni ma hijiex se tiġi awtorizzata mid-DĠ COMP.

(764) Il-Kummissjoni fakkret li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku jistipula li fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li hemm sussidji kumpensabbli, u dannu kkawżat minnu, u l-interess tal-Unjoni jitlob intervent, għandu jiġi impost dazju kompensatorju definittiv mill-Kummissjoni. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ma tistax tastjeni milli tiġġieled is-sussidju ta' dannu muri mill-esportaturi Ċiniżi permezz tal-istrumenti legali għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sempliċiment minħabba li l-produtturi tal-Unjoni setgħu wkoll jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-għajnuna mill-Istat tingħata mill-Istati Membri, mhux mill-Kummissjoni.

(765) Konsegwentement, l-ebda wieħed mill-argumenti wara r-Regolament (UE) 2021/983 mqajjem mill-utenti u l-importaturi wkoll fil-kuntest tal-investigazzjoni antisussidji ma biddel il-konklużjoni tal-Kummissjoni.

(766) Diversi partijiet issuġġerew li l-Kummissjoni, flimkien mal-kummenti għad-divulgazzjoni finali, ivvalutat sospensjoni potenzjali tad-dazji skont l-Artikolu 24(4) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji. Is-sospensjoni potenzjali tad-dazji tista' titqies mill-Kummissjoni fi żmien debitu kif previst fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji.

(767) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ argumenta li l-ekonomija globali u tal-UE qed tiffaċċja interruzzjonijiet gravi kontinwi fil-katina tal-provvista. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri f'dan iż-żmien. Il-GTĊ talab ukoll lill-Kummissjoni biex tivvaluta sospensjoni ta' dazji potenzjali.

(768) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (760) il-pandemija tal-COVID-19 kellha effetti negattivi fuq il-ktajjen tal-provvista. Madankollu, din hija sitwazzjoni temporanja, mhijiex ikkunsidrata mill-Kummissjoni li tikkawża interess prevalenti permanenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri.

(769) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi argumenta li l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji definittivi flimkien mad-dazji anti-dumping hija b'mod ċar kontra l-interess tal-importaturi u l-utenti fl-UE peress li kien hemm domanda dejjem akbar fl-ACF ta' ≤ 7 mikroni, iż-żieda fil-produzzjoni tal-fojl tal-batteriji tnaqqas il-kapaċità disponibbli għal ACF oħra u dan jikkawża rilokazzjoni tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-industrija tal-konverżjoni barra mill-UE.

(770) Il-Kummissjoni kienet diġà kkonkludiet li l-kapaċitajiet żejda tal-produtturi tal-Unjoni jippermettu li tiġi ssodisfata d-domanda tal-ACF għal gejġijiet irqaq u għall-fojl tal-batteriji tal-karozzi fis-snin li ġejjin. Dazji anti-dumping mhumiex ikkalkulati b'mod li awtomatikament jirrimedjaw ukoll is-sussidjar tal-importazzjonijiet Speċjalment differenti esportaturi jistgħu jkunu involuti b'mod differenti fl-importazzjonijiet u s-sussidjar li huma l-oġġett ta' dumping. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet id-dikjarazzjoni li jkun kontra l-interess tal-Unjoni li jiġu imposti dazji kumpensatorji, f'każ ta' impożizzjoni ta' dazji anti-dumping.

(771) Wara d-divulgazzjoni finali Xiamen Xiashun argumentat li jkun fl-interess tal-Unjoni li teskludi l-fojl tal-batteriji tal-karozzi elettriċi mill-kamp ta' applikazzjoni peress li l-produtturi tal-Unjoni ma jkollhomx il-kapaċitajiet li jimlew id-domanda fit-terminu qasir sa medju.

(772) Billi Xiamen Xiashun ma pprovdiex evidenza ġdida għal din id-dikjarazzjoni u l-Kummissjoni kienet diġà analizzat il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni fid-dawl tad-domanda fuq terminu qasir sa medju, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

### 6.6. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(773) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti sabiex tikkonkludi li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-ACF li joriġinaw miċ-Ċina.

## 7. **OFFERTA TA' IMPENN FUQ IL-PREZZ**

(774) Wara d-divulgazzjoni finali, sal-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, produttur esportatur wieħed ippreżenta offerta għal impenn fuq il-prezz: Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd., flimkien man-negozjant relatat tagħha Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., (HK) Limited.

(775) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament antisussidji bażiku, l-offerti ta' impenn fuq il-prezz iridu jkunu adegwati biex jeliminaw l-effett dannuż tas-sussidjar u l-aċċettazzjoni tagħhom ma għandhiex titqies bħala mhux prattika. Il-Kummissjoni vvalutat l-offerta fid-dawl ta' dawn il-kriterji u qieset li l-aċċettazzjoni tagħha ma tkunx prattika għar-raġunijiet li ġejjin.

(776) L-ewwel, il-kumpanija tipproduċi u tbigħ diversi tipi ta' prodotti b'differenzi sinifikanti fil-prezzijiet. It-tipi ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni ma jistgħux jintgħarfu faċilment minn xulxin permezz ta' spezzjoni fiżika. B'mod partikolari, ikun diffiċli ħafna li l-ħxuna tiġi vvalutata biss permezz ta' spezzjoni fiżika. Mingħajr analiżi dettaljata tal-laboratorju, l-awtoritajiet doganali ma jkunux jistgħu jiddeterminaw jekk il-prodott importat jikkorrispondix ma' dak li qed jiġi ddikjarat.

(777) It-tieni, l-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti jinvolvi riskju għoli ta' kumpens trażversali fost it-tipi differenti ta' prodotti, b'tipi ta' prodotti aktar għaljin li possibbilment jiġu ddikjarati ħażin bħala tipi ta' prodotti orħos, soġġetti wkoll għall-impenn. Dan jirrendi l-impenn mhux infurzabbli u għalhekk mhux prattiku skont it-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. It-tielet, Zhongji għandha għadd ta' kumpaniji relatati direttament involuti fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat. Barra minn hekk, Zhongji jbigħ il-prodott kemm direttament kif ukoll indirettament. Struttura ta' grupp kumplessa bħal din iġġorr riskju għoli ta' kumpens trasversali. Il-Kummissjoni ma tkunx tista' timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-impenn tal-bejgħ indirett permezz tal-kumpanija relatata f'Hong Kong u possibbilment permezz tal-kumpaniji relatati l-oħra. Dan, waħdu, jagħmel l-offerta mhux prattika.

(778) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-impenji partikolari tal-offerta ta' impenn li Zhongji kienet ippreżentat biex tindirizza l-kwistjonijiet prinċipali deskritti hawn fuq. Rigward it-tipi varji ta' prodotti, il-kumpanija offriet li tesporta biss it-tipi ta' prodotti li jappartjenu lil ħames PCNs. Barra minn hekk, fir-rigward tal-istruttura tal-grupp kumpless, Zhongji offriet li timpenja ruħha li tbigħ esklussivament lill-Unjoni direttament permezz ta' Zhongji Lamination Materials Co., Ltd, u li ma tbigħ l-ebda prodott ieħor lill-istess klijenti fl-Unjoni li lilhom jinbiegħ il-prodott li qed jiġi investigat.

(779) Il-Kummissjoni sabet li anki dawn l-impenji partikolari mressqa ma jneħħux l-elementi li jagħmlu l-offerta tal-impenn mhux infurzabbli.

(780) Anki jekk l-impenn ta' Zhongji li jesporta ħames PCNs biss inaqqas, iżda mhux jelimina, ir-riskju ta' kumpens trasversali, ma jkunx prattiku ħafna li jiġi infurzat. L-awtoritajiet doganali ma jkunux jistgħu jiddeterminaw jekk il-prodott importat jikkorrispondix għal dak li qed jiġi ddikjarat biss permezz ta' spezzjoni fiżika, mingħajr għodod ta' kejl speċifiċi.

(781) Għall-istess raġuni jkun estremament diffiċli li jiġi infurzat l-impenn ta' Zhongji li ma jbigħ l-ebda prodott ieħor għajr il-prodott li qed jiġi investigat lill-istess klijenti fl-UE. Barra minn hekk, il-kumpaniji relatati ma' Zhongji jesportaw prodotti tal-aluminju oħra lejn l-UE, li huma wkoll soġġetti għal miżuri anti-dumping u hemm miżuri fis-seħħ fuq prodotti tal-aluminju li huma kklassifikati taħt l-istess kodiċi NM tal-prodott li qed jiġi investigat ([116]). Fl-aħħar nett, il-prodott ikkonċernat innifsu huwa wkoll soġġett għal miżuri anti-dumping fil-każ separat tal-anti-dumping, u offerta ta' impenn sottomessa mill-istess kumpanija f'dak il-każ diġà ġiet miċħuda.

(782) Il-Kummissjoni bagħtet ittri lill-applikant, fejn esponiet ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq għaċ-ċaħda tal-offerti ta' impenn.

(783) L-applikant ippreżenta l-kummenti tiegħu. Dawn il-kummenti tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati fil-fajl tal-każ.

(784) Zhongji tenniet l-argumenti tagħha stabbiliti fl-offerta ta' impenn u sostniet li l-impenji partikolari spjegati fil-premessa (778) hawn fuq ikunu biżżejjed biex l-offerta ta' impenn tkun tista' titħaddem. Barra minn hekk, Zhongji ma kkunsidratx li d-distinzjoni ta' tipi ta' prodotti differenti minn xulxin permezz ta' spezzjoni fiżika tkun diffiċli jew li l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-prezzijiet li kienet ipproponiet ikun kumpless.

(785) Il-Kummissjoni ma taqbilx. Kif spjegat fil-premessi minn (779) sa (781), l-impenji partikolari ppreżentati ma jneħħux l-elementi fundamentali, li jagħmlu l-offerta ta' impenn mhux infurzabbli.

(786) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset l-offerta ta' impenn mhux infurzabbli u għalhekk mhux prattika skont it-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, u għalhekk irrifjutat l-offerta.

## 8. MIŻURI KUMPENSATORJI DEFINITTIVI

(787) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tas-sussidjar, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġi impost dazju kumpensatorju definittiv.

### 8.1. Il-livell tal-miżuri kumpensatorji definittivi

(788) L-Artikolu 15(1), it-tielet subparagrafu tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-ammont tad-dazju kumpensatorju definittiv ma għandux jaqbeż l-ammont ta' sussidji kumpensabbli stabbilit.

([116]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2384 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment għall-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw fil-Brażil wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

(789) Imbagħad, is-subparagrafu 4 tal-Artikolu 15(1) jiddikjara li *"fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni sottomessa, tkun tista' tikkonkludi b'mod ċar li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' miżuri f'konformità mat-tielet subparagrafu, l-ammont tad-dazju kumpensatorju għandu jkun inqas jekk tali dazju inferjuri jkun adegwat sabiex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni"*.

(790) Ma ġiet sottomessa l-ebda informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni u, għalhekk, il-livell tal-miżuri kumpensatorji se jiġi stabbilit b'referenza għas-subparagrafu 3 tal-Artikolu 15(1).

(791) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazji kumpensatorji definittivi, espressi skont il-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

| Kumpanija | Dazju kumpensatorju definittiv |
|---|---|
| Daching Group, inkluż Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co., Ltd. | 10,1 % |
| Nanshan Group, inkluż Yantai Donghai Aluminum Foil Co., Ltd. | 18,2 % |
| Wanshun Group, inkluż Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. | 8,6 % |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness | 12,3 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 18,2 % |

(792) L-investigazzjoni antisussidji twettqet b'mod parallel ma' investigazzjoni anti-dumping separata li tikkonċerna l-istess prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ, li fiha l-Kummissjoni imponiet miżuri anti-dumping fil-livell tal-marġni tad-dannu. Il-Kummissjoni żgurat li l-impożizzjoni ta' dazju akkumulat li jirrifletti l-livell ta' sussidjar u l-livell sħiħ ta' dumping ma tirriżultax fit-tpaċija tal-effetti tas-sussidjar darbtejn ("għadd doppju") f'konformità mal-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku.

(793) Fl-investigazzjoni anti-dumping parallela, il-valur normali nħadem f'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea b'referenza għall-kostijiet u l-profitti mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv estern xieraq. Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament bażiku u sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, il-Kummissjoni l-ewwel imponiet id-dazju kumpensatorju definittiv fil-livell tal-ammont definittiv stabbilit ta' sussidjar u mbagħad imponiet id-dazju anti-dumping definittiv li jifdal, li jikkorrispondi għall-marġni ta' dumping rilevanti mnaqqas bl-ammont tad-dazju kumpensatorju u sal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu rilevanti stabbilit fl-investigazzjoni anti-dumping separata. Billi l-Kummissjoni naqqset il-marġni tad-dumping li nstab bl-ammont sħiħ ta' sussidjar stabbilit fir-RPĊ, ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' għadd doppju skont it-tifsira tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament bażiku. Fejn l-ammont li jirriżulta mit-tnaqqis tal-ammont ta' sussidju mill-marġni ta' dumping ikun ogħla mill-marġni ta' ħsara, il-Kummissjoni llimitat id-dazju anti-dumping għall-marġni ta' ħsara. Fejn l-ammont li jirriżulta mit-tnaqqis tal-ammont ta' sussidju mill-marġni ta' dumping ikun aktar baxx mill-marġni ta' ħsara, il-Kummissjoni stabbiliet il-livell tad-dazju anti-dumping fuq il-bażi tal-ammont aktar baxx.

(794) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-ogħla dazju impost fuq il-kumpaniji fil-kampjun ikun rappreżentattiv bħala "l-kumpaniji l-oħrajn kollha". Id-dazju tal-"kumpaniji l-oħrajn kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji, li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni.

(795) Kif imsemmi fil-Premessa (594), l-ammont totali ta' sussidju għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-ammont medju ponderat totali ta' sussidji kumpensatorji stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw bl-esklużjoni ta' ammonti negliġibbli kif ukoll l-ammont ta' sussidji stabbiliti għall-entrati, li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku. Madankollu, il-Kummissjoni ma injoratx konstatazzjonijiet ibbażati parzjalment fuq fatti disponibbli sabiex tiddetermina dawk l-ammonti. Tabilħaqq, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-fatti disponibbli u użati f'dawk il-każijiet ma affettwawx sostanzjalment l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' sussidjar b'mod ġust, sabiex l-esportaturi li ma ntalbux jikkooperaw fl-investigazzjoni ma jiġux ippreġudikati bl-użu ta' dan l-approċċ.

(796) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati li bihom se jiġu imposti dawn id-dazji huma stabbiliti kif ġej:

| Kumpanija | Ammont ta' sussidjar | Marġini tad-dumping | Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu | Rata ta' dazju kompensatorju | Rata tad-dazju anti-dumping |
|---|---|---|---|---|---|
| Wanshun Group, inkluż Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. | 8,6 % | 81,5 % | 28,5 % | 8,6 % | 28,5 % |
| Daching Group, inkluż Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co., Ltd. | 10,1 % | 16,1 % | 15,4 % | 10,1 % | 6,0 % |
| Nanshan Group, inkluż Yantai Donghai Aluminum Foil Co., Ltd. | 18,2 % | 98,5 % | 24,6 % | 18,2 % | 24,6 % |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping u fl-investigazzjoni antisussidji elenkati fl-Anness I | 12,3 % | 69,5 % | 23,6 % | 12,3 % | 23,6 % |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping iżda mhux fl-investigazzjoni antisussidji elenkati fl-Anness II | 18,2 % | 69,5 % | 23,6 % | 18,2 % | 23,6 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 18,2 % | 98,5 % | 28,5 % | 18,2 % | 28,5 % |

(797) Ir-rata tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikata f'dan ir-Regolament ġiet stabbilita fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, dan jirrifletti s-sitwazzjoni li nstabet matul l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpanija kkonċernata. Għalhekk din ir-rata tad-dazju (għall-kuntrarju tad-dazju applikabbli għall-pajjiż sħiħ għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") hija applikabbli b'mod esklużiv għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u prodotti mill-kumpanija msemmija. Il-prodotti importati kkonċernati manifatturati minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawk ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(798) Kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati ta' dazju kompensatorju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju, li tapplika għaliha, Regolament emendatorju li jissostitwixxi l-isem preċedenti bl-isem il-ġdid jiġi adottat u ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(799) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji kumpensatorji individwali. Il-kumpaniji b'dazji kumpensatorji individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju kumpensatorju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(800) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u sabiex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(801) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(802) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju kumpensatorju, il-livell tad-dazju għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li ma japplikax biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx, iżda wkoll għal dawk il-produtturi, li ma kellhom l-ebda esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(803) Wara d-divulgazzjoni finali, Xiamen Xiashun kif ukoll Gascogne argumentaw li d-Divulgazzjoni Ġenerali ma tistabbilixxix kif il-Kummissjoni tevita l-għadd doppju kif previst mir-Regolament bażiku. Xiamen Xiashun irreferiet għar-Regolament tal-Kummissjoni fil-GFF, li fih id-dazju kumpensatorju definittiv ġie stabbilit fil-livell tal-ammont definittiv stabbilit ta' sussidjar filwaqt li d-dazju anti-dumping definittiv ġie stabbilit fil-livell tal-marġni ta' dumping definittiv imnaqqas bid-dazju kumpensatorju definittiv fejn il-marġni ta' dumping rilevanti mnaqqas bid-dazju kumpensatorju huwa aktar baxx mil-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu. Xiamen Xiashun talbet lill-Kummissjoni biex tiżvela l-metodu li se tapplika fil-kalkolu tad-dazji kkombinati.

(804) Kif rikonoxxut minn Xiamen Xiashun, il-premessa (555) tad-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali tistabbilixxi li, jekk jiġu imposti dazji anti-dumping, il-Kummissjoni tiżgura li l-impożizzjoni ta' dazju kumulat li jirrifletti l-livell ta' sussidjar u l-livell sħiħ ta' dumping ma tirriżultax fit-tpaċija tal-effetti tas-sussidjar darbtejn ("għadd doppju"). Kif deskritt fil-premessa (793), il-Kummissjoni segwiet l-istess approċċ li Xiamen Xiashun għamlet referenza għalih mill-każ tal-GFF. Din hija l-prattika standard tal-Kummissjoni fis-sitwazzjoni tal-investigazzjonijiet antisussidji u anti-dumping li jkopru l-istess prodott. Fiż-żmien tad-divulgazzjoni finali f'dan il-każ, l-ebda dazju finali għadu ma

ġie impost fil-proċedura anti-dumping. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkummenta dwar l-emendar tad-dazji imposti, peress li ma kien hemm l-ebda dazju formalment fis-seħħ dak iż-żmien. Madankollu, Xiamen Xiashun u Gascogne kellhom il-possibbiltà sħiħa li jikkummentaw dwar l-evitar ta' għadd doppju b'reazzjoni għad-divulgazzjoni finali. Fi kwalunkwe każ, il-partijiet għandhom il-possibbiltà li jagħmlu kummenti dwar l-għadd doppju potenzjali f'dan l-istadju. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni għal divulgazzjoni ulterjuri.

(805) Wara d-divulgazzjoni finali, il-konsorzju tal-importaturi u Nanshan talbu lill-Kummissjoni biex tapplika r-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Bażiku u tillimita d-dazji anti-dumping u kumpensatorji kkombinati fil-livell tal-marġni tad-dannu, filwaqt li nnota li kien hemm biżżejjed informazzjoni fil-fajl li turi li l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji minbarra d-dazji anti-dumping tfixkel is-suq tal-ACF tal-Unjoni.

(806) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tfakkar li r-raġunament għar-regola skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku fi proċedimenti kontra s-sussidji huwa spjegat b'mod partikolari fil-premessa (10) tar-Regolament 2018/825 ([117]), li tistabbilixxi li "sussidji kumpensatorji mogħtija minn pajjiżi terzi huma partikolarment ta' distorsjoni tal-kummerċ" u għalhekk "b'mod ġenerali, ma għadux possibbli li tiġi applikata r-regola tal-inqas dazju." Ir-regola awtomatika fil-proċedimenti tad-dazju kumpensatorju hija li r-regola tal-inqas dazju ma tapplikax, sakemm ma jkunx hemm evidenza li huwa b'mod ċar fl-interess tal-Unjoni li tiġi applikata. L-istandard ta' evidenza biex wieħed jasal għal din il-konklużjoni huwa sostanzjali u għandu juri b'mod speċifiku u pożittiv li huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġi applikat livell aktar baxx ta' dazju mill-ammont ta' sussidjar misjub.

(807) F'dan il-każ, il-Kummissjoni indirizzat l-argumenti kollha mill-partijiet rigward l-interess tal-Unjoni, inklużi dawk ippreżentati mill-konsorzju ta' importaturi u Nanshan, fit-Taqsima 6 hawn fuq. Il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex tikkonkludi li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri kompensatorji definittivi li jistabbilixxu d-dazju fl-ammont ta' sussidji kumpensabbli stabbiliti. Il-konsorzju tal-importaturi u Nanshan ma pprovdew l-ebda evidenza pożittiva u speċifika li tippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi li huwa ċar li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi d-dazju f'tali livell, u minflok li għandha tistabbilixxih fil-livell aktar baxx limitat mill-marġni tad-dannu. Għalhekk, l-istandard ta' evidenza meħtieġ fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(1) mhuwiex issodisfat u l-pretensjoni minn dawn il-partijiet ġiet miċħuda.

## 9. **DIVULGAZZJONI**

(808) Fit-3 ta' Novembru 2021, il-partijiet interessati ġew infurmati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu ACF li joriġinaw mir-RPĊ. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jipprovdu kummenti dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli speċifikament żvelati lilhom.

(809) Disa' partijiet ippreżentaw il-kummenti tagħhom mad-divulgazzjoni. Barra minn hekk, diversi partijiet interessati esprimew ix-xewqa tagħhom li jinkorporaw il-kummenti sottomessi fil-kuntest tal-proċedura anti-dumping separata f'din l-investigazzjoni antisussidji. Fuq talba, saru seduti ta' smigħ mal-konsorzju ta' importaturi, Nanshan Group u Wanshun Group. Il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati sewwa u, fejn kien xieraq, is-sejbiet ġew immodifikati kif xieraq.

([117]) ĠU L 143,7.6.2018, p. 1.

## 10. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(810) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([118]), meta jkollu jiġi rimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(811) Kif spjegat fil-premessi minn (788) sa (793), il-Kummissjoni naqqset mill-parti tal-marġni tad-dumping tal-ammont tas-sussidju, biex jiġi evitat l-għadd doppju. Għalhekk, jekk isseħħ xi modifika jew tneħħija tad-dazji kumpensatorji definittivi, il-livell tad-dazji anti-dumping jenħtieġ li jiżdied awtomatikament bl-istess proporzjon sabiex jirrifletti l-firxa attwali tal-għadd doppju bħala riżultat ta' din il-modifika jew tneħħija. Din il-bidla fid-dazji anti-dumping jenħtieġ li sseħħ mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(812) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([119]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju kumpensatorju definittivi huwa impost fuq importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni bi ħxuna ta' anqas minn 0,021 mm, mingħajr rinforz, mhux maħdum aktar ħlief irrumblat, f'rombli ta' piż li jaqbeż l-10 kg, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7607 11 19 (il-kodiċijiet TARIC 7607 11 19 60 u 7607 11 19 91) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

— Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna ta' mhux anqas minn 0,008 mm u ta'mhux aktar minn 0,018 mm, bla rinforz, mhux maħdum aktar ħlief irrumblat, f'rombli mhux usa' minn 650 mm u ta' piż li jaqbeż l-10 kg.

— Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna mhux anqas minn 0,007 mm u anqas minn 0,008 mm, irrispettivament mill-wisa' tar-rombli, kemm jekk ittemprat kif ukoll jekk le.

— Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna mhux anqas minn 0,008 mm u mhux aktar minn 0,018 mm u f'rombli b'wisa' li taqbeż is-650 mm, kemm jekk ittemprat kif ukoll jekk le.

— Fojl tal-aluminju għal użu domestiku ta' ħxuna ta' aktar minn 0,018 mm u anqas minn 0,021 mm irrispettivament mill-wisa' tar-rombli, kemm jekk ittemprat kif ukoll jekk le.

3. Ir-rati tad-dazju kompensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

| Kumpanija | Dazju kumpensatorju definittiv | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co., Ltd | 10,1 % | C687 |

([118]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([119]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

| | | |
|---|---|---|
| Yantai Donghai Aluminum Foil Co., Ltd. | 18,2 % | C688 |
| Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. | 8,6 % | C686 |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw kemm fl-investigazzjoni antisussidji kif ukoll fl-investigazzjoni anti-dumping elenkati fl-Anness 1 | 12,3 % | Ara l-Anness I |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping iżda mhux fl-investigazzjoni antisussidji elenkati fl-Anness II | 18,2 % | Ara l-Anness II |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 18,2 % | C999 |

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 3 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (Kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

6. F'każijiet fejn id-dazju kompensatorju ġie mnaqqas mid-dazju anti-dumping għal ċerti produtturi esportaturi, ir-rikjesti għar-rifużjonijiet skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037 għandhom ukoll iwasslu għall-valutazzjoni tal-marġni ta' dumping għal dak il-produttur esportatur prevalenti waqt il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rifużjoni.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2170 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u magħmula mill-kumpaniji elenkati hawn taħt ikunu kif ġej:

| Kumpanija | Dazju anti-dumping definittiv | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Xiamen Xiashun Aluminium Foil Co., Ltd | 6,0 % | C687 |
| Yantai Donghai Aluminum Foil Co., Ltd. | 24,6 % | C688 |
| Jiangsu Zhongji Lamination Materials Co., Ltd. | 28,5 % | C686 |

| | | |
|---|---|---|
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw kemm fl-investigazzjoni antisussidji kif ukoll fl-investigazzjoni anti-dumping elenkati fl-Anness 1 | 23,6 % | Ara l-Anness I |
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping iżda mhux fl-investigazzjoni antisussidji elenkati fl-Anness II | 23,6 % | Ara l-Anness II |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 28,5 % | C999” |

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1(6) ġdid:

“6. Jekk id-dazji kumpensatorji definittivi imposti mill-Artikolu 1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 jiġu modifikati jew imneħħija, id-dazji speċifikati fil-paragrafu 2 jew fl-Annessi I u II jiżdiedu bl-istess proporzjon limitat għall-marġni ta’ dumping attwali misjub jew il-marġni tad-dannu misjub kif xieraq għal kull kumpanija u mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.”

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 1(7) ġdid:

“7. F’każijiet fejn id-dazju kumpensatorju jkun tnaqqas mid-dazju anti-dumping għal ċerti produtturi esportaturi, it-talbiet għal rifużjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037 għandhom jiskattaw ukoll il-valutazzjoni tal-marġni tad-dumping għal dak il-produttur esportatur prevalenti matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta’ rifużjoni.’

(4) L-Anness huwa sostitwit bl-Anness I u II.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**Kumpaniji oħrajn li kkooperaw kemm fl-investigazzjoni antisussidji kif ukoll fl-investigazzjoni anti-dumping**

| Pajjiż | Isem | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Zhangjiagang Fineness Aluminum Foil Co., Ltd. | C689 |
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Kunshan Aluminium Co., Ltd. | C690 |
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Luoyang Wanji Aluminium Processing Co., Ltd. | C692 |
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Shanghai Sunho Aluminum Foil Co., Ltd. | C693 |
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Binzhou Hongbo Aluminium Foil Technology Co. Ltd. | C694 |

*ANNESS II*

**Kumpaniji oħrajn li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping, iżda mhux fl-investigazzjoni antisussidji**

| Pajjiż | Isem | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Suntown Technology Group Corporation Limited | C691 |

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2288

## tal-21 ta' Diċembru 2021

## li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-ħruġ, il-verifika transfruntiera u l-aċċettazzjoni ta' tliet tipi ta' ċertifikati tal-COVID-19. Wieħed minn dawn huwa ċ-ċertifikat tat-tilqim, jiġifieri, ċertifikat li jikkonferma li d-detentur ikun irċieva vaċċin kontra l-COVID-19 fl-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat.

(3) Skont ir-Regolament (UE) 2021/953, kull Stat Membru jrid, awtomatikament jew fuq talba mill-persuni kkonċernati, joħroġ ċertifikati tat-tilqim lill-persuni li ngħataw vaċċin kontra l-COVID-19. F'termini ta' kategoriji ta' *data* personali, iċ-ċertifikat tat-tilqim irid ikun fih l-identità tad-detentur, l-informazzjoni dwar il-vaċċin kontra l-COVID-19 u l-għadd ta' dożi mogħtija lid-detentur, u metadata taċ-ċertifikat, bħall-emittent taċ-ċertifikat jew identifikatur uniku taċ-ċertifikat. Dik id-*data* trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tat-tilqim skont il-kampijiet tad-*data* speċifiċi stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

(4) Meta ġie adottat ir-Regolament (UE) 2021/953, ma kienx hemm biżżejjed data disponibbli dwar kemm iddum il-protezzjoni li tirriżulta mit-tlestija tas-serje primarja tal-vaċċin kontra l-COVID-19. B'riżultat ta' dan, il-kampijiet tad-*data* li jridu jiġu inklużi fiċ-ċertifikati tat-tilqim f'konformità mal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jinkludux *data* dwar perjodu ta' aċċettazzjoni, għall-kuntrarju tal-kampijiet tad-*data* li jridu jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tal-fejqan.

(5) Fl-4 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkluda li d-dożi booster għall-Comirnaty jistgħu jiġi kkunsidrati mill-inqas sitt xhur wara t-tieni doża għal persuni li għandhom 18-il sena u aktar. Fil-25 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat ikkonkluda li doża booster ta' Spikevax tista' tiġi kkunsidrata għal persuni li għandhom 18-il sena u aktar, mill-inqas sitt xhur wara t-tieni doża. Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kumitat ikkonkluda li doża booster ta' COVID-19 Vaccine Janssen tista' tiġi kkunsidrata mill-inqas xahrejn wara l-ewwel doża għall-persuni ta' 18-il sena u aktar u li COVID-19 Vaccine Janssen tista' tingħata wkoll wara żewġ dożi ta' Comirnaty jew Spikevax.

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

(6) F'dan il-kuntest, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ippubblika, fl-24 ta' Novembru 2021, Rapid Risk Assessment dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali tas-SARS-CoV-2, projezzjonijiet għall-istaġun festiv tal-aħħar tas-sena u strateġiji għal reazzjoni fl-UE/ŻEE ([2]), fejn innota li l-evidenza emerġenti wriet żieda sinifikanti fil-protezzjoni kontra l-infezzjoni u l-mard gravi wara doża booster fil-gruppi tal-etajiet kollha fuq medda qasira ta' żmien. Skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Istati Membri tal-Unjoni u l-pajjiżi taż-ŻEE jenħtieġ li jikkunsidraw b'urġenza doża booster għal dawk li għandhom 40 sena u aktar, u jkollhom fil-mira lil dawk l-aktar vulnerabbli u lill-anzjani, u li l-pajjiżi jistgħu jikkunsidraw ukoll doża booster għall-adulti kollha li għandhom 18-il sena u aktar, minn tal-inqas sitt xhur wara li jlestu s-serje primarja tagħhom biex iżidu l-protezzjoni mill-infezzjoni minħabba li l-immunità tkun qiegħda tbatti, u li tista' potenzjalment tnaqqas it-trażmissjoni tal-virus fil-popolazzjoni u tevita li jiġu rikoverati aktar nies l-isptar u li jkun hemm aktar imwiet.

(7) Fir-Rapid Risk Assessment tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 ([3]), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard innota li skont l-evidenza disponibbli bħalissa, id-dożi booster se jżidu l-protezzjoni kontra eżiti severi kkawżati mill-varjant ta' tħassib "Delta", u evalwazzjonijiet preliminari jissuġġerixxu wkoll li l-boosters jistgħu jżidu l-protezzjoni kontra l-varjant ta' tħassib "Omicron", b'impatt ogħla mistenni fuq il-popolazzjoni jekk id-doża booster tingħata fi żmien qasir lill-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni adulta. Skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, id-data disponibbli bħalissa tappoġġa l-għoti sikur u effettiv ta' doża booster sa minn tliet xhur mit-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim.

(8) B'rabta mal-għoti tad-dożi booster, aktar u aktar Stati Membri qegħdin jadottaw regoli dwar kemm idumu jiġu aċċettati ċ-ċertifikati tat-tilqim li juru s-serje primarja tat-tilqim, meta jitqies li l-protezzjoni li tirriżulta mill-infezzjoni bil-COVID-19 tidher li qiegħda tbatti maż-żmien. Dawn ir-regoli japplikaw għall-każijiet ta' użu domestiku biss, jew inkella japplikaw ukoll għall-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim għall-finijiet tal-ivvjaġġar.

(9) Miżuri unilaterali f'dan il-qasam għandhom il-potenzjal li jikkawżaw tfixkil sinifikanti peress li ċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni jispiċċaw iħabbtu wiċċhom ma' firxa wiesgħa ta' miżuri diverġenti. Fin-nuqqas ta' approċċ uniformi fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini jkunu obbligati jivverifikaw ir-regoli ta' kull Stat Membru biex jiddeterminaw jekk iċ-ċertifikati tat-tilqim tagħhom għadhomx jiġu aċċettati. Din l-inċertezza toħloq ukoll riskju li tagħmel ħsara lill-fiduċja fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u thedded il-konformità mal-miżuri tas-saħħa pubblika meħtieġa. Regoli partikolarment stretti fi Stat Membru wieħed jistgħu jagħmluha impossibbli għaċ-ċittadini li jivvjaġġaw minn Stat Membru ieħor biex jibbenefikaw mit-tneħħija ta' restrizzjonijiet għal vjaġġaturi mlaqqma, peress li dawn jistgħu jkunu għadhom mhumiex f'pożizzjoni li jiksbu d-doża booster meħtieġa qabel jivvjaġġaw. Dawn ir-riskji huma partikolarment dannużi f'sitwazzjoni fejn l-ekonomija tal-Unjoni diġà ġiet affettwata b'mod sinifikanti mill-virus.

(10) Sabiex jiġu evitati miżuri diverġenti u ta' tfixkil, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit, għall-fini tal-ivvjaġġar, perjodu standard ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum għaċ-ċertifikati tat-tilqim li juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim. Dan iqis il-gwida taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard rigward l-għoti tad-dożi booster minn sitt xhur wara t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim, u jipprevedi perjodu addizzjonali ta' tliet xhur biex jiġi żgurat li l-kampanji nazzjonali tat-tilqim ikunu jistgħu jadegwaw ruħhom u li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għall-għoti tal-boosters. Jenħtieġ li , sabiex jiżguraw approċċ ikkoordinat, l-Istati Membri ma jaċċettawx ċertifikati tat-tilqim li juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim jekk ikunu għaddew aktar minn 270 jum mill-għoti tad-doża indikata fihom. Fl-istess ħin, u sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li, għall-fini ta' vjaġġar, l-Istati Membri ma jipprevedux perjodu ta' aċċettazzjoni iqsar minn 270 jum. F'dan il-perjodu standard ta' aċċettazzjoni, jenħtieġ li ċ-ċertifikati tat-tilqim li juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim ikomplu jiġu aċċettati minn Stat Membru anke jekk diġà jkun qiegħed jagħti d-dożi booster.

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu minnufih il-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà tat-tilqim u l-aċċess għalih għal dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li ċ-ċertifikati tat-tilqim li nħarġulhom qabel ikunu waslu biex jilħqu l-limitu tal-perjodu standard ta' aċċettazzjoni, b'konsiderazzjoni sħiħa għad-deċiżjonijiet interni dwar il-prijoritizzazzjoni għal gruppi differenti tal-popolazzjoni fl-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tat-tilqim fid-dawl tal-politika u s-sitwazzjoni epidemjoloġika nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw ukoll liċ-ċittadini dwar il-perjodu standard ta' aċċettazzjoni u l-ħtieġa li jieħdu dożi booster.

([2]) https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/rapid-risk-assessment-sars-cov-2-november-2021
([3]) https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/covid-19-assessment-further-emergence-omicron-18th-risk-assessment

(12) Il-perjodu standard ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum jenħtieġ li japplika għaċ-ċertifikati li juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim, kemm jekk b'kors primarju ta' doża waħda, b'serje primarja ta' żewġ dożi, jew f'konformità mal-istrateġija tat-tilqim tal-Istat Membru tat-tilqim, kors primarju ta' doża waħda ta' vaċċin b'żewġ dożi wara li qabel kien infettat bis-SARS-CoV-2. Dan jenħtieġ li japplika għaċ-ċertifikati kollha tat-tilqim, jiġifieri, irrispettivament mill-vaċċin kontra l-COVID-19 indikat fih.

(13) Kif irrappurtat miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, iż-żminijiet għas-segwitu wara l-għoti tad-doża booster fl-istudji disponibbli huma qosra, u hemm bżonn ta' aktar monitoraġġ tad-*data* biex jiġi ddeterminat it-tul ta' żmien tal-immunità, wara d-doża booster, għall-infezzjoni, għall-marda ħafifa u għall-marda serja. S'issa, ma hemm l-ebda studju li jindirizza b'mod espliċitu l-effettività tal-boosters fuq it-trażmissjoni tas-SARS-CoV-2 u għalhekk għalissa mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat perjodu ta' aċċettazzjoni għaċ-ċertifikati li juru l-għoti ta' dożi booster. Madankollu, id-*data* emerġenti dwar l-effettività tad-dożi booster fuq ir-restawr ta' protezzjoni għolja kontra l-infezzjoni tindika li x'aktarx ikollhom ukoll impatt importanti fuq il-limitazzjoni tat-trażmissjoni ulterjuri. Wieħed jista' raġonevolment jistenna li l-protezzjoni minn tilqim booster tista' ddum aktar minn dik li tirriżulta mis-serje primarja. Għalhekk f'dan l-istadju jenħtieġ li ma japplika l-ebda perjodu ta' aċċettazzjoni għal ċertifikati li jindikaw l-għoti ta' doża booster, irrispettivament minn jekk id-doża booster ingħatatx matul il-perjodu ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum applikabbli għal ċertifikati li jindikaw it-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim jew jekk ingħatatx wara.

(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jiġix stabbilit perjodu ta' aċċettazzjoni għal dożi addizzjonali mogħtija biex jipproteġu aħjar lill-individwi li ma jiżviluppawx risponsi immunitarji adegwati wara t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim. Ħtieġa li ssir distinzjoni bejn dawn id-dożi addizzjonali u d-dożi booster toħloq riskju li l-istat tas-saħħa ta' dawn il-gruppi vulnerabbli jiġi żvelat b'mod involontarju. Ir-referenzi f'dan ir-Regolament għad-dożi booster jenħtieġ għalhekk jinftiehmu li jkopru wkoll dawn id-dożi addizzjonali.

(15) Huwa neċessarju li jsiru monitoraġġ u rievalwazzjoni b'mod regolari tal-approċċ fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni biex jiġi vvalutat jekk jistgħux ikunu meħtieġa adattamenti abbażi ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida inkluż b'rabta mal-perjodu ta' aċċettazzjoni għaċ-ċertifikati li juru l-għoti ta' doża booster. Peress li bħalissa ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini biex jingħataw dożi booster lil persuni taħt l-età ta' 18-il sena, din ir-rievalwazzjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll jekk eżenzjonijiet mill-perjodu standard ta' aċċettazzjoni jistgħux jiġu ġġustifikati għal dan il-grupp ta' età.

(16) Il-perjodu ta' aċċettazzjoni standard jenħtieġ li ma jiġix inkluż bħala kamp ġdid tad-*data* fiċ-ċertifikat tat-tilqim, iżda jenħtieġ li jiġi applikat fil-livell ta' verifika billi l-applikazzjonijiet mobbli użati biex jiġu vverifikati ċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE jiġu adattati. Jekk ċertifikat tat-tilqim rilevanti li jindika data tat-tilqim li taqbeż il-perjodu ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum jiġi ppreżentat lill-verifikatur, l-applikazzjoni mobbli użata għall-verifika jenħtieġ li tindika ċ-ċertifikat bħala skadut. L-applikazzjoni tal-perjodu standard ta' aċċettazzjoni fil-livell tal-verifika tippermetti segwitu aktar faċli tal-evoluzzjoni ulterjuri fl-evidenza xjentifika milli jekk fiċ-ċertifikati tiġi inkluża data ta' skadenza stabbilita. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-perjodu standard ta' aċċettazzjoni fil-livell ta' verifika, il-kamp tad-*data* dwar id-data tat-tilqim jenħtieġ li jiġi modifikat. Dan huwa preferibbli milli jiżdied kamp ġdid tad-*data* speċifikament dwar id-data tal-iskadenza ta' ċertifikat tat-tilqim. Iż-żieda ta' kamp ġdid tad-*data* tkun timplika wkoll il-ħtieġa jew li jinħarġu mill-ġdid ċertifikati tat-tilqim diġà maħruġa jew li jiġu stabbiliti sistemi tekniċi li kapaċi jinterpretaw, fl-istess ħin, ċertifikati tat-tilqim diġà maħruġa mingħajr data ta' skadenza u ċertifikati tat-tilqim li jkunu għadhom kif inħarġu u li jkollhom id-data tal-iskadenza. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu, il-perjodu standard ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim jenħtieġ li jiġi inkorporat fl-applikazzjonijiet għall-verifika tal-Istati Membri kollha.

(17) Skont l-Artikoli 3(10) u 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953, iċ-ċertifikati tat-tilqim koperti minn att ta' implimentazzjoni adottat skont dawn id-dispożizzjonijiet iridu jiġu aċċettati bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE. Għaldaqstant, dawn iċ-ċertifikati jenħtieġ li ma jiġux aċċettati jekk kienu qed juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim u jekk ikunu għaddew aktar minn 270 jum minn meta ngħatat id-doża indikata fihom.

(18) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.

(19) Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2021/953, meta, fil-każ ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu hekk, il-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament tapplika għall-atti delegati adottati skont l-Artikolu 5(2).

(20) Fid-dawl tar-reazzjonijiet diverġenti diġà evidenti mill-Istati Membri għall-evidenza xjentifika emerġenti ġdida dwar it-tul taż-żmien tal-protezzjoni li tirriżulta mit-tlestija tas-serje primarja tal-vaċċin kontra l-COVID-19, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeħtieġu l-użu tal-proċedura prevista fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/953. Id-dewmien ta' azzjoni immedjata jirriskja li jaggrava dawn id-diverġenzi u jkun ta' detriment għall-fiduċja fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Barra minn hekk, iċ-ċittadini jkunu ffaċċjati b'perjodu itwal ta' regoli unilaterali dwar l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim tagħhom.

(21) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Biex jingħata biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni teknika tal-perjodu standard ta' aċċettazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Frar 2022.

(22) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u ta' kummenti formali fl-14 ta' Diċembru 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-punt 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) id-data tat-tilqim, li turi d-data tal-aħħar doża riċevuta (ċertifikati li juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim għandhom jiġu aċċettati biss jekk ma jkunux għaddew aktar minn 270 jum mid-data tal-aħħar doża f'dik is-serje);".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ghandu japplika mill-1 ta' Frar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2289**

**tal-21 ta' Diċembru 2021**

**li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar is-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 117 u l-Artikolu 150(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 104(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 l-Istati Membri jridu jistabbilixxu Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK f'konformità ma' dak ir-Regolament biex jimplimentaw l-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-FAEG u mill-FAEŻR. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ibbażati b'mod partikolari fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 107 sa 115 ta' dak ir-Regolament.

(2) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta b'mod konsistenti u komplut il-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jinkludu annessi addizzjonali mhux meħtieġa skont l-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u li ma jkunux soġġetti għal approvazzjoni f'konformità mal-Artikoli 118 u 119 ta' dak ir-Regolament.

(3) L-Artikolu 150(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi li l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, trid tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni biex tippermetti l-iskambju sigur ta' *data* ta' interess komuni bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru. Huwa meħtieġ li jiġu previsti regoli għat-tħaddim ta' dik is-sistema, u b'mod partikolari dwar is-sehem tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li dawk ir-regoli japplikaw għall-informazzjoni li trid tiġi sottomessa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 jew mal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament.

(4) Peress li l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom regoli dwar il-preżentazzjoni tal-elementi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar it-trażmissjoni dawk il-pjanijiet meta jissottomettuhom lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK**

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK previst fit-Titolu V, il-Kapitolu II, tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

*Artikolu 2*

**Annessi addizzjonali tal-Pjan Strateġiku tal-PAK**

L-Istati Membri jistgħu jissottomettu informazzjoni addizzjonali bħala annessi separati għall-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom flimkien ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u l-approvazzjoni ta' emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 119(10) ta' dak ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal dawk l-annessi addizzjonali.

*Artikolu 3*

**Sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom iwettqu skambji ta' informazzjoni li jridu jsiru f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 jew f'konformità mal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament permezz tas-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni msejħa "SFC2021", li għaliha r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-paragrafu 1, l-informazzjoni relatata mat-Titolu III, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115 li trid tintbagħat mill-Istati Membri skont l-att ta' implimentazzjoni li jrid jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 143(4) ta' dak ir-Regolament għandha tiġi trażmessa f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 [2] u permezz tas-sistema bbażata fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni skont dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

---

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113).

*ANNESS I*

**Preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK**

## 1. **Dikjarazzjoni Strateġika**

Il-ħarsa ġenerali tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandha tiddeskrivi dak li l-PAK għandha l-għan li tikseb fit-territorju tal-Istat Membru. Hija għandha tiffoka fuq ir-riżultati u fuq l-interventi ewlenin mistennija, inkluż l-elementi rilevanti tal-arkitettura ekoloġika, fid-dawl tal-ħtiġijiet identifikati, u tiġbor fil-qosor l-għażliet ewlenin dwar l-allokazzjoni finanzjarja. Hija għandha turi kif dawn l-aspetti huma relatati ma' xulxin. Jistgħu jiġu pprovduti punti ewlenin dwar kif ġew indirizzati l-elementi prinċipali previsti fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku tal-PAK.

## 2. **Valutazzjoni tal-ħtiġijiet, strateġija ta' intervent, indikaturi tal-kuntest u pjan tal-miri**

### 2.1. *Valutazzjoni tal-ħtiġijiet*

Għal kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, din is-sottotaqsima tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għandu jkun fiha:

(a) sommarju tal-analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddidiet ("l-analiżi SWOT") f'erba' partijiet (qawwiet, dgħufijiet, opportunitajiet u theddidiet);

(b) identifikazzjoni u deskrizzjoni ta' kull ħtieġa irrispettivament minn jekk hijiex indirizzata bl-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Din għandha tinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-ħtieġa, inkluż it-tipi ta' żoni jew territorji kkonċernati fejn rilevanti;

(ii) ir-rabta ta' kull ħtieġa ma' objettiv speċifiku wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(iii) fir-rigward tal-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115, valutazzjoni ta' dawk il-ħtiġijiet fir-rigward ta' distribuzzjoni aktar ġusta u mmirar aktar effettiv u effiċjenti tal-pagamenti diretti, fejn rilevanti filwaqt li titqies l-istruttura tal-azjendi agrikoli, u valutazzjoni tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ġestjoni tar-riskju;

(iv) fir-rigward tal-ħtiġijiet marbuta mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1)(d), (e) u (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, kif tqiesu l-miri rilevanti u elementi oħrajn tal-pjanijiet ambjentali u klimatiċi nazzjonali li jirriżultaw mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament. Id-deskrizzjoni għandha tagħmilha ċara liema ħtiġijiet huma relatati ma' liema mill-miri jew mill-pjanijiet ambjentali u klimatiċi nazzjonali rilevanti.

Din is-sottotaqsima għandha tiddefinixxi fil-livell tal-Pjan Strateġiku tal-PAK:

(a) il-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet, inkluż ġustifikazzjoni soda tal-għażliet magħmula u l-metodu u l-kriterji użati;

(b) fejn rilevanti, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex ċerti ħtiġijiet ma humiex indirizzati jew huma indirizzati parzjalment fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(c) fejn rilevanti, valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' żoni ġeografiċi speċifiċi, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, iż-żoni muntanjużi u l-gżejjer.

### 2.2. *Strateġija ta' intervent*

Għal kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, din is-sottotaqsima għandu jkun fiha:

(a) deskrizzjoni tal-istrateġija ta' intervent, li tispjega kif il-kombinament ta' interventi, u elementi ewlenin rilevanti oħrajn tal-Pjan Strateġiku tal-PAK huma mistennija li jaħdmu flimkien fl-indirizzar tal-ħtiġijiet, inkluż l-aspetti territorjali, kif l-interventi jikkontribwixxu b'mod dirett u sinifikanti għall-objettiv speċifiku u kif dawn jikkombinaw ma' strumenti rilevanti oħra barra mill-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(b) għażla tal-indikatur(i) tar-riżultat abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, inkluż ġustifikazzjoni tal-miri u tal-istadji importanti relatati rilevanti għall-Pjan Strateġiku tal-PAK kollu, abbażi tal-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115. Ir-rabtiet bejn l-indikaturi tar-riżultati u l-objettivi għandhom ikunu konsistenti kemm mal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll mal-loġika tal-intervent, u għandhom iqisu r-rabtiet bejn l-interventi u l-indikaturi tar-riżultati.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valur fil-mira wieħed għal kull indikatur tar-riżultati għall-perjodu sħiħ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Meta l-mira tkun proporzjon, l-Istati Membri għandhom jipprovdu n-numeratur u d-denominatur. Il-valuri tal-miri u tal-istadji importanti annwali għandhom ikunu koerenti u kompatibbli mal-ħtiġijiet u wkoll mal-valuri tal-outputs ippjanati tal-interventi marbuta mal-indikaturi tar-riżultati korrispondenti u għandhom jinkludu, fejn rilevanti, il-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(c) spjegazzjoni dwar kif l-interventi jippermettu li jintlaħqu l-miri u kif dawn huma koerenti u kompatibbli b'mod reċiproku;

(d) ġustifikazzjoni li l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-interventi huma adegwati biex jintlaħqu l-miri stabbiliti u huma konsistenti mal-pjan finanzjarju;

(e) fejn rilevanti, ġustifikazzjoni tal-użu tal-InvestEU u l-kontribuzzjoni tiegħu għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 u magħżula skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi wkoll spjegazzjoni tal-kontribuzzjoni nazzjonali għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni għall-2030 stabbiliti fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità bil-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-konsistenza u l-kontribuzzjoni tal-Pjan Strateġiku propost tal-PAK mal-leġiżlazzjoni u mal-impenji ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mal-miri rilevanti tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jżidu aktar informazzjoni f'anness addizzjonali tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

2.3. *Indikaturi tal-kuntest*

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi, għall-indikaturi tal-kuntest elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 użati bħala denominaturi ta' indikaturi tar-riżultati, il-valur ta' referenza u s-sena bażi, bl-użu tal-aħħar *data* disponibbli.

2.4. *Pjan tal-Miri*

Din is-sottotaqsima għandha turi f'tabella rikapitulattiva, għal kull indikatur tar-riżultati magħżul għal-loġika tal-intervent f'konformità mal-punt (b) tas-sottotaqsima 2.2, il-valur fil-mira u l-istadji importanti annwali.

3. **Konsistenza tal-istrateġija**

Għal kull sottotaqsima, din it-taqsima għandha tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet li jirriżultaw minn kombinament ta' interventi u kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Din it-taqsima għandu jkun fiha s-sottotaqsimiet li ġejjin:

3.1. *Ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura ambjentali u klimatika*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi deskrizzjoni ta':

(a) il-kontribuzzjoni ġenerali tal-kundizzjonalità għall-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima;

(b) il-komplementarjetà bejn il-kundizzjonijiet bażi rilevanti, kif imsemmija fl-Artikoli 31(5) u 70(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kundizzjonalità u l-interventi differenti li jindirizzaw l-objettivi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fil-punti (d), (e), u (f) tal-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament;

(c) il-mod kif inhu mistenni li tintlaħaq l-ambizzjoni akbar fir-rigward tal-objettivi relatati mal-ambjent u mal-klima, kif stabbilit fl-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(d) spjegazzjoni ta' kif l-arkitettura ambjentali u klimatika tikkontribwixxi għal, u hija konsistenti mal-miri nazzjonali fit-tul stabbiliti jew derivati mill-atti leġiżlattivi msemmija fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(e) għal kull KAAT, deskrizzjoni tal-mod kif jiġi implimentat l-istandard tal-Unjoni, inklużi l-elementi li ġejjin: sommarju tal-prattika fl-azjenda agrikola, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali, it-tip ta' bdiewa soġġetti għall-istandard u, fejn meħtieġ, deskrizzjoni ta' kif il-prattika tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT.

Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(i) għall-KAAT 1: sommarju tal-obbligi fl-azjenda agrikola bħall-awtorizzazzjoni u l-konverżjoni mill-ġdid, u regoli oħrajn fil-każ li l-proporzjon tal-bur permanenti fir-rigward tal-erja agrikola totali jaqa' taħt il-proporzjon ta' referenza, il-livell territorjali (nazzjonali, reġjonali, subreġjonali, livell ta' azjenda) għall-kalkolu tal-proporzjon ta' referenza ta' bwar permanenti fir-rigward tal-erja agrikola totali, il-valur tal-proporzjon ta' referenza fil-livelli applikabbli kif ukoll spjegazzjoni tal-kalkolu tiegħu;

(ii) għall-KAAT 2, indikazzjoni ta':

— it-tipi ewlenin ta' żoni agrikoli preżenti fiż-żoni tat-torbiera u tal-art mistagħdra identifikati u ddeżinjati;

— ir-rekwiżiti li se jiġu applikati għat-tipi differenti ta' art agrikola biex tiġi protetta l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju;

— is-sena tal-bidu tal-applikazzjoni tal-KAAT; jekk l-applikazzjoni tkun ippjanata għas-sena tat-talba 2024 jew 2025, għandha tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien abbażi tal-ħtiġijiet u l-ippjanar fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna 1 tal-KAAT 2 fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115;

— jekk l-applikazzjoni ta' din il-KAAT hija ppjanata għas-sena tat-talba 2024 jew 2025, id-deskrizzjoni tat-tip ta' żoni agrikoli fiż-żona magħżula u s-sommarju tal-prattiki tal-azjendi agrikoli għandhom jiġu pprovduti sal-aktar tard fl-emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) 2021/2115 qabel l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-KAAT;

(iii) għall-KAAT 3: indikazzjoni tal-kundizzjonijiet għad-deroga għal raġunijiet ta' saħħa tal-pjanti;

(iv) għall-KAAT 4:

— il-wisa' minima tal-biċċiet art ta' lqugħ u d-definizzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma li jridu jiġu protetti billi jiġi applikat dan l-istandard, fejn rilevanti, li għandhom jiġu pprovduti fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali;

— spjegazzjoni taċ-ċirkostanzi lokali speċifiċi, jekk l-Istati Membri jaġġustaw il-wisa' minima tal-biċċiet art ta' lqugħ b'fosos sinifikanti għat-tneħħija tal-ilma u għall-irrigazzjoni;

(v) għall-KAAT 5: sommarju tal-prattika fl-azjenda agrikola li jispeċifika l-gradjent tal-inklinazzjoni u, li jidentifika, fejn rilevanti, iż-żoni f'riskju ta' erożjoni;

(vi) għall-KAAT 6:

— sommarju tal-prattika fl-azjenda agrikola li jispeċifika l-aktar perjodu/i sensittiv(i) kkonċernat(i) u t-tip ta' għata tal-ħamrija;

— Jekk l-Istati membri japplikaw in-nota f'qiegħ il-paġna 2 tal-KAAT 6 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, spjegazzjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati;

(vii) għall-KAAT 7:

— sommarju tal-prattika fl-azjenda agrikola li tispeċifika l-prattiki ta' rotazzjoni u d-definizzjoni ta' għelejjel u għelejjel sekondarji;

— it-tip ta' bdiewa kkonċernati inklużi l-eżenzjonijiet applikati msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115;

— meta Stat Membru jawtorizza prattiki relatati man-newba mtejba tal-għelejjel b'għelejjel leguminużi u mad-diversifikazzjoni tal-għelejjel f'reġjuni speċifiċi tat-territorju tagħhom kif imsemmi fin-nota f'qiegħ il-paġna 3 tal-KAAT 7 fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, spjegazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' dawn il-prattiki għall-preservazzjoni tal-potenzjal ta-ħamrija skont l-objettivi tal-KAAT abbażi tad-diversità tal-metodi tal-biedja u tal-kundizzjonijiet agroklimatiċi fir-reġjuni kkonċernati u ġustifikazzjoni tal-għażla li saret;

(viii) għall-KAAT 8:

— spjegazzjoni tal-għażla tal-opzjonijiet magħmula mill-Istati Membri għas-sehem minimu ta' raba' li jinħadem iddedikat għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi, b'mod partikolari jekk mhux it-tliet opzjonijiet kollha stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 huma applikabbli;

— is-sehem speċifiku/ishma speċifiċi ta' raba' li jinħadem soġġett(i) għall-istandard;

— indikazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ u taż-żoni mhux produttivi mil-lista indikattiva li ġejja: raba' li jitħalla jistrieħ, ringieli ta' sġajriet, siġar individwali jew gruppi ta' siġar, ringieli ta' siġar, marġnijiet tal-għelieqi, irqajja', biċċiet art ta' lqugħ, fosos, kurrenti, vaski żgħar, artijiet mistagħdra żgħar, ħitan tal-ġebel, cairns, terrazzi, karatteristiċi kulturali, oħrajn;

— għal kull tip ta' karatteristika tal-pajsaġġ u żona mhux produttivi magħżula mill-Istati Membri fost dawk tal-lista indikattiva taħt it-tieni inċiż ta' dan il-punt, indikazzjoni tad-daqs minimu u tal-fatturi ta' ponderazzjoni jew tal-fatturi ta' konverżjoni użati għall-kalkolu tas-sehem minimu tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ u taż-żoni mhux produttivi f'raba' li jinħadem, skont il-kontribuzzjoni tagħhom għall-objettiv tal-bijodiversità, fejn applikabbli;

— l-informazzjoni dwar it-tip ta' bdiewa kkonċernati, inkluż l-eżenzjonijiet applikati msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna 1 tal-KAAT 8 fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115;

— il-lista tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ ikkonċernati mill-istandard dwar iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ;

— il-miżuri biex jiġu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi fejn applikabbli;

(ix) għall-KAAT 9: elementi biex jiġu indikati bwar permanenti sensittivi għall-ambjent u l-għadd indikattiv korrispondenti ta' ettari;

(f) meta l-Istati Membri jistabbilixxu standards addizzjonali tal-KAAT għal dawk stabbiliti fl-Anness III dwar l-objettivi ewlenin ta' dak l-Anness, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, spjegazzjoni tal-prattika fl-azjenda agrikola, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali, it-tip ta' bdiewa soġġetti għall-istandard u deskrizzjoni ta' kif l-istandard jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv;

(g) fejn rilevanti, spjegazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-PAK għall-ingranaġġ tal-appoġġ u biex itejbu l-Proġetti Strateġiċi tan-Natura integrati li huma ta' benefiċċju għall-komunitajiet tal-bdiewa kif previst fir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

3.2. *Ħarsa ġenerali lejn l-interventi u l-kundizzjonijiet rilevanti għall-bdiewa żgħażagħ*

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi l-elementi stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 109(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, u, fejn rilevanti, spjegazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-PAK fir-rigward tal-mobbiltà transnazzjonali edukattiva ta' persuni fil-qasam tal-iżvilupp agrikolu u rurali b'enfasi fuq il-bdiewa żgħażagħ u n-nisa fiż-żoni rurali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

3.3. *Ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjoni bejn l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([3])

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi l-elementi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 109(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

3.4. *Ħarsa ġenerali lejn l-għan ta' distribuzzjoni aktar ġusta u mmirar aktar effettiv u effiċjenti tal-appoġġ għall-introjtu*

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi l-elementi stabbiliti fil-punt (d) tal-Artikolu 109(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

3.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-interventi relatati mas-settur*

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi l-elementi stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 109(2), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Barra minn hekk, il-ħarsa ġenerali għal kull settur għandha tinkludi, fejn rilevanti, il-komplementarjetà mal-elementi tal-kundizzjonalità.

3.6. *Ħarsa ġenerali lejn l-interventi li jikkontribwixxu biex jiġi żgurat approċċ koerenti u integrat għall-ġestjoni tar-riskju*

Din is-sottotaqsima għandha tispjega l-kombinament ta' interventi, inkluż, fejn rilevanti, l-opzjoni stabbilita fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/2115, maħsuba biex tikkontribwixxi biex jiġi żgurat approċċ koerenti u integrat għall-ġestjoni tar-riskju.

3.7. *Interazzjoni bejn l-interventi u l-elementi nazzjonali u reġjonali*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi:

(a) fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn l-interventi nazzjonali u dawk reġjonali, inkluż id-distribuzzjoni tal-allokazzjonijiet finanzjarji għal kull intervent u għal kull fond;

(b) fejn huma stabbiliti elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fil-livell reġjonali, spjegazzjoni dwar kif l-istrateġija ta' intervent tiżgura l-koerenza u l-konsistenza ta' dawn l-elementi mal-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbilit fil-livell nazzjonali.

3.8. *Ħarsa ġenerali lejn il-kontribuzzjoni għall-objettiv tat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115*

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi l-elementi stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 109(2), tar-Regolament (UE) 2021/2115.

3.9. *Spjegazzjoni ta' kif l-interventi u l-elementi komuni għal diversi interventi jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji finali u għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv*

Din l-ispjegazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari l-miżuri meħuda fl-implimentazzjoni tal-PAK permezz tat-teknoloġija u d-*data* li jgħinu fis-simplifikazzjoni tal-ġestjoni u tal-amministrazzjoni tal-PAK, u permezz tas-simplifikazzjoni tat-tfassil ta' interventi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

## 4. **Elementi komuni għal diversi interventi**

4.1. Definizzjonijiet u rekwiżiti minimi

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi dan li ġej:

(a) ***attività agrikola***

Fir-rigward tad-definizzjoni tal-produzzjoni agrikola, l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss informazzjoni fejn huma jemendaw id-definizzjoni meta mqabbla mal-punt (c)(i) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([3]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

Fir-rigward tad-definizzjoni ta' manutenzjoni taż-żona agrikola, tali definizzjoni għandha tiġi pprovduta għat-tipi kollha ta' żoni agrikoli (raba' li jinħadem, għelejjel permanenti u bwar permanenti). Meta l-Istati Membri jiddefinixxu rekwiżiti separati għar-raba' mistrieħ, dan għandu jiġi speċifikat;

(b) ***żona agrikola***

Fejn rilevanti, għandhom jiġu pprovduti elementi komplementari tad-definizzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/2115.

B'mod partikolari, għandha tingħata informazzjoni dwar l-elementi li ġejjin fejn rilevanti:

(i) elementi tas-sistemi tal-agroforestrija meta jiġu stabbiliti jew miżmuma fiż-żona agrikola, li jispeċifikaw dawn l-elementi għal kull tip ta' żona agrikola (raba' li jinħadem, għelejjel permanenti u bwar permanenti);

(ii) id-definizzjoni ta' mxietel;

(iii) id-definizzjoni ta' msaġar b'rotazzjoni qasira, li għandha tinkludi mill-inqas iċ-ċiklu tal-ħsad, il-lista ta' speċijiet jew ta' kategoriji ta' pjanti u d-densità tat-tħawwil;

(iv) għall-bwar permanenti, deskrizzjoni ta' kull element individwali użat għad-definizzjoni tiegħu, bħall-ħdim tar-raba', il-ħrit, iż-żrigħ mill-ġdid b'tipi differenti ta' ħaxix, jew il-prattiki lokali stabbiliti;

(c) ***ettaru eliġibbli***

Għandhom jiġu pprovduti elementi komplementari tad-definizzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/2115, b'mod partikolari dwar l-elementi li ġejjin fejn rilevanti:

(i) kriterji biex tiġi stabbilita l-predominanza tal-attività agrikola f'każ li l-art tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli;

(ii) kriterji biex jiġi żgurat li l-art tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi;

(iii) il-perjodu li matulu żona trid tikkonforma mad-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli";

(iv) jekk iż-żoni jistgħu jintużaw għal attività agrikola darba kull sentejn biss, ġustifikazzjoni għal tali deċiżjoni bbażata fuq raġunijiet relatati mal-ambjent, mal-bijodiversità u mal-klima;

(v) jekk jistgħu jiġu inklużi karatteristiċi tal-pajsaġġ li ma humiex protetti taħt il-KAAT, deskrizzjoni ta' dawn, bħad-daqs massimu tagħhom u s-sehem massimu tar-roqgħa li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ jistgħu jokkupaw fejn applikabbli;

(vi) jekk jiġu applikati koeffiċjenti fissi ta' tnaqqis għal bwar permanenti b'karatteristiċi ineliġibbli mifruxa biex tiġi ddeterminata ż-żona meqjusa eliġibbli, deskrizzjoni tal-prinċipji applikati wara l-koeffiċjenti ta' tnaqqis;

(vii) fejn jiġi deċiż li tinżamm l-eliġibbiltà ta' żoni preċedentement eliġibbli meta ma jibqgħux jissodisfaw id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115 bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' skemi nazzjonali, deskrizzjoni ta' dawn l-iskemi nazzjonali inkluż:

— il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK);

— l-applikabbiltà għall-kultivazzjoni ta' prodotti mhux elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) permezz tal-kultivazzjoni tal-għadajjar; u

— l-kontribuzzjoni għall-objettivi speċifiċi msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(d) ***bidwi attiv***

Fir-rigward tad-definizzjoni ta' bidwi attiv, għandu jiġi pprovdut dan li ġej:

(i) kriterji biex jiġu identifikati dawk il-bdiewa li għandhom livell minimu ta' attività agrikola;

(ii) meta, bħala għodda komplementari, tintuża lista negattiva ta' attivitajiet mhux agrikoli, id-deskrizzjoni tagħha;

(iii) fejn rilevanti, l-ammont u l-ġustifikazzjoni għal ammont ta' pagamenti diretti (mhux ogħla minn EUR 5 000) li taħthom il-bdiewa għandhom fi kwalunkwe każ jitqiesu bħala "bdiewa attivi";

(e) ***bidwi żagħżugħ***

Fir-rigward tad-definizzjoni ta' bidwi żagħżugħ, għandu jiġi pprovdut dan li ġej:

(i) il-limitu massimu tal-età;

(ii) il-kundizzjonijiet biex tkun "kap tal-azjenda";

(iii) it-taħriġ u/jew il-ħiliet xierqa meħtieġa;

(f) ***bidwi ġdid***

Fir-rigward tad-definizzjoni ta' bidwi ġdid, għandu jiġi pprovdut dan li ġej:

(i) il-kundizzjonijiet biex persuna tkun "kap tal-azjenda" għall-ewwel darba;

(ii) it-taħriġ jew il-ħiliet xierqa meħtieġa;

(g) ***rekwiżiti minimi għar-riċevuta ta' pagamenti diretti***

Fir-rigward tar-rekwiżiti minimi biex wieħed jirċievi pagamenti diretti, għandhom jiġu pprovduti deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tal-livell(i) limitu; dawn il-livelli limitu għandhom jiġu pprovduti, fejn applikabbli, f'ettari b'żewġ deċimali u/jew, f'euro b'żewġ deċimali;

(h) ***żona rurali***

Għandha tiġi inkluża d-definizzjoni/Għandhom jiġu inklużi d-definizzjonijiet taż-żoni rurali u l-applikabbiltà fil-Pjan Strateġiku tal-PAK kollu;

(i) ***definizzjonijiet oħrajn għall-Pjan Strateġiku tal-PAK***

Fejn jintużaw definizzjonijiet oħrajn applikabbli għall-pagamenti diretti, għall-iżvilupp rurali jew għall-appoġġ settorjali fil-Pjan Strateġiku tal-PAK kollu, dawn għandhom jiġu deskritti, inkluż deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-applikabbiltà tagħhom.

4.2. *Elementi relatati ma' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi:

(a) ***territorjalizzazzjoni***

Fejn rilevanti, deskrizzjoni ta' kull grupp ta' territorji inkluż l-ispjegazzjoni tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi jew agronomiċi simili;

(b) ***intitolamenti għal pagament***

Jekk applikabbli, fir-rigward tad-deskrizzjoni tas-sistema tal-intitolamenti għal pagament, u l-funzjonament tar-riżerva, indikazzjoni tal-ewwel sena mingħajr intitolamenti jekk tkun ippjanata eliminazzjoni gradwali tal-intitolamenti;

(c) ***sistema ta' konverġenza interna***

Għal kull grupp ta' territorji jekk rilevanti, u sakemm ma tintużax rata fissa mill-ewwel sena, deskrizzjoni tal-metodu ta' konverġenza interna, inklużi l-elementi li ġejjin:

(i) sena fil-mira għal-livell massimu għall-valur tal-intitolamenti għal pagament u l-livell massimu għall-valur tal-intitolamenti individwali għal pagament, kif imsemmi fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(ii) il-passi ta' konverġenza, kif imsemmija fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(iii) fejn rilevanti, il-valur b'rata fissa milħuq fis-sena fil-mira, kif imsemmi fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(iv) sena fil-mira għall-perċentwal minimu ta' konverġenza u l-valur unitarju minimu bħala perċentwal tal-ammont unitarju medju ppjanat għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà għas-sena fil-mira, kif imsemmi fl-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(v) il-finanzjament tal-konverġenza, kif imsemmi fl-Artikolu 24(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(vi) fejn rilevanti, deskrizzjoni tat-tnaqqis ta' parti biss mill-intitolamenti għal pagament li jaqbżu l-ammont unitarju medju ppjanat, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(vii) fejn rilevanti, il-perċentwal tat-tnaqqis massimu tal-valur unitarju tal-intitolament, kif imsemmi fl-Artikolu 24(7) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

(d) ***il-funzjonament tar-riżerva***

Għal kull grupp ta' territorji, jekk rilevanti, għandu jiġi spjegat il-funzjonament tar-riżerva, filwaqt li għandhom jiġu speċifikati b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

(i) deskrizzjoni tas-sistema għall-istabbiliment tar-riżerva;

(ii) deskrizzjoni tal-kategoriji differenti ta' bdiewa eliġibbli, l-aċċess relatat tagħhom għar-riżerva, l-allokazzjoni ta' intitolament ġdid għal pagament jew iż-żieda tal-valur eżistenti tal-intitolament għal pagament u l-ordni ta' prijorità tagħhom;

(iii) regoli dwar ir-riforniment finanzjarju tar-riżerva;

(iv) regoli dwar l-iskadenza tal-intitolamenti għal pagament u r-riverżjoni għar-riżerva;

(e) ***regoli relatati mat-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament***

Fejn rilevanti, ir-regoli relatati mat-trasferimenti tal-intitolamenti għal pagament;

(f) ***tnaqqis tal-pagamenti diretti***

Fejn rilevanti, deskrizzjoni tat-tnaqqis tal-pagamenti u tal-iffissar ta' limitu massimu, inkluż b'mod partikolari:

(i) is-segmenti, il-perċentwali ta' tnaqqis u l-ispjegazzjoni tagħhom;

(ii) fejn rilevanti, il-metodu għat-tnaqqis tal-kostijiet lavorattivi;

(iii) il-prodott stmat tat-tnaqqis tal-pagamenti diretti u tal-iffissar ta' limitu massimu għal kull sena, u l-allokazzjoni ppjanata tiegħu;

(g) ***l-applikazzjoni ta' livelli limitu jew ta' limiti fil-livell ta' membri jew persuni ġuridiċi, gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew fil-livell ta' gruppi ta' entitajiet affiljati***

Id-deċiżjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet tal-livelli limitu jew tal-limiti ffissati fil-livell ta' membri ta' persuni ġuridiċi jew ta' gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew fil-livell ta' grupp ta' entitajiet ġuridiċi affiljati, skont il-punt (d)(iii) tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) 2021/2115, għat-tipi kollha ta' interventi fejn rilevanti, filwaqt li jiġi indikat liema interventi huma kkonċernati;

(h) ***kontribuzzjoni għall-għodod tal-ġestjoni tar-riskju***

Fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-implimentazzjoni ppjanata tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/2115, inkluż id-deċiżjoni fir-rigward tal-perċentwal tal-pagamenti diretti li għandhom jiġu assenjati għalih.

4.3. *Assistenza teknika*

Din is-sottotaqsima dwar id-deskrizzjoni tal-użu tal-assistenza teknika għandha tinkludi b'mod partikolari:

(a) l-objettivi tagħha;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni u l-ippjanar indikattiv tal-attivitajiet tagħha;

(c) il-benefiċjarji tal-assistenza teknika;

(d) il-perċentwal tal-kontribuzzjoni totali tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għall-Pjan Strateġiku tal-PAK li għandu jintuża biex jiffinanzja l-azzjonijiet ta' assistenza teknika bħala perċentwal uniku matul il-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, b'żewġ deċimali.

4.4. *Network tal-PAK*

Din is-sottotaqsima dwar id-deskrizzjoni tan-network tal-PAK għandha tinkludi b'mod partikolari:

(a) ħarsa ġenerali fil-qosor u l-objettivi tan-network nazzjonali tal-PAK, inkluż deskrizzjoni tal-attivitajiet li jappoġġaw is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) u l-flussi tal-għarfien fi ħdan L-AKIS u n-networking tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali taħt l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità/LEADER;

(b) l-istruttura, il-governanza u l-operat tan-network nazzjonali tal-PAK, inkluż jekk in-network jinkludix xi komponent ta' livell reġjonali; is-sehem indikattiv tal-finanzjament tal-assistenza teknika allokat lin-network u l-baġit indikattiv għall-perjodu u l-iskeda ta' żmien indikattiva għat-tnedija tan-network nazzjonali tal-PAK.

4.5. *Koordinazzjoni, demarkazzjoni u komplementarjetajiet bejn il-FAEŻR u Fondi oħra tal-Unjoni attivi fiż-żoni rurali*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi ħarsa ġenerali lejn il-koordinazzjoni, id-demarkazzjoni u l-komplementarjetajiet bejn il-FAEŻR u fondi oħrajn tal-Unjoni attivi fiż-żoni rurali, inkluż deskrizzjoni tal-konsistenza ġenerali tal-appoġġ fiż-żoni rurali pprovdut mill-Fondi tal-Unjoni, li tenfasizza kif l-użu tagħhom huwa ottimizzat u tispjega l-mekkaniżmi ta' demarkazzjoni u koordinazzjoni.

4.6. *Strumenti finanzjarji*

Din is-sottotaqsima għandha tipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji fejn rilevanti u l-ġustifikazzjoni għall-użu tagħhom, inkluż:

(a) it-tip ta' implimentazzjoni, inkluża l-governanza;

(b) il-maniġer potenzjali ta' Fond;

(c) it-tip ta' prodotti finanzjarji offruti (self, garanzija, ekwità);

(d) il-benefiċċji offruti mill-istrument finanzjarju lir-riċevituri finali;

(e) il-kopertura territorjali, fejn rilevanti;

(f) regoli tekniċi oħrajn komuni għall-interventi kollha, bħal aspetti ta' kombinament.

4.7. *Elementi komuni għal interventi għall-iżvilupp rurali jew għal interventi f'ċerti setturi*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi:

(a) għażliet fir-rigward tar-rata tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR applikabbli fil-livell nazzjonali jew reġjonali, skont it-tipi ta' reġjuni msemmija fl-Artikolu 91(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, u għal ċerti kategoriji ta' interventi msemmija fl-Artikolu 91(3) ta' dak ir-Regolament;

(b) lista ġenerali ta' investimenti ineliġibbli, lil hinn minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115, fejn rilevanti;

(c) elementi oħrajn rilevanti għall-implimentazzjoni ta' diversi interventi għall-iżvilupp rurali jew interventi f'ċerti setturi li ma humiex parti mid-deskrizzjoni tal-interventi, fejn rilevanti.

5. **Deskrizzjoni tal-interventi**

Din it-taqsima dwar l-interventi speċifikati fl-istrateġija msemmija fl-Artikolu 111 tar-Regolament (UE) 2021/2115, inklużi l-interventi stabbiliti fil-livell reġjonali, għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-intervent:

(i) it-tip ta' intervent li għalih jappartjeni l-intervent;

(ii) fejn applikabbli, is-settur kopert;

(iii) l-indikatur ta' output uniku użat għall-intervent, kif ukoll l-unitajiet użati fejn rilevanti;

(iv) jekk l-intervent kollu jikkontribwixxix bis-sħiħ għall-allokazzjonijiet finanzjarji minimi msemmija fl-Artikoli 92, 93 u 95 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(v) il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u, fejn rilevanti, indikazzjoni jekk l-intervent huwiex implimentat fil-livell nazzjonali, reġjonali, fil-livell nazzjonali b'elementi reġjonali jew jekk huwiex transnazzjonali;

(b) kontribuzzjoni għall-istrateġija:

(i) rabta mal-ħtiġijiet indirizzati mill-intervent, mil-lista ta' ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imsemmija fis-sottotaqsima 2.1;

(ii) objettiv speċifiku relatat/objettivi speċifiċi relatati msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li l-intervent għandu rabtiet diretti u sinifikanti magħhom; u fejn xieraq għal interventi f'ċerti setturi, l-objettiv(i) settorjali rilevanti msemmi(ja) fl-Artikoli 46 u 57 ta' dak ir-Regolament;

(iii) indikatur(i) tar-riżultat marbut(a) li l-intervent għandu jikkontribwixxi għalih/għalihom direttament u b'mod sinifikanti;

(c) deskrizzjoni u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà:

(i) disinn speċifiku, rekwiżiti u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-intervent, inkluż fejn applikabbli:

— deskrizzjoni tal-għan u d-deskrizzjoni ġenerali tal-intervent, inkluż l-immirar speċifiku, il-prinċipji tal-għażla, ir-rabtiet mal-leġiżlazzjoni rilevanti u interventi oħrajn;

— deskrizzjoni tal-benefiċjarji eliġibbli u taż-żona eliġibbli u l-kriterji ta' eliġibbiltà relatati jew, meta l-appoġġ jiġi pprovdut fil-forma ta' strumenti finanzjarji, kategoriji ġenerali ta' riċevituri finali;

— deskrizzjoni tal-impenji jew tat-tip(i) ta' operazzjoni eliġibbli għall-appoġġ;

— deskrizzjoni ta' obbligi oħrajn għall-benefiċjarji, fejn rilevanti;

(ii) għall-interventi nazzjonali b'elementi reġjonali, kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà reġjonali speċifiċi li jikkumplimentaw dawk komuni, jekk ikunu ppjanati;

(iii) fejn rilevanti, l-identifikazzjoni tal-elementi bażi rilevanti kollha fost il-KAAT u r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs), u l-provvediment tal-istandards nazzjonali obbligatorji rilevanti. Għandha tiġi inkluża spjegazzjoni ta' kif l-impenji li jridu jiġu ssodisfati mill-benefiċjarji jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 31(5), u, fl-Artikoli 70(3) u 72(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(d) informazzjoni finanzjarja:

(i) għal interventi għall-iżvilupp rurali, ir-rata/i tal-kontribuzzjoni applikabbli tal-FAEŻR għall-intervent, fejn rilevanti għal kull reġjun;

(ii) għal interventi għall-iżvilupp rurali u għal skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali skont il-punt (b) tal-Artikolu 31(7) tar-Regolament (UE) 2021/2115, indikazzjoni dwar jekk l-intervent jinkludix kompletament jew parzjalment in-nefqa riportata mill-programmi ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2014-2022;

(iii) għall-interventi li jikkontribwixxu għall-ammont minimu msemmi fl-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u stabbilit fl-Anness XII tiegħu, il-parti tal-allokazzjoni finanzjarja tal-intervent(i) li tgħodd kontra l-ammonti msemmija f'dak l-Anness;

(e) appoġġ lill-benefiċjarji:

(i) għal interventi għall-iżvilupp rurali li mhumiex koperti mis-SIAK, il-forma/forom ta' appoġġ (għotja jew strument finanzjarju);

(ii) skont it-tip ta' intervent, indikazzjoni ta':

— għal skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali:

— pagament addizzjonali għall-appoġġ għad-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 31(7) tar-Regolament (UE) 2021/2115, jew

    — pagament li jikkumpensa l-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom imġarrba u l-introjtu mitluf b'riżultat tal-impenji f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 31(7) tar-Regolament (UE) 2021/2115 u l-inklużjoni possibbli tal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet;

  — għal interventi għall-iżvilupp rurali li mhumiex koperti mis-SIAK: ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli mġarrba, tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa jew tal-finanzjament b'rata fissa;

  — għal interventi għall-iżvilupp rurali koperti mis-SIAK: kumpensi, pagamenti ta' darba, somom f'daqqa, u l-inklużjoni possibbli tal-kostijiet tat-tranżazzjoni;

(iii) fejn applikabbli, il-firxa differenti ta' rati ta' appoġġ u l-firxa ta' appoġġ fid-dawl tal-immirar tal-intervent;

(iv) meta l-pagamenti jingħataw abbażi ta' kostijiet addizzjonali u ta' introjtu mitluf, referenza għall-metodu ċċertifikat għall-kalkolu tal-ammonti ta' appoġġ li għandhom jiġu pprovduti f'anness tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, u indikazzjoni dwar jekk jingħatax kumpens sħiħ jew parzjali, fejn rilevanti;

(v) l-ammonti unitarji ppjanati, inkluż:

  — il-kodiċi u l-isem tal-ammont unitarju;

  — it-tip ta' ammont unitarju (uniformi jew medja);

  — fejn rilevanti r-rata/i ta' kontribuzzjoni relatata/i;

  — fejn rilevanti, l-indikatur(i) tar-riżultat li miegħu/magħhom l-ammont unitarju ppjanat għandu rabtiet diretti u sinifikanti, mill-indikaturi tar-riżultati magħżula għall-intervent kollu;

  — fejn l-intervent jinkludi ż-żewġ forom ta' appoġġ, jiġifieri għotjiet u strument finanzjarju, indikazzjoni tal-forma ta' appoġġ li tikkorrispondi għal dan l-ammont unitarju;

  — fejn rilevanti, indikazzjoni jekk l-ammont unitarju ppjanat jikkorrispondix għal nefqa riportata minn programm ta' żvilupp rurali fil-perjodu 2014-2022;

  — fejn tiġi applikata t-territorjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, indikazzjoni tal-grupp ta' territorji li tikkorrispondi għal dan l-ammont unitarju;

  — fejn l-indikatur tal-output magħżul għall-intervent jista' jirrappreżenta unitajiet differenti ta' kejl, indikazzjoni tal-unità ta' kejl li tikkorrispondi għal dan l-ammont unitarju;

  — il-valur annwali ppjanat ta' dan l-ammont unitarju;

  — spjegazzjoni tal-valur, inkluż fejn rilevanti l-varjazzjoni f'termini ta' livelli massimi u minimi. Tali spjegazzjoni ma hijiex meħtieġa għal ammonti unitarji uniformi li jikkorrispondu għal pagamenti mogħtija abbażi ta' kostijiet addizzjonali u ta' introjtu mitluf, li għalihom huwa pprovdut metodu ċċertifikat f'konformità mal-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(vi) tabella li tistabbilixxi l-ammonti unitarji ppjanati annwali u l-outputs ippjanati annwali, u fejn rilevanti l-ammonti massimi jew l-ammonti unitarji minimi ppjanati. L-outputs ippjanati għandhom jinkludu finanzjament nazzjonali addizzjonali, fejn rilevanti. It-tabella għandu jkun fiha wkoll il-livell indikattiv annwali mistenni ta' pagamenti għall-intervent u, fejn rilevanti, id-diżaggregazzjoni għan-nefqa riportata jew għall-istrumenti finanzjarji. Meta l-outputs ta' intervent ikunu ppjanati li jitħallsu fuq diversi snin, sabiex ma jingħaddux diversi drabi matul il-perjodu, l-outputs ippjanati annwali għandhom jikkorrispondu biss għal għadd ta' outputs li huma ppjanati b'mod indikattiv li jirċievu l-ewwel pagament tagħhom f'dik is-sena finanzjarja;

(vii) informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, li tispeċifika b'mod partikolari jekk l-intervent jaqax barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE, u li tindika t-tip ta' strument ta' għajnuna mill-Istat li għandu jintuża għall-approvazzjoni tal-għajnuna;

(f) informazzjoni addizzjonali speċifika għal ċerti tipi ta' intervent:

(i) fir-rigward ta' interventi fil-forma ta' pagament dirett:

— għall-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà msemmi fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Sottotaqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115, informazzjoni speċifika u spjegazzjoni għall-pagament lil bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar inkluż l-ammont massimu u t-tip ta' pagament (somma f'daqqa jew għal kull ettaru);

— għall-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementari għas-sostenibbiltà msemmi fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2021/2115, informazzjoni u spjegazzjoni speċifiċi inkluż l-eliġibbiltà, l-ettaru massimu mħallas, il-meded u l-gruppi ta' territorju;

— għall-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2021/2115, informazzjoni speċifika u spjegazzjoni ta':

— il-kundizzjonijiet applikati għad-definizzjoni ta' stabbiliment ġdid;

— it-tip u d-durata tal-appoġġ;

— ettaru massimu mħallas jekk applikat;

— informazzjoni jekk tiġi applikata l-kontinwità ma' skema preċedenti;

— għal skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali, indikazzjoni tal-oqsma ta' azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li huma koperti mill-intervent; indikazzjoni dwar jekk l-iskemi jikkontribwixxux għall-konformità ma' rekwiżiti obbligatorji ġodda għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda;

— għal kull intervent ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu msemmi fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 3, is-sottotaqsima 1 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

— informazzjoni relatata mal-interventi għall-għelejjel tal-proteini;

— il-ġustifikazzjonijiet tas-setturi fil-mira, id-diffikultà(jiet) tagħhom, l-importanza tagħhom, l-għan tal-intervent (it-titjib tal-kompetittività, il-kwalità jew is-sostenibbiltà) u kif dan l-għan se jindirizza d-diffikultà(jiet) u l-konsistenza mad-Direttiva 2000/60/KE, fejn applikabbli, unità ta' kejl għad-dud tal-ħarir u r-rata ta' konverżjoni rispettiva tagħhom għal numru ta' "rjus";

(ii) fir-rigward tal-interventi għall-iżvilupp rurali:

— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

— deskrizzjoni tat-tip ta' żona eliġibbli;

— indikazzjoni tat-tip ta' impenji (ibbażati fuq ir-riżultati, ibbażati fuq il-ġestjoni jew ibridi) u l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni;

— indikazzjoni tad-durata tal-kuntratti;

— indikazzjoni dwar jekk l-intervent jikkontribwixxix għall-konformità ma' rekwiżiti obbligatorji ġodda għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda;

— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2021/2115, link għal-lista nazzjonali tal-unitajiet amministrattivi lokali maħturin u għall-mappa taż-Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali (ANC) [5] għal kull kategorija ta' żoni msemmija fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6];

— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2021/2115, indikazzjoni tat-tip ta' żona eliġibbli;

---

(5) Mappa taż-żoni kollha, ddeżinjata skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-lista ta' investimenti ineliġibbli relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent jekk ma jkunux diġà elenkati fil-punt (b) tas-sottotaqsima 4.7, u għall-interventi fis-settur tal-forestrija, id-daqs tal-azjendi li għalihom l-appoġġ jingħata fuq kundizzjoni li tiġi ppreżentata l-informazzjoni rilevanti minn pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti;

— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2021/2115, indikazzjoni dwar jekk l-investiment jirriżultax f'żieda taż-żona saqwija, u:

  — għall-investimenti fit-titjib tal-installazzjonijiet eżistenti tat-tisqija, x'inhu l-iffrankar potenzjali tal-ilma meħtieġ espress f'perċentwal;

  — għall-investimenti fit-titjib tal-installazzjonijiet eżistenti tal-irrigazzjoni li jaffettwaw il-korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom huwa inqas minn tajjeb, x'inhu/huma r-rekwiżit(i) għal tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma espress f'perċentwal;

— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

  — indikazzjoni tal-livell limitu li jwassal għal kumpens;

  — indikazzjoni tal-metodoloġija għall-kalkolu tat-telf u l-fatturi tal-iskattar għall-kumpens;

  — deskrizzjoni tal-kopertura partikolari tat-telf kif ukoll id-dispożizzjonijiet ippjanati biex jiġi evitat il-kumpens żejjed;

— għall-interventi LEADER imsemmija fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

  — deskrizzjoni tal-valur miżjud mistenni tal-approċċ LEADER u kif jiġu applikati l-prinċipji tiegħu;

  — indikazzjoni dwar jekk huwiex ippjanat appoġġ minn aktar minn fond wieħed imsemmi fl-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u b'liema fond ewlieni;

(g) Il-konformità mad-WTO, inkluż:

(i) għall-interventi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/2115, indikazzjoni tal-paragrafu tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura (Kaxxa l-Ħadra) li l-kundizzjonijiet tiegħu l-intervent ikun qed jissodisfa;

(ii) opzjoni possibbli għall-appoġġ akkoppjat għall-introjtu, imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 3, is-Sottotaqsima 1 tar-Regolament (UE) 2021/2115: indikazzjoni li l-intervent jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6.5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura tad-WTO (il-Kaxxa Blu);

(iii) spjegazzjoni ta' kif l-intervent skont il-punti (i) jew (ii) jikkonforma mal-kriterji tal-Kaxxa l-Ħadra jew tal-Kaxxa Blu;

(iv) għall-interventi msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115, fir-rigward tal-konformità mal-limiti tal-iskeda tad-WTO tal-UE dwar iż-żrieragħ taż-żejt stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ taż-żejt skont il-GATT ([8]): indikazzjoni dwar jekk l-intervent għandux fil-mira xi waħda mill-għelejjel koperti mill-ftehim (jiġifieri s-sojja, iż-żerriegħa tal-kolza, iż-żerriegħa tal-ġirasol, minbarra ż-żerriegħa tal-ġirasol tal-ħelu), u jekk iva, indikazzjoni taż-żona ta' appoġġ ippjanata għal kull sena ta' talba rilevanti.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

([8]) ĠU L 147, 18.6.1993, p. 26.

6. **Pjan Finanzjarju**

Din it-taqsima għandha tinkludi dan li ġej:

6.1. *Tabella Ġenerali*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 112(2), tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu mill-possibbiltà li jittrasferixxu l-allokazzjonijiet bejn il-Fondi kif previst fl-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom jipprovdu din l-informazzjoni għal kull sena tal-perjodu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li għaliha jixtiequ jużaw din il-flessibbiltà. L-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjoni tagħhom fl-2025, dwar l-allokazzjonijiet tagħhom għas-sena finanzjarja 2027.

L-informazzjoni pprovduta fit-tabella ġenerali għandha tippermetti li jiġi vverifikat li l-allokazzjonijiet meħtieġa biex jiġu rispettati r-rekwiżiti minimi ta' nfiq previsti fl-Artikoli 92, 93, 95, 97 u 98 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ġew riżervati kif xieraq.

Dik l-informazzjoni għandha sservi bħala bażi għall-kalkolu tal-limiti massimi finanzjarji li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-ammonti riżervati mill-Istati Membri biex jirrispettaw ir-rekwiżiti minimi ta' nfiq stabbiliti fl-Artikoli 92, 93, 95, 97 u 98 tar-Regolament (UE) 2021/2115 (limiti massimi inversi).

L-ammonti minimi u massimi msemmija fl-Artikoli 92 sa 98 tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom dejjem jiġu kkalkolati abbażi tal-pakketti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikoli 87, 88 u 89 tar-Regolament (UE) 2021/2115 wara trasferimenti possibbli.

Madankollu, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jallokaw fondi lil InvestEU, LIFE u/jew Erasmus, l-ammonti annwali rispettivi għandhom jiġu pprovduti fit-tabella ġenerali. L-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 mhux se jiġi emendat u l-obbligi kollha għall-allokazzjonijiet minimi se jiġu vverifikati skont l-ammonti fl-Anness XI ta' dak ir-Regolament, li mhux se jeskludu dawk l-allokazzjonijiet speċifiċi.

Minħabba li r-rekwiżit tal-allokazzjoni finanzjarja minima għall-bdiewa żgħażagħ jista' jiġi ssodisfat kemm mill-FAEG kif ukoll mill-FAEŻR, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jallokaw ammont ogħla mill-minimu stabbilit fl-Anness XII tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom jindikaw l-ammonti li għandhom jintużaw, taħt kull wieħed mill-Fondi, biex jintlaħaq ir-rekwiżit minimu ta' allokazzjoni. Dan għandu jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-limiti massimi inversi.

6.2. *Informazzjoni finanzjarja dettaljata u diżaggregazzjoni għal kull intervent u ppjanar tal-output*

Il-pjan finanzjarju dettaljat imsemmi fl-Artikolu 112(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jipprevedi ħarsa ġenerali lejn il-livell indikattiv mistenni ta' pagamenti tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK u informazzjoni dwar ir-rati ta' kofinanzjament tal-FAEŻR.

7. **Sistemi ta' governanza u sistemi ta' koordinazzjoni**

7.1. *L-identifikazzjoni tal-korpi ta' governanza, tal-awtorità(jiet) amministrattivi u ta' korpi oħra*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi:

(a) għal kull tip ta' korp (awtorità(jiet)) kompetenti, awtorità(jiet) maniġerjali, aġenzija/i tal-pagamenti, korp ta' koordinazzjoni, fejn rilevanti, u korp(i) ta' ċertifikazzjoni, indikazzjoni tal-fond(i) li għalih/għalihom huma responsabbli, kif ukoll l-isem/ismijiet u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-persuna/i responsabbli;

l-istess informazzjoni għandha tiġi pprovduta għal korpi oħrajn bħall-kumitat(i) tal-monitoraġġ, korpi delegati u intermedji fejn rilevanti, kif ukoll l-istrutturi ta' koordinazzjoni rilevanti għall-AKIS, għall-uffiċjal tal-Komunikazzjoni dwar il-Pjan tal-PAK, kif imsemmi fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2021/1060, u għan-network tal-PAK. Għandu jiġi speċifikat ukoll ir-rwol tal-korp(i) delegat(i) u intermedju/i;

(b) deskrizzjoni fil-qosor tal-istabbiliment u tal-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti;

(c) meta l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tiġi ddelegata lill-awtoritajiet reġjonali, deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza għall-operazzjoni tal-istrument finanzjarju (delega tal-kompiti tal-awtorità maniġerjali u tal-aġenzija tal-pagamenti, bħall-għażla tal-benefiċjarju, ir-rapportar, il-pagamenti, il-kontroll).

7.2. *Deskrizzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rapportar*

Deskrizzjoni fil-qosor tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rapportar stabbiliti biex jirreġistraw, iżommu, jiġġestixxu u jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluża s-sistema ta' rapportar stabbilita għall-finijiet tar-rapport ta' prestazzjoni annwali skont l-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

7.3. *Informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll u l-penali*

(a) ***SIAK***

L-informazzjoni dwar is-SIAK għandha tinkludi:

(i) speċifikazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari jekk jintużax għas-settur tal-inbid kif stabbilit fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u għall-kundizzjonalità;

(ii) definizzjoni ta' roqgħa agrikola, inkluża l-art agrikola, fejn rilevanti;

(iii) konferma tal-operat tas-SIAK mill-1 ta' Jannar 2023, u li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) huma ssodisfati;

(iv) informazzjoni dwar is-sistema/i għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 65(4) u fil-punt (g) tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116;

(v) jekk tiġix applikata sistema awtomatika ta' talbiet;

(vi) deskrizzjoni tas-sistema/i ta' kontroll u penali, li tispjega b'mod partikolari jekk is-sistema tinkludix verifiki sistematiċi li jimmiraw ukoll żoni fejn ir-riskju ta' żbalji huwa l-ogħla, u kif il-livell ta' verifiki jiżgura ġestjoni effettiva tar-riskji kif imsemmi fl-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116. Fir-rigward tal-penali, l-informazzjoni għandha tispjega l-penali previsti għan-nuqqasijiet ta' konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-interventi definiti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK. Jekk jiġu applikati kontrolli u sistemi ta' penali differenti għal interventi differenti, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar kull waħda mis-sistemi.

Tista' tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali dwar is-sistema ta' identifikazzjoni għall-irqajja' agrikoli, dwar is-sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali u dwar is-sistema ta' monitoraġġ taż-żona fejn dan jitqies importanti mill-Istat Membru.

(b) ***Sistema ta' kontroll u penali għal interventi mhux koperti mis-SIAK***

Għall-interventi tal-FAEG u tal-FAEŻR mhux koperti mis-SIAK, l-informazzjoni għandha tinkludi:

(i) deskrizzjoni qasira dwar is-sistema ta' penali f'konformità mal-prinċipji tal-effettività, tal-proporzjonalità u tad-dissważività;

(ii) deskrizzjoni qasira tas-sistema/i ta' kontroll, inklużi speċifiċitajiet għall-istrumenti finanzjarji, fejn rilevanti;

(iii) spjegazzjoni qasira dwar kif tiġi ssodisfata l-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku.

(c) ***Is-sistema ta' kontroll u ta' penali għall-kundizzjonalità***

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi:

(i) deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll għall-kundizzjonalità;

(ii) indikazzjoni tat-tipi ta' verifiki għal kull SMR u KAAT;

([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

(iii) deskrizzjoni tas-sistema ta' penali;

(iv) id-definizzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' okkorrenza mill-ġdid u intenzjonalità;

(v) indikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' sistema ta' kontroll simplifikata għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar;

(vi) informazzjoni dwar il-korpi ta' kontroll kompetenti responsabbli għall-verifiki tal-istandards ta' kundizzjonalità u r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni.

(d) ***Kundizzjonalità soċjali***

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi:

(i) deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll għall-kundizzjonalità soċjali;

(ii) deskrizzjoni tas-sistema ta' penali għall-kundizzjonalità soċjali.

Fejn il-kundizzjonalità soċjali tiġi applikata mill-2024 jew mill-2025, id-deskrizzjoni msemmija fil-punti (i) u (ii) għandha tiġi pprovduta sal-aktar tard fl-emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK kif approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) 2021/2115 qabel l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità soċjali.

## 8. **Modernizzazzjoni: AKIS u diġitalizzazzjoni**

8.1. *Struttura organizzazzjonali ġenerali tal-AKIS*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi spjegazzjoni tal-approċċ strateġiku ġenerali tal-AKIS abbażi tas-SWOT u valutazzjoni tal-ħtiġijiet li tiddeskrivi kif l-interventi u l-azzjonijiet se jaħdmu flimkien biex jikkontribwixxu għall-objettiv trasversali, imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

8.2. *Deskrizzjoni ta' kif is-servizzi ta' konsulenza, ir-riċerka, in-networks u l-interventi tal-PAK se jaħdmu flimkien fil-qafas tal-AKIS*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi spjegazzjoni tal-organizzazzjoni tal-kollaborazzjoni tal-konsulenti, tar-riċerkaturi u tan-networks tal-PAK. Għandu jiġi indikat jekk l-azzjonijiet previsti humiex ikkombinati ma' miżuri jew ma' strumenti rilevanti oħrajn fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u barra minnu.

8.3. *Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni tal-konsulenti tal-azjendi agrikoli*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi spjegazzjoni ta' kif jiġi organizzat l-għoti ta' pariri, billi jiġu integrati l-konsulenti kollha u billi jiġu koperti l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 15(2) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/2115, filwaqt li jkun hemm konformità wkoll mar-rekwiżiti għall-imparzjalità stabbiliti fl-Artikolu 15(3) ta' dak ir-Regolament.

8.4. *Deskrizzjoni ta' kif jiġi pprovdut l-appoġġ għall-innovazzjoni*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi spjegazzjoni ta' kif jiġu organizzati l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-flussi tal-għarfien fi ħdan l-AKIS.

8.5. *Strateġija ta' diġitalizzazzjoni*

Din is-sottotaqsima għandha tinkludi spjegazzjoni tal-approċċ strateġiku biex tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni, inkluż deskrizzjoni tal-approċċ kif il-miżuri skont l-istrateġija tad-diġitalizzazzjoni huma mfassla biex jevitaw jew jimmitigaw id-differenzi diġitali bejn ir-reġjuni, it-tipi ta' negozji u l-gruppi tal-popolazzjoni.

## 9. **Annessi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK**

9.1. *L-Anness I dwar l-evalwazzjoni ex ante u l-valutazzjoni ambjentali strateġika (SEA) imsemmija fid-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([10])

L-Anness I tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 115(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jkun fih sommarju tar-riżultati tal-evalwazzjoni *ex ante* u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni *ex ante* u tas-SEA.

([10]) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

Skont l-elementi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li għandu jiġi vvalutat f'dik l-evalwazzjoni *ex ante*, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu kkategorizzati skont:

— l-analiżi SWOT, valutazzjoni tal-ħtiġijiet;

— il-loġika/kontribuzzjoni ta' intervent għall-objettivi;

— il-koerenza esterna/interna;

— l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji;

— l-outputs, ir-riżultati u l-istabbiliment tal-istadji importanti u tal-miri;

— il-miżuri biex jitnaqqas il-piż amministrattiv;

— l-istrumenti finanzjarji;

— ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tas-SEA;

— oħrajn.

Għandu jissemma' b'mod ċar kif ir-rakkomandazzjonijiet ġew indirizzati jew għandha tiġi inkluża ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex ma ġewx ikkunsidrati.

Għandhom jiġu pprovduti links għall-evalwazzjoni *ex ante* kompluta u għar-rapporti tas-SEA.

9.2. *L-Anness II dwar l-analiżi SWOT tas-sitwazzjoni attwali taż-żona koperta mill-Pjan Strateġiku tal-PAK*

L-Anness II tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 115(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jistabbilixxi f'analiżi SWOT l-elementi stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni għal kull objettiv f'konformità mal-Artikolu 6(1) u (2) ta' dak ir-Regolament. L-analiżi SWOT għandha tkun artikolata mill-erba' elementi ewlenin: qawwiet, dgħjufijiet, opportunitajiet u theddidiet u għandhom jindikaw is-sorsi għad-*data* użata għajr l-indikaturi tal-kuntest.

9.3. *L-Anness III dwar il-konsultazzjoni mas-sħab*

L-Anness III tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 115(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jinkludi l-eżiti tal-konsultazzjoni tas-sħab, u b'mod partikolari l-awtoritajiet rilevanti fil-livell reġjonali u lokali, u deskrizzjoni qasira ta' kif twettqet il-konsultazzjoni.

9.4. *L-Anness IV dwar l-interventi għall-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton*

L-Anness IV tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 115(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jkun fih dan li ġej:

| | |
|---|---|
| Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-valutazzjoni SWOT/tal-ħtiġijiet u interventi oħrajn, b'mod partikolari:<br>— kriterji oġġettivi li abbażi tagħhom l-art agrikola u l-varjetajiet huma awtorizzati għall-produzzjoni tal-qoton;<br>— varjetajiet awtorizzati;<br>— densità minima tal-pjanti u l-ġustifikazzjoni għaliha. | test |
| Il-komplementarjetà tal-intervent tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton mal-interventi l-oħrajn tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. | test |

9.5. *L-Anness V dwar il-finanzjament nazzjonali addizzjonali*

Fl-Anness V tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandha timtela l-informazzjoni li ġejja għal kull intervent fl-iżvilupp rurali li għalih jingħata finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5), il-punti (a), (b) u (c) u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 146 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

| | |
|---|---|
| L-Artikolu fit-Titolu III, il-Kapitolu IV, tar-Regolament (UE) 2021/2115 li skontu jingħata l-finanzjament | test |
| Il-bażi ġuridika nazzjonali għall-għoti tal-finanzjament | test |

| | |
|---|---|
| L-intervent fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li għalih jingħata l-finanzjament | test |
| Il-baġit totali tal-finanzjament (f'euro) | numru |
| Indikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/2115 | Iva/Le |
| Komplementarjetà:<br>(a) numru ogħla ta' benefiċjarji;<br>(b) intensità ogħla tal-għajnuna;<br>(c) il-provvediment ta' finanzjament għal ċerti operazzjonijiet fi ħdan l-intervent. | Indika dawk li huma applikabbli u pprovdi informazzjoni addizzjonali, jekk rilevanti. |
| Kopert mill-Artikolu 42 tat-TFUE | Iva/Le (jekk LE, indika l-istrument tal-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat) |

Fir-rigward tas-settur tal-frott u l-ħxejjex, għandha timtela l-informazzjoni li ġejja għall-assistenza finanzjarja nazzjonali msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

| | |
|---|---|
| L-ammont annwali stmat ta' assistenza finanzjarja nazzjonali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex għal kull reġjun ikkonċernat u t-total għall-Istat Membru. | test |

9.6. L-Anness VI dwar l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali (fejn applikabbli)

L-Anness VI tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmi fl-Artikolu 115(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jinkludi l-elementi stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni għal kull għajnuna nazzjonali tranżizzjonali individwali għal kull settur, fejn applikabbli.

(a) il-pakkett finanzjarju annwali speċifiku għas-settur għal kull settur li għalih tingħata għajnuna nazzjonali tranżizzjonali;

| Settur | Il-pakkett finanzjarju speċifiku għas-settur (f'euro) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| | *Għandha timtela mill-Istat Membru* | … | | | |
| … | … | | | | |

(b) fejn rilevanti, għal kull settur, ir-rata unitarja massima ta' appoġġ għal kull sena tal-perjodu, filwaqt li tiġi rispettata r-rata unitarja massima;

| Settur | Rata unitarja |
|---|---|
| | *Għandha timtela mill-Istat Membru* |
| … | |

(c) fejn rilevanti, informazzjoni fir-rigward tal-perjodu ta' referenza modifikat f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

| Settur | Informazzjoni fir-rigward tal-perjodu ta' referenza mmodifikat |
|---|---|
| … | |

(d) deskrizzjoni qasira tal-komplementarjetà tal-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali mal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

*ANNESS II*

## Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri relatati mal-SFC2021

### 1. Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

1.1. L-iżgurar tal-operat ta' sistema elettronika għall-iskambju uffiċjali u sigur ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa "SFC2021". L-SFC2021 għandu jkollha mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115.

1.2. L-iżgurar tal-karatteristiċi li ġejjin tal-SFC2021:

(a) formoli interattivi jew formoli mimlija minn qabel mis-sistema abbażi tad-*data* diġà rreġistrata fis-sistema qabel;

(b) kalkoli awtomatiċi, fejn inaqqsu l-isforz ta' kodifikazzjoni tal-utenti;

(c) kontrolli integrati awtomatiċi biex tiġi vverifikata l-konsistenza interna tad-*data* trażmessa u l-konsistenza ta' din id-*data* mar-regoli applikabbli;

(d) l-utenti ta' twissija tal-SFC2021 iġġenerati mis-sistema li ċerti azzjonijiet jistgħu jew ma jistgħux jitwettqu;

(e) it-traċċar tal-istatus online tat-trattament tal-informazzjoni mdaħħla fis-sistema;

(f) id-disponibbiltà ta' *data* storika fir-rigward tal-informazzjoni kollha mdaħħla għal programm;

(g) id-disponibbiltà ta' firma elettronika obbligatorja skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li tiġi rikonoxxuta bħala evidenza fi proċedimenti legali.

1.3. L-iżgurar ta' politika ta' sigurtà għat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-SFC2021 applikabbli għall-persunal li juża s-sistema skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ([2]).

1.4. Il-ħatra ta' persuna jew ta' persuni responsabbli għad-definizzjoni, għaż-żamma u għall-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tal-politika ta' sigurtà għall-SFC2021.

### 2. Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

2.1. L-iżgurar li l-awtoritajiet tal-programm tal-Istat Membru identifikati f'konformità mat-Titolu VI tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif ukoll il-korpi identifikati biex iwettqu ċerti kompiti taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità amministrattiva jdaħħlu fl-SFC2021 l-informazzjoni għat-trażmissjoni li tagħha huma responsabbli u kwalunkwe aġġornament għaliha.

2.2. L-iżgurar tal-verifika tal-informazzjoni sottomessa minn persuna għajr il-persuna li tkun daħlet id-*data* għal dik it-trażmissjoni.

2.3. Il-provvediment ta' arranġamenti għas-separazzjoni tal-kompiti msemmijin fil-punti 2.1 u 2.2 permezz tas-sistemi ta' informazzjoni ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istat Membru konnessi awtomatikament mal-SFC2021.

2.4. Il-ħatra ta' persuna jew ta' persuni responsabbli għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess biex jissodisfaw il-kompiti li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-utenti li jitolbu aċċess, filwaqt li jiġi żgurat li dawk l-utenti huma impjegati mill-organizzazzjoni;

(b) l-infurmar lill-utenti dwar l-obbligi tagħhom li jippreservaw is-sigurtà tas-sistema;

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

(c) il-verifika tal-intitolament tal-utenti għal-livell ta' privileġġ meħtieġ fir-rigward tal-kompiti tagħhom u l-pożizzjoni ġerarkika tagħhom;

(d) it-talba tat-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess meta dawk id-drittijiet ta' aċċess ma jibqgħux meħtieġa jew ġustifikati;

(e) ir-rapportar minnufih ta' avvenimenti suspettużi li jistgħu jġibu preġudizzju għas-sigurtà tas-sistema;

(f) l-iżgurar tal-preċiżjoni kontinwata tad-*data* ta' identifikazzjoni tal-utent billi jiġi rrapportat kwalunkwe tibdil;

(g) it-teħid tal-prekawzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni tad-*data* u għall-kunfidenzjalità kummerċjali f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali;

(h) l-infurmar lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet jew tal-utenti tal-Istati Membri tal-SFC2021 biex iwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-punt 2.1 jew il-kapaċità personali tagħhom biex iwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-punti (a) sa (g).

2.5. Il-provvediment ta' arranġamenti għar-rispett tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data* personali għall-individwi, u tal-kunfidenzjalità kummerċjali għall-entitajiet legali f'konformità mad-Direttiva 2002/58/KE ([3]), u mar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([4]) u (UE) 2018/1725 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2.6. L-adozzjoni ta' politiki nazzjonali, reġjonali jew lokali dwar is-sigurtà tal-informazzjoni dwar l-aċċess għall-SFC2021 abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju applikabbli għall-awtoritajiet kollha li jużaw l-SFC2021 u l-indirizzar tal-aspetti li ġejjin:

(a) l-aspetti tas-sigurtà tal-IT tax-xogħol imwettaq mill-persuna jew mill-persuni responsabbli għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 2.4 f'każ li jiġi applikat l-użu dirett;

(b) għas-sistemi tal-kompjuter nazzjonali, reġjonali jew lokali konnessi mal-SFC2021, permezz ta' interfaċċa teknika bħala parti mis-sistemi ta' informazzjoni ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istat Membru kif imsemmi fil-punt 2.3, il-miżuri ta' sigurtà għal dawk is-sistemi li jippermettu li jkunu allinjati mar-rekwiżiti ta' sigurtà tal-SFC2021 u li jkopru:

(i) is-sigurtà fiżika;

(ii) il-media tad-*data* u l-kontroll tal-aċċess;

(iii) il-kontroll tal-ħżin;

(iv) l-aċċess u l-kontroll tal-password;

(v) il-monitoraġġ;

(vi) l-interkonnessjoni mal-SFC2021;

(vii) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni;

(viii) il-ġestjoni tar-riżorsi umani qabel l-impjieg, matul l-impjieg u wara l-impjieg;

(ix) il-ġestjoni tal-inċidenti.

2.7. It-tqegħid tad-dokument(i) li jkun fih/jkunu fihom il-politiki msemmijin fil-punt 2.6 disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba.

2.8. Il-ħatra ta' persuna jew ta' persuni responsabbli għaż-żamma u għall-iżgurar tal-applikazzjoni tal-politiki nazzjonali, reġjonali jew lokali dwar is-sigurtà tal-IT u li taġixxi jew li jaġixxu bħala punt ta' kuntatt mal-persuna jew mal-persuni maħtura mill-Kummissjoni u msemmija fil-punt 1.4.

---

([3]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

3. **Responsabbiltajiet konġunti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri**

3.1. L-iżgurar tal-aċċessibbiltà jew direttament permezz ta' interfaċċa interattiva għall-utent (jiġifieri applikazzjoni fuq l-Internet) jew permezz ta' interfaċċa teknika bl-użu ta' protokolli predefiniti (jiġifieri servizzi fuq l-Internet) li jippermettu s-sinkronizzazzjoni u t-trażmissjoni awtomatika tad-*data* bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Istati Membri u l-SFC2021.

3.2. L-istabbiliment tad-data tat-trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni mill-Istat Membru lill-Kummissjoni u viċi-versa fl-iskambju elettroniku tad-*data*, li tikkostitwixxi d-data tas-sottomissjoni tad-dokument ikkonċernat.

3.3. L-iżgurar li d-*data* uffiċjali tiġi skambjata permezz tal-SFC2021, ħlief fejn isseħħ *force majeure*, u li l-informazzjoni pprovduta fil-formoli elettroniċi inkorporati fl-SFC2021 ("*data* strutturata") ma tiġix sostitwita b'*data* mhux strutturata u, fil-każ ta' inkonsistenza, dik id-*data* strutturata tipprevali fuq *data* mhux strutturata.

Fil-każ ta' *force majeure*, ta' ħsara fl-SFC2021 jew ta' nuqqas ta' konnessjoni mal-SFC2021, l-Istat Membru jista', bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, jibgħat id-dokumenti f'forma oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni. Meta l-kawża ta' *force majeure* tieqaf, il-parti kkonċernata ddaħħal fl-SFC2021 mingħajr dewmien l-informazzjoni diġà pprovduta f'forma stampata.

3.4. L-iżgurar tal-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tas-sigurtà tal-IT ippubblikati fil-portal tal-SFC2021 u l-miżuri li huma implimentati fl-SFC2021 mill-Kummissjoni biex tagħmel it-trażmissjoni tad-*data* sigura, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-interfaċċa teknika bħala parti mis-sistemi ta' informazzjoni ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istat Membru kif imsemmi fil-punt 2.3.

3.5. L-implimentazzjoni u l-iżgurar tal-effettività tal-miżuri ta' sigurtà adottati għall-protezzjoni tad-*data* maħżuna u trażmessa permezz tal-SFC2021.

3.6. L-aġġornament u r-rieżami annwali tal-politika ta' sigurtà tal-IT tal-SFC2021 u l-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti dwar is-sigurtà tal-IT fil-każ ta' bidliet teknoloġiċi, l-identifikazzjoni ta' theddid ġdid jew żviluppi rilevanti oħrajn.

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2290**

**tal-21 ta’ Diċembru 2021**

**li jistabbilixxi regoli dwar il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-politika agrikola komuni (PAK) biex itejjeb it-twettiq tagħha tal-objettivi tal-Unjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-Unjoni għall-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta’ intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli flessibbiltà għall-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li jeħtieġ jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom. L-Istati Membri jridu jfasslu dawk il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u jippreżentaw il-proposti tagħhom għal dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Jannar 2022.

(2) Skont l-Artikolu 128 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta’ prestazzjoni li jippermetti r-rapportar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK matul l-implimentazzjoni tiegħu. Għal dak l-għan, l-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115, li huma l-bażi għall-mekkaniżmi tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni u r-rieżami tal-prestazzjoni, kif ukoll għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni dwar il-metodi għall-kalkolu ta’ dawk l-indikaturi.

(3) Peress li l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom regoli dwar il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati meta jkunu qed jiżviluppaw l-abbozzi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Jannar 2022, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 huma stabbiliti fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**METODI GĦALL-KALKOLU TAL-INDIKATURI KOMUNI TAL-OUTPUT U TAR-RIŻULTATI STABBILITI FL-ANNESS I TAR-REGOLAMENT (UE) 2021/2115**

INDIKATURI TAL-OUTPUT

**Metodi ta’ kalkolu għall-indikaturi tal-output li għandhom jintużaw għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni**

1. Meta jikkalkolaw l-indikaturi għall-fini tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu dan li ġej:

(a) l-ippjanar tal-outputs għandu jsir għal kull sena finanzjarja agrikola u għandu jsir kif ġej:

(i) għal kull intervent. Jekk jiġu stabbiliti diversi ammonti unitarji għal intervent, l-outputs jistgħu jiġu ppjanati jew għal kull ammont unitarju, għal gruppi ta’ ammonti unitarji, jew għall-ammonti unitarji kollha. Jekk tiġi stabbilita aktar minn unità ta’ kejl waħda għall-indikatur tal-output tal-intervent, għandu jsir ippjanar għal kull unità ta’ kejl;

(ii) għal kull settur għall-interventi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, fis-settur tal-ħops, fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-ikel u fis-setturi l-oħra msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 42, tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) ir-rapportar tal-outputs għandu jsir għal kull sena finanzjarja agrikola u għandu jsir għall-interventi kollha li għalihom ikunu saru l-pagamenti fis-sena finanzjarja agrikola kkonċernata kif ġej:

(i) għal kull unità ta’ ammont;

(ii) għal kull programm operazzjonali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-ikel u fis-setturi l-oħra msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 42, tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(c) outputs iġġenerati minn intervent għandhom jiġu ppjanati u rrapportati darba biss skont l-indikatur tal-output assoċjat ma’ dak l-intervent fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(d) fil-każ li intervent ikun jinkludi appoġġ fil-forma ta’ għotjiet u strument finanzjarju, l-indikatur tal-output għandu jiġi kkalkolat għal kull forma ta’ appoġġ;

(e) il-valur tal-output irrapportat għandu jikkorrispondi għall-proporzjon tan-nefqa effettivament imħallsa għal dak il-prodott fis-sena finanzjarja agrikola kkonċernata. Għandhom jiġu rrapportati outputs parzjali għal interventi parzjalment ikkompletati fis-sena finanzjarja agrikola partikolari.

**Rapportar ta’ pagamenti bil-quddiem fl-indikaturi tal-output li għandhom jintużaw għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni**

2. L-interventi li għalihom ikunu saru pagamenti fil-forma ta’ pagamenti bil-quddiem kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 32(4) u fl-Artikolu 32(5) u fl-Artikolu 44(3), tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) qabel ma jingħata l-output korrispondenti ma għandhomx jiġu inklużi fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni f’konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament (UE) 2021/2115 għas-sena finanzjarja agrikola li fiha jkun tħallas il-pagament bil-quddiem. Dawk il-pagamenti bil-quddiem għandhom jiġu rrapportati għas-sena finanzjarja agrikola li fiha l-output jitħallas kollu.

**Rapportar tal-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output u tal-valuri tal-indikaturi tal-output O.3 u O.34 li għandhom jintużaw għall-finijiet ta’ monitoraġġ, ta’ komunikazzjoni u ta’ evalwazzjoni**

3. Dan li ġej għandu japplika meta jiġu rrapportati l-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output u valuri oħra tal-output:

(a) meta jirrapportaw l-indikaturi tal-output użati għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinkludu wkoll il-valuri aggregati li ġejjin:

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

(i) l-output totali għal kull intervent fejn jiġu stabbiliti diversi ammonti unitarji għal intervent;

(ii) l-output totali għal kull unità ta’ kejl fil-każ li jiġu stabbiliti diversi unitajiet ta’ kejl għal intervent

(iii) l-output totali għal kull tip ta’ intervent fil-każ li tip ta’ intervent ikollu diversi interventi;

(iv) l-output totali għal kull unità ta’ kejl u, skont kif ikun xieraq, l-output totali bl-użu ta’ unità komuni ta’ kejl fil-każ li t-tip ta’ intervent jinkludi diversi interventi li l-output tagħhom jitkejjel b’unitajiet differenti ta’ kejl;

(v) għall-indikaturi tal-output O.4, O.36 u O.37, fil-każ li l-interventi ma jappartjenux għall-istess tip ta’ intervent, l-output totali għal dawk l-interventi;

(b) kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu valuri għall-indikaturi tal-output li ġejjin li ma ntużawx għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni:

(i) indikatur tal-output O.3:

— għandu jiġi pprovdut il-valur ta’ dan l-indikatur għal kull intervent u għal kull tip ta’ intervent;

— għandhom jiġu pprovduti l-għadd totali ta’ benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK li huma bdiewa u l-għadd totali ta’ bdiewa li jirċievu pagamenti diretti;

— għandu jiġi pprovdut l-għadd totali ta’ benefiċjarji tal-appoġġ tal-PAK li huma bdiewa maqsum skont il-ġeneru;

— il-benefiċjarji għandhom jingħaddu b’mod sħiħ;

(ii) indikatur tal-output O.34:

— għandu jiġi pprovdut l-għadd totali ta’ ettari li jirċievu l-appoġġ tal-PAK koperti mir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta’ ġestjoni (SMR), mill-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba (KAAT) stabbiliti skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115 u skont il-prattiki ambjentali stabbiliti skont l-Artikoli 31 u 70 u l-Kapitolu III tat-Titolu III ta’ dak ir-Regolament, ħlief għall-interventi ppjanati f’unitajiet oħra;

— għandu jiġi pprovdut l-għadd totali ta’ ettari skont il-prattiki ambjentali stabbiliti skont l-Artikoli 31 u 70 u l-Kapitolu III tat-Titolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115, ħlief għall-interventi ppjanati f’unitajiet oħra;

— l-ettari għandhom jingħaddu b’mod sħiħ.

**Metodi ta’ kalkolu għall-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output li għandhom jintużaw għall-finijiet ta’ monitoraġġ, ta’ komunikazzjoni u ta’ evalwazzjoni**

4. Meta jiġu kkalkolati l-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output, l-outputs għandhom jingħaddu kif ġej:

(a) għall-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output relatati mal-interventi koperti mis-sistema integrata ta’ amministrazzjoni u ta’ kontroll imsemmija fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 (is-“sistema integrata”) u mal-interventi mħallsa bis-sħiħ fis-sena finanzjarja u mhux koperti mis-sistema integrata, l-outputs għandhom dejjem jingħaddu bis-sħiħ;

(b) għall-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output relatati ma’ interventi mhux koperti mis-sistema integrata li jitħallsu f’pagamenti parzjali differenti fuq diversi snin, għandhom jingħaddu l-outputs parzjali.

**Finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-indikaturi tal-output**

5. Meta l-appoġġ jingħata bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115 (“il-finanzjament nazzjonali addizzjonali”) għandu japplika dan li ġej:

(a) l-outputs ippjanati għandhom jinkludu l-outputs iġġenerati minn finanzjament nazzjonali addizzjonali;

(b) l-outputs iġġenerati minn finanzjament nazzjonali addizzjonali għandhom jiġu rrapportati b'mod separat mill-outputs iġġenerati min-nefqa pubblika għajr il-finanzjament nazzjonali addizzjonali;

(c) l-outputs iġġenerati minn finanzjament nazzjonali addizzjonali ma għandhomx jitqiesu għall-fini tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni;

(d) l-outputs iġġenerati minn finanzjament nazzjonali addizzjonali għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output għall-fini ta' monitoraġġ, ta' komunikazzjoni u ta' evalwazzjoni.

**Regoli għall-evitar tal-għadd doppju tal-indikaturi tal-output li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' monitoraġġ, ta' komunikazzjoni u ta' evalwazzjoni**

6. Biex jiġu kkalkolati l-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output mingħajr għadd doppju, għandu japplika dan li ġej:

(a) fil-każ li unità ta' output tkun koperta minn interventi rilevanti, jew minn operazzjonijiet multipli fl-istess intervent, dik l-unità tal-output għandha tingħadd darba biss meta jiġi kkalkolat il-valur aggregat;

(b) il-valuri aggregati għall-indikaturi tal-output relatati mal-intervent kopert mis-sistema integrata u rrapportati fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għas-sena finanzjarja agrikola N-1 għandhom jinkludu l-għadd ta' unitajiet li jkunu rċevew pagament parzjali jew sħiħ fis-sena finanzjarja agrikola N-1 b'rabta mal-interventi mitluba fis-sena N-2;

(c) fil-każ li jiġu applikati drittijiet għal pagament jew limiti massimi, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw iż-żona rilevanti ddeterminata bħala eliġibbli għall-pagament wara l-kontrolli amministrattivi u qabel ma japplikaw dawk il-limiti skont l-indikaturi tal-output rilevanti.

INDIKATURI TAR-RIŻULTATI

**Rabta bejn l-objettivi speċifiċi, l-indikaturi tar-riżultati u l-interventi**

7. Fil-pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw ir-rabtiet bejn l-objettivi speċifiċi, l-indikaturi tar-riżultati u l-interventi kif ġej;

(a) L-Istati Membri għandhom jidentifikaw rabta bejn l-indikaturi tar-riżultati u l-objettivi speċifiċi. Indikatur tar-riżultati jista' jkun marbut ma' aktar minn objettiv speċifiku wieħed;

(b) l-interventi għandhom ikunu marbuta mal-indikatur(i) tar-riżultati kollha li jikkontribwixxu għalihom direttament u b'mod sinifikanti;

(c) l-operazzjonijiet fi ħdan intervent li jikkontribwixxu direttament u b'mod sinifikanti għal indikatur tar-riżultati biss għandhom jiġu attribwiti għal dan l-indikatur tar-riżultat;

(d) intervent wieħed, jew operazzjoni waħda fi ħdan intervent wieħed, tista' tikkontribwixxi għal aktar minn indikatur tar-riżultati wieħed;

(e) il-valur tal-output iġġenerat minn operazzjoni għandu dejjem jiġi attribwit b'mod sħiħ lill-indikatur(i) tar-riżultati rilevanti, inkluż meta jkun marbut ma' aktar indikaturi tar-riżultati;

(f) l-impenji ta' ġestjoni u l-investimenti li jikkontribwixxu għall-istess skop għandhom ikunu marbuta ma' indikaturi separati tar-riżultati, ħlief għall-indikaturi tar-riżultati R.43 u R.44;

(g) l-indikatur tar-riżultati R.35 għandu jkun marbut mal-interventi fis-settur tal-apikultura inklużi fit-tip ta' intervent imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 55(1), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dawn l-interventi għandhom jiġu rrapportati biss skont l-indikatur tar-riżultati R.35;

(h) iż-żoni li huma soġġetti biss għal SMR u KAAT ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-indikaturi tar-riżultati, ħlief għall-indikatur tar-riżultati R.4, li huwa mfassal speċifikament biex ikopri s-sehem taż-żona agrikola li tirċievi appoġġ għall-introjtu tal-PAK u soġġett għall-kondizzjonalità.

**Metodi ta' kalkolu dettaljati għall-indikaturi tar-riżultati**

8. Meta jiġu ppjanati u rrapportati l-indikaturi tar-riżultati fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, għandhom jitqiesu l-punti li ġejjin:

(a) il-valuri għall-indikaturi tar-riżultati għandhom jiġu rrapportati bis-sħiħ għas-sena finanzjarja agrikola tal-ewwel pagament, anki jekk ikun sar pagament parzjali biss fis-sena finanzjarja agrikola kkonċernata;

(b) permezz ta' deroga mill-punt (a), għall-indikatur tar-riżultat R.37, il-valuri għandhom jingħaddu bis-sħiħ fil-ħin tat-tlestija tal-operazzjoni;

(c) il-valuri relatati mal-pagamenti fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(4) u fl-Artikolu 32(5), u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(2), u fl-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) 2021/2116 ma għandhomx jingħaddu fil-kwantifikazzjoni tal-indikaturi tar-riżultati relatati qabel ma jingħata l-output korrispondenti;

(d) il-valuri annwali għandhom jiġu rrapportati għall-indikaturi tar-riżultati R.4, R.5, R.6, R.7, R.8, R.11, R.12, R.13, R.14, R.19, R.20, R.21, R.22, R.23, R.24, R.25, R.29, R.30, R.31, R.33,R.34, R.43 u R.44;

(e) il-valuri kumulattivi għandhom jiġu rrapportati għall-indikaturi tar-riżultati R.1, R.2, R.3, R.9, R.10, R.15, R.16, R.17, R.18, R.26, R.27, R.28, R.32, R.35, R.36, R.37, R.38, R.39, R.40, R.41 u R.42;

(f) l-indikatur tar-riżultati R.4 jirrigwarda ż-żona koperta mit-tipi kollha ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif ukoll l-appoġġ għal żona b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona msemmija fl-Artikolu 71 ta' dak ir-Regolament u għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji msemmija fl-Artikolu 72 ta' dak ir-Regolament;

(g) l-indikatur tar-riżultati R.6 jirrigwarda t-tipi kollha ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2021/2115, ħlief il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament;

(h) l-indikatur tar-riżultati R.7 jirrigwarda t-tipi kollha ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115 ħlief il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, kif ukoll l-appoġġ għal żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona msemmija fl-Artikolu 71 ta' dak ir-Regolament u għall-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji msemmija fl-Artikolu 72 ta' dak ir-Regolament;

(i) b'deroga mill-punt (h), meta l-Istati Membri jfasslu interventi f'konformità mal-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jappoġġaw żoni forestali biss, tali interventi jistgħu jkunu marbuta mal-indikatur tar-riżultati R.30, soġġett għal dan li ġej:

— ma jitfassal l-ebda intervent għal żoni agrikoli b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2021/2115; u

— L-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ma jiġix applikat fir-rigward taż-żoni identifikati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(j) l-indikatur tar-riżultati R.38 jirrigwarda l-interventi għal LEADER imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 77(1), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Fil-pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom, meta jippreżentawh għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mira għall-indikatur tar-riżultati R.38 li tindika l-popolazzjoni rurali mistennija koperta minn strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità kif imsemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ladarba jkunu ntgħażlu l-istrateġiji ta' żvilupp lokali kollha skont Pjan Strateġiku tal-

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

PAK, l-Istat Membru kkonċernat għandu jimmodifika l-Pjan Strateġiku tal-PAK kif ikun rilevanti biex iżid mal-valuri fil-mira eżistenti l-kontribuzzjoni addizzjonali mistennija mill-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali magħżula. Dan jista' jinkludi rabtiet addizzjonali bejn l-interventi għal LEADER u l-indikaturi tar-riżultati komuni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(k) l-indikaturi tar-riżultati relatati maż-żona R.12, R.14, R.19, R.20, R.21, R.22, R.23, R.24, R.29, R.31, R.33 u R.34 huma relatati biss ma' prattiki ambjentali volontarji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji mħallsa f'ettari skont l-ekoskemi msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/2115, skont l-impenji agroambjentali klimatiċi msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2021/2115, kif ukoll skont l-interventi rilevanti f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(l) b'deroga mill-punt (k), l-Istati Membri jistgħu jorbtu wkoll l-indikaturi tar-riżultati R.12, R.14, R.19, R.20, R.21, R.22, R.23, R.24, R.29, R.31, R.33 u R.34 ma' interventi għajr dawk imsemmija fil-punt (k), dment li l-prattiki appoġġati jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti u dirett għall-indikaturi tar-riżultati rilevanti;

(m) Il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għandu jitqies għall-kalkolu tal-indikaturi tar-riżultati.

**Regoli biex jiġi evitat l-għadd doppju fl-indikaturi tar-riżultati**

9. Biex jiġu kkalkolati l-indikaturi tar-riżultati mingħajr għadd doppju, għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk unità li tikkontribwixxi għall-kwantifikazzjoni ta' indikatur tar-riżultati tkun koperta minn diversi interventi, jew minn diversi operazzjonijiet fl-istess intervent, li jkunu marbuta mal-istess indikatur tar-riżultati, din l-unità għandha tingħadd darba biss fil-kwantifikazzjoni ta' dak l-indikatur tar-riżultati;

(b) l-indikaturi tar-riżultati li jirrigwardaw l-intervent kopert mis-sistema integrata u rrapportati fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għas-sena finanzjarja agrikola N-1 għandhom jinkludu l-għadd ta' unitajiet li jkunu rċevew pagament parzjali jew sħiħ fis-sena finanzjarja agrikola N-1 b'rabta mal-interventi mitluba fis-sena N-2;

(c) fil-każ li jiġu applikati drittijiet għal pagament jew limiti massimi, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw iż-żona rilevanti ddeterminata bħala eliġibbli għall-pagament wara l-kontrolli amministrattivi u qabel ma japplikaw dawk il-limiti skont l-indikaturi tar-riżultati rilevanti;

(d) B'deroga mill-punt (a), jista' jiġi aċċettat għadd doppju għall-indikaturi tar-riżultati R.1, R.2, R.3, R.10 u R.28.

**Denominaturi tal-indikaturi tar-riżultati**

10. Dan li ġej għandu japplika għad-denominaturi:

(a) il-valuri tal-indikaturi tal-kuntest li jintużaw bħala denominaturi tal-indikaturi tar-riżultati għandhom jiġu ffissati għall-perjodu kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Jekk ikun debitament ġustifikat, l-Istati Membri jistgħu jaġġornaw dawn il-valuri bħala parti minn emenda tal-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) b'deroga mill-punt (a), għar-rapportar, id-denominaturi għall-indikaturi tar-riżultati R.6, R.7, u R.11 għandhom jiġu aġġornati kull sena.

**Diżaggregazzjoni tal-indikaturi tar-riżultati għar-rapportar**

11. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw valur wieħed biss għal kull indikatur tar-riżultati rilevanti. B'deroga mill-ewwel sentenza, jeħtieġ li jsiru d-diżaggregazzjonijiet li ġejjin:

(a) skont is-settur għall-indikatur tar-riżultati R.11;

(b) skont is-subkategoriji għall-indikatur tar-riżultati R.17;

(c) skont il-konverżjoni u l-manutenzjoni tal-biedja organika għall-indikatur tar-riżultati R.29;

(d) skont it-tip ta' art għall-indikatur tar-riżultat R.33;

(e) skont il-ġeneru għall-indikatur tar-riżultati R.36;

(f) skont l-ispeċi tal-bhejjem għall-indikaturi tar-riżultati R.43 u R.44.

**Koeffiċjenti għall-konverżjoni tal-annimali f'unitajiet ta' bhejjem**

12. Il-punti li ġejjin għandhom japplikaw għall-użu tal-koeffiċjenti ta' konverżjoni:

(a) Għall-indikaturi tal-output u għall-indikaturi tar-riżultati, għandhom jintużaw il-koeffiċjenti tal-Eurostat għall-konverżjoni tal-annimali f'unitajiet ta' bhejjem, kif ikun rilevanti;

(b) B'deroga mill-punt (a), jistgħu jintużaw il-koeffiċjenti ta' konverżjoni simplifikati pprovduti fit-tabella li ġejja:

| Speċijiet | Età/kategorija | Koeffiċjent |
|---|---|---|
| Annimali bovini | taħt is-sitt xhur | 0,4 |
| | minn sitt xhur sa sentejn | 0,6 |
| | aktar minn sentejn | 1,0 |
| Annimali ekwini | iktar minn sitt xhur | 1,0 |
| Nagħaġ u mogħoż | | 0,15 |
| Ħnieżer | ħnieżer tal-għalla > 50 kg | 0,5 |
| | ħnieżer oħra | 0,3 |
| Pollam | | |
| | tiġieġ tal-bajd | 0,014 |
| | pollam ieħor | 0,03 |

(c) il-koeffiċjenti ta' konverżjoni pprovduti fit-tabella stabbilita fil-punt (b) jistgħu jiżdiedu jew jitnaqqsu f'każijiet debitament ġustifikati u spjegati fil-Pjan Strateġiku tal-PAK filwaqt li titqies l-evidenza xjentifika;

(d) kategoriji oħra ta' annimali jistgħu eċċezzjonalment jiżdiedu fit-tabella stabbilita fil-punt (b) f'każijiet debitament ġustifikati, u l-koeffiċjent ta' konverżjoni għal kwalunkwe kategorija bħal din għandu jiġi stabbilit u spjegat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK filwaqt li titqies l-evidenza xjentifika.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2291

## tal-21 ta' Diċembru 2021

## li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk mill-pollam u l-għasafar tal-kaċċa.

(5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab fi stabbiliment ġdid qrib Barrow upon Soar, Charnwood, Leicestershire fl-Ingilterra, u ġiet ikkonfermata fit-30 ta' Novembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu fi stabbiliment ġdid qrib Thirsk, Hambleton, North Yorkshire fl-Ingilterra, qrib Tutbury, East Staffordshire, Staffordshire fl-Ingilterra u qrib Leominster, North Herefordshire, Herefordshire fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fit-2 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi fil-laboratorju (RT-PCR).

---

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu qrib Gretna, Dumfriesshire, Dumfries u Galloway fl-Iskozja, qrib Crickhowell, Powys f'Wales u qrib Richmond, Richmondshire, North Yorkshire fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fit-3 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi fil-laboratorju (RT-PCR).

(8) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu qrib Newent, Forest of Dean, Gloucestershire fl-Ingilterra u fi stabbiliment ġdid qrib Thirsk, Hambleton, North Yorkshire fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fil-5 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab fi stabbiliment ġdid qrib Barrow upon Soar, Charnwood, Leicestershire fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fis-6 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(10) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu fi stabbiliment ġdid qrib Barrow upon Soar, Charnwood, Leicestershire fl-Ingilterra u qrib Pocklington, East Yorkshire, East Riding of Yorkshire fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fis-7 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi fil-laboratorju (RT-PCR).

(11) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu qrib Sudbury, Babergh, South Suffolk fl-Ingilterra u fi stabbiliment ġdid qrib Thirsk, Hambleton, North Yorkshire fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fit-8 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib Annan, Dumfriesshire, Dumfries and Galloway fl-Iskozja u ġiet ikkonfermata fid-9 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu qrib Moffatt, Dumfriesshire, Dumfries and Galloway fl-Iskozja, qrib Highworth, Swindon, Wiltshire fl-Ingilterra u qrib Clifford, Hereford and South Herefordshire, Herefordshire fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fl-10 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi fil-laboratorju (RT-PCR).

(14) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab fi stabbiliment ġdid qrib Willington, South Derbyshire, Derbyshire fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fil-11 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(15) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib Alford, East Lindsey, Lincolnshire fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fit-12 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(16) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab fi stabbiliment ġdid qrib Alford, East Lindsey, Lincolnshire fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fit-13 ta' Diċembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(17) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit stabbilixxew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(18) Ir-Renju Unit bagħat informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tiegħu u l-miżuri li ħa biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tkompli tixtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk mill-pollam u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit minħabba t-tifqigħat reċenti tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(19) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(20) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit b’rabta mal-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja, l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta’ dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b’urġenza.

(21) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta’ Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.40 sa GB-60 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.39:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “**GB** IR-Renju Unit | GB-2.40 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | GB-2.41 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 02.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.42 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | GB-2.43 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 02.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.44 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | GB-2.45 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 03.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.46 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | GB-2.47 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 05.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.48 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | GB-2.49 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 06.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.50 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | GB-2.51 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 07.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.52 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | GB-2.53 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 08.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.54 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | GB-2.55 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 10.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.56 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | GB-2.57 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 10.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.58 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | GB-2.59 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 12.11.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.60 | Pollam tat-tnissil għajr ir-ratiti u pollam produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' pollam għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 13.12.2021"; | |

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.40 sa GB-2.60 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.39:

| | | |
|---|---|---|
| "Ir-Renju Unit | GB-2.40 | Qrib Barrow upon Soar, Charnwood, Leicestershire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.77 u W1.12 |
| | GB-2.41 | Qrib Thirsk, Hambleton, North Yorkshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N54.22 u W1.42 |
| | GB-2.42 | Qrib Tutbury, East Staffordshire, Staffordshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.87 u W1.76 |
| | GB-2.43 | Qrib Leominster, North Herefordshire, Herefordshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.25 u W2.86 |
| | GB-2.44 | Qrib Gretna, Dumfriesshire, Dumfries and Galloway, l-Iskozja:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N55.03 u W3.11. |
| | GB-2.45 | Qrib Crickhowell, Powys, Wales:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N51.86 u W3.23. |

| | | |
|---|---|---|
| | GB-2.46 | Qrib Richmond, Richmondshire, North Yorkshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N54.47 u W1.79 |
| | GB-2.47 | Qrib Newent, Forest of Dean, Gloucestershire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84: N51.91 u W2.33 |
| | GB-2.48 | Qrib Thirsk, Hambleton, North Yorkshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N54.2 u W1.43 |
| | GB-2.49 | Qrib Barrow upon Soar, Charnwood, Leicestershire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.76 u W1.11 |
| | GB-2.50 | Qrib Barrow upon Soar, Charnwood, Leicestershire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.77 u W1.08. |
| | GB-2.51 | Qrib Pocklington, East Yorkshire, East Riding of Yorkshire: l-Ingilterra<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N53.91 u W0.72. |
| | GB-2.52 | Qrib Sudbury, Babergh, South Suffolk, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.02 u E0.78. |
| | GB-2.53 | Qrib Thirsk, Hambleton, North Yorkshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N54.19 u W1.32. |
| | GB-2.54 | Qrib Annan, Dumfriesshire, Dumfries and Galloway, l-Iskozja:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N55.05 u W3.21. |
| | GB-2.55 | Qrib Moffat, Dumfriesshire, Dumfries and Galloway, l-Iskozja:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N55.24 u W3.40. |
| | GB-2.56 | Qrib Highworth, Swindon, Wiltshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N51.66 u W1.79 |
| | GB-2.57 | Qrib Clifford, Hereford and South Herefordshire, Herefordshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.11 u W3.10 |

| | | |
|---|---|---|
| | GB-2.58 | Qrib Willington, South Derbyshire, Derbyshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.86 u W1.52 |
| | GB-2.59 | Qrib Alford, East Lindsey, Lincolnshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N53.28 u E0.21 |
| | GB-2.60 | Qrib Alford, East Lindsey, Lincolnshire, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 N53.26 u E0.19" ; |

(2) fil-Parti 1 tal-Anness XIV, fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.40 sa GB-2.60 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.39:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>IR-Renju Unit | GB-2.40 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 30.11.2021 | |
| | GB-2.41 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | GB-2.42 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | GB-2.43 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 02.12.2021 | |
| | GB-2.44 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | GB-2.45 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 03.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.46 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 03.12.2021 | |
| | GB-2.47 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | GB-2.48 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 05.12.2021 | |
| | GB-2.49 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 06.12.2021 | |
| | GB-2.50 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | GB-2.51 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 07.12.2021 | |
| | GB-2.52 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | GB-2.53 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 08.12.2021 | |
| | GB-2.54 | Laħam frisk ta’ pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ ratiti | RAT | N, P1 | | 09.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta’ għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 09.12.2021 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | GB-2.55 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | GB-2.56 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | GB-2.57 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 10.12.2021 | |
| | GB-2.58 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 11.12.2021 | |
| | GB-2.59 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 12.11.2021 | |
| | GB-2.60 | Laħam frisk ta' pollam għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 13.12.2021 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | N, P1 | | 13.12.2021". | |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2292

**tat-30 ta' April 2021**

**dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv dwar il-metodoloġija għall-aġġornamenti biex jiġu riflessi l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni, fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja f'Distanza Twila, u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dik is-sessjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll tal-1999 għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja f'Distanza Twila, kif emendata fl-4 ta' Mejju 2012 (il-"Protokoll ta' Gothenburg emendat") ġie approvat mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 ([1]) u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2019.

(2) Fis-36 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja f'Distanza Twila (il-'Konvenzjoni'), il-Partijiet għall-Konvenzjoni appellaw lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex jipproponu metodoloġija għall-aġġustament tal-limiti tal-emissjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg oriġinali kif adottat fl-1999, biex jitqiesu bidliet fis-sħubija fl-Unjoni.

(3) Fis-37 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, deċiżjoni proposta mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha ġiet adottata bid-Deċiżjoni 2017/3 tal-Korp Eżekuttiv.

(4) Il-metodoloġija għall-aġġornament tal-valuri tal-Unjoni stabbiliti fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg emendat, imsejsa esklużivament fuq kalkolu matematiku li juża biss informazzjoni li diġà hija stabbilita f'dawk it-tabelli biex jitqiesu bidliet fis-sħubija fl-Unjoni, hija meħtieġa biex tippermetti li tali bidliet jiġu riflessi b'mod korrett fid-dawl tar-rieżami tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi tagħha skont il-Protokoll ta' Gothenburg emendat. Dan ma huwa marbut mal-ebda aġġustament tal-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet jew mal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-tabelli tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg emendat.

(5) Ladarba l-metodoloġija għall-aġġornamenti tiġi adottata mill-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta f'isem l-Unjoni l-aġġornamenti meħtieġa lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li jimplimenta dik il-metodoloġija, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni minn meta ġie adottat il-Protokoll ta' Gothenburg emendat. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta wkoll kwalunkwe aġġornament meħtieġ f'każ ta' bidliet sussegwenti fis-sħubija fl-Unjoni.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, peress li d-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1757 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar l-aċċettazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (ĠU L 248, 27.9.2017, p. 3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fil-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, l-Unjoni għandha taħdem lejn l-objettiv li: tiġi stabbilita l-metodoloġija li tippermetti l-aġġornamenti tal-linji bażi tal-emissjonijiet tal-Unjoni u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg emendat, imsejsa esklużivament fuq kalkolu matematiku li juża biss informazzjoni li diġà hija stabbilita f'dawk it-tabelli, sabiex biex jiġi żgurat li l-valuri tal-Unjoni f'dawk it-tabelli jkunu jistgħu jiġu aġġornati biex jirriflettu b'mod korrett is-somma totali tal-linji bażi tal-emissjonijiet tal-Istati Membri tagħha u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, wara bidliet fis-sħubija fl-Unjoni.

2. Fid-dawl tal-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, u sabiex jinkiseb l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tissottometti l-proposta għall-metodoloġija meħtieġa ([2]).

3. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkomunika dik il-proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 2*

1. L-Unjoni tista' tappoġġa l-emendi proposti minn Partijiet oħra għall-Konvenzjoni bil-kundizzjoni li dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettiv tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 1.

2. Fejn Partijiet oħra għall-Konvenzjoni jipproponu li d-deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv tuża l-Artikolu 13(2) tal-Protokoll ta' Gothenburg bħala l-bażi legali tagħha, l-Unjoni tista' taċċetta dik il-proposta u tidħol f'negozjati f'dan ir-rigward.

3. Fejn Partijiet oħra għall-Konvenzjoni jitolbu li l-proċedura għas-sottomissjoni tal-valuri aġġornati għall-Unjoni tiġi allinjata mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13(4) u (5) tal-Protokoll ta' Gothenburg, l-Unjoni tista' tipproponi proċedura simplifikata.

*Artikolu 3*

Jista' jintlaħaq qbil dwar l-irfinar tal-pożizzjoni stabbilita fl-Artikoli 1 u 2, fid-dawl tal-iżviluppi fil-41 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, minn rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Ladarba l-metodoloġija li tippermetti l-aġġornamenti msemmijin fl-Artikolu 1(1) tkun ġiet adottata mill-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, f'isem l-Unjoni, l-aġġornamenti meħtieġa li jimplimentaw dik il-metodoloġija.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. P. ZACARIAS

([2]) Ara d-dokument ST 7683/21 fuq http://register.consilium.europa.eu

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2293

## tal-20 ta’ Diċembru 2021

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kunsill ta’ Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit fir-rigward tal-estensjoni tad-deroga mill-obbligu li titħassar id-*data* tal-passiġġieri tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta’ April 2021 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq dwar il-proċeduri ta’ sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra ([2]) (“it-TCA”) jistabbilixxi regoli li skonthom id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (“PNR”) tista’ tiġi ttrasferita lil, ipproċessata u użata mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għal titjiriet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi f’dak ir-rigward.

(2) It-Titolu III tal-Parti Tlieta tat-TCA jistabbilixxi regoli li skonthom id-data tal-PNR tista’ tiġi ttrasferita lil, ipproċessata u użata mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għal titjiriet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi f’dak ir-rigward.

(3) L-Artikolu 552(4) tat-TCA jipprovdi li r-Renju Unit għandu jħassar id-data tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindikax il-ħtieġa li tali data tal-PNR tinżamm.

(4) L-Artikolu 552(11) tat-TCA jipprovdi li r-Renju Unit jista’ jidderoga mill-Artikolu 552(4) tat-TCA fuq bażi temporanja għal perjodu interim, sakemm l-aġġustamenti tekniċi jiġu implementati mir-Renju Unit malajr kemm jista’ jkun. Matul dak il-perjodu interim, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għandha tevita l-użu tad-data tal-PNR li trid titħassar f’konformità mal-Artikolu 552(4) tat-TCA billi tapplika s-salvagwardji addizzjonali għal dik id-data tal-PNR elenkati fl-Artikolu 552(11), il-punti (a) sa(d), tat-TCA.

(5) L-Artikolu 552(10) tat-TCA jiddikjarali l-Artikolu 552(11) tat-TCA japplika minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali li jipprevjenu lir-Renju Unit milli jagħmel l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa biex jittrasforma s-sistemi ta’ pproċessar tal-PNR li kienu joperaw fir-Renju Unit meta kien japplika għalih id-dritt tal-Unjoni f’sistemi li jippermettu li d-data tal-PNR titħassar f’konformità mal-Artikolu 552(4) tat-TCA.

(6) L-Artikolu 552(13) tat-TCA jipprovdi li jekk iċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tat-TCA jippersistu, il-Kunsill ta’ Sħubija għandu jestendi l-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) tat-TCA b’sena.

([1]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2.
([2]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(7) Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ([3]) tapplika fl-Unjoni skont it-Trattati.

(8) Fl-1 ta' Ottubru 2021, ir-Renju Unit ippreżenta lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mit-TCAil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 552(12), il-punt (b), tat-TCA.

(9) Fil-valutazzjoni tiegħu, ir-Renju Unit ikkonkluda li ċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tat-TCA jippersistu, b'referenza għas-sitwazzjoni speċifika li qed jiffaċċja r-Renju Unit li jrid jadatta s-sistemi tal-ipproċessar tad-data tal-PNR ikkonfigurati għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni bħala Stat Membru f'sistema kkonfigurata biex tissodisfa r-rekwiżiti tat-TCA fir-rigward tat-trasferimenti internazzjonali tad-data tal-PNR mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi. Ir-Renju Unit iddeskriva l-isforzi tiegħu biex jittrasforma s-sistemi ta' ppoċessar tal-PNR tiegħu f'sistemi li jippermettu li d-data tal-PNR titħassar skont l-Artikolu 552(4) tat-TCA. Ir-Renju Unit innota li kien qed iwettaq analiżi tar-rekwiżiti legali, tekniċi u operazzjonali, inkluż ir-rekwiżiti kemm funzjonali kif ukoll mhux funzjonali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li s-sistemi tal-ipproċessar tad-data tal-PNR tar-Renju Unit jikkonformaw mal-Artikolu 552(4) tat-TCA. F'konformità mal-Artikolu 552(13) tat-TCA il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kkunsidra l-valutazzjoni tar-Renju Unit fit-19 ta' Ottubru 2021.

(10) Fl-1 ta' Ottubru 2021, ir-Renju Unit ippreżenta wkoll lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, ir-rapport mill-korp amministrattiv indipendenti msemmi fl-Artikolu 552(12), il-punt (a), tat-TCA, inkluż anness mill-awtorità superviżorja tar-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 525(3) ta' dak il-ftehim, dwar jekk is-salvagwardji previsti fl-Artikolu 552(11) ta' dak il-ftehim ġewx applikati b'mod effettiv.

(11) F'konformità mal-Artikolu 552(13) tat-TCA, il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kkunsidra r-rapport tar-Renju Unit fit-19 ta' Ottubru 2021. F'dik l-okkażjoni, ir-Renju Unit iddikjara li kellu l-intenzjoni li jikkomplementa l-anness għal dak ir-rapport u li dan kellu jsir f'Novembru 2021, qabel ma l-Kunsill ta' Sħubija jieħu deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-perjodu interim skont l-Artikolu 552(13) tat-TCA.

(12) Għalhekk, huwa kkunsidrat li ċ-ċirkostanzi speċjali msemmija fl-Artikolu 552(10) tat-TCA jippersistu, u li, skont l-Artikolu 552(13) tat-TCA, jenħtieġ li l-Kunsill ta' Sħubija jestendi l-perjodu interim imsemmi fl-Artikolu 552(11) tat-TCA b'sena, sal-31 ta' Diċembru 2022.

(13) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689, li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 TFUE bħala l-bażi ġuridika sostantiva tagħha.

(14) Id-Danimarka u l-Irlanda huma marbuta bil-Parti III tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija skont l-Artikolu 552(13) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandha tkun li taqbel li l-perjodu interim li matulu r-Renju Unit jista' jidderoga mill-obbligu li jħassar id-*data* tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mir-Renju Unit jiġi estiż b'sena, sal-31 ta' Diċembru 2022.

([3]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. VIZJAK

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2294

## tal-20 ta' Diċembru 2021

## li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Netherlandiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Andy DRITTY kien propost għall-ħatra, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Henk STAGHOUWER, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *gedeputeerde provincie Groningen* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Groningen), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Henk STAGHOUWER bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti.

(6) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Maarten VAN GAANS-GIJBELS, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *gedeputeerde provincie Limburg* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Limburg), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Henk STAGHOUWER, *gedeputeerde provincie Groningen* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Groningen),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Maarten VAN GAANS-GIJBELS, *gedeputeerde provincie Limburg* (membru tal-Eżekuttiv Provinċjali ta' Limburg).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. VIZJAK

# DEĊIŻJONI (UE) 2021/2295 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI tal-21 ta' Diċembru 2021 li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' sitta u għoxrin Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2022. Jenħtieġ li jsiru ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2028.

(2) In-nomini tas-Sur Lauri MADISE, is-Sur Iko NÕMM, is-Sa Anna MARCOULLI, is-Sur Savvas S. PAPASAVVAS, is-Sa Tuula PYNNÄ u s-Sur Heikki KANNINEN ġew proposti għat-tiġdid tal-mandat tagħhom fil-Qorti Ġenerali.

(3) Barra minn hekk, l-Artikolu 48 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jipprevedi li l-Qorti Ġenerali tkun komposta minn żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru mill-1 ta' Settembru 2019 'il quddiem. Il-punt (c) tal-Artikolu 2 tal-imsemmi Regolament jipprevedi li l-mandat ta' ħamsa mid-disa' Mħallfin addizzjonali li għandhom jinħatru mill-1 ta' Settembru 2019 għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2025.

(4) Is-Sur Damjan KUKOVEC ġie nnominat għall-kariga ta' Mħallef addizzjonali fil-Qorti Ġenerali.

(5) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara l-ħatra tas-Sur Anthony COLLINS bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li jinħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sur Anthony COLLINS, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2025.

(6) Is-Sa Suzanne KINGSTON ġiet nominata għall-kariga li saret vakanti.

(7) Skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, wara l-ħatra tas-Sur Dimitrios GRATSIAS bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li jinħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sur Dimitrios GRATSIAS, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2022.

(8) Is-Sur Ioannis DIMITRAKOPOULOS ġie nnominat għall-kariga li saret vakanti.

(9) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill 1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2028:

— Is-Sur Lauri MADISE,

— Is-Sur Iko NÕMM,

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 14).

— Is-Sa Anna MARCOULLI,

— Is-Sur Savvas S. PAPASAVVAS,

— Is-Sa Tuula PYNNÄ,

— Is-Sur Heikki KANNINEN.

*Artikolu 2*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2025:

— Is-Sur Damjan KUKOVEC,

— Is-Sa Suzanne KINGSTON.

*Artikolu 3*

Is-Sur Ioannis DIMITRAKOPOULOS huwa b'dan maħtur Imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2022.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Il-President*

I. JARC

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2296**

**tal-21 ta' Diċembru 2021**

**li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, jenħtieġ li tali sejbiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Fl-1 ta' Novembru 2021, ir-Repubblika tat-Tuneżija pprovdiet informazzjoni dettaljata lill-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 tat-tilqim interoperabbli skont is-sistema intitolata "EVAX". Ir-Repubblika tat-Tuneżija infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tagħha qed jinħarġu f'konformità ma' sistema standard u teknoloġika, huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tat-Tuneżija informat lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija f'konformità mas-sistema "EVAX" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) Ir-Repubblika tat-Tuneżija informat ukoll lill-Kummissjoni li taċċetta ċertifikati tat-tilqim u tat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku maħruġa mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fis-7 ta' Diċembru 2021, wara talba mir-Repubblika tat-Tuneżija, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġin mir-Repubblika tat-Tuneżija huma f'konformità ma' sistema, l-"EVAX" li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u li tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġin mir-Repubblika tat-Tuneżija f'konformità mas-sistema "EVAX" fihom id-*data* meħtieġa.

(6) Minbarra dan, ir-Repubblika tat-Tuneżija informat lill-Kummissjoni li toħroġ ċertifikati tat-tilqim interoperabbli għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Spikevax, Vaxzevria, COVID-19 Vaccine Janssen, CoronaVac, BBIBP-CorV, Spuntik V u Hayat-Vax.

(7) Ir-Repubblika tat-Tuneżija informat ukoll lill-Kummissjoni li ma toħroġx ċertifikati ta' testijiet interoperabbli biss għal testijiet ta' amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku jew għal testijiet rapidi tal-antiġeni.

(8) Barra minn hekk, ir-Repubblika tat-Tuneżija informat lill-Kummissjoni li ma toħroġx ċertifikati ta' fejqan interoperabbli.

(9) Minbarra dan, ir-Repubblika tat-Tuneżija informat lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fit-Tuneżija jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fiċ-ċertifikati tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati u kkonfermati t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u wara ma tibqax tinżamm.

(10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija f'konformità mas-sistema "EVAX" iridu jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 huma b'hekk issodisfati.

(11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija f'konformità mas-sistema "EVAX" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li r-Repubblika tat-Tuneżija tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex ir-Repubblika tat-Tuneżija tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tat-Tuneżija f'konformità mas-sistema "EVAX" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 2*

Ir-Repubblika tat-Tuneżija għandha tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2297**

**tal-21 ta' Diċembru 2021**

**li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mill-Montenegro maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mill-Montenegro liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, tali sejbiet ta' ekwivalenza jenħtieġ li japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mill-Montenegro liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Fil-31 ta' Awwissu 2021, il-Montenegro pprovda lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan skont is-sistema intitolata "SafeGO MNE". Il-Montenegro informa lill-Kummissjoni li huwa jqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tiegħu qed jinħarġu f'konformità ma' standard u sistema teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, il-Montenegro informa lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Montenegro f'konformità mas-sistema "SafeGO MNE" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) Il-Montenegro informa wkoll lill-Kummissjoni li huwa jaċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fl-14 ta' Diċembru 2021, wara talba mill-Montenegro, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Montenegro huma f'konformità mas-sistema, "SafeGO MNE", li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mill-Montenegro f'konformità mas-sistema "SafeGO MNE" fihom id-*data* meħtieġa.

(6) Minbarra dan, il-Montenegro informa lill-Kummissjoni li qed joħroġ ċertifikati tat-tilqim interoperabbli għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Vaxzevria, CoronaVac, BBIBP-CorV u Sputnik V.

(7) Il-Montenegro informa wkoll lill-Kummissjoni li qed joħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku u għat-testijiet rapidi tal-antiġeni elenkati fil-lista komuni u aġġornata tat-testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, stabbilit bl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 ([4]).

(8) Barra minn hekk, il-Montenegro informa lill-Kummissjoni li qed joħroġ ċertifikati interoperabbli tal-fejqan. Dawk iċ-ċertifikati huma validi għal mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel test pożittiv.

(9) Minbarra dan, il-Montenegro informa lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fil-Montenegro jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati u kkonfermati t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.

(10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Montenegro f'konformità mas-sistema "SafeGO MNE" jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 u għalhekk huma ssodisfati.

(11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Montenegro f'konformità mas-sistema "SafeGO MNE" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li l-Montenegro jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex il-Montenegro jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2021/953,

---

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 dwar qafas komuni għall-użu u l-validazzjoni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19 fl-UE (ĠU C 24, 22.1.2021, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Montenegro f'konformità mas-sistema "SafeGO MNE" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jiġu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 2*

Il-Montenegro għandu jkun konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2298

## tal-21 ta' Diċembru 2021

## li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, jenħtieġ li tali sejbiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Fit-8 ta' Ottubru 2021, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj ipprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan skont is-sistema intitolata "Plataforma Nacional Coronavirus Uy". Ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tagħha qed jinħarġu f'konformità ma' standard u sistema teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

---

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) Barra minn hekk, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li hija taċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku u tal-fejqan maħruġa mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fl-14 ta' Diċembru 2021, wara talba mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj huma f'konformità ma' sistema, il-"Plataforma Nacional Coronavirus Uy" li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" fihom id-*data* meħtieġa.

(6) Minbarra dan, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati interoperabbli tat-tilqim għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Vaxzevria, Spikevax, COVID-19 Vaccine Janssen, Covishield, BBIBP-CorV, CoronaVac, Covaxin, Sputnik V u Convidecia.

(7) Ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat ukoll lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku, iżda mhux għal testijiet rapidi tal-antiġeni.

(8) Barra minn hekk, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati interoperabbli tal-fejqan. Dawk iċ-ċertifikati huma validi għal mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel test pożittiv.

(9) Minbarra dan, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li meta verifikaturi fl-Urugwaj jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom se tiġi pproċessata biss biex tivverifika u tikkonferma t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.

(10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 u għalhekk huma ssodisfati.

(11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 2*

Ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj għandha tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2299

## tal-21 ta’ Diċembru 2021

## li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mit-Tajlandja maċ-ċertifikati maħruġa f’konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta’ ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta’ ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (“Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE”) għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b’mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f’konformità ma’ standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f’konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-Istati Membri jeħtieġilhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f’konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta’ ekwivalenza stipulata f’din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajlandja liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B’mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, tali sejbiet ta’ ekwivalenza jenħtieġ li japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajlandja liċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f’dak ir-Regolament.

(3) Fl-4 ta’ Novembru 2021, it-Tajlandja pprovdiet lill-Kummissjoni b’informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta’ ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan skont is-sistema intitolata “MOHPROMT” (jew “Mor Prom”). It-Tajlandja infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tagħha qed jinħarġu f’konformità ma’ standard u sistema teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta’ fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F’dan ir-rigward, it-Tajlandja infurmat lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mit-Tajlandja f’konformità mas-sistema “MOHPROMT” (jew “Mor Prom”). fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

---

[1] ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta’ ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) It-Tajlandja infurmat ukoll lill-Kummissjoni li hija taċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fl-24 ta' Novembru 2021, wara talba mit-Tajlandja, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mit-Tajlandja huma f'konformità ma' sistema, il-"MOHPROMT" (jew "Mor Prom"), li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mit-Tajlandja f'konformità mas-sistema "MOHPROMT" (jew "Mor Prom"), fihom id-*data* meħtieġa.

(6) Minbarra dan, it-Tajlandja infurmat lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati tat-tilqim interoperabbli għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Spikevax, Vaxzevria, COVID-19 Vaccine Janssen, BBIBP-CorV u CoronaVac.

(7) It-Tajlandja infurmat ukoll lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku u għat-testijiet rapidi tal-antiġeni elenkati fil-lista komuni u aġġornata tat-testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, stabbilit bl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 ([4]).

(8) Barra minn hekk, it-Tajlandja infurmat lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati interoperabbli tal-fejqan. Dawk iċ-ċertifikati huma validi għal mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel test pożittiv.

(9) Minbarra dan, it-Tajlandja infurmat lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fit-Tajlandja jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati u kkonfermati t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.

(10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mit-Tajlandja f'konformità mas-sistema "MOHPROMT" (jew "Mor Prom") jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 huma ssodisfati.

(11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mit-Tajlandja f'konformità mas-sistema "MOHPROMT" (jew "Mor Prom") jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li t-Tajlandja tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex it-Tajlandja tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2021/953,

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 dwar qafas komuni għall-użu u l-validazzjoni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19 fl-UE (ĠU C 24, 22.1.2021, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajlandja f'konformità mas-sistema "MOHPROMT" (jew "Mor Prom") għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 2*

It-Tajlandja għandha tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2300**

**tal-21 ta' Diċembru 2021**

**li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mit-Tajwan (*) maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, tali sejbiet ta' ekwivalenza jenħtieġ li japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Fis-17 ta' Novembru 2021, it-Tajwan ipprovda lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan skont is-sistema intitolata "Taiwan Digital COVID-19 Certificate System". It-Tajwan informa lill-Kummissjoni li huwa jqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tiegħu qed jinħarġu f'konformità ma' standard u sistema teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, it-Tajwan informa lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan f'konformità mat-"Taiwan Digital COVID-19 Certificate System" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

(*) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tiġix interpretata bħala li tirrifletti kwalunkwe pożizzjoni uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istatus legali tat-Tajwan.

[1] ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) It-Tajwan informa wkoll lill-Kummissjoni li huwa jaċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku u tal-fejqan maħruġa mill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fl-10 ta' Diċembru 2021, wara talba mit-Tajlandja, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan huma f'konformità ma' sistema, it-"Taiwan Digital COVID-19 Certificate System", li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan f'konformità mat-"Taiwan Digital COVID-19 Certificate System" fihom id-*data* meħtieġa.

(6) Minbarra dan, it-Tajwan informa lill-Kummissjoni li qed joħroġ ċertifikati tat-tilqim interoperabbli għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Spikevax, Vaxzeria u MVC COVID-19 vaccine.

(7) It-Tajwan informa wkoll lill-Kummissjoni li qed joħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku, iżda mhux għal testijiet rapidi tal-antiġeni.

(8) Barra minn hekk, it-Tajwan informa lill-Kummissjoni li huwa ma joħroġx ċertifikati interoperabbli tal-fejqan.

(9) Minbarra dan, it-Tajwan informa lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fit-Tajwan jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati u kkonfermati t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.

(10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan f'konformità mas-sistema "Taiwan Digital COVID-19 Certificate System" jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 u għalhekk huma ssodisfati.

(11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan f'konformità mas-sistema "Taiwan Digital COVID-19 Certificate System" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li t-Tajwan jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew thassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex it-Tajwan jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mit-Tajwan f'konformità mas-sistema "Taiwan Digital COVID-19 Certificate System" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 2*

It-Tajwan għandu jkun konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2301**

**tal-21 ta' Diċembru 2021**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1), il-punt (c) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistabbilixxi ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, li l-iskop tiegħu huwa li jservi ta' prova li persuna tkun irċeviet vaċċin kontra l-COVID-19, irċeviet riżultat ta' test negattiv, jew tkun fieqet minn infezzjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu tad-detenturi tul il-pandemija tal-COVID-19.

(2) Sabiex iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkun jista' jintuża madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 ([2]), li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli biex iċ-Ċertifikati tal-COVID Diġitali jimtlew, jinħarġu u jiġu verifikati b'mod sigur, biex tkun żgurata l-protezzjoni tad-*data* personali, biex tiġi stabbilita l-istruttura komuni tal-identifikatur uniku taċ-ċertifikat, u biex jinħareġ barcode validu, sigur u interoperabbli.

(3) Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2014 ([3]) li tistabbilixxi regoli uniformi għall-mili taċ-ċertifikati tat-tilqim imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/953 maħruġin wara l-għoti ta' dożi booster tat-tilqim kontra l-COVID-19.

(4) Kif stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 ([4]), irid japplika perjodu standard ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum għaċ-ċertifikati tat-tilqim li juru t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim, kemm jekk b'kors primarju b'doża waħda, b'serje primarja b'żewġ dożi, jew f'konformità mal-istrateġija tat-tilqim tal-Istat Membru tat-tilqim, kors primarju b'doża waħda ta' vaċċin b'żewġ dożi wara infezzjoni preċedenti bis-SARS-CoV-2. Barra minn hekk, ma jrid jiġi stabbilit ebda perjodu ta' aċċettazzjoni għal ċertifikati li juru l-għoti ta' dożi booster jew dożi addizzjonali mogħtija biex jipproteġu aħjar lill-individwi li ma jiżviluppawx risponsi immunitarji adegwati wara t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim. Ir-referenzi f'dan ir-Regolament għad-dożi booster jenħtieġ li jinftiehmu li jkopru wkoll dawn id-dożi addizzjonali.

---

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 230, 30.6.2021, p. 32).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2014 tas-17 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 410, 18.11.2021, p. 180).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim (Ara paġna459 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(5) Sabiex tkun tista' ssir distinzjoni, fil-każijiet kollha, bejn iċ-ċertifikati maħruġin wara t-tlestija tas-serje primarja ta' tilqim u ċ-ċertifikati maħruġa wara l-għoti ta' doża booster, jenħtieġ li jiġu adattati r-regoli uniformi għall-mili taċ-ċertifikati tat-tilqim imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu mill-ġdid ċertifikati li jsegwu regoli differenti dwar l-ikkodifikar tad-dożi booster biex jiġi evitat li jiġi applikat għalihom il-perjodu standard ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1073 tiġi emendata skont dan.

(8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u ta kummenti formali fl-14 ta' Diċembru 2021.

(9) Fid-dawl tal-ħtieġa tal-implimentazzjoni rapida tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi emendati fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1073 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

---

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*ANNESS*

It-taqsima 5.2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1073 hija sostitwita b'dan li ġej:

"5.2. **Dożi booster**

Meta l-persuna tkun qed tirċievi dożi wara s-serje primarja ta' tilqim, dawn id-dożi booster għandhom jiġu riflessi fiċ-ċertifikati korrispondenti kif ġej:

— 2/1 tindika l-għoti ta' dożi booster wara kors primarju ta' tilqim b'doża waħda, jew l-għoti ta' doża booster wara t-tlestija ta' kors primarju li jikkonsisti minn doża waħda ta' vaċċin b'żewġ dożi mogħtija lil persuna mfejqa f'konformità mal-protokoll tat-tilqim applikat minn Stat Membru. Wara, id-dożi (X) mogħtija wara l-ewwel doża booster għandhom jiġu indikati bi (2+X)/(1) > 1 (3/1, pereżempju)];

— 3/3 tindika l-għoti ta' doża booster wara serje primarja ta' tilqim b'żewġ dożi. Wara, id-dożi (X) mogħtija wara l-ewwel doża booster għandhom jiġu indikati bi (3+X)/(3+X) = 1 (4/4, pereżempju).

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-regoli ta' kodifikazzjoni stabbiliti f'din it-Taqsima sal-1 ta' Frar 2022.

L-Istati Membri għandhom, awtomatikament jew fuq talba mill-persuni kkonċernati, joħorġu mill-ġdid ċertifikati li fihom l-għoti ta' doża booster wara kors primarju ta' tilqim b'doża waħda jkun ġie kkodifikat b'tali mod li ma tkunx tista' ssir distinzjoni mit-tlestija tas-serje primarja ta' tilqim.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, jenħtieġ li r-referenzi għal "dożi booster" jinftiehmu bħala li jkopru wkoll dożi addizzjonali mogħtija biex jipproteġu aħjar lill-individwi li ma jiżviluppawx risponsi immunitarji adegwati wara t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim standard. Fi ħdan il-qafas legali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli li jistgħu jirċievu dożi addizzjonali bħala kwistjoni ta' prijorità. Pereżempju, jekk Stat Membru jiddeċiedi li jagħti dożi addizzjonali biss lil sottogruppi speċifiċi tal-popolazzjoni, ikun jista' jagħżel, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/953, li joħroġ ċertifikati tat-tilqim li jindikaw l-għoti ta' tali dożi addizzjonali jekk jintalab biss u mhux awtomatikament. Meta jittieħdu miżuri bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-persuni kkonċernati b'dan, u jinfurmawhom ukoll li jistgħu jkomplu jagħmlu użu miċ-ċertifikat li jkunu rċevew wara t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim standard.".

**RETTIFIKA**

**Rettifika tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 138 tas-26 ta' Mejju 2016)*

Fil-paġna 88 tal-Anness II, punt 2.7,

*minflok:* "Is-sistema tal-istruttura, tal-kmand u tal-kontroll għat-tagħmir ferrovjarju kollu, l-apparat għall-ġabra tal-kurrent elettriku, l-inġenji tat-trazzjoni u l-konverżjoni tal-enerġija, it-tagħmir abbord għan-nollijiet tal-konsum elettriku, it-tagħmir tal-ibbrejkjar, l-agganċjament u s-sewqan (il-bogies, il-fusien, eċċ) u s-suspension, il-bibien, l-interfaċċi bniedem/magna (is-sewwieq, il-persunal abbord u l-passiġġieri, inklużi elementi ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa), l-apparat tas-sikurezza passiv jew attiv u l-ħtiġijiet għas-saħħa tal-passiġġieri u tal-persunal abbord.",

*aqra:* "Is-sistema tal-istruttura, tal-kmand u tal-kontroll għat-tagħmir ferrovjarju kollu, l-apparat għall-ġabra tal-kurrent elettriku, l-inġenji tat-trazzjoni u l-konverżjoni tal-enerġija, it-tagħmir abbord għall-kejl u għan-nollijiet tal-konsum elettriku, it-tagħmir tal-ibbrejkjar, l-agganċjament u s-sewqan (il-bogies, il-fusien, eċċ) u s-suspension, il-bibien, l-interfaċċi bniedem/magna (is-sewwieq, il-persunal abbord u l-passiġġieri, inklużi elementi ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa), l-apparat tas-sikurezza passiv jew attiv u l-ħtiġijiet għas-saħħa tal-passiġġieri u tal-persunal abbord.".

**Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 31 tad-29 ta' Jannar 2021)*

It-terminu "jingħaddu ma" għandu jiġi sostitwit bit-terminu "jinqatgħu minn" fir-Regolament kollu fil-forma grammatikali xierqa.

**Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 218 tat-13 ta' Awwissu 2008)*

1. Fir-Regolament kollu, kull fejn jidher it-terminu msemmi hawn taħt:

*minflok:* "tikketta tal-viża",

*aqra:* "sticker tal-viża".

2. Fil-paġna 64, Artikolu 4(9):

*minflok:* "'verifika' tfisser il-proċess ta' tqabbil ta' settijiet ta' data biex tiġi stabbilita l-validità ta' l-identità mitluba (one-to-one check);",

*aqra:* "'verifika' tfisser il-proċess ta' tqabbil ta' settijiet ta' data biex tiġi stabbilita l-validità tal-identità mitluba (verifika one-to-one);".

3. Fil-paġna 64, Artikolu 4(10):

*minflok:* "'identifikazzjoni' tfisser il-proċess biex tiġi ddeterminata l-identità ta' persuna permezz ta' tfittxija fil-bażi tad-data ma' settijiet multipli ta' data (kontroll 'one-to-many');",

*aqra:* "'identifikazzjoni' tfisser il-proċess biex tiġi ddeterminata l-identità ta' persuna permezz ta' tfittxija fil-bażi tad-data ma' settijiet multipli ta' data (verifika 'one-to-many');".

4. Fil-paġna 65, Artikolu 8(3) u (4):

*minflok:* "3. Jekk applikazzjoni preċedenti ġiet reġistrata, l-awtorità tal-viża għandha torbot kull fajl ġdid ta' applikazzjoni mal-fajl ta' applikazzjoni ta' qabel dwar dak l-applikant.

4. Jekk l-applikant qed jivvjaġġa fi grupp jew mal-mara jew ir-raġel u/jew it-tfal, l-awtorità tal-viża għandha toħloq fajl ta' applikazzjoni għal kull applikant u torbot il-fajls ta' applikazzjoni tal-persuni li qed jivvjaġġaw flimkien.",

*aqra:* "3. Jekk applikazzjoni preċedenti ġiet reġistrata, l-awtorità tal-viża għandha tillinkja kull fajl ġdid ta' applikazzjoni mal-fajl ta' applikazzjoni ta' qabel dwar dak l-applikant.

4. Jekk l-applikant qed jivvjaġġa fi grupp jew mal-mara jew ir-raġel u/jew it-tfal, l-awtorità tal-viża għandha toħloq fajl ta' applikazzjoni għal kull applikant u tillinkja l-fajls ta' applikazzjoni tal-persuni li qed jivvjaġġaw flimkien.".

5. Fil-paġna 66, Artikolu 9(4)(f):

*minflok:* "(f) dettalji tal-persuna li qed toħroġ stedina u/jew hija responsabbli li tħallas l-ispejjeż tal-ħajja ta' l-applikant matul iż-żjara, li huma:",

*aqra:* "(f) dettalji tal-persuna li qed toħroġ stedina u/jew hija responsabbli li tħallas l-ispejjeż tal-ħajja ta' l-applikant matul is-soġġorn, li huma:".

6. It-terminu "waqfa" għandu jiġi sostitwit bit-terminu "soġġorn" fir-Regolament kollu fil-forma grammatikali xierqa.

7. It-terminu "fajls ta' applikazzjoni relatati" għandu jiġi sostitwit bit-terminu "fajls ta' applikazzjoni llinkjati" fir-Regolament kollu fil-forma grammatikali xierqa.

8. It-terminu "pussessur" għandu jiġi sostitwit bit-terminu "detentur" fir-Regolament kollu fil-forma grammatikali xierqa.

9. Fir-Regolament kollu, kull fejn jidher it-terminu msemmi hawn taħt:

*minflok:* "staff",

*aqra:* "persunal".

10. Fil-paġna 70, Artikolu 20(3):

*minflok:* "3. Fejn il-persuna għandha viża, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidħlu fil-VIS skond l-Artikoli 18 jew 19.",

*aqra:* "3. Fejn il-persuna għandha viża, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jaċċessaw il-VIS skont l-Artikoli 18 jew 19.".

11. Fil-paġna 75, Artikolu 32(2)(d):

*minflok:* "(d) iwaqqaf l-input mhux awtorizzat ta' data u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali miżmuma (kontroll taż-żamma);",

*aqra:* "(d) iwaqqaf l-input mhux awtorizzat ta' data u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali maħżuna (kontroll taż-żamma);".

12. Fil-paġna 75, Artikolu 32(2)(j):

*minflok:* "(j) iwaqqaf il-qari, l-ikkuppjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali matul it-trażmissjoni ta' data personali lejn jew mill-VIS jew matul it-trasport ta' media tad-data, b'mod partikulari permezz ta' tekniki xierqa ta' qlib tal-kodiċi (encryption) (kontroll tat-trasport);",

*aqra:* "(j) iwaqqaf il-qari, l-ikkuppjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' data personali matul it-trażmissjoni ta' data personali lejn jew mill-VIS jew matul it-trasport ta' mezzi tad-data, b'mod partikolari permezz ta' tekniki xierqa ta' kriptaġġ (kontroll tat-trasport);".

13. Fil-paġna 75, Artikolu 35:

*minflok:* "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull awtorità intitolata għall-aċċess ta' data tal-VIS għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura konformità ma' dan ir-Regolament u għandha tikkopera, fejn meħtieġ, ma' l-Awtorità Nazzjonali ta' Superviżjoni.",

*aqra:* "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull awtorità intitolata għall-aċċess ta' data tal-VIS tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura konformità ma' dan ir-Regolament u tikkopera, fejn meħtieġ, mal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT